

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 13



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 59

15 ta' Jannar 2016

Werrej

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

510 Sessjoni Plenarja tal-KESE fl-16 u l-17 ta' Settembru 2015

2016/C 013/01 Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-kriżi attwali tar-rifuġjati" 1

OPINJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

510 Sessjoni Plenarja tal-KESE fl-16 u l-17 ta' Settembru 2015

2016/C 013/02 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-esperjenzi tas-Small Business Act fl-Istati Uniti u fl-UE: l-aħjar prattiki għal azzjonijiet innovattivi mill-SMEs" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) 2

2016/C 013/03 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "In-negozji tal-familja fl-Ewropa bħala sors ta' tkabbir imġedded u impjeghi aħjar" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) 8

2016/C 013/04 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew "Lejn is-saħħa diġitali – informazzjoni elettronika għall-użu sigur tal-prodotti mediċinali" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) 14

2016/C 013/05 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-Għajnuna mill-Istat lill-impriżi: hija effettiva u effiċjenti?" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) 19

2016/C 013/06 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-ekonomija għall-ġid komuni: mudell ekonomiku sostenibbli mmirat lejn il-koeżjoni soċjali" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) 26

2016/C 013/07 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Metodu Komunitarju għal UEM demokratika u soċjali" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) 33

2016/C 013/08 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Prinċipji għal sistemi tal-benefiċċji soċjali effettivi u affidabbli" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) 40

MT

2016/C 013/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-validazzjoni tal-ħiliet u l-kwalifiki miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali u informali – il-kontribut prattiku tas-soċjetà ċivili organizzata” (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)	49
2016/C 013/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-titjib fil-prestazzjoni tas-sistemi nazzjonali ta’ taħriġ doppju” (opinjonij fuq inizjattiva proprja)	57
2016/C 013/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Niġġieldu l-korruzzjoni fl-UE: nindirizzaw it-tħassib tan-negozji u tas-soċjetà ċivili” (opinjonij fuq inizjattiva proprja)	63
2016/C 013/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-opportunitajiet għal żvilupp sostenibbli u intelliġenti fit-tul tal-industrija Ewropea offshore u r-relazzjonijiet tagħha mas-setturi marittimi tal-Unjoni Ewropea” (opinjonij fuq inizjattiva proprja)	73
2016/C 013/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-industriji kreattivi u kulturali – ass Ewropew fil-kompetizzjoni globali” (opinjonij fuq inizjattiva proprja)	83
2016/C 013/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Programmi tal-Iżvilupp rurali – L-ewwel għajna jew l-ewwel sinjali ta’ rkupru?” (opinjonij fuq inizjattiva proprja)	89
2016/C 013/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-importanza tal-kummerċ agrikolu għall-iżvilupp futur tal-agrikoltura u tal-ekonomija agrikola fl-UE fil-kuntest tas-sigurtà alimentari globali” (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)	97
2016/C 013/16	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-innovazzjoni soċjali, in-netwerking u l-komunikazzjoni diġitali” (opinjonij fuq inizjattiva proprja)	104
2016/C 013/17	Opinjoni tal-Kumitati Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Dumping soċjali fis-settur Ewropew tal-avjazzjoni ċivili (opinjonij fuq inizjattiva proprja)	110
2016/C 013/18	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Iċ-ċiberattiviżmu u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili” (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)	116
2016/C 013/19	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-reviżjoni tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Messiku” (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)	121
2016/C 013/20	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-agrikoltura, iż-żoni rurali u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant” (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)	128
2016/C 013/21	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Lejn konvenzjoni tal-ILO kontra l-vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol” (opinjonij fuq inizjattiva proprja)	138
2016/C 013/22	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Atti Delegati” (Opinjoni addizzjonali) . . .	145
2016/C 013/23	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-bini ta’ ekosistema finanzjarja għall-intrapriżi soċjali” (opinjonij esploratorja)	152
2016/C 013/24	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-effetti tad-diġitalizzazzjoni fuq is-settur tas-servizzi u l-impjeg b’rabta mal-bidla industrijali” (opinjonij esploratorja)	161
2016/C 013/25	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Politika Ewropea Integrata tal-Avjazzjoni” (Opinjoni esploratorja)	169
2016/C 013/26	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Is-suq intern tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq: dumping soċjali u kabotaġġ” (opinjonij esploratorja)	176
2016/C 013/27	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-titjib tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea bl-isfruttament tal-potenzjal tat-Trattat ta’ Lisbona” u dwar “L-evoluzzjonijiet u l-aġġustamenti possibbli tal-arranġament istituzzjonali attwali tal-Unjoni Ewropea”	183

III Atti preparatorji

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

510 Sessjoni Plenarja tal-KESE fl-16 u l-17 ta' Settembru 2015

2016/C 013/28	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar – Aġenda tal-UE” (COM(2015) 215 final)	192
2016/C 013/29	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (riformulazzjoni)” (COM(2015) 294 final – 2015/0133 (COD))	201
2016/C 013/30	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 fir-rigward tal-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-użu ta' organiżmi ġenetikament modifikati fit-territorju tagħhom” (Programm kontinwu) (COM(2015) 177 final – 2015/0093 (COD))	203

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

510 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FL-16 U L-17 TA' SETTEMBRU 2015

Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-kriżi attwali tar-rifuġjati"

(2016/C 013/01)

Il-KESE jitlob biex tittieħed azzjoni Ewropea immedjata, responsabbli u kollettiva u biex tiġi indirizzata l-wasla ta' għadd enormi ta' refuġjati

Is-sitwazzjoni attwali inaċċettabbli ta' dawk li qed ifittxu ażil titlob strateġija robusta fil-livell tal-UE f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u partijiet interessati oħra biex jiġu indirizzati l-bosta kwistjonijiet li qed jiffaċċjaw ir-rifuġjati.

Il-kriżi umanitarja li bħalissa għaddejjin minnha tant rifuġjati hija ta' tħassib kbir għall-Kumitat tagħna, billi kuljum irġiel, nisa u tfal qed ipoġġu ħajjithom fil-periklu biex jasl u l-Ewropa. L-iskala tal-kriżi attwali tar-rifuġjati qatt ma rajna bħalha u laqet lil xi Stati Membri b'mod sproporzjonat. Is-sitwazzjoni diffiċli titlob li l-Istati Membri Ewropej juru s-solidarjetà, kemm lejn in-nies li qed jaħarbu mill-gwerra, il-persekuzzjoni, il-kunflitt u l-faqar kif ukoll lejn xulxin. Li jiġu żgurati dħul sikur u akkoljenza hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri kollha u hija parti fundamentali tal-valuri Ewropej tagħna.

Il-KESE jesprimi s-solidarjetà tiegħu u jiddispjaċih tassew għat-telf ta' ħajja u l-kundizzjonijiet ħorox li qed jiffaċċjaw ir-rifuġjati fi triqthom lejn post tal-kenn. Aħna nappellaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, speċjalment dawk li huma rappreżentati fil-KESE, biex jagħmlu dak kollu possibbli biex jilqgħu u jintegraw lir-refuġjati. Il-KESE jfaħħar l-impenn tal-persuni li jaħdmu fl-amministrazzjonijiet pubbliċi lokali, l-organizzazzjonijiet u l-voluntiera nongovernattivi li huma attivi fl-inizjattivi fil-livell lokali madwar l-Ewropa li jagħtu assistenza lill-persuni fil-bżonn.

Illum l-Unjoni Ewropea jeħtieġ li taġixxi bħala Unjoni reali u tadotta liġi tal-ażil unifikata billi tibda b'reviżjoni tar-Regolament ta' Dublin. Wasal iż-żmien għall-gvernijiet u l-politiċi li jsegwu l-eżempju taċ-ċittadini, l-assoċjazzjonijiet, kif ukoll bosta muniċipalitajiet li qed jimobilizzaw aktar u b'mod aktar effiċjenti mill-gvernijiet tagħna u l-istituzzjonijiet tal-UE. Il-KESE jiddispjaċih li l-Kunsill kien għadu mhux kapaċi jieħu d-deċiżjoni meħtieġa f'din il-kriżi umanitarja urġenti. Għalhekk il-KESE jappella lill-Kunsill Ewropew biex jorganizza summit straordinarju qabel l-aħħar tax-xahar sabiex jasal għal ftehim dwar miżuri u azzjonijiet konkreti, inkluża skema ta' kwota ġusta.

Il-KESE jinsab imħasseb ħafna dwar id-dgħufija attwali tal-Ftehim ta' Schengen u l-moviment liberu, peress li din hija waħda mill-kisbiet fundamentali li minnhom jibbenefikaw iċ-ċittadini tal-UE.

Huwa kruċjali li jiġu żviluppatti wkoll miżuri immedjati biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-flussi attwali ta' refuġjati. L-UE trid taħdem mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu fuq dawn il-kwistjonijiet u l-KESE jilqa' l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem previst mill-Kummissjoni għal din il-kooperazzjoni. Fl-aħħar nett, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tiġi inkluża s-soċjetà ċivili fid-djalogu ma' pajjiżi terzi.

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

510 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FL-16 U L-17 TA' SETTEMBRU 2015

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-esperjenzi tas-Small Business Act fl-Istati Uniti u fl-UE: l-aħjar prattiki għal azzjonijiet innovattivi mill-SMEs”**(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2016/C 013/02)

Relatur: is-Sur Ullrich SCHRÖDER

Nhar l-10 ta' Lulju 2014, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni dwar:

“L-esperjenzi tas-Small Business Act fl-Istati Uniti u l-UE: l-aħjar prattiki għal azzjonijiet innovattivi mill-SMEs” (Opinjoni fuq inizjattiva proprja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-14 ta' Lulju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret nhar is-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-16 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'207 voti favur u 6 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Fl-UE hemm madwar 21 miljun SME, li jimpjegaw kważi 90 miljun persuna u jiġġeneraw aktar minn EUR 3 600 triljun f'valur miżjud. Fi kliem ieħor, 99 % tan-negozji kollha huma SMEs, li jimpjegaw tnejn minn kull tliet persuni u jiġġeneraw 58 % tal-valur miżjud. Għaldaqstant, huwa meħtieġ Small Business Act b'saħħtu.

Il-KESE jixtieq jagħmel dawn ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin dwar xi punti importanti importanti fir-rigward tar-reviżjoni tal-SBA (Small Business Act) fl-UE, abbażi tal-esperjenzi tal-Amministrazzjoni tan-Negozji ż-Żgħar (Small Business Administration) fl-Istati Uniti tal-Amerika (li għandha l-istess akronimu, iżda approċċ kompletament differenti).

1.1. Ir-rieżami tal-SBA huwa neċessarju

Il-Kummissjoni Ewropea indikat li għandha l-ħsieb li tippubblika rieżami fl-ewwel nofs tal-2015, iżda issa pposponietu. Peress li hemm oqsma importanti ta' titjib possibbli (ara iktar 'l isfel), il-komunità tal-SMEs tistenna rieżami wara s-seduti; minħabba l-importanza vitali tal-SMEs, ir-rieżami għandu jiġi ppubblikat malajr kemm jista' jkun.

1.2. Il-pożizzjoni legali u l-infurzar

L-SBA għandu jiġi aġġornat għal forma aktar vinkolanti, b'approċċ aktar ambizzjuż. Dan intalab ukoll mill-KESE fl-2008 u l-2011, iżda ma ġiex implimentat mill-Kummissjoni Ewropea.

Għandha tintroduċi aktar mekkaniżmi legali fejn dan ikun adatt, pereżempju rigward l-akkwist, “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir”, valutazzjonijiet tal-impatt u testijiet tal-SMEs. Dan għandu jiġi applikat kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak tal-Istati Membri, u se jinvolvi rwol aktar sostanzjali għall-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali. Il-prinċipji “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir” u “Darba Biss” jeħtieġ li jiġu inklużi fil-Ftehim interistituzzjonali tal-istituzzjonijiet tal-UE dwar regolamentazzjoni aħjar.

1.3. *Il-pożizzjoni politika*

Fl-UE, l-SBA għandu pożizzjoni politika iktar baxxa milli fl-Istati Uniti. Bil-għan li tissaħħaħ il-pożizzjoni fl-UE, il-KESE jirrakkomanda li:

- fil-livell tal-UE jiġi organizzat Kunsill tal-Kompetittività għall-SMEs u l-SBA darba fis-sena, kif irrakkomanda l-KESE fl-opinjoni tiegħu tal-2011 ⁽¹⁾;
- il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività u t-Tkabir, fi ħdan il-Kunsill, għandu jirrevedi l-progress milħuq fl-azzjonijiet nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-SBA u jirrifletti dwar miżuri addizzjonali fil-livell tal-UE. Ir-riżultati għandhom jitressqu lill-Kunsill tal-Kompetittività għall-SMEs u l-SBA;
- in-Netwerk ta' Rappreżentanti Ewropej tal-SMEs jiġi aġġornat billi l-livell ta' parteċipanti jittella' għad-diretturi ġenerali tal-Ministeri tal-Ekonomija. Dan jiżgura koordinazzjoni iktar b'saħħitha u aħjar bejn l-UE u l-Istati Membri.

1.4. *Il-governanza u l-effiċjenza*

1.4.1. Għandu jiġi introdott rapport annwali tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-SBA u għandu jinkludi wkoll rapport ibbażat fuq data dwar il-ġestjoni tal-SBA mill-Kummissjoni u dwar il-funzjonament ta' programmi individwali.

1.4.2. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha tiġi mħeġġa tippubblika rapporti regolari dwar il-funzjonament ta' programmi u miżuri rilevanti tal-SMEs, fuq il-passi tal-“Uffiċċju tar-Responsabbiltà Governattiva” estern fl-Istati Uniti fir-rigward tal-SBA tal-Istati Uniti. Uffiċċju indipendenti fi ħdan il-Kummissjoni għandu jittratta l-governanza interna, fuq il-passi tal-“Uffiċċju tal-Ispettur Ġenerali” fi ħdan l-Amministrazzjoni tan-Negozji ż-Żgħar tal-Istati Uniti.

1.4.3. L-SBA mhux se jirnexxi jekk ma tiġix stabbilita sħubija ta' governanza b'diversi partijiet interessati (ma' msieħba soċjali u partijiet interessati pubbliċi u privati). Għaldaqstant, il-Grupp ta' Konsulenza dwar l-SBA (ara 4.3.4) li kellu jiġi stabbilit fl-2011, iżda li qatt ma twaqqaf, jeħtieġ li jsir operattiv u jiġi kkonsultat fl-istadju ta' qabel id-deċiżjoni.

1.4.4. Is-sistema tal-pjani nazzjonali u lokali ta' implimentazzjoni tal-SBA (ara 4.3.3) għandha titejjeb u tiġi kkomplementata bl-użu ta' tabelli ta' valutazzjoni.

L-użu ta' miri

Huwa rakkomandat li jsir iktar użu ta' miri indikattivi sabiex jiżjed l-involvement tal-SME fl-akkwist pubbliku, u ta' miri vinkolanti fir-rigward tal-programmi ta' ricerca u żvilupp (kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali). Bl-użu ta' dan il-mekkaniżmu ta' miri, il-livelli għandhom jogħlew matul is-snin.

Konferenza Annwali ta' Partijiet Interessati tan-Negozji Żgħar

Fl-Istati Uniti u l-UE, hemm għarfien u esperjenza konsiderevoli dwar il-politiki u l-programmi għall-SMEs, iżda ma tiġi gietorganizzata ebda diskussjoni strutturali u regolari li tinkludi l-partijiet interessati. Konferenza annwali dwar dan, li talterna bejn l-Istati Uniti u l-UE, ibbażata fuq l-aħjar eżempji, tista' tkun utli. Din għandha tinkludi partijiet interessati rilevanti miż-żewġ naħat tal-Atlantiku: politikanti u amministrazzjonijiet, in-Netwerk ta' Rappreżentanti tal-SMEs u l-organizzazzjonijiet tan-negozji żgħar. Minħabba l-baġits limitati tal-organizzazzjonijiet tan-negozji żgħar, il-parteċipazzjoni għandha tiġi kkompensata. Kull sena, flimkien mad-diskussjonijiet ġenerali, jista' jiġi diskuss suġġett speċjali: finanzi, innovazzjoni, kummerċ, (inkluż it-TTIP), l-intraprenditorji fost in-nisa, eċċ.

⁽¹⁾ ĠU C 376, 22.12.2011, p. 51.

2. Introduzzjoni u għanijiet tal-opinjoni

2.1. Għan: li jsir paragun tal-appoċċi u l-azzjonijiet ġenerali għall-SMEs fir-rigward taż-żewġ SBAs: l-Amministrazzjoni tan-Negozji ż-Żgħar fl-Istati Uniti u l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar tal-UE.

L-ambjent politiku u kummerċjali fl-Istati Uniti u fl-UE huma differenti ħafna u fiż-żewġ reġjuni hemm ħafna miżuri tal-SMEs fil-livell nazzjonali u lokali minbarra l-miżuri tal-SBA ⁽²⁾.

2.2. Il-konklużjonijiet ta' din l-opinjoni (ara l-Kapitolu 1) għaldaqstant ma jipparagunawx il-programmi speċifiċi taż-żewġ SBAs iżda jiffokaw fuq it-titjib possibbli fir-rigward tal-pożizzjoni legali u politika, il-governanza u l-użu ta' miri mill-SBA tal-UE.

3. L-Amministrazzjoni tan-Negozji ż-Żgħar fl-Istati Uniti tal-Amerika (SBA)

3.1. L-Amministrazzjoni tan-Negozji ż-Żgħar fl-Istati Uniti hija aġenzija indipendenti tal-gvern li tipprovi appoġġ federali għal negozji żgħar. Din inħolqot mill-President Eisenhower fl-1953, wara l-adozzjoni tal-Att dwar in-Negozji Żgħar. Il-missjoni tagħha hija li tagħti pariri, tgħin u tħares l-interessi tan-negozji żgħar Il-baġit tagħha fl-2013 kien madwar USD 1 biljun (eskluż il-baġit għal attivitajiet mhux tal-intrapriżi). Xi miżuri huma legalment vinkolanti. L-SBA għandha uffiċċji f'kull Stat tal-Istati Uniti u 1 000 ċentru lokali. Il-President Obama tella' lid-Direttur Ġenerali tal-SBA fil-Kabinet tiegħu.

3.2. L-SBA għandha definizzjoni kumplessa ta' negozju żgħir, bħala negozju bażikament indipendenti, imħaddem u organizzat għal profitt. Skont l-industrija, il-prodott jew is-servizz, id-daqs standard huwa bbażat fuq in-numru ta' impjegati jew fuq il-volum ta' bejgħ. Meta jitqies in-numru ta' impjegati, in-numru massimu jvarja bejn 100 u 1 500.

3.3. Ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet u l-programmi tal-SBA tal-Istati Uniti ⁽³⁾

3.3.1. Il-finanzi: self u kapital ta' riskju

3.3.1.1. L-SBA tipprovi garanziji għal negozji żgħar li ma jistgħux jiksbu kreditu band'oħra. B'mod ġenerali dan is-self jingħata mill-imsieħba tal-SBA (banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra) u huwa ggarantit mill-SBA.

Il-Programm Microloan jimmira negozji ġodda u fi stadju bikri fi swieq li mhumiex moqdiġin tajjeb. Is-self fi żmien qasir ħafna għandu l-għan li jipprovi rispons fi żmien 36 siegħa. Id-Disaster Loan Programme (Programm ta' Self għal Diżastri) jipprovi self lil intrapriżi żgħar milquta minn diżastri ġenerali fi żmien 45 jum.

3.3.1.2. Is-Small Business Investment Company (SBIC) (Kumpanija tal-Investment għan-Negozji Żgħar) isaħħaħ l-aċċess tan-negozji żgħar għall-kapital ta' riskju.

3.3.2. Il-Programmi ta' Kuntrattar ta' Negozji Żgħar

3.3.2.1. Diversi programmi ta' kuntrattar jippermettu li negozji żgħar (ta' persuni żvantaġġjati jew f'żoni mhux uttilizzati biżżejjed) jikkompetu biss ma' intrapriżi simili għal kuntratti tal-gvern importanti.

⁽²⁾ Paragun usa' tal-miżuri tal-SME jkun kumpless wisq għal din l-opinjoni.

⁽³⁾ Din hija ħarsa ġenerali wiesgħa ta' attivitajiet interessanti. Għal aktar dettalji ara www.sba.gov jew ir-rapport tal-2013 tal-Kungress tal-Istati Uniti "Small Business Administration, A Primer on Programmes" (Amministrazzjoni tan-Negozji ż-Żgħar, Introduzzjoni dwar il-Programmi) fuq www.crs.gov. Ħarsa ġenerali lejn il-programmi tal-SBA tinsab fir-rapport "Entrepreneurial Assistance" tal-Uffiċċju tar-Responsabbiltà Governattiva f'GAO-12-819 disponibbli minn www.gao.gov.

Il-miri annwali kumplessivi ta' parteċipazzjoni tal-gvern huma stabbiliti għal kuntratti ta' akkwist federali mogħtija lil negozji żgħar b'miri sekondarji differenzjati għal dipartimenti u aġenziji individwali. Il-mira kumplessiva issa hija mill-inqas 23 % tal-valur totali ta' kuntratti federali ewlenin. Fl-UE, hija ogħla f'29 %, iżda din tkopri wkoll kuntratti minn awtoritajiet reġjonali u lokali. Il-mira tal-Istati Uniti tista' tiżdied fil-futur.

3.3.3. Il-programmi tar-riċerka u l-iżvilupp: strateġija biex tiżdied il-parteeipazzjoni tal-SMEs biż-żieda fil-miri

3.3.3.1. Il-programm Small Business Innovation Research (SBIR) (Programm tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tan-Negozji ż-Żgħar) iżid il-parteeipazzjoni ta' intrapriżi żgħar b'teknoloġija għolja fir-riċerka u l-iżvilupp federali f'dipartimenti federali b'baġit għar-riċerka u l-iżvilupp ta' mill-inqas USD 100 miljun. Perċentwal tal-baġit għar-riċerka u l-iżvilupp irid jintuża għall-parteeipazzjoni ta' negozji żgħar: dan beda b' 0,2 % fl-1983 u żdied b'mod stabbli għal 2,7 % sal-2013 (mira ġdida ta' 3,2 % fl-2017).

3.3.3.2. Il-programm Small Business Technology Transfer (STTR) (Programm għat-trasferiment tat-Teknoloġija tan-Negozji ż-Żgħar) jipprovdi fondi għar-riċerka federali konġunta bejn negozju żgħir u organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ: 0,35 % fl-2013, li telgħet għal 0,45 % fl-2016.

3.3.4. Il-Programmi ta' Żvilupp Intraprenditorjali

Dawn jipprovdu taħriġ lin-negozji żgħar f'1 000 ċentru. SCORE jgħaqqad 50 organizzazzjoni indipendenti mingħajr skop ta' qligħ bi 13 000 volontier.

3.3.5. L-Uffiċċju tal-Kummerċ Internazzjonali

Dan jipprovdi assistenza għall-esportazzjoni u l-attivitajiet tiegħu jinkludu self fi żmien qasir (fi żmien 36 siegħa) u għotjiet għall-parteeipazzjoni f'fieri barra l-pajjiż, dokumentazzjoni u materjali awdjoviżivi.

3.3.6. Uffiċċji Speċjali

L-Uffiċċju tal-Ispettur Ġenerali: il-missjoni tiegħu hi li jtejjeb il-ġestjoni u l-effettività tal-SBA, biex jiġġieled il-frodi fil-programmi u biex jirrevedi l-leġislazzjoni eżistenti jew proposta. Huwa uffiċċju indipendenti fi ħdan l-SBA immexxi mill-Ispettur Ġenerali.

L-Uffiċċju tal-Avukatura: dan iservi bħala leħen indipendenti għan-negozji ż-żgħar fi ħdan il-gvern federali. Il-missjoni tiegħu hija li jinkoraġġixxi politiki li jappoġġjaw lin-negozji ż-żgħar billi jintervjenu fil-proċessi regolatorji tal-aġenziji federali u jirriċerka dwar l-impatt tar-regolamenti federali.

4. L-iżvilupp fl-UE – minn Karta għall-Intrapriżi ż-Żgħar għal Small Business Act ⁽⁴⁾

4.1. Il-Karta Ewropea għall-Intrapriżi ż-Żgħar – 2000

Din il-Karta għet adottata mill-mexxejja tal-UE fl-2000. Din kienet tirrappreżenta l-impenn mill-Istati Membri biex itejbu l-ambjent tan-negozju għall-intrapriżi ż-żgħar fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE, mingħajr obbligu legali. Il-Karta kienet speċifikament maħsuba għal intrapriżi żgħar b'inqas minn 50 impjegat.

4.2. L-“Att dwar in-Negozji ż-Żgħar” tal-UE (SBA-UE) – 2008

4.2.1. Il-Kummissjoni studjat l-approċċ tal-SBA fl-Istati Uniti, u ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir, Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa” fl-2008 ⁽⁵⁾, bi grupp fil-mira usa' (SMEs b'anqas minn 250 impjegat).

Ġew proposti numru limitat biss ta' proposti leġislattivi ġodda.

⁽⁴⁾ Hawn taħt hawn stabbilit sommarju li jirrigwarda l-iżviluppi fl-SBA. Għal ħarsa ġenerali iktar dettaljata, ara d-dokument ta' sfond disponibbli fuq il-websajt tal-KESE.

⁽⁵⁾ COM(2008) 394 final.

Il-biċċa l-kbira tal-SBA tikkonċerna qafas ta' politika ġdida, li jintegra politiki eżistenti dwar l-intrapriża u jibni fuq il-Karta għall-Intrapriża ż-Żgħira.

4.2.2. Ġew introdotti għaxar prinċipji għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-SMEs fil-livell tal-UE u dak nazzjonali fir-rigward ta': l-ambjent tan-negozju, l-intraprenditorja, "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħira", l-akkwist pubbliku, perjodi ta' pagament iqsar, Suq Uniku aħjar, hilit u innovazzjoni.

4.2.3. Fl-2008 il-KESE ⁽⁶⁾ ppropoza SBA aktar ambizzjuż. Din tirreferi għall-SBA tal-Istati Uniti.

4.2.4. Ir-rakkomandazzjonijiet prinċipali tal-Kumitat kienu jinkludu:

- strument legali vinkolanti li jirregola l-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħira";
- jitwaqqaf Kumitat tal-SBA, bl-involviment tal-Istati Membri u assoċjazzjonijiet tan-negozju rappreżentattivi Ewropej;
- jinħatar rappreżentant nazzjonali tal-SMEs f'kull Stat Membru.

Sfortunatament, l-ewwel żewġ rakkomandazzjonijiet ma ġewx implimentati mill-Kummissjoni Ewropea.

4.3. *Reviżjoni tas-Small Business Act tal-UE (2011)*

4.3.1. Fl-2011, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha "Reviżjoni tal-'Att dwar in-Negozji ż-Żgħira' għall-Ewropa" ⁽⁷⁾. Il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm progress, iżda jeħtieġ li jsir iktar.

4.3.2. Rigward l-iżviluppi fl-Istati Membri, il-Kummissjoni hija inqas pożittiva dwar:

- it-tnaqis tal-piż amministrattiv u l-implimentazzjoni tat-testijiet nazzjonali tal-SMEs;
- il-promozzjoni tal-Kodiċi Ewropew tal-Aħjar Prattiki;
- is-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-falliment.

4.3.3. Ir-Reviżjoni tal-SBA ipproponiet azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi ekonomika fl-oqsma li ġejjin: regolamentazzjonijiet, finanzjament, aċċess għas-suq, intraprenditorja, ħolqien tal-impjiegi u tkabbir inklużiv (inklużi l-intraprenditorja fost in-nisa u Inizjattiva ta' Negozju Soċjali).

4.3.4. It-titjib strateġiku jinvolvi t-tisħiħ tal-governanza:

- Il-Kummissjoni se tkompli toħroġ rapporti annwali ġenerali dwar l-Istati Membri individwali f'konformità mal-Istrateġija tal-UE2020; il-progress fl-SBA huwa inkluż f'dan l-eżerċizzju.
- Il-Grupp ta' Konsulenza dwar l-SBA li kellu jitwaqqaf fl-2011, iżda li qatt ma twaqqaf, jeħtieġ isir operattiv u għandu jiġi kkonsultat fl-istadju ta' qabel id-deċiżjoni.
- Ġie introdott in-Netwerk ta' Rappreżentanti tal-SMEs, li jinkludi l-Mibgħut tal-Kummissjoni u r-rappreżentanti nazzjonali għall-SMEs. Dan għandu jistabbilixxi rabta diretta bejn il-Kummissjoni, l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-organizzazzjonijiet nazzjonali tan-negozju.
- L-introduzzjoni ta' pjani ta' implimentazzjoni tal-SBA nazzjonali, appoġġjati minn mekkaniżmu robust ta' monitoraġġ u f'koordinazzjoni ma' Stati Membri u organizzazzjonijiet tan-negozju. (Madankollu, il-KESE jiddispijaċi li dan mhux qed jiġi implimentat bl-aktar mod effiċjenti possibbli).

4.3.5. Fl-2011 ⁽⁸⁾, il-KESE rrikonoxxa li nġhatat attenzjoni akbar għall-SMEs.

Il-konklużjonijiet prinċipali tal-Kumitat kienu jinkludu:

- Il-Kumitat iqis li l-SBA għandu jkollu forma aktar vinkolanti.
- L-SBA mhux se jirnexxi jekk ma tiġix stabbilita sħubija ta' governanza b'diversi partijiet interessati (ma' msieħba soċjali u partijiet interessati pubbliċi u privati).

⁽⁶⁾ ĠU C 182, 4.8.2009, p. 30.

⁽⁷⁾ COM(2011) 78 final.

⁽⁸⁾ ĠU C 376, 22.12.2011, p. 51.

- Ma tingħatax attenzjoni għar-rwol essenzjali tal-organizzazzjonijiet intermedjarji mis-settur pubbliku u privat billi jipprovdu servizzi mfassla apposta.
- Il-KESE jitlob lill-Kunsill biex iwaqqaf Kunsill speċjali annwali għall-Kompetittività għall-SMEs, il-mikrointrapriżi u l-SBA.

Il-KESE jiddispaċi li dawn ir-rakkomandazzjonijiet ma ġewx implimentati mill-Kummissjoni Ewropea.

4.4. **Konsultazzjoni pubblika dwar l-SBA – 2014**

4.4.1. F'Settembru 2014, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni dwar kif l-SBA għandu jiġi rivedut, bit-titolu "Politika b'saħħitha biex tappoġġa l-SMEs u l-intraprendituri 2015-2020".

4.4.2. Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-SBA ma ġiex implimentat bis-sħiħ f'bosta Stati Membri.

L-oqsma ta' prijorità proposti huma:

- it-tnaqqis tal-piż amministrattiv;
- l-aċċess għall-finanzjament u s-swieq;
- il-potenzjal intraprenditorjali u tal-innovazzjoni;
- ir-rinfurzar tal-iżvilupp tal-ħiliet (ġdid).

4.4.3. F'April 2015, il-Kummissjoni ppubblikat rapport dwar ir-riżultati. Proposta għal SBA rivedut kienet ipplanata oriġinarjament għall-ewwel nofs tal-2015, iżda issa ġiet posposta sal-2016. L-organizzazzjonijiet tan-negozju Ewropej indikaw d-diżappunt tagħhom dwar dan il-posponiment u talbu li tittieħed azzjoni fl-2015.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “In-negozji tal-familja fl-Ewropa bħala sors ta’ tkabbir imġedded u impjiegi aħjar”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/03)

Relatur: is-Sur Jan KLIMEK

Fit-22 ta’ Jannar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni dwar

“in-Negozji tal-familja fl-Ewropa bħala sors ta’ tkabbir imġedded u impjiegi aħjar”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-14 ta’ Lulju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta’ Settembru 2015 (seduta tas-17 ta’ Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’110 voti favur u 3 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. In-negozji tal-familja jiffurmaw is-sinla ta’ ħafna ekonomiji madwar id-dinja u qed jikbru b’rata impressjonanti. Huma sors ta’ tkabbir ekonomiku u impjiegi u jagħtu attenzjoni konsiderevoli lil fatturi reġjonali u lokali. Hemm raġunijiet differenti għat-twaqqif ta’ negozju tal-familja, iżda l-iżjed komuni minnhom hija s-sistema ta’ valuri li sseħħ b’mod naturali, ir-rieda li jintwerew dedikazzjoni u saġrificju u s-sens ta’ responsabbiltà lejn dawk li waqqfu n-negozju u dawk li jieħdu l-kontroll tiegħu. In-negozji tal-familja huma kapaċi jifilħu aħjar perjodi diffiċli ta’ reċessjoni u stagħnar, u waħda mir-raġunijiet ewlenin għal-lonġevità tagħhom hija s-sens ta’ responsabbiltà personali għall-immaġni tan-negozju.

1.2. Billi jirrikonoxxi l-valur uniku tan-negozji tal-familja, u b’konformità mal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar li jistipula li “l-UE u l-Istati Membri għandhom joħlqu ambjent li fih l-intraprendituri u n-negozji tal-familji jistgħu jirnexxu u l-intraprenditorija tiġi ppremjata”⁽¹⁾, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jitlob lill-Kummissjoni Ewropea twettaq strateġija attiva għall-promozzjoni tal-iskambju tal-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri dwar in-negozji tal-familja.

1.3. Il-pass li jmiss jista’ jkun li ssir ħidma fuq qafas jew regolament dwar in-negozji tal-familja. Fil-qafas ta’ dawn ir-regolamenti għandha tiġi stabbilita definizzjoni ta’ negozji tal-familja u jiġu speċifikati l-oqsma li fihom għandha tkun involuta l-Kummissjoni, flimkien mal-istituzzjonijiet legali, ekonomiċi u politiċi responsabbli għal dawn il-miżuri.

1.4. F’termini ta’ miżuri speċifiċi, il-KESE jitlob:

- li tiġi inkluża kategorija ta’ negozji tal-familja fl-istatistika Ewropea (Eurostat) u sabiex l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika jiġbru data dwar in-negozji tal-familja b’mod effettiv;
- regolamentazzjoni aħjar dwar it-trasferiment tan-negozji tal-familja minn ġenerazzjoni għall-oħra, b’mod partikolari mill-perspettiva tat-taxxa, sabiex titnaqqas l-espożizzjoni ta’ dawn in-negozji għall-problemi ta’ likwidità;
- li tiġi promossa klima organizzattiva tal-familja, li l-qofol tagħha huwa l-impjeg fit-tul;
- li tiġi promossa innovazzjoni fost il-kumpaniji tal-familja, b’mod partikolari permezz ta’ akkwist pubbliku innovattiv;
- li tiġi żviluppata l-edukazzjoni u tiġi promossa r-riċerka fil-qasam tal-intraprenditorija tal-familja;

⁽¹⁾ COM(2008) 394 final.

- li jiġu appoġġati l-irziezet tal-familja u jiġu żviluppati mill-ġdid intraprenditoriji bbażati fuq kooperattiva, b'mod partikolari t-tip li jiġbor flimkien in-negozji tal-familja;
- li jiġi introdott tnaqqis fit-taxxa fuq il-profitti investiti mill-ġdid, u li jkun hemm opportunitajiet għan-negozji tal-familja sabiex iżidu l-kapital tagħhom mingħajr ma jingħataw drittijiet għall-vot;
- kooperazzjoni attiva fil-livell tal-UE mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw in-negozji tal-familja, pereżempju fi ħdan il-qafas ta' grupp permanenti ta' esperti.

2. Introduzzjoni

2.1. In-negozji tal-familja jiffurmaw aktar minn 60 % tal-kumpaniji Ewropej kollha, kemm l-intrapriżi ż-żgħar kif ukoll dawk kbar, u jimpjegaw bejn l-40 % u l-50 % tal-impjegati kollha ⁽²⁾. Fil-maġġoranza l-kbira tal-ekonomiji, ħafna min-negozji huma intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u għalhekk il-maġġoranza tan-negozji tal-familja jappartjenu wkoll lil dan is-settur.

2.2. L-assi prinċipali tan-negozji tal-familja huma l-orizzont fit-tul tagħhom, il-valuri speċifiċi li jiffurmaw il-kultura organizzattiva unika tagħhom u l-involvement tagħhom fil-komunitajiet lokali. Il-kultura unika tagħhom hija bbażata fuq il-valuri promossi mill-partijiet interessati tal-familja, bħal livell għoli ta' fiduċja fin-negozju u l-kwalità għolja tas-servizzi jew il-prodotti offruti.

2.3. Il-perspettiva fit-tul tan-negozji tal-familja tfisser li jistgħu joħlqu rabtiet fit-tul mal-partijiet interessati tal-kumpanija (impjegati, klijenti, fornituri u komunitajiet lokali).

2.4. In-negozji tal-familja huma karatterizzati kemm mix-xewqa li jgħaddu n-negozju lill-ġenerazzjoni li jmiss kif ukoll mill-kura u r-responsabbiltà għall-impjegati. Dan l-aspett jipprovmovi wkoll il-kontabilità tan-negozji tal-familja, fejn ir-relazzjonijiet huma mibnija fuq il-fiduċja.

2.5. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet, in-negozji tal-familja jinvestu kemm jista' jkun fil-ħolqien ta' kumpanija stabbli, indipendenti u innovattiva, ibbażata fuq kapital proprju, li prinċipalment fittex li tnaqqas ir-riskju sabiex in-negozju jkun jista' jiġi mgħoddi minn ġenerazzjoni għall-oħra. In-negozji tal-familja jiżviluppaw b'mod iktar ibbilanċjat sabiex jinkisbu l-għanijiet fit-tul (multiġenerazzjonali) tagħhom.

3. Id-definizzjoni ta' negozju tal-familja

3.1. Huwa ġeneralment aċċettat li n-negozji tal-familja jistgħu jiġu karatterizzati fi tlett iċrieki: familji, negozji u struttura tas-sjieda ⁽³⁾. L-impatt tal-familja fuq iż-żewġ iċrieki l-oħra jiddetermina n-natura tal-familja tal-kumpanija. Dan l-impatt ifisser li n-negozji tal-familja huma aktar kumplessi mill-kontrapartijiet mhux tal-familja tagħhom u għaldaqstant jeħtieġu trattament xieraq.

3.2. Diversi Stati Membri adottaw liġijiet speċifiċi dwar in-negozji tal-familja:

- Fi Spanja (il-Ministeru għall-Ekonomija) u l-Finlandja (il-Ministeru għall-Kummerċ) in-negozji tal-familja huma ddefiniti fuq livell ministerjali.
- Hemm ukoll definizzjoni ta' negozji tal-familja fl-Italja (il-Kodiċi Ċivili) u fir-Rumanija.
- L-Ungerija adottat definizzjoni ta' negozji agrikoli li huma proprjetà ta' familji.
- Il-leġiżlazzjoni Daniża tirreferi għar-reklutaġġ ta' żgħażagħ fin-negozji tal-familja (*Arbejdsmiljølovgivningens anvendelse for elever i erhvervspraktik*, VEJ Nru 60106, 1.2.1998).
- Fl-Awstrija, il-liġi federali stipula li l-membri tal-familja jistgħu jadottaw ħinijiet tal-ftuħ tal-ħanut flessibbli (*Ladenöffnungszeitenverordnung*) u n-negozji tal-familja huma definiti mil-liġi reġjonali dwar l-agrikoltura.
- Il-Qorti Suprema tal-Litwanja ħarġet opinjoni li stipula li kumpanija stabblita b'konnessjoni ma' żwieġ għandha titqies bħala negozju tal-familja.

⁽²⁾ Rapport Finali tal-Grupp ta' Esperti: *Overview of family-business-relevant issues: research, networks, policy measures and existing studies*, il-Kummissjoni Ewropea, Novembru 2009.

⁽³⁾ Tagiuri R., Davis J.A., *Bivalent Attributes of the Family Firm*, Working paper, Harvard Business School, 1982.

- Fil-Bulgarija u s-Slovakkja, il-koproprjetà tal-familja hija kkunsidrata fil-każ ta' impjeg indipendenti.
 - F'Malta, qed issir ħidma fuq l-ewwel liġi fid-dinja ddedikata speċifikament għan-negozji tal-familja (Family Business Act).
- 3.3. Il-Kumitat jemmen li jkun sewi li titwettaq proċedura leġislattiva mmirata lejn l-introduzzjoni ta' kategorija tan-negozji tal-familja fir-reġistri ta' attivitá ekonomika fl-Istati Membri kollha.
- 3.4. Ir-rapport tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar in-negozji tal-familja jirrakkomanda l-adozzjoni tad-definizzjonijiet li ġejjin dwar in-negozji tal-familja:
- Il-maġġoranza tad-drittijiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet hija fil-pussess tal-persuna(i) naturali li stabbilixxiet/stabbilixxew il-kumpanija, jew li tkun/jkunu akkwistat/akkwistaw il-kapital azzjonarju tal-kumpanija, jew fil-pussess tal-konjugi, il-ġenituri, it-tfal jew il-werrieta diretti tat-tfal tagħhom.
 - Il-maġġoranza tad-drittijiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet huma indiretti jew diretti.
 - Mill-inqas rappreżentant wieħed tal-familja jew qarib huwa involut formalment fit-tmexxija tal-kumpanija.
 - Il-kumpaniji elenkati jissodisfaw id-definizzjoni ta' intrapriża tal-familja jekk il-persuna li stabbilixxiet jew akkwistat il-kumpanija (kapital azzjonarju) jew il-familja jew id-dixxendenti tagħhom għandhom 25 fil-mija tad-drittijiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet mogħtija mill-kapital azzjonarju tagħhom.
- 3.5. Madankollu, id-definizzjoni t'hawn fuq hija wiesgħa wisq. Għandha titnaqqas b'tali mod li tenfasizza n-natura tal-familja tan-negozju, speċjalment l-għan multiġenerazzjonali tal-ħidma tiegħu.
- 3.6. L-adozzjoni ta' din id-definizzjoni fost il-pajjiżi Ewropej tippermetti l-ġabra tad-data kwantitattiva, li tippermetti li jiġu kkompilati statistiċi dwar dawn l-entitajiet ladarba din tiġi aggregata. Din id-data b'mod partikolari tista' tgħin fl-analiżi tan-negozji tal-familja fl-Istati Membri l-ġodda, fejn dawn in-negozji għandhom rwol ewlieni. Dan il-kompitu jista' jsir mill-uffiċċju tal-istatistika tal-Unjoni Ewropea, il-Eurostat.
- 3.7. Fuq livell nazzjonali qed isiru tentattivi sabiex jikkwantifikaw in-negozji tal-familja. Dan huwa l-każ fl-Irlanda, pereżempju, fejn l-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika pproduċa pubblikazzjoni intitolata *Family Business in Ireland – Services Sector 2005*. Il-federazzjoni Ewropea dwar in-Negozji tal-Familja, f'kooperazzjoni mal-kumpanija konsultattiva KPMG, tippubblika l-Barometru Ewropew dwar in-Negozji tal-Familja. Fil-Polonja, fl-2008 sar studju kwalitattiv u kwantitattiv komprensiv, mill-Aġenzija Pollakka għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi.
- 3.8. Il-parteċipazzjoni tal-Eurostat tippermetti li jintlaħqu żewġ għanijiet importanti: li tiġi standardizzata d-definizzjoni tan-negozji tal-familja u, fuq bażi ta' dan, li tinġabar data statistika dwar dawn l-entitajiet.

4. Sfdi li jiffaċċjaw in-negozji tal-familja

4.1. L-isfdi li jiffaċċjaw in-negozji tal-familja jstgħu jinqasmu f'żewġ kategoriji: dawk applikabbli għall-kumpaniji kollha u dawk speċifiċi għan-negozji tal-familja. L-ewwel kategorija tinkludi l-fatturi kollha li jaffettwaw l-ekonomija ta' pajjiż, bħad-domanda domestika, id-demografija u s-sitwazzjoni soċjoekonomika. Din l-opinjoni tiffoka fuq it-tieni kategorija, jiġifieri l-isfdi speċifiċi għan-negozji tal-familja li jippermettu li dawn jiżviluppaw u jikbru.

4.2. Il-sjieda fin-negozju tal-familja ma tikkonsistix f'assi likwidi iżda pjuttost f'dak li tibni u tiżviluppa l-familja matul il-ġenerazzjonijiet, u li tinkludi valuri, tradizzjonijiet u għarfien⁽⁴⁾. Għalhekk, it-trasferiment tal-proprjetà ta' kumpanija għall-ġenerazzjoni li jmiss hija l-iktar sfida serja li jista' jiffaċċja negozju bħal dan.

4.2.1. Pass wieħed importanti li għandu jittieħed min-negozji tal-familja jidher li huwa l-ippjanar komprensiv ta' suċċessjoni, minħabba li l-intenzjoni tas-sidien ta' dawn il-kumpaniji hija li jgħaddu kumpanija fqagħda tajba lill-ġenerazzjoni li jmiss.

⁽⁴⁾ COM(2012) 795 final – Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020 – Tkebbis mill-ġdid tal-Ispirtu tal-Intraprendenza fl-Ewropa.

4.2.2. Kull sena madwar 450 000 kumpanija li timpjega madwar 2 miljun persuna, jiffaċċjaw din l-isfida. Madwar 150 000 negozju jagħlqu kull sena minħabba suċċessjoni mingħajr suċċess, li mbagħad twassal għat-telf ta' 600 000 impjeg (⁵).

4.2.3. Il-kawżi prinċipali tal-falliment fl-ippjanar ta' suċċessjoni għandhom jiġu eżaminati, u għandhom jiġu appoġġati l-miżuri biex jiġu ffaċilitati t-trasferimenti tan-negozju, pereżempju liġi tas-suċċessjoni jew inċentivi tat-taxxa li jappoġġaw it-trasferimenti.

4.2.4. L-ambitu u l-iskala ta' diversi approċċi fl-Ewropa għat-taxxi tas-suċċessjoni u tal-ġid juru li għad hemm ħafna affarijiet li għandhom jittejbu fir-rigward tar-regolament f'dan il-qasam (⁶).

4.2.5. Eżempju wieħed ta' soluzzjoni potenzjali fil-qasam tat-trasferimenti tan-negozju huwa l-Pajjiżi l-Baxxi, fejn il-Ministeru għall-Ekonomija introduċa "l-pakkett ta' suċċessjoni" (*Overdrachtspakket*). L-intraprendituri li jilhq u l-età ta' 55 jirċievu pakkett ta' suċċessjoni li jfakkarhom dwar l-importanza tal-ippjanar tat-trasferiment tan-negozju u li jipprovdi sett ta' għodod biex jassistu f'dan il-proċess. L-istitut Belġjan dwar in-negozji tal-familja (*Instituut voor het Familiebedrijf*) introduċa karta dwar is-suċċessjoni disponibbli fi tliet lingwi: bl-Olandiż (*Scorecard Opvolging*), bil-Franċiż (*Scorecard Transmission*) u bl-Ingliż (*Succession Scorecard*). Eżempju ieħor huwa s-Slovenja, li l-Kamra tas-Snajja' u l-Intrapriżi ż-Żgħar tagħha (*Obrtno-podjetniška zbornica Slovenije*) torganizza seminars u taħriġ li jirrigwardaw il-kwistjonijiet kollha relatati mas-suċċessjoni, u l-Finlandja għandha programm ta' suċċessjoni (*ViestinVaihto-ohjelma*). Fl-Awstrija hemm liġi dwar il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet ta' negozju (*Fortbetrieb*) minn membru tal-familja fil-każ tal-mewt tal-maniġer (*Gesamte Rechtsvorschrift für Gewerbeordnung*, 1994). Hemm arranġament simili fi Franza (*successions et des libéralités*) u fil-Lussemburgu. L-Aġenzija Pollakka għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi, f'kooperazzjoni mal-istitut tan-negozji tal-familja, ippreparat pakkett ta' suċċessjoni għan-negozji tal-familja. Bħala parti minn dan il-pakkett, in-negozji tal-familja jirċievu gwida għas-suċċessjoni, għodod b'xejn għall-appoġġ ta' dan il-proċess u s-sessjonijiet ta' ħidma b'xejn għall-implimentazzjoni.

4.3. In-negozji tal-familja jipprovaw joħlqu impjegi fit-tul, li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' klima organizzattiva bbażata fuq il-familja. Għal din ir-raġuni, in-negozji tal-familja jistgħu jipprovdu impjegi mixtieqa għall-ommijiet li qed irabbu t-fal, pereżempju. Għandu jingħata appoġġ lill-klima organizzattiva bbażata fuq il-familja, li tista' tagħti vantaġġ kompetittiv lil dawn in-negozji.

4.4. Il-konjugi jew is-sħab tas-sidien tal-kumpanija ta' spiss ikollhom rwol importanti fin-negozji tal-familja, għalkemm, għal diversi raġunijiet, m'għandhomx status formali. Dan jista' jwassal għal diffikultajiet legali u finanzjarji, pereżempju, fil-każ ta' tħassir ta' relazzjoni. L-għoti ta' status aktar formali lil dawn il-persuni, kif ukoll lil membri tal-familja oħra involuti b'mod informali fl-attivitajiet tal-kumpanija, jgħin billi jiġu evitati diffikultajiet fil-każ ta' problemi relatati mal-familja.

4.5. Fir-rigward tal-innovazzjoni fin-negozji tal-familja, dawn il-kumpaniji għandhom jiffukaw mhux biss fuq swieq u prodotti tradizzjonali, iżda wkoll fuq soluzzjonijiet innovattivi ġodda.

4.5.1. L-innovazzjoni fin-negozji tal-familja tista' tiġi appoġġata permezz ta' sistema ta' akkwist innovattiva pubblika fejn il-prezz m'għandux ikun l-uniku kriterju għall-għażla ta' offerent. In-negozji tal-familja huma karatterizzati mill-fatt li jistgħu jikkompetu fuq il-bażi ta' kwalità għolja u servizz lill-klijent, żgurati inter alia mill-marka tal-familja (li spiss ikun l-isem tas-sid jew tal-familja tas-sid). Għalhekk, in-negozji tal-familja ġeneralment ma jifgħux offerti għal kuntratti pubbliċi li għandhom il-prezz bħala l-uniku kriterju tagħhom. Huwa ssuġġerit li l-valuri tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża (*MEAT – Most Economically Advantageous Tender*) (⁷) tiġi promossa bħala l-kriterju ta' valutazzjoni, u li tiġi mxerrda din l-informazzjoni fost in-negozji tal-familja.

(⁵) *Business Dynamics: Start-ups, Business Transfers and Bankruptcy* (2011) http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/business-environment/files/business_dynamics_final_report_en.pdf

(⁶) COM(2012) 795 final.

(⁷) SEC(2007) 280 – Gwida dwar kif tittratta soluzzjonijiet innovattivi fl-akkwist pubbliku, 10 elementi ta' prattika tajba.

4.6. Il-globalizzazzjoni tirrikjedi li l-intrapriżi jinfetħu għal swieq, teknoloġiji u ħilet ġodda, ilkoll elementi li n-negozji tal-familja għandhom iqisu b'attenzjoni fl-istrategġiji tagħhom għall-iżvilupp. Dan jista' jimplika l-ħtieġa li jkunu miftuħa għal persunal ġdid, ake għall-karigi maniġerjali.

4.7. Fuq livell nazzjonali, ir-rwol tan-negozji tal-familja fl-ekonomiji nazzjonali għandu jiġi rikonoxxut u mbagħad għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet favorevoli għal dawn in-negozji fl-oqsmata tat-tassazzjoni, leġiżlazzjoni dwar l-attività ekonomika (inkluża possibbilment liġi dwar in-negozji tal-familja) u appoġġ għat-taħriġ għan-negozji tal-familja. Dan it-taħriġ għandu jkoll l-ispeċifità tan-negozji tal-familja, bħas-suċċessjoni, is-superviżjoni tal-familja, eċċ.

4.8. Eżempji ta' edukazzjoni speċifikament għar-rappreżentanti tan-negozji tal-familja jinkludu pajjiżi bħal Ċipru (*Cyprus International Institute of Management*); Franza (Master 2 professional: *Gouvernance des entreprises familiales et patrimoniales – M2 GEFP*, organizzat mill-Università ta' Bordeaux) u l-Finlandja (*Omistajuus ja hallitustyöskentely – valmennusohjelma jatkaajille* – struttura tas-sjieda u ġestjoni tal-kumpanija – programm ta' taħriġ għas-suċċessuri)⁽⁸⁾. L-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għan-negozji tal-familja jagħmlu wkoll korsijiet għall-intraprendituri tal-familja, bħall-Akkademiya FBN, immexxija mill-fergħa Svediża tal-FBN u programmi ta' taħriġ immexxija mill-*Instituto de la Empresa Familiar* Spanjol, pereżempju.

4.9. Ir-rikonoxximent tar-rwol tan-negozji tal-familja fl-ekonomiji tal-Istati Membri u l-għoti ta' appoġġ lilhom jista' jikkontribwixxi għar-restawr tat-tradizzjoni tal-familja tas-snaġja'. Proporzjon sinifikanti ta' negozji żgħar tal-familja huma kkonċentriati f'korporazzjonijiet tas-snaġja', li jfittxu li jiżguraw il-kontinwazzjoni tas-snaġja'; għaldaqstant huwa leġittimu li tiġi appoġġata din it-tip ta' entità.

4.10. In-negozji żgħar tal-familja huma esposti għal riskji li jistgħu jwasslu għall-għajbien tagħhom mis-suq. Għajnuna xierqa legali u relatata mat-taxxa għandha għaldaqstant tiġi pprovduta lil dawn in-negozji sabiex tappoġġja l-iżvilupp ulterjuri tagħhom. Min-naħa l-oħra, negozji internazzjonali kbar tal-familja jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ u miżuri istituzzjonali mmirati lejn l-appoġġ ta' fornituri u ekonomiji lokali.

4.11. Tip wieħed speċifiku ta' negozju tal-familja huwa r-razzett tal-familja. Minbarra l-isfidi tipiċi karatteristiċi tan-negozji tal-familji, dawn in-negozji jridu jitrattaw ukoll problemi speċifiċi għaż-żoni rurali.

4.11.1. Ta' tħassib partikolari hawnhekk hija l-problema ta' ħtif tal-art, li twassal għal tfixkil irriversibbli fl-istruttura ekonomika f'żoni rurali u għall-industrijalizzazzjoni mhux mixtieqa tal-agrikoltura. Fl-opinjoni tiegħu ta' Jannar 2015⁽⁹⁾, il-Kumitat talab li jittieħdu passi xierqa għall-preservazzjoni ta' mudell agrikolu bbażat fuq l-irziezet tal-familja madwar l-UE.

4.11.2. L-irziezet tal-familja ta' spiss jiffurmaw kooperattivi sabiex jiksbu ekonomiji ta' skala u jgħollu l-kompetittività tas-suq⁽¹⁰⁾. Intraprenditorija bbażata fuq kooperattiva turi karatteristiċi simili għal dawk ta' intraprenditorija bbażata fuq il-familja, jiġifieri, tiffoka fuq attivitajiet fit-tul iktar milli fuq profitt għal żmien qasir. Madankollu, fi żminijiet riċenti, il-kooperattivi tilfu l-momentum u wħud minnhom saħansitra sfaxxaw, għalhekk hemm il-ħtieġa li jittieħdu passi biex terġa' titqajjem din it-tip ta' attività.

4.12. It-terminu kapital paċenzjuż jintuża biex jirreferi għall-akkumulazzjoni fit-tul tal-kapital biex jiġi żviluppat negozju tal-familja (*patient capital*)⁽¹¹⁾. Meta jitwettaq trasferiment, in-negozju tal-familja jgħaddi l-kapital flimkien mad-dimensjoni soċjali u kulturali u x-xerrej jinvesti fi jew jixtri n-negozju flimkien mal-għarfien multiġenerazzjonali, il-kultura (relatata mal-familja) u l-impenn lejn il-komunità (lokali) tiegħu.

⁽⁸⁾ Irene Mandl, *Overview of Family Business Relevant Issues*. KMU Forschung Austria, 2008.

⁽⁹⁾ Opinjoni tal-KESE "Il-ħtif tal-art – sinjal ta' twissija għall-Ewropa u theddida għall-biedja mill-familji" (ĠU C 242, 23.7.2015, p. 15).

⁽¹⁰⁾ *Family farming in Europe: Challenges and prospects, In-depth analysis*. Parlament Ewropew 2014.

⁽¹¹⁾ Il-kapital paċenzjuż huwa l-kapital proprju pprovdut mis-sidien tan-negozju tal-familja li jfittxu li jintlaħaq bilanċ bejn, minn naħa waħda, ir-ritorn attwali fuq l-investimenti u, min-naħa l-oħra, l-istrategġija ta' negozju fit-tul iddefinita b'mod xieraq u l-iżgurar tal-kontinwità tat-tradizzjoni u l-wirt tal-familja. Sors: De Visscher F.M., Aronoff C.E., Ward J.L. (2011), *Financing Transitions. Managing Capital and Liquidity in the Family Business*, Palgrave Macmillan.

4.12.1. Meta jiġi definit il-kapital paċenzjuż, wieħed għandu jkoll l-użu tat-tnaqqis fit-taxxa fuq il-profitti investiti mill-ġdid. Għandu jiġi kkunsidrat it-tnaqqis għan-negozji tal-familja (u mhux dawn it-tip ta' negozji biss) li jinvestu profitti mill-ġdid u jippreferu jużaw il-kapital tagħhom stess milli jużaw id-dejn.

4.12.2. Il-ħila li jikkompensaw l-interessi tad-dejn mill-profitti taxxabli hija inċentiv addizzjonali għall-kumpaniji biex jużaw finanzjament tad-dejn, minħabba li dan inaqqas b'mod effettiv l-ispiża tad-dejn, fejn tali tnaqqis ma japplikax għall-ekwità.

4.12.3. Huwa ovvju li l-kwistjonijiet tat-tassazzjoni jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri individwali, iżda l-Unjoni Ewropea għandha tippromwovi prattiki tajbin għan-negozji tal-familja.

4.13. It-twaqqif ta' fondi ta' investiment pubbliku nazzjonali biex jinjettaw il-kapital fin-negozji tal-familja jista' jkun ta' min jikkunsidrah. Il-karatteristika speċjali ta' dawn il-fondi tkun illi jipprovdu kapital lin-negozji tal-familja mingħajr ma jingħataw drittijiet tal-vot lill-fornituri tal-kapital, fuq il-linji ta' *Aksjeloven* fin-Norveġja jew il-*Ley de Sociedades de Responsabilidad Limitada* fi Spanja.

4.14. L-attivitajiet ta' intraprenditorija tal-familja jistgħu jiġu appoġġati wkoll minn organizzazzjonijiet nazzjonali jew lokali li jaġixxu fisem dawn l-entitajiet (pereżempju korpi governattivi (ministeri), organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, korporazzjonijiet tas-snaġġa, eċċ.) u organizzazzjonijiet sovrannazzjonali, li l-iktar importanti minnhom jinkludu l-*European Family Business*, *FBN International* u *Les Hénokiens*.

4.14.1. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom rwol organizzattiv importanti fil-promozzjoni tas-settur tan-negozji tal-familja. Jipprovdu pjattaforma għall-iskambju ta' għarfien u esperjenza bejn intraprendituri tal-familja, u jipubblikaw rapporti dwar in-negozji tal-familja sabiex ixerrdu l-għarfien dwarhom. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet li jappoġġaw in-negozji tal-familja jistgħu jillobbjaw għal soluzzjonijiet speċifiċi.

Brussell, is-17 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew “Lejn is-saħħa diġitali – informazzjoni elettronika għall-użu sigur tal-prodotti mediċinali”

(Opinjoni fuq inizzjattiva proprja)

(2016/C 013/04)

Relatur: is-Sinjura Renate HEINISCH

Nhar it-22 ta' Jannar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizzjattiva proprja dwar

Lejn is-saħħa diġitali – informazzjoni elettronika għall-użu sigur tal-prodotti mediċinali

(Opinjoni fuq inizzjattiva proprja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-14 ta' Lulju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-16 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'212-il vot favur u 6 voti kontra.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea sabiex is-soluzzjonijiet marbuta mas-saħħa elettronika jsiru prijorità għolja tal-Aġenda Diġitali.

1.2. Il-KESE jinnota li *min ifittex l-informazzjoni*, jiġifieri l-pazjenti u l-professjonisti fil-kura medika, tennew il-ħtieġa ta' informazzjoni komprensiva, preċiża u aġġornata dwar prodotti mediċinali u suq diġitali uniku.

1.3. Fil-fehma tal-KESE, din l-informazzjoni uffiċjali għandha tkun aċċessibbli mingħajr ostakli u diskriminazzjoni biex tkun disponibbli wkoll għal dawk neqsin mis-smiġh u mid-dawl jew li għandhom kwalunkwe restrizzjoni oħra. Hija għandha tkun tista' tiġi adattata għall-bżonnijiet individwali taċ-ċittadini, il-pazjenti u l-professjonisti fil-kura medika, sabiex toffri l-livell li hemm bżonn għall-iktar użu effettiv u sigur tal-prodotti mediċinali.

1.4. Il-KESE jemmen li d-distribuzzjoni elettronika tal-informazzjoni dwar il-prodotti, approvata mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-prodotti mediċinali, twassal għal aktar titjib fl-aċċess. Bażi tad-data elettronika, approvata mill-awtoritajiet tas-saħħa, u magħmula minn informazzjoni teknika u dwar l-użu (*Summary of Product Characteristics, SmPC*) tiżgura d-disponibbiltà ta' informazzjoni aġġornata u mmirata dwar il-prodotti mediċinali.

1.5. Il-KESE jipproponi li l-informazzjoni għall-persuni neqsin mid-dawl tkun disponibbli bl-iktar mod adegwat, pereżempju f'tipa akbar jew reġistrazzjonijiet tas-smiġh. Jistgħu jinħadmu filmati, possibbilment fil-lingwa tas-sinjali, għall-persuni neqsin mis-smiġh, li jindikaw l-aħjar użu tal-apparat mediċinali (pereżempju l-apparat tal-ażżma). L-użu ta' "lingwaġġ semplifikat" jippermetti wkoll li jonqsu l-ostakli għall-komunikazzjoni. B'dan il-mod il-persuni li għandhom diffikultajiet fit-tagħlim tingħatalhom informazzjoni adattata u jiġu kkompensati l-limiti tal-edukazzjoni.

1.6. Il-KESE jinnota wkoll li jekk dan kollu jkun disponibbli f'portal wieħed jinħoloq sors affidabbli u faċli jintuża ta' informazzjoni uffiċjali konformi mal-kriterji tal-aċċessibbiltà. Dan ifisser li l-pazjenti u l-professjonisti fil-kura medika jistgħu jqabblu kwalunkwe informazzjoni disponibbli mal-informazzjoni awtorizzata.

1.7. Sabiex jiġi żgurat aċċess ġenerali għas-sistema, l-iżvilupp għandu jsir f'kooperazzjoni mal-utenti kif ukoll ma' web-designers speċjalizzati fl-aċċess għall-persuni b'diżabilità. Għandhom jinħolqu soluzzjonijiet f'format miftuħ sabiex l-utenti jkunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni minn kwalunkwe apparat (PC, tablet, smartphones, eċċ.) li jridu.

1.8. Il-KESE jemmen li l-bażi tad-data/il-portal tal-informazzjoni uffiċjali għandu jiġi żviluppat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati ewlenin kollha jiġifieri l-industrija farmaċewtika, li għandha topera jew tmexxi l-proġett, kif ukoll l-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-persuni b'diżabilità u l-professjonisti fil-kura medika, biex b'hekk jinqadew il-bżonnijiet kollha.

1.9. Il-KESE jemmen li huwa importanti li s-soluzzjonijiet ikunu bbażati fuq l-utent sabiex jiġi żgurat li l-persuni li għandhom livell ta' edukazzjoni iktar baxx jew li ma jużawx l-Internet spiss ikollhom aċċess għall-informazzjoni wkoll.

1.10. Minkejja li l-aċċess elettroniku għall-informazzjoni huwa importanti, jeħtieġ nenasizzaw li t-tobba (b'mod partikolari t-tobba ġenerali) u professjonisti oħra fil-kura medika bħall-ispizjari u l-infermiera, huma l-ewwel li jiġu f'kuntatt mal-pazjenti u l-ewwel li jagħtu pariri dwar il-problemi u t-trattament possibbli.

1.11. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tappoġġja t-talba għall-proġett IMI2 dwar informazzjoni elektronika tal-prodotti. L-Istati Membri huma mistiedna jissieħbu f'din l-inizjattiva u jikkoordinaw il-bażi tad-data eżistenti.

2. Introduzzjoni

2.1. Fl-2012, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat pjan ta' azzjoni li elenka l-ostakoli għall-użu sħiħ tas-soluzzjonijiet diġitali fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Ewropa u li issa qed jiġi implimentat taħt it-titolu "Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020 – Kura tas-saħħa innovattiva għas-seklu 21" ⁽¹⁾.

2.2. Il-Kummissjoni Ewropea indikat li l-għan huwa li ttejjeb il-kura tas-saħħa għall-benefiċċju tal-pazjenti sabiex tagħtihom iktar kontroll tat-trattament tagħhom u tnaqqas l-ispejjeż. Filwaqt li l-pazjenti, iċ-ċittadini u l-professjonisti fil-kura medika qed jużaw applikazzjonijiet telemediċinali b'entużjażmu kbir u miljuni ta' Ewropej saħansitra niżżlu applikazzjonijiet tal-smartphones sabiex isegwu saħħithom u l-benesseri tagħhom, il-kura tas-saħħa diġitali għadha trid tirrealizza l-potenzjal kbir tagħha li ttejjeb is-sistemi tal-kura u tnaqqas l-ispejjeż bl-effikaċja. Il-KESE jinnota f'dan ir-rigward il-bżonn li jitqiesu kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-data.

2.3. Id-WHO tiddefinixxi s-saħħa elettronika, li tinkludi t-telemediċina u s-saħħa mobbli (mHealth) hekk: is-saħħa elettronika hija t-trasferiment tar-riżorsi tas-saħħa u tal-kura tas-saħħa lejn mezzi elettroniċi. Hija tkopri tliet oqsma prinċipali:

- id-distribuzzjoni ta' informazzjoni relatata mas-saħħa għall-professjonisti fil-kura medika u l-konsumaturi permezz tal-Internet u t-telekomunikazzjoni;
- l-użu tas-saħħa tal-IT u l-kummerċ elettroniku sabiex jittejjeb s-sistemi tas-saħħa pubblika, pereżempju permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-persunal mediku;
- l-użu tal-prattiki tal-kummerċ u n-negozju elettroniċi fil-ġestjoni tas-sistemi tas-saħħa.

2.4. Il-Kummissjoni Ewropea ħarġet Green Paper dwar is-saħħa mobbli ⁽²⁾. Is-saħħa mobbli hija parti mis-saħħa elettronika u tkopri Prattiki mediċi u pubbliċi appoġġjati mill-apparat mobbli. Din tinkludi, b'mod partikolari, l-użu ta' apparat ta' komunikazzjoni mobbli għas-servizzi tas-saħħa, tal-kura tas-saħħa u tal-informazzjoni kif ukoll applikazzjonijiet tas-saħħa mobbli.

⁽¹⁾ COM(2012) 736 final.

⁽²⁾ COM(2014) 219 final, <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52014DC0219&from=EN>

- 2.5. L-għadd dejjem jikber ta' informazzjoni elettronika u applikazzjonijiet tas-saħħa qed jintużaw minn numru dejjem iżjed ta' nies ta' kull età.
- 2.6. Madankollu, il-kwalità ta' dawn is-sorsi ta' informazzjoni tvarja ħafna u l-magni tat-tiftix normalment ma jagħmlux distinzjoni bejn sorsi affidabbli, sorsi uffiċjali u sorsi inqas affidabbli.
- 2.7. Għall-professjonisti fil-kura medika teżisti firxa sħiħa ta' sistemi ta' informazzjoni ċertifikati. Dawn il-professjonisti, b'mod partikolari t-tobba ġenerali u l-ispiżjara, jaqdu rwol ewlieni fis-sistemi tas-saħħa u jekk irridu li jkunu infurmati u li jkunu jistgħu jaqdu l-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa tal-popolazzjoni tal-UE, informazzjoni ta' kwalità għolja hija essenzjali.
- 2.8. Il-KESE huwa tal-fehma li l-pazjenti kollha għandhom bżonn aċċess ugwali faċli għal informazzjoni affidabbli, sabiex ikunu jistgħu jmessu u jipparteċipaw aħjar fil-kura tas-saħħa tagħhom, li jwassalhom ukoll biex isegwu aħjar il-kura li qed jirċievu. Id-dettalji dwar il-ħtiġijiet ta' taħriġ u l-inklużjoni tal-gruppi kollha (inklużi l-anzjani u l-persuni b'diżabilità) diġà ġew stabbiliti f'opinjonijiet preċedenti ⁽³⁾.
- 2.9. Iż-żieda fl-ammont ta' xogħol li jrid iwettaq il-persunal fil-kura medika u d-diversi opportunitajiet li għandhom iċ-ċittadini sabiex jinvolvu ruħhom bħala pazjenti jew membri tal-pubbliku f'organizzazzjonijiet, bħall-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni u l-kumitati tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-kumitati tal-etika, jirrikjedu tixtrid estensiv tal-għarfien.
- 2.10. L-Akkademja Ewropea tal-Pazjenti dwar l-Innovazzjoni Terapewtika (EUPATI) tagħti lill-pazjent il-possibbiltà li jitgħallm dwar kwistjonijiet ta' saħħa. Dan il-konsorzju huwa finanzjat mill-Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi, sħubija pubblika-privata bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Federazzjoni Ewropea tal-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi (EFPIA).
- 2.11. Il-EUPATI huwa konsorzju ta' 29 organizzazzjoni ppreseduti mill-Forum Ewropew tal-Pazjenti. Huwa jiġbor flimkien grupp uniku ta' assoċjazzjonijiet tal-pazjenti, akkademiċi u organizzazzjonijiet volontarji mill-Ewropa kollha li huma esperti f'għoti ta' għajnuna li tiffoka fuq il-pazjent u fl-impenn pubbliku u kumpaniji membri tal-EFPIA. Il-EUPATI jiffamiljarizza lill-pazjent mas-sistema tas-saħħa u jinforma lill-gruppi ta' pazjenti li diffiċli jintlaħqu billi jxerred l-għarfien dwar l-iżvilupp ta' trattamenti ġodda. Bl-għajnuna tal-EUPATI jistgħu jiġu organizzati taħriġ jew programmi edukattivi korrispondenti sabiex l-informazzjoni dwar il-mediċina tinftiehem aħjar.
- 2.12. L-informazzjoni dwar il-mediċina fxi Stati Membri diġà hija disponibbli elettronikament. L-iktar bażi tad-data żviluppata, FASS ⁽⁴⁾ immexxija mill-Assoċjazzjoni Svediża LIF iżda jeżistu eżempji oħra pereżempju fil-Ġermanja, ir-Renju Unit, il-Finlandja u d-Danimarka. Dawn il-bażijiet tad-data ħafna drabi mhumiex aċċessibbli għal min hu nieqes mis-smiġh u l-anqas ma jinkludu l-firxa sħiħa tal-mediċini.
- 2.13. Barra minn hekk uħud minnhom ma jiġux aġġornati regolament.
- 2.14. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-prodotti fis-suq tal-mediċina awtorizzaw l-introduzzjoni ta' kodiċi (kodiċi QR) fil-fuljetti tal-pakkett li jirreferu għal informazzjoni li tinsab ukoll fis-sit tal-kumpanija kkonċernata. Ħafna drabi l-aċċess ħafif l-anqas mhu żgurat.
- 2.15. Dawn l-inizjattivi juru l-ħtieġa ta' approċċ aktar armonizzat sabiex jiġi żgurat li l-gruppi soċjali kollha jkollhom aċċess għall-informazzjoni permezz ta' dawn it-teknoloġiji l-ġodda.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Infrastruttura

- 3.1.1. Il-KESE jemmen li l-industrija tal-farmaċewtika hija responsabbli minn informazzjoni preċiża u aġġornata dwar il-prodotti tagħha. Kwalunkwe soluzzjoni teknoloġika għandha sseħħ f'kooperazzjoni mill-qrib mal-industrija sabiex jintużaw ukoll soluzzjonijiet tekniċi li jeżistu u li jiġu mmonitorjati mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-prodotti mediċinali.

⁽³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Is-soċjetà diġitali: aċċess, edukazzjoni, taħriġ, impjeg, għodod għall-ugwaljanza" (ĠU C 451, 16.12.2014, p. 25).

⁽⁴⁾ <http://www.fass.se/LIF/startpage?userType=2>

3.1.2. Il-KESE jenfasizza li l-mod ta' kif tiġi preżentata l-informazzjoni uffiċjali u l-aċċess għaliha għandhom jiġu stabbiliti bejn il-partijiet interssati (l-awtoritajiet tal-approvazzjoni, l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, il-persunal fil-kura medika).

3.1.3. Jista' jinħoloq u jiġi finanzjat konsorzju li jkun responsabbli mill-iżvilupp tal-bażi tad-data jew il-portal fil-qafas tal-IMI.

3.1.4. Huwa u jiġi stabbilit il-portal propost għandhom jiġu kunsidrati l-bażi tad-data eżistenti (bħall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini).

3.2. **Bżonnijiet oħra fil-qasam tar-riċerka**

3.2.1. *Riċerka u żvilupp teknoloġiku*

- Jeżistu mudelli ta' bażi tad-data nazzjonali. Barra minn hekk, ġie żviluppat ukoll prototip addizzjonali bil-għan li joffri l-possibbiltà ta' bażi tad-data faċli u aċċessibbli bl-għażla ta' reġistrazzjonijiet tas-smiġh u anki filmati. Hemm bżonn ta' soluzzjoni teknika u aċċessibbli mingħajr ħlas li tuża r-riżorsi eżistenti bl-iktar mod effiċjenti.
- Din is-soluzzjoni teknika għandha tqis ukoll li ċ-ċittadini/l-pazjenti ma jridux joqgħodu jużaw ħafna applikazzjonijiet ta' scanning fuq l-smartphones tagħhom. Għalhekk, il-bażi tad-data/il-portal għandhom ikunu aċċessibbli wkoll permezz ta' teknoloġiji ta' scanning konvenzjonali.
- Hemm bżonn ukoll ta' soluzzjonijiet f'format miftuħ sabiex jintlaqgħu aħjar. L-informazzjoni għandha tkun tista' tintalab u tintwera mill-apparat kollu (PC, tablet, smartphones, eċċ.).
- Għandhom jitqabblu s-soluzzjonijiet tekniċi bejniethom inkluż dawk tas-sistemi tas-saħħa (pereżempju l-inizjattivi tal-Istati Membri li jilħqu n-nies mit-telewiżjoni jew mill-magni tal-flus, jew l-inizjattivi li tipproponi l-Kummissjoni Ewropea ⁽⁵⁾).
- Fl-Italja l-ispiżjara obbligati bil-liġi li jstampaw il-fuljetti aġġornati li tkun poġġiet l-industrija tal-farmaċewtika fil-bażi tad-data. L-istampar fl-ispiżjeriji li jsir jew minn spiżjara jew mill-pazjenti (f'magni li jixbhu lil dawk tal-ġbid tal-flus) hija għażla li tista' tkun soluzzjoni oħra u tinkludi lil dawk li ma jużawx l-Internet.

3.2.2. *Test tal-kontenut u l-preżentazzjoni*

Jeħtieġ li tiġi evalwata l-aċċettazzjoni pubblika tad-diversi soluzzjonijiet u s-soluzzjonijiet tekniċi għandhom jiġu soġġetti għal testijiet tal-użu sabiex tiġi verifikata l-funzjonalità tagħhom.

- Ir-riċerka għandha tinkludi mistoqsijiet strutturali dwar il-kontroll meħtieġ tas-soluzzjoni teknika sabiex tissaħħaħ l-aċċettazzjoni.
- L-awtoritajiet tal-approvazzjoni kif jikkontrollaw il-kontenut?
- Il-kontenut għandu jiġi ppreżentat b'mod li jirrispondi għall-bżonnijiet individwali tal-pazjenti/taċ-ċittadini filwaqt li joffri l-informazzjoni kollha li jitolbu d-dokumenti ta' awtorizzazzjoni u li titlob il-liġi.
- Sabiex l-atturi kollha jirċievu l-feedback li jeħtieġu malajr, tista' tiġi integrata l-possibbiltà li l-utent jevalwa l-informazzjoni (u kemm hija leġġibbli). Jistgħu jintużaw ukoll komponenti tal-media soċjali għall-preżentazzjoni, id-distribuzzjoni u l-iskambju.

(⁵) <http://www.mobilehealthglobal.com/in-the-news/interviews/46/interview-with-peteris-zilgalvis>

3.2.3. L-edukazzjoni u t-taħriġ

L-użu tal-Internet iwarja ħafna bejn il-gruppi soċjali differenti. Ħafna jużaw in-netwerks soċjali, iżda mhux il-pjattaformi ta' informazzjoni. Grupp żgħir (madwar 10 % skont l-Uffiċċju Federali tal-Istatistika tal-Ġermanja) qatt ma juża l-Internet. Għandha ssir riċerka dwar dan:

- Kif nistgħu nħeġġu t-tagħlim attiv sabiex nisfruttaw is-sorsi disponibbli ta' informazzjoni dwar it-tema tas-saħħa (b'mod partikolari l-informazzjoni diġitali)?
- Il-kapaċità li nitgħallmu kif nitgħallmu (it-tagħlim tul il-ħajja) hija waħda mit-8 kompetenzi ewlenin tar-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 ⁽⁶⁾ li tistieden lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri fil-livell nazzjonali. L-Aġenda Ewropea għat-tagħlim tal-adulti tipproponi miżuri fil-livell tal-Istati Membri favur it-tagħlim attiv fost l-adulti. Il-litteriżmu fil-qasam tas-saħħa diġitali jista' jiġi integrat fil-kriterji tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Kompetenzi tal-Adulti.
- Xi rwol jistgħu jaqdu l-istituzzjonijiet differenti tat-taħriġ (universitajiet, ċentri tal-edukazzjoni għall-adulti, eċċ.) u tas-saħħa għat-tisħiħ ta' kompetenzi differenti bħal pereżempju, ħidma b'teknoloġiji differenti, impenn u l-għoti ta' kura fuq livell volontarju u l-prestazzjoni ta' għarfien soċjali u tekniku?
- Il-persunal fil-kura medika għandu jsegwi taħriġ adatt matul l-edukazzjoni xjentifika li jirċievi. Iċ-ċentri ta' taħriġ għall-adulti jistgħu jiżviluppaw korsijiet attraenti adattati speċifikament għall-utenti tas-sistema. Sabiex jilhqqu l-gruppi fil-mira, jistgħu joħolqu azzjoni konġunta mal-persunal fil-kura medika (b'mod partikolari t-tobba) kif ukoll l-ispjżeriji u ċ-ċentri lokali tas-saħħa u l-għajnuna soċjali. Dan huwa importanti b'mod speċjali f'żoni rurali fejn in-nies huma iżolati. It-tagħlim interġenerazzjonali b'mod partikolari jista' jikkontribwixxi għall-iskambju tal-għarfien dwar il-kontenut u l-ħiliet tekniċi.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽⁶⁾ ĠU. L 394, 30.12.2006, p. 10.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-Għajnuna mill-Istat lill-impriżi: hija effettiva u effiċjenti?”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/05)

Relatur: is-Sur Edgardo Maria IOZIA

Nhar id-19 ta' Frar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar:

“Għajnuna mill-Istat lill-impriżi: hija effettiva u effiċjenti?”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-14 ta' Lulju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-16 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'198 vot favur, 3 voti kontra u 9 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) iqis li l-valutazzjoni tal-impatt tal-għajnuna mill-Istat hija għodda ewlenija għall-kontroll tal-konsistenza bejn ir-riżultati u l-għanijiet proposti biex ir-riżorsi jiġu allokati b'mod aktar effettiv u effiċjenti u biex tittejjeb it-trasparenza u l-validità tal-proċessi ta' ġestjoni.

1.2. Bosta Stati Membri diġà żviluppaw sistemi ta' valutazzjoni kumplessi u strutturati; proċess li qed jimxi id fid mal-interess dejjem jikber tad-dinja akkademika, li ppermetta li jsir titjib fit-tekniki tal-valutazzjoni u tiżdied il-preċiżjoni tal-istrumenti ta' kejl disponibbli għall-awtoritajiet tal-għoti.

1.3. Il-Kummissjoni Ewropea waqqfet Forum ta' livell għoli mal-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-Istat lill-impriżi, u li tikkonsultah ukoll rigward il-valutazzjoni.

1.4. F'Diċembru li għadda, fid-diskors tagħha fil-Forum ta' livell għoli, il-Kummissarju Ewropew għall-Kompetizzjoni, Margarethe Vestager qalet li: “Hemm żewġ elementi ewlenin fil-programm SAM, li huma ta' importanza partikolari: **it-trasparenza**, li tippermetti liċ-ċittadini jkunu jafu fejn imorru l-flus tagħhom, u **l-valutazzjoni**, li turi jekk intefqux b'mod tajjeb”. Il-KESE jaqbel ħafna ma' dan il-messaġġ.

1.5. Il-KESE jilqa' bi pjaċir id-dibattitu dwar il-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-politika ta' għajnuna lill-impriżi u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli bl-approċċ li issa ilha tieħu għal xi snin.

1.6. Għandu jiġi nnutat, madankollu, li bosta skemi tal-għajnuna llum mhumiex soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt, ħlief għal valutazzjonijiet stipulati mir-Regolamenti Ewropej. F'bosta każi, ir-regolamenti jipprevedu biss konferma li operazzjonijiet individwali jaderixxu formalment mar-rekwiżiti legali – ma jippermettux għaldaqstant verifika komprensiva u fit-tul tal-effettività u l-effiċjenza tal-investimenti kollha magħmula għas-sostenn tal-impriżi. Il-KESE jappella għall-ġeneralizzazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt u l-possibbiltà li jitnaqqas il-limitu ta' EUR 150 miljun li r-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija jidentifika attwalment bħala limitu sinifikanti tal-baġit medju annwali tal-iskemi ta' għajnuna biex ikunu soġġetti għall-obbligu tal-preżentazzjoni ta' pjan ta' valutazzjoni *ex ante*, li kieku jeskludi ħafna Stati Membri, b'mod partikolari meta l-għajnuna inkwistjoni tkun ukoll relattivament kbira għad-daqs tal-Istat.

1.7. Il-KESE jenfasizza kif il-qafas leġislattiv ġenerali dwar l-ghajjnuna mill-Istat gradwalment qed jittrasforma r-rwol tal-Kummissjoni, li jbiegħha minn kultura sempliċement amministrattiva li xi darba kienet dominanti, lejn forma ġdida ta' kooperazzjoni mal-Istati Membri sabiex tottimizza r-riżultati miksuba mill-ghajjnuniet mill-Istat billi tiffoka fuq l-effettività u l-effiċjenza tagħhom. L-adozzjoni ta' "modernizzazzjoni" kienet pass importanti 'l quddiem.

1.8. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strumenti adatti għall-valutazzjoni, imwettqa minn korpi indipendenti. Il-KESE iqis li, fid-definizzjoni tal-mudell ta' valutazzjoni, tinħtieġ il-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali mingħajr ma jkun issagrifikat l-għarfien espert konsiderevoli miksub mill-persunal tal-amministrazzjoni pubblika (PA), li għandu jkollha rwol fid-definizzjoni tal-proċessi ta' valutazzjoni u fl-abbozzar tar-rapport finali, u b'hekk tinxtered il-kultura tal-valutazzjoni fi ħdan l-organizzazzjonijiet konċernati, li b'mod progressiv ittejjeb l-investigazzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi lejn l-armonizzazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni fl-Istati Membri. Il-kumparabbiltà tal-kriterji ta' valutazzjoni tippermetti analiżi komprensiva tal-effettività u l-effiċjenza tal-ghajjnuna mill-Istat.

1.9. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għar-realtajiet reġionali involuti fis-sistema ta' ghajjnuniet mill-Istat fil-livell reġjonali. Id-deċiżjoni ta' min ifaħħarha tal-Kummissjoni li teżenta min-notifika minn qabel, aktar minn 80 % tal-ghajjnuniet globali mill-Istat⁽¹⁾, minn naħa tippermetti l-ħruġ immedjat tal-fondi, u min-naħa l-oħra żżid b'mod sinifikanti r-responsabbiltajiet u l-ispejjeż għall-awtoritajiet lokali u b'hekk l-infiq pubbliku, u se tkun meħtieġa attenzjoni kbira mill-Istati Membri biex jipprovdu riżorsi adatti biex iniedu korsijiet ta' taħriġ immirati u biex jibdeu il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki fost l-awtoritajiet lokali. Għandha tiġi żviluppata kultura ta' sħubijiet fil-livelli kollha.

1.10. Il-KESE jqis li s-sistema l-ġdida li tagħti lill-Istati Membri r-responsabbiltà tal-valutazzjoni *ex ante*, tinvolvi ż-żieda globali fl-ispejjeż għall-awtorità pubblika u n-negozji, u dan jitlob programmazzjoni bir-reqqa u li tista' telimina formalitajiet mhux neċessarji u tissemplifika l-proċeduri. Jinnota wkoll li l-perjodu ta' sitt xhur għall-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tal-pjani ta' valutazzjoni ta' sistemi kumplessi ħafna jista' jkun ristrett wisq u l-kostruzzjoni ta' mudell kontrafattwali għall-Istati ż-żgħar tista' tippreżenta diffikultajiet kbar.

1.11. Il-Kumitat jirrakkomanda l-adozzjoni rapida tal-komunikazzjoni dwar il-kunċett ta' ghajjnuna mill-Istat, b'mod partikolari biex tgħin lill-awtoritajiet lokali, li għalihom l-eżenzjoni minn notifika minn qabel poġġiet piż doppju biex jidentifikaw dik li hija ghajjnuna mill-Istat u biex jimplementawha b'mod konsistenti mas-suq. Pereżempju, fil-każ tal-finanzjament pubbliku għall-kultura u l-konservazzjoni tal-wirt, l-inċertezza legali persistenti dwar liema finanzjament jikkostitwixxi ghajjnuna mill-Istat twassal biex l-awtoritajiet jikkunsidraw kwalunkwe appoġġ bħala soġġett għar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat u għall-obbligi amministrattivi u proċedurali kollha li jsegwu. Din l-inċertezza legali tikkaratterizza l-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura kollha, b'mod partikolari b'segwitu għall-ġurisprudenza dwar il-każ tal-ajruport ta' Leipzig. Hemm b'żonn ta' definizzjoni ċara tal-miżuri ta' appoġġ pubbliku għall-impriżi li ma jikkostitwixxux ghajjnuna mill-Istat u dawk li jikkostitwixxu ghajjnuna skont it-tifsira tad-definizzjoni tal-Artikolu 107 (1) tat-TFUE.

1.12. Filwaqt li japprezza l-isforzi li saru, il-KESE jqis li huwa vitali li l-kultura ta' valutazzjoni testendi għal-livelli kollha governattivi, Statali u reġjonali – għaldaqstant, minbarra l-konfini tal-każijiet imsemmija hawn fuq – u għal dan il-għan jitlob impenji ġodda mill-Kummissjoni u l-Istati Membri.

1.13. L-analiżi mwettqa tindika li l-awtoritajiet pubbliċi huma neqsin mid-data dwar l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-ghajjnuniet mill-Istat lill-impriżi. Mhux possibbli li titwettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-effiċjenza ta' din l-ghajjnuna mingħajr ma jiġi kkunsidrat kemm jintefaq mill-amministrazzjoni pubblika, flimkien mal-kejl tal-ghajjnuna nnifisha, fir-rigward tar-riżultati miksuba. It-trasparenza ta' din is-sistema titlob il-pubblikazzjoni ta' din id-data. Mid-data disponibbli l-ispejjeż amministrattivi ġenerali jammontaw għal madwar 5 %, li magħhom għandha tiżdied l-ispiża ta' "konformità", stmata għal 5 % oħra, flimkien ma' spejjeż addizzjonali ta' valutazzjoni li skont stima tal-Kummissjoni jiswew f'it inqas minn 1 %. Ammont ta' riżorsi, x'aktarx kkalkulat awtomatikament, li jidher oġġettivament eċċessiv.

⁽¹⁾ Diskors fil-Forum ta' livell għoli tal-Istati Membri minn Margrethe Vestager, Kummissarju għall-Kompetizzjoni, 18.12.2014.

1.14. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex tevita li toħloq piżijiet mhux mistennija u oħrajn fuq l-impriżi u biex tiżgura li s-sistema ta' valutazzjoni kollha ssir aktar effiċjenti u effettiva.

1.15. Huwa importanti ħafna li l-valutazzjoni tqis ukoll l-effiċjenza tal-ispejjeż amministrattivi u dawk li jirriżultaw minn mudelli ta' valutazzjoni.

1.16. It-tqabbil ta' mudelli differenti, il-flessibilità fir-rigward tal-kobor, it-tip u l-indikaturi, is-semplifikazzjoni tal-valutazzjoni *ex ante*, u l-armonizzazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni *ex post*.

1.17. Il-KESE jappella għal perspettiva integrata tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni f'ċirkustanzi differenti li jaffettwaw il-politika ekonomika: il-Fondi Strutturali, l-ġhajjnuna mill-Istat, il-ftehimiet ta' sħubija kummerċjali, biex jiġi żgurat programm unifikat ta' politika ekonomika Ewropea, ibbażat fuq l-iżvilupp u t-tkabbir.

1.18. Il-KESE jirrakkomanda l-użu ta' kriterji simili għal dawk li jinsabu fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 240/2014 ⁽²⁾ tal-Kummissjoni tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, li jipprevedu l-obbligu ta' konsultazzjoni mal-partijiet kollha potenzjalment interessati, sabiex jitfassal regolament speċifiku ddedikat għall-valutazzjoni tal-effettività u l-effiċjenza tal-ġhajjnuna mill-Istat.

1.19. It-trasparenza tal-valutazzjonijiet magħmula għandha tiġi żgurata bl-akbar pubbliċità possibbli, kif diġà jsir f'xi Stati Membri għal dak li jikkonċerna l-impriżi u l-ammont ta' ġhajjnuna mogħtija.

1.20. Il-KESE jirrakkomanda li l-pjani ta' valutazzjoni jipprevedu:

- il-kisba tal-għan ta' politika;
- l-impatt fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ;
- l-effettività/effiċjenza tal-istrument;
- il-verifika tal-kundizzjonijiet *ex ante*, biex jitkomplew l-iskema jew skemi simili fuq il-livell mikro (ġhajjnuna speċifika);
- l-effett ta' inċentiv.

1.21. Il-KESE jitlob li jkun involut fil-proċess tal-valutazzjoni tal-effettività u l-effiċjenza tas-sistema ġenerali ta' ġhajjnuna Statali fit-tmiem tal-perjodu 2014/2020.

2. Introduzzjoni

2.1. Ġhajjnuna lill-impriżi tista' tfixkel il-kompetizzjoni u tifframmenta s-suq intern, filwaqt li tmur kontra n-natura u l-ispirtu tat-trattati, jekk ma tkunx stabbilita fi ħdan qafas regolatorju ċar, diretta lejn attivitajiet produttivi u impiżi li jinvestu b'mod partikolari fl-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, maħsuba biex iġġib benefiċċji ekonomiċi u soċjali u limitata u kkontrollata.

2.2. Min-naħa l-oħra, is-sitwazzjoni diffiċli ekonomika li ppersistiet għal bosta snin, li ġabet kriżijiet nazzjonali serji li inevitabbilmnt jaffettwaw lill-impriżi, il-ħaddiema u ċ-ċittadini, teħtieġ approċċ relattivament flessibbli, kif implimentat mill-kompetituri ewlenin tal-UE fis-swieq internazzjonali (li mhumiex soġġetti għal qafas regolatorju tal-ġhajjnuna mill-Istat). Il-kompetittività tal-impriżi Ewropej għandha tkun parametru importanti ta' referenza. Il-qgħad fl-Ewropa huwa emerġenza reali. L-investimenti naqsu bi 15 % sa mill-quċċata tagħhom fl-2007 u 25 miljun ċittadin għadhom mingħajr impjieġ, ħames miljuni fosthom huma żgħażaġh. Il-maġġoranza huma nisa ⁽³⁾.

⁽²⁾ ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1.

⁽³⁾ <http://ec.europa.eu/eurostat/tgm/refreshTableAction.do?tab=table&plugin=1&pcode=teilm020&language=en>

2.3. Riċerka interessanti tal-Parlament Ewropew ⁽⁴⁾ enfazzat id-differenzi konsiderevoli bejn l-iskemi attwali fis-seħħ fl-UE u fl-Istati Uniti tal-Amerika. "Il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE għandha regoli stretti, filwaqt li l-leġislazzjoni tal-Istati Uniti m'għandhiex dispożizzjonijiet f'dan il-qasam." Fin-negozjati attwali bejn l-UE u l-Istati Uniti, fuq it-talba tal-Kummissarju ta' dak iż-żmien Joaquín Almunia, ġiet inkluża proposta tal-UE għar-regolamentazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, li bħalissa qed tiġi nneozjata fil-kuntest tas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) ⁽⁵⁾.

2.4. Il-proposta tidher dgħajfa u essenzjalment mhix sinifikanti ⁽⁶⁾. L-Ewropa se jkompli jkollha l-aktar leġiżlazzjoni restrittiva fid-dinja. Filwaqt li fuq naħa waħda dan jgħin sabiex jiġi komplut is-suq uniku, dan jippenalizza wkoll l-impriżi tagħna. Impriża Ewropea li timmanifattura fl-Istati Uniti hija eliġibbli biex tirċievi għajnuna mill-Istat li hija inammissibbli fl-UE, u dan se jsir aktar faċli bl-adozzjoni tal-ftehim. Il-KESE joħroġ twissija serja lill-Kummissjoni biex ma tagħtix preferenza lill-impriżi tal-Istati Uniti fil-ftehim tal-kummerċ ħieles.

2.5. L-esperjenza s'issa uriet li hemm bżonn għal revizzjoni bir-reqqa tal-programm Ewropew għall-għajnuna mill-Istat.

2.6. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja tas-snin reċenti wasslet biex, fil-livelli kollha tal-gvern, issir revizzjoni radikali tal-kriterji tal-infiq użati biex jiddeterminaw il-politika tal-investiment pubbliku u l-politika tal-għajnuna lill-impriżi. Speċifikament, il-ħtieġa li jinstab mod aħjar ta' razzjonalizzazzjoni tal-appoġġ (bl-għoti tal-għajnuna biss fejn hemm valur miżjud xieraq) li jtejjeb il-kwalità tal-għajnuna u – simultanjament – jippermetti monitoraġġ adatt tal-effettività u l-effiċjenza ta' din l-għajnuna saret prijorità, fid-dawl tal-iskarsezza u r-riżorsi limitati disponibbli.

2.7. Fil-fehma tal-KESE, jidher xieraq li jinstab x'effett kellhom il-politiki tal-għajnuna lill-impriżi adottati, jekk l-istrumenti għall-appoġġ identifikati humiex adattati, u jekk l-ispejjeż amministrattivi u tal-ġestjoni humiex proporzjonati għar-riżultati miksuba. Dan kollu fl-għarfien li dak li ma jistax jitkejjel ma jistax jiġi identifikat jew imtejjeb. Il-miżuri adottati s'issa taw bidu għal dan l-approċċ.

2.8. Il-valutazzjoni tista' tidher bħala suġġett tekniku ta' interess biss għal grupp żgħir ta' rikerkaturi akkademiċi, filwaqt li tiġi eżerċitata minn komunità ikbar ta' professjonisti minn ditti ta' konsulenza għal awditjar jew valutazzjonijiet ta' proġetti u ta' programmi. Madankollu, filwaqt li l-valutazzjoni ħadet prominenza fl-aġenda tal-Kummissjoni Ewropea għal regolamentazzjoni intelliġenti, din saret suġġett ewlieni tal-politika regolatorja, u qajmet kwistjonijiet importanti istituzzjonali u ta' governanza lil hinn mill-qasam tal-programmi ta' nfiq ⁽⁷⁾.

2.9. Mill-2008, id-Direttorat Ġenerali (DG) għall-Politika Reġjonali u Urbana żviluppa programmi ta' valutazzjoni kontrofattwali biex jappoġġjaw valutazzjonijiet eżistenti (*ex ante* u *ex post*) li jsiru fil-qafas tal-programmazzjoni tal-fondi strutturali.

2.10. Barra minn hekk, minn Mejju 2012, bħala parti mill-programm ta' riforma tal-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat (*State Aid Modernization*, SAM), id-DG Kompetizzjoni introduċa valutazzjoni tal-impatt li tinvolvi tekniki tal-analiżi kontrofattwali għal xi skemi tal-għajnuna ⁽⁸⁾. B'mod partikolari, skont ir-"Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali" ġdid, il-valutazzjoni ta' skemi tal-għajnuna kbar (b'baġit ta' aktar minn EUR 150 miljun) hija obbligatorja f'setturi speċifiċi bħall-politika tal-iżvilupp reġjonali, l-għajnuna għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-appoġġ għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, l-għajnuna għall-ambjent u għall-enerġija, u l-appoġġ għal infrastruttura tal-broadband. Diġà ġew sottomessi xi pjani nazzjonali (erbgħa), u qed jiġu kkunsidrati oħrajn fil-qasam tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-innovazzjoni u tal-broadband (madwar għaxra).

⁽⁴⁾ [http://www.europarl.europa.eu/RegData/bibliotheque/briefing/2014/140779/LDM_BRI\(2013\)130424_REV1_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/bibliotheque/briefing/2014/140779/LDM_BRI(2013)130424_REV1_EN.pdf)

⁽⁵⁾ http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2015/january/tradoc_153019.6%20Competition%20SoE%20Subsidies%20merged.pdf

⁽⁶⁾ http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2015/january/tradoc_153031.pdf

⁽⁷⁾ http://www.lexion.de/pdf/ejrr/ejrr_2015_01-005.pdf

⁽⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014, li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

2.11. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri reċentement interweniet fil-każ tas-sistemi ta' valutazzjoni tar-riżultati użati minn EuropeAid, u qieset li mhumiex adatti ⁽⁹⁾. Is-sistemi ta' valutazzjoni użati fl-attivitajiet kollha tal-Kummissjoni bħalissa qed jiġu riveduti.

2.12. Jinħtieġu aktar koerenza bejn il-metodoloġiji tal-valutazzjoni tar-riżultati tal-użu tal-fondi strutturali u tal-għajnuna mill-Istat, kif ukoll revizzjoni bir-reqqa tal-politiki tal-infiq kollha tal-Unjoni.

2.13. L-approċċ kontrofattwali għall-valutazzjoni tal-effetti tal-politiki pubbliċi jitlob li ssir verifika tal-kapaċità ta' politika biex twettaq il-bidla meħtieġa fl-imġiba jew il-kundizzjonijiet ta' popolazzjoni jew benefiċjarju destinatari partikolari, jiġifieri li jiġi stabbilit il-punt safejn l-appoġġ – aktar milli fatturi oħra – ikun ikkontribwixxa biex jintlaħaq ċertu riżultat. Dan xi kultant jissejjaħ l-effett tal-inċentiv.

2.14. L-għan tal-proċess tal-valutazzjoni huwa li jidentifika l-impatt kawżali tal-politika adottata, filwaqt li jqis biss l-effett dirett ta' dik il-politika, jiġifieri, jelimina kwalunkwe distorsjoni possibbli minħabba kundizzjonijiet ġenerali makroekonomiċi jew in-natura diversa tal-impriżi.

2.15. L-impatt kawżali huwa d-differenza bejn ir-riżultat varjabbli li jidher wara l-implimentazzjoni tal-politika (is-sitwazzjoni fattwali) u dak li seta' ġara li kieku din il-politika partikolari ma tkunx ġiet adottata (sitwazzjoni kontrofattwali).

2.16. Din l-analiżi twieġeb għal talbiet li huma intiżi li juru l-firxa u s-sinjali tal-effetti netti tal-appoġġ: jekk l-appoġġ jipproduċix effetti pożittivi jew negattivi, u sa liema punt; jekk it-tibdil osservat hux ġenwinament attribwibbli għall-politika implimentata; jekk ir-riżultati jvarjawx bejn il-benefiċjarji differenti (impriżi kbar jew żgħar), bejn reġjuni jew matul iż-żmien; u jekk l-ispejjeż tal-ġestjoni u l-amministrazzjoni humiex proporzjonali u sostenibbli.

2.17. Għalkemm dan is-suġġett ġie indirizzat b'mod estensiv fil-letteratura ekonomika, partikolarment fid-deċennji reċenti, hemm biss ftit każijiet fejn l-awtoritajiet pubbliċi fi Stati Ewropej għamlu użu kontinwu u mifrux tal-valutazzjonijiet tal-impatt biex jimmonitorjaw u jtejbu l-politiki tagħhom tal-għajnuna lin-negozji.

2.18. L-aktar każijiet interessanti li wieħed jinnota jinkludu sforzi li saru mir-Renju Unit (li mill-2001 regolarment evalwa programmi tal-għajnuna reġjonali bl-użu ta' tekniki ta' valutazzjoni kważi esperimentali), in-Netherlands, (li fl-2012 stabbilixxiet Grupp ta' Ħidma ta' Esperti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt), u bl-istess mod il-Finlandja (Aġenzija tal-Finlandja għall-Innovazzjoni, TEKES) u s-Slovenja (li mill-2001 approvat l-Att dwar il-Monitoraġġ tal-Għajnuna mill-Istat⁽⁹⁾).

2.19. B'din l-opinjoni, il-KESE jixtieq jikkontribwixxi għall-analiżi mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Istati Membri fir-rigward tal-effettività u l-effiċjenza tal-miżuri tal-għajnuna għall-impriżi u l-ħtieġa tal-estensjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt.

3. Għalfejn issi il-valutazzjoni: tagħlim mil-letteratura

3.1. Fuq il-bażi ta' evidenza empirika mill-analiżi kontrofattwali, din l-opinjoni għandha l-għan li turi l-importanza tal-valutazzjoni, li m'għandhiex tibqa' titqies bħala eżerċizzju akkademiku, iżda bħala Prattika essenzjali u istituzzjonali inkluża fiċ-ċiklu tal-politika: implimentazzjoni, monitoraġġ, valutazzjoni, tfassil mill-ġdid.

3.2. Għal din ir-raġuni ġew eżaminati numru ta' studji mwettqa fi Stati Ewropej differenti u saret enfasi fuq it-tagħlim fundamentali li joħroġ minnhom: jiġifieri l-implikazzjonijiet tal-politika f'termini tal-impatt fuq it-tkabbir tal-investiment, il-produttività, l-impjieg, l-innovazzjoni u l-ispiża tal-iskema. Dawn l-indikaturi jipprovdu l-fehim dwar l-effetti fuq it-tkabbir u jenfazzjaw il-ħtieġa għal għajnuna mmirata u ta' kwalità għolja.

3.3. Għalkemm il-letteratura għandha tendenza li tenfasizza l-eżistenza ta' korrelazzjoni pożittiva bejn l-appoġġ pubbliku għall-impriżi u t-tkabbir tal-output (investiment, impjieg, prodotti ġodda), għandu jiġi osservat li l-effett ta' inċentiv tal-għajnuna ma jistax jittieħed dejjem bħala ovvjw. Tabilħaqq, hemm diversi fatturi oħra li jinfluwenzaw is-suċċess ta' politika, bħax-xejra ekonomika ġenerali, il-funzjonament tas-swieq, it-tassazzjoni ġenerali.

⁽⁹⁾ http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/INSR14_18/INSR14_18_MT.pdf

3.4. Fi studju li janalizza l-impatt tal-Liġi 488 fl-Italja, Martini u Bondonio (2012) juru li fuq medja l-impriżi li rċevew għajnuna diretta naqqsu l-investimenti privati. F'dan il-każ l-appoġġ dirett mill-Istat lill-impriżi jidher li rriżulta fi tnaqqis fl-infiq privat fl-investment, biex b'hekk naqqas il-ħtieġa għal riżorsi privati. L-għajnuna mill-Istat għandha tiżdied mal-investment u mhux tissostitwixxih.

3.5. Il-letteratura tenfasizza wkoll xi tħassib kritiku rigward l-impatt tal-għajnuna fuq il-produttività. Fi studju ta' valutazzjoni fuq l-impriżi Brittaniċi li rċevew għajnuna bħala parti mill-programm "Regional Selective Assistance (RSA)", Criscuolo (2012) jispjega kif it-tkabbir fil-produttività ma kienx statistikament sinifikanti⁽¹⁰⁾.

3.6. Dawn il-konklużjonijiet jidheru li huma konsistenti ma' evidenza empirika oħra li turi li l-għajnuna diretta spiss ikollha impatt pożittiv fuq il-volumi ta' produzzjoni mingħajr ma jkollha effetti fuq il-produttività. Fi kliem ieħor, l-impriżi li jirċievu l-għajnuna jikbru mingħajr ma jsiru aktar effiċjenti. Dan iżid ir-riskju li fis-suq jinżammu impriżi mhux kompetittivi.

3.7. Il-mudelli statistiċi u ekonometriċi li jistgħu jidentifikaw l-impatt tal-konċessjonijiet b'approċċ kontrofattwali, jagħmluha possibbli wkoll li jintwerew l-effetti netti li miżuri speċifiċi tal-għajnuna jkollhom fuq l-impjeg, li jippermettu wkoll li titkejje l-ispiża għal kull unità tax-xogħol "li tinħoloq".

3.8. Ta' spiss, hemm diskrepanza bejn in-numru ta' unitajiet tax-xogħol ġodda li huma attribwibbli direttament għall-għajnuna u l-istatistika rreġistrata fil-monitoraġġ *ex post*. Fi studju dwar il-miżuri ta' għajnuna lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju fil-Polonja, Trzciński (2011) juri li mill-25 000 impjeg ġdid "maħluqa" mill-intervent, 10 550 biss huma fil-fatt attribwibbli għall-politika implimentata⁽¹¹⁾. Bondonio u Martini (2012) ukoll waslu għall-istess konklużjoni: mid-89 000 impjeg ġdid irreġistrat fil-monitoraġġ *ex post* tal-Liġi 488, effettivament inħolqu 12 500 biss, bi spiża ta' EUR 232 000 għal kull unità tax-xogħol⁽¹²⁾. Għandu jitqies l-impatt tal-għajnuna mill-Istat f'termini ta' postijiet tax-xogħol eżistenti, jiġifieri biex tissalvagwardja l-ekonomija lokali, regionali jew nazzjonali.

3.9. L-interventi ta' appoġġ lill-impriżi jipproduċu effetti differenti skont l-ammont ta' appoġġ mogħti, id-daqs tal-impriża, iż-żona ġeografika fejn tinsab u t-tip tal-għajnuna mwiegħda. L-evidenza empirika minn analiżi tal-valutazzjoni għandha tkun għad-dispożizzjoni tal-uffiċjali pubbliċi fit-teħid ta' deċiżjonijiet, biex jiggwidaw l-għażliet tagħhom u biex jgħinuhom jifhem liema tip ta' appoġġ huwa l-aktar adatt u f'liema kuntest. Kif diġà ntweru biċ-ċar s'issa, huwa importanti li jiġu fformulati miżuri ta' għajnuna mmirata, sabiex tiżdied l-effiċjenza u l-effettività tal-politiki.

4. Kummenti

4.1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tkompli bil-ħidma tagħha ta' sensibilizzazzjoni dwar il-prinċipji u l-metodi l-aktar komuni fil-qasam tal-valutazzjoni tal-impatt. B'mod partikolari, il-KESE jemmen li fl-Istati Membri varji u flimkien ma' universitajiet, istituzzjonijiet ta' riċerka, imsieħba soċjali u partijiet interessati oħrajn, għandhom jiġu organizzati seminars dwar tekniki ta' valutazzjoni u metodoloġiji disponibbli. Fid-dawl ta' dawn l-esperjenzi, il-Kummissjoni tkun tista' tifhem b'mod aktar faċli l-ostakli fl-applikazzjoni tar-regolamenti, u tintervjeni malajr f'dan ir-rigward.

4.2. Minkejja li l-isforzi tal-Kummissjoni huma ta' min ifaħħarhom, huwa importanti li aktar skemi ta' għajnuna jkunu soġġetti għal valutazzjoni, partikolarment meta jkunu involuti ammonti kbar ta' għajnuna. Huwa wkoll essenzjali li jitħeġġeġ dibattitu strutturat li jkun mfassal bil-għan li jikkomplementa l-metodi ta' valutazzjoni kontrofattwali bi strumenti tal-kejl ġodda li jagħmluha possibbli li jitqiesu wkoll l-effetti ta' forom oħra ta' appoġġ lill-impriżi (appoġġ finanzjarju, għajnuna indiretta, politika industrijali *per se*).

4.3. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata metodoloġija adatta pluralista fir-rigward ta' kriterji u parametri ta' valutazzjoni. Il-Kummissjoni tiddikjara⁽¹³⁾: "li l-appoġġ pubbliku jstimula l-innovazzjoni, it-teknoloġiji ekoloġiċi, l-iżvilupp tal-kapital uman, jevita l-ħsara ambjentali u, fl-aħħar mill-aħħar, jipromwovi t-tkabbir, ix-xogħol u l-kompetittività tal-UE." Elementi li kollha kemm huma jikkontribwixxu għall-valutazzjoni tal-impatt tal-għajnuna mill-Istat, lil hinn minn sempliċi valutazzjoni tal-infiq. Il-Parlament Ewropew jitlob l-inklużjoni tagħha fid-definizzjoni tal-metodi ta' valutazzjoni, kif ukoll il-liġi Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat, peress li din tinfluwenza b'mod qawwi l-għażliet ta' politika ekonomika tal-Istati Membri. Il-KESE jenfasizza wkoll il-benefiċċji għar-riċerka meta jkollha aċċess liberu għal valutazzjoni tad-data, sabiex tittejjeb il-metodoloġija.

⁽¹⁰⁾ Criscuolo, C., Martin, R., Overman H. u Van Reenen, J. (2012), *The causal effects of an industrial policy* [L-effetti kawżali ta' politika industrijali] CEPR Discussion Papers 8818.

⁽¹¹⁾ Trzciński, R. (2011), *Towards Innovative Economy – Effects of Grants to Enterprises in Poland*, [Lejn Ekonomija Innovattiva – L-Effetti ta' Għotjiet lill-Impriżi fil-Polonja] ed. Jacek Pokorski.

⁽¹²⁾ Martini, A., Bondonio D. (2012), *Counterfactual impact evaluation of cohesion policy: impact and cost effectiveness of investment subsidies in Italy*, [Valutazzjoni tal-impatt kontrofattwali tal-politika ta' koeżjoni: impatt u kosteffettività tas-sussidji tal-investment fl-Italja] Rapport għad-DG Regio, il-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹³⁾ COM(2012) 209 final.

4.4. Huwa ttamat li l-Kummissjoni, flimkien ma' uffiċċji tal-istatistika nazzjonali u Ewropej, tiddiskuti l-possibbiltà tal-ħolqien ta' bażi tad-data affidabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat lill-impriżi skont qafas metodoloġiku uniku. Din l-azzjoni minn naħa waħda tiggarrantixxi aktar trasparenza fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u min-naħa l-oħra tinkoraġġixxi wkoll l-attivitajiet tar-riċerka u tal-kejl kemm mill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll mir-riċerkaturi involuti.

4.5. L-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka jista' jkollhom rwol deċiżiv fis-sensibilizzazzjoni dwar il-kultura ta' valutazzjoni u fit-tixrid ta' strumenti ġodda u aktar avvanzati tal-kejl tal-politika pubblika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea tista' tqabbad istituzzjonijiet tar-riċerka indipendenti biex twettaq studji ta' każijiet bl-għan li tevalwa l-effettività tal-ghajjnuna f'ċerti setturi bħar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, l-ghajjnuna lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju, l-ghajjnuna lis-settur tal-enerġija u l-ghajjnuna fl-infrastruttura.

4.6. Minħabba li l-valutazzjonijiet previsti fir-regolamenti l-ġodda tal-Komunità ma jikkunsidrawx l-effetti li l-politika tal-appoġġ lill-impriżi jkollha fuq l-ekonomija Ewropea b'mod ġenerali, ikun opportun li l-Kummissjoni tnedi studju pilota dwar dan is-suġġett fl-aħħar tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali (2014-2020). Il-ħidma għandha tinvestiga l-fatturi ewlenin li jiddeterminaw l-infiq għall-ghajjnuna, tiddefinixxi r-relazzjoni bejn l-ghajjnuna lill-impriżi u l-potenzjal ekonomiku tal-awtorità tal-ġhoti, u tiġbor fehim dwar ir-rabta eżistenti bejn il-politika ta' koeżjoni u l-politika ta' kompetizzjoni.

4.7. Din l-opinjoni hija l-ewwel pass fil-ħidma tal-KESE dwar il-kejl tal-impatt tal-ghajjnuna mill-Istat lill-impriżi, kif ukoll rispons u appoġġ għall-attività tal-Kummissjoni f'dan il-qasam. Madankollu, il-KESE jikkunsidra li huwa essenzjali li d-dibattitu jiġi estiż u approfondit: u se jkompli jsegwi bir-reqqa x-xogħol tal-Kummissjoni f'dan il-qasam u jippromwovi kultura ta' valutazzjoni tal-effettività u l-effiċjenza kull fejn possibbli.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-ekonomija għall-ġid komuni: mudell ekonomiku sostenibbli mmirat lejn il-koeżjoni soċjali”

(opinjoni fuq inzjattiva proprja)

(2016/C 013/06)

Relatur: is-Sur Carlos TRÍAS PINTÓ

Korelatur: is-Sur Stefano PALMIERI

Nhar id-19 ta' Frar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inzjattiva proprja dwar

“L-ekonomija għall-ġid komuni: mudell ekonomiku sostenibbli mmirat lejn il-koeżjoni soċjali

(opinjoni fuq inzjattiva proprja).”

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-10 ta' Lulju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-17 ta' Settembru 2015), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'144 vot favur, 13-il vot kontra u 11-il astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jaħseb li l-mudell tal-Ekonomija għall-Ġid Komuni (EĠK) ⁽¹⁾ huwa maħsub li jiġi inkluż kemm fil-qafas legali Ewropew kif ukoll dak nazzjonali sabiex isiru passi lejn Suq Uniku Ewropew permezz ta' ekonomija iżjed etika bbażata fuq il-valuri Ewropej u l-kisbiet ta' politika ta' responsabbiltà soċjali, barra milli jiġu stabbiliti sinerġiji li jsaħħuhom.

1.2. L-Ekonomija għall-Ġid Komuni hija approċċ olistiku li l-kunċetti tagħha huma qrib tal-valuri fundamentali tal-Ekonomija Soċjali, l-Ekonomija Ċirkolari, l-Ekonomija Kollaborattiva, l-Ekonomija ta' Funzjonalità, l-Ekonomija bbażata fuq ir-Riżorsi u l-Ekonomija Blu.

1.3. L-Ekonomija għall-Ġid Komuni hija appoġġjata minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, in-negozji u l-akkademja u hija meqjusa bħala mudell possibbli li jsaħħaħ il-valuri Ewropej, il-koeżjoni soċjali u jippromovi sistema ekonomika responsabbli. Fil-fatt, l-EĠK hija appoġġjata minn aktar minn mitt grupp lokali, kważi 2 000 kumpanija ⁽²⁾ u organizzazzjoni soċjali.

1.4. Allinjata mal-qafas tal-Ewropa 2020, hija tipproponi li ssir tranżizzjoni lejn “Suq Ewropew Etiku” li jrawwem l-innovazzjoni soċjali, jaġhti spinta lir-rata ta' impjegi u jibbenefika l-ambjent. Is-“Suq Ewropew Etiku” jista' jinbena permezz tal-implimentazzjoni ta' diversi strateġiji:

1.4.1. L-indikaturi għall-kejl tal-benesseri u l-iżvilupp soċjali lil hinn mill-PDG ⁽³⁾, bħall-Prodott ta' Ġid Komuni u l-Karta tal-Bilanċ tal-Ġid Komuni.

1.4.2. It-tfassil ta' politika bil-għan li jirrikonoxxu kumpaniji b'kontribuzzjonijiet ogħla għall-ġid komuni, bħalma huma l-akkwist pubbliku etiku u l-promozzjoni ta' kummerċ intern etiku.

1.4.3. Il-promozzjoni tal-kummerċ estern etiku taħt “Ditta Ewropa”. B'dan il-mod, l-Ewropa se twitti t-triq biex tiġi rikonoxxuta bħala suq etiku u l-kumpaniji Ewropej ser imexxu s-suq globali etiku u se jikkontribwixxu għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, l-istandards tax-xogħol u l-protezzjoni tal-ambjent madwar id-dinja.

⁽¹⁾ Ara l-paġna web tal-ekonomija għall-ġid komuni.

⁽²⁾ Xi wħud minnhom huma inkwadri fi swieq kompetittivi ħafna.

⁽³⁾ Biex jitqies il-PDG u indikaturi komplementari oħra.

- 1.4.4. It-tħeġġiġ ta' kull tip ta' imprenditur li jibda organizzazzjoni mmirat li tikkontribwixxi għall-ġid komuni.
- 1.4.5. It-trawwim ta' konsum etiku u s-sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi Ewropej.
- 1.4.6. Tiżdied id-diversità tal-ekosistema finanzjarja billi jiġu promossi netwerks ta' banek u boroż etiċi madwar l-UE.
- 1.5. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas ta' strateġija mġedda dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, li tagħmel qabża ta' kwalità sabiex jiġu ppremjati (f'termini ta' akkwist pubbliku, l-aċċess għas-swieq esterni, benefiċċji fiskali, eċċ.) dawk l-intrapriżi li jistgħu juru prestazzjoni etika għolja.

2. Daħla

2.1. L-ekonomija u, konsegwentement, il-politika ekonomika, għandhom rwol kruċjali fis-soċjetà tal-lum, li fuqha jiddependi s-suċċess jew il-falliment ta' politiki bażiċi oħra għall-benesseri taċ-ċittadini – l-edukazzjoni, is-saħħa, is-servizzi soċjali, il-kultura, l-ambjent, it-teknoloġija u l-innovazzjoni. Dawn kollha jiddependu fil-biċċa l-kbira tagħhom fuq is-sitwazzjoni ekonomika li taffettwa l-livelli lokali u reġjonali differenti.

2.2. Il-kriżi, li qed tkompli jkollha impatt negattiv fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri u l-kwalità tal-ħajja tal-poplu Ewropew, wriet ir-reżiljenza fqira tas-sistema ekonomika u soċjali tal-UE.

2.3. Min-naħa l-oħra, skont il-Global Poll 2014 tal-Konfederazzjoni Internazzjonali tat-Trade Unions (ITUC)⁽⁴⁾, m'hemmx pajjiż wieħed fejn il-biċċa l-kbira tan-nies jemmnu li s-sistema ekonomika hija ġusta. Erbgħa minn kull ħames persuni (78 %) jemmnu li s-sistema ekonomika tiffavorixxi s-sinjuri. Bl-istess mod, 88 % tal-Ġermaniżi u 90 % tal-Awstrijaċi jridu "ordni ekonomika ġdida" (stħarriġ tal-Fondazzjoni Bertelsmann⁽⁵⁾) u l-istess bla dubju japplika għall-pajjiżi li sofrew l-aktar mill-kriżi ekonomika bħall-Greċja, il-Portugall, l-Irlanda, Spanja u l-Italja.

2.4. Fid-dawl tal-progress li sar mill-kummissjoni fir-rigward tal-innovazzjoni soċjali u l-Opinjoni tal-KESE SC/39 dwar l-Evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-Ewropa 2020, ir-rapport dwar ir-Reviżjoni ta' Nofs it-Term tal-Istrateġija Ewropa 2020, u l-inizjattiva tal-Kumitat ta' Tmexxija Ewropa 2020 "Let's Talk Happiness – beyond GDP", huwa evidenti li jekk irridu li b'mod effettiv nappoġġaw il-kompetittività ekonomika u l-koeżjoni soċjali, dan jirrikjedi bidla fil-paradigma sabiex il-miri ekonomiċi, ambjentali u soċjali jkunu tassew interdipendenti, u jintlaħaq ekwilibriju ikbar bejn l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-iżvilupp, bis-saħħa ta' approċċ olistiku.

2.5. L-Ekonomija għall-Ġid Komuni (EĠK) toffri mudell adatt appoġġat mis-soċjetà Ewropea. L-għanijiet u l-valuri tagħha jmorru lil hinn mill-proposti konvenzjonali tar-responsabbiltà soċjali, u l-viżjoni olistika tagħha tagħti l-kapaċità biex tlaqqa' flimkien l-atturi l-iżjed diversi tas-soċjetà.

2.6. Ferba' snin biss, l-Ekonomija għall-Ġid Komuni nbidlet f'moviment soċjali appoġġat minn iktar minn mitt grupp lokali, qrib ta' 2 000 kumpanija u organizzazzjoni soċjali u għadd dejjem jikber ta' universitajiet f'pajjiżi bħall-Awstrija, il-Ġermanja, l-Isvizzera, l-Italja u Spanja. Barra minn hekk, ir-reġjun tan-Nofinshar tat-Tirol fl-Italja u diversi gvernijiet lokali f'diversi pajjiżi Ewropej adottaw il-mudell ta' Ekonomija għall-ġid komuni għat-territorji tagħhom.

3. L-Ekonomija għall-ġid komuni: għan, valuri, strateġija u indikaturi

3.1. L-għan ta' soċjetà għandu jkun il-benesseri ta' kull wieħed mill-membri tagħha, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali.

⁽⁴⁾ ITUC Global Poll 2014.

⁽⁵⁾ Bertelsmann Foundation "Bürger wollen kein Wachstum um jeden Preis" ("It-tkabbir bi kwalunkwe prezz mhix dak li jixtieq il-pubbliku").

3.2. Fkonformità mal-linji gwida stabbiliti fl-Artikolu 3(1) (2) u (3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ⁽⁶⁾ il-proposta ewlenija tal-mudell ta' ekonomija għall-ġid komuni hija li **l-ekonomija trid isservi n-nies**; fi kliem ieħor, il-ġid komuni. Il-punt tat-tluq biex jintlaħaq dan l-għan irid ikun li l-flus u l-kapital huma strumenti importanti ta' skambju u ta' investiment – iżda qatt m'huma għanjiet fihom infushom.

3.3. Il-mudell ekonomiku fejn l-għan ikun il-ġid komuni għandu jissejjes fuq valuri li kulħadd jagħraf bħala universali: id-dinjità umana, is-solidarjetà, is-sostenibbiltà ekoloġika, il-ġustizzja soċjali, it-trasparenza u l-parteċipazzjoni demokratika.

3.4. L-għarfien tal-ġid komuni bħala l-għan ċentrali tal-ekonomija jirrikjedi metodu speċifiku għall-kejl tas-suċċess ekonomiku skont l-għan aħħari u mhux il-mezzi: il-Prodott ta' Ġid Komuni, il-Karta tal-Bilanċ tal-Ġid Komuni u l-Valutazzjoni tal-Affidabbiltà Kreditizja tal-Ġid Komuni li, rispettivament, jikkomplementaw il-PDG, il-karta tal-bilanċ u l-affidabbiltà kreditizja finanzjarja.

3.5. L-Ekonomija għall-ġid komuni hija mudell olistiku li jfittex li jintegra l-ekonomija fil-kuntest soċjali, kulturali u ekoloġiku tas-soċjetà Ewropea. Kif jidher fit-tabella meħmuża, il-mudell tal-Ekonomija għall-ġid komuni jirrifletti l-valuri fundamentali ta' diversi proposti ekonomiċi:

EKONOMIJA GĦALL-ĠID KOMUNI VALURI/ MUDELLI	Dinjità umana	Solidarjetà Kooperazzjoni	Sostenibbiltà ekoloġika	Ġustizzja soċjali	Demokrazija
L-Ekonomija Soċjali	X	X	X	X	X
L-Ekonomija Ċirkolari			X		
L-Ekonomija Kollaborattiva		X			X
L-Ekonomija ta' Funzjonalità		X	X		
L-Ekonomija Bbażata Fuq ir-Riżorsi			X	X	
L-Ekonomija Blu			X		

Sors: oriġinali.

3.6. L-Ekonomija għall-ġid komuni hija mudell ekonomiku li jista' jagħti kontribut siewi għall-Istrateġija Ewropa 2020, b'mod partikolari billi:

- tiżdied ir-rata tal-impjegi u tittejjeb il-kwalità tal-impjegi eżistenti (valuri ta' "dinjità umana" u "ġustizzja soċjali");
- it-trawwim tal-innovazzjoni soċjali fis-soċjetà ċivili u l-isferi kummerċjali u politiċi (valuri ta' "parteċipazzjoni u demokrazija");
- tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂, il-promozzjoni ta' enerġiji rinnovabbli, titjib fl-effiċjenza tal-enerġija u t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija (il-valur ta' "sostenibbiltà ekoloġika");
- tnaqqis tal-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (valuri ta' "solidarjetà" u "ġustizzja soċjali").

⁽⁶⁾ ĠU C 83, 30.3.2010.

3.6.1. L-Ekonomija għall-Ġid Komuni hija proċess ta' "innovazzjoni soċjali" u intraprenditorija pożittiva utli għall-promozzjoni u l-appoġġ ta' ideat ġodda li simultanjament isolvu l-ħtiġijiet soċjali, joħolqu relazzjonijiet soċjali ġodda u jsaħħu l-ħolqien ta' valur ekonomiku. F'dan il-kuntest, "Innovazzjoni" tirriferi għall-kapaċità li jinħolqu u jiġu implimentati ideat li juru l-kapaċità li jiġi prodott il-valur; "Soċjali" tirriferi għal kwistjonijiet ta' kwalità tal-ħajja, solidarjetà, kuntentizza u benessere.

3.7. L-EGK hija għodda biex tinbena sistema soċjali u ekonomika b'saħħitha li tista' tagħti lis-soċjetà ċivili Ewropea "il-protezzjoni u l-iżvilupp", li tikkontribwixxi biex jinstabu soluzzjonijiet u, fejn possibbli, tevita l-kriżijiet u li barra minn hekk tikkontribwixxi għall-bidla ekonomika u soċjali. L-EGK huwa l-mod kif ir-reżiljenza titqiegħed fiċ-ċentru tal-proċessi għall-appoġġ tat-tranżizzjoni mill-kriżi għall-irkupru u l-iżvilupp.

3.7.1. Ir-reżiljenza hija fattur li jaffettwa l-ħila tas-soċjetà ċivili biex tirreaġixxi għal taqlib soċjali kbir u biex jiġu indirizzati problemi fit-tul u tensjonijiet mhux mistennija. Jeżistu mezzi ta' tħejjija tas-soċjetà ċivili biex jiġu evitati u affrontati l-kriżijiet, iżda dawn jeħtieġu ġestjoni aktar effettiva u kooperazzjoni aktar mill-qrib fil-livelli kollha li jirrappreżentaw l-interessi soċjali, ekonomiċi u istituzzjonali.

3.8. Iż-żieda tal-kapaċità tal-imsieħba ekonomiċi u soċjali biex jassorbu, jimmaniġġaw u jevitaw l-effetti ta' kriżijiet u tibdil strutturali hija element ewlieni għas-soċjetà ċivili meta wieħed jiġi biex jappoġġa l-kisba ta' standards ta' għajxien li huma xierqa għall-ħtiġijiet tan-nies. Dan jappoġġa wkoll il-kompetittività ekonomika tal-UE għal koeżjoni soċjali u sostenibbiltà, bil-għan li ma jiġux limitati l-opportunitajiet għal ġenerazzjonijiet futuri.

3.9. Biex dawn l-ideat jitwettqu fil-prattika, il-mudell EKĠ huwa bbażat fuq il-parteċipazzjoni diretta tan-nies kemm fis-sfera tan-negozju kif ukoll dik politika. Għodod bħar-rapport dwar il-ġid komuni, il-karta tal-bilanċ, u b'mod partikolari, l-Indiċi Muniċipali tal-Ġid Komuni, huma bbażati fuq il-parteċipazzjoni attiva tal-gruppi kollha tal-partijiet interessati.

4. Tranżizzjoni lejn il-bini ta' Suq Etiku Ewropew

4.1. Bħala riżultat tal-effetti dannużi li nhasu matul il-kriżi ekonomika u finanzjarja reċenti, in-nies fl-Ewropa huma inqas toleranti għal kwistjonijiet bħat-telf ta' dħul, tnaqqis fil-proviżjoni u s-servizzi soċjali, dannu ambjentali, inċertezzi fl-impjieg u t-tnaqqis fl-impportanza tad-drittijiet soċjali tagħhom flimkien mad-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi u utenti.

4.2. Fl-istess waqt, il-politiki ta' responsabbiltà soċjali korporattiva, ta' natura volontarja u mhux ambizzjużi biżżejjed, li mhux qed jippreżentaw biżżejjed informazzjoni rilevanti, jeħtieġu nifs ġdid, fid-dawl tal-fatt li d-differenzi fil-pagi qed jikbru f'ħafna mill-kumpaniji l-kbar, in-nies huma minoranza fil-proċessi tat-teħid tad-deċizzjonijiet u l-impenn lejn l-iżvilupp tal-karriera ta' ħaddiema żgħażaġh qed jonqos.

4.3. L-intraprendituri u l-SMEs huma, min-naħa tagħhom, mhedda minn kompetizzjoni żleali u Prattiki mhux etiċi, li jfisser li s-sopravivenza ta' ħafna impriżi bħal dawn hija f'riskju. In-nies b'mod ġenerali qed isejħu għal ekonomija bbażata fuq il-valuri li huma, fit-teorija, minquxa fil-kostituzzjonijiet nazzjonali.

4.4. Il-klima ta' distakkament soċjali hija riflessa fit-telf ta' fiduċja pubblika fl-istituzzjonijiet u dawk li jirrappreżentawhom. Jekk trid tirbaħ lura din il-kunfidenza neċessarja u ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali u territorjali, l-Unjoni Ewropea ser ikollha tfassal mill-ġdid il-politiki tagħha u tħejji strateġija ġdida skont it-talbiet u l-valuri tan-nies.

4.5. F'dan is-sens, l-Opinioni tal-KESE dwar l-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir 2014 issejjaħ biex it-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi soċjali tiġi inkluża b'mod proattiv fis-Semestru Ewropew b'mod indaqs mal-indikaturi makroekonomiċi u baġitarji. Barra minnhekk, l-oġettivi, il-metodi u l-istrumenti tas-Semestru Ewropew għandhom ikompli jinkludu t-tranżizzjoni ekoloġika tal-proċessi industrijali eżistenti f'kull settur u tal-ekonomija kollha kemm hi, sabiex jiġi żgurat irkupru ekonomiku abbażi ta' mudell ta' żvilupp aktar sostenibbli.

4.6. Għalhekk il-mudell EĠK jipproponi bidla għal “Suq Etiku Ewropew” li fih il-politiki ekonomiċi u kummerċjali huma allinjati mal-kultura u l-valuri li n-nies jidentifikaw bħala universali. Permezz ta’ din l-istrategġija, l-ekonomija Ewropea u l-kumpaniji Ewropej għandhom jerġgħu iqajmu l-immaġni tal-marka internazzjonali tagħhom bħala organizzazzjonijiet eżemplari f’termini ta’ protezzjoni u promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-kwalità u t-tifsira tax-xogħol, u l-ħarsien tal-ambjent.

4.7. Għalhekk jiġu rikonnoxxuti l-organizzazzjonijiet li jikkummerċjalizzaw prodotti u servizzi skont kriterji etiċi u li jikkontribwixxu għall-ġid komuni. B’mod aktar speċifiku, il-prodotti u s-servizzi li ma jggarantixxux minimu etiku tul il-katina tal-valur x’aktarx joħorġu barra miż-żona ta’ profittabbiltà.

4.8. Fil-qosor, il-mudell EĠK mudell huwa ugwali għall-proposti ta’ responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR) f’dak li għandu x’jaqşam ma’ valuri, iżda jmur lil hinn f’termini ta’ għanijiet u metodi. Is-CSR fl-Ewropa prinċipalment kienet ibbażata fuq il-prinċipju ta’ “jaġhtu lura lis-soċjetà parti mill-profit miksub minnha” qabel ma bdiet tiffoka fuq l-għan ta’ “jimmassimizzaw il-ħolqien ta’ valur komuni għas-sidien/azzjonisti u għall-partijiet interessati l-oħra tagħhom u s-soċjetà inġenerali”⁽⁷⁾. Din hija r-raġuni għaliex, sfortunatament, għadd sinifikanti ta’ kumpaniji naqsu s-CSR għal xejn iktar minn azzjonijiet filantropiċi jew azzjonijiet simboliċi ta’ relazzjonijiet pubbliċi.

5. Sstrateġiji futuri għall-bini ta’ Suq Etiku Ewropew

5.1. Diversi strateġiji huma proposti għall-bini ta’ Suq Etiku Ewropew. Il-pjan direzzjonali ser jibda bil-kejl tal-kontribuzzjoni tal-kumpaniji għall-ġid komuni u l-konverġenza lejn rappurtar mhux finanzjarju Ewropew. Imbagħad, is-soċjetà ċivili Ewropea tkun infurmata dwar il-prestazzjoni tal-kumpaniji permezz tal-iżvilupp ta’ tikkettar etiku. It-tfassil tal-politika se jirrikonoxxi dawk il-kumpaniji b’kontribuzzjoni oġġla għall-ġid komuni permezz ta’ akkwist pubbliku etiku u politiki mmirati lejn il-bini ta’ suq intern u internazzjonali etiku. Fl-aħħar nett, l-intraprenditorija, il-konsum u l-politiki bankarji ser ikunu wkoll allinjati mal-prinċipji tal-ġid komuni. Dan kollu se jseħħ billi jiġu evitati piżijiet amministrattivi eċċessivi u jintużaw mekkaniżmi tas-suq.

5.2. **Il-kejl tal-kontribuzzjoni tal-kumpaniji għall-ġid komuni permezz tat-tlestija ta’ Karta tal-Bilanċ tal-Ġid Komuni.** Il-Karta tal-Bilanċ tal-Ġid Komuni tkejjel il-parti mhux finanzjarja tas-suċċess ta’ kumpanija: is-suċċess etiku u l-kontribuzzjoni tagħha lejn il-ġid komuni. Il-verżjoni attwali tal-Karta tal-Bilanċ tal-Ġid Komuni tkejjel il-valuri kostituzzjonali l-iżjed importanti: id-dinjità, is-solidarjetà, is-sostenibbiltà, il-ġustizzja u l-parteċipazzjoni demokratika: “prestazzjoni etika” f’dak li jirrigward il-gruppi ta’ kuntatt kollha.

5.3. Sabiex jimxi lil hinn minn CSR konvenzjonali, il-moviment EĠK jipproponi li l-karta tal-bilanċ għandha tilħaq tliet “metakriterji”: għanda tkun 1. Universali, 2. Titkejjel f’punti newtrali, 3. Komparabbli bejn il-kumpaniji, 4. Tinftehem għall-azzjonisti, 5. Pubblika, 6. Verifikata esternament, 7. Mandatorja, 8. Legalment vinkolanti: iktar ma jkun tajjeb ir-riżultat, inqas ikun hemm taxxi, tariffi doganali, interessi eċċ. ikun konformi mas-slogan “*bl-etika għas-suċċess*”.

5.4. Bħala parti mill-moviment EĠK, aktar minn 200 SME wettqu l-Karta tal-Bilanċ tal-Ġid Komuni sal-aħħar stadju: evalwazzjoni minn pari jew verifika esterna. It-tranżizzjoni lejn sistema obbligatorja tal-karta tal-bilanċ tista’ tkun waħda gradwali. Reċentement l-UE ħadet l-ewwel pass bid-direttiva tagħha dwar ir-rappurtar mhux finanzjarju. It-tieni pass jista’ jkun li d-direttiva tinkludi biss standards li jikkonformaw mal-metakriterji kollha msemmija hawn fuq u li jgħibu magħhom vantaġġi legali skont ir-riżultat. L-istandards li jfdal jistgħu sussegwentement jiġu kkombinati f’wieħed, jiġifieri l-parti mhux finanzjarja tal-karta tal-bilanċ obbligatorja tal-kumpanija. Il-karta tal-bilanċ “universali” (finanzjarja u mhux finanzjarja) għandha ssir passaport għad-dħul fis-Suq Etiku Ewropew futur.

5.5. **Tikkettar etiku.** L-EĠK jargumenta li informazzjoni dwar imġiba etika għandha tiġi pprovduta dwar il-prodotti kollha mibjugħa fuq is-suq komuni Ewropew permezz ta’ tikkettar etiku komuni li jstabbilixxi l-kontribut tal-kumpanija għall-ġid komuni. L-ittikkettjar jista’ viżwalment jikklassifika r-riżultat tal-Karta tal-Bilanċ tal-Ġid Komuni, pereżempju, f’ħames kuluri differenti. Permezz tal-kodiċi QR, il-konsumaturi jistgħu jaraw il-karta tal-bilanċ fid-dettall.

⁽⁷⁾ COM(2011) 681 final.

5.6. **Akkwist pubbliku etiku.** Il-prijorità fil-proċedura ta' akkwist pubbliku għandha tingħata lil organizzazzjonijiet li jistgħu juru l-akbar kontribut għall-ġid komuni fil-Karta tal-Bilanċ tal-Ġid Komuni tagħhom. L-akkwist pubbliku fl-Ewropa jista' jservi bħala xprun għall-implimentazzjoni tas-"Suq Etiku Ewropew" billi jiġu adottati kriterji marbuta mal-kontribut għall-ġid komuni u l-kwalità tal-impronta ekoloġika u soċjali stabbiliti fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁸⁾ u l-implimentazzjoni tal-klawsola soċjali korrispondenti.

5.7. **Kummerċ Intern Etiku.** Il-kummerċ ħieles intern għandu jitħeġġeġ f'dawk l-organizzazzjonijiet li jistgħu juru l-akbar kontribut għall-ġid komuni fil-Karta tal-Bilanċ tal-Ġid Komuni tagħhom. L-ewwel nett, għandhom jiġu faċilitati s-suq ħieles u l-moviment ta' prodotti u servizzi għal dawk li jistgħu juru konformità ma' standards etiċi minimi taħt is-"Suq Etiku Ewropew". It-tieni, għandhom jiġu faċilitati l-importazzjoni ta' prodotti, l-investment u l-forniment ta' servizzi minn kumpaniji fpajjizi li mhumiex fl-UE li jistgħu juru wkoll li huma konformi mal-istandards etiċi minimi taħt is-"Suq Etiku Ewropew". B'dan il-mod, politiki dwar it-tariffi fuq l-importazzjoni u dawk fiskali relatati mal-kummerċ intern u l-importazzjonijiet għandhom jiġu rregolati skont l-imġiba etika murija minn kumpaniji.

5.8. **Kummerċ Internazzjonali Etiku.** L-imġiba etika u l-kontribut għall-ġid komuni għandhom ikunu l-aspett rikonoxxibbli tal-ekonomija Ewropea – fi kliem ieħor, "Marka Ewropa". Il-kumpaniji Ewropej, bħala ambaxxaturi għas-soċjetà, il-kultura u l-valuri Ewropej, għandhom jiżguraw li dawn jaġixxu b'mod etiku u juru dan permezz tal-karta tal-bilanċ. Il-politiki tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġi mħeġġeġ il-kummerċ estern (programmi ta' għajnuna għall-kummerċ estern, standards etiċi għar-regoli tal-kummerċ, eċċ.) għandhom għalhekk fl-ewwel lok jappoġġjaw lil dawk il-kumpaniji li juru l-akbar kontribut għall-ġid komuni.

5.9. **Intraprendituri għall-ġid komuni.** It-trawwim tal-intraprenditorija huwa kruċjali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ekonomika tal-Unjoni Ewropea. Bl-istess mod, l-innovazzjoni soċjali trid tkun immirata fiha nnifisha lejn il-provvista ta' prodotti u servizzi li jikkontribwixxu għall-ġid komuni tas-soċjetà. Għal din ir-raġuni, il-politiki li jippromwovu l-intraprenditorija fis-"Suq Etiku Ewropew" għandhom irawmu negozji ġodda u taħriġ għall-intraprendituri abbażi tal-valuri tad-dinjità umana, is-solidarjetà, is-sostenibbiltà ekoloġika, il-ġustizzja soċjali u l-parteċipazzjoni demokratika. Ċentri tal-ġid komuni jistgħu jiġu stabbiliti fil-bliet kollha (ta' Ġid Komuni), u joħlqu intrapriżi li jew jipprattikaw il-karta tal-bilanċ mill-bidu jew inizjalment jiġu stabbiliti bħala "impriżi għall-ġid komuni".

5.10. **Il-konsumaturi u t-trawwim ta' konsum etiku.** Is-suċċess tas-"Suq Etiku Ewropew" se jiddependi fuq id-domanda f'isem il-konsumaturi Ewropej għal prodotti u servizzi li jikkontribwixxu għall-ġid komuni. Iridu jiġu mfassla u promossi strateġiji u programmi li għandhom l-għan li jixprunaw il-konsum etiku. Dawn il-programmi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar in-natura tas-"Suq Etiku Ewropew" permezz tal-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u kampanji pubbliċitarji. L-"att doppju" tal-karta tal-bilanċ tal-ġid komuni u t-tikkettar għandu jipprovdi l-għodod ideali biex jintlaħaq dan l-għan.

5.11. **Il-Banek Etiċi u l-estensjoni tal-Ftehimiet ta' Basel, inklużi l-kriterji ta' kwalità etika fir-regolamentazzjoni bankarja.** Wara l-kriżi finanzjarja tal-2008 u l-avvenimenti avversi bankarji u finanzjarji, il-pubbliku Ewropew progressivament tilef il-fiduċja mhux biss fis-sistema bankarja tiegħu, iżda wkoll fir-regolaturi nazzjonali u Ewropej. Din is-sitwazzjoni toħloq riskju kbir għall-istabbiltà ekonomika taż-żona tal-euro.

5.11.1. Huwa għalhekk neċessarju li jitjiebu l-istandards etiċi fl-industrija finanzjarja, u fl-istess waqt, tiżdied id-diversità tal-ekosistema finanzjarja, sabiex jissaħħu n-netwerks ta' banek etiċi madwar l-UE (kooperattivi, banek tat-tfaddil, banek etiċi ġodda) li jikkontribwixxu għall-ġid komuni. Dan jsita' jgħin fil-promozzjoni tal-qasam bankarju fl-Ewropa li a) jwettaq biss servizzi bażiċi (tfaddil, pagamenti, self), b) ma jħallasx dividendi jew dawn huma limitati, c) iwettaq verifika tal-ġid komuni għal kull talba għal self. Valutazzjoni etika tal-affidabbiltà kreditizja ta' dan it-tip għandha tirrappreżenta estensjoni tal-Ftehimiet ta' Basel għal kriterji etiċi. Għandha tkejjel il-valur etiku miżjud li investment iġib miegħu.

⁽⁸⁾ ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

5.11.2. Prototip inizjali ta' tali kontroll tal-ġid komuni bħalissa qed jiġi żviluppat mill-proġett ta' "bank ta' ġid komuni" fl-Awstrija. Il-kondizzjonijiet ta' self jistgħu jkunu orjentati lejn ir-riżultat tal-valutazzjoni. B'dan il-mod, is-suq finanzjarju għandu jsir għodda għal żvilupp sostenibbli soċjali u ekonomiku.

5.12. **"Borża tal-Ġid Komuni (Reġionali)".** Il-banek etiċi kollha li jaħdmu għall-ġid komuni jistgħu b'mod konġunt joħolqu borża tal-ġid komuni reġionali, li tilqa' applikazzjonijiet għal self li jgħaddu t-test tal-etika iżda mhux wieħed ta' solvenza finanzjarja. Dawn il-boroż, għall-kuntrarju tal-kontropartijiet konvenzjonali tagħhom, mhux se jkunu forum biex jiġu negozjati l-ishma tal-kumpaniji jew biex jinkiseb dħul finanzjarju – dan m'għandux jirrappreżenta r-raġuni għal investiment f'kumpanija. Il-benefiċċju għal investituri finanzjarji għandu jinstab band'oħra, pereżempju: tifsira, utilità u etika (il-"promontorju triplu"). B'dan il-mod, in-nies u l-kumpaniji Ewropej ikollhom l-opportunità li jagħmlu investimenti etiċi li jirriflettu l-valuri tal-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri u t-Trattati tal-UE stess.

Brussell, is-17 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Metodu Komunitarju għal UEM demokratika u soċjali”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/07)

Relatur: is-Sinjura Gabriele BISCHOFF

Nhar id-19 ta' Frar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

“Il-Metodu Komunitarju għal UEM demokratika u soċjali.”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-10 ta' Lulju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-17 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'161 vot favur, 6 voti kontra u 10 astensjonijiet.

“L-UE għandha tkun komunità ta' ċittadini, mhux ta' banek. Is-sisien tagħha d-demokrazija, il-futur tagħha l-ġustizzja soċjali ⁽¹⁾.”

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. L-istabbiltà ġenwina tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) tista' tintlaħaq biss meta jiġu eliminati d-difetti fl-istruttura tal-UEM u jsiru riformi kbar li jitolbu tibdil fit-Trattati fil-kuntest ta' konvenzjoni. Peress li dan mhux realistiku li jsir qabel l-2018, jeħtieġ li sadattant jittieħdu miżuri oħra li jfasslu d-dimensjoni demokratika u soċjali tal-UEM fil-qafas tat-Trattati eżistenti u li tiġi żgurata konformità mar-regoli awtoimposti.

1.2. Iktar ma nkomplu għaddejjin bil-politika tal-awsterità attwali bil-mira li l-ewwel u qabel kolloxx tonqos l-ispiża, u mingħajr programm ta' investment effettiv li jiġġenera l-qligħ permezz tat-tkabbir, il-koeżjoni soċjali u s-solidarjetà, iktar ser ikun ċar li l-integrazzjoni ekonomika u l-prosperità tal-Ewropa huma mhedda minn disparitajiet soċjali li qed jiżdiedu.

1.3. Mhijiex għalhekk għażla li nkomplu mixjin fuq din ir-rotta. Għandha tissaħħaħ minflok il-koeżjoni soċjali, politika u ekonomika biex ma titfarrakx iż-żona tal-euro. Il-KESE jaqbel li għandhom jitqiesu aktar id-diverġenzi tal-ekonomiji tal-UEM u li f'dawn il-pajjiżi għandhom jiġu introdotti riformi strutturali bilanċjati li jirriflettu r-reqwiziti tal-unjoni monetarja u r-reqwiziti nazzjonali, sabiex tiġi żgurata l-konverġenza meħtieġa. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li għestjoni tad-domanda fuq medda qasira ta' żmien hija indispensabbli.

1.4. Il-KESE jirakkomanda aktar “parlamentarizzazzjoni” taż-żona tal-euro b'kumitat kbir tal-PE li jikkonsisti fil-membri parlamentari kollha taż-żona tal-euro u tal-pajjiżi li jixtiequ jissieħbu fiha (26 Stat Membru), flimkien ma' koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-membri parlamentari taż-żona tal-euro dwar kwistjonijiet tal-UEM (COSAC+). Dan jista' jsir fi żmien relattivament qasir.

1.5. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li wħud mill-għanijiet ekonomiċi tal-governanza ekonomika tas-snin reċenti għandhom isiru iktar kompatibbli mal-għanijiet tal-politika soċjali tal-UE skont l-Artikolu 4(2) tat-TFUE u li għandhom jingħelbu l-kunflitti potenzjali bejn l-għanijiet ekonomiċi u soċjali. L-azzjonijiet kollha tas-Semestru Ewropew – f'konformità mal-klawżola soċjali orizzontali, għandhom jiġu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt soċjali. Dawn ir-riżultati għandhom isiru pubbliċi u jiġu diskussi fil-livell nazzjonali u Ewropew. Il-KESE dan jista' jappoġġjah fil-qafas tal-kompetenzi tiegħu.

⁽¹⁾ Heribert Prantl 'Europa – Traum oder Alptraum' (L-Ewropa – ħolma jew inkubu) preżentazzjoni li saret f'Ludwigsburg fl-14 ta' Lulju 2013.

1.6. L-eliminazzjoni tad-differenzi fil-funzjonament tas-swieq tax-xogħol, is-sistemi tal-formazzjoni tal-pagi u s-sistemi soċjali għandu rwol importanti f'UEM demokratika u soċjali.

1.7. Il-KESE huwa konvint li d-djalogu makroekonomiku fiż-żona tal-euro (MED-EURO) jista' jagħti kontribut deċiżiv fl-iżvilupp demokratiku u soċjali tal-UEM u li r-risultati u l-konklużjonijiet tiegħu jridu jitqiesu kemm fit-tfassil tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir kif ukoll fit-tabella ta' valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

2. L-isfidi u l-kriterji ta' UEM demokratika u soċjali

2.1. Il-KESE ħareġ bosta opinjonijiet b'suġġerimenti speċifiċi dwar kif l-UEM tista' titfassal aħjar. Filwaqt li wħud minn dawn l-opinjonijiet ifasslu xenarji futuri, din l-opinjoni tipprovdni proposti dwar kif l-għamla demokratika u soċjali tal-UEM tista' tiġi żviluppata kemm jista' jkun malajr fil-qafas tal-Metodu Komunitarju b'mod li ttejjeb ir-reżiljenza demokratika u tilħaq l-obbligi soċjali tat-Trattati; Passi serji favur bidla komprensiva tat-Trattat huma improbabbli qabel l-2018. Fl-istess ħin, għad hemm tħassib li l-istrumenti intergovernattivi, b'mod partikolari l-Patt Fiskali, qed idgħajfu l-Metodu Komunitarju u jipprovokaw id-diviżjoni tal-Ewropa⁽²⁾; Iktar ma nkomplu għaddejjin bil-politika tal-awsterità attwali bil-mira li l-ewwel u qabel kollox tonqos l-ispiża, u mingħajr program ta' investiment u miżuri li jiġġeneraw it-tkabbir, il-koeżjoni soċjali u s-solidarjetà, iktar ser ikun ċar li l-integrazzjoni ekonomika u l-prosperità tal-Ewropa huma mhedda minn disparitajiet soċjali li qed jiżdiedu.

2.2. Il-kriżi fiż-żona tal-euro kixfet id-difetti fid-disinn tal-Unjoni Monetarja. Minħabba li sa mill-bidu kien hemm nuqqas ta' koordinazzjoni tad-diversi politiki ekonomiċi nazzjonali, f'ħafna modi kompli jikber id-distakk bejn il-membri tal-Unjoni Monetarja⁽³⁾.

2.3. Fil-kriżi, il-metodu intergovernattiv deher li huwa l-uniku mod biex naslu malajr għal strumenti importanti tal-UEM bħall-patt fiskali, u dan billi xi Stati Membri ma qablux ma' bidla fit-Trattat. Minn banda ċertu strumenti tjebu matul il-kriżi. Min-naħa l-oħra jeżisti kunsens li s'issa neqsin it-tfassil u l-kontroll parlamentari suffiċjenti tal-UEM. Dan jeħtieġ li jinbidel f'konformità ma' politika tal-integrazzjoni koerenti. Il-grupp tal-Ministri tal-affarijiet barranin⁽⁴⁾, sa mill-2012 ilu li rakkomanda li għandhom jiġu garantiti fil-miżuri kollha "l-leġittimità demokratika sħiħa u r-responsabbiltà" u talab ukoll għal kooperazzjoni msaħħa bejn il-PE u l-parlamenti nazzjonali⁽⁵⁾. Il-Kummissjoni Ewropea, fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha għal UEM aktar profonda, tipproponi miżuri li jsaħħu l-qafas istituzzjonali u ġuridiku tat-trattati. Il-Grupp tal-Euro jista' jwitti t-triq permezz ta' miżuri speċifiċi, jekk miżuri bħal dawn ikunu miftuħa għall-Istati Membri kollha.

2.4. Fil-qafas tal-politika Ewropea qed jiġu implimentati dejjem iktar soluzzjonijiet intergovernattivi bħall-Patt Fiskali li jżidu r-riskju li joħolqu sistema parallela mmexxija mil-liġi internazzjonali. Ir-rapport ta' Van Rompuy, li ġie ippubblikat f'Diċembru 2012, enfasizza l-importanza ta' fehim komuni sabiex ikunu jistgħu jitwettqu riformi ikbar. Barra minn hekk huwa meħtieġ ukoll livell għoli ta' koeżjoni soċjali, parteċipazzjoni ewlenija tal-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali, u djalogu mġedded mal-imsieħba soċjali. Is-sjeda (ownership) tal-Istati Membri għandha tittejjeb ukoll. B'dan il-mod, il-President tal-Kunsill Ewropew ta' dak iż-żmien⁽⁶⁾, introduċa d-dimensjoni soċjali u r-rwol speċifiku tal-imsieħba soċjali fid-dibattitu li preċedentement kien immirat b'mod partikolari fuq kwistjonijiet ta' politika ekonomika u baġitarja u n-nuqqas ta' leġittimità demokratika.

⁽²⁾ *The EP, the Fiscal compact and the EU-institutions: a "critical engagement"*; Elmar Brok (PPE, DE), Roberto Gualtieri (S&D, IT) u Guy Verhofstadt (ALDE, BE).

⁽³⁾ Kummissjoni Ewropea: *Employment and Social Developments in Europe 2014*, 15 ta' Jannar 2015, (mhux disponibbli bil-Malti) <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=7736>

⁽⁴⁾ Ir-rapport finali tal-Grupp tal-Euro tas-17 ta' Settembru 2013 mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall u Spanja.

⁽⁵⁾ Ibid, p. 2 (f).

⁽⁶⁾ F'kooperazzjoni mill-qrib mal-Presidenti Barroso, Juncker u Draghi.

2.5. Wara l-elezzjonijiet tal-PE fl-2014 u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-President tal-Kummissjoni permezz tal-elezzjonijiet demokratiċi, kien hemm proposti ġodda għal diskussjoni:

(a) in-nota analitika tal-Presidenti, "Thejjiġa għall-passi li jmiss għal governanza ekonomika aħjar fiż-żona tal-euro" tat-12 ta' Frar 2015 ⁽⁷⁾;

(b) Ir-rapport tal-ħames Presidenti, "Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja" tat- 22 ta' Ġunju 2015 ⁽⁸⁾.

2.6. Il-KESE jieħu nota ta' dawn il-proposti u ser jevalwa sa liema punt l-ideat għal aktar żvilupp tal-"governanza ekonomika" jikkontribwixxu għal unjoni soċjali, demokratika, ibbażata fuq is-solidarjetà u politika, li tiggarrantixxi l-parteċipazzjoni adegwata taċ-ċittadini tal-UE u l-imsieħba soċjali.

2.7. Il-KESE huwa tal-fehma li l-UEM għandha ssaħħaħ il-koooperazzjoni intra-Komunitarja, hekk kif sostniet ukoll il-"Blueprint" tal-Kummissjoni. Billi tiġi estiża minflok tinqatel id-domanda, jiġi żgurati li l-kapaċitajiet ekonomiċi tal-pajjiżi differenti jkunu allinjati iktar mill-qrib fil-qafas ta' ekonomija li qed tikber u li hija prospera. Dan jinkludi l-armonizzazzjoni tal-istandards soċjali u d-drittijiet tal-ħaddiema.

2.8. Il-koeżistenza tal-metodu Komunitarju, l-inizjattivi intergovernattivi (bħal, pereżempju, il-Patt Fiskali l-ġdid) u "forom intermedji" tal-funzjonijiet superviżorji tal-Kummissjoni jew tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fl-applikazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali wasslu għal konfużjoni ġdida f'dak li jirrigwarda l-atturi u l-leġittimità u r-responsabbiltà tagħhom. It-trasparenza u l-kontroll demokratiku sħiħ ma jistgħux jiġu żgurati f'kuntest bħal dan. Din kienet il-kawża ta' ħafna kritika. Matul il-kriżi kellhom jingħataw prijorità soluzzjonijiet rapidi, madanakollu l-għan dikjarat kien li iktar tard il-ftehimiet internazzjonali individwali kollha jiġu trasferiti għall-metodu Komunitarju. Il-ħames Presidenti jixtiequ li s-sitwazzjoni tibqa' kif inhi sal-2018. Skont l-iskeda tagħhom għalhekk, il-kwistjoni tad-demokratizzazzjoni sħiħa tal-UEM ser terġa' taqa' lura u l-unjoni politika lanqas ma tingħata biżżejjed attenzjoni fir-rapport. Sadanittant, id-djalogu tas-Semestru Ewropew bejn il-PE, il-Kunsill u l-Grupp tal-Euro, kif ukoll bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Kummissjoni, u bejn il-membri parlamentari nazzjonali u l-MEPs (Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej – COSAC) għandu jwassal għal aktar fiduċja u azzjoni konġunta. Il-KESE jinnota f'dan ir-rigward li djalogu msaħħaħ ma jistax jieħu post il-politika tal-integrazzjoni. Il-metodu Komunitarju jeħtieġ li jissaħħaħ u minflok il-koeżistenza ta' reġimi internazzjonali differenti ikun il-bażi għall-funzjonament tal-UEM.

3. It-titjib tal-governanza tal-UEM permezz ta' aktar parteċipazzjoni, trasparenza u responsabbiltà

3.1. Involvement akbar tal-imsieħba soċjali jista' jikkontribwixxi għal titjib tal-governanza tal-UEM, u d-djalogu strutturat mas-soċjetà ċivili jgħin biex titjeb ir-reżiljenza demokratika. Il-KESE lest li jaqdi rwol partikolari f'dan ir-rigward u li joffri l-esperjenzi u r-riżorsi disponibbli tiegħu hekk kif għamel pereżempju fil-każ tal-istrateġija 2020 ⁽⁹⁾.

3.2. Il-kwistjoni tas-sjieda (ownership), b'mod partikolari mill-imsieħba soċjali, kif introdotta mill-President Van Rompuy mistennija tkun ħafna aktar diffiċli, minħabba li l-imsieħba soċjali, kuntrarjament għall-gvernijiet, s'issa kienu involuti b'mod limitat ħafna fit-tfassil tal-għanijiet/strumenti tal-governanza ekonomika. Kif nistgħu għalhekk inħeġġuhom jipparteċipaw f'politika fejn ftit għandhom influwenza fuq id-dettallji tagħha? Bħala imsieħba soċjali u atturi ekonomiċi għandhom influwenza sostanzjali fuq il-livelli u l-istabbiltà tal-prezzijiet, li għas-sistemi rispettivi tagħhom l-UEM tipprowdi l-qafas globali tat-twaqqif tal-prezzijiet, l-organizzazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-politika soċjali.

⁽⁷⁾ "Thejjiġa għall-passi li jmiss għal governanza ekonomika aħjar fiż-żona tal-euro", nota analitika mressqa minn Jean-Claude Juncker f'koooperazzjoni mill-qrib ma' Donald Tusk, Jeroen Dijsselbloem u Mario Draghi, laqgħa informali tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Frar 2015.

⁽⁸⁾ *Ir-rapport tal-ħames Presidenti, Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja*, http://ec.europa.eu/priorities/economic-monetary-union/docs/5-presidents-report_mt.pdf

⁽⁹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Evalwazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020" (ĠU C 12, 15.1.2015, p. 105).

3.3. Fl-2013, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha dwar id-dimensjoni soċjali tal-UEM⁽¹⁰⁾ fejn irrispondiet għat-tħassib tal-atturi tas-soċjetà ċivili. L-iżviluppi ekonomiċi “problematiċi” għandhom jiġu identifikati u indirizzati fi stadju bikri minħabba li l-inugwaljanzi soċjali persistenti jistgħu jheddu l-istabbiltà finanzjarja u ekonomika tal-UEM; Fid-diskussjonijiet li segwew deher ċar li hemm żewġ skejjet ta’ ħsieb. L-ewwel waħda bbażata fuq l-idea li d-dimensjoni soċjali tal-UEM hija pilastru addizzjonali u fakultattiv għall-kuntrarju tal-proċeduri baġitarji obligatorji u dawk tal-politika tal-ekonomija. Oħrajn, bħall-KESE, jirrimarkaw li wħud mill-għanijiet tal-politika tal-ekonomija jinsabu f’kunflitt mal-għanijiet tal-politika soċjali tal-UE taħt l-Artikolu 4(2) tat-TFUE u jitlob li l-għanijiet kontradittorji jsiru pubbliċi u jiġu riżolti.

3.4. Il-Kummissjoni trid tinvolvi l-imsieħba soċjali iktar mill-qrib u tqanqal diskussjoni dwar l-iżvilupp tal-pagi u n-negozjar kollettiv. Diġà ħadet diversi passi f’dan ir-rigward. Min-naħa l-oħra, tixtieq tiddiskuti s-Semestru Ewropew mal-imsieħba soċjali u titlobhom involviment aktar effettiv fl-Istati Membri. Il-KESE stess ressaq ħafna proposti speċifiċi li jiżguraw li l-imsieħba soċjali jaqdu rwol aktar effettiv fil-governanza ekonomika (SOC/507)⁽¹¹⁾. Tal-anqas l-allokazzjoni l-għdida tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, b’mod partikolari l-kompiti estiżi tal-Viċi President Dombrovskis, jistgħu jitqiesu bħala indikazzjoni li ser tingħata iktar attenzjoni lill-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali.

4. Proposti u evalwazzjoni

4.1. Ir-rapport tal-Presidenti

4.1.1. Il-KESE jistenna li r-rapport “Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa⁽¹²⁾”, li ppreżentaw il-ħames presidenti⁽¹³⁾ fit-22 ta’ Ġunju 2015, iservi ta’ gwida għall-iżvilupp ġejjieni tal-istrutturi tal-politika tal-governanza ekonomika fl-Ewropa. Il-KESE huwa tal-fehma li l-iżbilanċi persistenti kif ukoll il-ħolqien tal-fiduċja jeħtieġu governanza ekonomika aktar effettiva u demokratika, b’mod partikolari fiż-żona tal-euro⁽¹⁴⁾. Mill-banda l-oħra l-analiżi hija bbażata fuq premessi foloz li jwasslu, minkejja xi punti tajba, għal konklużjonijiet problematiċi: jekk ma nibdlux id-direzzjoni ser inkomplu għaddejjin bil-miżuri tal-awsterità u iktar qtugħ fil-pagi u l-benefiċċji soċjali. Filwaqt li huwa rikonoxxut li l-kundizzjonijiet minimi għall-vijabbiltà fuq perjodu twil tal-UEM għandhom ma ntlaħqux, iż-żieda rakkomandata u l-istituzzjonalizzazzjoni fit-tul tal-politika attwali ta’ kontra l-kriżi għandhom ikomplu. Il-KESE hawnhekk jara kontradizzjoni.

4.1.2. Is-sitwazzjoni ekonomika katastrofika attwali (anki meta mqabbla mal-Istati Uniti u l-Ġappun) fiż-żona tal-euro mhix attribwita għall-politika attwali ta’ kontra l-kriżi iżda għan-nuqqas ta’ kompetittività ta’ wħud mill-Istati Membri b’riżultat ta’ tendenzi diverġenti fil-pagi u d-defiċits tal-gvernijiet. Il-KESE jiddispjaċih li l-isfidi fuq perjodu qasir tal-politika makroekonomika, bħall-inflazzjoni u d-deflazzjoni u l-inkapaċità tal-politiki minn wara l-2010 li jikkumbattu ċ-ċikli, kif ukoll domanda wisq dgħajfa tas-suq qed jiġu injorati u li ser tkompli politika ta’ adattament assimetrika. Il-ħames presidenti jinjoraw kompletament il-problema bażika li saret evidenti matul il-kriżi: għall-kuntrarju tal-Istati Uniti, il-Ġappun u r-Renju Unit, iż-żona tal-euro kollha nieqsa minn “selfie tal-aħħar istanza”.

4.1.3. Ir-rapport jinjora kompletament ukoll l-approċċi differenti tal-banek ċentrali, li wasslu għall-irkupru relattivament mgħaġġel tal-Istati Uniti u r-Renju Unit filwaqt li s-sitwazzjoni fl-Ewropa komplet tigrava. Minflok politika ta’ stabilizzazzjoni anti-ċiklika, għandhom jissaħħu l-istrumenti eżistenti ta’ governanza ekonomika inkluż permezz ta’ kunsilli ta’ kompetizzjoni nazzjonali li jiffukaw fuq it-tnaqqis tal-livelli tad-dejn (“deleveraging”) u żviluppi fil-pagi bbażati fuq il-produzzjoni. Il-KESE jiddispjaċih li ma tteħditx l-opportunità li tiġi evalwata s-sostenibbiltà fit-tul tal-bażi tal-qafas politiku eżistenti, u li din il-bażi tiġi kkomplementata minn perspettiva iktar pan-Ewropea.

⁽¹⁰⁾ COM(2013) 690 final, “It-tisħiħ tad-Dimensjoni Soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja”.

⁽¹¹⁾ Opinjoni tal-KESE, L-istruttura u l-organizzazzjoni tad-djalogu soċjali fil-kuntest ta’ Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) ġenwina (ĠU C 458, 19.12.2014, p. 1).

⁽¹²⁾ Ara n-nota 8 f’qiegħ il-paġna. L-elementi tar-rapport li huma rilevanti għal din l-opinjoni biss ser jiġu diskussi.

⁽¹³⁾ Il-President tal-Kummissjoni, il-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Grupp tal-Euro u l-President tal-Bank Ċentrali Ewropew.

⁽¹⁴⁾ Opinjoni tal-KESE, L-ikkompletar tal-UEM: il-pilastru politiku, ECO/376 (ĠU C 332, 8.10.2015, p. 8).

4.1.4. Il-KESE jiddispija li l-presidenti jattribwixxu t-tendenza ekonomika, li hija agħar milli kien mistenni li sa tkun, purament għall-fatt li l-mekkaniżmi l-ġodda tal-governanza ekonomika, kif ukoll il-programmi ta' adattament tal-pajjiżi ma għew applikati biżżejjed u ma kienux organizzati tajjeb. L-enfasi żejda fuq ir-riformi strutturali u l-kompetittività tal-prezzijiet tal-Istati Membri (Kapitolu 1) sabiex tkun tista' tintlaħaq l-unjoni ekonomika ma tqisx il-fatt li r-riformi strutturali u l-formazzjoni tal-pagi huma soġġetti għal negozjati kostanti u soluzzjonijiet għall-problemi fil-livell lokali li jsegwu prinċipji demokratiċi. Il-ħames presidenti madanakollu hađu pożizzjoni ta' atturi esterni li jixtiequ jqarrbu lill-Istati Membri għal punti ta' riferiment definiti, mingħajr ma jsaħħu l-leġittimità demokratika tagħhom li jagħmlu dan jew mingħajr ma jinvestu fis-sjeda.

4.1.5. Il-KESE huwa mħasseb għalhekk li n-nuqqas ta' prospettivi fir-rapport għal unjoni fiskali sħiħa ser ikompli jnaqqas mil-leġittimizzazzjoni taż-żona tal-euro fl-Istati Membri, b'mod partikolari għaliex l-approċċ ta' "aktar mill-istess" mhux ser itejjeb il-prospertà ekonomika taċ-ċittadini kollha u l-perspettiva nazzjonali tkompli tiddomina. Il-KESE jqis li l-miżuri proposti tal-integrazzjoni tas-swieg tax-xogħol u s-sistemi soċjali huma kompletament inadegwati fost raġunijiet oħra għax, f'kontrast mar-retorika tal-president li jrid jikseb rating soċjali AAA għaż-żona tal-euro, dawn il-miżuri għandhom biss importanza sekondarja. Il-KESE jqis li l-iżvilupp ta' unjoni soċjali huwa element integrali ta' UEM demokratika u soċjali u mhux element sekondarju biss.

4.2. *Analiżi ta' Bruegel u proposti* ⁽¹⁵⁾

4.2.1. Il-grupp ta' riflessjoni Bruegel jinnota li sa mill-bidu l-UEM kienet ikkaratterizzata minn differenzi sinifikanti f'termini ta' kundizzjonijiet ekonomiċi, soċjali u politiċi, li kkawżaw żbalji fil-politika fl-Istati Membri u governanza ekonomika Ewropea inadegwata. Huwa jipproponi riforma tal-governanza ekonomika fl-oqsma tal-unjoni bankarja u s-supervizzjoni makroprudenzjali tas-settur finanzjarju, il-prevenzjoni ta' diverġenzi kbar fil-kost ta' unità lavorattiva u l-governanza tal-politika fiskali, li tista' tiżgura li l-baġits tal-membri individwali huma sostenibbli u li r-riżorsi huma disponibbli f'każ ta' kriżi bankarja u kriżi ta' dejn sovrani. Il-KESE reċentement ippreżenta proposti simili ħafna fl-opinjoni għal tiegħu ⁽¹⁶⁾.

4.2.2. Il-flussi ta' kapital minn pajjiżi li għandhom bilanċ favorevoli ikkontribwixxa għal pressjoni żejda fil-pajjiżi b'defiċit, bil-konsegwenza ta' żieda fil-pagi nominali; L-iżbilanċi finanzjarji s'ssa ftit ingħataw attenzjoni. Dan jikkontradixxi l-għan ta' integrazzjoni finanzjarja msaħħa.

4.2.3. Il-politika fiskali pro-ċiklika bejn l-2011 u l-2013 u n-nuqqas ta' politika fiskali kontro-ċiklika fl-2014 aggrawaw għalhekk it-tbatija soċjali ⁽¹⁷⁾. Għalhekk il-politika, flimkien mar-riformi strutturali meħtieġa għandha toffri wkoll perspettivi ġodda lin-nies, pereżempju permezz ta' ambjent favorevoli għall-investiment privat biex jinħolqu impjiegi fit-tul. Barra minn hekk, il-politika għandha tagħti spinta lill-kompetittività, sabiex jiġu ġenerati d-dħul u l-prospertà li jggarantixxu l-istabbiltà soċjali għal kulħadd. Konsegwentement, il-KESE jaqbel mal-konklużjoni li fi żmien qasir jiżiedu malajr id-domanda aggregata u l-inflazzjoni. Barra minn hekk, il-BĊE għandhom jitneħħewlu l-kompiti tal-politika fiskali u l-aġġustament tal-kost ta' unità lavorattiva li jaqgħu barra l-mandat tiegħu, iżda li jwettaq minħabba nuqqas ta' azzjoni politika min-naħa ta' istituzzjonijiet oħra.

4.2.4. Fil-fehma tal-KESE, hemm bżonn li jsiru iktar sforzi biex jiġu indirizzati kwistjonijiet fundamentali tal-leġittimità demokratika. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il- "parlamentarizzazzjoni" taż-żona tal-euro (kumitat kbir tal-PE, bil-membri parlamentari kollha mill-UEM u daww li jixtiequ jissieħbu fiż-żona tal-euro). Il-koordinazzjoni bejn il-membri tal-Parlament miż-żona tal-euro dwar kwistjonijiet tal-UEM għandha tittejjeb fil-qafas tal-COSAC ⁽¹⁸⁾.

⁽¹⁵⁾ André Sapir, Guntram Wolff: *Euro-area governance: what to reform and how to do it*, 27 ta' Frar 2015, <http://www.bruegel.org/publications/publication-detail/publication/870-euro-area-governance-what-to-reform-and-how-to-do-it/>

⁽¹⁶⁾ Opinjoni tal-KESE – L-ikkompletar tal-UEM – Il-proposti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għal-leġislatura Ewropea li jmiss (ĠU. C 451, 16.12.2014, p. 10); L-ikkompletar tal-UEM: il-pilastru (ĠU C 332, 8.10.2015, p. 8).

⁽¹⁷⁾ Zsolt Darvas u Olga Tschekassin, *Poor and under pressure: the social impact of Europe's fiscal consolidation*, Bruegel Policy Contribution 2015/04, Marzu 2015.

⁽¹⁸⁾ Ara n-nota 14 f'qiegħ il-paġna.

4.2.5. Fl-2014 il-COSAC enfasizzat li ħafna parlamenti għadhom mhumiex involuti biżżejjed, u esprimiet tħassib li r-rabta bejn iċ-ċittadini u l-UE tħarbtet. Hija tistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jaħdmu flimkien mal-membri parlamentari sabiex jindirizzaw is-sitwazzjoni bi proposti konkreti⁽¹⁹⁾. Minkejja li l-forom ta' parteċipazzjoni previsti fl-Artikolu 13 tal-Patt Fiskali huma pass fid-direzzjoni t-tajba, xorta ma jinvolvux "parlamentarizzazzjoni" ġenwina.

4.3. Iktar responsabbiltà għall-atturi ekonomiċi kollha

4.3.1. Li neliminaw id-differenzi fil-funzjonament tas-swieq tax-xogħol, is-sistemi tal-formazzjoni tal-pagi u s-sistemi soċjali jaqdi rwol importanti f'UEM demokratika u soċjali. Sistema federali b'suq uniku tax-xogħol Ewropew flimkien ma' istituzzjonijiet uniformi u sistemi soċjali bħal fl-Istati Uniti ma jidherx li hi fattibbli fi żmien qasir. Barra minn hekk, il-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku (MIP) għandha tissaħħaħ b'mod simetrik u bl-involviment tal-imsieħba soċjali.

4.3.2. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li wħud mill-għanijiet ekonomiċi tal-governanza ekonomika tas-snin reċenti għandhom isiru iktar kompatibbli mal-għanijiet tal-politika soċjali tal-UE skont l-Artikolu 4(2) tat-TFUE u li għandhom jingħelbu l-kunflitti potenzjali bejn l-għanijiet ekonomiċi u soċjali. L-azzjonijiet kollha tas-Semestru Ewropew – f'konformità mal-klawżola soċjali orizzontali, għandhom jiġu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt soċjali. Dawn ir-riżultati għandhom isiru pubbliċi u jiġu diskussi fil-livell nazzjonali u Ewropew. Il-KESE dan jista' jappoġġjah fil-qafas tal-kompetenzi tiegħu.

4.3.3. Ir-rapport tal-ħames presidenti semmi unjoni finanzjarja, fiskali u politika filwaqt li m'hemm l-ebda referenza għal unjoni soċjali. Skont ir-rapport għandna b'żonn insaħħu l-mudell uniku Ewropew filwaqt li l-mudell soċjali Ewropew m'għadux jissemma'. Huwa minnu li qed jipprova jintlaħaq l-għan soċjali tal-"A Tripla" iżda kif dan ser isir fil-qafas ta' UEM insaħħa għadu iktar minn vag. Il-kwistjonijiet soċjali huma indirizzati l-iktar l-iktar bħala kwistjonijiet supplimentari jew fil-kuntest ta' mobilità akbar tas-swieq tax-xogħol fl-Istati Membri. L-elementi ewlenin huma livell minimu ta' protezzjoni soċjali, sistemi soċjali effettivi fl-Istati Membri kif ukoll inizjattivi ġodda ta' "flessigurtà" tal-impjeg, li jissemmew mingħajr iktar spjegazzjonijiet.

4.3.4. Il-gvernijiet tal-Istati Membri għandhom responsabbiltà importanti biex tkompli tiġi żviluppata UEM demokratika u soċjali. Dan japplika wkoll għall-imsieħba soċjali, kemm nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew, li għalihom l-UEM tipprovdi qafas globali għas-sistemi rispettivi tagħhom tal-formazzjoni tal-pagi u l-organizzazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-politika soċjali. Bħala atturi ekonomiċi u soċjali jaqdu rwol prinċipali fir-rigward tal-konformità mal-għan tal-istabbiltà komuni tal-UEM.

4.3.5. Il-KESE jtenni li unjoni monetarja b'tendenzi differenti fil-prezzijiet u l-pagi fl-Istati Membri twassal għal żbilanċi bejn ir-reġjuni tal-istess żona monetarja, fejn xokkijiet esterni jistgħu jiżviluppaw fi kriżi soċjali u politika u jkomplu jżidu d-diverġenzi⁽²⁰⁾. Għalhekk il-KESE jemmen li bilfors irid isir dibattitu serju dwar arkitettura robusta tal-UEM, li tkun timplika kunsens dwar l-għanijiet ekonomiċi u soċjali kif ukoll governanza maqbula⁽²¹⁾. Il-KESE jikkonkludi għalhekk li d-djalogu makroekonomiku tal-UE għandu jissaħħaħ u jiġi approfondit fiż-żona tal-euro.

4.3.6. Id-djalogu makroekonomiku ġie stabbilit mill-Kunsill Ewropew f'Cologne f'Ġunju 1999 sabiex tinkiseb taħlita ta' politika makroekonomika orjentata lejn it-tkabbir u l-istabbiltà, jiġifieri interazzjoni bla xkiel bejn l-iżvilupp tal-pagi u l-politika monetarja u fiskali. L-għanijiet tiegħu huma iktar pertinenti minn qatt qabel: iktar tkabbir u impjegi filwaqt li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet, l-isfruttament tal-kapaċità tal-produzzjoni u ż-żieda tat-tkabbir potenzjali⁽²²⁾. Il-KESE jiddispaċiħ li dan l-istrument iddgħajjef tul is-snin u minn meta bdiet il-kriżi ma ntużax għad-demokratizzazzjoni tal-istrumenti ta' governanza ekonomika u biex iżid is-sjeda fiż-żona monetarja unika fl-UEM.

⁽¹⁹⁾ Contribution of the XLIX COSAC, Dublin, Ġunju 2014.

⁽²⁰⁾ KESE, L-impatti soċjali tal-leġislazzjoni l-ġdida fil-qasam tal-governanza ekonomika, 2012 (ĠU C 143, 22.5.2012, p. 23).

⁽²¹⁾ Ara n-nota 14 f'qiegħ il-paġna.

⁽²²⁾ Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew fuq il-Patt tal-Impjegi Ewropew, il-Kunsill Ewropew ta' Cologne, 4.6.1999.

4.3.7. Il-KESE huwa konvint li d-djalogu makroekonomiku fiż-żona tal-euro (MED-EURO) jista' jagħti kontribut deċiżiv fl-iżvilupp demokratiku u soċjali tal-UEM sakemm il-grupp ta' parteċipanti fid-djalogu jissodisfa r-rekwiżiti tiegħu. Iż-żamma tad-djalogu fi ħdan il-MED-EURO titlob limitu fuq l-għadd ta' parteċipanti. Barra minn hekk ir-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Eurogroup u l-Kummissjoni (b'rispett sħiħ lejn l-awtonomija u l-indipendenza tagħhom), il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew għandhom jipparteċipaw fuq bażi ugwali.

4.3.8. Il-KESE jqis li l-MED-EURO għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena u jsir parti integrali tal-governanza ekonomika tal-UEM. Is-sejbiet u l-konklużjonijiet għandhom għalhekk jitqiesu kemm fit-tfassil tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u fit-tabella ta' valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Fil-kuntest ġenerali ta' politika monetarja, baġitarja u tal-pagi fl-UEM tista' tinbena l-fiduċja u aktar konverġenza, mingħajr ma tiġi perikolata l-awtonomija tan-negozjar kollettiv. B'analoġija mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tal-politika fiskali, dan jista' jwassal għal livell oġhla ta' impenn trasparenti mill-operaturi ekonomiċi kollha u jaġixxi ta' "patt tal-istabbiltà u l-impjiegi". F'dan il-kuntest, il-KESE jenfasizza l-importanza ta' interazzjoni bla xkiel bejn il-politika monetarja u l-politika baġitarja u l-iżvilupp tal-pagi għal aktar tkabbir u impjiegi biex tissaħħaħ il-fiduċja fl-unjoni monetarja.

4.3.9. Dan huwa approċċ differenti mis-suġġeriment tal-ħames presidenti u huwa simili għall-proposta ta' Bruegel, sabiex jiġu stabbiliti istituzzjonijiet nazzjonali tal-kompetizzjoni li jakkumpanjaw il-proċessi tal-formazzjoni tal-pagi fuq livell nazzjonali. Skont il-proposta tal-ħames presidenti, dawn l-istituzzjonijiet tal-kompetizzjoni nazzjonali għandhom jiġu kkoordinati wkoll fil-livell Ewropew. Konsultazzjoni bikrija tal-imsieħba soċjali qabel ma tfassal ir-rapport kienet tagħmel sens billi fil-formola attwali tagħha, il-proposta tal-Presidenti ftit li xejn għandha çans ta' suċċess.

4.3.10. Perspettiva: mingħajr riformi politiċi u istituzzjonali fundamentali, l-UEM dejjem se tibqa' fraġli. Il-Kumitat huwa mħasseb immens dwar l-istabbiltà tal-UE, peress li r-riformi meħtieġa, b'tibdil jew mingħajru fit-Trattati, dejjem iseħħu fl-aħħar minuta u ħafna drabi taħt pressjoni kbira. Hemm bżonn li tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, politika u ekonomika tal-UE u li l-integrazzjoni ekonomika u monetarja tkun bażi għal UEM li tiffunzjona tajjeb. Mingħajr membri parlamentari, politiċi u msieħba soċjali li jmexxu d-diskussjoni kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew u li jiġġieldu għall-aħjar soluzzjonijiet, ma tistax tirnexxi UEM li taħdem tajjeb.

Brussell, is-17 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Prinċipji għal sistemi tal-benefiċċji soċjali effettivi u affidabbli”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/08)

Relatur: is-Sur Bernd SCHLÜTER

Nhar it-22 ta' Jannar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

“Prinċipji għal sistemi tal-benefiċċji soċjali effettivi u affidabbli.”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-1 ta' Settembru 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-17 ta' Settembru 2015), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'130 vot favur, 46 vot kontra u 10 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jappella għal **impenn strateġiku iktar qawwi min-naħa tal-UE fir-rigward tal-politika soċjali**. F'dan il-kuntest għandhom jiġu indirizzati wkoll il-konsegwenzi tal-kriżi, il-politiki tal-kriżi u t-telf ta' fiduċja fost il-popolazzjoni.

1.2. Il-Kummissjoni ntalbet sabiex fil-kuntest ta' **programm ta' ħidma sostanzjali** tfassal **prinċipji soċjopolitiċi ġenerali** li dwarhom il-KESE qed iressaq xi proposti fil-punt 4. Dan jista' jitwettaq, fost l-oħrajn, fil-qafas ta' inizjattiva ewlenija, il-linji gwida ta' governanza jew white paper. Il-bażi hija għbir imtejjeb tad-data komparattiva fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri. L-indikaturi purament ta' input (kemm qegħdin jintefqu flus fl-Istati Membri individwali għal benefiċċji soċjali partikolari) mhumiex suffiċjenti biex jindikaw il-kwalità tas-sistemi tal-benefiċċji soċjali.

1.3. Waqt it-tnejn tal-prinċipji soċjopolitiċi għall-konverġenza tas-sistemi soċjali ta' livell ogħla, għandu jittieħed kont **tar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u tad-differenzi politiki kif ukoll kulturali tas-sistemi soċjali** u kemm jista' jkun għandu jintlaħaq kunsens bejn l-Istati Membri.

1.4. Il-prinċipji soċjopolitiċi għandhom jiffurmaw bażi sostantiva, fost l-oħrajn għal **rakkomandazzjonijiet futuri lill-Istati Membri** fil-kuntest ta' Semestru Ewropew imfassal b'mod iktar effettiv⁽¹⁾. Il-prinċipji għandhom jiġu applikati wkoll għall-**Fondi Strutturali, il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (MMK) u l-valutazzjoni tal-impatt soċjali skont l-Artikolu 9 tat-TFUE**. Bħala parti mill-miżuri għandu jkun immirat ukoll **Minimum Social Protection Floor** (bażi għall-protezzjoni soċjali) vinkolanti. Għandhom jintużaw il-bażijiet ġuridiċi eżistenti għal dan il-għan.

1.5. Il-prinċipji soċjopolitiċi għandhom jiffurmaw ukoll **bażi għall-azzjonijiet tal-korpi tal-UE** b'mod partikolari għall-governanza ekonomika, il-kontroll tal-baġit u l-ġestjoni ta' kriżijiet.

1.6. **L-imsieħba soċjali huma atturi ċentrali** b'mod partikolari fis-sistemi paritarji tas-sigurtà soċjali u f'sistemi addizzjonali li nħolqu permezz ta' negozjati bejn l-imsieħba soċjali. Huma għandhom jipparteċipaw fit-tnejn ta' prinċipji soċjopolitiċi. L-atturi tas-soċjetà ċivili, l-assoċjazzjonijiet tas-servizzi soċjali, tal-intrapriżi soċjali, tal-awtoritajiet lokali, tal-amministrazzjonijiet soċjali statali, tal-fondi tas-sigurtà soċjali, tal-utenti u l-konsumaturi wkoll għandhom ikunu involuti fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom.

⁽¹⁾ Pereżempju permezz ta' monitoraġġ u valutazzjoni iktar konsistenti tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u rabta mal-Fondi Strutturali. (ĠU C 170, 5.6.2014, p. 23).

1.7. Il-KESE hawnhekk qiegħed jippreżenta proposti konkreti għal prinċipji soċjopolitiċi fil-qasam tas-sistemi tal-benefiċċji soċjali. L-għan huwa **li jittejbu l-effettività u l-affidabbiltà tas-servizzi kemm tal-protezzjoni soċjali kif ukoll tas-sigurtà soċjali u tas-sistemi tas-saħħa, irrispettivament mit-tip tal-fornitur tas-servizz u mit-tip tas-servizz**. F'dan il-kuntest, il-KESE qiegħed jimmira qabelhejn is-sigurtà soċjali u finanzjarja ta' servizzi soċjali aġġornati u mmirati lejn l-interess ġenerali fl-Istati kollha tal-UE.

1.8. Il-KESE **jagħraf id-diversità tas-sistemi** u jirreferi, fost l-oħrajn, għall-għanijiet, it-tipi u l-kontenut tal-benefiċċji soċjali, **ir-relazzjoni tas-solidarjetà u r-responsabbiltà personali**, il-garanziji legali, il-finanzjament u l-kwalità. Huwa jirreferi għall-pożizzjoni tal-utenti u tas-servizzi soċjali. Huwa jqis li hemm bżonn **lijġu protetti l-benefiċċji soċjali fundamentali** abbażi ta' regoli komuni fil-livell tal-UE.

2. Introduzzjoni: sfond u s-sitwazzjoni attwali

2.1. **Il-politika soċjali Ewropea** hija bbażata, fost l-oħrajn, fuq id-drittijiet tal-bniedem, it-tagħlimiet misluta miż-żewġ gwerer dinjija ⁽²⁾, il-prinċipju stabbilit fit-Trattati dwar l-ekonomija tas-suq soċjali, l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020, il-bżonnijiet ta' ekonomiji nazzjonali produttivi, il-kompitu tal-ġlieda kontra l-faqar, il-kapitoli tat-Trattati dwar il-politika soċjali, l-impjiegi u s-saħħa, l-oġġettiv tal-koeżjoni soċjali u tar-regoli komuni dwar il-kompetizzjoni skont l-Artikolu 3 tat-TUE. Skont l-Artikolu 151 tat-TFUE, l-għan tal-politika soċjali huwa, fost l-oħrajn, il-promozzjoni tal-impjiegi, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien, protezzjoni soċjali adegwata u l-ġlieda kontra l-esklużjoni. **Il-mudell soċjali Ewropew** huwa espressjoni ta' komunità unika ta' valuri u kultura ⁽³⁾, li jgħaqqad flimkien id-demokrazija u l-istat tad-dritt mar-responsabbiltà soċjali u s-solidarjetà. Il-KESE jixtieq isaħħaħ dan il-mudell u jagħmlu sostenibbli.

2.2. **Il-KESE huwa konvint li l-politika soċjali** għandha tkun pilastru tal-politika tal-UE, **kemm mid-dritt tagħha stess kif ukoll bħala mezz għall-promozzjoni sostenibbli tat-tkabbir u l-impjiegi** ⁽⁴⁾. Huwa japprezza l-progress li diġà sar fil-politika tal-impjiegi, f'ċerti oqsma tal-koordinazzjoni u fis-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. Il-KESE jsaħħaħ il-karattru tal-investiment ⁽⁵⁾ ta' sistemi tal-benefiċċji soċjali effettivi u jindika l-ispejjeż morali, soċjali u materjali ta' politika soċjali ttraskurata. Il-KESE jassumi li ekonomiji nazzjonali produttivi, innovattivi u benefiċċji soċjali affidabbli, effiċjenti u effettivi jiddependu minn xulxin. Sistemi soċjali aġġornati jistgħu **jagħmlu l-ekonomiji nazzjonali iktar reżistenti għall-kriżijiet**, jippromovu l-impjiegi u huma stess joffru potenzjal għoli ta' impjiegi anki għal reġjuni żvantaġġati ⁽⁶⁾. Fid-dawl tas-soċjetà tal-informazzjoni mmexxija mit-teknoloġija moderna l-iżviluppi demografiċi ⁽⁷⁾ u l-migrazzjoni ma jista' jinkiseb l-ebda vantaġġ kompetittiv sostenibbli minn infiq baxx fost l-oħrajn fil-qasam tal-**inklużjoni attiva, l-emanċipazzjoni ta' dawk li qegħdin ifittxu xogħol u l-opportunitajiet tat-tfal u ż-żgħażaġh. L-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi fuq il-bażi ta' prinċipji komuni** jista' jgħin sabiex sabiex jiġu promossi aktar opportunitajiet indaqs u l-kompetizzjoni ġusta fi ħdan l-UE.

2.3. Is-sistemi tal-benefiċċji soċjali u tas-saħħa u sistemi simili jservu, fost l-oħrajn, **biex jiġu żgurati l-bilanċ soċjali neċessarju**, il-ġlieda kontra l-faqar, il-garanzija tal-benefiċċju tas-sussistenza u l-paċi soċjali. Kważi kull ċittadin tal-Unjoni jiddependi mill-assistenza tas-servizzi soċjali f'xi fażijiet partikolari ta' haġtu. Is-sistemi soċjali jiżguraw fost l-oħrajn il-proviżjonament adegwat ta' rtirar u jiżguraw il-kura kkwalifikata għall-persuni li jeħtieġu l-kura u l-għajjnuna.

2.4. **L-impjegaturi u l-impjegati** huma interessati fost l-oħrajn **fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja, il-promozzjoni tas-saħħa u l-emanċipazzjoni**. Is-servizzi soċjali professjonali jippromovu l-kompetenza komunikattiva u tal-ħajja ta' kuljum, l-akkwist ta' kwalifiki u l-assistenza fost l-oħrajn f'każ ta' problemi ta' vizzju, fi kriżijiet u fil-kura u t-trobbija fil-familja.

⁽²⁾ Diskors ta' Winston Churchill fl-1946 f'Zurich: "Irridu nistabbilixxu xi tip ta' Stati Uniti tal-Ewropa".

⁽³⁾ Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; Karta Soċjali Ewropea.

⁽⁴⁾ ĠU C 143, 22.5.2012, p. 102.

⁽⁵⁾ Ara COM(2013) 83, 20.2.2013; ĠU C 226, 16.7.2014, p. 21.

⁽⁶⁾ ĠU C 143, 22.5.2012, p. 23; ĠU C 271, 19.9.2013, p. 91; ĠU C 226, 16.7.2014, p. 21.

⁽⁷⁾ ĠU C 161, 6.6.2013, p. 27.

2.5. Il-KESE jirrikonoxxi **differenzi kbar fl-effettività, l-affidabbiltà u l-effiċjenza tas-sistemi soċjali** ⁽⁸⁾. Minn naħa waħda, f'hafta Stati Membri jeżistu sistemi li jiffunzjonaw tajjeb, min-naħa l-oħra jinħtieġ djalogu soċjopolitiku komuni għall-Istati Membri kollha. Madankollu, sigurtà tal-għajxien minima permezz tal-benefiċċji soċjali/*Minimum Income*, servizzi soċjali professjonali kif ukoll l-inkorporazzjoni effettiva fl-impjegi u s-soċjetà għadhom mhumiex iggarantiti kullimkien. B'mod partikolari, il-kura tas-saħħa ħafna drabi ma tkunx aċċessibbli għal kulħadd, pereżempju meta persuna ma tkunx tista' tħallas kontribuzzjonijiet addizzjonali uffiċjali jew insuffiċjali, jew meta s-servizzi professjonali, fost l-oħrajn tal-kura out-patient, l-assistenza ta' persuni b'diżabbiltajiet u ta' persuni bi problemi edukattivi jew relatati mal-iżvilupp, ma jkunx disponibbli fir-reġjuni u l-Istati Membri kollha. Il-KESE josserva li xi kultant ikun hemm b'żonn li jittejjbu s-solidarjetà tal-finanzjament u s-salvagwardji legali.

2.6. Reċentement, l-istudju tal-Fondazzjoni Bertelsmann ⁽⁹⁾ żvela differenzi kbar fl-effiċjenza tas-sistemi soċjali kif ukoll **l-iżvilupp allarmanti tal-faqar u l-ġid** fl-UE u fi ħdan l-Istati Membri kollha tagħha, u sejjaħ lill-Unjoni Ewropea sabiex iżżid l-involvement tagħha fil-politika soċjali. L-istudju juri wkoll li sistemi soċjali effettivi huma possibbli, anki meta l-PDG huwa relattivament baxx u li sistemi soċjali insuffiċjenti xorta jistgħu jkunu preżenti fejn il-PDG ikun relattivament għoli. L-iżvilupp tal-faqar qiegħed jipperikola l-paċi soċjali kif ukoll l-iżvilupp ekonomiku ⁽¹⁰⁾. Id-diverġenza tal-Istati Membri u tendenzi politiċi li huma inkwetanti għandhom jiġu miġġielda wkoll permezz ta' proposti soċjopolitiċi.

2.7. **Il-bażi sostantiva għal rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri** u għall-politiki tal-kriżijiet għandha tittejjeb. Minflok domandi ex post għal miżuri umanitarji, l-UE għandha ssegwi prinċipji soċjopolitiċi konsistenti. Il-bilanċ dubjuż iffinanzjat mit-taxxi ta' negozji riskjużi min-naħa tal-banek għandu jkun frelazzjoni responsabbli mal-investimenti fil-vijabbiltà tas-sistemi soċjali. Ir-regoli tas-suq intern, pereżempju l-liġijiet tal-ghajjnuna mill-istat u tal-akkwist pubbliku, diġà għandhom impatti sinifikanti fuq is-sistemi soċjali u s-servizzi soċjali, mingħajr ma tkejlu b'mod identifikabbli ma' kunċetti soċjopolitiċi.

2.8. Taħt l-oġġettiv tat-Trattat il-ġdid ta' **ekonomija tas-suq soċjali** ⁽¹¹⁾, il-politika tas-suq intern għandha tkun ikkomplementata b'elementi tal-politika soċjali ⁽¹²⁾. Il-KESE jieħu kont tad-domandi attwali ⁽¹³⁾ u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill Ewropew sabiex jikkonkretizzaw u jimplementaw l-istqarrijiet tagħhom fir-rigward tal-politika soċjali ⁽¹⁴⁾.

2.9. **Fażi ġdida tal-politika soċjali Ewropea tista', fost l-oħrajn, tibni fuq il-ħidma preparatorja li ġejja:** it-talba tal-Kunsill għal dħul minimu garantit li saret fl-1992. ⁽¹⁵⁾ It-twaqqif tal-Aġenda Soċjali fl-2000. L-Artikolu 12 tal-Karta Soċjali Ewropea jirrikjedi li l-Istati Membri jkollhom **sistema tas-sigurtà soċjali**. It-trattati tal-UE jinkludu, fost l-oħrajn, l-oġġettivi tal-koeżjoni soċjali u tal-protezzjoni tal-interess ekonomiku ġenerali ⁽¹⁶⁾. L-ILO ⁽¹⁷⁾ ippubblikat standards minimi għas-sistemi soċjali. Il-White Paper eżistenti tal-UE dwar il-Politika Soċjali kienet ippubblikata fl-1994. Fil-livell tal-UE jeżisti **d-dritt għall-garanzija tal-eżistenza** ⁽¹⁸⁾. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà tistabbilixxi standards importanti.

⁽⁸⁾ Dokumenti tas-Semestru tal-UE, Caritas Europa: *Il-futur tal-istat soċjali 2012*, dokumenti tas-Social Protection Platform.

⁽⁹⁾ Social Inclusion Monitor Europe (SIM) – Index Report Social Justice in the EU – A Cross-national Comparison (Il-ġustizzja soċjali fl-UE – tqabbil transnazzjonali), 2014.

⁽¹⁰⁾ OECD *In It Together* (Kulħadd jiġbed ħabel wieħed), 2015: fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, id-diskrepanza bejn il-foqra u s-sinjuri hija fl-oġġla livell li qatt kienet f'dawn l-aħħar 30 sena. Illum il-ġurnata fil-pajjiżi tal-OECD, 10 % tal-popolazzjoni l-iktar sinjura jaqilgħu 9,6 darbiet iktar mill-10 % tal-popolazzjoni l-iktar fqira. Fis-snin 80, din ir-relazzjoni kienet għadha ta' 7,1.

⁽¹¹⁾ L-Artikolu 3(3) tat-TUE.

⁽¹²⁾ Pereżempju Friends of Europe, *Social Union*, 23.3.2015.

⁽¹³⁾ Ara l-Pakkett ta' Investment Soċjali tal-UE; KU Leuven, 2014: *Social Protection at the Top of the International Aġenda* (Il-protezzjoni soċjali fil-quċċata tal-aġenda internazzjonali), 2014; KESE, *Towards a More Effective Europe 2020: Civil Society's Proposals for Boosting Social Inclusion and Competitiveness in Europe* (Lejn Ewropa 2020 aktar effettiva: il-proposti tas-soċjetà ċivili biex jissaħħu l-inklużjoni soċjali u l-kompetittività fl-Ewropa), 4.12.2014; KESE, *Pjan ta' azzjoni għall-Ewropa*, April 2014.

⁽¹⁴⁾ Ara <http://www.eesc.europa.eu/resources/docs/qe-01-14-620-mt-c.pdf> pereżempju COM(2014) 902 final, 28.11.2014; Ittra ta' missjoni lill-membri tal-Kummissjoni Thyssen, 1.11.2014, il-prijoritajiet ta' Juncker, 12.9.2014; laqgħa tal-Presidenza Lussemburġiża tal-Kunsill u tal-Ministri tal-Affarijiet Soċjali fis-16 u s-17.7.2015: Tisħiħ tad-dimensjoni soċjali; Rapport tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

⁽¹⁵⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 1992 (ĠU L 245, 26.8.1992, p. 46) (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁶⁾ Pereżempju l-Artikoli 2 u 3(3) tat-TUE; l-Artikoli 2(3), 14, 56, 107, 162 et seq., 168, 174, 175(3) tat-TFUE u l-Protokoll Nru 26 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE.

⁽¹⁷⁾ Rakkomandazzjonijiet ILO 2012; ILO 2014-2015 *World Social Protection Report* (Rapport dwar il-Protezzjoni Soċjali Dinjija) (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁸⁾ Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea: l-Artikolu 1 flimkien mal-Artikolu 34(3).

2.10. **Fl-Opinjoni tiegħu SOC/482, il-KESE**, bi qbil mal-Parlament⁽¹⁹⁾, il-Kumitat tar-Reġjuni⁽²⁰⁾ u assoċjazzjonijiet oħrajn **jappella** għal dħul minimu adegwat⁽²¹⁾. Fost l-oħrajn huwa ppromova b'mod attiv it-temi tas-servizzi soċjali, l-intrapriżi soċjali, l-investment soċjali, l-impjiegi, l-Artikolu 9 tat-TFUE, l-inizjattiva favur iż-żgħażaġh, il-governanza ekonomika u l-interess ekonomiku ġenerali. Din l-Opinjoni hija relatata direttament ma' għadd ta' dokumenti oħra tal-KESE u tal-UE li ma jistgħux jissemmew individwalment.

3. Kummenti ġenerali: objettivi u kontenut tal-Opinjoni

3.1. Il-KESE hawnhekk qiegħed jikkonċentra fuq parti minn aġenda tal-politika soċjali neċessarja: it-titjib tal-**effettività u l-affidabbiltà tal-protezzjoni soċjali kif ukoll tas-sigurtà soċjali u tas-sistemi tas-saħħa**. Jirreferi għal “benefiċċji soċjali” li huma ffinanzjati, totalment jew parzjalment, **mit-taxxi jew mis-sistemi tas-sigurtà soċjali** u huma inklużi fil-politika soċjali pubblika permezz tal-liġi soċjali jew ftehimiet konguntivi b'mod li jistgħu jiġu mmonitorjati. F'dan il-kuntest **mhuwiex deċiżiv it-tip tal-fornitur tas-servizz**. Il-“benefiċċji soċjali” fi ħdan it-tifsira ta' din l-Opinjoni jistgħu jkunu pprovduti minn amministrazzjonijiet pubbliċi u muniċipali, fondi tas-sigurtà soċjali, intrapriżi soċjali indipendenti, organizzazzjonijiet soċjali u intrapriżi ta' forum ġuridiċi differenti. Dawn il-fornituri kollha tas-servizzi hawnhekk huma koperti taħt it-terminu “servizzi soċjali”, jekk huma stess jipprovdu servizzi soċjali. It-terminu “benefiċċji soċjali” hawnhekk ikopri **t-tipi ta' benefiċċji kollha**, fost l-oħrajn servizzi u benefiċċji tal-flus fis-settur soċjali u tas-saħħa. It-terminu “sigurtà soċjali” jirreferi għall-fondi tas-sigurtà soċjali ta' natura paritarja u/jew legali u/jew assigurazzjonijiet mutwi li jissodisfaw funzjoni fis-sistemi tas-sigurtà soċjali jew paritarji li huma rregolati mil-liġi soċjali.

3.2. **Id-diversità tas-sistemi soċjali**, tal-benefiċċji, tat-termini u l-kunċetti tirrikjedi attenzjoni fid-diskussjoni dwar il-politika soċjali u fix-xogħol tat-traduzzjoni. Is-sistemi tal-Istati Membri jirriflettu l-politika soċjali, il-kultura u l-istorja rispettivi. Għandhom ikunu żviluppanti aktar fis-sens tal-mudell soċjali Ewropew. Għandu jinkiseb bilanċ raġonevoli bejn id-diversità tas-sistemi u l-prinċipji komuni neċessarji⁽²²⁾.

3.3. L-Unjoni għandha tistabbilixxi **spazju komuni għad-djalogu dwar il-politika soċjali**, tfassal standards aġġornati u tiegħu l-inizjattiva hija stess. Għandha tippromovi l-konverġenza fl-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi soċjali. Il-prinċipji soċjopolitiċi jistgħu jkunu bażi sostantiva għal rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, b'mod partikolari fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, tal-Istrateġija Ewropa 2020, tal-MMK u għall-applikazzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt soċjali skont l-Artikolu 9 tat-TFUE⁽²³⁾. Dawn il-prinċipji għandhom jipprovdu wkoll bażi sostantiva għal *Minimum Social Protection Floor* vinkolanti u għall-azzjonijiet proprji u l-governanza⁽²⁴⁾ tal-korpi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fil-ġestjoni ta' kriżijiet, fil-kontroll tal-baġit kif ukoll fil-governanza ekonomika.

3.4. **Is-sostenibbiltà futura** tas-sistemi tal-benefiċċji soċjali għandha tiġi evalwata. Is-servizzi soċjali għandhom ikunu marbutin ma' miri tas-sistemi soċjali leġittimizzati demokratikament filwaqt li tiġi salvagwardjata l-awtonomija kunċettwali tagħhom.

3.5. Id-deċiżjoni dwar l-**għoti tal-benefiċċji soċjali** b'mod ġenerali tittieħed mill-amministrazzjonijiet soċjali pubbliċi, il-fondi tas-sigurtà soċjali kif ukoll partijiet terzi bħala fornituri tas-servizzi, pereżempju tobbja li jippreskrivu trattament partikolari. **Il-kwistjoni tal-provvista tas-servizzi u l-finanzjament tagħha** għandha tkun distinta **mid-deċiżjoni dwar l-għoti ta' benefiċċju**: fost l-oħrajn jeżistu benefiċċji purament tal-flus li jingħataw lill-utent bl-obbligu jew mingħajru li jintużaw servizzi kkwalifikati partikolari. Jeżistu servizzi soċjali li huma pprovduti direttament mill-awtoritajiet reġjonali muniċipali, amministrazzjonijiet soċjali oħrajn jew mill-fondi tas-sigurtà soċjali. Iżda f'każ li dawn jiġu pprovduti minn provvedituri tas-servizzi soċjali indipendenti, ir-relazzjoni legali u l-finanzjament jistgħu jkunu rregolati b'mod differenti ħafna minn xulxin: jeżistu, fost l-oħrajn, sistemi ta' akkwist pubbliku, ftehimiet ta' benefiċċji u arranġamenti ta' pagament bejn is-servizzi soċjali u l-fornituri finanzjarji, arranġamenti ta' rimborż sussegwenti tal-ispejjeż, sistemi ta' kupuni jew assistenza diretta mhux speċifika għall-każ tas-servizzi soċjali, b'mod partikolari għall-konsultazzjoni u l-prevenzjoni. F'każ ta' sistemi kuntrattwali u tal-kupuni, il-fornitur finanzjarju pubbliku jiffinanzja s-servizz soċjali direttament abbażi tan-numru ta' każijiet. Is-sistemi kollha għandhom ikunu skrutinizzati dwar jekk teżistix protezzjoni legali suffiċjenti kif ukoll jekk hemmx biżżejjed possibbiltajiet ta' għażla u involviment għall-utenti.

⁽¹⁹⁾ Riżoluzzjoni tal-20.10.2010 (2010/2039(INI)) (ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 8); Riżoluzzjoni tal-15.11.2011 (2010/2039(INI)) (ĠU C 153 E, 31.5.2013, p. 57).

⁽²⁰⁾ <http://toad.cor.europa.eu/corwipdetail.aspx?folderpath=ECOS-V%2f012&id=20923>

⁽²¹⁾ ĠU C 170, 5.6.2014, p. 23.

⁽²²⁾ Fid-dawl tal-Artikolu 153(4) tat-TFUE, għandha tiġi osservata s-setgħa tal-Istati Membri għall-istabbiliment tal-punti bażiċi tas-sistemi soċjali tagħhom.

⁽²³⁾ Ara l-Konferenza tal-Istitutt Ewropew tat-Trejdjunjins li saret fit-3 ta' Frar 2015: *The sovereign debt crisis, the EU and welfare state reform* (il-kriżi tad-dejn sovrani, l-UE u r-riforma tal-Istat soċjali).

⁽²⁴⁾ FLulju 2015, il-Presidenza tal-Kunsill ippreżentat lill-Ministri tal-affarijiet soċjali proposti għad-dimensjoni soċjali tal-qafas tal-governanza.

3.6. B'mod partikolari fir-rigward tas-sistemi tas-sigurtà soċjali **l-imsieħba soċjali għandhom funzjoni ċentrali**, Għaldaqstant, dawn għandhom ikunu involuti primarjament fit-tfassil tal-prinċipji soċjopolitiċi. L-amministrazzjonijiet soċjali statali u muniċipali, il-fondi tas-sigurtà soċjali, is-servizzi soċjali indipendenti għandhom rwol ċentrali fost l-oħrajn fil-forniment tal-benefiċċji soċjali. Għaldaqstant, ir-rappreżentanzi tagħhom ukoll għandhom ikunu involuti b'mod konsistenti fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom.

3.7. Meta wieħed jiftakar li jeħtieġ li jinkiseb bilanċ raġonevoli bejn il-kompetenzi tal-Istati Membri fuq naħa waħda, u l-valuri Ewropej komuni u l-kompetizzjoni ġusta fi ħdan l-UE fuq in-naħa l-oħra, il-prinċipji li ġejjin għandhom jipprovdu stimolu sostantiv għal passi soċjopolitiċi addizzjonali min-naħa tal-Unjoni Ewropea.

4. Prinċipji għal sistemi tal-benefiċċji soċjali

4.1. **Il-prinċipju ta' protezzjoni minima: l-assigurazzjoni ta' benefiċċji soċjali sussidjarji fundamentali** fost l-oħrajn għall-garanzija tal-eżistenza/*minimum income* għal persuni mingħajr dħul suffiċjenti, pereżempju mill-impjeg, il-pensjonijiet u benefiċċji soċjali oħrajn. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' indikaturi komuni għal benefiċċji soċjali fundamentali⁽²⁵⁾. Is-sigurtà tal-għajien finanzjarja għandha tkun tal-inqas suffiċjenti biex tkopri **l-ispejjeż reali tal-ikel, l-akkomodazzjoni, il-ħwejjeġ, l-ilma, l-enerġija u l-kura tas-saħħa bażika**.

4.2. **Il-prinċipju tad-domanda: l-iżvilupp u l-forniment ta' servizzi soċjali jew tas-saħħa aġġornati, professjonali għal sitwazzjonijiet problematiċi differenti:** fost l-oħrajn għall-familji, persuni b'diżabilità, morda, persuni qiegħda, ġenituri waħedhom, tfal, qraba li joffru kura, refuġjati, żgħażaġh⁽²⁶⁾ bi problemi fl-iżvilupp, ġenituri bi problemi fit-trobbija, kura domestika u servizzi oħrajn li jappartjenu għall-familja⁽²⁷⁾, għajnuna f'każ ta' problemi ta' dejn⁽²⁸⁾, fil-każ ta' vizzji, fil-każ ta' kundizzjoni ta' persuna mingħajr dar u problemi psikosoċjali. Servizzi soċjali effettivi fost l-oħrajn jinkludu l-konsultazzjoni, l-appoġġ, il-gwida, l-akkumpanjament, il-kura, l-emanċipazzjoni u l-edukazzjoni, it-trattament u t-terapija⁽²⁹⁾. Peress li hemm bosta raġunijiet għall-qgħad u għandhom jiġu evitati ċ-ċrieki vizzjużi li jwasslu għall-faqar, jagħmel sens li jtniedu miżuri attivi tas-suq tas-suq tax-xogħol li jkunu legalment garantiti sabiex tiġi appoġġata integrazzjoni mill-ġdid rapida fis-suq tax-xogħol ta' kull min qed ifittex ix-xogħol – b'mod partikolari ż-żgħażaġh, li jkunu qed ifittxu l-ewwel impjeg, jew in-nisa, li wara interruzzjoni twila fil-karriera jixtiequ jergġu jaħdmu – billi jingħata appoġġ aċċettabbli.

4.3. **Il-prinċipju ta' determinazzjoni: l-iżvilupp ta' għanijiet soċjopolitiċi ċari tal-benefiċċji soċjali**, pereżempju l-ugwaljanza tal-opportunità u l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-inklużjoni attiva, il-kumpens għall-iżvantaġġi, ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja, l-assigurazzjoni kontra r-riskji tal-ħajja, il-prevenzjoni, l-intervenzjoni fil-kriżijiet, il-parteċipazzjoni fl-impjeg u fis-soċjetà, il-proviżjonament materjali ta' rtirar, l-emanċipazzjoni, u oħrajn. Marbuta ma' dawn hemm id-determinazzjoni soċjali raġonevoli tat-tipi ta' benefiċċji: bħal pereżempju flus u/jew servizzi, outpatient, in-patient, u oħrajn. F'dan ir-rigward għandu jinħoloq bilanċ bejn id-dritt għall-awtonomija personali tal-utent u l-għan tal-effettività tal-benefiċċji soċjali.

4.4. **Il-prinċipju tal-aċċessibilità: l-assigurazzjoni tal-aċċessibilità lokali, fil-ħin, finanzjarja u ħielsa mid-diskriminazzjoni tal-benefiċċji soċjali u b'mod partikolari tas-servizzi soċjali.** L-aċċessibilità tiġi ffaċilitata permezz ta' finanzjament sostenibbli u bbażat fuq is-solidarjetà, it-trasparenza tas-servizzi disponibbli u ta' garanzija legali speċifika b'possibilità ta' appell u lment. Jekk dawn jeżistu, ir-reqwiziti ta' kontribuzzjonijiet kontanti għandhom ikunu soċjalment bilanċjati u m'għandhomx ikunu ostaklu għall-aċċess. Testijiet burokratiċi tal-ħtieġa konkreta ta' assistenza jistgħu jkunu kontroproduktivi fil-każ ta' benefiċċji partikolari, bħal trattament ta' vizzji jew sitwazzjonijiet psikosoċjali problematiċi. B'mod partikolari, għandhom jiġu offruti lill-utent b'mod attiv servizzi ta' konsultazzjoni u prevenzjoni.

4.5. **Il-prinċipju tal-proporzjonalità: il-benefiċċji għandhom ikunu adattati u neċessarji skont it-tip u l-firxa.** Id-deċiżjonijiet diskrezzjonali u l-liġijiet soċjali għandhom jikkunsidraw dan. L-ispiża tar-riżorsi u r-riżultat mistenni tal-benefiċċji soċjali għandhom ikunu proporzjonati b'mod raġonevoli. L-obbligi legali taċ-ċittadin għall-użu ta' benefiċċji soċjali jew għal kwalunkwe aġir ieħor, ir-relazzjoni tad-drittijiet kif ukoll l-obbligi għandhom ikunu konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

⁽²⁵⁾ ĠU C 170, 5.6.2014, p. 23.

⁽²⁶⁾ AGJ, Arbeitsgemeinschaft für Kinder- und Jugendhilfe (Assoċjazzjoni tal-Benesseri tat-Tfal u ż-Żgħażaġħ): *Die europäische Dimension der Kinder- und Jugendwohlfahrt* (Id-dimensjoni Ewropea tal-benesseri tat-tfal u ż-żgħażaġh), 2015.

⁽²⁷⁾ ĠU C 12, 15.1.2015, p. 16; ĠU C 21, 21.1.2011, p. 39.

⁽²⁸⁾ ĠU C 311, 12.9.2014, p. 38.

⁽²⁹⁾ Ara Dahme/Wohlfahrt, 2015.

4.6. **Il-prinċipju tas-solidarjetà: il-finanzjament tal-benefiċċji soċjali essenzjalment għandu jkun ibbażat fuq sistemi solidari tal-assigurazzjoni soċjali u sistemi ta' tassazzjoni ġusti u solidari.** Finanzjament ibbażat fuq is-solidarjetà għandu jinkludi kemm jista' jkun lill-gruppi soċjali u l-klassijiet soċjali kollha. Dan isahha l-affidabbiltà, l-aċċettabiltà u s-sostenibbiltà ta' finanzjament. Ix-xogħol mhux iddikjarat ⁽³⁰⁾ u l-evitar tat-taxxa huma ta' ħsara għas-sistemi soċjali. It-tendenzi demografiċi u ekonomiċi jistgħu jagħmlu xieraq l-inklużjoni tat-tipi kollha ta' dħul fit-tassazzjoni, bħal pereżempju d-dħul mill-kapital. Koordinazzjoni mtejba bejn is-sistemi tat-taxxa u l-finanzjament fl-UE jistgħu jipprovdu bażi finanzjarja iktar b'saħħitha. L-investimenti privati, id-donazzjonijiet, l-impenn ċivili u reliġjuż u l-użu ta' fondi minn fondazzjonijiet huma supplimenti milqugħin għall-finanzjament regolari, iżda dawn ma jistgħux jiżguraw drittijiet legali u ma jiżguraw l-ebda infrastruttura.

4.7. **Il-prinċipju tar-responsabbiltà personali: dawk li qegħdin ifittxu xogħol u persuni b'diffikultajiet ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol,** u oħrajn għandhom ikunu appoġġjati permezz tas-servizzi soċjali u skemi ta' inċentivi bil-għan li jiksbu s-sussistenza kompletament jew parzjalment bl-isforz tagħhom stess. Iċ-ċittadin għandu jkun jista' jirċievi kopertura komplementari fil-qafas tal-ftehimiet konġunti kumplementari mas-sistema pubblika, innegożjati u ġestiti mingħajr skop ta' qligħ. L-assistenza professjonali fl-iżvilupp ta' kwalifiki professjonali u kapaċitajiet personali bħall-kompetenza ta' komunikazzjoni, soċjali u tal-ħajja ta' kuljum ħafna drabi huma l-prerekwiżit għal abbiltà suffiċjenti ta' responsabbiltà personali u responsabbiltà soċjali. F'dak li jirrigwarda l-protezzjoni tas-saħħa tal-individwu, stil ta' ħajja b'saħħtu jista' jiġi promoss mis-sistemi tas-sigurtà soċjali permezz ta' servizzi ta' prevenzjoni, inċentivi u protezzjoni mtejba tal-konsumaturi.

4.8. **Il-prinċipju tal-parteciċipazzjoni: il-benefiċċji kollha waħedhom jew f'kombinazzjoni ma' benefiċċji oħrajn għandhom jikkontribwixxu għall-parteciċipazzjoni soċjali taċ-ċittadini.** Il-parteciċipazzjoni soċjali tkopri wkoll il-parteciċipazzjoni professjonali, kulturali u dik politika kif ukoll il-parteciċipazzjoni fil-prosperità soċjali.

4.9. **Il-prinċipju strutturali: l-ifformar raġonevoli tar-relazzjoni legali u finanzjarja bejn l-utenti, skont is-sistema ta' servizzi soċjali pubbliċi jew possibbilment indipendenti, l-amministrazzjoni soċjali pubblika jew il-fondi tas-sigurtà soċjali.** Fejn is-servizzi soċjali indipendenti huma involuti fis-sistemi pubbliċi tal-benefiċċji soċjali, pereżempju permezz ta' leġislazzjoni soċjali u l-finanzjament, is-servizz tagħhom, b'mod partikolari l-finanzjament u l-aċċessibbiltà, għandhom ikunu konformi mal-prinċipji msemmijin hawn. Dawn is-servizzi soċjali għandhom ikunu ffinanzjati b'mod solidari u rregolati mil-liġi soċjali b'tali mod li jistgħu jagħmlu disponibbli benefiċċji ta' kwalità għolja għall-popolazzjoni sħiħa.

4.10. **Il-prinċipju tal-awtonomija personali tal-utenti: l-utenti mhumiex oġġetti iżda koprodutturi tal-assistenza u individwi li huma intitolati għall-benefiċċji.** Fi ħdan baġit adatt, għandu jkollhom l-għażla bejn forum ta' servizzi differenti, pereżempju out-patient u in-patient u forum oħrajn bħall-għajxien assistit. It-tip xieraq ta' assistenza jiddependi miċ-ċirkustanzi individwali, il-ħtieġa konkreta, li għandha tiġi vverifikata minn esperti professjonali, ix-xewqat tal-individwu u s-sitwazzjoni lokali. Fejn is-servizzi soċjali indipendenti huma involuti fis-sistemi pubbliċi tal-benefiċċji soċjali, pereżempju permezz ta' leġislazzjoni soċjali u l-finanzjament, l-utenti għandu jkollhom l-għażla bejn servizzi differenti.

4.11. **Il-prinċipju taċ-ċertezza legali: il-garanzija legali tal-benefiċċji, permezz ta' liġijiet soċjali jew strumenti legali simili stabbiliti demokratikament tal-Istati Membri.** Il-liġi dwar is-sigurtà soċjali għandha tkopri: drittijiet legali, klawżoli diskrezzjonali, rekwiżiti tal-kooperazzjoni għall-utenti, u deskrezzjoni tar-rekwiżiti tas-servizzi, possibbiltajiet ta' tressiq ta' ilmenti jew appelli, kontroll pubbliku tal-provvedituri privati ta' servizzi pubbliċi jekk ikun il-każ, regoli dwar il-kwalità u garanziji ta' aċċess, rekwiżit tal-infrastruttura, it-tip ta' finanzjament eċċ. Id-drittijiet legali tal-utenti tal-inqas għandhom ikunu garantiti għas-servizzi soċjali u tas-saħħa bażiċi. Id-deċizzjonijiet diskrezzjonali jistgħu jikkunsidraw aktar iċ-ċirkustanzi fxi oqsma. Il-benesseri tal-persuni vulnerabbli għandu jkun partikolarment protett bil-liġi ⁽³¹⁾. Is-servizzi soċjali indipendenti għandhom bżonn status legali protett u aċċess ħieles mid-diskriminazzjoni għall-provvista ta' servizzi, sakemm is-sistemi ma jkunux ibbażati fuq monopolju. F'xi wħud mill-Istati Membri, il-pożizzjoni tal-politika soċjali hija appoġġjata mill-prinċipju kostituzzjonali tal-istat soċjali li jiżgura benefiċċji soċjali fundamentali anki fi żminijiet ta' kriżi.

⁽³⁰⁾ ĠU C 458, 19.12.2014, p. 43.

⁽³¹⁾ Pereżempju tfal u żgħażaġh, nisa tqal u persuni li għandhom bżonn il-kura jew mentalment inkompetenti.

4.12. **Il-prinċipju ta' approċċ orjentat lejn l-interess komuni: partikolarment it-tipi ta' negozji u organizzazzjonijiet orjentati lejn l-interess komuni u parteċipattivi** ⁽³²⁾, bħal organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, intrapriżi soċjali, servizzi pubbliċi, assoċjazzjonijiet, ċerti tipi ta' fondazzjonijiet u kooperattivi, organizzazzjonijiet tal-utenti u atturi oħrajn tas-soċjetà ċivili, għandhom isibu kundizzjonijiet finanzjarji u legali xierqa. Jeħtiegħ li jiġi diskuss il-finanzjament ta' intrapriżi bi skop ta' qligħ permezz tat-taxxa jew il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fi ħdan politika soċjali iktar intensiva u tal-inqas għandu jkun hemm kontrolli adegwati u qafas għat-tqassim tal-profit.

4.13. **Il-prinċipju tat-trasparenza: l-użu ta' fondi pubbliċi permezz tas-servizzi soċjali u l-amministrazzjonijiet pubbliċi jeħtiegħ ikun imfassal b'mod trasparenti.** Il-bażijiet ġuridiċi, ir-raġunijiet għad-deċiżjonijiet ta' benefiċċji u tal-akkwist pubbliku u oħrajn għandhom ikunu aċċessibbli għaċ-ċittadini.

4.14. **Il-prinċipju tan-netwerking:** ir-realtà tal-ħajja ta' kuljum tal-bnedmin, it-tibdil fl-għażliet tal-ħajja ta' kuljum, mudelli ġodda tal-familja, it-tixjijiet u l-immigrazzjoni jirrikjeduh **servizzi integrati u konnessi** ⁽³³⁾. Is-segregazzjoni, l-esklużjoni u d-diskriminazzjoni għandhom ikunu evitati.

4.15. **Il-prinċipju tal-istess livell: l-utenti, l-amministrazzjonijiet soċjali u s-servizzi soċjali għandu jkollhom drittijiet u obbligi rregolati legalment u infurzabbli.** Is-sanzjonijiet jew il-kumpens li jistgħu jkunu previsti f'każ ta' ksur m'għandhomx ikunu applikabbli biss għall-utenti, iżda wkoll għall-amministrazzjonijiet soċjali pubbliċi.

4.16. **Il-prinċipju tal-kwalità: is-servizzi soċjali għandhom ikunu marbutin ma' miżuri għall-garanzija tal-kwalità.** L-investigazzjoni tal-ħtiġijiet, l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' miżuri għandhom jitwettqu fuq il-bażi ta' għarfien tax-xjenzi soċjali u l-kompetenzi professjonali. Is-servizzi personali għandhom jissaħħu permezz tat-taħriġ, il-professjonalizzazzjoni u r-remunerazzjonijiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati f'konformità mal-prinċipji tal-awtonomija fin-negozjar kollettiv. Il-Qafas ta' Kwalità għas-Servizzi ta' Interess Ġenerali fl-Ewropa ⁽³⁴⁾ jista' jkun mudell għar-rakkomandazzjonijiet tal-UE fir-rigward tas-servizzi soċjali. Fejn huwa għaqli, ir-reklutaġġ u l-gwida supplimentari ta' voluntiera għandhom jithegħgu.

4.17. **Il-prinċipju ta' koordinazzjoni: it-trattament ta' sitwazzjonijiet transkonfinali fir-rigward ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali u tal-protezzjoni soċjali** għandu jittejjeb. F'dan il-kuntest għandu jittieħed kont tal-kapaċità tal-fornituri finanzjarji u tal-kontribwenti u l-kontributuri kif ukoll il-prinċipju tas-solidarjetà soċjali u tal-proporzjonalità. Għandu jiġi evitat li jitqiegħed piż sproporzjonat partikolarment fuq sistemi nazzjonali effiċjenti.

Brussell, is-17 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽³²⁾ L-inizjattiva tal-KESE għal Intrapriża Soċjali.

⁽³³⁾ Kocher/Welti, 2010.

⁽³⁴⁾ Ara l-Komunikazzjoni "Qafas ta' Kwalità għas-Servizzi ta' Interess Ġenerali fl-Ewropa" (COM(2011) 900 final).

ANNEX

It-testi li ġejjin tal-opinjoni tas-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inċaħdu favur emendi jew kompromessi adottati mill-Assemblea iżda kisbu mill-inqas kwart tal-voti mixħuta:

Punt 1.3

Waqt it-thejgħja tal-prinċipji soċjopolitiċi għall-iżvilupp ulterjuri konverġenti tas-sistemi soċjali, għandu jittieħed kont **tar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u tad-differenzi politiċi kif ukoll kulturali tas-sistemi soċjali** u kemm jista' jkun għandu jintlaħaq kunsens bejn l-Istati Membri.

Riżultat tal-votazzjoni fuq l-Emenda 1:

Favur 105

Kontra 51

Astensjonijiet 15

Punt 4.2

Il-prinċipju tad-domanda: l-iżvilupp u l-forniment ta' servizzi soċjali jew tas-saħħa aġġornati, professjonali għal sitwazzjonijiet problematiċi differenti: fost l-oħrajn għall-familji, persuni b'diżabilità, morda, persuni qiegħda, ġenituri waħedhom, tfal, qrafa li joffru kura, refuġjati, żgħażaġh⁽¹⁾ bi problemi fl-iżvilupp, ġenituri bi problemi fit-trobbija, kura domestika u servizzi oħrajn li jappartjenu għall-familja⁽²⁾, għajjnuna f'każ ta' problemi ta' dejn⁽³⁾, fil-każ ta' vizzji, fil-każ ta' kundizzjoni ta' persuna mingħajr dar u problemi psikosoċjali. Servizzi soċjali effettivi fost l-oħrajn jinkludu l-konsultazzjoni, l-appoġġ, il-gwida, l-akkumpanjament, il-kura, l-emanċipazzjoni u l-edukazzjoni, it-trattament u t-terapija⁽⁴⁾. Peress li hemm bosta raġunijiet għall-qgħad u għandhom jiġu evitati ċ-ċirkli vizzjużi li jwasslu għall-faqar, jagħmel sens li jitniedu miżuri attivi tas-suq tas-suq tax-xogħol li jkunu legalment garantiti sabiex tiġi appoġġjata integrazzjoni mill-ġdid rapida fis-suq tax-xogħol u li jiġu pprovduti benefiċċji finanzjarji sabiex tinkiseb din ir-reintegrazzjoni, sabiex jinżamm l-istandard ta' għajxien preċedenti jew jiġu riflessi l-kontribuzzjonijiet.

Riżultat tal-votazzjoni fuq l-Emenda 3:

Favur 119

Kontra 53

Astensjonijiet 9

Punt 4.4

Il-prinċipju tal-aċċessibilità: l-assigurazzjoni tal-aċċessibilità lokali, fil-ħin, finanzjarja u ħielsa mid-diskriminazzjoni tal-benefiċċji soċjali u b'mod partikolari tas-servizzi soċjali. L-aċċessibilità tiġi ffaċilitata permezz ta' finanzjament sostenibbli u bbażat fuq is-solidarjetà, it-trasparenza tas-servizzi disponibbli u ta' garanzija legali speċifika b'possibilità ta' appell u lment. Ir-reqwiżiti ta' kontribuzzjonijiet kontanti jafu jkunu strument ta' ġestjoni utli. Dawn għandhom ikunu soċjalment bilanċjati u m'għandhomx ikunu ostaklu għall-aċċess. Testijiet burokratiċi tal-ħtieġa konkreta ta' assistenza jistgħu jkunu kontroproduktivi fil-każ ta' benefiċċji partikolari, bħal trattament ta' vizzji jew sitwazzjonijiet psikosoċjali problematiċi. B'mod partikolari, għandhom jiġu offruti lill-utent b'mod attiv servizzi ta' konsultazzjoni u prevenzjoni.

⁽¹⁾ AGJ, Arbeitsgemeinschaft für Kinder- und Jugendhilfe (Assoċjazzjoni tal-Benesseri tat-Tfal u ż-Żgħażaġħ): *Die europäische Dimension der Kinder- und Jugendwohlfahrt* (Id-dimensjoni Ewropea tal-benesseri tat-tfal u ż-żgħażaġh), 2015.

⁽²⁾ ĠU C 12, 15.1.2015, p. 16; ĠU C 21, 21.1.2011, p. 39.

⁽³⁾ ĠU C 311, 12.9.2014, p. 38.

⁽⁴⁾ Ara Dahme/Wohlfahrt, 2015.

Riżultat tal-votazzjoni fuq l-Emenda 4:

Favur	114
Kontra	59
Astensjonijiet	13

Punt 4.7

Il-prinċipju tar-responsabbiltà personali: dawk li qegħdin ifittxu xogħol u persuni b'diffikultajiet ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, u oħrajn għandhom ikunu appoġġjati permezz tas-servizzi soċjali u skemi ta' inċentivi bil-għan li jiksbu s-sussistenza kompletament jew parzjalment bl-isforz tagħhom stess. Iċ-ċittadin għandu jingħata inċentivi u possibbiltajiet għal awtoproviżjonament addizzjonali, raġonevoli b'riskju baxx. L-assistenza professjonali fl-iżvilupp ta' kwalifiki professjonali u kapaċitajiet personali bħall-kompetenza ta' komunikazzjoni, soċjali u tal-ħajja ta' kuljum ħafna drabi huma l-prerekwiżit għal abbiltà suffiċjenti ta' responsabbiltà personali u responsabbiltà soċjali. Il-protezzjoni tas-saħħa hija parzjalment ir-responsabbiltà tal-individwu. Stil ta' ħajja b'saħħtu jista' jiġi promoss mis-sistemi tas-sigurtà soċjali permezz ta' servizzi ta' prevenzjoni, inċentivi u protezzjoni mtejba tal-konsumaturi.

Riżultat tal-votazzjoni fuq l-Emenda 5:

Favur	117
Kontra	62
Astensjonijiet	11

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-validazzjoni tal-ħiliet u l-kwalifiki miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali u informali – il-kontribut Prattiku tas-soċjetà ċivili organizzata”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/09)

Relatur: is-Sur Pavel TRANTINA

Korelatur: is-Sinjura Marie ZVOLSKÁ

Nhar it-22 ta' Jannar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar:

“Il-validazzjoni tal-ħiliet u l-kwalifiki miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali u informali – il-kontribut Prattiku tas-soċjetà ċivili organizzata”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar is-17 ta' Ġunju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-16 ta' Settembru 2015), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'212-il vot favur, u 8 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jemmen li għandha ssir enfasi fuq l-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni u, b'hekk, l-applikazzjoni tar-riżultati miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali, u dan bl-iktar mod komparabbli possibbli u li jkun jinftehem mill-partijiet interessati kollha, b'mod partikolari minn min iħaddem u mill-istituzzjonijiet edukattivi.

1.2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċittadini, tkun xi tkun l-età tagħhom u l-livell ta' kwalifiki tagħhom, ikollhom il-possibbiltà li jibbenefikaw mill-validazzjoni tar-riżultati miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali u informali. Għaldaqstant, jista' jkun meħtieġ li l-fornituri tal-edukazzjoni mhux formali, l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet interessati oħrajn jaħdmu aktar flimkien, b'mod partikolari fuq kwistjonijiet ta' finanzjament u validazzjoni.

1.3. Il-KESE jitlob li jiġu appoġġjati l-partijiet interessati kollha, b'mod partikolari l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili, sabiex ikunu konxji tal-benefiċċji li għib magħha din il-validazzjoni u li jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fl-iżvilupp tal-oqfsa ta' kwalifiki fil-livell nazzjonali u d-definizzjoni tal-kwalifiki professjonali.

1.4. Huwa essenzjali li ċ-ċittadini jingħataw l-informazzjoni rilevanti dwar il-vantaġġi, il-possibbiltajiet u l-mekkaniżmi ta' validazzjoni tal-ħiliet. Il-KESE jirakkomanda li l-Istati Membri jiżviluppaw l-istituzzjonijiet li jipprovdu tali gwida u konsulenza, u għandhom jinvolvu b'mod partikolari s-servizzi tal-impjieg, iżda wkoll iċ-ċentri ta' informazzjoni għaż-żgħażaġh, l-istituzzjonijiet edukattivi, min iħaddem, l-organizzazzjonijiet tat-trejdjunjins, iċ-ċentri ta' konsulenza dwar il-karrieri, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet tan-nisa, l-organizzazzjonijiet li jgħinu lill-migranti u lill-persuni b'diżabbiltà u l-awtoritajiet pubbliċi.

1.5. Qafas leġislattiv ta' kwalità fil-livell nazzjonali huwa prerekwiżit kruċjali sabiex jiggarantixxi l-ekwivalenza ta' ċertifikati miksuba wara tagħlim formali u mhux formali jew informali. Dan jgħid rekwiżiti ferm eżiġenti fir-rigward tal-kwalità tal-proċeduri ta' validazzjoni, li għandhom jiġu appoġġjati anke finanzjarjament, pereżempju permezz tal-Fond Soċjali Ewropew.

1.6. Il-KESE jappella lill-istituzzjonijiet edukattivi, b'mod partikolari l-iskejjel sekondarji u l-edukazzjoni għolja vokazzjonali u l-universitajiet, biex jappoġġjaw aktar il-validazzjoni tal-ħiliet u l-għarfien miksub b'mod mhux formali. F'dan ir-rigward, fl-UE hemm għadd ta' eżempji tal-aħjar Prattika li għandhom jinxterdu.

1.7. Għalhekk, il-KESE jemmen li n-negozjar kollettivi u d-djalogu soċjali bejn it-trejdjunjins u min iħaddem jistgħu jikkupaw post importanti fil-proċess ta' validazzjoni tal-edukazzjoni mhux formali u t-tagħlim tul il-ħajja. Permezz tagħhom, jeħtieġ li ssir ħidma favur il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali, bħala kontribut importanti għad-dibattitu dwar l-impjegabbiltà u l-istrumenti li jħeġġuha.

1.8. Fkuntest ta' livell għoli ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, huwa utli li jiġu promossi l-possibbiltajiet ta' interazzjoni reċiproka bejn l-aġenziji pubbliċi u privati tal-impjieg, l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat (speċjalment dawk taż-żgħażaġh) u min iħaddem. Din l-azzjoni tista' sservi biex tissaħħaħ il-viżibbiltà u ssir sensibilizzazzjoni ikbar dwar l-importanza u l-valur tal-edukazzjoni mhux formali u t-tagħlim informali fi ħdan l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat u x'aktarx ukoll isservi biex tiżdied il-fiduċja reċiproka.

1.9. Għandu jiġi appoġġjat l-iżvilupp u l-użu tal-istrumenti tal-awtovalutazzjoni, li jgħinu lill-persuna tidentifika u tiddekrivi r-riżultati ta' dak li tkun tgħallmet mill-esperjenzi miksuba fi ħdan l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Fil-passat, il-KESE diġà esprima li huwa favur il-ħolqien tal-Passaport Ewropew tal-Ħiliet u l-istrument "Europass Experience". Għalhekk, huwa esprima d-diżappunt tiegħu li l-Kummissjoni Ewropea ssuspendiet il-ħidma preparatorja marbuta mal-"Europass Experience", u jhegġiha biex tħabrek ħalli tiffinalizza dan l-istrument b'suċċess.

2. Daħla: it-tagħlim mhux formali u informali

2.1. Minkejja s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali sfavorevoli f'ħafna Stati Membri tal-UE, fejn anke l-edukazzjoni formali ma tiggarrantix id-dħul fis-suq tax-xogħol, il-KESE jemmen li l-Unjoni Ewropea ma tistax tippermetti li ma jiġux validati r-riżorsi prezzjużi li jħaddnu l-esperjenza u l-ħiliet miksuba b'mod mhux formali jew informali.

2.2. Din il-validazzjoni tista' toffri opportunità partikolari għal ċerti gruppi żvantaġġati (in-nisa, il-migranti, iż-żgħażaġh u l-ħaddiema mdaħħla fl-età). Madankollu, dan ma m'għandux jagħti lok għal aspettattivi foloz dwar il-possibbiltajiet li jidħlu malajr fis-suq tax-xogħol. Għal dan il-għan, jeħtieġ li l-politika ekonomika u soċjali tkun aktar iffukata fuq l-investment, il-ħolqien ta' impjegji ta' kwalità, il-ġlieda kontra l-faqar u r-riskju tal-esklużjoni soċjali. Dawn il-politiki għandhom ukoll iħeġġu u jappoġġjaw it-tisħiħ tas-sistemi tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid.

2.3. Il-KESE qed jibni fuq id-dokument importanti tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali⁽¹⁾. Din ir-rakkomandazzjoni tenfasizza li "[i]l-validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim, jiġifieri l-konoxxenza, il-ħiliet u l-kompetenzi, li jinkisbu permezz tat-tagħlim mhux formali u informali jistgħu jkollhom rwol importanti fit-tisħiħ tal-impjegabbiltà u l-mobbiltà, kif ukoll tiżdied il-motivazzjoni għal tagħlim tul il-ħajja, partikolarment fil-każ ta' persuni żvantaġġati soċjoekonomikament jew dawk bi kwalifiki baxxi. il-validazzjoni tal-konoxxenza, il-ħiliet u l-kompetenzi rilevanti kollha għandha kontribut iktar ta' valur x'taqdi fit-titjib tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol, fil-promozzjoni tal-mobbiltà u t-tisħiħ tal-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku."

2.4. Skont il-Kunsill, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, min iħaddem fuq bażi individwali, it-trejdjunjins, il-kmamar tal-industrija, tal-kummerċ u tal-artiġjanat, l-entitajiet nazzjonali involuti fil-proċess ta' validazzjoni tal-kwalifiki professjonali u fil-valutazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tar-riżultati miksuba permezz tat-tagħlim, l-aġenziji tal-impjieg, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, il-fornituri tas-servizzi tat-tagħlim u t-taħriġ, kif ukoll organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili, huma lkoll partijiet interessati prinċipali bi rwol importanti x'jaqdu fl-iffaċilitar tal-opportunitajiet tat-tagħlim mhux formali u informali u fil-proċeduri marbutin mal-validazzjoni tar-riżultati miksuba.

2.5. B'konformità mar-rakkomandazzjoni pubblikata mill-Kunsill fl-2012, l-Istati Membri għandhom ikollhom fis-seħħ, mhux iktar tard mill-2018, b'konformità maċ-ċirkostanzi u l-ispeċifitajiet nazzjonali, u kif iqsu fil-kundizzjonijiet li jqsu xieraq, arranġamenti għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali li jippermettu lill-individwi li:

— "jkollhom konoxxenza, ħiliet u kompetenzi li nkisbu permezz tat-tagħlim mhux formali u informali validati, inkluż – fejn applikabbli – permezz ta' riżorsi edukattivi miftuħin;

— jiksbu kwalifika sħiħa jew, fejn applikabbli, kwalifika parzjali, abbażi ta' esperjenzi tat-tagħlim mhux formali u informali validati (...)."

⁽¹⁾ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2012:398:0001:0005:MT:PDF>

2.6. Skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, jeħtieġ li l-elementi li ġejjin jiġu inklużi f'arranġamenti għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, filwaqt li jippermettu li kull individwu jibbenefika minn kwalunkwe wieħed minnhom, kemm separatament jew b'mod kollettiv, skont il-ħtiġijiet tal-individwu partikolari:

- *“IDENTIFIKAZZJONI tal-eżiti tat-tagħlim ta’ individwu miksubin minn tagħlim mhux formali u informali;*
- *DOKUMENTAZZJONI tal-eżiti tat-tagħlim ta’ individwu miksubin minn tagħlim mhux formali u informali;*
- *VALUTAZZJONI tal-eżiti tat-tagħlim ta’ individwu miksubin minn tagħlim mhux formali u informali;*
- *ĊERTIFIKAZZJONI tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim tal-individwu miksubin permezz tat-tagħlim mhux formali u informali f’forma ta’ kwalifika, jew krediti li jwasslu għal kwalifika, jew f’xi forma oħra meqjusa xierqa.”*

Il-linji gwida Ewropej għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali tal-2009 ⁽²⁾ (u l-verżjoni aġġornata tal-2015) huma mmirati lejn l-individwi u l-atturi inkarigati mit-tnejja, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u t-tħaddim tal-proċess ta’ validazzjoni. Atturi differenti huma involuti f’livelli differenti (il-livell Ewropew, nazzjonali, settorjali u lokali) u f’diversi kuntesti (dan jista’ jkun is-settur pubbliku, privat u tal-volontarjat, is-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ jew is-servizzi tas-suq tax-xogħol). L-għan ta’ dawn il-linji gwida huwa li jiġu ċċarati l-kundizzjonijiet li fihom isiru l-verifiki u u biex tingħied l-attenzjoni għall-opportunitajiet disponibbli għall-partijiet interessati f’kull stadju tal-proċess.

2.7. Il-KESE diġà enfasizza kemm-il darba l-aspett pożittiv tal-kontribut tal-edukazzjoni mhux formali u l-importanza li din tiġi rikonoxxuta. Madankollu, din l-Opinjoni tesprimi din il-fehma għall-ewwel darba b’mod komprensiv. L-għan tagħha hu li tiġbor il-fehmiet tar-rappreżentanti ta’ min iħaddem, tal-ħaddiema u ta’ organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili, f’dak li għandu x’jaqsam mal-proċeduri konkreti għall-validazzjoni, u tippreżenta proposti għal soluzzjonijiet prattiċi mill-perspettiva tagħhom stess.

3. Ħiliet u għarfien miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali u informali

3.1. It-tnaqqis tal-produzzjoni bbażata fuq l-ispeċjalizzazzjoni u s-snaġja’, l-iżviluppi teknoloġiċi u, min-naħa l-oħra, l-espansjoni tas-settur tas-servizzi, wasslu biex l-impjegaturi tas-seklu 21 issa jqiegħdu enfasi ikbar fuq il-personalità u l-ħiliet “trasversali” jew “trasferibbli”. It-tagħlim tul il-ħajja u l-validazzjoni tal-ħiliet u l-għarfien miksuba barra l-edukazzjoni skolastika saru iktar importanti.

3.2. Fl-2012, fuq talba tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, l-Università ta’ Bath u GHK Consulting żviluppaw studju dwar l-impatt li jista’ jkollu t-tagħlim mhux formali fuq l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u fuq l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh ⁽³⁾. L-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh huma fornituri prinċipali tal-attivitatijiet tal-edukazzjoni mhux formali. Din ix-xorta ta’ edukazzjoni fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh mhijiex intiża prinċipalment biex tiżdied l-impjegabbiltà; madankollu, il-ħiliet li jiksbu f’dan il-kuntest jistgħu jikkontribwixxu għaliha, li kienet eżattament it-tema ta’ din l-analiżi.

3.3. L-istudju jasal għall-konklużjoni ġenerali li l-ħiliet meħtieġa minn min iħaddem jikkorrispondu b’mod ċar għal dawk li jistgħu jiġu żviluppanti mis-settur tat-tagħlim mhux formali. Fost is-sitt ħiliet karatterjali (soft skills) li huma l-aktar mitluba minn min iħaddem, hemm ħamsa li jiġu żviluppanti l-iżjed mill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh (bl-eċċezzjoni tal-ħiliet matematiċi). Dawn il-ħiliet karatterjali li huma l-iktar meħtieġa mill-impjegaturi, huma: il-ħiliet tal-komunikazzjoni, il-kapaċitajiet ta’ organizzazzjoni jew ta’ ppjanar, il-kapaċità tat-teħid tad-deċiżjonijiet, id-dispożizzjoni li wieħed jaħdem f’tim, l-affidabbiltà jew l-awtonomija u l-ħiliet matematiċi. Dawn il-ħiliet mhux tekniċi huma meqjusa bħala kruċjali biex wieħed ikun kapaċi jaħdem b’suċċess. Bis-saħħa t’hekk jiġu żviluppanti wkoll xi karatteristiċi tal-personalità, fosthom il-motivazzjoni personali, is-sens ta’ inizzjattiva u l-kreattività, li huma kwalitajiet personali marbuta mal-affidabbiltà/l-awtonomija, u l-intraprenditorija.

⁽²⁾ <http://www.cedefop.europa.eu/en/publications-and-resources/publications/4054>

⁽³⁾ http://issuu.com/yomag/docs/reportnfe_print

3.4. Kulħadd jitgħallem b'mod mhux formali u informali fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja. Pereżempju, bosta nisa (u rġiel) jiżviluppaw ħiliet tal-ġestjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-familja, li jistgħu jiġu implimentati fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari fil-qasam tas-servizzi soċjali. Jekk ikollhom jibdlu l-impjeg minħabba tkeċċija jew għal raġunijiet familjari, huma jistgħu jużaw dawn il-ħiliet ukoll waqt it-tranżizzjoni lejn impjeg ġdid jew, fil-każ tan-nisa migranti, sabiex jiksbu l-ewwel impjeg. Il-KESE diġà appella lill-Istati Membri ⁽⁴⁾ biex "jaċċelleraw il-proċess tar-rikonoxximent tal-kwalifiki u tal-esperjenza miksuba barra l-pajjiż sabiex in-nisa jkunu jistgħu jsibu impjeg li jikkorrispondu mal-ħiliet u l-aspirazzjonijiet tagħhom" u "jikkunsidraw li x-xogħol f'xi setturi (it-tindif, il-kura tat-tfal u l-anzjani, il-lukandi u ristoranti, l-agrikoltura, eċċ.) jista' joffri opportunitajiet lin-nisa immigranti inqas kwalifikati, sakemm jittieħdu passi sabiex ix-xogħol mhux iddikjarat jiġi legalizzat, isir professjonali u jiġi vvalutat, biex in-nisa jingħataw taħriġ f'dawn l-impjegji u jkunu jistgħu jipprogressaw fil-karriera tagħhom". Huwa kien appella wkoll lill-imsieħba soċjali biex "jiffaċilitaw, fil-ftehimiet kollettivi, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tan-nisa migranti".

3.5. Sabiex il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali jkollha suċċess, huwa importanti li ssir enfasi akbar fuq ir-riżultat miksub permezz ta' dan it-tagħlim. Barra minn hekk dan ilu jiġi appoġġjat b'mod espliċitu u sistematiku sa mill-2004 fil-qafas tal-programm tal-politika tal-UE għall-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u l-impjeg. Studju ġdid mis-Cedefop (abbażi tar-riċerka mwettqa mill-2013 sal-2015) juri li din l-enfasi iktar qawwija fuq ir-riżultati tat-tagħlim qed tiżdied bla waqfien fl-Ewropa – fil-fażi tal-iżvilupp tal-oqfsa tal-kwalifiki fil-livell nazzjonali, fid-definizzjoni u fid-deskrizzjoni tal-kwalifiki professjonali, fl-użu ta' dawn ir-riżultati tat-tagħlim fil-kurrikuli u fil-proċeduri ta' evalwazzjoni bħala punti ta' referenza għall-finijiet tal-validazzjoni. Dan għandu jippermetti iktar trasparenza, rilevanza u kwalità tal-edukazzjoni u ftuħ għat-tagħlim mhux formali u informali. Mil-lat Prattiku, dan jippermetti li t-tfal tal-iskola jew l-istudenti jistabbilixxu objettivi ċari, waqt li jkollu effett ta' inċentiv u jippermetti li l-perkors edukattiv ikun flessibbli u li l-ġhażla tal-orjentazzjoni tal-istudji ssir abbażi tal-evalwazzjoni tar-riżultati miksuba. Fl-istess ħin, sabiex jinkisbu riżultati ta' kwalità tajba, hemm bżonn li jittejjbu wkoll il-metodi u l-proċessi nnifishom tal-edukazzjoni pprovduta lill-istudenti u t-tagħlim min-naħa tagħhom.

3.6. Għandha ssir enfasi fuq il-valutazzjoni u d-dokumentazzjonil tar-riżultati miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali, u dan b'mod li jkun jinftehem mill-partijiet interessati kollha, b'mod partikolari minn min iħaddem u mill-istituzzjonijiet edukattivi. Dawn ir-riżultati jistgħu jiġu vvalidati wara, sakemm il-persuna kkonċernata tkun interessata u sakemm jinħolqu l-kundizzjonijiet adegwati, bħall-kwalifiki professjonali normali, ekwivalenti għall-programmi ta' taħriġ formali.

4. **Perspettiva Prattika tal-validazzjoni tal-ħiliet u l-kwalifiki**

4.1. **Qafas, konsulenza u informazzjoni**

4.1.1. Fil-qafas tal-proċeduri ta' validazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-individwi u l-organizzazzjonijiet ikollhom l-informazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-possibbiltajiet ta' validazzjoni u l-vantaġġi relatati, kif ukoll il-proċeduri marbuta magħhom; barra minn hekk, il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali għandha titħeġġeġ mil-linji gwida u l-konsulenza rilevanti, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu aċċessibbli faċilment.

4.1.2. Is-sistemi ta' validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali għandhom jirrispettaw il-prinċipji rilevanti u jqisu l-ħtiġiet u l-kuntesti nazzjonali, regionali u lokali, iżda anke dawk settorjali.

4.1.3. Jeħtieġ li jiġi żgurat li ċ-ċittadini, hi x'inhi l-età tagħhom u l-livell tal-kwalifiki tagħhom, ikollhom l-opportunità li jagħmlu dan. Għaldaqstant, jista' jkun meħtieġ li s-settur mingħajr skop ta' qligħ, l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet interessati oħrajn jaħdmu aktar flimkien, b'mod partikolari rigward kwistjonijiet ta' finanzjament u validazzjoni.

4.1.4. Iċ-ċittadini għandhom ikunu infurmati dwar il-benefiċċji addizzjonali li ġġib magħha il-parteċipazzjoni sostenibbli fl-attivitatijiet tal-organizzazzjonijiet tal-volontarjat. Anke perjodu qasir ta' parteċipazzjoni jista' jkollu impatt sostanzjali fuq l-iżvilupp tal-ħiliet u jwassal għal impjegabbiltà akbar.

⁽⁴⁾ Ara l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-inklużjoni tan-nisa migranti fis-suq tax-xogħol", (ĠU C 242, 23.7.2015, p. 9).

4.1.5. Huwa essenzjali li ċ-ċittadini jiġu indirizzati b'mod koordinat u li dawn jingħataw informazzjoni rilevanti dwar il-vantaġġi, l-opportunitajiet u l-mekkaniżmi biex jiġu verifikati l-ħiliet. Nirrakkomandaw li l-Istati Membri jiżviluppaw l-istituzzjonijiet li jipprovdu tali tagħlim u konsulenza u li, għal dan il-għan, jinvolvu b'mod partikolari s-servizzi tal-impjieg, iżda anke ċ-ċentri ta' informazzjoni għaż-żgħażaġh, l-istituzzjonijiet edukattivi, min iħaddem, l-organizzazzjonijiet tat-trejdjunjins, iċ-ċentri ta' konsulenza dwar il-karrieri, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat u l-awtoritajiet pubbliċi.

4.1.6. L-attivitajiet ta' konsulenza fil-qafas tal-proċess ta' validazzjoni jaqdu rwol essenzjali u utli, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh fil-livelli kollha, mill-identifikazzjoni saċ-ċertifikazzjoni. Huma għandhom:

- jgħinu lin-nies biex jidentifikaw ħtiġiethom u jiddeterminaw il-motivazzjoni tagħhom biex jipparteċipaw f'dan il-proċess;
- joħlqu ambjent sigur u li jwassal għat-trawwim ta' relazzjoni ta' fiduċja mal-konsulent, jiġifieri mhux wisq formali, ħalli jħossuhom komdi;
- jintegraw b'mod adegwat l-informazzjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni bħala metodu rikonoxxut iċċentrat fuq il-parteċipazzjoni f'korsijiet ta' taħriġ bl-użu ta' strutturi ta' informazzjoni u konsulenza, jiġifieri juru li ċ-ċertifikazzjoni tikkostitwixxi triq waħda possibbli, filwaqt li fl-istess ħin jiġi evitat li jinħolqu aspettattivi mhux realistiki.

4.2. **Koordinazzjoni tal-partijiet konċernati**

4.2.1. Skont il-Kunsill, l-Istati Membri għandhom jippromovu l-koordinazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-elementi u l-prinċipji ta' validazzjoni. "Biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni f'dan il-proċess:

- dawk li jħaddmu, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jippromovwu u jiffaċilitaw l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim miksuba waqt ix-xogħol jew waqt attivitajiet volontarji, bl-użu tal-għodod rilevanti tal-Unjoni ta' trasparenza bħal dawk żviluppatti skont il-qafas tal-Europass u l-Youthpass;
- jiffaċilitaw l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ formali abbażi tal-eżiti tat-tagħlim f'kuntasti mhux formali u informali u, jekk ikun xieraq u possibbli, l-għoti ta' eżenzjonijiet u/jew krediti għal eżiti rilevanti tat-tagħlim miksubin f'tali kuntesti;"

4.2.2. Il-KESE b'hekk iqis li għandhom jiġu appoġġjati l-partijiet interessati kollha, b'mod partikolari l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili, sabiex ikunu konxji tal-benefiċċji li ġġib magħha din il-validazzjoni u li jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fl-iżvilupp tal-oqfsa ta' kwalifiki fil-livell nazzjonali u d-definizzjoni tal-kwalifiki professjonali. Jista' jkun diffiċli li ssir ħidma favur bidla "ġenwina" fil-kuntest tad-definizzjoni tal-partijiet interessati, speċjalment fl-Istati Membri li ma jqisux din il-kwistjoni bħala prijorità, jew fejn l-approċċ tas-soċjetà lejn il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ma jkollux appoġġ nazzjonali ġenwin. Ikun utli li tiġi pprovduta pjattaforma u/jew appoġġ, eċċ. għal dawk li diġà għamlu progress f'dan il-qasam (pereżempju, bis-saħħa ta' proġetti pilota) fl-isforzi tagħhom fil-livell nazzjonali.

4.3. **Il-validazzjoni, l-oqfsa nazzjonali u s-sistemi ta' ċertifikazzjoni**

4.3.1. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-individwi biex jiksbu kwalifika sħiħa, jew, fejn applikabbli, parzjali, abbażi ta' esperjenzi ta' tagħlim mhux formali u informali validati. Huma għandhom jiżguraw li l-arranġamenti ta' validazzjoni jkunu marbuta mal-oqfsa ta' kwalifiki fil-livell nazzjonali u konformi mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki u li jkunu garantiti s-sinerġiji bejn l-arranġamenti ta' validazzjoni u s-sistemi ta' krediti applikabbli għas-sistema ta' edukazzjoni u taħriġ formali, bħall-ECTS u l-ECVET.

4.3.2. B'mod partikolari, l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili organizzata għandhom jiġu involuti kemm jista' jkun fl-iżvilupp tal-klassifiki nazzjonali tal-kwalifiki (u jħeġġuhom kif dovut). L-esperjenza ta' xi Stati Membri turi li biex jiġu implimentati proċeduri ta' validazzjoni fil-livell settorjali, jeħtieġ li jinħolqu kunitati u unitajiet għall-ħiliet settorjali u li l-persuni kkonċernati jintgħażlu sew. Għalhekk, fl-oqfsa identifikati huwa possibbli li jiġu żviluppatti b'mod adegwat standards nazzjonali għad-diversi professjonijiet u kwalifiki professjonali.

4.4. Niżguraw il-kwalità tal-validazzjoni

4.4.1. L-Istati Membri jridu jiżguraw li “[j]kun hemm fis-seħħ miżuri trasparenti ta’ kwalità konformi ma’ oqfsa eżistenti li jiżguraw il-kwalità u li jappoġġjaw metodoloġiji u għodod ta’ valutazzjoni li jkunu affidabbli, validi u kredibbli.” Qabel kollox din hija kwistjoni ta’ leġislazzjoni adegwata, jiġifieri qafas regolatorju għall-validazzjoni u l-garanziji li jikkonċernaw l-għoti ta’ ċertifikati skont l-oqfsa ta’ kwalifiki fil-livell nazzjonali li jinbtu mill-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki.

4.4.2. Għall-KESE dan jimplika li għandha tiġi żgurata l-ekwivalenza taċ-ċertifikati miksuba wara l-edukazzjoni formali u mhux formali jew tagħlim informali. Dan johlqo rekwiżiti ferm eżiġenti fir-rigward tal-kwalità tal-proċeduri ta’ validazzjoni, li għandhom jiġu appoġġjati anke finanzjarjament, pereżempju permezz tal-Fond Soċjali Ewropew.

4.5. Il-validazzjoni mill-istituzzjonijiet edukattivi

4.5.1. L-istituzzjonijiet edukattivi jaqdu rwol essenzjali fil-proċess ta’ validazzjoni. Il-Kunsill jirrakkomanda li *“fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ formali abbażi tal-eżiti tat-tagħlim f’kuntesti mhux formali u informali u, jekk ikun xieraq u possibbli, l-għoti ta’ eżenzjonijiet u/jew krediti għal eżiti rilevanti tat-tagħlim miksubin f’tali kuntesti.”*

4.5.2. Il-KESE jistieden lill-universitajiet biex jappoġġjaw aktar il-validazzjoni tal-ħiliet u l-għarfien miksub b’mod mhux formali. F’dan ir-rigward, l-Irlanda tista’ sservi bħala eżempju tajjeb. L-istrateġija nazzjonali tagħha għall-edukazzjoni għolja sal-2030 tappoġġja l-missjoni ċivika tal-edukazzjoni għolja u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà iġenerali bħala wieħed mit-tliet rwoli prinċipali interkonnessi tal-edukazzjoni għolja. Hija tiddefinixxi bħala l-kooperazzjoni man-negozji, mas-soċjetà ċivili, il-politiki pubbliċi, il-ħajja artistika, kulturali u sportiva, u ma’ fornituri oħra tat-tagħlim fi ħdan il-komunità u r-reġjun, u tipprevedi li tiffoka dejjem aktar fuq l-involviment internazzjonali ⁽⁵⁾.

4.5.3. Naturalment, l-universitajiet mhumieq l-uniċi istituzzjonijiet kapaċi jivvalidaw ir-riżultati tat-tagħlim mhux formali u informali. B’hekk, pereżempju, f’Malta, iċ-ċertifikat u l-profil tal-edukazzjoni sekondarja, ippreżentat f’Settembru 2010, jivvalida l-għamlet kollha ta’ tagħlim tul il-ħames snin ta’ edukazzjoni sekondarja. Permezz tal-edukazzjoni, kemm dik formali jew le, jistgħu jinkisbu l-krediti li jħeġġu lill-istudenti biex ikomplu u jwessgħu iktar l-edukazzjoni tagħhom.

4.6. Validazzjoni b’rabta mas-suq tax-xogħol

4.6.1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tenfasizza l-importanza tal-validazzjoni fuq il-post tax-xogħol, u għaldaqstant tgħid li *“l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati rilevanti kollha, bħal dawk li jħaddmu, it-trade unions, il-kmamar tal-industrija, il-kummerċ u s-snaġġa’ ta’ ħila, l-entitajiet nazzjonali involuti fil-proċess tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali. Barra minn hekk, l-impjegaturi huma mistiedna wkoll “jippromwovu u jiffaċilitaw l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim miksuba.”*

4.6.2. Il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali tista’ tagħmel parti minn ftehimiet kollettivi (bħal fil-każ tan-Netherlands), li hija eżempju eċċellenti tal-possibbiltajiet offruti lill-ħaddiema biex ikollhom aċċess għal din il-validazzjoni u tikkontribwixxi għal ġestjoni effettiva tar-riżorsi umani fl-intrapriżi. L-impjegaturi għandhom ikunu involuti b’mod attiv fl-evalwazzjoni tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi, kemm fuq il-post tax-xogħol kif ukoll fl-iżvilupp tal-edukazzjoni u t-taħriġ, li jżid il-valur ta’ din il-validazzjoni u jgħin biex tinholqo fiduċja ikbar fih.

4.6.3. In-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali bejn it-trejdjunjins u min iħaddem jista’ jkollhom rwol importanti fil-proċess ta’ validazzjoni tal-edukazzjoni mhux formali u t-tagħlim tul il-ħajja. Il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tal-Metall tipprova eżempju konkret madwar l-Ewropa kollha, peress li twestaq il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali, li hija kontribut importanti għad-dibattitu dwar l-impjegabbiltà u l-istrumenti li jħeġġu dan.

⁽⁵⁾ National Review of Higher Education 2030. www.hei.ie

4.6.4. Fxi Stati Membri, l-attivisti tat-trejdjunjins qed ikollhom jaqdu dejjem iktar rwol ġdid meta jipprovdu servizzi ta' konsulenza matul is-siġhat tax-xogħol tagħhom u meta jinnegozjaw ma' min iħaddem dwar l-aċċess liberu għall-opportunitajiet ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol. Fl-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, in-Norveġja, l-Iżvezja u r-Renju Unit, ir-rappreżentanti tat-trejdjunjins jaġixxu bħala "ambaxxaturi tat-tagħlim", li jħeġġu lill-ħaddiema li jkomplu jitgħallmu u li jkomplu jindirizzaw xi nuqqasijiet f'ħiliethom, filwaqt li jagħtu parir lill-kumpaniji dwar il-ħtiġiet tat-taħriġ tagħhom ⁽⁶⁾.

4.6.5. Minħabba li l-impjegaturi li jimpjegaw ħaddiema ġodda żgħażaġh bi ftit jew l-ebda esperjenza professjonali japprezzaw ħafna li dawn ikunu hađu sehem fattivitajiet organizzati minn organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, din il-parteċipazzjoni għandha titħeġġeġ bħala waħda mill-miżuri biex tgħin liż-żgħażaġh jagħmlu t-tranżizzjoni mill-iskola għad-dinja tax-xogħol ⁽⁷⁾.

4.6.6. Barra minn hekk, il-persuni interessati kollha għandhom jingħataw validazzjoni tal-aħjar servizz ta' gwida u appoġġ, b'tali mod li meta japplikaw għax-xogħol, ikunu jafu kif jistgħu jippreżentaw b'mod effettiv il-kompetenzi u l-ħiliet li jkunu kisbu b'mod mhux formali u informali, u jifhemu aħjar kif dawn il-ħiliet ikunu jistgħu jintużaw fil-ħidma tagħhom u jgħinu biex iwettqu l-kompiti speċifiċi relatati magħha. Huwa proċess li għalih jistgħu jikkontribwixxu l-fornituri tas-servizzi ta' gwida professjonali, il-konsulenti fl-iskejjel u l-universitajiet, is-settur taż-żgħażaġh u s-servizzi tal-impjieg, kif ukoll min iħaddem u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. F'dan ir-rigward, iż-żgħażaġh jistgħu jiġu meġhuna wkoll billi jingħataw informazzjoni dwar "suġġerimenti utli".

4.7. Il-validazzjoni fis-settur tal-volontarjat

4.7.1. Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu l-Kunsill jenfasizza li *dawk li jħaddmu għandhom jinvolvu b'mod attiv lis-settur tal-volontarjat fil-proċessi ta' validazzjoni; l-"organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jippromwov u jiffaċilitaw l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim miksuba waqt ix-xogħol jew waqt attivitajiet volontarji, bl-użu tal-għodod rilevanti tal-Unjoni ta' trasparenza bħal dawk żviluppanti skont il-qafas tal-Europass u l-Youthpass."*

4.7.2. Iċ-ċittadini għandhom ikunu aktar konxji tal-valur li l-impjegaturi jagħtu lill-kompetenzi u l-ħiliet miksuba b'mod mhux formali jew informali, pereżempju permezz ta' attivitajiet tal-volontarjat. Dan jgħodd speċjalment għall-persuni b'livell baxx ta' edukazzjoni, u li spiss ikunu inqas konxji tal-valur ta' tali attivitajiet fil-konfront ta' min iħaddem, u li jkunu wkoll inqas imħarrġa dwar kif għandhom jippreżentaw dawn il-ħiliet.

4.7.3. F'kuntest ta' livell għoli ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, huwa utli li jiġu promossi l-possibiltajiet ta' interazzjoni reċiproka bejn l-aġenziji pubbliċi u privati tal-impjieg, l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat (speċjalment dawk li jindirizzaw liż-żgħażaġh) u min iħaddem. Din l-azzjoni tista' sservi biex tissaħħaħ il-viżibbiltà u ssir sensibilizzazzjoni ikbar dwar l-importanza u l-valur tal-edukazzjoni mhux formali fi ħdan l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat u x'aktarx ukoll isservi biex tiżdied il-fiduċja reċiproka.

4.7.4. Għandu jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' programmi ta' valutazzjoni u taħriġ fi ħdan l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat, għax dan huwa marbut ma' livell iddikjarat oġhla ta' żvilupp tal-ħiliet. F'dan il-kuntest, għandha titfakkar ukoll id-diversità kbira tal-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tal-volontarjat u, b'hekk, tal-kriterji li l-organizzazzjonijiet jużaw biex jivvalutaw il-ħiliet żviluppanti permezz tal-attivitajiet tagħhom. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li titħeġġeġ konverġenza akbar fil-qasam tal-volontarjat fir-rigward tat-terminoloġija u l-metodi ta' valutazzjoni. L-approssimazzjoni ta' dawn il-kriterji tista' tikkontribwixxi, pereżempju, biex iktar voluntiera jsiru konxji tal-ħiliet li jkunu żviluppaw billi jeħdu sehem f'servizz volontarju għall-benefiċċju tas-soċjetà.

4.8. Għodod ta' validazzjoni

4.8.1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tiffoka fuq l-importanza li għandhom l-istrumenti Ewropej komuni tar-rikonoxximent, jiġifieri l-Europass u l-Youthpass, biex tiġi żgurata t-trasparenza. *L-Istati Membri għandhom jiggwarantixxu l-eżistenza ta' "sinerġiji bejn l-arranġamenti ta' validazzjoni u s-sistemi ta' krediti applikabbli fis-sistema ta' edukazzjoni u taħriġ formali, bħall-ECTS u l-ECVET."*

⁽⁶⁾ Ara: Learning while working. Suċċess stories on workplace learning in Europe, Cedefop, 2012, p. 72.

⁽⁷⁾ http://issuu.com/yomag/docs/reportnfe_print

4.8.2. L-għarfien u l-ħiliet miksuba permezz tal-parteċipazzjoni fl-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ukoll valur fis-suq tax-xogħol, iżda spiss ma jkunux dokumentati u lanqas identifikati b'mod suffiċjenti. Għalhekk għandhom jiġu appoġġjati l-iżvilupp u l-użu tal-istrumenti ta' awtovalutazzjoni, li jgħinu lill-persuna tidentifika u tiddekrivi r-riżultati ta' dak li tkun tgħallmet mill-esperjenzi miksuba fi ħdan l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Pereżempju, il-ħolqien ta' portafoll personali ta' ħiliet jista' joffri valur miżjud għall-persuni meta dawn isegwu t-taħriġ tagħhom u jixtiequ jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom fil-ħajja tax-xogħol.

4.8.3. Iċ-ċertifikati u l-portafolli huma element importanti tal-validazzjoni tal-ħiliet u l-kwalifiki miksuba b'mod mhux formali. Il-fornituri tal-edukazzjoni mhux formali għandhom iħabirku biex jipprovdu ċertifikati jew dokumenti li jiddeskrivu fid-dettall in-natura u r-riżultati tal-parteċipazzjoni fl-attivitajiet edukattivi tagħhom, u biex ifiehmli li-ċittadini għaliex din il-parteċipazzjoni hija ta' valur. Huwa fuq kollox il-valur li dawn id-dokumenti jirrappreżentaw mill-perspettiva ta' taħriġ (li n-nies jiġu infurmati aħjar dwar il-ħiliet u l-kapaċitajiet li jkunu kisbu fi ħdan l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u dwar kif dawn il-ħiliet jistgħu jiġu sfruttati waqt li jkunu qed ifittxu impjeg jew taħriġ addizzjonali), iktar milli prova ta' suċċess.

4.8.4. Fil-passat, il-KESE diġà esprima li huwa favur il-ħolqien tal-Passaport Ewropew tal-Ħiliet u l-istrument "Europass Experience". Għalhekk huwa diżappuntat li l-Kummissjoni Ewropea ssospendiet l-implimentazzjoni ta' dan l-istrument.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-titjib fil-prestazzjoni tas-sistemi nazzjonali ta’ taħriġ doppju”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/10)

Relatur: is-Sinjura Dorte ANDERSEN

Nhar id-19 ta’ Frar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 29 (2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

“It-titjib fil-prestazzjoni tas-sistemi nazzjonali ta’ taħriġ doppju”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-1 ta’ Settembru 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta’ Settembru (seduta tas-16 ta’ Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b’206 voti favur, vot 1 kontra u 8 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Iż-żgħażaġh Ewropej intlaqtu ħażin ħafna mill-kriżi f’bosta Stati Membri, b’konsegwenzi umani, soċjali u ekonomiċi kbar ħafna; madankollu, il-qgħad ogħla fost iż-żgħażaġh mhux xi ħaġa ġdida u jindika ċerti problemi strutturali li jagħmlu t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol diffiċli.

1.2. Sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) bbażati fuq taħriġ doppju u li jiffunzjonaw sew jikkontribwixxu għal titjib fl-impjeg għaż-żgħażaġh u jistgħu jgħinu biex iż-żgħażaġh nisa u rġiel jkollhom tranżizzjoni eħfef mill-iskola għax-xogħol, inkluż iż-żgħażaġh żvantaġġati.

1.3. Il-KESE jenfasizza li ma hemmx “l-aħjar mudell uniku” għat-taħriġ doppju; l-għan huwa li jiġi promoss it-taħriġ doppju li huwa effettiv.

1.4. Il-livell Ewropew:

1.4.1. Il-KESE jemmen li tinħtieġ għodda Ewropea koerenti għall-valutazzjoni tal-kwalità li tirreġistra l-progress kif ukoll l-effetti tar-riformi li l-Istati Membri qed iwettqu sabiex itejbu l-prestazzjoni tas-sistemi tal-ETV u ta’ taħriġ doppju.

1.4.2. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni – mal-imsieħba rilevanti – tiżviluppa għodod biex tissorvelja u tiġbor id-data, u tevalwa x’qiegħed jiffunzjona sew fl-Istati Membri u tidentifika l-elementi ewlenin ta’ sistemi ta’ taħriġ doppju li jiffunzjonaw sew. L-għan huwa biex jitkejjel u jiġi vvalutat dak li jiffunzjona, u b’hekk tiġi żgurata l-kwalità fis-sistemi tat-taħriġ, u issir enfasi fuq il-korrelazzjoni bejn it-taħriġ doppju u l-impjeg.

1.4.3. Fil-futur, il-ħiliet professjonali u l-kwalifiki ta’ kwalità għolja u rilevanti għas-suq tax-xogħol ser ikunu qed jirrappreżentaw parti ewlenija mis-swieq tax-xogħol u l-kompetittività Ewropea. Għalhekk, il-KESE jipproponi li tiġi ssettjata mira tal-UE għall-ETV u t-taħriġ doppju, li tista’ sservi ta’ mezz għal opportunitajiet ta’ impjeg aħjar għaż-żgħażaġh. Dan jista’ jkun parti mill-istrateġija tal-UE 2020 imġedda, u għalhekk il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tanalizza l-alternattivi.

1.4.4. Il-KESE jemmen li mira Ewropea għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-ġbir ta’ data jistgħu jgħinu biex iżommu lill-Istati Membri fid-direzzjoni t-tajba biex itejbu l-livelli edukattivi u jiżguraw li ż-żgħażaġh ikollhom esperjenza pożittiva tas-sistema edukattiva u jitolqu mill-iskola bil-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol.

1.5. *L-Istati Membri u l-imsieħba soċjali:*

1.5.1. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri li ma għandhomx sistemi ta' taħriġ doppju li jiffunzjonaw sew jistħarrġu l-ispejjeż involuti fl-iżvilupp ta' sistemi bħal dawn, meta mqabbla mal-kompromessi u l-benefiċċji li dan ikollu fuq il-kompetittività tal-kumpaniji u l-opportunitajiet ta' impjeg għaż-żgħażaġh.

1.5.2. Il-KESE jenfasizza l-importanza tas-sħubijiet bejn l-iskejjel, iċ-ċentri ta' taħriġ, it-trejdunjs u l-komunità tan-negozju. L-imsieħba soċjali għandhom rwol deċiżiv fl-istadji kollha tas-sistemi ta' taħriġ doppju li jiffunzjonaw sew (it-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, eċċ.). It-tisħiħ u l-aħjar użu tad-djalogu soċjali fil-livelli kollha jistgħu jkunu strument effettiv biex it-taħriġ doppju jsir aktar attraenti u tittejjeb il-kwalità tiegħu.

1.5.3. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri jintroduċu jew jirrevedu fuq bażi sistematika l-iżvilupp professjonali tal-għalliema, tal-mentors u tal-persuni li jħarrġu fl-ETV – u b'mod partikolari persuni li jħarrġu fil-kumpanija peress li dawn huma kruċjali għat-titjib tal-prestazzjoni tas-sistemi ta' taħriġ doppju.

1.5.4. Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-impjegaturi u jemmaen li l-impjegaturi, inklużi l-SMEs, jinvolvu ruħhom aktar fi skemi ta' apprendistat meta dawn ġenwinament jindirizzaw il-ħtiġijiet tagħhom u meta jkun hemm rabtiet tajbin mal-iskejjel. Fis-snin li ġejjin għandu jkun hemm aktar enfasi fuq it-twaqqif ta' sistemi ta' taħriġ doppju li jippermettu l-involviment kosteffikaċi ta' impjegaturi u jagħtuhom aktar sens ta' sjieda.

1.5.5. Il-KESE jirrakkomanda li l-imsieħba soċjali Ewropej ikomplu bil-ħidma tagħhom f'dan il-qasam bħala parti mill-programm ta' ħidma awtonomu tagħhom.

2. *Introduzzjoni – is-sitwazzjoni attwali fl-Ewropa*

2.1. Il-kriżi ekonomika fl-Ewropa laqtet sew liż-żgħażaġh. 4,5 miljun żaġhżuġh u żaġhżuġha bl-età ta' bejn il-15 u l-24 sena jinsabu qiegħda ⁽¹⁾, għalkemm għal ċerti pajjiżi tal-UE, il-qgħad għoli fost iż-żgħażaġh mhuwa xejn ġdid; sempliċiment ġie aggravat bil-kriżi. Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh tal-UE hija aktar mid-doppju tar-rata tal-qgħad fost l-adulti – 20,9 % kontra 9,8 %. Madwar 7 miljun żaġhżuġh u żaġhżuġha Ewropej huma barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETS) ⁽²⁾. B'perspettiva ekonomika għal terminu qasir pjuttost dgħajfa, il-qgħad fost iż-żgħażaġh laħaq livelli estremi f'xi Stati Membri b'konsegwenzi umani, soċjali u ekonomiċi kbar.

2.2. Il-qgħad kien oġhla fost iż-żgħażaġh milli fost l-adulti qabel il-kriżi wkoll. Dan jissuġġerixxi problema strutturali fit-twaqqif ta' rabtiet eqreb bejn is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u s-swieq tax-xogħol. Argument ieħor fuq l-istess linja huwa li f'ħafna pajjiżi hemm qgħad għoli fost iż-żgħażaġh, filwaqt li fl-istess ħin l-impjegaturi għandhom diffikultajiet biex isibu impjegati bil-ħiliet adattati.

2.3. Is-sitwazzjoni titlob approċċ ġdid għat-titjib tal-bażijiet ta' impjeg u tkabbir bil-ħsieb li jiġu żviluppatti ħiliet vokazzjonali u kwalifiki ta' kwalità għolja u rilevanti għas-suq tax-xogħol u swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw tajjeb.

2.4. Madankollu, hemm differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri tal-UE, fir-rigward tal-esperjenzi tagħhom biex jintegraw liż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol.

⁽¹⁾ Eurostat, Marzu 2015, Fatti u ċifri ta' qgħad fost iż-żgħażaġh.

⁽²⁾ Eurostat [tesem 150], 2014.

2.5. F'ħafna pajjiżi, persuni b'taħriġ vokazzjonali jiffurmaw il-maġġoranza tal-impjegati fis-settur privat iżda għandhom rwol sinifikanti wkoll f'partijiet tas-settur pubbliku. Illum, fl-Ewropa, madwar nofs l-istudenti tas-sekondarja ogħla jsegwu programm ta' ETV u madwar kwart minnhom jipparteċipaw f'taħliem ikkombinat ibbażat fuq l-iskola u fuq ix-xogħol⁽³⁾. Iżda hemm sfidi ewlenin biex l-ETV isiru iktar attraenti permezz tat-titjib tal-kwalità u r-rilevanza tagħhom.

2.6. F'għadd ta' Opinjonijiet tiegħu⁽⁴⁾, il-KESE enfasizza l-importanza li jinħolqu l-kundizzjonijiet it-tajba għaż-żgħażaġh, bil-għan li tiġi faċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol billi tingħata spinta lill-opportunitajiet fejn iż-żgħażaġh iwettqu forum differenti ta' taħriġ doppju bħala parti minn edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja.

2.7. Il-KESE jemmen li huwa importanti li jinżamm il-momentum u jiġi żgurat li, fl-Istati Membri individwali, flimkien mal-imsieħba soċjali, is-sistemi tal-ETV tagħhom jiġu adattati billi jiddaħħlu fihom komponenti ta' taħliem doppju.

3. Fehim tad-definizzjonijiet – is-sistemi ta' taħriġ doppju fl-Ewropa

3.1. Din l-Opinjoni tiffoka fuq is-sistemi ta' taħriġ doppju fl-ETV. It-taħriġ doppju huwa terminu ġeneriku li jkopri diversi mudelli nazzjonali. Skont is-Cedefop, it-taħriġ doppju jikkonċerna l-kombinazzjoni ta' perjodi ta' edukazzjoni jew taħriġ fi skola jew ċentru ta' taħriġ u f'post tax-xogħol. Id-duwalità tirreferi għall-mezzi ta' taħliem (skejjel/fornituri tal-ETV u kumpaniji tat-taħriġ li jaqsmu bejniethom ir-responsabilità biex jipprovdur taħriġ teoretiku u Prattiku) u d-duwalità ta' atturi (pubbliċi u privati).

3.2. L-Istati Membri kollha għandhom sistemi li jinkorporaw l-element ibbażat fuq ix-xogħol, iżda l-kwalità, ir-riżultat u l-iskala tagħhom ivarjaw⁽⁵⁾. Pereżempju, x'inhu l-ammont ta' ħin mqatta' f'post tax-xogħol? Hemm kuntratt bejn min qed jitgħallem u min iħaddem, dak li qed jitgħallem jitħallas, u x'inhu r-rwol tal-imsieħba soċjali?

3.3. M'hemm l-ebda mudell uniku jew "l-aqwa wieħed" u l-iżvilupp ta' sistema doppja tiddependi minn ħafna kuntesti ekonomiċi u soċjali.

3.4. Hemm tliet approċċi wiesgħin għat-taħriġ tal-ETV illum:

— L-apprendistati jikkombinaw u jalternaw bejn taħriġ f'kumpanija u edukazzjoni bbażata fuq l-iskola, u jwasslu għal kwalifika rikonoxxuta fil-livell nazzjonali. Normalment, ikun hemm relazzjoni kuntrattwali bejn l-impjegatur u l-apprendist, fejn l-apprendist jitħallas (bħal fl-Awstrija, id-Danimarka u l-Ġermanja).

— L-ETV bbażati fuq l-iskola flimkien ma' taħriġ fuq il-post tax-xogħol. Dan jinkludi perjodi iqsar ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol (eż. internships, u esperjenzi Prattiki ta' xogħol) bħala element obbligatorju jew fakultattiv tal-programmi tal-ETV u jwassal għal kwalifiki formali.

— Programmi bbażati fuq l-iskola.

3.5. Il-qofol ta' kollox hija r-rabta mill-qrib mal-post tax-xogħol u s-sinerġiji li għandhom jiġu żviluppatti bejn l-istudent, il-bażi teoretika u t-taħliem Prattiku u l-iżvilupp fuq il-post tax-xogħol.

⁽³⁾ Kummissjoni Ewropea, Education and Training report, Novembru 2014.

⁽⁴⁾ Pereżempju:

— Opinjoni tal-KESE dwar "L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali postsekondarji bħala alternattiva attraenti għall-edukazzjoni għolja" (ĠU C 68, 6.3.2012, p. 1).

— Opinjoni tal-KESE dwar "Qafas ta' Kwalità għall-Apprendistati" (ĠU C 214, 8.7.2014, p. 36).

— Opinjoni tal-KESE dwar "L-impjegabbiltà taż-żgħażaġh – inqas bl-impjegat taħriġ mal-ħtiġijiet tal-industrija fi żmien ta' awsterità" (ĠU C 311, 12.9.2014, p. 7).

— Opinjoni tal-KESE dwar "Miżuri għall-impjeg taż-żgħażaġh – l-aħjar Prattiki" (ĠU C 424, 26.11.2014, p. 1).

⁽⁵⁾ Studju tal-Parlament Ewropew, Dual education: a bridge over troubled waters, Ġunju 2014.

4. L-Isfond Politiku Ewropew

4.1. Il-Kunsill Ewropew tas-27/28 ta' Ġunju 2013 ⁽⁶⁾ qabel dwar strateġija ġdida għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, inkluż l-għan li jiġu promossi "apprendistati ta' kwalità għolja u taġhlim imsejjes fuq ix-xogħol". 22 Stat Membru rċeview rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jadattaw is-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali tagħhom, billi titqiegħed enfasi akbar fuq daww il-komponenti ta' taħriġ u ta' apprendistati ta' kwalità għolja li jkunu msejsa fuq ix-xogħol għaż-żgħażaġh.

4.2. Fil-livell tal-UE, ittieħdu firxa ta' miżuri. Pereżempju, għet adottata garanzija għaż-żgħażaġh, fondi tal-FSE ġew allokati għall-iżvilupp ta' apprendistati fil-livell nazzjonali, inkluż s-sistema ta' taħriġ doppju, u għet stabbilita Alleanza Ewropea għall-Apprendistati.

4.3. Fil-Qafas ta' Azzjonijiet dwar l-Impjeg taż-Żgħażaġħ ta' Ġunju 2013 ⁽⁷⁾, l-imsieħba soċjali Ewropej enfasizzaw ukoll il-valur ta' mudelli ta' taġhlim imsejjes fuq ix-xogħol, bħalma huma is-sistemi ta' taġhlim doppju.

4.4. Il-Presidenza Latvjana approvat ħames riżultati bħala parti mir-reviżjoni tal-Bruges Communiqué. L-ewwel wieħed minn dawn ir-riżultati ser ikun il-promozzjoni ta' taġhlim imsejjes fuq ix-xogħol b'attenzjoni speċjali għat-taħriġ permezz tal-apprendistat ⁽⁸⁾.

5. It-taħriġ doppju bħala mezz kif jinbnew pontijiet lejn il-ħajja tax-xogħol

5.1. Studji mis-Cedefop u l-Kummissjoni Ewropea, pereżempju, jissuġġerixxu rabta pożittiva bejn is-sistemi tal-ETV imsejsa fuq l-edukazzjoni doppja u l-impjeg taż-żgħażaġh ⁽⁹⁾.

5.2. L-esperjenza u ċ-ċifri jtkellmu ċar u tond. Pajjiżi li għandhom sistemi ta' taħriġ vokazzjonali rilevanti u attraenti bbażati fuq prinċipji ta' taħriġ doppju jrendu aħjar fir-rigward tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol. Xi pajjiżi bħall-Awstrija jipprovdu wkoll eżempji tajba ta' possibilitajiet ta' taħriġ għal żgħażaġh żvantaġġati bħal għajnuna fuq ix-xogħol jew xibka ta' sikurezza għall-apprendisti.

5.3. Sistema ta' taħriġ doppju li tiffunzjona tipprovdi liż-żgħażaġh b'esperjenza ta' xogħol inizjali u konsegwentement dawn ikunu aktar attraenti għan-negozji u l-impjegaturi futuri. Fil-Ġermanja aktar minn żewġ terzi tal-apprendisti jibqgħu mal-istess impjegatur wara li jtemmu l-apprendistat tagħhom ⁽¹⁰⁾. Fid-Danimarka, iċ-ċifri ⁽¹¹⁾ juru li l-gradwati tal-ETV huma fost l-aktar li jsibu impjeg ġdid malajr jekk jingħataw is-sensja, u li għadd kbir jibdedw l-intrapriżi tagħhom stess.

5.4. Madanakollu, l-ETV u l-apprendistati ma jtkisux attraenti biżżejjed daqs l-edukazzjoni akkademika miż-żgħażaġh u l-ġenituri; jew jtkiesu biss bħala impjeg ta' xogħol manwali tradizzjonali. Li jintesa huwa "l-għarfien kompetittiv" li jista' jinkiseb permezz tat-taħriġ doppju – sabiex iż-żgħażaġh ma jkollhomx biss opportunità waħda ta' karriera iżda jiksibu għarfien kompetittiv li jkun jista' jiġi żviluppat aktar.

5.5. Bħala parti mill-istrateġija tal-UE 2020 imġedda, għandha tiġi kkunsidrata mira tal-UE għas-sehem ta' studenti fl-ETV u f'taħriġ doppju. Din tista' tagħti aktar attenzjoni għall-komponent b'saħħtu ta' impjegabilità u inklużjoni, fit-taħriġ doppju u fl-apprendistat.

5.6. Din il-mira trid tiġi ssettjata flivell għoli, peress li l-evidenza turi rabta pożittiva mal-impjeg, u jeħtieġ li tkis it-talbiet tas-suq tax-xogħol fil-ġejjieni għal ħaddiema tas-sengħa bi kwalifiki ta' livell medju.

⁽⁶⁾ <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-104-2013-EXT-1/en/pdf>

⁽⁷⁾ https://www.etuc.org/sites/www.etuc.org/files/201306_Framework_of_Actions_Youth_Employment_1.pdf

⁽⁸⁾ Konklużjonijiet tal-Presidenza, Riga, 22 ta' Ġunju 2015.

⁽⁹⁾ Perezempju: Cedefop Labour market outcomes of VET in Europe 2013, Kummissjoni Ewropea, Education and training Monitor 2014 u OECD, Learning for Jobs, reviews of VET 2010.

⁽¹⁰⁾ Germany trade & invest, DIHK, Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka, IAB, Uffiċċju Federali tal-Istatistika 2013.

⁽¹¹⁾ <http://www.da.dk/bilag/AMR09%2CArbejdsmarkedsrapport%202009.pdf>

5.7. Biex jittejjbu l-immaġni u l-attraenza, jinħtieġ sforz konġunt mill-iskejjel, iċ-ċentri ta' taħriġ u l-intrapriżi, l-imsieħba soċjali u l-politikanti. L-iskejjel tal-ETV u ċ-ċentri ta' taħriġ għandhom ikunu aktar adattabbli għat-tibdil fil-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol u fl-ekonomija. Il-kompetizzjonijiet dwar ħiliet u l-mudelli f'dan ir-rwol jistgħu jiġu mħeġġa sabiex jesibixxu ħiliet jew skejjel, kif ukoll biex jispiraw żgħażaġh irġiel u nisa. Jekk jinħolqu possibbiltajiet ta' edukazzjoni ogħla biex jiġu evitati apprendistati li l-istudenti u l-ġenituri jqisu li ma jwasslu għal imkien, jew jekk jittejjbu l-programmi tal-intramobbiltà EU bħal Erasmus +, l-iskemi jistgħu jsiru iktar attraenti.

5.8. Servizzi tajba ta' gwida dwar il-karriera u fi żmien bikri huma kruċjali sabiex jittejjbu l-fehim u l-immaġini tas-sistemi ta' taħriġ doppju.

5.9. L-għalliema għandhom ukoll rwol x'jaqdu biex is-sistemi tat-taħriġ doppju jsiru iktar attraenti u jkollhom influwenza diretta fuq il-perċezzjoni taż-żgħażaġh rigward l-ETV. Li wieħed isir għalliem tal-ETV għandu wkoll jitqies bħala proposta attraenti. Mod wieħed huwa li jiġi żgurat li l-ħiliet professjonali ta' taħriġ tal-għalliema jiġu aġġornati kontinwament, filwaqt li tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-kumpaniji sabiex l-għalliema jiġu aġġornati dwar il-ħtiġijiet ta' kumpaniji, il-prattiki ta' ħidma attwali, teknoloġiji ġodda, eċċ.

5.10. F'sistema ta' taħriġ doppju, il-preżenza ta' membru tal-persunal ikkwalifikat u motivat li jaġixxi bħala tutor jew persuna li tħarreġ fil-kumpanija għandha tkun rekwiżit bażiku għall-garanzija tal-kwalità. Għandha ssir enfasi akbar fuq ir-responsabbiltà ta' dawk li jipprovdu t-taħriġ fi ħdan il-kumpaniji. Deskrizzjonijiet aktar dettaljati u iżjed ċari tal-kompetenzi li għandhom jinkisbu jistgħu jgħollu l-livell tal-kwalità tat-taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol.

6. Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni bbażati fuq l-evidenza u li huma kontinwi għas-sistemi u l-politiki ta' taħriġ u edukazzjoni vokazzjonali

6.1. Diġà twettqu għadd ta' studji li jindikaw li s-sistemi ta' taħriġ doppju tal-Ġermanja, l-Iżvizzera u l-Awstrija, pereżempju, jiffunzjonaw sew, fis-sens li jipprovdu liż-żgħażaġh b'taħriġ xieraq u punt tad-dħul tajjeb fil-ħajja tax-xogħol. Iżda m'hemm l-ebda "l-aħjar mudell uniku" – l-għan huwa li jiġu identifikati strutturi u Prattiki ta' suċċess.

6.2. Informazzjoni aktar trasparenti dwar il-kawża-kontenut-riżultati tista' tgħin biex jiġu identifikati l-elementi ewlenin li jikkarakterizzaw is-sistemi ta' taħriġ doppju li jiffunzjonaw sew. Filwaqt li l-parti l-kbira tal-Istati Membri u s-Cedefop jiġbru data dwar l-impjegabbiltà tal-gradwati tal-ETV, jista' jsir użu akbar ta' tali data biex jittejjbu s-sistemi – inkluż it-taħriġ doppju.

6.3. Is-sehem ta' "taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol", pereżempju, jista' jintuża bħala fattur varjabbli għall-valur referenzjarju tal-impjegabbiltà fl-UE. Valur referenzjarju Ewropew għat-taħriġ doppju, jista' juri l-korrelazzjoni bejn is-sistemi ta' taħriġ doppju u l-impjeg taż-żgħażaġh. Id-data għal tali valur referenzjarju tista' tinġabar kull sena permezz tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol.

6.4. F'kooperazzjoni mas-Cedefop l-Eurostat (Ewrobarometru) jista' jwettaq studju aktar sistematiku dwar iż-żgħażaġh li jlestu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u li jkollhom il-ħiliet imfittxija, u anke dwar kif it-taħriġ doppju fl-intrapriżi għenuhom jiksbu dawn il-ħiliet.

6.5. Il-ġbir ta' data nazżjonali komparabbli li fuqha tista' tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-pajjiżi fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-eżiti tas-sistemi differenti ta' taħriġ doppju fl-Ewropa tista' tkun utli. Is-Cedefop, l-Eurostat u l-Kummissjoni diġà jiġbru data bħala parti mill-istrategġija tal-ET 2020 u ta' Kopenhagen, iżda l-UE għandha bżonn ta' għodda koerenti li tqis il-progress kif ukoll l-effetti tar-riformi li attwalment qed jiġu implimentati f'ħafna Stati Membri sabiex itejbu l-prestazzjoni u l-kwalità tas-sistemi tal-ETV nazżjonali.

Il-KESE jipproponi li din l-għodda għall-valutazzjoni tal-kwalità għandha tal-anqas tindirizza l-kwistjonijiet politiċi li ġejjin:

— Kif u għaliex it-taħriġ doppju jwassal għal aktar impjegji?

- It-taħriġ doppju jwassal għal inqas xkiel fis-suq tax-xogħol, bħal perjodi iqsar ta' qgħad, u t-tqabbil aħjar tal-ħiliet?
- Kif jista' t-taħriġ doppju jwassal għal żieda fil-mobilità, kemm fi ħdan is-setturi differenti kif ukoll bejniethom?

6.6. Sett ta' parametri relattivament sempliċi bbażati fuq il-ħin jista' jintuża bħala punt tat-tluq għal analizzijiet iktar kwalitattivi, u fl-istess ħin jista' jintuża għall-monitoraġġ tal-iżviluppi fir-rigward tal-proċess f'kull pajjiż meta jadatta s-sistemi tal-ETV skont il-prinċipji u l-benefiċċji tat-taħriġ doppju. Pjattaforma tad-data ta' dan it-tip tista' wkoll tagħti kontribut għax-xogħol tal-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati, u għal dak tal-Qafas Ewropew ta' Referenza tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET).

7. Prestazzjoni aħjar tas-sistemi nazzjonali ta' taħriġ doppju u l-parteċipazzjoni tal-kumpaniji

7.1. Hemm ħafna sfidi li għadhom mhumiex qed jittieħdu bis-serjetà, pereżempju fir-rigward tal-kwalità tat-taħriġ u r-rilevanza għan-negozju.

7.2. L-apprendistati għandhom rwol importanti biex jaqdu l-bżonnijiet tal-ħiliet tal-kumpaniji, filwaqt li jgħinu liż-żgħażaġh jidħlu fis-suq tax-xogħol. L-apprendistati joffru lill-impjegaturi għadd ta' vantaġġi; dawn jinkludu tqabbil aħjar ta' ħiliet li jirriżultaw minn taħriġ intern, u għarfien u perspettivi ġodda. Apprendistati li jkunu żviluppanti tajjeb jinvolvu għadd ta' drittijiet u obbligi għal dawk kollha involuti.

7.3. Il-kumpaniji jridu jaraw dan bħala investment fir-riżorsi umani kkwalfikati futuri u jieħdu r-responsabbiltà biex fil-fatt iħarrġu liż-żgħażaġh. Iżda biex il-kumpaniji – inklużi l-SMEs – iqisu l-apprendistati bħala investment jeħtieġ li jkun hemm provvediment sabiex ikollhom aktar sens ta' sjieda fl-iskemi, inkluż it-tfassil tal-kurrikulu.

7.4. Xi impjegaturi jibżgħu li l-ispiża għat-taħriġ ta' apprendist tiżboq il-benefiċċji, iżda din l-attitudni trid tiġi miġġielda. Analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji fl-Iżvizzera turi li l-kontribut produttiv ta' apprendist jeċċedi l-ispejjeż tat-taħriġ (inklużi l-pagi tal-apprendisti) b'aktar minn EUR 6 000 għal kull apprendistat⁽¹²⁾, u BUSINESSEUROPE attwalment qed ttwettaq studju dwar l-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji tal-apprendistati.

7.5. Fxi pajjiżi, ġew stabbiliti fondi għall-kondiviżjoni tal-piżijiet finanzjarji li permezz tagħhom il-kumpaniji iħallsu ċerta somma lill-fond biex jikkumpensaw għas-siġhat fl-iskola jew l-ispejjeż tat-trasport (fid-Danimarka, Arbejdsgivernes uddannelsesbidrag). Fl-Awstrija, il-kumpaniji jirċievu bonus għal apprendisti mħarrġa li jingħataw valutazzjoni tajba. Fil-pajjiż (Vorarlberg) jeżisti mudell tal-qsim tal-piżijiet, li fil-hil il-kumpanija tħallas 0,02 % tal-ispiża totali tal-pagi tal-apprendisti f'fond tat-taħriġ. Wara 18-il xahar issir valutazzjoni tat-taħriġ u l-kumpaniji li jipprovdu apprendistati tajba jingħataw bonus bħala kumpens.

7.6. Madankollu, l-analizzijiet tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji jistgħu jkunu differenti f'setturi differenti u taħt sistemi differenti tal-ETV. Għalhekk hemm bżonn li s-sistemi nazzjonali ta' taħriġ jiġu vvalutati b'mod kostanti u, meta xieraq, jiġu adattati sabiex jiġi żgurati li jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej. Għal dan il-għan, għodod tal-valutazzjoni aktar komparabbli u ta' kwalità jistgħu jgħinu wkoll lill-Istati Membri f'dan ir-rigward.

7.7. Garanzija ta' kwalità tajba u valutazzjoni ta' apprendistati u ta' skemi ta' taħriġ doppju, inklużi l-kundizzjonijiet tax-xogħol, huma daqstant importanti u hawnhekk l-imsieħba soċjali wkoll jista' jkollhom rwol. Fuq kollox, l-imsieħba soċjali għandhom ikunu involuti fit-tfassil tad-dispożizzjonijiet nazzjonali għat-taħriġ doppju u jistgħu wkoll, permezz ta' tradizzjonijiet ta' negozjar kollettiv adatti, jgħinu biex jiġu żgurati apprendistati u forom oħra bbażati fuq ix-xogħol. It-trejdjunjins u r-rappreżentanti tal-unjins ukoll jistgħu jaqdu rwol akbar fit-taħriġ u l-benesseri taż-żgħażaġh fi ħdan kumpanija.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽¹²⁾ EENEE POLICY BRIEF 3/2012 NOVEMBRU 2012, "Apprenticeship Training Can Be Profitable for Firms and Apprentices Alike" minn Stefan C. Wolter, l-Università ta' Berne.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Niġġieldu l-korruzzjoni fl-UE: nindirizzaw it-tħassib tan-negozji u tas-soċjetà ċivili”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/11)

Relatur: is-Sur Filip HAMRO-DROTZ

Korelatur: is-Sur Pierre GENDRE

Nhar is-16 ta' Ottubru 2014, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

“Niġġieldu l-korruzzjoni fl-UE: nindirizzaw it-tħassib tan-negozji u tas-soċjetà ċivili”.

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI), inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-15 ta' Lulju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-16 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'184 vot favur u astensjoni waħda (1).

1. Rakkomandazzjonijiet

1.1. L-UE għandha tiżviluppa mill-aktar fis possibbli **strategġija komprensiva u koerenti fuq perjodu ta' ħames snin kontra l-korruzzjoni, li tinkludi pjan ta' azzjoni, approvata mill-presidenti** tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew. Il-presidenti tal-UE u l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom **jieħdu l-impenn li jinkludu objettivi ċari kontra l-korruzzjoni fil-programmi tagħhom**, kif ukoll fil-kooperazzjoni interistituzzjonali. Għandu jkollhom aġenda li tħares 'il quddiem u għandhom jiffokaw fuq kwistjonijiet trasversali kontra l-korruzzjoni fi ħdan l-UE u fir-relazzjonijiet esterni tal-UE, fuq żieda fl-appoġġ lill-Istati Membri u kooperazzjoni transnazzjonali msaħħa kif ukoll fuq it-titjib tal-integrità tal-istituzzjonijiet u fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. **Il-promozzjoni tat-trasparenza u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni** għandhom ikunu objettivi ewlenin tal-politiki kollha tal-UE. L-istrategġija għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet li saru f'din l-opinjoni.

1.1.1. **L-ewwel prijorità għandha tkun li l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-isforzi tagħhom biex jimplementaw u jinfurzwaw** strumenti nazzjonali, internazzjonali u Ewropej eżistenti.

1.1.2. **Il-progress relatat mal-istrategġija għandu jiġi rivedut** bħala parti mill-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew, waqt li jitqiesu r-rapporti kontra l-korruzzjoni u l-istħarriġ regolari tal-Kummissjoni. Il-prevalenza tal-korruzzjoni għandha titqies ukoll fil-monitoraġġ tal-UE dwar kif l-istat tad-dritt jiġi rispettata fl-Istati Membri, u indirizzat b'mod speċifiku bħala parti mill-kondizzjonalità tal-programmi ta' appoġġ ekonomiku miftiehma mal-Istati Membri u l-pajjiżi terzi.

1.2. **Il-kooperazzjoni transnazzjonali msaħħa u inklużiva kontra l-korruzzjoni** għandha tkun il-kunċett ewlieni tal-istrategġija:

1.2.1. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE għandhom **isaħħu l-kooperazzjoni transnazzjonali kontra l-korruzzjoni** fil-kuntest tal-istrategġija Ewropea ta' Sigurtà Interna 2015-2020 imġedda, COM(2015)185, **isaħħu l-koordinazzjoni** fost il-korpi rilevanti (OLAF, Eurojust, Europol, l-Ombudsman, il-Qorti tal-Awdituri) u **jiżguraw ġestjoni effettiva** tan-Netzwerk Ewropew Kontra l-Korruzzjoni (EACN). Huma għandhom **jespandu l-iskambju tal-aħjar prattiki u jsaħħu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-prosekuturi pubbliċi nazzjonali** fil-każijiet kriminali transkonfinali, pereżempju fl-irkupru u r-ripatrijazzjoni tal-assi kriminali.

1.2.2. Il-Kunsill Ewropew għandu **rwol prinċipali ta' tmexxija** u jista' jixpruna l-ġlieda kontra l-korruzzjoni billi:

— iniedi programmi sabiex **jiġu promossi l-għarfien u l-edukazzjoni fl-Istati Membri dwar: il-valur tal-integrità fis-soċjetà u l-ekonomija**: in-natura u l-firxa tal-korruzzjoni fil-politika, il-ġudikatura u l-amministrazzjoni pubblika; ir-rwol tal-korruzzjoni fit-trażżin tal-libertà tal-midja, il-firxa tal-kriminalità organizzata u t-tnaqqis tal-kompetittività; u għal ftuħ ta' dibattitu sostantiv dwar il-futur tal-governanza demokratika fl-Ewropa;

- jinkoraġġixxi u jintroduċi **miżuri li jilqgħu kontra l-korruzzjoni**; billi jiġu inizjati f'dan il-kuntest anke azzjonijiet għar-rieżami u l-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-UNCAC fi ħdan l-UE, (b'konformità mal-Artikolu 63 tal-UNCAC u r-Riżoluzzjoni 3/1);
- **iżid l-isforzi biex issir l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni kriminali nazzjonali**, fejn dawn saru ostaklu għal investigazzjoni u prosekuzzjoni effettiva ta' każijiet ta' korruzzjoni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari sabiex jiġu **armonizzati d-definizzjonijiet tal-korruzzjoni** u tal-kunflitti ta' interess. Dan jista' jinkiseb preferibbilment permezz ta' leġislazzjoni tal-UE jew permezz ta' oqfsa bħall-“Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni” bil-għan li jiġu identifikati profili leġislattivi bħala gwida għall-Istati Membri;
- jilħaq qbil mingħajr dewmien dwar ir-Regolament li **jistabbilixxi Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)** u r-regolament imġedded dwar **il-Eurojust**.

1.2.3. **Is-Summit Soċjali Tripartitiku** għandu, abbażi tal-Artikoli 152-155 tat-TFUE, iqis kif id-djalogu soċjali kemm fil-livell orizzontali kif ukoll f'dak settorjali jista' jikkontribwixxi għall-isforzi ta' prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

1.2.4. Għandhom jissaħħu **l-konsultazzjoni u l-involvement tas-soċjetà ċivili**, abbażi tal-Artikolu 11 tat-TFUE, kif ukoll **tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni**, fir-rigward tal-inizjattivi tal-UE kontra l-korruzzjoni.

1.2.5. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-korpi rilevanti għandhom, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, jintensifikaw l-azzjonijiet biex **iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku** dwar kif iċ-ċittadini jistgħu jiġu involuti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, waqt li jiġu enfasizzati d-drittijiet u r-rimedji disponibbli taħt il-liġi tal-UE. Tkun meħtieġa kampanja ta' informazzjoni mmirata lejn il-midja tal-massa, pereżempju biex jiġu ċċarati l-mezzi disponibbli għaċ-ċittadini biex jiġu rrapportati s-suspett ta' korruzzjoni u l-użu ħażin tal-fondi tal-UE. Dan għandu jmur id f'id ma' trasparenza akbar dwar kif qed jintefqu l-fondi.

1.3. L-UE għandha, minbarra l-miżuri leġislattivi, tnedi u tappoġġja miżuri alternattivi biex **jiġu promossi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' konformità, kif ukoll kodiccijiet u standards kontra t-tixħim u l-korruzzjoni f'kumpaniji individwali**, f'konformità ma' strumenti u linji gwida internazzjonali, settorjali u Ewropej. Il-kunċett ta' involviment trasparenti u inklużiv tal-partijiet interessati rilevanti, inklużi l-impjegati, jista' jkun parti mill-implimentazzjoni ta' kodiċi ta' etika (li jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar żvelar ta' informazzjoni protetta) mill-kumpanija individwali. Il-kumpaniji madwar id-dinja għandhom ikunu obbligati jkollhom sistema ta' ġestjoni kontra l-korruzzjoni li għandha tintgħażel għall-proġetti li jkunu rċevew fondi tal-UE.

1.3.1. L-UE għandha tuża wkoll it-tiġdid tal-Istrateġija tal-UE dwar ir-Responsabbiltà Korporattiva sabiex, bl-għajnuna tal-assoċjazzjonijiet tan-negozji, l-imsieħba soċjali u dawk kummerċjali, teżamina kif jistgħu jinxterdu b'mod wiesa' l-aħjar Prattiki dwar il-governanza u l-etika korporattivi.

1.3.2. Il-Kumitat jilqa' d-direttiva reċenti dwar ir-rappurtar mhux finanzjarju, li tobbliga lill-kumpaniji kbar tal-UE li jħejju rapporti dwar l-istandards tagħhom ta' konformità u dawk etiċi. Din għandha **tħeġġeġ lill-kumpaniji biex jiżguraw li l-istandards kontra l-korruzzjoni, inklużi mekkaniżmi ta' twissija adegwati, jkunu mħarsa tul il-katina tal-provvista tagħhom** u li anke l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju jadottaw miżuri proporzjonati.

1.3.2.1. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-provvista ta' riżorsi naturali li ħafna drabi jkunu sors ta' vulnerabbiltà għall-korruzzjoni. L-UE tista' tibni fuq l-aħjar Prattiki fis-settur tal-forestrija u l-approċċi regolatorji għall-minerali ta' kunflitt fl-Istati Uniti. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura approċċ konsistenti fir-reviżjoni tal-istrateġija tagħha dwar il-materja prima. Għandha taħdem ukoll ma' rappreżentanti tan-negozju fil-livell Ewropew biex tiżviluppa approċċ koerenti u konsistenti sabiex tinqered il-korruzzjoni fil-katina tal-provvista.

1.4. Il-Kummissjoni Ewropea għandha terġa' **teżamina** d-direttivi **dwar l-akkwist pubbliku**, speċifikament biex tara kif jistgħu jittejjeb t-trasparenza u l-affidabilità tal-proċeduri. Għandha tissorvelja b'mod proattiv kif l-Istati Membri (anke fil-livell reġjonali u lokali) jimplimentaw id-dispożizzjonijiet eżistenti dwar **il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess u favoritiżmu** u ttipprovdi linji gwida aktar dettaljati fejn meħtieġ. Ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku għandhom ikopru l-kumpaniji kollha, irrispettivament mill-orijini.

1.4.1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura li jkun hemm mezzi xierqa sabiex tiġi rrapportata l-korruzzjoni fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku fil-livell nazzjonali u lokali, u li jkun hemm possibbiltajiet aħjar għal rimedju – inkluż minn partijiet oħra apparti dawk li huma direttament affettwati. L-UE u l-Istati Membri għandhom jippromovu **livell għoli ta' trasparenza** f'dawn il-proċeduri. Huwa apprezzat li l-akkwist elettroniku ser isir standard; Għandu jitqajjem għarfien dwar il-fatt li l-informazzjoni dwar il-proċess tal-offerta u l-kuntratti rebbieħa hija disponibbli fuq il-pjattaforma elettronika tal-UE, TED (Tenders Electronic Daily), f'formati li jistgħu jiġu aċċessati u analizzati faċilment.

1.4.2. Il-kumpaniji li jagħmlu offerti għal kuntratti ta' akkwist pubbliku għandhom jipprovdu informazzjoni dwar is-sjeda tagħhom, inkluż is-sid benefiċjarju tal-kumpanija. Il-kumpaniji l-kbar li jagħmlu offerti għal kuntratti għandu **jkollhom kodiċi soda kontra t-tixħim u kontra l-korruzzjoni** (f'konformità mal-istrumenti/linji gwida internazzjonali, Ewropej u settorjali). L-iżvelar tal-informazzjoni għandu jirrispetta l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali (ara l-Opinjoni tal-KESE INT/145) u m'għandhux jiġi m'fissel minn differenzi fil-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data.

1.4.3. L-UE għandha thegħeġ l-użu ta' sanzjonijiet, u bħala rikors għal sanzjoni finali, l-esklużjoni minn offerti ta' akkwist pubbliku, għal tul ta' żmien proporzjonat, kif ukoll miżuri ekwivalenti għal persuni fis-settur pubbliku, bħala deterrent kontra l-korruzzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investment u l-Istati Membri tal-UE għandhom joħolqu sistema mifruxa mal-UE ta' esklużjoni reċiproka li tintegra sistemi ta' esklużjoni fil-livell Ewropew u dak nazzjonali u li tiżgura li persuni korrotti jiġu pprojbiti milli jipparteċipaw f'offerti pubbliċi fl-UE, kif jipprevedu d-direttivi ta' akkwist għodda tal-UE (2014/24 and 25). Il-persuni fis-settur pubbliku għandhom jiffaċċjaw konsegwenzi ekwivalenti. Din l-esklużjoni għandha fuq kollox tiġi kkunsidrata f'każijiet meta kumpanija tkun ġiet kundannata għal għemil ħażin, jew tkun naqset milli **tistabbilixxi miżuri preventivi kontra l-korruzzjoni**. Is-sistema għandha tagħmel konċessjonijiet għal kumpaniji li jkunu wettqu riformi u hađu passi xierqa sabiex jipprevjenu milli jseħħu atti korrotti ("awtopulitura"). Għandu jiġi promoss l-użu ta' "patti tal-integrità" – impenji mill-awtoritajiet pubbliċi u negozji għal standards ogħla ta' trasparenza u integrità fl-akkwist pubbliku. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni aktar stretta lill-imġiba etika u l-obbedjenza f'kumpaniji li huma proprjetà tal-Istat u tal-amministrazzjoni pubblika, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell reġjonali/lokali.

1.5. L-UE għandha **ttejjeb it-trasparenza tal-flussi finanzjarji** madwar l-UE. Il-leġislazzjoni reċenti biex tittejjeb it-trasparenza tas-sjeda korporattiva bħala parti mir-raba' Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus hija pass milqugħ, iżda hemm **bżonn ta' informazzjoni pubblika** dwar is-sidien li jibbenefikaw minn trusts u strutturi korporattivi oħrajn. It-trasparenza tal-flussi finanzjarji internazzjonali tittejjeb fuq kollox permezz ta' rappurtar korporattiv imsaħħaħ, abbażi tal-linji gwida settorjali u internazzjonali u l-leġislazzjoni rilevanti tal-UE li tkun teħtieġ lill-kumpaniji multinazzjonali jirrapportaw data finanzjarja ewlenija fil-pajjiżi fejn joperaw.

1.5.1. **Il-konformità tal-banek** mal-leġislazzjoni applikabbli tal-UE għandha tittejjeb. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea u l-Awtorità Bankarja Ewropea għandhom jieħdu rwol aktar attiv biex jiżguraw li n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tar-regoli fi Stat Membru partikolari ma jdgħajfux is-sistema globali. Il-Kummissjoni Ewropea għandha wkoll tuża l-kompetenzi tagħha biex tarmonizza s-sanzjonijiet kriminali f'dan il-qasam biex jiġi żgurat li jkun hemm sanzjonijiet dissuważivi adegwati fil-ġurisdizzjonijiet kollha tal-UE. L-Istati Membri għandhom jiġu ggwidati wkoll biex jistabbilixxu offiċi kriminali għall-**arrikkiment illeċitum**wettaq intenzjonalment minn uffiċjal pubbliku, kif iddikjarat fl-Artikolu 20 tal-UNCAC."

1.6. F'haġna każijiet, l-espożizzjoni tal-korruzzjoni tiddependi fuq ir-rieda tal-informaturi biex jikxfu s-sitwazzjoni, sakemm dan isir b'intenzjoni tajba u b'raġunijiet raġonevoli. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tfittex modi alternattivi biex tiġi **promossa protezzjoni tal-informaturi**, twettaq studju dwar il-fattibbiltà ta' strumenti fil-livell tal-UE, possibbilment regolament jew direttiva, filwaqt li jitqiesu l-linji gwida settorjali u internazzjonali u r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew. Ir-rispett tal-privatezza u s-sigrieti kummerċjali ma' għandux iżomm lura l-espożizzjoni ta' korruzzjoni (id-Direttiva 2013/36 (CRD IV)). Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet ta' salvagwardja adatti biex jipproteġu lill-partijiet rilevanti minn żvelar ħażin ta' informazzjoni protetta.

1.7. Id-distribuzzjoni u **l-infiq tal-flus tal-kontribwenti tal-UE** permezz tal-fondi strutturali u ta' investiment tal-UE (inkluż il-FEIS) jippreżentaw riskji għall-użu ħażin, kif juru l-esperjenza u r-riċerka. Il-frodi ta' spiss hi marbuta mal-korruzzjoni iżda l-investigazzjoni tiġi mfixkla mid-dgħufijiet fil-kooperazzjoni bejn l-UE u l-awtoritajiet nazzjonali. L-UE għandha tiegħu rwol aktar prominenti fil-monitoraġġ/l-awditjar tal-użu tal-finanzjament abbażi tal-**kunċett li l-korruzzjoni u l-frodi ma jiġux tollerati. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew** (UPPO) għandu jiġi stabbilit bħala uffiċċju indipendenti u effiċjenti Ewropew li jkollu riżorsi adegwati sabiex jinvestiga u jipprosekwi mhux biss irreati li jolqtu l-finanzi tal-UE, iżda wkoll l-offiċi transkonfinali serji bħall-korruzzjoni, kif stabbilit fit-Trattat ta' Lisbona. Għandhom jissaħħu wkoll il-kapaċitajiet tal-Eurojust peress li xi drabi jiġu involuti wkoll pajjiżi terzi li mhumiex koperti mill-UPPO.

1.8. L-UE għandha tintensifika **l-parteċipazzjoni tagħha fl-isforzi kontra l-korruzzjoni fix-xena globali**. Din għandha tinkludi **dispożizzjonijiet b'saħħithom kontra l-korruzzjoni fil-ftehimiet** mal-pajjiżi terzi. Għandu jkun hemm dispożizzjonijiet stretti ta' kundizzjonalità fil-programmi ta' finanzjament (qabel l-adeżjoni, viċinat, fondi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u għajnuna barranija, eċċ.) fir-rigward tal-ġlieda u l-prevenzjoni kontra l-korruzzjoni (anke għall-protezzjoni tal-fondi stess). Iridu jiġu implimentati mekkaniżmi robusti sabiex jiġu mmonitorjati l-implimentazzjoni u l-effettività.

1.8.1. Għandhom jittieħdu miżuri biex kemm fis-Suq Intern kif ukoll fix-xena internazzjonali jiġu protetti b'mod effiċjenti l-kumpaniji tal-UE li josservaw l-istandards etiċi kontra kompetituri minn pajjiżi terzi, li jinjoraw tali dispożizzjonijiet. Wieheċ mill-elementi ta' protezzjoni għandu jkun li "l-kundizzjonijiet tal-kuntratti għandhom jiġu abbozzati b'mod li jallokaw b'mod ġust ir-riskji assoċjati mal-kuntratt" (il-premessa 65 tar-Regolament CEF 1316/2013). Dan il-prinċipju għandu jiġi inkluż fit-test tal-istrumenti kollha tal-UE li jittrattaw il-fondi tal-UE.

1.8.2. L-UE għandha wkoll issahħha l-isforzi sabiex **tipprevjeni li s-sistema finanzjarja tagħha ssir rifuġju sigur għall-flus miksuba b'mod illegali**. Pereżempju l-ġrajjet fl-Afrika, fil-Lvant Nofsani u fl-Ukraina f'dawn l-aħħar snin urew li l-approċċi bilaterali għall-irkupru u r-ripatrijazzjoni tal-assi misruqa mhumiex adegwati. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiegħu rwol aktar attiv fl-ġhota ta' assistenza u fil-koordinazzjoni biex dawn l-assi misruqa jiġu ritornati lejn dawn il-pajjiżi.

1.9. **L-istituzzjonijiet tal-UE nfushom iridu jiżguraw li dawn huma x-xempju ta' trasparenza, integrità u governanza tajba** b'mod li jstabbilixxi standard għall-Istati Membri. Huwa biss b'dan il-mod li l-istituzzjonijiet tal-UE jkollhom l-awtorità u l-kredibbiltà li jibdew, jiggwidaw u jimplementaw il-miżuri stabbiliti hawn fuq. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom **jimmiraw għal livell massimu ta' obbligu ta' rendikont u trasparenza** fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, li jkun jinkludi l-ħolqien ta' "marka legiŝlattiva" għal-legiŝlazzjoni u l-politiki tal-UE – jiġifieri rekord pubbliku u f'waqtu ta' interazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u daww li jagħmlu l-lobbying – kif ukoll legiŝlazzjoni dwar ir-regiŝtrazzjoni obbligatorja ta' lobbying fl-UE.

1.9.1. L-UE għandha tkun ukoll konsistenti u proattiva **fil-monitoraġġ u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess**, peress li dawn jistgħu jinfluwenzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet. Għandhom jiġu stabbiliti kumitati tal-etika indipendenti bis-setgħa li joħorġu rakkomandazzjonijiet u sanzjonijiet vinkolanti. Fil-pjan ta' azzjoni ta' ħames snin imsemmi fir-Rakkomandazzjoni (1) għandhom jiġu inklużi aktar riformi, filwaqt li jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-Kummissjoni u tal-OLAF kontra l-korruzzjoni.

1.10. **IL-KESE għandu** jieħu azzjonijiet bi skop sabiex jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE:

— jissensibilizza lis-soċjetà ċivili bħala segwitu għall-opinjoni;

— jinvolvi lilu nnifsu fid-djalogu pubbliku-privat rilevanti dwar il-korruzzjoni, kif mixtieq mill-Kummissjoni;

— jindirizza l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-frodi f'opinjonijiet futuri u jikkunsidra opinjonijiet addizzjonali, inklużi opinjonijiet dwar il-korruzzjoni f'setturi individwali;

- iniedi l-kwistjoni fil-kooperazzjoni mal-KES nazzjonali u l-kuntatti mal-partijiet interessati, kif ukoll fl-attivitajiet esterni tal-KESE;
- jivvaluta r-reviżjoni tal-Kodiċi interna ta' Mġiba Amministrattiva Tajba tal-KESE u tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-KESE, inkluża l-introduzzjoni ta' regoli interni dwar l-informaturi;
- jippromovi kooperazzjoni regolari fil-qasam tal-isforzi kontra l-korruzzjoni fl-istituzzjonijiet tal-UE (il-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew), l-aġenziji rilevanti u l-Kumitat tar-Reġjuni;
- jistabbilixxi grupp ta' monitoraġġ kontra l-korruzzjoni.

2. Deskrizzjoni tal-korruzzjoni

2.1. Il-korruzzjoni hija definita b'mod komuni bħala "kwalunkwe abbuż ta' poter għal gwadann privat" fuq ispirazzjoni mill-UNCAC. L-opinjoni għandha din id-definizzjoni bħala l-punt ta' tluq tagħha.

2.2. Il-korruzzjoni hija mifruxa globalment. **Il-korruzzjoni fl-Ewropa hija stmata li tiswa lill-kontribwenti tal-UE madwar EUR 120 biljun kull sena** (minbarra frodi tal-fondi pubbliċi tal-UE) li kważi tiswa daqs il-baġit annwali ġenerali tal-UE, ammont li jirrappreżenta wieħed fil-mija tal-PDG tal-UE. Hemm differenzi sinifikanti fil-korruzzjoni bejn l-Istati Membri. F'ħafna minnhom il-korruzzjoni tippenetra l-livelli kollha tal-ħajja pubblika u privata. Fl-introduzzjoni għar-Rapport tal-UE tal-2014 Kontra l-Korruzzjoni, il-Kummissjoni Ewropea tgħid li "Il-korruzzjoni hi ta' dannu gravi għall-ekonomija u s-soċjetà kollha kemm hi ... L-Istati Membri tal-UE mhumiex immuni għal din ir-realtà. Il-korruzzjoni ... taffettwa l-governanza tajba, il-ġestjoni tajba tal-fondi pubbliċi, u s-swieq kompetittivi. F'każijiet estremi, hija timmina l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi."

2.3. **Il-korruzzjoni għandha ħafna uċuħ.** Tista' tiġi kklassifikata bħala korruzzjoni fis-settur pubbliku, korruzzjoni fis-settur privat u korruzzjoni politika, skont is-settur fejn din isseħħ. Il-korruzzjoni dejjem tinvolvi mill-inqas żewġ partijiet konsenswali fl-att illegali.

2.3.1. Eżempji tipiċi ta' korruzzjoni huma atti ta' tixħim, kemm fil-forma attiva kif ukoll f'dik passiva, inklużi l-offerta, l-għoti u l-aċċettazzjoni jew is-solleċitazzjoni ta' vantaġġ bħala inċentiv għal azzjoni legali, illegali jew mhux etika, li tista' tkun f'forma ta' rigali, self, miżati, faċilitazzjoni tal-pagamenti ("minn taħt"), benefiċċji ("kick-backs") u vantaġġi oħra bħal tnaqqis fit-tassazzjoni, viżi, servizzi, sponsorizzazzjoni u donazzjonijiet. Il-korruzzjoni f'ħafna każijiet hija marbuta wkoll ma' prattiki illegali oħra, bħall-iffissar tal-prezzijiet, l-immanuvrar tal-offerti, il-ħasil ta' flus, l-arrikkiment illegali, ir-rikatti u l-frodi. Hija preżenti wkoll fi tranżazzjonijiet inqas taṅġibbli bħall-favoritiżmu u n-nepotiżmu fil-ħatra ta' uffiċjali pubbliċi, l-eżerċitar ta' influwenza u l-iskambju ta' favuri, il-klijenteliżmu, l-immunità mhux etika, l-amnestija u prattiki ta' privatizzazzjoni, it-tixħim tal-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-pulizija, il-finanzjament tal-partiti politiċi u l-immanuvrar tal-kampanji elettorali. Kunflitti ta' interess mhux regolati jew ġestiti ħażin jistgħu jwasslu għall-korruzzjoni, pereżempju meta pożizzjonijiet profitabbli f'kumpaniji jiġu offruti mingħajr perjodu ta' preklużjoni lill-eksuffiċjali pubbliċi ("revolving doors").

2.3.2. Din l-attività mhux etika u illegali kollha hija ffaċilitata minn għadd ta' fatturi. Din tinkludi impedimenti legali (immunitajiet għall-uffiċjali eletti u statuti ta' limitazzjonijiet); in-nuqqas ta' standards internazzjonali, kodiċijiet ta' kondotta, u linji gwida etiċi u mekkaniżmi ta' twissija adegwati; in-nuqqas ta' trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet pubbliċi u kif dan jiġi influwenzat, pereżempju n-nuqqas ta' żvelar minn uffiċjali pubbliċi eletti jew maħtura tad-dħul finanzjarju u attivitajiet barranin, jew il-laqgħat mhux trasparenti ma' persuni li għandhom l-intenzjoni li jinfluwenzaw tali deċiżjonijiet.

2.3.3. Il-korruzzjoni ta' spiss hija marbuta mal-ekonomija informali u mal-kriminalità organizzata. Fil-Valutazzjoni tat-Theddid Gravi tal-Kriminalità Organizzata tal-2013, l-Europol jidentifika madwar 3 600 grupp u netwerk ta' kriminalità organizzata li bħalissa qed joperaw fi ħdan il-fruntieri tal-UE u qed jinfiltraw dejjem iktar l-aspetti kollha tal-ekonomija.

2.4. **Il-korruzzjoni hija perċepita bħala problema transnazzjonali kbira u dejjem tiżdied madwar l-UE** u internazzjonalment. Il-korruzzjoni ma tiqafx fil-fruntieri nazzjonali.

2.5. F'Ġunju 2011, **il-Kummissjoni Ewropea** ħadet pass importanti biex tindirizza u tiġġieled il-korruzzjoni fl-Ewropa permezz tal-adozzjoni ta' pakkett komprensiv kontra l-korruzzjoni. Dan stabbilixxa **mekkaniżmu tal-UE għar-rappurtar kontra l-korruzzjoni**. Fi Frar 2014, ġie ppubblikat l-ewwel Rapport tal-UE Kontra l-Korruzzjoni – COM(2014) 38 final. Hemm il-ħsieb li jinħarġu rapporti addizzjonali kull sentejn. Dan l-ewwel rapport **għandu l-għan li jniedi dibattitu wiesa' mal-partijiet interessati, inkluża s-soċjetà ċivili, biex jiġu appoġġati l-isforzi kontra l-korruzzjoni u jiġu identifikati modi kif l-istituzzjonijiet Ewropej jistgħu jgħinu biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni**. Il-kunċett ta' "parteċipazzjoni tas-soċjetà" huwa ispirat mill-Artikolu 13 tal-UNCAC.

2.5.1. Ir-rapport jindirizza problemi ta' korruzzjoni speċifiċi għall-Istati Membri individwali u b'mod ġenerali jenfasizza li l-Istati Membri għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom sabiex jindirizzaw il-korruzzjoni, peress li dawn jittrasponu, jimplimentaw u jinfurzaw b'mod insuffiċjenti d-dispożizzjonijiet ta' strumenti rilevanti internazzjonali u Ewropej.

2.5.2. Żewġ **stħarriġiet tal-perċezzjoni tal-Ewrobarometru** ġew ippubblikati flimkien mar-rapport: a) il-Barometru Speċjali dwar il-Korruzzjoni u b) l-"Istħarriġ Flash" iffokat fuq in-negozju.

2.5.2.1. Dawn huma l-punti prinċipali tal-istħarriġiet, fejn il-proporzjonijiet kollha jirreferu għan-numru ta' ċittadini/kumpaniji tal-UE li wiegħu għall-istħarriġ:

- **tliet kwarti taċ-ċittadini tal-UE jaħsbu li l-korruzzjoni hija mifruxa sew f'pajjiżhom**. F'għaxar Stati Membri, iċ-ċifra hija ogħla minn 90 %;
- **iktar minn nofs l-Ewropej jaħsbu li l-livell ta' korruzzjoni żdied tul dawn l-aħħar tliet snin**;
- **tliet kwarti tal-Ewropej jgħidu li t-tixħim u l-użu ta' konnessjonijiet ta' spiss huma l-eħfef mod kif jinkisbu ċerti servizzi pubbliċi** (pereżempju fil-kura medika u tas-saħħa) **f'pajjiżom**;
- **iktar minn żewġ terzi tal-Ewropej jaħsbu li l-korruzzjoni teżisti fl-istituzzjonijiet tal-UE, u aktar minn nofshom jaħsbu li l-istituzzjonijiet ma jgħinux biex titnaqqas il-korruzzjoni fl-Ewropa**;
- **madwar nofs il-kumpaniji jaħsbu li l-korruzzjoni hija problema għan-negozju**. Kumpaniji tal-istat u s-settur pubbliku, inklużi l-awtoritajiet fiskali u doganali, dehru partikolarment vulnerabbli;
- **aktar minn nofs il-kumpaniji nnotaw li l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku hija mifruxa sew minħabba l-kunflitti ta' interess, il-prattiki mhux trasparenti, u l-favoritiżmu**. L-akkwist pubbliku għall-proġetti u l-kuntratti fl-iżvilupp urban, l-infrastruttura, il-kostruzzjoni u l-kura tas-saħħa huwa identifikat bħala partikolarment vulnerabbli għall-korruzzjoni fil-livelli kollha.

2.6. Rapport tal-OECD f'Diċembru 2014 juri li l-iskala tat-**tixħim barrani** għadha għolja b'mod inaċċettabbli. Dan ir-rapport jiddeskrivi aktar minn 400 każ ta' tixħim tal-uffiċjali pubbliċi barranin bejn l-2009 u l-2014. Bħala medja, it-tixħim kien jirrappreżenta 11 % tal-valur totali tat-tranżazzjoni u f'haġna każijiet marbut mal-akkwist pubbliku. Żewġ terzi tal-każijiet sehew ferba' setturi: l-industrija estrattiva, il-kostruzzjoni, it-trasport u l-ħżin, u s-settur tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

2.7. Fir-rigward tal-isforzi biex jiġu protetti **l-interessi finanzjarji tal-UE (il-flus tal-kontribwenti ġestiti mill-UE)**, fl-2013 kien hemm 16 000 każ ta' **irregolaritajiet irrappurtati (madwar EUR 2 biljun) fl-użu tal-fondi tal-UE**, li minnhom kien hemm 1 600 każ frodulent (EUR 350 miljun). Sa mill-2009, l-għadd ta' irregolaritajiet irrappurtati żdiedu bi 22 % u l-valur bi 48 %. Il-falsifikazzjoni tad-dokumenti (probabbli haġna drabi marbuta mal-korruzzjoni) kienet is-sors ewlieni ta' din l-imġiba. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-UE nnotat fir-Rapport Annwali tagħha għall-2013 **użu ħażin jew żbalji ta' madwar 5 % tal-fondi mogħtija mill-UE**, l-iktar fil-qasam tal-politika reġjonali, l-enerġija u t-trasport, l-agrikoltura, l-ambjent, is-sajd u s-saħħa.

3. Strumenti internazzjonali kontra l-korruzzjoni u t-tixħim

3.1. Apparti l-legalizzazzjoni nazzjonali tagħhom kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim, l-Istati Membri tal-UE huma parti f'għadd ta' konvenzjonijiet u trattati internazzjonali, u huma konformi mal-legalizzazzjoni rilevanti tal-UE. Kull waħda minn dawn il-konvenzjonijiet għandha l-proċeduri ta' monitoraġġ tagħha stess, li normalment jinvolvu xi forma ta' reviżjoni bejn il-pari.

3.2. L-aktar strumenti u mekkaniżmi internazzjonali importanti għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni huma:

- il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC);
- il-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda Kontra t-Tixħim tal-Uffiċjali Pubbliċi Barranin fit-Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali;
- il-Konvenzjoni tal-Liġi Kriminali tal-Kunsill tal-Ewropa tal-1999 dwar il-Korruzzjoni; il-Konvenzjoni tal-Liġi Ċivili dwar il-Korruzzjoni.

3.3. L-istrumenti legali l-aktar importanti tal-UE kontra l-korruzzjoni huma:

- l-Artikolu 83(1) tat-TFUE li jipprovdi mandat għall-UE biex tindirizza r-reati serji (u jikkwota fost oħrajn il-korruzzjoni) b'dimensjoni transkonfinali jew Ewropea;
- l-Artikolu 325(4) tat-TFUE li jipprovdi bażi legali għall-miżuri meħtieġa kollha għall-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE;
- il-Konvenzjoni tal-1997 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-UE u l-Istati Membri tal-UE;
- Id-Deċiżjoni Qafas (2003/568/ĠAI) dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat.

3.4. Il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni (UNCAC) hija l-aktar konvenzjoni internazzjonali komprensiva. L-Istati Membri kollha tal-UE rratifikaw il-Konvenzjoni, u l-UE hija firmatarja wkoll.

3.5. L-UE adottat direttivi, komunikazzjonijiet u deċiżjonijiet qafas li prinċipalment jistabbilixxu standards minimi u jindirizzaw kwistjonijiet li jirrelataw mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-frodi: il-frodi fiskali u l-evażjoni fiskali, il-ħasil tal-flus, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, ir-rappurtar dwar tranżazzjonijiet mhux finanzjarji, il-governanza korporattiva, l-akkwist pubbliku u l-awditjar. Il-KESE ħareġ opinjonijiet dwar dawn l-inizjattivi tal-UE fuq bażi regolari.

3.6. L-UE introduċiet ukoll dispożizzjonijiet kontra l-korruzzjoni u l-frodi fil-programmi tagħha ta' finanzjament – kemm interni kif ukoll esterni (inklużi l-politiki ta' koeżjoni, reġjonali, tal-agrikoltura, tat-tkabbir, tal-viceinat u tal-iżvilupp).

3.7. Bħala l-ewwel miżura biex jitħarsu l-kumpaniji tal-UE li josservaw il-liġi u li jaħdmu fis-swieq ta' pajjiżi terzi, il-prinċipji li jinsabu fil-premessa 65 tar-Regolament 1316/2013 dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) u fir-Regola 3.24 tal-BERŻ "Politiki Regoli tal-Akkwist", li titlob għal allokkazzjoni ġusta tar-riskji assoċjati mal-kuntratt, għandhom jiġu inklużi fit-test tal-istrumenti kollha tal-UE li jittrattaw il-fondi tal-UE.

3.8. Mill-2011 'l hawn, il-Kummissjoni Ewropea implimentat, abbażi tal-Artikolu 325 tat-TFUE, **strategġija** komprensiva **kontra l-frodi** CAFS (COM(2011) 376) sabiex ittejjeb iċ-ċiklu kollu kontra l-frodi – il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-kundizzjonijiet għall-investigazzjonijiet tal-frodi u sabiex tikseb ripatrijazzjoni adegwata u deterrent, b'sanzjonijiet dissuważivi. Is-servizzi tal-Kummissjoni żviluppaw strategġiji settorjali kontra l-frodi. L-abbozz ta' Direttiva (COM(2012) 363) dwar il-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE permezz tal-liġi kriminali (PIF) huwa wkoll rilevanti.

4. L-awtoregolamentazzjoni – kodiċijiet tal-etika dwar il-korruzzjoni u t-tixħim

4.1. **L-awtoregolazzjoni għandha rwol importanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-tixħim.** Kulma jmur, il-kumpaniji qegħdin jinkludu dejjem iktar ir-responsabbiltà korporattiva, il-konformità u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni bħala parti mill-politika u l-ġestjoni ġenerali tagħhom. Il-kodiċijiet tal-etika ta' kumpaniji individwali huma bbażati prinċipalment fuq linji gwida internazzjonali u settorjali u huma wkoll mistennija li jimplimentaw standards tal-UE relatati (rappurtar dwar informazzjoni mhux finanzjarja, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, eċċ.). L-għan ewlieni ta' kodiċi tal-kumpanija huwa li tiġi promossa l-imġiba etika fl-attivitajiet kollha tal-kumpanija, li l-partijiet interessati kollha jimpenjaw ruħhom u li tiġi implimentata b'mod trasparenti u inklużiv, filwaqt li jiġi indirizzat ukoll fil-kuntest tad-djalogo soċjali.

4.2. **Il-linji gwida** u mekkaniżmi **internazzjonali** ewlenin, li jiddeskrivu l-prinċipji għall-kumpaniji biex tiġi evitata l-korruzzjoni u t-tixħim u jixprunaw l-imġiba etika u t-trasparenza huma:

- ir-regoli tal-Qorti Kriminali Internazzjonali dwar il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni, il-Linji Gwida dwar l-Iżvelar tal-Infommazzjoni, Manwali eċċ.;
- il-Patt Globali tan-NU; l-10 prinċipji kontra l-korruzzjoni u l-gwida ta' akkumpanjament dwar ir-rappurtar;
- Linji Gwida tal-OECD għal Intrapriżi Multinazzjonali: Rakkomandazzjoni Nru 7 dwar "Combating Bribery, Bribe Solicitation and Extortion" (Il-Ġlieda Kontra t-Tixħim, is-Solleċitazzjoni tat-Tixħim u l-Estorzjoni);
- L-istandard ISO 37001 dwar "Anti-Bribery Management Systems" (Sistemi ta' ġestjoni kontra t-tixħim) (fi tnejn, ISO PC/278)
- Il-Linji Gwida Kontra l-Korruzzjoni tal-Grupp tal-Bank Dinji;
- l-Inizjattiva Globali ta' Rappurtar (GRI, GR 4);
- il-Prinċipji Kummerċjali ta' Transparency International għall-Ġlieda Kontra t-Tixħim eċċ.

Il-linji gwida skont l-industrija fil-livell tal-UE, pereżempju l-industrija Ewropea tal-bini (www.fiec.org, inklużi l-linji gwida rilevanti u dikjarazzjonijiet konġunti), l-industrija estrattivi (www.eiti.org), huma ta' rilevanza ewlenija fis-setturi kkonċernati. L-istess jgħodd għal-linji gwida nazzjonali (pereżempju l-Kodiċi Ġermaniż għas-Sostenibbiltà, il-Linji Gwida għall-Industrija Daniża) li jitqiesu li għandhom rwol sostanzjali sabiex jiggwidaw l-imġiba tal-kumpaniji.

4.3. Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni adottaw il-linji gwida tal-etika interni tagħhom stess biex jikkomplementaw l-obbligi tal-impjegati ċivili b'segwitu għar-Regolamenti tal-Persunal tal-UE, inklużi l-kodiċi ta' kondotta għall-Kummissarji Ewropej u kodiċi ta' kondotta għall-Membri tal-Parlament Ewropew li jipprovdu linji gwida dwar kif għandhom jiġu ttrattati r-rigali u d-donazzjonijiet, interessi finanzjarji oħra u kunflitti ta' interess. Il-KESE adotta kodiċijiet simili.

5. Osservazzjonijiet fir-rigward tat-tħassib tan-negozji u tas-soċjetà ċivili

5.1. Is-sitwazzjoni fir-rigward tal-**korruzzjoni** u l-frodi tal-fondi pubbliċi **fi ħdan l-UE hija inaċċettabbli**. Il-konsegwenzi jinħassu ferm mis-soċjetà ċivili u n-negozju. Il-korruzzjoni tinvolvi spejjeż addizzjonali għall-konsumaturi u ambjent inċert għall-kumpaniji li josservaw standards tal-etika. Il-KESE jinnota b'dispaċir li l-korruzzjoni u l-frodi huma mifruxa sew fl-Istati Membri tal-UE, kif ukoll l-impenn politiku huwa dgħajef wisq min-naħa tal-gvernijiet u l-awtoritajiet lokali biex jiggjieldu b'mod effettiv il-korruzzjoni, inklużi l-implimentazzjoni u l-infurzar insuffiċjenti tal-istrumenti eżistenti internazzjonali, Ewropej u nazzjonali.

5.1.1. Iċ-ċittadini, l-atturi soċjali u ekonomiċi, irrispettivament minn fejn jgħixu fl-Ewropa, huma intitolati li jgħixu f'soċjetà ggvernata b'mod trasparenti u ġust abbażi tal-istat tad-dritt. Il-kriżi finanzjarja u tal-euro wasslet għal kritika dejjem akbar fost iċ-ċittadini ta' korruzzjoni flagranti u **ta' fiduċja li qed tonqos u telf ta' fiduċja taċ-ċittadini** fil-governanza demokratika fil-livell tal-UE, u b'hekk qed jinfirx l-**Ewroxettiżmu**. **Is-soċjetà ċivili tistenna** li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-frodi. Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet iridu jkunu konvinċenti li qed jaġixxu fl-interess pubbliku.

5.2. Għal dawn ir-raġunijiet **il-KESE jimpenja ruħu** fl-isforzi biex tiġi indirizzata l-problema. Huwa **jissodisfa** x-xewqa tal-Kummissjoni Ewropea li s-soċjetà ċivili tkun involuta fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; l-Opinjoni għandha l-għan prinċipali li **tikkontribwixxi** għar-rappurtar li jmiss tal-Kummissjoni kontra l-korruzzjoni (fl-2016) kif ukoll li jkollha sehem fis-**sensibilizzazzjoni**, ixxerred l-infommazzjoni u ttipromovi t-trasparenza.

5.3. **Il-korruzzjoni mhijiex biss kwistjoni ta' integrità u etika iżda wkoll ta' ekonomija, peress li tagħmel ħsara lill-ekonomija leċita** – ċirkostanzi u kundizzjonijiet ġusti għall-kummerċ, l-investment u l-kompetizzjoni – u b'hekk taffettwa t-tkabbir u l-kompetittività. Id-data mill-Bank Dinji u l-Forum Ekonomiku Dinji turi li l-kompetittività ekonomika hija korrelata mill-qrib mal-ħila tal-gvern li jikkontrolla l-korruzzjoni. Studji wrew li l-kontroll tal-korruzzjoni fl-UE huwa korrelat sew mal-mod faċli li bih isir in-negozju, kif ukoll mal-impatt negattiv tal-korruzzjoni fuq l-investment privat.

5.3.1. Il-korruzzjoni żżid l-ispejjeż għan-negozji peress li l-kumpaniji “nodfa” jirriskjaw li jitilfu kuntratti f'ambjent korrott. Din ixxejjel l-effiċjenza tas-suq intern u b'hekk jista' jkollha impatt negattiv fuq l-isforzi sabiex jintlaħqu l-miri tal-istrateġija għat-tkabbir 2020 u biex tittejjeb il-kompetittività globali tal-Ewropa – u b'hekk iddghajef il-possibiltajiet biex jittejjbu l-impjegji u l-benesseri fl-Ewropa, kif ukoll il-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE li joperaw barra mill-Ewropa.

5.3.2. **Il-kumpaniji b'kondotta tajba kontra l-korruzzjoni jattiraw l-investituri.** L-immaġni tad-dinja korporattiva hija wkoll fil-periklu meta kumpanija tinstab ħatja ta' tixħim u korruzzjoni. Dan mhux biss jagħmel ħsara lir-reputazzjoni tagħha stess iżda jiffa' dawl negattiv ukoll fuq in-negozju kollu kemm hu. Il-piż amministrattiv u finanzjarju għan-negozji, partikolarment għall-SMEs għandu, madankollu, jitqies ukoll fid-dispożizzjonijiet dwar il-konformità mal-leġislazzjoni kontra l-korruzzjoni u r-rekwiżiti ta' rappurtar.

5.4. Il-midja tirrapporta regolarment dwar **il-korruzzjoni fl-ogħla livell** f'ħafna Stati Membri, bħal f'partijiet oħra fid-dinja. **Il-korruzzjoni politika** (pereżempju b'rabta ma' ħatriet, tixħim u l-finanzjament ta' partiti politiċi u kampanji elettorali, l-immanuvrar ta' avvenimenti sportivi), l-aktar **meta jkunu involuti awtoritajiet ġudizzjarji u tal-pulizija, hija perċepita fost iċ-ċittadini bħala li tikkawża ħsara serja ħafna għas-soċjetà.** Iridu jintemmu kemm din il-prattika kif ukoll il-prattika mifruxa ta' **pagamenti “minn taħt”** f'ħafna Stati Membri li jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. Dawn il-fenomeni fis-soċjetà jidhru li huma bbażati fuq bidla fil-perċezzjoni tal-legalità. Dan għandu jiġi indirizzat: iċ-ċittadini għandhom id-dritt għal stat tad-dritt, governanza u servizzi pubbliċi tajba, li jkunu ħielsa mill-korruzzjoni. Hemm bżonn ta' bidla fl-attitudni u l-kultura ta' trasparenza għandha tieħu post il-kultura ta' korruzzjoni fejn din tkun teżisti. Din għandha essenzjalment tiġi indirizzata mil-leġislazzjoni u tagħmel parti mit-trawwim u l-edukazzjoni.

5.5. Il-KESE **jappoġġja l-miżuri u r-rakkomandazzjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,** l-isforzi tal-UE kontra l-frodi, kif ukoll l-azzjonijiet tal-Parlament Ewropew, b'mod partikolari l-Pjan ta' Azzjoni 2014-2019 biex jiġu miġġielda l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti mfassla mill-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (GRECO), in-NU, l-OECD u minn ICC huma indispensabbli u għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jissaħħu l-politiki u l-attivitajiet kontra l-korruzzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha.

5.6. In-nisġa qawwija tal-ekonomiji tal-Istati Membri u l-iskala u l-veloċità dejjem jiżdiedu tal-flussi monetarji transkonfinali jżidu r-riskju tal-korruzzjoni li qed tinfirex fi ħdan l-UE. Il-korruzzjoni **saret fenomenu transnazzjonali** u ma tistax tibqa' titqies bħala kwistjoni ta' liġi kriminali nazzjonali. Tista' titqabbel ma' marda infettiva li ħadd ma jista' jitqies bħala li għandu immunità awtomatika; teħtieġ kura tas-saħħa bi skop. L-approċċ frammentat tal-lum irid jinbidel b'approċċ aktar koerenti biex jinkiseb progress sinifikanti. Ir-rapporti tal-Kummissjoni għandhom jindirizzaw din id-dimensjoni b'mod adatt: **il-miżuri kontra l-korruzzjoni jridu jiffasslu u jiġu implimentati fil-kuntest ta' Ewropa dejjem aktar integrata u ekonomija dejjem iktar globalizzata.**

5.6.1. **Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni għandha għalhekk tingħata post iktar importanti fuq l-aġenda tal-UE;** l-UE għandha tieħu rwol aktar prominenti sabiex tippromovi t-trasparenza u tissalvagwardja l-integrità tas-suq intern, ir-relazzjonijiet esterni u l-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll l-infiq. **Għandha titpoġġja enfasi aktar b'saħħitha kontra l-korruzzjoni u l-frodi fil-politiki rilevanti kollha tal-UE,** kemm dawk interni kif ukoll dawk esterni. In-negozju u s-soċjetà ċivili qed jistennew dan l-iżvilupp u **l-Opinjoni tiġbed l-attenzjoni fuq il-ħtieġa għal tmexxija effettiva u koordinazzjoni mill-UE.** L-UE għandha l-potenzjal li tuża l-piż politiku tagħha biex tippromovi żona fil-livell tal-UE bbażata fuq l-integrità u standards għoljin kontra l-korruzzjoni.

5.7. Mhu meħtieġ xejn inqas minn **impenn espliċitu** – patt Ewropew kontra l-korruzzjoni sabiex tinkiseb strateġija kredibbli u komprensiva. Din l-istrateġija trid tiġi **ġestita “minn fuq”** u f’dan l-isforz hemm bżonn l-involvement tal-partijiet interessati kollha fil-livell tal-UE, dak nazzjonali u dak lokali.

5.8. **L-Istati Membri jinsabu fuq quddiem nett** fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-frodi. L-implimentazzjoni ta’ miżuri b’saħħithom kontra l-korruzzjoni hija r-responsabbiltà tagħhom (fuq kollox leġislazzjoni b’saħħitha u awtorità li tiffunzjona kontra l-korruzzjoni għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-governanza politika u ġudizzjarja, u l-kriminalità organizzata), kif ukoll il-parteċipazzjoni proattiva fil-kooperazzjoni transnazzjonali u fis-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-frodi.

5.8.1. **L-involvement tas-soċjetà ċivili**, inklużi l-assoċjazzjonijiet tan-negozju u l-imsieħba soċjali fl-isforzi nazzjonali kontra l-korruzzjoni huwa importanti, fuq kollox bil-għan li **titqajjem kuxjenza u tiġi offruta gwida** dwar kif jiġu evitati l-korruzzjoni, il-frodi u t-tixħim. F’dan il-kuntest l-imġiba tal-kumpaniji individwali u tal-awtoritajiet għandha rilevanza sinifikanti. Pjattaformi nazzjonali, pereżempju **l-Punti ta’ Kuntatt Nazzjonali tal-OECD u ċ-ċentri ta’ avukatura u parir legali ta’ Transparency International (ALACs)**, jaqdu wkoll rwol sinifikanti fl-isforzi nazzjonali kontra l-korruzzjoni. Il-**midja** għandha tirrikonoxxi r-rwol u r-responsabbiltà kbira tagħha biex il-pubbliku jiġi ssensibilizzat dwar il-korruzzjoni u l-isforzi kontra l-korruzzjoni fl-Istati Membri.

Brussell, is-16 ta’ Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-opportunitajiet għal żvilupp sostenibbli u intelliġenti fit-tul tal-industrija Ewropea offshore u r-relazzjonijiet tagħha mas-setturi marittimi tal-Unjoni Ewropea”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/12)

Relatur: is-Sur Marian KRZAKLEWSKI

Korelatur: is-Sur José Custódio LEIRIÃO

Nhar it-22 ta' Jannar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

“L-opportunitajiet għal żvilupp sostenibbli u intelliġenti fit-tul tal-industrija Ewropea offshore u r-relazzjonijiet tagħha mas-setturi marittimi tal-Unjoni Ewropea”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI), inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-15 ta' Lulju 2015. Ir-relatur kien is-Sur Krzaklewski u l-korelatur: is-Sur Custódio).

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-16 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'132 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 3 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. L-industrija offshore tħaddan żewġ setturi: il-produzzjoni tal-enerġija u l-estrazzjoni tal-gass, iż-żejt u l-minerali mill-baħar. Il-KESE jqis li wħud mis-swieq li huma assoċjati ma' dawn is-setturi qed jiżviluppaw l-iktar malajr u għandhom il-potenzjal għal tkabbir intelliġenti u sostenibbli fit-tul.

1.2. Il-KESE huwa konvint li sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli fl-industrija offshore jeħtieġ qafas komuni, b'viżjoni strateġika Ewropea li jipprovi teknoloġiji avvanzati u soluzzjonijiet innovattivi għal din l-industrija. It-teknoloġija hija fil-qalba ta' dan il-qafas strateġiku.

1.3. Il-Kumitat jemmen li bħalissa m'hemm l-ebda viżjoni strateġika Ewropea komprensiva għall-industrija offshore kollha u s-setturi kostitwenti tagħha. Filwaqt li l-Kummissjoni u l-Kunsill gradwalment qed iwessgħu l-firxa ta' regolazzjoni għal din l-industrija, speċjalment fis-settur tal-estrazzjoni taż-żejt u l-gass offshore, f'dawn l-attivitatijiet jidher li m'hemmx approċċ koerenti u olistiku.

1.4. Il-KESE jqis li n-nuqqas ta' qafas strateġiku għall-industrija offshore jirriżulta wkoll minn nuqqas ta' kooperazzjoni suffiċjenti bejn l-industrija offshore, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Għaldaqstant, il-Kumitat huwa tal-fehma li l-idea ta' tfassil u twettiq ta' viżjoni strateġika Ewropea fl-industrija offshore tagħmilha possibbli li tinkiseb kooperazzjoni effettiva għall-benefiċċju ta' daww involuti, inkluż setturi oħra li jużaw ir-riżorsi offshore, bħas-settur tat-turiżmu.

1.5. Bħala segwitu għall-proposti preċedenti tiegħu, il-KESE jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' rappreżentanti tal-Kummissjoni kemm fiż-żewġ laqgħat tal-gruppi ta' studju kif ukoll fis-seduta pubblika f'Aberdeen, li l-għan tagħhom kien li jħejju opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar l-industrija offshore Ewropea.

1.6. Fil-qafas ta' analiżi komprensiva tar-relazzjonijiet bejn l-industrija offshore u l-industrija marittima Ewropea, il-KESE jinnota li l-industrija offshore tiġġenera xpruni qawwija ħafna, ta' spiss “ekoloġiċi”, li jikkontribwixxu lejn l-industrija Ewropea u b'mod speċjali għas-setturi tal-bini u tat-tiswija tal-bastimenti, u s-settur tat-tagħmir marittimu. Jista' jingħad li minħabba li d-domanda mill-industrija offshore l-industrija Ewropea tal-bini tal-bastimenti evitat it-telf ta' massa kritika, riskju li kien qed jheddidha dan l-aħħar.

1.7. Il-Kumitat iqis li, fid-dawl tal-proċess li għaddej tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-sigurtà tal-industrija taż-żejt u l-gass offshore, il-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha torganizza sistema ta' verifika u tindika modi biex tiżdied il-kapaċità finanzjarja tal-operaturi ekonomiċi fis-settur biex jiġu koperti l-miżuri meħuda b'rispons għall-inċidenti.

1.7.1. Għandu jiġi żviluppat u implimentat programm dwar "il-kultura tas-sikurezza" u li tittieħed azzjoni għall-promozzjoni u l-appoġġ tal-akkreditazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' taħriġ mill-kumpaniji tal-industrija offshore biex jitwettaq aktar taħriġ estensiv fil-qasam tas-sigurtà u l-ħarsien tal-ambjent. Il-KESE jinnota li l-ksib ta' livell għoli ta' sikurezza fl-industrija offshore jiddependi wkoll mill-iżgurar ta' kundizzjonijiet tajbin tax-xogħol fuq il-baħar.

1.8. Il-KESE jipproponi li l-Kummissjoni u l-Istati Membri konċernati, f'kooperazzjoni mal-ILO u l-imsieħba soċjali, jieħdu azzjoni biex janalizzaw il-possibbiltà li jestendu l-Konvenzjoni tax-Xogħol Marittimu għall-ħaddiema tal-industrija taż-żejt u l-gass offshore u tal-enerġija eolika fuq il-baħar fl-UE u fiż-ŻEE.

1.9. Il-Kumitat jemmen li l-Kummissjoni u l-imsieħba soċjali settorjali Ewropej li jirrappreżentaw l-industrija offshore għandhom jużaw l-eżempju tajjeb tad-Direttiva tal-2009 li timplimenta l-Konvenzjoni tal-UE dwar ix-xogħol marittimu taħt il-Ftehim Settorjali konkluż mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u mill-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar il-Konvenzjoni tax-Xogħol Marittimu.

1.10. Fid-dawl tal-previżjonijiet ta' nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati u ħiliet fl-industrija offshore fl-UE u fiż-ŻEE, il-KESE huwa tal-fehma li din il-problema għandha tiġi indirizzata billi jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin (l-infurzar tar-regolamenti tal-Konvenzjoni tax-Xogħol Marittimu) u billi jiġu applikati l-politiki għall-adattar tal-ħiliet u t-taħriġ u billi ż-żgħażaġh jiġu mħeġġa jaħdmu fuq il-baħar.

1.11. B'rabta mal-industrija offshore, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromovu l-kooperazzjoni u s-sħubija pubblika privata, inkluż l-impriżi konġunti, il-garanziji, l-arranġamenti għall-qsim tal-produzzjoni u l-konċessjonijiet. Il-koordinazzjoni għandha tkopri l-qafas legali, l-istħarriġ ġeoloġiku, il-ġestjoni tat-territorju u ħarsien ambjentali b'rabta mal-kwistjoni tas-suffiċjenza tal-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-enerġija.

1.12. Il-KESE jqis li wieħed mill-aspetti ta' regolament pan-Ewropew dwar l-industrija tal-estrazzjoni offshore għandu jkun il-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fi programm ta' stħarriġ ġeoloġiku bl-użu tal-ICT biex tiġi provduta data għall-isfruttament – attwali u futur – iktar sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar.

1.13. Il-KESE jemmen li l-isfidi ewlenin fid-dawl tal-kompetizzjoni globali u dik Ewropea u r-rekwiżiti regolatorji konfrontati mill-industrija offshore huma:

- l-estrazzjoni filmijiet fondi, u – fis-settur tal-enerġija eolika fuq il-baħar – it-tranżizzjoni lejn it-tqegħid ta' impjanti f'distanzi ikbar mill-ixtut u filmijiet miftuħa iktar fondi;
- il-proċeduri għat-tħaffir orizzontali u t-tkissir idrawliku fil-minjieri offshore konformi mar-rekwiżiti ambjentali;
- il-ġestjoni tal-infrastruttura li qed teqdiem tal-impjanti offshore;
- l-iskoperta, l-inventarju u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi fl-Artiku;
- ir-rispons għall-ixprun ekoloġiku mill-Konvenzjoni MARPOL u l-Konvenzjoni dwar l-ilma tas-saborra u r-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti.

1.14. Il-KESE jinkoraġġixxi n-netwerking tas-setturi tal-industrija offshore, in-negozji u lir-reġjuni kostali fil-katina tal-provvista maċ-ċentri tar-riċerka u l-universitajiet fil-programm u l-proġetti tal-Orizzont 2020 u fil-qasam tal-“ispeċjalizzazzjoni intelliġenti”. Fil-qafas ta’ din il-kooperazzjoni, il-kwistjonijiet tal-innovazzjoni u l-ekoloġija għandu jkollhom rwol ikbar biex jinħatfu l-opportunitajiet offruti mill-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi.

1.14.1. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li tagħmel aġġustamenti fil-fondi strutturali u/jew il-Pjan Juncker biex tappoġġja l-investiment fl-innovazzjoni fl-industrija offshore.

1.15. Il-Kumitat jemmen li hemm bżonn li tiġi aġġornata l-Istrateġija “Ewropa 2020” (riveduta) biex jiġu rispettati r-rekwiżiti tal-Unjoni relatati mal-attivitajiet marittimi, il-proġetti, il-forza tax-xogħol ikkwalifikata, il-finanzjament u l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, fid-dawl tal-firxa wiesgħa u l-varjetà ta’ tipi ta’ xogħol u l-kwalifiki meħtieġa fil-qasam tal-attivitajiet offshore.

1.16. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tippromovi dibattitu dwar il-potenzjal ta’ strateġija speċifika tal-Baħar tat-Tramuntana li tkopri l-isfidi konfrontati mill-industrija offshore sostenibbli u kompetittiva fl-Ewropa.

2. Sfond tal-Opinjoni

2.1. L-industrija offshore tinkludi prinċipalment il-produzzjoni tal-enerġija elettrika, u l-estrazzjoni tal-gass, iż-żejt u l-minerali mill-baħar. Għandu jitqies li l-katina tal-provvista u s-servizzi ta’ din l-industrija hija marbuta mas-setturi marittimi li ġejjin: il-bini tal-bastimenti, it-tiswija tal-vapuri, il-manutenzjoni u l-konverżjoni kif ukoll it-tagħmir u l-provvisti tat-tbāħhir u impjanti industrijali offshore.

2.2. Peress li hija marbuta mas-setturi tal-offshore, l-industrija Ewropea għandha l-potenzjal uman meħtieġ biex tisfrutta l-vantaġġi li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fi swieq relatati mas-setturi kollha tal-offshore.

2.3. Fil-qafas tal-eżami tas-sitwazzjoni fl-industrija offshore Ewropea u l-evalwazzjoni tal-possibiltajiet tal-iżvilupp sostenibbli fit-tul l-Opinjoni tenfasizza:

- is-sitwazzjoni tal-industrija taż-żejt u l-gass offshore f’kuntest globali kif ukoll l-isfidi u l-ixpruni;
- il-karatteristiċi ġenerali tas-settur tal-enerġija eolika offshore fl-UE;
- ir-relazzjonijiet bejn l-industrija marittima Ewropea l-industrija offshore;
- analiżi tal-bżonn tal-innovazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli fil-kuntest tal-isfidi attwali u l-oqsma potenzjali għall-iżvilupp tal-industrija offshore Ewropea;
- proposti għall-iżgurar tad-dimensjoni soċjali tal-iżvilupp sostenibbli fl-industrija offshore fir-rigward tal-impjieġ;
- il-kuntest regolatorju tal-industrija offshore Ewropea taż-żejt u l-gass;
- l-idea li tiġi promossa l-Istrateġija tal-UE għall-Baħar tat-Tramuntana li tkopri l-isfidi għall-iżvilupp u l-kompetittività tal-industrija offshore.

3. L-industrija Ewropea tal-estrazzjoni taż-żejt u l-gass offshore: is-sitwazzjoni attwali tas-settur

3.1. Fl-2012, il-prodotti taż-żejt u l-gass kienu jirrappreżentaw 26 % tat-taħlita enerġetika fl-Ewropa, filwaqt li l-akbar kontribut ġie mill-enerġija nukleari – 29 % – u u l-enerġiji rinnovabbli, inkluż l-enerġija idroeletrika – 22 %.

3.1.1. L-UE hija l-akbar importatur tal-enerġija fid-dinja. Hija timporta 53 % tal-enerġija tagħha bi spiża ta’ EUR 400 biljun fis-sena. 88 % taż-żejt u 66 % tal-gass huma importati, prinċipalment mir-Russja.

3.2. Il-problema ewlenija fis-settur taż-żejt u l-gass offshore fl-Ewropa hija l-kwistjoni ta' jekk l-industrija Ewropea taż-żejt u l-gass tradizzjonali hijiex ser tikber, fid-dawl tad-diversifikazzjoni u l-isfidi li jirriżultaw mill-iżvilupp tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-ġestjoni effiċjenti ta' dawn il-bidliet fis-settur.

3.3. Il-karatteristiċi tal-industrija taż-żejt u l-gass offshore fl-Ewropa huma:

- spejjeż operattivi għoljin;
- riskji ambjentali kbar u livell għoli ta' regolazzjoni;
- il-ħtieġa ta' operazzjoni f'livelli iktar profondi;
- riskji fiskali – prezzijiet baxxi, li jwasslu għal riskji ta' investiment għoljin;
- problemi potenzjali bi prodotti irħas mill-Istati Uniti.

3.4. L-isfidi attwali għall-industrija Ewropea taż-żejt u l-gass offshore huma:

- il-ħtieġa għal stħarriġ sismiku sabiex jiġu aġġornati l-mapep tad-depożiti ġeoloġiċi;
- in-nuqqas ta' armonizzazzjoni u l-qsim ta' data, li jnaqqas ir-ritmu tal-iżvilupp;
- il-pressjoni mill-pajjiżi produttori biex jiġu skoperti depożiti ġodda;
- il-problemi bis-sejħiet għall-offerti għall-estrazzjoni li jinvolvu kumpaniji nazzjonali u multinazzjonali;
- il-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tas-settur fi stadji suċċessivi: prospettar/skoperta/FEED ⁽¹⁾/produzzjoni/dekompożizzjoni.

3.4.1. L-isfidi l-ġodda għall-industrija jinkludu:

- it-tnaqqis progressiv tar-riżorsi disponibbli;
- it-tnaqqis fil-prezzijiet taż-żejt u l-kompetizzjoni minn materja prima relatata rħisa u ġdida;
- kwistjonijiet relatati mal-intraprenditorija u l-appoġġ tal-gvern għan-negozji ġodda;
- l-ixprunar tat-tkabbir permezz tal-innovazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni tal-industrija;
- il-kwistjoni tat-tkabbir xprunat mill-“ekonomija ekoloġika”.

3.5. L-industrija Ewropea jistħoq qilha l-appoġġ minħabba li:

- hija industrija sostenibbli, filwaqt li tqis il-karatteristiċi ta' kuntest regolatorju tal-UE;
- direttament u indirettament tikkontribwixxi mas-600 000 impjeg (inkluż in-Norveġja);
- hija waħda mill-ixpruni ewlenin tal-UE fl-industrija marittima;
- tikkontribwixxi għal trasformazzjoni soċjali pożittiva fir-reġuni;
- tagħti kontribut sinifikanti għad-dħul baġitarju tal-Istati Membri;
- taqdi rwol mexxej fl-innovazzjoni u l-progress teknoloġiku fl-inġinerija;
- hija karatterizzata minn esportazzjoni sostanzjali u li qed tiżdied minn kumpaniji fil-katina tal-provvista, li jikkompensaw possibbilment iktar milli hemm bżonn għal kwalunkwe telf ta' dħul mill-produzzjoni tal-fjuwils.

⁽¹⁾ FEED – Front-End Engineering Design.

3.6. Waqt is-seduta f'Aberdeen⁽²⁾ ġew ippreżentati r-riżultati ta' analiżi SWOT tal-industrija taż-żejt u l-gass offshore, u dawn, flimkien mal-proposti preżentati matul id-diskussjonijiet iddaħħlu fl-Anness.

4. Is-suq tal-enerġija offshore fl-UE

4.1. Fl-ibħra tal-UE tal-UE jitħaddmu mal-2 500 turbina b'kapaċità totali ta' iktar minn 8 GW fi 11-il pajjiż. Is-sehem tal-UE fil-produzzjoni globali jammonta għal kważi 90 %. Wara t-tlestija ta' 12-il proġett attwali l-kapaċità installata ser tiżdied sa 10,9 GW. Bħalissal-enerġija kollha mir-riħ tipprovdni 7 % tal-enerġija użata fl-UE, li minnhom 1/7 ġejja mir-riħ offshore (Offshore Wind Energy).

4.2. Ix-xejriet attwali tal-iżvilupp u l-innovazzjoni f'dan is-settur jikkonċernaw: it-turbini, il-pedamenti u l-impjanti iktar fil-fond u f'distanzi iktar 'il bogħod mill-kosta.

4.3. L-ippjanar finanzjarju qed isir għodda dejjem aktar importanti għall-iżvilupp tal-installazzjonijiet tal-enerġija mir-riħ offshore. Fl-2014 l-industrija ssewffet l-ammont ta' EUR 3,14-il biljun tat-tip *non-recourse*⁽³⁾, l-ogħla ammont fl-istorja ta' din l-industrija. Is-sħubijiet finanzjarji huma l-muftieħ għas-suċċess.

4.4. Il-prospetti għas-snin li ġejjin jikkonċernaw żieda fil-kapaċità installata. Iktar fit-tul, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Enerġija mir-Riħ (EWEA) tistma li diġà ġie awtorizzat il-bini ta' impjanti għodda b'kapaċità totali ta' 26,4 GW u l-pjani fit-tul jirreferu għal żieda għal 98 GW.

4.5. Skont id-data tal-KEEA, fi tmiem l-2011, is-settur tal-enerġija mir-riħ fl-Ewropa kien jimpjega 192 000 persuna, li minnhom 30-40 000 kienu impjegati fis-settur tal-enerġija mir-riħ offshore.

4.6. L-enerġija mill-oċeani fl-UE hija ta' madwar 1,5 GW ta' kapaċità installata (6 darbiet inqas milli fil-każ tal-enerġija ġġenerata mir-riħ offshore, iżda sal-2020 mistennija tilħaq 3,6 GW).L-installazzjonijiet li jużaw l-enerġija mill-mewġ, mill-marea u mill-kurrent tal-baħar kif ukoll mill-gradjent tal-melħ u l-konverżjoni tal-enerġija termali mill-oċean f'elettriku ser jikkontribwixxu għal dan.

5. Ir-relazzjonijiet ekonomiċi bejn l-industrija marittima Ewropea u l-industrija offshore

5.1. Fl-2014, il-volum globali ta' ordnijiet għal bastimenti kien ta' USD 370 biljun, li minnhom USD 170 biljun kienu għal kuntratti għal unitajiet offshore. Huwa stmat li d-domanda globali għal diversi bastimenti offshore fis-snin 2014–2025 mistennija tilħaq bejn 1 230 u 1 970 unità. Id-domanda għall-bastimenti industrijali li jistgħu jinżlu taħt l-ilma ser tiżdied b'180 %, filwaqt li dik għall-bastimenti għall-installazzjoni jew l-operat tal-parks eoliċi u l-faċilitajiet galleġġanti ser tiżdied minn 50 għal 60 %.

5.2. Il-kuntratti għat-tipi kollha ta' bastimenti sal-2025 huma previsti li jiżdiedu bi 3,7 % meta mqabbla mal-previżjonijiet ferm ogħla għal bosta bastimenti offshore kbar, li juri kemm dan is-settur huwa u ser ikompli jkun mutur b'saħħtu fl-industrija offshore. Fl-Ewropa fl-2014, is-sehem ta' bastimenti offshore f'dak li jirrigwarda l-produzzjoni totali tal-konstruzzjoni ammonta għal 30 %.

5.3. B'mod simili, l-industrija offshore għandha rabtiet qawwija mal-industrija Ewropea tat-tagħmir marittimu, li hija fuq quddiem nett fid-dinja fil-produzzjoni ta' moduli tat-tħaffir, magni tat-tħaffir offshore, winċijiet, krejnijiet u elettronika.

5.4. Il-forza ekoloġika ewlenija għall-industrija marittima hija l-enerġija offshore. Il-potenzjal globali sħiħ tagħha huwa stmat għal aktar minn EUR 19-il biljun għall-perjodu 2012-2022 (madwar EUR 2 biljun fis-sena). Dawn l-istimi huma bbażati fuq l-għadd ta' bastimenti u t-tagħmir meħtieġa għall-bini u t-tħaddim tal-parks eoliċi ppjanati.

5.5. Tip ta' domanda ġdida għall-prodotti u s-servizzi tal-industriji marittimi Ewropej tidher ukoll fir-rigward tar-rilokazzjoni tal-operazzjonijiet aktar fil-fond, prinċipalment fis-settur taż-żejt u l-gass offshore kif ukoll fil-qasam marittimu.

⁽²⁾ Liam Smyth – il-Kamra tal-Kummerċ ta' Aberdeen & Gramplan.

⁽³⁾ L-industrija Ewropea tal-enerġija eolika offshore – l-istatistika u t-tendenzi ewlenin tal-2014.

5.6. Iż-żoni tal-Artiku li qed jinħallu qed joħlqu opportunitajiet ġodda għall-estrazzjoni ta' materja prima u l-passaġġi fuq l-ilma (għalkemm dan mhux xprun kompletament "ekoloġiku"). Din ix-xejra hija relatata, fost affarijiet oħra, mad-domanda mistennija għall-bini tal-bastimenti tat-tkissir tas-silġ u trasport imsaħħaħ għas-silġ u bastimenti ta' manutenzjoni.

5.7. Is-settur tal-enerġija mill-oċeani wkoll, li għadu relattivament ġdid, ser ikompli jiżviluppa b'mod dejjem iktar ekoloġiku u ser ikun xprun qawwi fl-industrija marittima Ewropea, prinċipalment fis-setturi tas-SEA Europe.

5.8. Il-firxa ta' prodotti għall-industrija tal-bini tal-bastimenti għall-industrija taż-żejt u l-gass offshore hija marbuta ma' ċiklu tal-ħajja ta' din l-industrija kif ġej:

- l-esplorazzjoni u l-identifikazzjoni ta' depożiti joħlqu d-domanda għal bastimenti ta' appoġġ,
- il-bastimenti u l-vapuri għat-tħaffir huma meħtieġa għall-estrazzjoni;
- l-iżvilupp tad-depożiti joħlqu domanda għal bini ta' bastimenti b'disinn speċjalizzat,
- matul l-operazzjoni hemm bżonn bastimenti galleġġanti jew unitajiet tal-estrazzjoni u l-ħżin,
- fid-dekummissjonar taż-żoni ta' operazzjoni jintużaw bastimenti li jinstallaw it-turbini tar-riħ jew tagħmir ieħor offshore.

5.9. Sabiex tiġi żgurata l-provvista taż-żejt u l-gass fil-ġejjieni, ser ikun hemm bżonn żieda sinifikanti fl-estrazzjoni offshore. Dan il-fatt huwa marbut ma' domanda sinifikanti għal moduli ta' pjattaformi teknikament avvanzati u t-tiswija u l-konverżjoni ta' tipi differenti ta' installazzjonijiet u torrijiet tat-tħaffir offshore, li huma sors importanti ta' qligħ għas-setturi tal-bini u t-tiswija tal-vapuri fl-UE.

5.10. Qasam speċjalizzat ġdid fil-bini tal-vapuri qed iġib miegħu prospettiva interessanti – bastimenti mhux biss għat-trasportazzjoni tal-LNG galleġġanti (Floating LNG) iżda li jipprovdu wkoll diversi servizzi lill-industrija taż-żejt u l-gass offshore, inkluż is-sostituzzjoni tat-terminals mobbli tal-LNG fuq l-art. Dan jikkonċerna l-verżjonijiet FPSO LNG (il-produzzjoni, il-ħżin u t-trasport galleġġanti tal-bastimenti ta' appoġġ tal-LNG) u FSRU (Floating Storage and Re-gasification Unit).

5.11. Anke l-portijiet Ewropej jistgħu jibbenefikaw minn fatturi relatati mal-industrija offshore. Dan japplika għas-servizzi portwarji tal-kummerċ tal-merkanzija ġenerali u komponenti għat-turbini tar-riħ mill-baħar: partijiet ta' torrijiet, ġeneraturi u pali u tagħmir ieħor ordnat mill-industrija offshore kollha kemm hi.

6. Il-bżonn tal-innovazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli fil-kuntest tal-isfidi attwali u l-oqsma potenzjali għall-iżvilupp fl-industriji offshore Ewropej

6.1. Matul l-aħħar għaxar snin, l-investiment Ewropew baqa' jkaxkar wara dak tal-kompetituri ikbar tiegħu (l-Istati Uniti). Dan jolqot lis-setturi industrijali kollha, inkluż l-industrija taż-żejt u l-gass offshore.

6.2. Waħda mill-isfidi ewlenin għas-settur taż-żejt u l-gass hi li jiġi żgurat it-tħaddim sikur tal-assi tiegħu li qed jeqdiemu. Bħala medja, 30 % tal-pjattaformi fid-dinja diġà ilhom jitħaddmu għal iktar minn 20 sena u ħafna minnhom qabżu t-tul ta' ħajja pjanata oriġinarjament.

6.3. L-oqsma ewlenin li jeħtieġu azzjoni fil-kuntest tal-assi li qed jeqdiemu fis-settur taż-żejt u l-gass offshore huma:

- il-monitoraġġ u l-fehim tal-kwistjoni tal-integrità tal-materjali;

- fehim tat-tisdid taħt l-iżolament;
- problemi ta' spezzjoni, tiswija u manutenzjoni fil-kuntest tal-ġestjoni tal-qdim;
- l-użu ta' tagħmir użat.

6.4. It-tkabbir tas-settur jiddependi fuq teknoloġiji innovattivi biex tiġi appoġġata l-estrazzjoni u għal "tagħsir" kemm jista' jkun mill-installazzjonijiet li qed jeqdiemu u l-estensjoni tal-ħajja ta' xi oqsma ta' produzzjoni.

6.4.1. It-teknoloġiji l-ġodda jaqdu wkoll rwol kruċjali fl-ipprospettar u l-produzzjoni fil-baħar fond, li jeħtieġu biljuni ta' euro ta' investment. L-għan tal-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda hu li jitnaqqsu l-ispejjeż u r-riskji operattivi, u jintużaw bjar b'temperaturi u pressjonijiet oġhla.

6.5. Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tagħmel aġġustamenti fil-fondi strutturali u/jew il-Pjan Juncker biex tappoġġja l-investment fl-innovazzjoni fl-industrija offshore, prinċipalment f'dawn l-oqsma:

- l-infrastruttura li qed tiqdiem u l-iżgurar tal-kontinwità tal-produzzjoni;
- it-teknoloġiji l-ġodda għat-tagħsir tal-produzzjoni mill-bjar il-qodma taż-żejt u l-gass;
- il-kumplessità dejjem tiżdied tal-bjar tal-produzzjoni.

Oqsma ġodda ta' żvilupp

6.6. L-iżvilupp tal-gass tax-shale bil-ħarsien tar-rekwiżit ambjentali qed isir dejjem iktar attraenti għas-settur taż-żejt u l-gass offshore ukoll. Dan hu b'riżultat ta' titjib sinifikanti fit-teknoloġija għall-fratturazzjoni tal-ġebel taħt l-ilma. L-iżolament tas-CO₂ fuq il-baħar jista' jkun fattur ekoloġiku ta' tkabbir ieħor fl-industrija offshore fit-tellieqa biex tiġi żviluppata ekonomija b'livell baxx ta' karbonju.

6.7. Oqsma oħra ġodda jinkludu l-iżvilupp tal-pjattaformi multifunzjonali industrijali wara l-proġetti pilota (is-Seba' Programm Kwadru) u l-konstruzzjoni sħiħa ta' tagħmir u installazzjonijiet għall-estrazzjoni tal-enerġija tal-oċean mill-mewġ u mill-marea.

6.8. L-isfida għall-persuni li jfasslu l-politika tal-UE hi li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Orizzont 2020 biex tiġi massimizzata r-riċerka u l-innovazzjoni ⁽⁴⁾ u jitravwmu aktar attivitajiet tas-suq fi ħdan l-industrija Ewropea, inkluż fis-settur taż-żejt u l-gass offshore.

7. Il-kuntest regolatorju tal-industrija Ewropea taż-żejt u l-gass offshore

7.1. L-industrija offshore fl-Ewropa topera f'kuntest regolatorju li qed jespandi kontinwament. Fost id-dispożizzjonijiet ewlenin li jolqtu lil din l-industrija nsibu:

- id-Direttivi tal-UE dwar l-emissjonijiet industrijali (IED), dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis (IPPC) u d-Direttiva dwar sustanzi li jniġġsu minn impjanti kbar ta' kombustjoni (LCP);
- id-Direttiva dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet mill-impjanti medji tal-enerġija, li jaffettwaw il-produzzjoni taż-żejt u l-gass;
- l-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (UE ETS);
- id-Direttiva dwar is-Sigurtà Marittima.

7.2. Id-Direttiva dwar is-sigurtà fl-industrija taż-żejt u l-gass offshore daħlet fis-seħħ fl-2013 u għandha tiġi inkorporata fis-sistemi legali nazzjonali sa Lulju 2015; l-industrija trid tadatta għall-istandards il-ġodda sa Lulju 2016.

⁽⁴⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – L-innovazzjoni fl-Ekonomija Blu: inwettqu l-potenzjal tal-ibħra u l-oċeani tagħna għall-impjiegi u t-tkabbir COM(2014) 254, ĠU C 12, 15.1.2015, p. 93.

7.2.1. Sabiex ikun hemm impatt globali u jkunu jistgħu jiġu monitorjati l-inċidenti l-kbar fl-Ewropa u lil hinn minnha, irid ikun hemm kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u kumpaniji speċjalizzati fl-oqsma li ġejjin:

- pubblikazzjoni ta' gwida dwar l-impatt fuq ir-riskju;
- il-ħolqien ta' "kultura tas-sikurezza" f'dan il-qasam;
- l-akkreditazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' taħriġ minn kumpaniji tal-minjieri biex iwettqu taħriġ iktar estiż;
- il-ħolqien ta' kodiċi tal-aħjar prattiki;
- il-promozzjoni ta' sħubija bejn l-investituri u l-Istati Membri;
- kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-investituri f'oqsma strateġiċi sensittivi u fi proġetti offshore li jippromovu s-sħubijiet pubbliċi privati għall-iżvilupp sostenibbli kif ukoll l-influenza tal-industrija offshore fuq industriji oħra, bħas-settur tat-turiżmu u tas-sajd;
- il-kooperazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-infrastruttura kritika offshore kontra t-terroriżmu u l-piraterija.

7.3. Ir-rappreżentanti tal-industrija bħalissa jqisu bħala delikata l-ħidma fuq id-dokument ta' referenza (BREF) dwar l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi fl-UE li jużaw il-fratturazzjoni idrawlika b'volum qawwi.

7.4. Anke fil-kuntest tal-impatt regolatorju fuq l-iżvilupp tas-setturi kollha tal-industrija offshore, jeħtieġ li jkun hemm konformità mal-iktar Direttiva riċenti (Lulju 2014) li tistabbilixxi qafas għall-ippjanar tat-territorju marittimu.

7.5. Il-Komunikazzjoni COM(2008) 699 dwar il-politika tal-materja prima, li tindika t-triq li twassal għal kooperazzjoni akbar bejn l-istħarriġ ġeoloġiku nazzjonali bil-għan li tiżdied il-bażi tal-għarfien tal-UE, għandu jkollha wkoll impatt indirett fuq l-industrija tal-estrazzjoni offshore.

7.6. Dawn il-kwistjonijiet regolatorji u ta' politika li jaffettwaw l-industrija offshore Ewropea kollha bl-ebda mod m'huma inqas importanti:

- l-impatt tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu;
- l-impatt tal-Konvenzjoni MARPOL, (il-limiti għal SO₂ u NO₂) u l-Konvenzjoni tal-Ġestjoni tal-Ilmijiet tas-Saborra.

8. Kif jistgħu jingħelbu d-diffikultajiet fl-iżgurar tad-dimensjoni soċjali tal-iżvilupp sostenibbli fl-industrija offshore fir-rigward tal-impjeg?

8.1. Id-diversità kbira fl-industrija offshore Ewropea u l-impatt konsiderevoli tal-globalizzazzjoni fuq l-ekonomija u l-problemi li għadhom mhux solvuti rigward il-kundizzjonijiet ekwi u d-dumping soċjali f'dan is-settur irriżultaw f'sitwazzjoni kumplessa fir-rigward tal-kwistjonijiet tal-persunal. Din is-sitwazzjoni saret iktar kumplikata minħabba l-problemi fl-oqsma tad-djalogo soċjali, ir-relazzjonijiet industrijali u l-istandards soċjali.

8.1.1. Dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati b'mod komprensiv abbażi tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu (MLC) tal-2006, li hija fis-seħħ attwalment u r-Regolament tal-UE li jimplementaha;

8.1.2. Sfortunatament, l-applikazzjoni estensiva ta' din il-Konvenzjoni fl-industrija offshore għadha limitata. Dan jirriżulta kemm min-nuqqas ta' dispożizzjonijiet preċiżi fl-MLC fir-rigward tal-ħaddiema tal-industrija offshore, kif ukoll l-attitudni tal-gvernijiet, l-operaturi u s-sidien. Din is-sitwazzjoni hija aggravata aktar minħabba l-problemi eżistenti fl-UE fir-rigward tar-reġistri tal-bastimenti u t-tagħmir industrijali galleġġanti.

8.2. Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni u l-imsieħba soċjali settorjali Ewropej li jirrappreżentaw l-industrija offshore għandhom jużaw l-mudell tajjeb tad-Direttiva tal-2008, li timplimenta l-Ftehim konkluż mill-ECSA u l-ETF dwar il-Konvenzjoni tax-Xogħol Marittimu.

8.2.1. Il-ftehim kollettiv tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ħaddiema tat-Trasport (ITF) għall-industrija offshore jista' jservi bħala mudell ta' soluzzjoni. Bħalissa, l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim hija mxekkla min-nuqqas ta' rieda tal-awtoritajiet nazzjonali, is-sitwazzjoni tar-reġistri tal-bastimenti, il-qagħda mhux sodisfaċenti tad-djalogu soċjali u r-rata ta' parteċipazzjoni għolja fis-suq tax-xogħol ta' nies impjegati bl-hekk imsejħa kuntratti "junk" u l-ħaddiema li jkunu indipendenti biss b'mod formali.

9. L-Istrateġija Ewropea għall-Baħar tat-Tramuntana

9.1. L-industrija taż-żejt u l-gass ilha 50 sena tiżviluppa u huwa stmat li fadlilha 50 sena oħra. Bħalissa din l-industrija qed tħabbat wiċċha ma' ambjent tal-enerġija li qed jinbidel b'mod konsiderevoli kif ġej:

- sehem akbar ta' enerġija ġġenerata minn sorsi rinnovabbli,
- sehem akbar ta' enerġija prodotta lokalment u minn taħlita ta' sorsi bbażati lokalment,
- sfidi fil-kapaċità tas-sistema ta' trasmissjoni attwali biex jinkiseb bilanċ bejn il-provvista u d-domanda,
- l-għanijiet tal-karbonju għall-UE 2030.

Il-mistoqsja hi: is-settur taż-żejt u l-gass jiflaħ għall-isfida kbira li jiddiversifika f'settur ta' riżorsi rinnovabbli u li jiġġestixxi bidla bħal din?

9.2. L-għan tal-Kummissjoni tal-Baħar tat-Tramuntana huwa li taħdem mal-House of Lords biex tinvolvi lill-gvern tar-Renju Unit fil-promozzjoni ta' approċċ integrat lejn il-ġestjoni tat-territorju marittimu fil-baċir tal-Baħar tat-Tramuntana u biex tiżviluppa komunikazzjoni u strateġija biex jiġu identifikati l-benefiċċji lill-pubbliku ta' grilja tal-enerġija fil-Baħar tat-Tramuntana.

9.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tippromovi dibattitu dwar il-potenzjal ta' strateġija speċifika għall-Baħar tat-Tramuntana li tkopri l-isfidi għal industriji offshore sostenibbli u kompetittivi fl-Ewropa. Dan id-dibattitu jinvolvi:

- il-prodott u d-disinn;
- is-soċjetà;
- il-produzzjoni;
- il-leġislazzjoni;
- il-finanzjament.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

ANNEX

Riżultati tal-analiżi SWOT li jikkarakterizza l-industrija Ewropea taż-żejt u l-gass offshore

S – Punti ta' vantaġġ	W – Dgħufijiet
<ul style="list-style-type: none"> — l-esperjenza miksuba f'kundizzjonijiet ta' ħidma diffiċli u filmijiet fondi — għarfien rikonoxxut fid-dinja — persunal ikkwalifikat u esperjenzat ħafna — natura settorjali tal-industrija 	<ul style="list-style-type: none"> — l-ispejjeż għoljin tal-produzzjoni — l-effiċjenza tal-produttiva hija inqas mill-aspettattivi — inċertezza fiskali — infrastruttura li qed teqdiem — kooperazzjoni dgħajfa
O – Opportunitajiet	T – Riskji
<ul style="list-style-type: none"> — l-iskoperta ta' żoni ġodda ta' attivitajiet ta' tħaffir fil-minjieri li tnaqqas l-ispejjeż operattivi u tal-iżvilupp — l-esportazzjonijiet ta' prodotti, tagħmir u għarfien lejn swieq ġodda — kooperazzjoni foqma bħal: "tfassil/standardizzazzjoni komuni", l-użu tal-infrastruttura u l-iskambju tal-għarfien — "komunikazzjoni" dwar il-livell korrett tal-pagi skont il-prinċipju: "ninżlu l'isfel" — l-użu tal-programm tar-riindustrijalizzazzjoni tal-UE 	<ul style="list-style-type: none"> — tnaqqis fil-prezzijiet globali taż-żejt — tnaqqis tal-impjiegi fis-settur b'reazzjoni għat-tnaqqis qawwi fil-prezzijiet taż-żejt 2014/15 — l-irtirar fuq skala kbira tal-ħaddiema tas-sengħa fl-10 snin li ġejjin — il-pessjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet minħabba ż-żieda fl-estrazzjoni mir-ramel tal-qatran u l-gass tax-shale fl-Istati Uniti — it-tnaqqis fit-tkabbir ekonomiku tal-Asja — l-approċċ tal-OPEC għal-limitazzjoni tal-produzzjoni

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-industriji kreattivi u kulturali – ass Ewropew fil-kompetizzjoni globali”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/13)

Relatur: is-Sinjura Emmanuelle BUTAUD-STUBBS

Korelatur: is-Sur Nicola KONSTANTINO

Nhar it-22 ta' Jannar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar:

“L-industriji kreattivi u kulturali – ass Ewropew fil-kompetizzjoni globali”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI), inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-15 ta' Lulju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-16 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'215-il vot favur, l-ebda vot kontra u 2 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Minħabba l-importanza tal-industriji kulturali u kreattivi (IKK) fl-Unjoni Ewropea, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tfassal strateġija multiannwali għall-iżvilupp ta' dawn l-industriji.

1.2. Il-KESE jemmen li dawn l-industriji, li jikkontribwixxu għall-influenza internazzjonali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu integrati fid-diskussjonijiet attwali tal-Kummissjoni Ewropea dwar komunikazzjoni mistennija fil-ħarifa tal-2015, dwar politika kummerċjali ġdida.

1.3. Minħabba l-evoluzzjoni tas-suq tax-xogħol f'ċerti Stati Membri, hija neċessarja kunsiderazzjoni aktar adattata għall-bżonnijiet tal-ħaddiema atipiċi fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u tas-saħħa u s-sigurtà. Il-KESE huwa favur negozjar kollettiv iktar intensiv fis-settur tal-midja u l-kultura, partikolarment fil-qafas tat-tradizzjonijiet nazzjonali.

1.4. Għadd ta' kwistjonijiet oħra għandhom jingħataw attenzjoni partikolari: l-adattament għall-ħtiġijiet ġodda tas-suq, ir-rinfurzar tal-mobilità tax-xogħol tas-settur, l-għodod u l-politiki tat-taħriġ u l-edukazzjoni, kif ukoll l-iżvilupp tal-finanzjament parteċipattiv (pjattaformi ta' finanzjament kollettiv).

1.5. Il-promozzjoni tal-valuri tal-UE: ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, il-protezzjoni tal-minoranzi, eċċ., għandu jiġi attribwit parzjalment għall-persuni “kreattivi”, kapaċi jattiraw udjenza żagħżuġha permezz tal-apps, il-filmati, il-logħob, il-komiks, eċċ..

1.6. Għal dawk l-industriji li mhux kollha jstgħu “jiġbru” l-valur, il-kwistjoni tal-valutazzjoni finanzjarja tal-assi intanġibbli tagħhom – il-portafoll tal-kljenti, il-fama u r-reputazzjoni, il-marki kummerċjali, il-kompetenzi – li huma sostenibbli, u sorsi ta' profitti futuri, hija essenzjali.

2. Introduzzjoni

2.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ilu jappoġġa l-iżvilupp tal-industriji kulturali u kreattivi (IKK) għal aktar minn 11-il sena. Sew qabel ma l-Kummissjoni Ewropea fasslet il-Komunikazzjoni tagħha “Il-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi għal tkabbir u l-impjiegi fl-Unjoni Ewropea” fl-2012 ⁽¹⁾, ġew adottati diversi opinjonijiet bejn l-2004 u l-2014 ⁽²⁾.

2.2. L-industriji kulturali u kreattivi jinsabu f'pożizzjoni strateġika fi ħdan is-soċjetà Ewropea li tippermettilhom jippromwovu tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (“l-Istrateġija Ewropa 2020”), billi ġie ppruvat ⁽³⁾ li waħda mill-karatteristiċi tal-IKK hija l-abbiltà tagħhom li jinnovaw, li hija iktar intensa milli f'setturi ekonomiċi oħra.

2.3. Għandu jiġi enfazzzjat ukoll ir-rwol speċjali tal-IKK fis-soċjetà Ewropea fil-promozzjoni tal-pluraliżmu u d-diversità kulturali kif ukoll l-identità Ewropea ⁽⁴⁾.

2.4. F'Jannar 2015, il-Bureau tal-KESE ddeċieda li japprova t-fassil ta' opinjoni fuq inizjattiva proprja ġdida dwar l-IKK peress li jirrappreżentaw ass Ewropew li għandu jintuża fil-kompetizzjoni globali. Fil-fatt, l-Istati Uniti, il-Kanada u l-Korea, pereżempju, ifasslu strateġiji effettivi ta' “soft power” biex ixerrdu l-kultura u l-istil ta' ħajja tagħhom biex jappoġġjaw l-iżvilupp ekonomiku tal-intrapriżi tad-disinn, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' prodotti u servizzi b'kontenut kulturali.

2.5. Liema huma r-raġunijiet ewlenin li jispjegaw għalfejn il-KESE għal darb'oħra qed jindirizza l-iżvilupp ta' dawn l-industriji?

2.5.1. L-ewwel nett, il-piż tagħhom fl-ekonomija Ewropea huwa dejjem aktar sinifikanti. Minħabba d-definizzjonijiet differenti eżistenti u l-aħħar statistiċi disponibbli, l-IKK jikkostitwixxu wieħed mill-aktar setturi dinamiċi tal-ekonomija Ewropea. L-istudju tal-konsulent TERA, li jkopri l-perjodu 2008-2011 ⁽⁵⁾, jindika li l-kontribut għall-PDG Ewropew ta' din it-tip ta' industrija jinsab bejn 4,4 % (għall-industriji kreattivi puri biss jew “core industries”) u 6,8 % (jekk jiżjeddu dawk dipendenti ħafna fuq l-industriji kreattivi puri jew “non-core industries”). Il-kontribut tagħhom għall-impjiegi jirrappreżenta rispettivament 8,3 miljun impjieg, jiġifieri 3,8 % tal-popolazzjoni attiva totali tal-UE għall-industriji kreattivi puri (“core industries”) u 14-il miljun impjieg biż-żieda tal-industriji kollha dipendenti ħafna (“non-core industries”), jiġifieri 6,5 % tal-popolazzjoni attiva tal-UE. Dan ifisser li huwa t-tielet impjegatur fl-UE wara l-kostruzzjoni u x-xorb.

2.5.2. Il-firxa tad-dejn pubbliku wasslet lill-gvernijiet u lill-awtoritajiet biex inaqqsu l-ammont ta' sussidji mogħtija lill-assoċjazzjonijiet kulturali u mużikali, lit-teatri, lis-swali taċ-ċinema u l-arthouse, lill-orkestri. Il-midja tal-massa bħar-radju u t-televiżjoni bil-finanzjament pubbliku huma xi kultant f'diffikultà, bħalma huma l-gazzetti, li għaddejjin minn kriżi ekonomika minħabba r-rivoluzzjoni diġitali.

2.5.3. In-negożjati tat-TTIP nfetħu f'Ġunju 2013 u diġà saru 9 ċikli ta' negożjati. L-eċċezzjoni kulturali ġiet rikonoxxuta mill-bidu u l-KESE jappoġġa l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2013 dwar in-negożjati għal ftehim rigward il-kummerċ u l-investment bejn l-UE u l-Istati Uniti ⁽⁶⁾, fejn talab li “l-esklużjoni tas-servizzi kulturali u awdjoviżivi, inklużi dawk provduti online, tiġi ddikjarata b'mod ċar fil-mandat ta' negożjar”.

2.5.4. Il-programm “Ewropa Kreattiva”, li dwaru l-Kumitat diġà esprima l-opinjoni tiegħu ⁽⁷⁾, għadu kif daħal fis-seħħ u ġie allokat baġit ta' EUR 1,46 biljun għall-perjodu 2014-2020.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Mistoqsijiet dwar l-iżvilupp ekonomiku tas-settur

3.1.1. Diversi setturi simboliċi tal-kultura u l-kreattività Ewropea ddgħajfu minħabba l-kriżi:

— il-kunċerti u l-orkestri tal-mużika klassika u folkloristika,

⁽¹⁾ COM(2012) 537 u d-dokumenti ta' ħidma relatati dwar l-industriji tal-moda u tal-lussu: SWD(2012) 286 (ĠU C 198, 10.7.2013, p. 39).

⁽²⁾ Ara wkoll l-Opinjoni orizzontali u tematiċi tal-KESE, fost l-oħrajn: ĠU C 110, 9.5.2006, p. 34; ĠU C 108, 30.4.2004, p. 68; ĠU C 51, 17.2.2011, p. 43; ĠU C 181, 21.6.2012, p. 35; ĠU C 44, 11.2.2011; ĠU C 198, 10.7.2013, p. 14; ĠU C 110, 9.5.2006, p. 1; ĠU C 44, 11.2.2011, p. 75; ĠU C 451, 16.12.2014 p. 64; ĠU C 191, 29.6.2012, p. 18; ĠU C 230, 14.7.2015, p. 47.

⁽³⁾ Ara l-istudju tal-British Council: “Mapping the creative industries: a toolkit”, http://creativeconomy.britishcouncil.org/media/uploads/resources/mapping_the_creative_industries_a_toolkit_2-2.pdf

⁽⁴⁾ ĠU C 51, 17.2.2011, p. 43.

⁽⁵⁾ Konsulenti TERA, “The Economic Contribution of the Creative Industries to EU GDP and Employment”, 2014.

⁽⁶⁾ P7_TA (2013)0227 punt 11.

⁽⁷⁾ ĠU C 198, 10.7.2013, p. 39.

- il-festivals tal-opri u t-teatru,
- is-settur Ewropew tal-komiks affettwat ħażin mill-piraterija,
- l-attivitajiet ta' produzzjoni awdjoviżiva għall-kanali tat-televiżjoni pubblika f'xi każijiet kellhom tnaqqis sinifikanti fil-baġits.

3.1.2. Id-*data* statistika tal-Eurostat għall-perjodu 2009-2013 tikkonferma tnaqqis fl-għadd ta' impjegji f'setturi bħal dak tal-pubblikazzjoni fi Franza (146 000 impjegat fl-2009 u 112 000 fl-2013) u l-attivitajiet ta' programmar u ta' ffilmar fil-Polonja (25 000 impjegat fl-2009 u 19 600 fl-2013).

3.1.3. Madankollu, skont rapport mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol f'Dublin ("Arts, Entertainment and Recreation: working conditions and job quality")⁽⁸⁾, l-impjegji fis-settur tal-arti, id-divertiment u r-rikreazzjoni żdied bi fteit fl-UE bejn l-2010 u 2012: + 2%. F'xi Stati Membri, il-proporzjon ta' ħaddiema f'dawn is-setturi huwa ferm oġhla mill-medja Ewropea (1,6 % tal-popolazzjoni attiva): fir-Renju Unit u l-Estonja bi 2,6 %, fl-Iżvezja bi 2,5 % (14 % tal-intrapriżi u 8 % tal-PDG) u l-Latvja bi 2,3 %

3.2. *L-arkittettura tal-programm "Ewropa Kreattiva 2014-2020" li tqajjem mistoqsijiet dwar il-finanzjament u r-rappreżentazzjoni lokali*

3.2.1. Il-ħtieġa li l-intrapriżi tal-industriji kreattivi jfittxu finanzjament toriġina mid-diffikultà tagħhom biex jiżviluppaw mudelli ta' dħul li jippermettulhom li jiġbru l-valur. Il-gwida tal-SMEs fit-tfassil ta' mudelli ta' negozju u mudelli ta' dħul biex joħlqu u jiġbru l-valur, tagħmilhom inqas dipendenti fuq is-sussidji pubbliċi.

3.2.2. Fil-passat, il-KESE esprima d-dubbi tiegħu dwar il-faċilità finanzjarja l-għdida mfassla għall-SMEs u operaturi oħra biex ikollhom aċċess aktar faċli għall-finanzjament. In-nuqqas ta' għarfien espert fil-qasam kulturali tal-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) ġie enfasizzat⁽⁹⁾. Madankollu, din hija l-awtorità responsabbli milli tiżgura l-garanzija settorjali ta' EUR 121 miljun.

3.2.3. Skont il-programm "Ewropa Kreattiva", din il-garanzija għandu jkollha effett ta' lieva ta' 5,7 %, li twassal għad-disponibbiltà ta' madwar EUR 700 miljun għal proċedura ta' sejħa għall-offerti u tippermetti l-għażla tal-korpi responsabbli biex tinbena l-kapaċità amministrattiva għall-faċilità ta' Garanzija.

3.2.4. Id-diversifikazzjoni tal-mezzi finanzjarji tkun utli wkoll. Il-finanzjament kollettiv, inkluż fid-dimensjoni transkonfinali, jippermetti aċċess aktar faċli għall-finanzjament tal-proġetti u jnaqqas ir-riskju għall-investituri ("La Tribune", 11 ta' Frar 2014).

3.2.5. B'mod aktar ġenerali, dan iqajjem il-kwistjoni kollha tal-evalwazzjoni finanzjarja tal-assi intanġibbli. Il-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi l-importanza ta' dawn l-assi intanġibbli iżda ma tissuġġerixxi l-ebda metodu komuni ta' valutazzjoni tagħhom.

3.2.6. Nuqqas ta' rappreżentazzjoni lokali: l-għadd ta' uffiċċji tal-Ewropa Kreattiva huma minn 1 sa 4 għal kull Stat Membru, jew fil-belt kapitali jew f'belt kbira oħra. Dan it-tip ta' netwerk bla dubju mhuwiex biżżejjed sabiex jiggarrantixxi l-promozzjoni tal-programmi fir-reġjuni orjentati sew madwar l-IKK.

3.3. *L-adattament tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għar-rivoluzzjoni diġitali*

3.3.1. Ir-riforma tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁰⁾ dwar id-drittijiet tal-awtur bħalissa qed tiġi diskussa fuq il-bażi ta' komunikazzjoni tad-19 ta' Mejju 2010 (COM(2010) 245 final, "Aġenda diġitali għall-Ewropa"), bi kwistjonijiet diffiċli li jridu jiġu solvuti:

- Għandna bżonn ta' titlu uniku Ewropew dwar id-drittijiet tal-awtur?

⁽⁸⁾ http://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_publication/field_ef_document/ef1384en14.pdf

⁽⁹⁾ ĠU C 181, 21.6.2012, p. 35.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10.

- id-drittijiet tal-awtur, eżistenti f'ħafna forum differenti u kumplessi fil-livell nazzjonali, kif għandhom jiġu adattati għal forum ġodda ta' espressjoni kulturali?
- aħjar jekk it-tul ta' żmien tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur tkun armonizzata fuq livell Ewropew?
- il-leġislatur antiċipata r-rivoluzzjoni tal-printer 3D?

3.3.2. Kwistjoni diffiċli oħra tikkonċerna r-rimunerazzjoni għall-awturi u l-artisti/interpreti f'dak li għandu x'jaqsam mad-dħul iġġenerat mill-użu onlajn tax-xogħlijiet u l-wirjiet tagħhom.

3.3.3. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal sistema bilanċjata ta' rimunerazzjoni ġusta u ekwa lid-detenturi kollha tad-drittijiet, b'mod partikolari dawk li joħlqu l-kontenut, l-artisti u l-produtturi.

3.3.4. Huwa wkoll importanti li l-SMEs, l-intrapriżi żgħar ħafna u l-mikrointrapriżi fl-industrija kreattiva u kulturali jiġu megħjuna biex jiproteġu d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom⁽¹¹⁾, partikolarment fis-settur tal-moda u d-disinn.

3.3.5. Barra minn hekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tkun konsistenti f'dak li jikkonċerna r-reviżjoni tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹²⁾ dwar il-kummerċ elettroniku biex tinvolvi lill-partijiet interessati kollha (atturi/partijiet intitolati, hosts, muturi ta' riċerka, fornituri ta' soluzzjonijiet ta' pagament eċċ.) fil-ġlieda kontra l-piraterija.

4. Kummenti partikolari

4.1. Ħtieġa urġenti għal inċentivi territorjali

4.1.1. Il-KESE jenfasizza li fil-fatt huwa fil-livell lokali li jibdeu, jew ma jibdewx, forum ta' kooperazzjoni. Huwa neċessarju li jiġi enfasizzat ir-rwol ewlieni tar-raggruppamenti kulturali, id-distretti kreattivi, il-postijiet fejn jiltaqgħu li jkunu aċċessibbli u mingħajr ħlas ipprovduti mill-bliet u r-reġjuni kif urew bosta testimonjanzi (il-Wallonja, Rhône-Alpes) fis-smiġh tal-15 ta' Ġunju 2015. L-esperti tan-Netzwerk Ewropew, fir-rapport tagħhom dwar ir-reżiljenza tal-IKK, jikkunsidraw li l-politiki pubbliċi għall-promozzjoni tal-kultura u l-kreattività jidhru li għandhom impatt ikbar fil-livell sottonazzjonali⁽¹³⁾.

4.1.2. Il-programm annwali għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva "Ewropa Kreattiva" jipprevedi li jalloka EUR 4,9 miljun lill-Uffiċċji tal-Ewropa Kreattiva. Madankollu, dawn l-uffiċċji huma f'it u jinsabu biss fi bliet kapitali jew bliet kbar, li ma jiggarrantixx bilfors l-aħjar lokalizzazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-atturi.

4.2. Rispons neċessarju għas-sitwazzjoni kultant prekarja tal-ħaddiema atipiċi fl-IKK (bl-esklużjoni tas-settur tal-lussu)

4.2.1. Skont rapport tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) ta' Mejju 2014, dwar ir-relazzjonijiet industrijali fis-settur tal-midja u l-industrija kulturali⁽¹⁴⁾, hemm:

- 2,3 miljun impjegat fis-setturi tal-muntaġġ, il-produzzjoni tal-filmati u t-televiżjoni,
- 1,2 miljun ruħ fis-settur tal-istampar u l-midja tal-pubblikazzjonijiet,
- miljun artist, nofshom jaħdmu għal rashom.

4.2.2. Fil-biċċa l-kbira ta' dawn il-professjonijiet, u speċjalment fis-settur tal-midja u l-kultura, l-impjeg atipiku kiber matul l-aħħar f'it għexieren ta' snin, minħabba n-numru dejjem jikber ta' kuntratti part-time u fuq terminu ta' żmien fiss, xogħol temporanju, xogħol ta' min jaħdem għal rasu u ekonomikament dipendenti.

⁽¹¹⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar "Lejn kunsens imġedded dwar l-infurzar tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali: Pjan ta' Azzjoni tal-UE" (ĠU C 230, 14.7.2015, p. 72).

⁽¹²⁾ ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

⁽¹³⁾ <http://www.eenc.info/fr/eencdocs-fr/rapports/la-resilience-de-emploi-dans-les-secteurs-culturels-et-creatifs-sccs-pendant-la-crise/>

⁽¹⁴⁾ "Employment relationships in the media and culture sector" (Mejju 2014) http://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/—ed_dialogue/—sector/documents/publication/wcms_240701.pdf

4.2.3. Il-KESE jappoġġa l-punti ta' kunsens adottati mill-ILO f'Mejju 2014⁽¹⁵⁾ u jikkonferma li l-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol għandhom japplikaw għall-ħaddiema kollha fis-settur tal-midja u l-kultura, tkun xi tkun in-natura tar-relazzjoni tax-xogħol tagħhom. Dan jiddikjara li ċerti ħaddiema fis-settur tal-midja u l-kultura ma jibbenefikawx minn protezzjoni soċjali suffiċjenti (qgħad, irtirar, sigurtà soċjali...) u li kultant ir-rikors għall-esternalizzazzjoni u l-eżistenza ta' statuti differenti ħafna fost il-ħaddiema atipiċi tal-IKK jistgħu jkabbru r-riskji relatati mas-sigurtà u s-saħħa.

4.2.4. Il-KESE huwa favur negozjar kollettiv iktar b'saħħtu f'dawn l-oqsma differenti biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

4.2.5. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta "pakkett" leġislattiv ambizzjuż dwar il-mobilità, li jippermetti li jiġu solvuti b'mod adegwat il-problemi ta' mobilità ġewwa l-UE tal-professionisti tal-IKK u li jiffaċilita l-għoti ta' viżi fil-qafas tal-iskambji mal-pajjiżi terzi.

4.3. **Bidliet antiċipati fl-ġħodod tal-edukazzjoni u t-taħriġ fis-settur tal-IKK**

4.3.1. Il-KESE diġà ġibed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġi promoss għarfien akbar tal-industrija kreattiva fis-sillabi tal-iskjejjel u fit-taħriġ professjonali, f'konformità mal-kontenut tal-Karta Internazzjonali tal-Artiġjanat Artistiku⁽¹⁶⁾.

4.3.2. Huwa importanti li jiġi enfasizzat ir-rwol importanti tas-servizz pubbliku tat-televiżjoni u tar-radju bħala l-ewwel mezz għall-edukazzjoni kulturali u ta' xandir ta' kontenut letterarju, storiku jew artistiku.

4.3.3. Il-KESE jemmen ukoll li, fil-kuntest ta' mudelli kummerċjali li qed jinbidlu malajr marbuta ma' bidliet fid-drawwiet tal-konsumatur, huwa neċessarju li jiġu mgħallma l-ekonomija, l-immaniġġjar u l-istrateġija fit-taħriġ għall-professionisti fl-industriji kreattivi u kulturali. Il-manijers u l-intraprendituri fl-IKK għandu jkollhom aċċess ukoll għal dan it-taħriġ bħala parti mit-taħriġ vokazzjonali kontinwu.

4.3.4. Il-KESE diġà enfasizza f'bosta opinjonijiet dwar l-importanza tat-taħriġ sabiex l-għarfien rari tal-artiġjanat jiġi trasmess. Iżda dak li huwa dejjem aktar evidenti f'għadd ta' Stati Membri, hija d-diskrepanza li dejjem qed tikber bejn dak li hu kontenut tat-tagħlim u l-htijijiet tas-suq, li wassal biex xi atturi tas-soċjetà ċivili jinvolvu ruħhom permezz tal-ħolqien ta' istituti privati, jew implimentaw fil-qafas ta' sħubija pubblika-privata korsijiet qosra (4 ġimgħat), prattiċi ħafna, ikkonċentrati fuq senġha li tippermetti lil zġħażaġħ gradwati jew mhux gradwati li jkunu jistgħu jaħdmu malajr kemm jista' jkun.

4.3.5. Il-Kunsill Ewropew tal-Ħiliet għas-setturi awdjoviżivi u tal-ispettaklu live beda l-ħidma tiegħu f'Novembru 2014. Il-KESE huwa interessat f'xogħlu billi għandu jwassal għal antiċipazzjoni aħjar tal-bżonnijiet fl-oqsma ta' taħriġ tal-bidu u kontinwu.

4.3.6. Il-KESE jqis li huwa importanti li, fi ħdan dan il-qafas, l-imsieħba soċjali u l-Kunsill Ewropew tal-Ħiliet ikunu involuti mill-qrib fil-ħidma tal-ESCO⁽¹⁷⁾ (Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi).

4.3.7. Il-KESE jitlob aktar sinerġija bejn l-aspett "Alleanzi tal-għarfien" tal-programme Erasmus+ u l-programm "Ewropa Kreattiva".

4.4. **Vigilanza għall-istrateġija tal-kompetituri globali tagħna**

4.4.1. Il-KESE jappella biex jitqiesu d-dimensjonijiet tas-settur kollha, jiġifieri l-impjiegi, il-kompetenzi, it-taħriġ, il-proprjetà intellettuali eċċ., minħabba l-importanza ekonomika tagħhom. Id-dimensjoni esterna għandha tkun inkorporata fin-negozjati bilaterali u multilaterali li għaddejjin. Fil-fatt, dawn il-prodotti u s-servizzi b'kontenut kreattiv u kulturali għoli jirrappreżentaw sehem dejjem jikber mill-esportazzjonijiet tal-UE. Il-prodotti ta' lussu jammontaw għal madwar 17 % tal-esportazzjonijiet totali tal-UE fl-2013, skont l-ECCIA.

4.4.2. Il-kunsiderazzjoni tan-natura speċifika ta' dawn l-industriji f'termini ta' kontenut jimplika li għandha tingħata aktar attenzjoni għad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u r-regolamentazzjoni tal-kummerċ elettroniku.

⁽¹⁵⁾ L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) GDFMCS/2014/7, Forum għad-djalogo dinji dwar ir-Relazzjonijiet tax-Xogħol fis-settur tal-midja u l-kultura, Ġinevra, 14-15 ta' Mejju 2014, Punti ta' kunsens.

⁽¹⁶⁾ Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹⁷⁾ Il-klassifikazzjoni ESCO tnediet mill-Kummissjoni Ewropea fl-2010. ESCO tagħmel parti mill-Istrateġija Ewropa 2020.

4.5. *L-iżvilupp ta' narrattiva attraenti dwar il-valuri tal-Unjoni Ewropea*

4.5.1. Il-valuri tal-UE għandhom jiġu promossi u mxerrda permezz ta' formats attraenti fuq il-midja soċjali.

4.5.2. Sejħa għall-proġetti indirizzata lil min jieħu l-filmati, id-disinjaturi, l-artisti, il-mużiċisti, eċċ., tista' tiżviluppa f'kontenut ta' immaġni interessanti, li għalhekk jistgħu jiġu mxerrda sew fost iż-żgħażaġh.

4.6. *Il-qsim għandu jkun inkoraġġut*

4.6.1. Dan l-għan, li jimmira li jistabbilixxi u jiżviluppa sinerġiji bejn id-diversi industrijiet kulturali u kreattivi, huwa parti minn qafas kunċettwali tal-Kummissjoni Ewropea fil-Programm "Ewropa Kreattiva" ⁽¹⁸⁾.

4.6.2. Sehew esperjenzi speċifiċi inkoraġġanti ħafna pereżempju bejn il-gastronomija, l-industrija diġitali u t-turiżmu, bejn l-arti u l-lussu u bejn il-kultura u t-turiżmu.

4.6.3. Dawn l-esperjenzi ta' fertilizzazzjoni reċiproka bejn IKK differenti u bejn IKK u industrijiet oħra spiss mhumiex applikati fuq skala industrijali, peress li huma bbażati fuq għarfien tal-karatteristiċi speċifiċi ta' kull settur.

4.6.4. Barra minn hekk, il-prattiki ta' fertilizzazzjoni reċiproka żviluppata mis-settur tal-IKK, grazzi għall-avvanzi teknoloġiċi (l-istampar 3D, l-istampar diġitali) jippermettu li jstimulaw l-iżvilupp ta' profili ta' xogħol immirat lejn il-ħolqien u l-innovazzjoni, vetturi ta' impjegji għall-ġejjieni.

4.7. *Nużaw il-valur ekonomiku tal-wirt arkitettoniku*

4.7.1. L-UE għandha densità kulturali mill-aktar għolja fid-dinja bi 363 sit mid-981 sit naturali u kulturali tal-Unesco identifikati bħala patrimonju tal-umanità. Fil-fatt, jidher li l-flussi ta' turisti Indjani, Ċiniżi, Ġappuniżi jew mill-Istati Uniti jirriżulta prinċipalment mill-wirt kulturali rikk tagħna ⁽¹⁹⁾. Għandu jkun promoss kwalunkwe titjib tal-politika dwar il-viżi, fil-limiti tar-rekwiżiti ta' sigurtà stabbiliti mill-Istati Membri u l-pajjiżi terzi kkonċernati.

4.7.2. Madankollu, minħabba l-livell għoli ta' dejn f'għadd ta' Stati Membri partikolarment mogħnija b'monumenti arkitettoniċi – il-Ġreċja (17), Franza (39), l-Italja (47) jew Spanja (44) – hemm diffikultajiet fil-konservazzjoni u l-manutenzjoni ta' dan il-patrimonju. Billi din ir-rikkezza kulturali u arkitettonika Ewropea hija ta' benefiċċju kbir u tippermetti aktar żvilupp tat-turiżmu kulturali, il-Kummissjoni hija mitluba tfassal inventarju tal-istat attwali ta' manutenzjoni tas-siti Unesco li jinsabu fl-Unjoni Ewropea.

4.8. *It-twaqqif ta' Forum Ewropew ta' diversi partijiet interessati*

4.8.1. Il-KESE diġà għamel talba bħal din ⁽²⁰⁾. Il-Kumitat tar-Reġjuni jappoġġja u jitlob li jitwaqqaf Forum għall-Kreattività Ewropea ⁽²¹⁾. Dan il-Forum "ilaqqa' flimkien gruppi pubbliċi, privati u volontarji biex janalizzaw kif l-Ewropa tista' tapplika soluzzjonijiet kreattivi għal problemi lokali u Ewropej urġenti".

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽¹⁸⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11.12.2013 li jistabbilixxi l-Programm "Ewropa Kreattiva" (2014 sa 2020) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

⁽¹⁹⁾ ĠU C 44, 11.2.2011, p. 75.

⁽²⁰⁾ ĠU C 198, 10.7.2013, p. 39.

⁽²¹⁾ ĠU C 218, 30.7.2013, p. 7.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Programmi tal-Iżvilupp Rurali – L-ewwel għajnuna jew l-ewwel sinjali ta’ rkupru?”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/14)

Relatur: is-Sur Tom JONES

Relatur: is-Sinjura Joana AGUDO I BATALLER

Nhar it-22 ta’ Jannar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

Il-Programmi tal-Iżvilupp Rurali – L-ewwel għajnuna jew l-ewwel sinjali ta’ rkupru?

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-13 ta’ Lulju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta’ Settembru (seduta tas-17 ta’ Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’192 vot favur, 3 voti kontra u 10 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon l-impenn kontinwu tal-UE, l-Istati Membri u r-reġjuni biex jindirizzaw xi wħud mill-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom iż-żoni rurali permezz ta’ Programm tal-Iżvilupp Rurali (PŻR) li jvjarja ħafna. Jilqa’ l-isforzi tal-Kummissjoni u tal-uffiċjali pubbliċi fl-adozzjoni u t-tfassil tal-programm il-ġdid. Madankollu, minħabba l-kriżi reali li ħafna żoni rurali żvantaġġati jiffaċċjaw, hemm diżappunt minħabba d-dewmien fil-preżentazzjoni, l-approvazzjoni u t-tnedija tal-programm madwar bosta stati u reġjuni. Għalhekk, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni, flimkien mal-awtoritajiet tal-istat u reġjonali, tikkommisjona analiżi indipendenti tal-proċess sabiex jiġi evitat dewmien fl-iskemi ġodda fil-futur.

1.2. Is-suċċess tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali jiddependi mill-effettività tal-prinċipju tas-sħubija. Is-sjieda komuni tal-programm bejn is-settur pubbliku, privat, l-interlokutori soċjali u l-NGOs interessati, b’konformità mal-obbligi tat-Trattat u impenji oħra hija essenzjali. Il-KESE jinnota li kien hemm titjib fl-impenn meta mqabbel mal-programmi preċedenti, iżda s-sħubija għadha tvarja madwar l-UE.

1.3. Ir-rwol tal-kumitati ta’ monitoraġġ jeħtieġ li jkun trasparenti. Il-membri għandhom ikunu b’saħħithom fl-iskrutinju tal-miri, b’aċċess għal-linji gwida finanzjarji. Is-sħubija għandha tkun inklużiva b’kapaċità li tirrappreżenta gruppi ta’ interess fejn adatt.

1.4. B’konformità mar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u b’mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu dwar is-sħubija u l-governanza, il-KESE jqis li l-Kummissjoni għandha timmonitorja kif jiġi applikat ir-regolament fit-thejġja tal-ftehimiet ta’ sħubija u fl-implimentazzjoni tal-programmi, inkluż permezz tal-parteciċpazzjoni fil-kumitati ta’ monitoraġġ għall-programmi.

1.5. Tintlaqa’ bi pjaċir il-firxa tal-programmi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet lokali, kif ukoll l-użu akbar tal-mudell tal-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD) favur l-involvement tal-komunità. Għandu jkun hemm it-tixrid tal-aħjar Prattiki għal proċessi effiċjenti fl-użu tal-mudell.

1.6. Il-limitazzjonijiet baġitarji jimplikaw rwol komplementari u li ma jirduppjux ir-rwol tal-bqija tal-baġit tal-PAK. Nirrakkomandaw l-użu massimu tas-sorsi ta’ kofinanzjament governattivi, privati u volontarji, bi proċess semplifikat għall-applikanti. L-Awtoritajiet ta’ Ġestjoni għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għall-fondi tal-Politika ta’ Koeżjoni u fondi ta’ investiment Ewropej oħra fejn il-proġetti jikkwalifikaw taħt kriterji iktar wiesa’.

1.7. Kif diġà ġie nnotat mill-KESE ⁽¹⁾, ħmistax-il Stat Membru trasferew fondi minn pagamenti diretti lill-PŻR, filwaqt li f'ħames Stati Membri oħra t-trasferimenti saru mit-tieni għall-ewwel pilastru. Iż-żewġ possibbiltajiet huma leġittimi – peress li huma permessi mill-koleġislaturi – iżda m'għandhomx l-istess valur: il-PŻR jaqdu l-għan ta' żvilupp aktar ibbilanċjat fi ħdan kull reġjun tal-UE. Huwa rakkomandat li jsir studju tal-koerenza u tal-effettività ta' din il-flessibilità, inkluż l-impatt tagħha fuq il-kompetizzjoni fis-Suq Uniku.

1.8. L-istati u r-reġjuni jipprijoritizzaw l-infiq f'ħafna modi differenti. Din l-Opinjoni tenfasizza l-importanza tal-iżvilupp sostenibbli tal-attività ekonomika, l-ambjent u l-ġustizzja soċjali b'enfasi qawwija fuq iż-żieda fil-valur għal riżorsi bbażati fuq l-art. Nirrakkomandaw li l-Kummissjoni twettaq analiżi ta' nofs it-term tal-progress mqabbel mal-miri għall-prijoritajiet ta' hawn fuq, waqt li tonora l-impniji eżistenti. L-awtoritajiet għandhom ikunu jistgħu jagħmlu aġġustamenti li jippermettu proġetti ġodda biex tinkiseb it-tlestija b'suċċess tal-programm u tislet tagħlimiet għal politika strutturali rurali sussegwenti.

1.9. Hemm tħassib serju li l-PŻR mhux se jkunu jistgħu jwasslu għal koeżjoni territorjali mtejbja. Iż-żoni l-aktar imbiegħda u ekonomikament marġinati, kemm fost l-istati u r-reġjuni kif ukoll fi ħdanhom, ma għandhomx il-kapaċità strutturali biex jikkapitalizzaw fuq il-fondi u l-appoġġ disponibbli. Jinħtieġu aktar riżorsi mmirati fuq perjodi itwal ta' żmien, inklużi mentoring transkonfinali, ġemellaġġ, bini tal-kapaċità għal strutturi ta' konsumlenza, u self u investimenti innovattivi privati u tal-intrapriża soċjali.

1.10. Il-mudell tal-LEADER li ilu stabbilit għandu appoġġ qawwi u n-Netwerks tal-Iżvilupp Rurali ffinanzjati mill-KE huma mħeġġa biex ikomplu jxerrdu l-aħjar Prattiki.

1.11. L-enfasi qawwija fil-programmi fuq iż-żamma tal-impjieg u l-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' impjieg fiż-żoni rurali hija ċara, bħalma hi l-importanza tal-investment, l-iskambju tal-ġharfien, it-taħriġ, il-mentoring u rabtiet aktar mill-qrib mal-istabbilimenti tar-riċerka. Il-miżuri biex jinċentivaw iż-żgħażaġh biex ifittxu futur fiż-żoni rurali, flimkien ma' miżuri li jgħinu fl-integrazzjoni ta' dawk il-persuni li għandhom diffikultajiet speċjali jew diżabbiltà fiżika jew mentali, huma importanti. L-inċentivi finanzjarji li jappoġġjaw it-tiġdid tal-ġenerazzjonijiet huma kruċjali. Barra minn dan, l-iskejjel u l-kulleġġi rurali jeħtieġ li jkunu marbutin aktar mill-qrib mal-ħtiġijiet tradizzjonali u tat-tibdil fil-ħiliet taż-żoni tagħhom.

1.12. Hemm ħtieġa reali biex jiġu indirizzati l-ippjanar tas-suċċessjoni, filwaqt li l-opportunitajiet tal-PŻR għall-ittestjar ta' mudelli tan-negozju jiġu integrati mar-regoli nazzjonali, reġjonali dwar it-trasferimenti tal-assi. Il-mobbiltà tax-xogħol tiġi mħeġġa bl-appoġġ minn taħriġ ta' kwalità u bil-konformità mad-drittijiet tax-xogħol.

1.13. Il-kontribut tan-nisa għas-suċċess tal-Programm għandu jkun immirat u appoġġat b'mod speċifiku. Ir-rwol tagħhom huwa kruċjali biex jiġi garantit li n-nies jibqgħu jgħixu fiż-żoni rurali, mhux biss permezz tad-diversifikazzjoni u t-trasformazzjoni tal-prodotti agrikoli iżda wkoll permezz tal-kontribut tagħhom għall-iżvilupp territorjali lokali billi jipprovdu opportunitajiet għal attivitajiet artiġjanali u ta' agrituriżmu, minbarra bħala element essenzjali għall-innovazzjoni.

1.14. Il-miżuri biex jittejjbu l-ambjent, l-ekosistemi tiegħu u l-pajsaġġi kulturali, huma milqgħa. L-appoġġ għall-prodotti lokali, tikkettjati b'mod preċiż, għat-turiżmu rurali u skemi tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira li tkun proprjetà tal-komunità għandhom iġibu benefiċċji ekonomiċi u komunitarji sostenibbli. Ir-riġenerazzjoni rurali tista' sseħħ biss jekk tkun sostnuta minn negozji agrikoli u rurali u dawk fil-qasam tal-foresti li jkunu effiċjenti u profitabbli. Hemm bżonn sforz akbar biex jiżdied il-feħim bejn il-bdiewa u s-sidien tal-foresti bħala produttori tal-ikel jew tal-materja prima rinnovabbli, il-beni ambjentali u ta' rikreazzjoni u l-konsumaturi minn ċittadinanza Ewropea li qed tkun dejjem aktar diversa.

⁽¹⁾ Rapport ta' informazzjoni dwar "Proċeduri ta' implimentazzjoni tar-Riforma tal-PAK", EESC-2015-01409.

1.15. L-indirizzar tal-impatt tat-tibdil fil-klima fuq l-agrikoltura u l-forestrija, u viċi versa, huma prijoritajiet fil-programmi. Il-proġetti għall-qbid tal-karbonju, it-titjib tal-kwalità tal-ilma u tal-ħamrija, it-tnaqqis fl-emissjonijiet, it-tisħiħ tal-ekosistemi kif ukoll l-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari, huma milqugħa b'sodisfazzjon. It-titjib għandu jkun proċess fit-tul u għandu jitkejjel b'mod xjentifiku fuq firxa ta' skemi agroambjentali u oħrajn, inkluża l-produzzjoni integrata.

1.16. L-indirizzar tal-iġustizzja soċjali jiddependi minn impenji usa' ta' fondi u politiki tal-gvern u tal-UE inklużi l-għoti ta' aċċess aħjar għas-servizzi tal-Internet, it-trasport u l-edukazzjoni.

1.17. Ir-riġenerazzjoni ekonomika u tal-komunità rurali hija essenzjali u l-PŻR għandhom jiġu ttestjati wkoll għall-isforzi tagħhom biex jinkludu liċ-ċittadini rurali kollha. L-involviment tas-soċejetà ċivili u l-intraprenditorija huma essenzjali għas-sostenibilità taż-żoni rurali.

2. Introduzzjoni

2.1. L-Ewropa rurali hija essenzjali għall-ħajja taċ-ċittadini Ewropej kollha, mhux biss dawk li jgħixu u jaħdmu hemm. Din tipprovdi provvisti siguri tal-ikel, l-injam, il-minerali u l-ilma. Tipprovdi diversità ta' habitats, enerġija rinnovabbli, spazji għar-rikreazzjoni, pajsaġġi storiċi, artiġjanat, u fuq kollox, persuni b'ħiliet u kulturi diversi. Madwar 115-il miljun (23 %) taċ-ċittadini tal-UE huma kategorizzati bħala residenti f'żoni rurali.

2.2. Madankollu, hemm varjazzjoni kbira bejn iż-żoni rurali f'termini ta' prosperità ekonomika u koeżjoni soċjali. Xi wħud huma affluwenti u dinamiċi, oħrajn fraġli, għandhom populazzjoni li qed tonqos u huma dgħajfa. Bosta għandhom diversi assi iżda huma foqra, ikkaratterizzati minn lokalitajiet abitati b'densità baxxa u b'aċċess limitat għas-servizzi pubbliċi. Dan jgħodd speċjalment għar-reġjuni aktar remoti u muntanjużi u għall-gżejjer. L-attrazzjoni tal-attività ekonomika u soċjali moderna lejn il-ibliet hija kontinwa. Dan jagħmilha diffiċli ferm għall-gvernijiet, speċjalment fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet urbani mhux adatti, biex jiżguraw li l-komunitajiet rurali jkunu sostenibbli. Il-mobbiltà u l-moviment liberu tal-persuni huma prinċipji essenzjali għall-Unjoni Ewropea. Madankollu dawn għandhom konsegwenzi mhux intenzjonati għall-ifqar reġjuni rurali peress li numru kbir wisq ta' nies, speċjalment zgħażaġh, jitolqu bit-tama ta' prospettivi ta' ħajja aħjar mingħajr ma jirritornaw.

2.3. L-Ewropa teħtieġ viżjoni biex terġa' tinkiseb il-fiduċja fil-benesseri taż-żoni rurali, abbażi ta' tkabbir ekoloġiku li jippromovi l-ekonomija ċirkolari, fehim akbar tal-ħtiġijiet komunitarji u servizzi ta' appoġġ aktar intelliġenti. Din l-Opinjoni tfittex li tindirizza għaliex hemm varjabilità fir-rati ta' suċċess u x'inhuma l-prospetti ta' titjib reali matul il-programm ta' finanzjament ġdid. Hemm tagħlim għat-tliet pilastru tal-iżvilupp sostenibbli, tal-ġustizzja ekonomika, ambjentali u soċjali? Hemm sens ta' sjieda u sħubija bejn il-partijiet interessati kollha?

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-miżuri biex jibbilanċjaw mill-ġdid l-opportunitajiet ekonomiċi rurali-urbani u biex jistabbilizzaw il-koeżjoni soċjali mill-Istati Membri u r-reġjuni huma bosta u l-UE, permezz tal-ewwel (ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013) u t-tieni pilastru (ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013) tal-PAK, kif ukoll il-Fondi Strutturali/ta' Koeżjoni tagħha, għamlet sforzi kontinwi sabiex treġġa' lura t-tendenza negattiva, għalkemm b'suċċess limitat u li jvarja. L-appoġġ attwali tal-UE għall-iżvilupp rurali, iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, huwa stmat għal EUR 95,6 biljuni qabel it-trasferiment bejn il-pilastru, li jirrappreżenta 23 % tal-baġit tal-PAK.

3.2. Il-programmi tal-2014-2020 jibnu fuq snin ta' esperjenza ta' x'inhu u x'mhux effettiv. Il-Kummissjoni tappoġġja n-Network Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ENRD) u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni: produttività u sostenibbiltà fil-qasam agrikolu (EIP-agri) għall-promozzjoni ta' Prattiki tajba u soluzzjonijiet innovattivi u l-KESE jirrakkomanda li din il-ħidma tissaħħa fil-livell lokali. Jista' wkoll jinkiseb tagħlim mill-aħjar Prattiki ta' fornituri oħra ta' finanzjament.

3.3. Minkejja li l-baġits huma iżgħar minn xi baġits oħra tal-UE, dawn jistgħu jkunu intelliġenti u estiżi permezz ta' sorsi oħra tal-gvern u ta' kofinanzjament. Il-programmi għandhom ikunu komplementari għal riżorsi tal-ewwel pilastru u marbuta ma' flussi oħra ta' finanzjament, fejn ikun xieraq, permezz ta' infrastruttura burokratika effiċjenti, li tippermetti reazzjoni rapida, u appoġġ ta' mentoring minn aġenziji konsultattivi u awtoritajiet tal-ippjanar lokali.

3.4. Il-komponenti tal-Programmi huma flessibbli u lokali biżżejjed biex jibnu fuq il-ħtiġijiet reali tal-komunitajiet. Il-mudell tal-Leader flimkien mal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali iġibu sjieda kondiviża u riżultati pożittivi, fejn huma jkunu l-aktar effiċjenti u ta' suċċess. L-appoġġ tekniku għal dawk kollha interessati, flimkien mal-mentoring u t-taħriġ huma vitali għall-proġetti u l-inizjattivi kollha.

3.5. Madankollu, l-aktar żoni żvantaġġjati jitħabtu biex jisiltu titjib reali mill-programmi ta' terminu qasir, minħabba nuqqas ta' riżorsi ta' kummerċ, infrastruttura fqira, tmexxija komunitarja mingħajr esperjenza u aċċess inqas għal investimenti oħrajn Biex ikun hemm koeżjoni territorjali aħjar għandha tingħata aktar attenzjoni lil dawn iż-żoni bħalma jġri taħt l-Objettiv 1 preċedenti tal-Programmi tal-Fondi Strutturali/ta' Koeżjoni.

3.6. Il-Kummissjoni haġget regolamenti finanzjarji ġodda għal dan il-perjodu 2014-2020, li għandhom jinftiehem b'mod ċar u jiġu implimentati mill-awtoritajiet ta' ġestjoni kif ukoll mill-kumitati ta' monitoraġġ, mingħajr ma jiżdied il-piż burokratiku fuq l-applikanti tal-proġetti. F'dan ir-rigward il-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rapporti tagħha⁽²⁾ dwar il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 u l-qafas legali l-ġdid 2014-2020 għamlet diversi proposti biex jiġi żgurat valur ikbar għall-flus.

3.7. Kien hemm dewmien sinifikanti fil-preparazzjoni u l-proċess ta' approvazzjoni tal-programmi ġodda, minkejja l-wegħdiet ta' semplifikazzjoni. Dan huwa ta' dispjaċir minħabba l-istat imwiegħer ta' ħafna żoni rurali fqar u x-xewqa li dawn il-programmi jikkontribwixxu mill-aktar fis biex jindirizzaw id-dħul baxx, il-qgħad fost iż-żgħażaġh, servizzi pubbliċi ta' kwalità baxxa u l-impatt tat-tibdil fil-klima. Sa Mejju 2015 madwar 57 %⁽³⁾ tal-programmi reġjonali u statali kienu għad iridu jiġu approvati, għalkemm huwa ttamat li l-proċess ikun tlesta sal-aħħar tas-sena.

4. Konsultazzjoni u involviment tal-partijiet interessati

4.1. Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd. Huwa jirrimarka l-importanza partikolari tal-Artikolu 5 dwar is-sħubija u l-governanza f'diversi livelli li jstipula li għandhom jiġu inklużi awtoritajiet pubbliċi oħrajn, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali, u organizzazzjonijiet oħra li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha timmonitorja kif jiġi applikat ir-regolament fit-thejjja tal-ftehimiet ta' sħubija u fl-implimentazzjoni tal-programmi, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni fil-kumitati ta' monitoraġġ għall-programmi.

⁽²⁾ Rapporti Speċjali 22/2014, 23/2014, 4/2015, 5/2015.

⁽³⁾ Il-Kummissjoni Ewropea – Stqarrija għall-istampa tas-26 ta' Mejju 2015, L-adozzjoni ta' iktar minn 24 programm tal-iżvilupp rurali biex jissaħħa is-settur tal-biedja tal-UE u l-kampanja tagħna.

4.2. Din l-Opinjoni teżamina l-livell ta' impenn matul il-preparazzjoni tal-Programmi tal-Iżvilupp Rurali, għalkemm il-konklużjonijiet tagħha huma limitati minħabba n-nuqqas u l-firxa ġeografika limitata ta' programmi approvati. Kienu organizzati tliet seduti ⁽⁴⁾ flimkien ma' kwestjonarju ċċirkolat b'mod aktar wiesa'. Tweġibiet bikrin jindikaw proċess ta' involviment bejn il-gvernijiet u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jvarja skont it-territorji iżda li huwa aħjar, u aktar matur minn dak tal-programmi preċedenti. Madankollu, għandu jsir aktar sforz biex jixxerrdu l-prattiki tajba ta' involviment, inkluż użu akbar ta' teknoloġija tal-komunikazzjoni għal djalogu kontinwu. Id-djalogu jvarja ħafna ġewwa l-istati u r-reġjuni. Il-Ftehimiet ta' Sħubija jistgħu jkunu simboliċi, l-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità huwa adottat biss f'xi żoni, u l-konsultazzjoni inklużiva u ġenwina tispiċċa fil-bidu minflok lejn it-tmiem tal-proċess ⁽⁵⁾. Hemm eżempji ta' Prattika tajba disponibbli u dawn ta' spiss jinstabu fejn impenn simili wassal għal riżultati aħjar flimkien ma' inizjattivi ta' politika oħra ⁽⁶⁾.

4.3. Il-gvernijiet waħedhom ma jistgħux iwasslu għat-tibdil veru meħtieġ biex jagħti nifs ġdid liż-żoni rurali. Huma jistgħu jipprovdū l-qafas leġislativ u tal-ippjanar, ir-responsabbiltà demokratika, servizzi pubbliċi aħjar u finanzjament katalitiku. Madankollu, huma fil-biċċa l-kbira n-negozji privati, l-impjegati b'ħiliet u l-impriżi soċjali u komunitarji li jagħtu kontribut lin-nies u lill-ambjent. Biex ikunu lesti li jinvestu ħin u riżorsi, in-nies iridu jkunu kunfidenti li viżjoni komuni għal futur rurali aħjar tista' tiwassal u mhux tiġi mfixkla minn proċessi burokratiċi eċċessivi.

4.4. Biex jirnexxu, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali jeħtieġu riżorsi biex kontinwament jimpenjaw ruħhom mal-membri tagħhom u l-gvernijiet. Peress li l-pjani jvarjaw u jevolvu irid ikun hemm sens akbar ta' sjieda kondiviża tal-politika u l-implimentazzjoni. Il-kumitati ta' monitoraġġ jeħtieġ li jkollhom sħubija msejsa fuq bażi wiesgħa li tkun infurmata u f'pożizzjoni li twestaq analiżi bir-reqqa. Il-KESE huwa impenjat li jiffaċilita l-iżvilupp ta' mudelli ta' sħubija aħjar mal-imsieħba ċivili u soċjali ⁽⁷⁾.

5. L-ewwel għajnuna jew irkupru fuq medda twila ta' żmien?

5.1. Is-seduti tagħna ⁽⁸⁾ fi Brussell u f'North Wales ikkonfermaw li l-programmi inkludew miri għar-riżultati. Dawn għandhom jiġu vvalutati mill-Kummissjoni, mill-kumitati ta' monitoraġġ u mill-partijiet interessanti perjodikament għal progress reali u valur għall-flus. Għandu jkun hemm ukoll studju dwar jekk it-trasferiment ta' fondi bejn il-pilastri kienx effettiv jew wassalx għal distorsjoni usa' ġeografika u tal-kompetizzjoni.

5.2. Tliet temi ta' ttestjar għall-iżvilupp sostenibbli huma identifikati: intraprenditorija u impjeg, ambjent u inklużjoni soċjali.

L-intraprenditorija u l-impjeg

5.3. Għalkemm il-baġit tal-PAK qed jonqos, ir-rekwiżiti żejda għall-konformità li qed isiru mill-Kummissjoni dwar pagamenti tal-ewwel pilastru qed jiddiedu. Għalhekk, il-PŻR bilfors għandu jappoġġja l-investiment favur settur kompetittiv fil-qasam tal-agrikoltura u l-forestrija, anke permezz ta' prodotti b'aktar valur miżjud, titjib tal-kummerċjalizzazzjoni, katini tal-provvista qosra u msaħħa, immarkar korporattiv u skambju tal-għarfien. L-universitajiet u l-kulleġġi għandhom rwol importanti fl-appoġġ tar-reġjuni tagħhom u fl-appoġġ tal-aktar reġjuni żvantaġġati permezz ta' ġemellaġġ u mentoring. Dawn għandhom jikkollaboraw ma' bdiewa u servizzi ta' konsulenza rurali eżistenti biex jiġbdu fondi tar-riċerka tal-UE biex

⁽⁴⁾ 13 ta' April fi Brussell, 21 ta' Mejju f'Bangor f'North Wales, u 9 ta' Ġunju 2015 f'Helsinki.

⁽⁵⁾ Opinjoni dwar "Il-valutazzjoni tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati mill-Kummissjoni Ewropea" (ĠU C 383 du 17.11.2015, p. 57).

⁽⁶⁾ F'Wales il-maturità fil-proċessi ta' konsultazzjoni tagħha qed tikber minħabba l-impenn kostituzzjonali li jirriżulta mill-Att dwar id-devoluzzjoni tal-gvern (Devolved Governmental Act) li jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli u l-ħidma fi sħubija ma' dawk fis-settur volontarju.

⁽⁷⁾ It-Trattat ta' Lisbona, Artikolu 11; id-dikjarazzjoni ta' Riga dwar Pjattaforma Soċjali ta' Marzu 2015.

⁽⁸⁾ idem in-nota 4 f'qiegħ il-paġna.

jindirizzaw ħtiġijiet lokali speċifiċi. Il-PŻR għandu jkun pont bejn l-applikanti u l-Fond Ewropew tal-Investment u l-programm Orizzont 2020, filwaqt li jgħin biex ix-xjenza tiġi appikata fl-azjendi agrikoli u fiż-żoni rurali. Għalkemm mhumiex iffinanzjati direttament mill-PŻR, hemm rwol ċar għall-iskejjel, speċjalment f'żoni rurali biex jindirizzaw il-bżonnijiet rilevanti tal-ġenerazzjonijiet futuri. Ġranet għall-pubbliku fl-azjendi agrikoli, l-esperjenza ta' xogħol u l-apprendistati minn skemi oħra ta' finanzjament huma essenzjali biex jistimolaw forza tax-xogħol imħarrġa tajjeb⁽⁹⁾. It-taħriġ, formali u informali, għandu jkun vokazzjonali, relatat man-negozju, u bbażat fuq il-post, fejn possibbli⁽¹⁰⁾.

5.4. L-industriji tal-agrikoltura u tal-forestrija jiżviluppaw f'ambjent ekonomiku dinamiku, ikkaratterizzat mill-globalizzazzjoni, progress teknoloġiku rapidu u talbiet soċjetali li qed jiżdiedu. L-innovazzjonijiet huma kruċjali għaż-żamma tal-effiċjenza u l-kompetittività tal-bdiewa u s-sidien tal-foresti. Is-Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni (EIP-agri) li twaqqfu dan l-aħħar huma għodda siewja li teħtieġ tiġi implimentata malajr u b'mod wiesa'. Hemm bżonn ta' kundizzjonijiet simplifikati ta' finanzjament sabiex jimmobilizzaw u jiffaċilitaw l-innovazzjoni.

5.5. Fiż-żoni rurali, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u skemi simili jeħtieġ li jkunu marbuta mal-inizjattivi tal-PŻR sabiex ikun hemm tama għal progress u ambizzjoni. L-appoġġ għall-investment u t-taħriġ għall-bdiewa żgħażaġh u operaturi ġodda huwa essenzjali. Il-proġetti biex jappoġġjaw u jżommu ż-żgħażaġh fiż-żoni rurali għandhom ikunu ta' prijorità ewlenija. Iż-żgħażaġh għandhom jiġu inkoraġġuti li jieħdu l-pussess ta' miżuri biex jgħinu lilhom infushom. Iż-żoni rurali għandhom bżonn qafas aħjar għall-ippjanar tas-suċċessjoni⁽¹¹⁾ li jkun legalment ekwu, aċċessibbli, u li jstimola trasferimenti interġenerazzjonali li jkunu sostenibbli fit-tlaqqiġh ta' żgħażaġh b'esperjenza.

5.6. Ir-rwol tan-nisa fl-agrikoltura huwa rikonoxxut bis-sħiħ. Il-kontribut tagħhom għad-disinn u l-implimentazzjoni ta' proġetti rurali huwa imprezzabbli u, pereżempju fil-Finlandja, l-appoġġ ta' konsulenza mmirat iwassal biex jintlaħaq il-potenzjal intraprenditorjali⁽¹²⁾.

5.7. L-agrituriżmu, il-produzzjoni tal-artiġjanat u t-tishiġ tal-inizjattivi rikreazzjonali u tas-saħħa fiżika jistħoqqilhom appoġġ bħal fil-każ tal-ħidma promozzjonali tal-festivals u l-wirjiet bħar-Royal Welsh u l-Green Week ta' Berlin. Għan-negozji u l-konsumaturi rurali hija essenzjali li terġa' tinħoloq relazzjoni bejn il-belt u l-pajjiż, f'Ewropa pluralista li qed tinbidel, kif ukoll li jkun hemm aċċess aħjar għal servizzi tal-Internet bil-broadband. Il-ħolqien ta' ktajjen tal-valur reġjonali jipprovidi opportunità ewlenija għall-artiġjanat, l-agrikoltura, it-turiżmu u l-kummerċ fiż-żoni rurali⁽¹³⁾. Il-KESE jappoġġja l-proposta għal Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) u l-impenn tiegħu biex jappoġġja proġetti rurali.

Ambjent

5.8. L-impatt tat-tibdil fil-klima fuq l-agrikoltura u l-forestrija ġie analizzat f'opinjoni⁽¹⁴⁾. Waħda mis-soluzzjonijiet għaż-żieda tal-produzzjoni permezz ta' anqas riżorsi u t-titjib tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima hija li tiġi appoġġjata l-intensifikazzjoni sostenibbli fis-settur tal-agrikoltura u tal-foresti. L-użu tal-art modern huwa mħeġġeġ jiżviluppa attivitajiet ta' mitigazzjoni għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u sabiex tiżdied il-bijodiversità, speċjalment permezz ta' skemi

⁽⁹⁾ Il-Welsh Agri-Academy hija eżempju tajjeb ta' taħriġ tat-tmexxija.

⁽¹⁰⁾ Opinjoni dwar "L-iżvilupp u t-taħriġ vokazzjonali fiż-żoni rurali", NAT/650 (għada mhux pubblikata fil-ĠU).

⁽¹¹⁾ Malcolm Thomas Review in Wales.

⁽¹²⁾ Opinjoni dwar "Ir-rwol tan-nisa meħtieġ għal mudell ta' żvilupp u ta' innovazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali" (Ġ.U. C 299, 4.10.2012, p. 29).

⁽¹³⁾ Opinjoni dwar "L-agrikoltura u l-artiġjanat" (ĠU C 143, 22.5.2012, p. 35).

⁽¹⁴⁾ Opinjoni dwar "L-implikazzjonijiet tal-politika tal-klima u l-enerġija għas-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija" (ĠU C 291, 4.9.2015, p. 1).

agroambjentali ⁽¹⁵⁾. Ir-riċiklaġġ u l-ekonomija ċirkolari għandhom jitħeġġu ⁽¹⁶⁾, filwaqt li l-enerġija rinnovabbli ⁽¹⁷⁾ hija assi rurali ta' valur kbir li, jekk isir investiment fiha b'mod għaqli, tikkontribwixxi dejjem aktar f'termini ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Hemm tassew skop għal sjieda komunitarja u investiment jekk ikun jista' jsir titjib teknoloġiku fil-ħażna, il-loġistika u l-infrastruttura.

5.9. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' miżuri agroambjentali favur il-klima li jikkomplementaw l-ekoloġizzazzjoni tal-ewwel pilastru. Huwa ta' benefiċċju li l-għajjnuna tiġi mmirata lejn kriterji speċifiċi bħall-art fil-periklu tal-erożjoni, ir-raggruppament tal-ħabitats tal-art, il-baċiri tal-iskular u l-appoġġ għall-ispeċijiet li jitolbu prattiki partikolari ta' ġestjoni. Madankollu, ir-rekwiżiti ta' konformità m'għandhom isiru piżijiet addizzjonali. Hija meħtieġa bażi xjentifika preċiża biex jitkejjel il-progress filwaqt li jkun hemm fehim dwar it-tul ta' żmien meħtieġ għal titjib reali ⁽¹⁸⁾.

5.10. Il-pajsaġġ tal-Ewropa rurali huwar-riżultat tal-attivatajiet tal-bniedem u msawwar minn ġenerazzjonijiet ta' xogħol marbut mal-produzzjoni tal-ikel, l-injam u l-kenn. Id-diversità tiegħu hija apprezzata miċ-ċittadini Ewropej. Il-programmi tal-iżvilupp rurali għandhom rwol x'jaqdu biex jiżguraw is-sostenibbiltà ta' tali pajsaġġi kulturali billi jiżguraw it-trasferiment tal-ħiliet u l-attivatajiet ta' biedja iffinanzjati b'mod trasparenti u li jkkontribwixxu għal xenarju prezzjuż bħal dan.

Ġustizzja soċjali

5.11. L-identifikazzjoni u l-azzjoni dwar l-inġustizzja f'kuntest rurali hija diffiċli. Kif imsemmi qabel, dan jikkonċerna żoni abitati mifruxin, b'popolazzjoni baxxa, bi żbilanċi fl-etajiet, u nuqqas ta' servizzi pubbliċi fit-trasport, is-saħħa u s-servizzi soċjali. Dan jikkonċerna dħul baxx, iżolament u djar ta' kwalità ħażina u servizzi teknoloġiċi limitati. Hemm problema partikolari ta' trattament ħażin u sfruttament ta' ħaddiema f'ċerti żoni ⁽¹⁹⁾, speċjalment il-migranti, li teħtieġ aktar sforzi biex jgħinu fl-integrazzjoni tagħhom u biex jippermettu l-aċċess għal taħriġ vokazzjonali adatt.

5.12. L-Artikolu 39 tat-TFUE jistabbilixxi, li wieħed mill-aktar objettivi importanti tal-PAK huwa li jiġi żgurat standard ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola billi tiżdied il-produttività, jiġi inkoraġġit il-progress tekniku u jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli tal-produzzjoni agrikola u l-aħjar utilizzazzjoni possibbli tal-fatturi ta' produzzjoni. It-TFUE jipprevedi li, fit-tfassil tal-PAK, jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari tal-attività agrikola, li jirriżultaw mill-istruttura soċjali tal-agrikoltura u mid-disparitajiet strutturali u naturali fost id-diversi reġjuni agrikoli.

5.13. Il-programmi tal-iżvilupp rurali jgħinu sabiex joħolqu u jikkonsolidaw impjeggi diretti u indiretti fis-setturi agrikoli u agroalimentari u jkkontribwixxu wkoll sa ċertu punt għad-diversifikazzjoni ekonomika taż-żoni rurali. Madankollu, fir-realtà l-programmi tal-iżvilupp reġjonali jstgħu jagħtu biss kontribut limitat biex jindirizzaw il-problemi strutturali u nuqqasijiet fis-servizzi pubbliċi f'żoni rurali.

⁽¹⁵⁾ Glastir (Wales), Stewardship (Ingilterra), Glas (Irlanda), Kulep (Bavaria).

⁽¹⁶⁾ Opinjonijiet dwar "L-ekonomija ekoloġika" (ĠU C 230, 14.7.2015, p. 99) u dwar "Il-promozzjoni tal-kreattività, l-intraprenditorija u l-mobbiltà fl-edukazzjoni u t-taħriġ" (ĠU C 332, 8.10.2015, p. 20).

⁽¹⁷⁾ Studju tal-KESE dwar ir-rwol tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar l-Enerġija Rinnovabbli – Rapport Finali, EESC-2014-04780.

⁽¹⁸⁾ Ara l-evidenza minn Bangor University (hearings in Bangor, il-21 ta' Mejju 2015).

⁽¹⁹⁾ Opinjoni dwar "Ix-xogħol agrikolu transkonfinali" (ĠU C 120, 16.5.2008, p. 19).

5.14. Jinħtieġu baġits u politiki oħra tal-gvern li huma adatti jew, aħjar minn hekk, imfasslin speċifikament għal kwistjonijiet rurali, inklużi skemi ta' trasport komunitarju, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fid-djar u l-opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid biex titħeġġeġ l-innovazzjoni. Madankollu, il-programmi tal-iżvilupp rurali għandhom jiġu vvalutati għall-kontribut tagħhom lejn il-ġustizzja soċjali bl-użu tal-indikaturi previsti fil-leġislazzjoni tal-UE u indikaturi oħra li għandhom jiġu inklużi għal valutazzjoni aktar effettiva, bħalma huma dawk li jinkoraġġixxu lill-intrapriżi soċjali u proġetti tal-agrikoltura soċjali li jittrattaw id-diżabilità, joħolqu l-impjiegi u li jagħmlu użu minn binjiet ta' rziezet u artijiet abbandunati. Hemm bżonn ta' ħafna aktar sforz biex jiġi appoġġjat u inkoraġġit l-involviment ta' persuni rurali b'diżabilità biex ikollhom rwol aktar sħiħ fil-komunitajiet tagħhom.

5.15. L-irħula huma ċentri vitali għas-solidarjetà tal-komunità. It-tiġdid tal-irħula, permezz tal-inkoraġġiment tan-negozji żgħar u tal-intrapriżi soċjali, appoġġjati mill-filantropija u l-volontarjat, għandhom ikunu prijorità ewlenija għat-tisħiħ tal-komunitajiet ⁽²⁰⁾ kif muri fil-Finlandja u prijoritizzat, pereżempju, fil-PŻR ta' Wales ⁽²¹⁾.

Brussell, is-17 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽²⁰⁾ Kunsill ta' Wales għal Azzjoni Volontarja– Fond ta' Inklużjoni Attiva u Village SOS – Big Lottery – Wales, WCVA.

⁽²¹⁾ PŻR ta' Wales (MO7).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-importanza tal-kummerċ agrikolu għall-iżvilupp futur tal-agrikoltura u tal-ekonomija agrikola fl-UE fil-kuntest tas-sigurtà alimentari globali”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/15)

Relatur: is-Sur Volker PETERSEN

Nhar id-19 ta' Frar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

“L-importanza tal-kummerċ agrikolu għall-iżvilupp futur tal-agrikoltura u tal-ekonomija agrikola fl-UE fil-kuntest tas-sigurtà globali tal-ikel”.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-13 ta' Lulju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-16 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'179 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 7 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. F'termini tal-politika dwar il-prezzijiet u s-swieq, il-PAK ġiet fil-biċċa l-kbira liberalizzata. Is-suq agrikolu tal-UE huwa miftuħ u huwa parti mill-iżvilupp tas-suq globali, li huwa mmexxi mid-domanda u l-provvista. Għal din ir-raġuni, bil-ftuħ għas-swieq ta' pajjiżi terzi, il-kummerċ agrikolu tal-UE żviluppa b'mod dinamiku ħafna fl-aħħar għaxar snin.

1.2. Fid-dawl ta' dan l-iżvilupp, il-KESE jinnota li l-kummerċ agrikolu huwa ta' importanza ekonomika essenzjali fis-settur agrikolu u tal-ikel u għaż-żoni rurali. Il-KESE jinnota bi tħassib kemm is-soċjetà kultant tipperċepixxi l-kummerċ agrikolu b'mod kritiku, b'kuntrast ma' fergħat oħrajn tal-ekonomija, bħall-industrija tal-karozzi jew tal-kimika.

1.3. Ma hemm l-ebda dubju li l-kummerċ agrikolu jassumi responsabbiltà speċjali f'dinja li fiha jeżisti l-ġuħ jew nutrizzjoni li mill-aspett kwantitattiv u kwalitattiv hija insuffiċjenti. Il-KESE huwa konxju ħafna ta' din ir-responsabbiltà. F'dinja b'popolazzjoni li qiegħda tikber, bi dħul li qed jiżdied f'ħafna pajjiżi u l-faqar f'oħrajn, hemm il-bżonn li tiġi ssodisfata d-domanda ta' dawk li għandhom il-flus x'jonfqu kif ukoll li tingħata għajnuma u assistenza fejn in-nies ma jistgħux jeliminaw il-ġuħ u n-nuqqas waħedhom.

1.4. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-politiki tal-UE dwar l-agrikoltura u l-iżvilupp qegħdin jimmiraw b'mod koerenti fl-istess direzzjoni. Dan, fil-fehma tiegħu, huwa l-prerekwiżit sabiex ikun żgurat li d-direzzjoni u r-rwol tal-kummerċ agrikolu u l-iżvilupp jiġu pperċepiti b'mod sostenibbli.

1.5. Il-KESE jirakkomanda li s-settur agroalimentari tal-UE jkun appoġġat b'mod sostenibbli, bħal setturi oħrajn tal-ekonomija, sabiex ikun jista' jipparteċipa b'suċċess fil-kummerċ agrikolu globali li qed jiżdied. Il-kummerċ agrikolu jaqdi rwol importanti fil-protezzjoni tal-infrastruttura ekonomika fl-iżvilupp rurali tal-UE. Dan jipprovdi wkoll erbgħin miljun post tax-xogħol kwalifikat fid-diversi ħoloq tal-katina tal-ikel fl-UE, li huma inqas suxxettibbli għal kriżijiet minn dawk f'setturi oħrajn.

1.6. Il-ftehimiet bilaterali ta' kummerċ ħieles tal-UE jistgħu jagħtu kontribut importanti għat-tneħħija ta' ostakli kummerċjali mhux tariffarji. F'dan il-kuntest, dejjem ser ikun hemm regolamenti fuq iż-żewġ naħat li mhumiex negozjabbli. Għaldaqstant għandu jsir sforz sabiex jiġu adottati r-regolamenti li jiffaċilitaw il-kummerċ barra l-qafas tal-armonizzazzjoni.

1.7. L-SMEs jikkontribwixxu sostanzjalment għall-kummerċ agrikolu tal-UE. Fl-isfera internazzjonali, dawn huma partikolarment dipendenti fuq l-assistenza amministrattiva sostenibbli waqt li jkunu qed jiġu żviluppati s-swieq f'pajjiżi terzi, liema assistenza għandha tkun ipprovduta mis-servizzi korrispondenti tal-UE.

1.8. Il-KESE jilqa' l-estensjoni ulterjuri ta' ftehimiet ta' sħubija mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, li abbażi tagħhom l-effetti pożittivi ta' kummerċ miftuħ u ġust jistgħu jirriżultaw bħala vantaġġ għal dawn il-pajjiżi. L-għan ta' ftehimiet bħal dawn għandu jkun li jappoġġjaw l-awtonomija ta' dawn il-pajjiżi fejn jidħlu prodotti agrikoli; ir-rwol tal-kummerċ agrikolu għandu jkun li jakkumpanja l-produzzjoni lokali.

2. Sfond

2.1. Storikament, il-kummerċ agrikolu – kummerċ bi prodotti agrikoli u ikel ipproċessat – minn dejjem kien partikolarment importanti. Fis-seklu 20, li fih ġraw żewġ gwerer dinjin, il-kummerċ agrikolu internazzjonali għal żmien twil kien iddominat minn approċċ dirigista ħafna. Anki fil-GATT, konkluż wara t-Tieni Gwerra Dinjija, dan xorta okkupa pożizzjoni speċjali li eskluetu mil-liberalizzazzjoni tal-kummerċ. Kien biss fir-Round tal-Uruguay tal-GATT, konkluż fl-1993, li dan il-qasam tal-kummerċ agrikolu kien inkorporat iktar fis-sod fis-sett ta' regoli tal-GATT. It-tnaqqis tas-sostenn domestiku u l-eliminazzjoni tad-dazji doganali u tas-sussidji għall-esportazzjoni kienu l-impenji li għalihom daħlet l-UE dak iż-żmien. B'xi ftit eċċezzjonijiet, bħala konsegwenza l-kummerċ tal-UE fl-agrikoltura ġie liberalizzat b'mod estensiv wara t-tnaqqis tat-tariffi ta' importazzjoni u tas-sussidji għall-esportazzjoni. Madankollu, il-kummerċ agrikolu internazzjonali xorta għadu rregolat relattivament b'mod qawwi – speċjalment permezz ta' miżuri mhux tariffarji.

2.2. Il-KESE adotta numru ta' opinjonijiet dwar kwistjonijiet ġenerali relatati mal-kummerċ⁽¹⁾. Hawnhekk huwa enfasizza l-importanza tal-kummerċ għal tkabbir kostanti u għalhekk għal żvilupp b'suċċess ta' ekonomija soċjali tas-suq. Il-KESE dejjem ħeġġeġ il-kummerċ ġust u ħieles. Huwa jikkonkludi li dan biss jista' jiżgura li l-proċess li qed javvanza tal-globalizzazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni tas-swieq johlq benefiċċji u opportunitajiet għall-pajjiżi kollha skont il-potenzjal ekonomiku tagħhom

2.3. Fl-Opinjonijiet preċedenti kollha tiegħu dwar il-kummerċ il-KESE qies ukoll l-interessi tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u ddedikalhom attenzjoni partikolari. Il-Kumitat argumenta b'mod konsistenti li l-kummerċ u l-politika tal-kummerċ f'dinja globalizzata jridu jagħtu kontribut għat-tkabbir u l-iżvilupp f'pajjiżi li jinsabu flivelli differenti ta' żvilupp.

2.4. Id-diskussjoni dwar ir-rwol tal-kummerċ agrikolu qed isseħħ f'ambjent partikolarment kontroversjali. Fl-aħħar snin kien hemm titjib fid-domanda globali għal prodotti agrikoli u ikel minn dawk li jistgħu jaffordjawnhom, bħalma huma pajjiżi b'ekonomiji emerġenti li qed jesperjenzaw tkabbir fil-popolazzjoni u d-dħul. Madankollu, il-kummerċ agrikolu ma jistax jiżgura li jintemm kwalunkwe nuqqas tal-ikel. Partikolarment minħabba kapaċità tal-akkwist insuffiċjenti madwar 800 miljun persuna fid-dinja qegħdin ibatu l-ġuħ.

2.5. B'din l-opinjoni l-KESE jixtiegħ jesplora l-opportunitajiet li joffri kummerċ agrikolu globali li qed jikber għall-agrikoltura u l-ekonomija agrikola fl-UE. M'għandhiex tintesa r-responsabbiltà li l-UE tehtiegħ tassumi fir-rigward tal-ġuħ fid-dinja wkoll f'dan il-proċess.

3. Il-kummerċ agrikolu tal-UE fil-kuntest makroekonomiku

L-importanza tal-kummerċ agrikolu għall-kummerċ barrani tal-UE

3.1. Fl-2014 l-esportazzjoni agrikola tal-UE ammontat għal madwar EUR 125 biljun, u għalhekk laqet sehem ta' 7 % tal-esportazzjonijiet kollha tagħha. Kemm iż-żieda ta' 2,2 % meta mqabbla mas-sena preċedenti kif ukoll iż-żieda annwali ta' 8 % mill-2005 sal-2014 f'isret li t-tkabbir fl-esportazzjonijiet agrikoli kien ħafna iktar b'saħħtu mit-tkabbir fl-esportazzjonijiet totali, li saħansitra fl-2014 naqsu bi 2 % meta mqabbla mal-2013 (żieda annwali ta' 5,5 % bejn l-2005 u l-2014).

⁽¹⁾ ĠU C 43, 15.2.2012, p. 73; ĠU C 351, 15.11.2012, p. 77; ĠU C 255, 22.9.2010, p. 1; ĠU C 100, 30.4.2009, p. 44.

Is-sitwazzjoni hija simili għall-importazzjonijiet agrikoli, li fl-2014 kienu jammontaw għal EUR 104 biljun u kienu jfissru 6,2 % tal-importazzjonijiet tal-UE (ara t-Tabelli A1 sa A3 fl-Appendiċi).

3.2. L-esportazzjonijiet agrikoli tal-UE huma pilastru tal-kummerċ barrani tal-UE. Dan jiġi fir-raba' post meta mqabbel ma' setturi oħrajn, wara l-makkinarju, il-prodotti kimiċi u l-farmaċewtiċi. Matul il-liberalizzazzjoni kummerċjali tal-passat, l-UE evolviet minn importatur nett għal esportatur nett, filwaqt li laħqet bilanċ pożittiv fil-kummerċ agrikolu mill-2010, li fl-2014 laħaq madwar EUR 21 biljun.

L-istruttura tal-kummerċ agrikolu u l-importanza għall-valur miżjud, l-impjegi u l-iżvilupp rurali

3.3. Ta' importanza partikolari għal din l-opinjoni fuq inizjattiva proprja hija ċ-ċirkustanza li s-sehem tal-kummerċ agrikolu fil-kummerċ barrani tal-UE totali kien ogħla b'mod sinifikanti fl-2014, b'7 %, mis-sehem tas-settur agroalimentari sħiħ fil-PDG. Dan tal-aħħar jammonta għal 3,5 % fl-UE.

3.4. Din id-differenza ċara bejn l-importanza ekonomika tas-settur u l-importanza tal-kummerċ agrikolu fil-kummerċ barrani tenfasizza l-importanza li qiegħda tikber ta' dan tal-aħħar f'dawn l-aħħar snin. It-tkabbir fis-settur agroalimentari qiegħed jiġi ġġenerat dejjem iktar mill-esportazzjonijiet.

3.5. L-importanza tal-katina tal-ikel għall-ekonomija kollha kemm hi:

- Il-kummerċ agrikolu tal-UE ma huwa bl-ebda mod kwistjoni tal-agrikoltura waħedha, kif il-pubbliku ta' spiss jissupponi. Madankollu, huwa veru li anke issal-esportazzjonijiet agrikoli jammontaw għal iktar minn kwart tar-rikavat tal-bdiewa. Dan diġà qed jipprovi, u ser ikompli jipprovi appoġġ importanti għall-preservazzjoni ta' bażi ekonomika fl-iżvilupp rurali tal-UE, li qiegħed jiġi kkonfrontat bi problemi minħabba l-urbanizzazzjoni u t-tibdil demografiku.
- Żewġ terzi tal-esportazzjonijiet agrikoli huma prodotti lesti magħmulin minn materja prima li jkun għaddew minn ħafna stadji ta' pproċessar u tal-valur miżjud. Dawn huma r-riżultat tal-kombinazzjoni ta' ktajjen tal-valur kumplessi, effiċjenti u kompetittivi ħafna internazzjonalment. Dawn ivarjaw mill-industriji tal-input għall-agrikoltura, għall-bdiewa sal-industrija tal-ikel u l-kumpaniji kummerċjali. B'kollox, il-kumpaniji f'din il-katina tal-valur jimpjegaw madwar 40 miljun ruħ fl-UE. Dawn huma postijiet tax-xogħol li ekonomikament huma komparattivament stabbli u jintlaqtu inqas mill-kriżijiet minn daww f'setturi oħrajn.

Il-kummerċ agrikolu fis-suq intern tal-UE

3.6. Din l-opinjoni tiffoka fuq il-kummerċ agrikolu tal-UE ma' pajjiżi terzi. Madankollu, ser tingħata ħarsa ħafifa lejn dan il-kummerċ intern tal-UE. Il-kummerċ fi ħdan l-UE jibqa' jkun iktar importanti b'mod sinifikanti mill-kummerċ barrani. Fl-2014, 73 % tal-esportazzjonijiet agrikoli tal-Istati Membri kollha marru lejn pajjiżi oħrajn tal-UE. B'hekk is-suq komuni kkontribwixxa għal spinta fil-kummerċ, li wassal għal żieda fil-prosperità fl-UE. Dak li japplika mingħajr restrizzjoni għall-kummerċ intern tal-UE f'ambjent internazzjonali liberalizzat jista' jiġi ttrasferit għall-kummerċ ma' pajjiżi terzi.

Il-pożizzjoni tal-UE fil-kummerċ agrikolu dinji

3.7. Sa mill-2013, l-UE ilha l-ikbar grupp tal-kummerċ agrikolu dinji u fl-aħħar deċennji kkontribwixxiet b'mod sinifikanti għall-iżvilupp pożittiv tiegħu. Mill-2000 l-esportazzjonijiet tal-UE lejn pajjiżi terzi żdiedu b'madwar 8 % fis-sena. Minkejja dan l-iżvilupp pożittiv fl-esportazzjonijiet agrikoli tal-UE, madankollu, pajjiżi oħrajn irnexxielhom iżidu l-esportazzjonijiet tagħhom b'dinamika ikbar. Is-sehem tal-UE fil-kummerċ agrikolu globali naqas minn kważi 13 % fl-2000 għal 10,3 % fl-2012 (ara t-Tabella A4 fl-Appendiċi).

4. Kundizzjonijiet li jaffettwaw l-iżvilupp tal-kummerċ agrikolu tal-UE: id-dimensjoni esterna tal-PAK

4.1. Fil-pasat – pereżempju fiċ-ċikli tan-negozjar tal-GATT/WTO – l-UE kienet partikolarment ikkritikata fil-livell internazzjonali għall-esportazzjonijiet agrikoli tagħha. Din is-sitwazzjoni nbidlet radikalment sa mis-sena 2000.

4.2. Il-prezzijiet ta' sostenn tal-UE tnaqqsu sostanzjalment wara diversi riformi tal-PAK. Il-prezzijiet tas-suq fl-UE huma stabbiliti mill-iżviluppi fil-provvista u d-domanda internazzjonali u għalhekk għandhom tendenza jsegwu l-prezzijiet tas-swieq globali. L-organizzazzjoni komuni tas-suq issa toffri biss xibka ta' sikurezza għall-bdiewa tal-UE li jkollha effett fil-każ ta' kollaps internazzjonali massiv tal-prezzijiet. Is-sussidji għall-esportazzjonijiet – li fl-1992 kienu għandhom jammontaw għal EUR 3 biljun – m'għadx għandhom rwol sinifikanti.

4.3. Bħala l-ikbar esportatur agrikolu fid-dinja – qabel l-Istati Uniti, il-Brażil, iċ-Ċina u l-Kanada – u l-ikbar importatur agrikolu – qabel l-Istati Uniti, iċ-Ċina, il-Ġappun u r-Russja – l-UE għorr responsabbiltà doppja u li qiegħda tiżdied għas-sigurtà alimentari dinjija. B'kont meħud ta' din ir-responsabbiltà, id-dimensjoni esterna tal-PAK trid tissaħħaħ sostanzjalment u tingħata prijorità ikbar.

4.4. Il-KESE jinnota li l-koerenza bejn il-PAK u l-politika ta' żvilupp diġà ttejbet b'mod sostanzjali. L-esportazzjonijiet agrikoli joperaw mingħajr sussidji u ma jikkawżaw l-ebda distorsjoni tas-suq, filwaqt li l-UE saret wieħed mill-iktar swieq miftuħa, speċjalment għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, fejn jidhru importazzjonijiet. Matul l-2011-2013 l-importazzjonijiet mit-48 pajjiż l-inqas żviluppati kienu jikkonsistu f'medja ta' 3 % tal-importazzjonijiet agrikoli tal-UE: erba' darbiet il-valur li l-Kanada, l-Istati Uniti, l-Awstralja u New Zealand importaw flimkien minn dawn il-pajjiżi.

5. Il-kummerċ agrikolu u s-sigurtà alimentari

L-effetti tal-kummerċ fuq is-sigurtà alimentari u l-iżvilupp

5.1. F'dinja fejn iktar minn 800 miljun persuna mifruxa f'ħafna pajjiżi differenti – partikolarment fl-Afrika u l-Asja – għandhom ibatu l-ġuħ, wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-politika agrikola u tal-kummerċ jeħtieġ li jkun li tittejjeb in-nutrizzjoni f'termini kwantitattivi u kwalitattivi.

5.2. Fid-dawl ta' dawn l-isfidi, il-kummerċ agrikolu huwa ħafna drabi s-suġġett ta' dibattiti kontroversjali fis-soċjetà ċivili minħabba r-rwol partikolari tiegħu fis-sigurtà alimentari. Wieħed irid iqis ukoll li l-kummerċ agrikolu jista' jkollu effetti differenti ħafna. Dan jista' jikkontribwixxi għal sitwazzjonijiet ta' nuqqas, iżda jista' jwassal ukoll għal dipendenzi mhux mixtieqa.

5.3. Il-KESE għalhekk jixtieq jesplora iktar mill-qrib mhux biss dak li l-kummerċ agrikolu jkiseb iżda wkoll dak li hu mistenni minnu. L-isfidi huma l-globalizzazzjoni, il-liberalizzazzjoni tas-suq agrikolu tal-UE, it-tkabbir fil-kummerċ agrikolu globali, il-popolazzjoni dinjija li qiegħda tikber, il-bidla fit-tendenzi tal-konsum, u l-bidliet fid-domanda bħala konsegwenza tat-tkabbir ekonomiku.

Is-sigurtà tal-ikel u l-awtosuffiċjenza

5.4. Il-kisba tas-sigurtà tal-ikel tfisser ċertu livell ta' awtosuffiċjenza fejn jidhru prodotti agrikoli b'mod partikolari għall-ifqar pajjiżi. Il-mira tal-awtosuffiċjenza sħiħa ta' pajjiż jew reġjun partikolari madanakollu m'għandhiex tkun l-uniku fattur determinanti. Anki f'pajjiż li huwa iktar minn 100 % awtosuffiċjenti ma hemm l-ebda garanzija li l-popolazzjoni tiegħu tkun fornuta b'mod adegwat bl-ikel u għandha aċċess adegwat għalih. Għalhekk jista' jiġi nnotat li anki f'pajjiżi bi prodotti agrikoli żejda hemm nies li huma neqsin mill-ikel jew huma malnutriti.

5.5. In-nuqqas ta' nutrizzjoni għandu jitqies bħala kwistjoni ta' faqar iktar milli ta' provvista, u huwa mifhum u indirizzat fuq din il-bażi. Is-sigurtà tal-ikel pjuttost għandha tiġi ggarantita billi jinħoloq id-dħul, u għandha inqas x'taqsam ma' status partikolari ta' awtosuffiċjenza u/jew kummerċjali. F'pajjiżi fqar ħafna, il-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni tgħix mis-sussistenza u m'għandha kważi l-ebda dħul ieħor. Għalhekk, għat-titjib tas-sigurtà alimentari, il-kriterji ewlenin li jinsabu partikolarment fil-qofol, minbarra l-ġenerazzjoni tad-dħul u d-distribuzzjoni adegwata tad-dħul, huma disponibbiltà, l-affordabbiltà, l-aċċessibbiltà u l-istabbiltà tal-aċċess għall-ikel.

5.6. Il-kummerċ agrikolu jista' jikkontribwixxi għal żieda fid-dħul ibbażata kemm fuq l-esportazzjonijiet (ħolqien tad-dħul u l-impjeg) kif ukoll l-importazzjonijiet (xiri ta' prodotti tal-ikel irħas mis-swieq internazzjonali filwaqt li jkunu esportati prodotti oħrajn). Madankollu, din l-istrategġija tippresupponi l-aċċess għas-swieq internazzjonali għal prodotti agrikoli u industrijali.

6. Problemi u sfidi

Il-kummerċ agrikolu jnaqqas il-varjazzjonijiet fil-volum u l-prezzijiet

6.1. Karatteristika partjolari tal-produzzjoni agrikola, b'kuntrast mal-produzzjoni industrijali, hija s-suxxettibbiltà tagħha għall-forzi tan-natura. Il-produzzjoni u l-provvista jiddependu fuq kundizzjonijiet varjabbli li diffiċli jiġu previsti jew ikkontrollati. Dan japplika għat-temp jew il-preżenza ta' mard tal-pjanti u tal-annimali. It-tibdil fil-klima madwar id-dinja se jżid l-imprevedibbiltà tal-fenomeni naturali. Dan ser jaffettwa partijiet oħrajn tad-dinja u pajjiżi oħrajn b'mod iktar drammatiku milli ser jaffettwa lill-UE nnifisha.

6.2. Wara l-ftuħ sostanzjali tas-swieq agrikoli tagħha, l-UE għaldaqstant ġeneralment ser tħoss l-impatt tal-varjazzjonijiet fil-volum u l-prezzijiet fis-swieq globali b'mod ħafna iktar qawwi. Fl-istess waqt qiegħda tiżdied ir-responsabbiltà tagħha għas-sigurtà alimentari globali fid-dawl tal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni li huma komparattivament favorevoli u stabbli.

6.3. Il-kummerċ agrikolu huwa parti mis-soluzzjoni għall-problema taż-żieda fil-volatilità, mhux il-kawża tagħha. Il-kummerċ agrikolu globali jippermetti l-bilanċ tal-varjazzjonijiet fil-volum u għalhekk jikkontribwixxi għal-limitazzjoni tal-varjazzjonijiet fil-prezzijiet. L-esperjenza wriet li interventi iżolati fis-suq minn pajjiżi individwali, u projbizzjonijiet tal-esportazzjonijiet u restrizzjonijiet fuq id-dazji jew l-importazzjonijiet iktar jaggravaw il-problema għall-partijiet kollha milli jtaffuha.

Effetti ġeopolitiċi

6.4. Kultant l-iżviluppi politiċi ġenerali – bħall-projbizzjoni ta' importazzjoni mir-Russja minn Awwissu 2014 'l hawn – ikollhom effetti problematiċi fuq il-kummerċ agrikolu, kif esperjenzat l-UE fl-2014 u 2015. Dawn l-influwenzi ġeopolitiċi jistgħu jirriżultaw f'interruzzjonijiet sinifikanti tas-swieq, f'telf u żvantaġġi ekonomiċi oħrajn li jaffettwaw is-settur agroalimentari. Is-settur għaldaqstant jiddependi mill-klima politika globali. F'dawn is-sitwazzjonijiet, il-bdiewa u l-kumpaniji jeħtieġu l-assistenza politika sabiex ikunu jistgħu jikkompensaw għall-iżvantaġġi fir-relazzjonijiet kummerċjali affettwati.

Linji gwida u rakkomandazzjonijiet għad-direzzjoni tal-kummerċ agrikolu tal-UE

6.5. B'kont meħud tal-fatt li l-kummerċ agrikolu qed isir ħafna iktar importanti globalment u għall-UE, il-KESE jemmen li d-dimensjoni esterna tal-PAK teħtieġ tisħiħ sinifikanti. Dan it-tisħiħ jista' jinkiseb b'diversi modi.

6.5.1. Ir-regolamenti li għadhom jeżistu fil-kummerċ agrikolu globali għandhom l-oriġini tagħhom qabelxejn fl-importanza li tingħata lill-ħarsien tas-saħħa u l-konsumatur f'diversi pajjiżi. L-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari l-Kummissjoni, huma mitluba jħeġġu lill-pajjiżi li għandhom tali ostakoli regolatorji tekniċi tal-kummerċ biex jifitru s-swieq tagħhom b'mod rapidu; fejn meħtieġ l-UE għandha tidħol f'negozjati xierqa.

6.5.2. Fil-fehma tal-KESE huwa neċessarju b'mod urġenti li l-Kummissjoni tassumi r-responsabbiltà b'mod ċar u espliċitu għall-EU kollha kemm hi f'din il-kwistjoni. Dan huwa l-uniku mod li l-pożizzjonijiet tal-UE jistgħu jkunu rappreżentati b'mod effiċjenti u enfatiku u infurzati fil-konfront tal-imsieħba kummerċjali tagħha. Huwa wkoll ta' detriment għall-kompetizzjoni ġusta bejn l-Istati Membri jekk ikollhom ftehimiet differenti ma' pajjiżi terzi fil-livell nazzjonali. Huwa biss meta jkun hemm restrizzjonijiet speċifiċi għar-reġjun jew il-pajjiż min-naħa tal-Istati Membri, li dawn għandhom ikunu jistgħu jintroduċu dispożizzjonijiet tad-dritt speċjali għal tali każijiet iġġustifikati.

6.5.3. Il-KESE huwa favur li l-UE tieħu kull miżura possibbli sabiex issaħħa il-kompetittività u l-pożizzjoni tas-settur agroalimentari tal-UE fi swieq agrikoli li iktar ma jmur qegħdin jinfetħu fejn hemm iktar kompetizzjoni intensiva mir-reġjuni globali prinċipali kollha. L-objettiv imħabbar mill-Kummissjoni l-ġdida biex tnaqqas il-burokrazija u l-ispejjeż assoċjati magħha huwa pass fid-direzzjoni t-tajba. Fl-istess waqt irid jiġi żgurat li l-istrutturi amministrattivi jifasslu b'mod iktar effettiv.

6.5.4. L-istandards tal-UE għandhom ikunu l-bażi għal-liċenzji li jingħataw għall-importazzjonijiet fl-UE. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-produzzjoni u regoli oħrajn, dawn għandhom ikunu bbażati fuq rekwiżiti minimi għal importazzjonijiet li jieħdu kont suffiċjenti tas-sitwazzjoni fl-UE u ma jikkawżawx żvantaġġ kompetittiv għall-kumpaniji li jinsabu hemmhekk.

6.5.5. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-istorja ta' suċċess tal-kummerċ agrikolu tal-UE fi swieq li fil-biċċa l-kbira huma liberalizzati hija dovuta fil-biċċa l-kbira għall-SMEs. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tal-UE biex tintensifika l-attivitajiet tagħha li jappoġġjaw l-aċċess għas-swieq agrikoli internazzjonali, kif diġà qegħdin jagħmlu pajjiżi terzi oħrajn. Hawnhekk jeħtieġ li l-SMEs jkunu jistgħu jistrieħu fuq informazzjoni affidabbli dwar is-swieq waqt l-ippjanar tagħhom.

6.6. Is-swieq globali jeħtieġu swieq globali trasparenti. Din tirrikjedi previżjoni affidabbli u informazzjoni dwar l-iżviluppi fil-volum, il-prezzijiet, ir-rati ta' skambju, it-temp, il-mard, u oħrajn. Il-KESE jilqa' l-involvement attiv tal-UE fil-ħolqien tal-AMIS (Agricultural Market Information System) tal-FAO. Madankollu, dawn l-isforzi għandhom ikunu mmirati b'mod li jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta mill-AMIS tkun disponibbli speċjalment għal dawk li joperaw fis-suq sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw direttament minnha.

6.7. Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE huma ta' importanza partikolari. Jekk in-negozjati multilaterali fil-kuntest tad-WTO ma jagħtux il-frott, jeħtieġ li s-suċċess jiġi mfittex fil-livell bilaterali, sabiex jinfetħu swieq ġodda. Madankollu, il-ftehimiet jeħtieġu jkunu bbilanċjati fid-dawl tad-diversi setturi li jintlaqtu minnhom. Ma jkunx aċċettabbli li l-kummerċ agrikolu tal-UE jkun mgħobbi bi spejjeż sproporzjonati meta mqabbel ma' oqsma ekonomiċi oħrajn.

6.8. Il-KESE jirreferi għall-importanza partikolari tal-ftehimiet ta' sħubija ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Permezz tal-estensjoni tal-ftehimiet preferenzjali, fuq il-bażi ta' aċċess imtejjeb għas-swieq tal-UE, f'dawn il-pajjiżi jistgħu jiżvolġu l-effetti pożittivi ta' relazzjonijiet kummerċjali abbażi ta' kummerċ miftuħ u ġust.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

ANNEX

http://www.eesc.europa.eu/resources/docs/agricultural-trade-statistics_en.docx

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-innovazzjoni soċjali, in-netwerking u l-komunikazzjoni diġitali”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/16)

Relatur: is-Sur Bernardo HERNÁNDEZ BATALLER

Nhar l-10 ta' Lulju 2014, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

L-innovazzjoni soċjali, in-netwerking u l-komunikazzjoni diġitali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-31 ta' Awwissu 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-16 ta' Settembru 2015), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'204 voti favur, vot 1 (wieħed) kontra u 11-il astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. L-innovazzjoni soċjali u n-netwerks kollaborattivi għandhom jintużaw bis-sħiħ għall-ixprunar u t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u, b'mod ġenerali, tas-soċjetà ċivili, fl-iżvilupp u l-ġestjoni tal-politiki tal-Unjoni, permezz ta' proġetti mifruxin, kollettivi u minn isfel għal fuq li jsaħħu demokrazzija iżjed diretta.

1.2. L-aċċess universali għat-teknoloġiji ġodda inġenerali u, b'mod partikolari, għall-broadband, għandu jibqa' jkun prijorità tal-Unjoni Ewropea, u għandu jitqies bħala servizz ta' interess ġenerali li għandu jsib soluzzjoni għad-distakk diġitali u għall-konsegwenzi relatati mal-esklużjoni soċjali li dan iwassal għalih.

1.3. It-teknoloġiji l-ġodda tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, bl-appoġġ tal-innovazzjoni soċjali u l-użu tan-netwerks kollaborattivi, għandhom jaqdu rwol importanti fil-ħolqien ta' impjiegi bi kwalifiki għoljin u ta' kwalità tajba billi jappoġġjaw dawk il-proġetti li huma orjentati lejn il-ħolqien ta' intrapriżi innovattivi u inizjattivi li jippermettu li jitnaqqsu r-rati attwali tal-qgħad.

1.4. Il-KESE huwa tal-fehma li huwa essenzjali li jissaħħaħ it-taħriġ diġitali. Hemm bżonn ta' taħriġ sod li jinkludi taġħlim adegwat fis-sistema edukattiva u li jiżgura li ż-żgħażaġh ikollhom il-kapaċitajiet meħtieġa biex jiffaċċjaw l-isfidi tal-futur. Jinħtieġ taħriġ permanenti għall-ħaddiema li jikkwalifikahom fl-użu tat-teknoloġiji l-ġodda tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fis-suq tax-xogħol. Jinħtieġ ukoll taħriġ li jiżgura taġħlim tul il-ħajja u jevita l-esklużjoni ta' gruppi iżjed vulnerabbli.

1.5. Il-KESE jappoġġja l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 u tal-Istrateġija għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Huwa jappoġġja l-inizjattivi ewlenin tagħha “Unjoni ta' Innovazzjoni” u “Aġenda Diġitali”, u jappoġġja wkoll il-miżuri meħtieġa biex tinkiseb sinerġija bejniethom li tippermetti li jsir progress fil-qasam tal-innovazzjoni soċjali. Għalhekk iqis importanti li dawn l-għanijiet jiġu integrati fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR) u jiġi segwiti fis-Semestru Ewropew. Huwa iqis fundamentali wkoll li, flimkien mal-imsieħba soċjali, is-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali tkun involuta fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea biex jinkisbu dawn l-għanijiet.

1.6. Il-KESE jitlob li l-innovazzjoni soċjali b'rabta mat-teknoloġiji l-ġodda fuq il-bażi tan-netwerks soċjali u l-ħidma kollaborattiva jwasslu għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tekniċi li jikkontribwixxu għal integrazzjoni aħjar tal-persuni b'diżabbiltà, billi jagħtuhom l-ogħla livell ta' awtonomija u parteċipazzjoni possibbli, u jagħmluha possibbli li jgħlbu l-isfidi speċifiċi li jeħtieġ li jiġu meġhluha sabiex jitneħħa kwalunkwe ostaklu li jwassalhom għad-diskriminazzjoni.

1.7. Il-KESE jhegġegħ lill-istituzzjonijiet jippromovu t-tisħiħ tal-kapaċità u l-użu tal-ambjenti diġitali essenzjali, jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' spazji li fihom jiġu stabbiliti konnessjonijiet innovattivi orizzontali għall-iżvilupp vijabbli tagħhom, b'mod li titħaddem fil-prattika l-ekwazzjoni "innovazzjoni soċjali + ħidma kollaborattiva + komunikazzjoni diġitali" u jiffaċilitaw u jippromovu l-aċċess f'fin reali, u b'mod rapidu u sigur.

1.8. Huwa jhegġegħ ukoll lill-Unjoni Ewropea sabiex, fil-qafas tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), tiffinanzja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti fuq inizjattiva tas-soċjetà ċivili, u li jiġu żviluppati permezz tan-netwerks soċjali u l-ħidma kollaborattiva bil-kundizzjoni li l-għanijiet tagħhom ikunu orjentati lejn l-interess ġenerali u jilhq u l-potenzjal tagħhom ta' impjegabbiltà u integrazzjoni.

1.9. Fil-prattika, il-Kummissjoni Ewropea għandha tistabbilixxi politika ċara u konkreta dwar l-innovazzjoni soċjali u l-aċċess taċ-ċittadini għat-teknoloġiji l-ġodda, li twassal f'inizjattivi li jgħibu benefiċċji kondiviżi fost l-abitanti. Dan għandu jsir b'konformità mal-Pakkett ta' Investiment Soċjali tal-Kummissjoni Ewropea ⁽¹⁾. Għandu jiżdied ukoll l-investiment fit-talent uman u jiġi promoss ukoll il-ftuħ ta' swieq imsejsa fuq għarfien li jippromovi l-kooperazzjoni bejn l-intrapriżi u ċ-ċittadini.

1.10. Fil-qosor, hemm bżonn ta' pakkett ta' investimenti sabiex tissaħħaħ l-innovazzjoni soċjali abbażi tal-iżvilupp teknoloġiku, il-promozzjoni tar-riċerka kollaborattiva żviluppata b'mod konġunt u multidixxiplinari, il-promozzjoni tal-aċċess għall-għarfien ġdid u t-tisħiħ istituzzjonali permezz tad-demokrazija diretta li hija possibbli permezz ta' dawn l-għodod ġodda ta' parteċipazzjoni f'network u ta' komunikazzjoni diġitali.

2. Introduzzjoni

2.1. Din l-opinjoni għandha l-għan li tivvaluta l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex l-innovazzjoni soċjali tibbenefika bis-sħiħ mill-ICT, fl-interess tal-ġid komuni, u titlob l-implimentazzjoni ta' miżuri favur l-iffaċilitar diġitali u ta' pjattaformi għall-promozzjoni ta' relazzjonijiet onlajn u l-iżvilupp ta' interazzjonijiet sinerġetiċi. Fost l-approċċi meħtieġa għal dan l-għan jista' jsir studju tal-istrutturi tan-network u kif dawn għandhom jiġu aġġustati għall-pedamenti tal-kultura organizzattiva.

2.2. L-ekwazzjoni "innovazzjoni soċjali + ħidma kollaborattiva + komunikazzjoni diġitali" tqajjem il-mistoqsija dwar kif insibu l-proċessi u l-għodod adatti ta' dawn it-termini b'mod li r-riżultati mixtieqa jiġu żviluppati b'mod effiċjenti.

2.3. L-oqsma li ġejjin huma fundamentali: l-edukazzjoni (taġħlim kollaborattiv), it-taħriġ (il-pjattaformi MOOC jew Moodle), is-saħħa elettronika (apparat għas-sorveljanza tas-saħħa), il-ħolqien tal-impjeg (akkwist elettroniku), l-intraprenditorija soċjali, il-loġistika u t-trasport, is-sigurtà tal-ikel u tal-prodotti, l-amministrazzjoni elettronika u s-servizzi pubbliċi (il-votazzjoni elettronika), id-demokrazija ekonomika (crowdfunding, munita alternattiva) u l-parteċipazzjoni soċjali.

2.4. Fil-kuntest attwali, is-sinifikat tal-innovazzjoni soċjali jingħata attenzjoni partikolari f'oqsma bħar-riċerka u l-iżvilupp, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà, il-koeżjoni u l-integrazzjoni soċjali, ir-responsabbiltà komuni u ċ-ċittadinanza parteċipattiva, l-etika intraprenditorjali u r-responsabbiltà soċjali korporattiva, u d-demokrazija diretta u l-amministrazzjoni elettronika, fost oqsma oħra.

⁽¹⁾ Sors: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1044&langId=mt>

2.5. Għal darb'oħra, il-KESE ⁽²⁾ jtenni l-importanza li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz universali tat-telekomunikazzjonijiet elettroniċi, b'mod li jinkludi l-aċċess għall-Internet permezz tal-broadband, u b'hekk mhux biss tiġi indirizzata l-esklużjoni ġeografika iżda wkoll l-esklużjoni soċjali, sabiex jintlaħqu l-għanijiet li jitnaqqas id-distakk diġitali u tissaħħa il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Barra minn hekk, l-UE għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet qafas għal suq uniku tal-big data u l-cloud computing, b'tali mod li tiġi promossa l-innovazzjoni soċjali.

3. It-tħeġġiġ tal-innovazzjoni soċjali fil-kuntest diġitali attwali

3.1. In-netwerks tal-kollaborazzjoni u l-komunikazzjoni diġitali jaqdu rwol importanti fil-qasam tal-innovazzjoni soċjali. Iżda, il-kunċett tal-innovazzjoni soċjali għadu fil-bidu tiegħu; madankollu, l-iżjed definizzjoni użata ta' spiss hija dik tar-rapport tal-BEPA, li hija din li ġejja:

L-innovazzjoni soċjali hija innovazzjoni li tkun soċjali kemm fil-finijiet kif ukoll fil-mezzi tagħha. Tiġi kkomplementata minn dan li ġej: speċifikament, l-innovazzjonijiet soċjali huma definiti bħala ideat ġodda (prodotti, servizzi u mudelli) li fl-istess ħin jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali (b'mod aktar effettiv mill-alternattivi) u jgħolqu relazzjonijiet soċjali jew kollaborazzjonijiet ġodda. Fi kliem ieħor, l-innovazzjonijiet mhux biss huma tajbin għas-soċjetà, iżda jtejbu wkoll il-kapaċità tas-soċjetà sabiex tagħxi ⁽³⁾. Għalhekk, bażikament hija definita mill-perspettiva tas-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet soċjali kumplessi u mhux sodisfatti, fil-qafas tal-politiki tal-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali.

3.2. Il-komponenti prinċipali tal-proċess tal-innovazzjoni soċjali huma: l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet soċjali ġodda u mhux sodisfatti jew mhux magħrufa biżżejjed; l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda bi tweġiba għal dawn il-ħtiġijiet soċjali; il-valutazzjoni ta' kemm huma effettivi s-soluzzjonijiet ġodda bil-għan li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali; u t-tixrid ta' innovazzjonijiet soċjali effettivi. Barra minn hekk, l-inizjattivi tal-innovazzjoni soċjali huma marbuta mill-qrib ma' pakkett ta' miżuri ta' investiment soċjali, fejn isir investiment fl-individwu b'enfasi speċjali fuq l-għomor tal-ħajja u l-kura preventiva.

3.3. Huwa importanti li tiġi eżaminata r-rabta bejn il-proċessi ta' kollaborazzjoni li joffru t-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-hekk imsejħa innovazzjoni soċjali u li jiġu diskussi l-benefiċċji mħabbra għaċ-ċittadini u s-soċjetà. Il-komponenti prinċipali jistgħu jitqassru kif ġej:

- (a) huma proċessi kollaborattivi ta' parteċipazzjoni mifuħa taċ-ċittadini li jixtiequ dan;
- (b) l-għan tagħhom huwa t-titjib u t-tibdil soċjali;
- (c) jimplikaw il-ħolqien konġunt ta' soluzzjonijiet u t-tressiq ta' proposti ta' natura trasversali;
- (d) jirrappreżentaw soluzzjonijiet li ma jkunux ġew ittestjati qabel;
- (e) jiġġeneraw it-tagħlim, jiffaċilitaw l-impenn u jwasslu għal tibdil li jħalli impatt fil-livell lokali u jiffukaw fuq erba' aspetti:
 - il-parteċipazzjoni tal-atturi lokali ggwidata mill-prinċipju tas-sussidjarjetà;
 - is-sehem u l-impenn taċ-ċittadini;
 - ir-rwol speċifiku tas-soċjetà ċivili u l-ekonomija soċjali;
 - il-proċess minn isfel għal fuq.

3.4. Għalhekk, l-innovazzjoni fir-rigward ta' tipi oħra ta' soluzzjonijiet tissejjes fuq it-tip ta' relazzjonijiet stabbiliti bejn l-atturi involuti fl-iżvilupp tagħha, jiġifieri fil-fażijiet tat-tfassil, tal-proċessi jew ta' żvilupp; l-innovazzjoni għandha tikkunsidra r-rwol li għandhom jaqdu l-atturi soċjali li huma rappreżentattivi u li jistgħu jgħolqu dritt kuntrattwali.

⁽²⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "L-aċċess għal servizz b'veloċità għolja għal kulħadd: riflessjonijiet dwar l-evoluzzjoni tal-firxa tas-servizz universali tal-komunikazzjoni elettronika" (ĠU C 175, 28.7.2009, p. 8).

⁽³⁾ Sors: http://ec.europa.eu/archives/bepa/pdf/publications_pdf/social_innovation.pdf

3.5. Kif diġà indika l-KESE, għandu jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-indikaturi ekonomiċi u soċjali meta jitwettaq il-kejl tal-progress soċjali⁽⁴⁾. Għandha tintuża l-loġika tal-kejl tal-progress soċjali, b'bilanċ bejn il-miżuri kwalitattivi u dawk kwantitattivi, b'perspettiva fuq perjodu medju u twil ta' żmien, u fil-kuntest ta' sistema bilanċjata u trasparenti ta' governanza, b'indikaturi tekniċi u soċjoekonomiċi ċari.

3.6. Bil-għan li jkunu jistgħu jiġu analizzati soluzzjonijiet ġodda għall-problemi u l-isfidi tas-soċjetà tal-lum, jeħtieġ li jsir l-aqwa użu mill-kreattività u t-talent ta' kulħadd – mil-lat orizzontali u trasversali – b'mod olistiku; fi kliem ieħor, ir-riżultat aħħari għandu jkun iżjed mis-somma tal-partijiet individwali, kif ukoll għandha tiġi żgurata l-aqwa kosteffiċjenza possibbli. Indubbjament, dan il-prerekwiżit jiġi ssodisfat bl-aħjar mod mill-intelliġenza kollettiva u l-ħolqien konġunt fi ħdan netwerks kollaborattivi.

3.7. L-innovazzjoni soċjali tinholq biex tindirizza l-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà jew sfidi soċjali kumplessi, u tolgot ambiti u strumenti differenti, pereżempju:

a) ambiti

- it-titjib tad-demokrazija, b'mod partikolari d-demokrazija parteċipattiva;
- l-inklużjoni soċjali;
- l-ekonomija soċjali;
- il-konsum kollaborattiv;
- l-open data, l-open source u l-open hardware;
- it-teknoloġija li tintlibes;
- il-pjattaformi għas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini;
- l-innovazzjoni soċjali diġitali bbażata fuq l-effett ta' netwerk;

b) strumenti

- ir-riintegrazzjoni tal-gruppi esklużi;
- it-tħeġġiġ ta' mgħiba u stili ta' ħajja sostenibbli permezz tal-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni dwar l-impatt tas-sostenibbiltà tal-għażliet tal-konsumaturi rigward l-enerġija, l-ambjent u s-saħħa;
- il-ksib tal-opinjoni pubblika biex jittieħdu deċiżjonijiet aħjar (fil-livell personali jew istituzzjonali);
- iż-żieda fil-fiduċja fl-istatistika ġġenerata b'mod kollettiv;
- l-użu tas-sensibilizzazzjoni kollettiva tas-sitwazzjonijiet ambjentali u soċjali biex jitħeġġu politiki iżjed effettivi jew biex jinħolqu mudelli ġodda għall-ekonomija, is-soċjetà u d-demokrazija;
- l-iżvilupp ta' approċċi alternattivi ta' kooperazzjoni biex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi u jittejjbu s-servizzi pubbliċi, iż-żoni urbani, id-demokrazija u l-Internet dwar bażijiet miftuħa tad-data;
- il-ħolqien ta' rabtiet bejn iċ-ċittadini u l-opportunità li jagħmlu affarijiet flimkien, b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet ta' privatezza u inklużjoni;
- il-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni kollettiva dwar l-isfidi ambjentali;
- it-tneħħija tal-ostakli kollettivi għall-inklużjoni;
- l-esperimentazzjoni ta' forom kollettivi ġodda ta' kreattività u kooperazzjoni;
- l-iżgurar li iċ-ċittadini jkunu kapaċi jivvalutaw ir-responsabbiltà soċjali korporattiva;
- il-valutazzjoni tal-impatt tal-pjattaformi ta' sensibilizzazzjoni kollettiva.

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-kejl tal-impatt soċjali" (ĠU C 170, 5.6.2014, p. 18).

3.8. Attwalment, il-kapaċità li l-għarfien jiġi kondiviż tista' tgħin fil-ħolqien ta' innovazzjonijiet li jikkompletaw il-politika soċjali. Hawnhekk, it-teknoloġija diġitali tista' taqdi rwol importanti sabiex jiġu appoġġjati l-innovazzjonijiet soċjali li għandhom l-għan li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-persuni.

3.9. Għaldaqstant, għandhom jitneħħew l-ostakli għall-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni soċjali b'mod li jiġu stabbiliti ambjent u kultura li jħeġġu l-innovazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu u jappoġġjaw ir-rwoli speċifiċi tal-atturi differenti (fondazzjonijiet, kooperattivi, assoċjazzjonijiet, impriżi mutwi, fondi tal-assigurazzjoni, SMEs u intrapriżi oħrajn tal-ekonomija soċjali, eċċ.) bħala msieħba u fornituri tas-servizzi ⁽⁵⁾.

4. Netwerks ta' ħidma kollaborattiva

4.1. In-netwerks ta' kollaborazzjoni huma magħmulin minn grupp ta' persuni li jipprovdu kontribut intellettuali għal proġett partikolari b'għan komuni għal grupp partikolari. Huma jiffunzjonaw bħala moħħ wieħed ("moħħ globali"), entità unika magħmula minn miljuni ta' ċelloli li jiġġeneraw l-ideat, li jiffaċċja sfidi f'oqsma bħal-lingwa u l-komunikazzjoni. Il-fenomenu tal-Internet, flimkien ma' fatturi oħra, wassal għal firxa wiesgħa ta' proġetti komuni u netwerks ta' kollaborazzjoni, iżda jeħtieġ li din l-opportunità teknoloġika tingħata skop sod li jaqdi l-għid komuni.

4.2. L-innovazzjoni soċjali tista' tibbenefika mill-użu tal-għodod u n-netwerks diġitali ġodda sabiex tikseb aħjar il-missjoni tagħha, bħas-servizzi għall-persuni mdaħħlin fl-età f'żoni remoti, eċċ.

4.3. L-avvenimenti, id-deċiżjonijiet, l-azzjonijiet u l-individwi jeżistu fkuntest kondiviż, spazju diġitali għdid fejn jikkoinċidu f'ħin reali biex jiġġeneraw intelliġenza kollettiva.

4.4. L-intelliġenza kollettiva hija tip ta' proċess emerġenti li fi ħdanu l-koordinazzjoni ta' bosta ħiliet intelliġenti twassal għal soluzzjoni li ma kenitx tinkiseb b'mod individwali jew separat. Għalhekk, l-intelliġenza multipla tieħu l-forma ta' azzjoni sinerġetika ta' bosta talenti kkoordinati. Il-muftieħ huwa kif tiġi żviluppata intelliġenza kollettiva b'mod li l-aspett kollettiv isir kreattiv u, b'hekk, ikunu jistgħu jitnedew proċessi ta' innovazzjoni u tibdil soċjali permezz ta' pjattaformi li jappoġġjaw dawn l-iżviluppi kollaborattivi.

4.5. Dawn in-netwerks ta' kollaborazzjoni jilhq u l-għanijiet tagħhom ħafna iżjed malajr milli jista' kwalunkwe grupp organizzat ta' natura finita, hi x'inhi l-istruttura u l-funzjonament tiegħu, billi jfittxu talent barra l-organizzazzjoni u b'hekk iwasslu għal innovazzjoni miftuħa, demokratika, mifruxa u mmexxija mill-komunità.

4.6. Jeżistu żewġ kundizzjonijiet bażiċi għall-iskambju tal-għarfien mill-individwi: is-simmetrija tal-istennijiet u l-asimmetrija tal-għarfien. It-trawwim tal-istennijiet komuni u l-ikkompletar tal-għarfien differenti jgħinu biex jinbnew netwerks ta' kollaborazzjoni.

4.7. Madankollu, kwalunkwe tip ta' netwerk ta' kollaborazzjoni u ta' ħidma kollaborattiva jitratta tliet kategoriji ta' theddid li għandhom jiġu kkunsidrati: il-"free riding" (ir-relazzjonijiet jiddependu minn kemm il-kontributi huma ekwi); il-prattika interessata tal-"crowdfunding" ⁽⁶⁾; u, fl-aħħar nett, il-konġura. Din l-aħħar problema turi r-rwol tal-fiduċja f'dan il-qasam ta' kooperazzjoni.

4.8. In-netwerks jitwaqqfu bis-saħħa tal-fiduċja li, min-naħa tagħha, tirrappreżenta l-istennija li jkun hemm impenn u tweġiba u l-kompetenza tal-persuni li ssir il-kollaborazzjoni magħhom. Fiduċja sħiħa u kontinwa timplika reputazzjoni stabbli li tipproteġi kontra l-konġura tan-network. Ma hemmx fiduċja mingħajr is-sigurtà tan-netwerks, u din tiddependi minn liġi għusta għal kulħadd u mill-kontroll. Is-sigurtà tinbet mir-rispett tal-etika fl-għanijiet stabbiliti u fil-funzjonament tan-network, fil-kundizzjonijiet tal-ħolqien u l-għajbien tan-network li għandhom jiġu previsti u ddikjarati pubblikament, kif ukoll mir-rispett tad-drittijiet fundamentali li għandhom iħaddnu wkoll id-dritt għat-tħassir tad-data.

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla u l-Innovazzjoni Soċjali", (ĠU C 143, 22.5.2012, p. 88).

⁽⁶⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "It-tweġiq tal-potenzjal tal-finanzjament kollettiv fl-Unjoni Ewropea" (ĠU C 451, 16.12.2014, p. 69).

4.9. Fl-aħħar nett, is-sekwenza tal-proċessi li ġejjin – l-iżvilupp ta' strutturi ta' xogħol orizzontali, l-interazzjoni onlajn u l-emerġenza tal-pjattaformi – twassal għall-kreattività u l-innovazzjoni soċjali permezz ta' mudell eteroġenju kkaratterizzat mill-ftuħ, l-orizzontali u t-tixrid, mingħajr ma jiġi injorat ir-rwol kruċjali tal-konnetturi li jagħmluha possibbli li jitressqu u jiġu orjentati l-ideat u l-proġetti, kif ukoll li jiġu promossi dawn il-forom għodda ta' organizzazzjoni b'mod li tittieħed azzjoni.

4.10. Il-pjattaforma onlajn tissawwar bħala format li fi ħdanu jistgħu jitħeġġu l-proċessi ta' intelliġenza kollettiva li jrawmu mudell li jirrispetta l-identitajiet individwali. L-użu tal-Internet kien il-mument deċiżiv ta' bidla, mhux biss minħabba d-demokratizzazzjoni tal-mudell tal-komunikazzjoni, iżda wkoll minħabba l-konnetturi li, abbażi tal-kultura diġitali, jinkoraġġixxu mudell alternattiv ta' organizzazzjoni.

5. Il-komunikazzjoni diġitali bħala għodda għall-innovazzjoni soċjali permezz tan-netwerks kollaborattivi

5.1. Il-komunikazzjoni diġitali tagħmilha possibbli li nivviżwalizzaw il-koresponsabbiltà taċ-ċittadini, l-intelliġenza kollettiva u l-ħidma kollaborattiva, li jipprovdu ambjent favorevoli għall-iżvilupp ta' mudelli ta' ekonomija kollaborattiva msejsa fuq il-ġid komuni.

5.2. Il-KESE diġà osserva ⁽⁷⁾ li n-netwerks soċjali jistgħu jippromovu ċ-ċittadinanza diġitali responsabbli u għandhom jiggwarantixxu li ċ-ċittadini jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fl-ambjent diġitali b'mod effettiv, bħal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, il-protezzjoni tad-data personali, il-privattezza, l-esiġenza ta' trasparenza u servizzi tal-Internet ta' kwalità deċenti.

5.3. Madankollu, għandhom jiġu kkunsidrati l-aspetti negattivi tan-netwerks soċjali u jiġu impediti r-riskji li jgħibu magħhom, filwaqt li fl-istess ħin tingħbed l-attenzjoni għall-opportunitajiet u s-sinerġiji li jiġġeneraw sabiex jitravwem użu responsabbli u intelliġenti fi ħdan suq diġitali uniku.

5.4. L-Unjoni Ewropea għandha tiegħ filwaqt tkun biss utent diġitali u ssir kreattriċi u produttriċi tal-kontenut ukoll, biex b'hekk tippromovi t-talent, u fost il-prijoritajiet tagħha jkun hemm l-informazzjoni, it-taħriġ u l-edukazzjoni u li tiżgura aċċess għas-soċjetà diġitali.

5.5. B'rabta mal-konsumaturi, huwa importanti li dawn jingħataw linji gwida adatti, l-iżjed foqasma bħall-anonimizzazzjoni u l-pseudonimizzazzjoni tad-data, l-analiżi tar-riskji marbutin mad-data personali u l-għodod u l-inizjattivi li jtejbu s-sensibilizzazzjoni, peress li dawn l-għodod diġitali jistgħu jgħinu biex jikkontrollaw u jipproteġu aħjar id-data tagħhom.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽⁷⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "L-użu responsabbli tan-netwerks soċjali" (ĠU C 351, 15.11.2012, p. 31).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Dumping soċjali fis-settur Ewropew tal-avjazzjoni ċivili

(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)

(2016/C 013/17)

Relatur: is-Sinjura Anne DEMELENNE

Nhar il-11 ta' Diċembru 2014, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizzjattiva proprja dwar

Dumping soċjali fis-settur Ewropew tal-avjazzjoni ċivili.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-31 ta' Awwissu 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru (seduta tas-16 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'200 vot favur, 3 voti kontra u 7 astensjonijiet.

1. Rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE japprova l-intenzjoni tal-President tal-Kummissjoni Ewropea li qal fid-diskors ta' ftuħ tiegħu fil-Parlament Ewropew fi Strasburgu li “[s]e jkollna niġġieldu kontra d-dumping soċjali u hekk se nagħmlu”. Il-Kummissarju Ewropew għat-Trasport, Violeta Bulc, tenniet din l-istqarrija meta fis-seduta tal-Kummissarji nnominati f'Ottubru 2014 qalet: “Jien totalment kontra d-dumping soċjali. [...] it-tfassil mill-ġdid tal-legislażzjoni għandu jkopri wkoll il-legislażzjoni soċjali”. Id-dumping soċjali joħloq kompetizzjoni inġusta. Madankollu, huwa diffiċli li jiġi definit peress li l-kawżi tiegħu huma kumplessi u l-partijiet interessati huma bosta. Fis-settur tal-avjazzjoni ċivili, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat ir-rwol ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi fil-livelli differenti – il-linji tal-ajru, il-ħaddiema, il-passiġġieri u l-ambjent politiku, legali, ekonomiku u soċjali – kemm fi ħdan kif ukoll barra l-Unjoni Ewropea. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QtĠ-UE) irrikonoxxiet li l-għieda kontra d-dumping soċjali hija għan leġittimu, li jagħmilha possibbli li l-Istati Membri jiġġustifikaw ċerti restrizzjonijiet għal-libertà tal-moviment ⁽¹⁾. Peress li l-KESE huwa mħasseb dwar l-iżviluppi reċenti fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili, huwa jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni u tiegħu passi jekk meħtieġ. Jeħtieġ li l-aspetti kollha indirizzati f'dan id-dokument jiġu kkunsidrati matul it-tnejn tal-pakkett tal-avjazzjoni li tħabbar bħala parti mill-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2015. Barra minn hekk, il-KESE huwa tal-fehma li DG MOVE u DG EMPL għandhom jaħdmu flimkien mill-qrib.

1.2. Abbażi tal-ħidma tagħha dwar mudelli ġodda tan-negozju, jeħtieġ li l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) tiskrutinizza l-iżviluppi biex tiżgura l-aqwa sikurezza possibbli tal-passiġġieri u l-persunal, ikun xi jkun il-mudell tan-negozju, b'enfasi partikolari fuq dawn il-mudelli ġodda sabiex jistabbilizzaw is-settur. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-monitoraġġ, min-naħa tal-amministrazzjonijiet ikkonċernati, tal-użu iżjed estensiv ta' impjeg indipendenti falz u tal-aġenziji ta' xogħol temporanju.

1.3. Il-KESE jistenna li l-legislażzjoni attwali tiġi infurzata kif imiss u li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiġi kkunsidrata wkoll. Dawn ikopru l-iżjed:

a) is-sigurtà soċjali u l-liġi tax-xogħol:

— il-Konvenzjoni ta' Ruma I (1980) u r-Regolament (KE) Nru 593/2008 ⁽²⁾;

— Ir-Regolamenti (UE) Nru 465/2012 ⁽³⁾ u (UE) Nru 83/2014 ⁽⁴⁾, li jiddefinixxu l-kunċett ta' “bażi residenzjali”.

⁽¹⁾ Sentenza tal-QtĠ-UE tat-18 ta' Diċembru 2007, C-341/05, Laval, p.I.11767, punt 103.

⁽²⁾ ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6.

⁽³⁾ ĠU L 149, 8.6.2012, p. 4.

⁽⁴⁾ ĠU L 28, 31.1.2014, p. 17.

b) ir-relazzjoni mal-istatus tal-persuni b'impjieg indipendenti:

- Id-Direttiva 2014/67/UE (Għall-ewwel darba, il-kunċett ta' relazzjoni ta' subordinazzjoni jiġi inkluż fid-Direttiva sabiex isir monitoraġġ tal-istatus tal-persuni b'impjieg indipendenti.)⁽⁵⁾;
- Is-sentenza C-413/13 FNV Kunsten Informatie en Medi vs Staat der Nederlanden tal-4 ta' Diċembru 2014: “[I]d-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dispożizzjoni ta' ftehim kollettiv ta' xogħol, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippredvi tariffi minimi għall-fornituri ta' servizzi li jaħdmu għal rashom, imsieħba ma' waħda mill-organizzazzjonijiet ta' ħaddiema bil-kuntratt, li jwettqu għal persuna li timpjega, abbażi ta' kuntratt ta' xogħlijiet, l-istess attività bħall-ħaddiema ta' din il-persuna li timpjega, ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE, biss jekk dawn il-fornituri jikkostitwixxu 'persuni li ma jaħdmux għal rashom verament', jiġifieri fornituri li jinsabu f'sitwazzjoni paragonabbli għal dik tal-ħaddiema msemmija. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq din l-ewvalwazzjoni.”

1.4. Il-KESE jirrikonoxxi l-pożizzjoni tal-imsieħba soċjali tal-Grupp ta' Ħidma tal-Ekwipaġġ tal-Ajru (Air Crew Working Group –ACWG) (ara l-punt 5.1) u jenfasizza li għandhom jiġu indirizzati l-lakuni li ġejjin sabiex jiġi evitat kwalunkwe impatt soċjali negattiv mhux mixtieq f'dan is-settur. Għal dan l-għan, għandhom jittieħdu l-miżuri li ġejjin:

- jiġu riveduti r-regoli komuni għall-operat tas-servizzi tal-ajru biex, fost affarijiet oħra, jiżguraw l-infurzar adatt tal-leġislazzjoni soċjali nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi tax-xogħol fi ħdan is-settur (Regolament (KE) Nru 1008/2008); fl-istess Regolament, ikun hemm definizzjoni aħjar tal-kunċett tal-“post prinċipali tan-negozju” sabiex il-liċenzja ta' operat tingħata minn Stat jekk il-volum tat-trasport bl-ajru fi ħdanu jkun sostanzjali;
- tiġi evitata kwalunkwe kompetizzjoni inġusta mill-pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea fil-konfront tat-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità permezz ta' sussidji, għajjnuna mill-Istat u prattiki inġusti tal-ipprezzar (Regolament (KE) Nru 868/2004);
- fil-kuntest tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, jiġu definiti aħjar d-diversi bażijiet tas-servizz fis-settur tal-avjazzjoni ċivili (inklużi bażijiet temporanji) u l-perjodu tranżizzjonali f'fissat għal 10 snin jitqassar (Regolament (UE) Nru 83/2014);
- il-“permess uniku” jiġi estiż għall-ekwipaġġ tal-ajru sabiex jiġi żgurat trattament ugwali bejn il-ħaddiema kollha tas-settur (Direttiva 2011/98/UE).

1.5. Barra minn hekk, il-KESE jissuġġerixxi li bħala parti mill-ħidma kkoordinata bejn id-DĠ MOVE u d-DĠ EMPL, il-Kummissjoni għandha tiskrutinizza l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar xogħol temporanju fis-settur tal-avjazzjoni. Il-KESE huwa tal-fehma li l-promozzjoni tal-impjieg dirett għandha tibqa' l-forma abitwali tal-impjieg fl-avjazzjoni, u li għandha tkun possibbli r-restrizzjoni ta' tali kuntratti temporanji li jistgħu jagħmlu ħsara lil-livelli ta' sigurtà (2008/104/KE). Barra minn hekk, tinħtieġ definizzjoni komuni ta' “persuna impjegata” u “persuna li taħdem għal rasha” fil-livell tal-UE.

1.6. Il-KESE jappoġġja kwalunkwe inizzjattiva li jistgħu jieħdu l-imsieħba soċjali tal-UE fil-qasam tal-avjazzjoni biex jinneogozjaw ftehim dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet soċjali tal-ħaddiema fis-settur. Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali jista' jkollhom pożizzjonijiet komuni dwar ċerti strumenti leġislattivi li jistgħu jressqu quddiem il-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-imsieħba soċjali dwar kull strument leġislattiv u/jew inizzjattiva tal-UE li jkollhom impatt soċjali⁽⁶⁾.

1.7. Minħabba li l-Proposta għal Regolament dwar is-servizzi tal-groundhandling ġiet irtirata mill-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni u m'hemm l-ebda standard soċjali fil-livell tal-UE f'dan il-qasam, jeħtieġ li tiġi indirizzata l-kwistjoni tat-trasferiment tal-persunal fil-każ ta' sejħiet għall-offerti u/jew telf parzjali tal-attivajiet. Biex tindirizza din il-problema, il-Kummissjoni bħalissa qed tikkonsulta l-imsieħba soċjali Ewropej dwar il-possibbiltà li tressaq proposta kkonsolidata dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 (salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi) għall-aħħar tal-2015.

⁽⁵⁾ ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11.

⁽⁶⁾ ĠU L 225, 12.8.1998, p. 27.

1.8. Il-KESE ser iniedi ħidma interna separata biex jikkompleta l-kwistjonijiet soċjali mqajma f'din l-opinjoni.

1.9. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tissorvelja b'mod kontinwu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-avjazzjoni ċivili fuq bażi permanenti.

2. Introduzzjoni

2.1. Fid-dawl tal-kontribut tagħha għall-ekonomija Ewropea mil-lat tal-impjeg u t-kabbir, l-avjazzjoni hija industrija strateġika għall-Unjoni Ewropea. Huwa stmat li l-avjazzjoni tirrappreżenta 2,6 miljun impjeg dirett u indirett u tikkontribwixxi EUR 1 biljun kuljum għall-PDG Ewropew, u tippromovi l-kummerċ u t-turiżmu⁽⁷⁾.

2.2. Il-liberalizzazzjoni tat-trasport bl-ajru fil-bidu tad-disgħinijiet mingħajr dubju gābet benefiċċji għall-pubbliku li jivvjaġġja mil-lat tad-demokratizzazzjoni, prezzijiet iżjed baxxi tal-biljetti tal-ajru u għażla diversifikata. Iżda x'inhuma l-effetti fuq l-impjeg, is-salarji u l-kundizzjonijiet tax-xogħol f'dan is-settur? Id-data tal-Eurostat turi li, minkejja tkabbir annwali medju ta' madwar 5 % fil-perjodu bejn l-1998 u l-2010, sew l-impjeg dirett kif ukoll dak indirett fil-linji tal-ajru qiegħed jistaġna⁽⁸⁾. Flimkien ma' żviluppi oħrajn, dan wassal għal żieda sostanzjali fil-produttività. Barra minn hekk, l-impjeg tal-linji tal-ajru għall-ekwipaġġ tal-kabina u l-bdoti ġew esternalizzati jew sostitwiti minn forom iżjed flessibbli ta' impjeg (Fi studju reċenti tal-imsieħba soċjali Ewropej fis-settur tal-avjazzjoni ċivili, 52,6 % biss ta' dawk li wiegħbu li jaħdmu ma' kumpaniji tal-ajru bi prezzijiet baxxi qalu li għandhom kuntratt ta' impjeg dirett.). Ma teżistix data kompleta dwar is-salarji; madankollu, l-eżempju tar-Renju Unit juri tnaqqis viżibbli fir-remunerazzjoni għall-ekwipaġġ tal-kabina⁽⁹⁾ f'dak il-pajjiż. Fi ftit kliem, l-impjeg li kienu prestiġjużi u ta' kwalità għolja ftit tas-snin ilu qed jisparixxu u qed jiġu esternalizzati jew sostitwiti minn produttività ogħla u manodopera inqas għolja.

2.3. Fid-dawl tal-fatt li l-linji tal-ajru qed jiffaċċjaw kompetizzjoni ħarxa, il-marġnijiet ta' profitt huma iżjed baxxi milli f'industrija oħra (skont l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA), il-profitt nett wara t-taxxi tal-industrija tal-linji tal-ajru fil-livell dinji kien ta' 0,1 % tad-dħul medju f'dawn l-aħħar 40 sena)⁽¹⁰⁾ u l-impjegaturi qed ifittxu modi li jnaqqsu l-ispejjeż sabiex jibqgħu kompetittivi. Filwaqt li xi spejjeż (bħall-karburant jew is-sjieda tal-inġenji tal-ajru) huma sa ċertu punt fissi, ċerti linji tal-ajru jemmnu li l-kost lavorattiv jista' jibaxxa kontinwament. Xi wħud minnhom skoprew ukoll li l-użu tal-libertà tal-istabbiliment fi ħdan l-UE huwa mod wieħed kif ikomplu bit-tnaqqis tal-ispejjeż u d-dumping soċjali.

2.4. Fid-dawl ta' kompetizzjoni dejjem aktar ħarxa mil-linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi, diversi linji tal-ajru tradizzjonali żviluppaw verżjoni orħos tal-linja prinċipali li ttir distanzi qosra jew integraw forza tax-xogħol bi spejjeż baxxi fl-operazzjonijiet tal-linji prinċipali. Xi wħud mil-linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi issa qegħdin jimmiraw lejn ajruporti ewlenin u passiġġieri fil-kategorija "business", ħaġa li tqegħedhom fiżjed kompetizzjoni diretta mal-linji tal-ajru tradizzjonali. Dan iwassal għal telf ta' impjegji deċenti (dħul ġust, sigurtà fil-post tax-xogħol, protezzjoni soċjali, il-libertà tal-espressjoni, l-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni; ugwajjanza)⁽¹¹⁾ fil-linji tal-ajru tradizzjonali⁽¹²⁾. Madankollu, il-prattiki soċjali tal-linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi ma jgħolqu dumping soċjali awtomatikament.

⁽⁷⁾ Rapport tal-ATAG "Powering global economic growth, employment, trade links, tourism and support for sustainable development through air transport", 2014.

⁽⁸⁾ Rapport finali "Study on the effects of the implementation of the EU aviation common market on employment and working conditions in the Air Transport Sector over the period 1997/2010", Steer Davies Gleave, Londra, 2012, p. 74.

⁽⁹⁾ Rapport finali "Study on the effects of the implementation of the EU aviation common market on employment and working conditions in the Air Transport Sector over the period 1997/2010", Steer Davies Gleave, Londra, 2012, p. vii.

⁽¹⁰⁾ IATA Report on Vision 2050, Singapore, 12.02.2011, p. 2.

⁽¹¹⁾ Suġġett globali dwar "Xogħol Deċenti", l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.

⁽¹²⁾ Ara l-istudji mwettqa mill-imsieħba soċjali: – Fl-2012: "The development of the low cost model in the European civil aviation industry" (L-iżvilupp tal-mudell ta' linja tal-ajru bi prezzijiet baxxi fl-industrija Ewropea tal-avjazzjoni ċivili), il-Professor Peter Turnbull (l-Università ta' Cardiff), Dr Geraint Harvey (l-Università ta' Swansea), ikkummissjonat mill-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport. – Fl-2014: "Evolution of the Labour Market in the Airline Industry due to the Development of the Low Fares Airlines" (L-iżvilupp tas-suq tax-xogħol fl-industrija tal-linji tal-ajru minħabba l-iżvilupp tal-linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi), il-Professor Peter Turnbull (l-Università ta' Cardiff), Dr Geraint Harvey (l-Università ta' Swansea), ikkummissjonat mill-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport. – Fl-2015: "Atypical Employment in Aviation", (Impjeg atipiku fl-avjazzjoni), l-Università ta' Ghent, tim immexxi mill-Professor Yves Jorens, ikkummissjonat mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kabini tal-Bdoti, l-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport.

2.5. L-iżvilupp tal-kompetizzjoni fil-livell dinji u tal-UE jkan qanqal tħassib dwar is-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-avjazzjoni Ewropea, kemm mil-lat ekonomiku kif ukoll soċjali. Sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta, għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet iżjed ekwi. Il-linji tal-ajru għandhom jikkompetu fuq il-bażi ta' prodotti innovattivi, kwalità u prezz, u mhux l-użu ta' lakuni leġiżlattivi u/jew impjegji bi spejjeż baxxi. Jeħtieġ li jittieħdu passi biex niggarrantixxu l-kompetittività u l-iżvilupp sostenibbli tal-industrija Ewropea u l-preservazzjoni ta' impjegji ta' kwalità tajba fl-Ewropa.

2.6. Id-dumping soċjali – meta dan jeżisti – jgħallha ostakli għall-kompetizzjoni ġusta. Barra minn hekk, ma għandu jkollu l-ebda effett negattiv fuq is-sikurezza, li għandha tibqa' l-prijorità ewlenija. L-approċċi bilaterali mhux koordinati tal-pajjiżi individwali għandhom jiġu sostitwiti minn politika esterna tal-UE komuni u ġenwina fis-settur tal-avjazzjoni, li għandha tkopri l-kwistjoni tal-investimenti barranin fil-linji tal-ajru Ewropej, il-proprjetà u l-kontroll, l-għajnuna mill-Istat, l-aċċess għas-suq u l-kompetizzjoni ġusta.

2.7. Is-sikurezza hija fattur fundamentali fis-settur tal-avjazzjoni. Kif huwa enfasizzat fil-White Paper: "Is-sikurezza tal-avjazzjoni Ewropea hija għolja imma mhux l-aqwa fid-dinja. Il-mira tagħna għanda tkun li nkunu l-aktar reġjun sikur għall-avjazzjoni." ⁽¹³⁾ Minkejja n-nuqqas ta' statistika, l-EASA diġà indikat li l-frammentazzjoni u l-esternalizzazzjoni tal-impjegji relatati mas-sikurezza, inklużi dawk tal-ekwipaġġ u tal-manutenzjoni, jista' jkollhom effetti negattivi fuq is-sikurezza. L-hekk imsejħa mudelli ġodda tan-negozju jagħmlu l-aqwa użu possibbli mill-proċessi baġitarji, operazzjonali u soċjali. Jeħtieġ li l-EASA tiskrutinizza dawn il-mudelli kollha u tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li ma tiġix kompromessa s-sikurezza. Il-KESE jappoġġja l-ħidma tal-grupp speċjali ta' ħidma li twaqqaf reċentement fi ħdan l-EASA b'tali kompiti. Ma għandu jittieħed l-ebda riskju jekk dan jaffettwa s-sikurezza tan-nies ⁽¹⁴⁾.

3. Id-degradazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol f'ċerti sottosetturi tal-avjazzjoni

3.1. Id-dumping soċjali fl-industrija tal-avjazzjoni jista' jinqasam f'żewġ oqsma separati – is-suq intern u l-avjazzjoni esterna.

3.2. Fis-suq intern, l-ixpruni ewlenin tad-dumping soċjali huma linji tal-ajru bbażati f'diversi lokazzjonijiet – fejn il-forza tax-xogħol tiġi impjegata fil-pajjiż X, taħdem fil-pajjiż Y, iżda b'kuntratt ta' impjeg skont il-liġijiet ta' pajjiż Z. Dan għandu l-effett li "jqaċċat" il-ħaddiem mill-"pajjiż ta' oriġini" tiegħu jew tagħha (jiġifieri l-pajjiż tan-nazzjonalità u/jew tar-residenza). L-isfida ewlenija hija li tiġi rikonċiljata l-libertà tal-istabbiliment jew il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi mal-għanijiet tal-impjeg ta' kwalità u tal-progress soċjali. Filwaqt li l-bidliet introdotti taħt ir-Regolament Ruma I ⁽¹⁵⁾ u taħt il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali ⁽¹⁶⁾ se jtaffu xi wħud mill-problemi li jiffaċċjaw il-ħaddiema mobbli, għad hemm kwistjonijiet li jridu jissolvew.

3.3. Il-politika esterna tal-UE fil-qasam tal-avjazzjoni ma tiproteġix b'mod adegwat l-interessi tal-linji tal-ajru tal-UE u l-ħaddiema tagħhom f'dan l-ambjent globali li qed jinbidel b'ritmu mgħaġġel. Filwaqt li hemm għadd ta' rekwiżiti li l-linji tal-ajru tal-UE jkollhom jikkonformaw magħhom sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta (it-trasparenza, l-għajnuna mill-Istat, l-ipprezzar, eċċ.), ir-rekwiżiti għal-linji tal-ajru ta' pajjiżi terzi biex joperaw lejn/minn ajruporti tal-UE jew mhumiex infurzabbli inkella ma jeżistux. Dawn il-linji tal-ajru mbagħad jikkompetu ras imb ras fuq l-istess rotot ma' trasportaturi tal-UE filwaqt li jibbenefikaw minn vantaġġi inġusti.

3.4. Hemm ukoll kwistjoni separata dwar l-użu ta' membri tal-ekwipaġġ li mhumiex fl-UE abbord ajruplani rreġistrati fl-UE. Tradizzjonalment, intuża ekwipaġġ tal-kabina barrani abbord inġenji tal-ajru Ewropej għal raġunijiet lingwistiċi u/jew kulturali. Dan l-aħħar, xi linji tal-ajru ddeċidew li jużaw persuni ta' nazzjonalità barranija biex joperaw titjriet lejn/minn u anke fi ħdan (l) l-UE b'kundizzjonijiet tax-xogħol/salarji inferjuri. Madankollu, dawn il-linji tal-ajru jeħtieġhom japplikaw ir-regoli nazzjonali tal-Istat Membru li joħroġ iċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru (AOC).

4. Mudelli ġodda tan-negozju u s-suq tax-xogħol fl-industrija tal-linji tal-ajru

4.1. L-istudji mwettqa mill-imsieħba soċjali ⁽¹⁷⁾ juru li d-degradazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol hija mifruxa fis-settur tal-avjazzjoni fl-Ewropa u tmur lil hinn mit-tibdil tas-suq minħabba l-kompetizzjoni, kemm f'dak li jirrigwarda l-linji tal-ajru tradizzjonali kif ukoll dawk bi prezzijiet baxxi.

⁽¹³⁾ White Paper dwar "Pjan Direzzjonali għal Żona Ewropea Unika tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti", COM/2011/0144 final, p. 22.

⁽¹⁴⁾ Rapport dwar Mudelli ġodda tan-Negozju mill-Grupp Konsultattiv dwar it-Tfassil tar-Regoli fi ħdan l-EASA, 17.4.2015, p. 1, punt 2; p. 5, punt 9.3; p. 6, punt 9.5.1; p. 7, punt 9.5.2; u p. 7, punt 9.6.

⁽¹⁵⁾ ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6

⁽¹⁶⁾ ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁷⁾ Suġġett globali dwar "Xogħol Deċenti", l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.

4.2. M'hemm l-ebda mudell uniformi ta' linja tal-ajru bi prezzijiet baxxi: l-istrateġiji tagħhom iwarjaw minn prezzijiet estremament baxxi (mingħajr xinxilli) sa linji tal-ajru ibridi li jikkombinaw elementi mil-linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi u mil-linji tal-ajru tradizzjonali, permezz ta' prattiki ta' kumpaniji "konvenzjonali" bi prezzijiet baxxi li jagħmlu wegħdjet limitati u jwettquhom b'mod konsistenti. Għalhekk, ma hemm l-ebda mudell uniformi ta' impjeg; ċerti linji tal-ajru jipprovdu impjeg ta' kwalità tajba abbażi ta' kuntratti indefiniti, filwaqt li oħrajn jiddependu l-iżjed mill-esternalizzazzjoni, xogħol temporanju permezz ta' aġenzija u, f'ċerti każijiet, impjeg indipendenti falz. L-istess jgħodd għar-rappreżentanza f'junjin; ċerti kumpaniji jippruvaw jevitaw it-trejdjunjins apposta, filwaqt li kumpaniji oħrajn jirrikonoxxuhom u jiffirmaw f'hehimiet kollettivi. L-evoluzzjoni tal-linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi kellha wkoll impatt sinifikanti fuq is-servizzi tal-ground handling, prinċipalment mil-lat tal-ipproċessar tal-bagalji (politika aktar stretta marbuta mal-bagalji tal-idejn), ħinijiet iqsar għat-titjriet lura u tnaqqis fit-taħriġ.

4.3. L-impjegaturi u l-junjin tal-avjazzjoni issa jirrikonoxxu li l-istrateġiji tan-negożju u l-politiki marbutin mar-riżorsi umani/ir-relazzjonijiet industrijali ta' ċerti linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi qed iwasslu "bil-mod il-mod għall-iżgħar denominatur komuni" ⁽¹⁸⁾. Il-linja diviżorja bejn il-linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi u l-linji tal-ajru tradizzjonali qiegħda bil-mod il-mod tisparixxi peress li ċerti linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi ssieħbu f'alleanzi dinjin jew ġew inkorporati fi gruppi ta' linji tal-ajru (tradizzjonali); fl-istess ħin, linji tal-ajru oħrajn iddeċidew li jstabbilixxu linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi "in-house". Xi wħud mit-trasportaturi tradizzjonali ingaġġaw forza tax-xogħol bi spejjeż baxxi u integrawha fl-operazzjonijiet tal-linja prinċipali tagħhom. Din l-organizzazzjoni ġdida ma tfissirx li s-servizzi huma l-istess bejn il-linji tal-ajru tradizzjonali u l-linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi.

4.4. Madankollu, hemm differenzi sostanzjali bejn l-Istati Membri tal-UE mil-lat tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-trattament indaqs, is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali (li hija kkoordinata biss fil-livell tal-UE), eċċ., li joħlqu asimmetrija bejn ir-regolazzjoni ekonomika (suq uniku) u l-armonizzazzjoni u l-koeżjoni soċjali. Madankollu, xi Stati Membri adottaw "soluzzjonijiet nazzjonali" biex jiżguraw li l-persunal mobbli bbażat fit-territorju tagħhom igawdu kundizzjonijiet li jikkonformaw mal-liġijiet nazzjonali tax-xogħol u dawk soċjali u mal-ftehimiet kollettivi. Din il-kwistjoni għandha tiġi eżaminata fil-livell Ewropew.

4.5. Il-qofol tal-leġislazzjoni tal-avjazzjoni relatata mal-impjeg għandu l-għerūq tiegħu fl-era ta' qabel il-liberalizzazzjoni u għalhekk din il-leġislazzjoni ma għadhiex adatta għall-għan tagħha. Ir-regolamenti tas-sigurtà soċjali fir-rigward tal-ekwipaġġ tal-ajru tjiebu, iżda għad hemm ir-riskju tal-lakuni. Il-kunċett ta' bażi residenzjali huwa problematiku għaliex dan huwa definit mill-operatur u fil-każ ta' membri tal-ekwipaġġ tal-ajru li jaħdmu għal rashom, dawn ma jiġux kontrollati kif suppost. Fattur ieħor li jikkompjika l-affarijiet huwa n-nuqqas ta' test Ewropew uniku b'definizzjoni pożittiva ta' impjegat u ħaddiem għal rasu fil-leġislazzjoni tal-UE; id-definizzjonijiet iwarjaw fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u d-direttivi pereżempju dwar il-kriterji tas-"subordinazzjoni". Jinħtieġu regoli speċifiċi għall-ħaddiema mobbli ħafna.

4.6. Wieħed mit-tliet trasportaturi prinċipali tal-Golf ġie pubblikament ikkontestat għal prattiki li jiksru l-leġislazzjoni tal-UE, pereżempju t-tkeċċija minħabba tqala, l-obbligu li wieħed jikseb il-permess biex jiżżewweġ, eċċ. Madankollu, din il-linja tal-ajru għadha qed tagħmel titjriet lejn l-UE u, reċentement, anke b'mod iżjed frekwenti lejn ċerti ajruporti. Minħabba r-rabtiet mill-qrib bejn il-linji tal-ajru, l-ajruporti u l-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Golf, hemm ukoll tħassib dwar il-possibbiltà li dawn il-kumpaniji jibbenefikaw minn vantaġġi inġusti. Jinħtieġ li r-relazzjonijiet bilaterali bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi jiġu sostitwiti minn politika esterna tal-avjazzjoni koordinata u ġenwina fil-livell tal-UE.

5. Ir-rwol tal-imsieħba soċjali

5.1. Il-KESE jappoġġja r-rwol ewlieni li jaqdu l-imsieħba soċjali Ewropej fl-avjazzjoni ċivili fil-konsulenza tal-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll fl-iskrutinju u l-iżvilupp tal-proposti proprji tagħhom. Fil-5 ta' Ġunju 2014, l-imsieħba soċjali tal-ACWG qablu dwar dikjarazzjoni konġunta kontra bñadar ta' konvenjenza bbażati fl-UE fis-settur tal-avjazzjoni li fiha ddenunzjaw żviluppi reċenti li jheddu serjament il-mudell soċjali Ewropew, l-impjeg u l-kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-avjazzjoni u pproponew bidliet leġislattivi konkreti ⁽¹⁹⁾.

⁽¹⁸⁾ Rapport dwar "Sottomissjoni bil-miktub minn Scandinavian Airlines (SAS) lir-regolaturi tal-Istati Uniti dwar l-applikazzjoni ta' Norwegian Air International (NAL) għall-ksib ta' permess mill-Istati Uniti ta' trasportatur bl-ajru barrani", Airline Business, April 2014.

⁽¹⁹⁾ Dikjarazzjoni konġunta kontra bñadar ta' konvenjenza bbażati fl-UE fl-avjazzjoni, Grupp ta' Ħidma tal-Ekwipaġġ tal-Ajru tal-Kumitat tad-Djalogu Soċjali Settorjali, 5.6.2014.

5.2. Fir-rigward tal-aġenda futura tad-djalogu soċjali, l-imsieħba soċjali tal-ACWG (AEA, ECA u ETF) adottaw dikjarazzjoni konġunta fit-13 ta' Frar 2015 li tgħid li l-imsieħba soċjali huma disposti li jniedu diskussjonijiet dwar qafas għas-settur tal-avjazzjoni bil-għan li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni fil-livell dinji. Għandhom jiġu previsti azzjonijiet konġunti biex jintemm id-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-bnadar ta' konvenjenza. Id-dikjarazzjoni tkompli tgħid li l-imsieħba soċjali qablu li jkomplu bil-ħidma tagħhom f'dan il-qasam. Huma ser jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jagħmlu kontribut attiv, flimkien ma' diversi istituzzjonijiet Ewropej u l-awtoritajiet nazzjonali, sabiex b'mod urġenti jifformulaw strateġija għall-avjazzjoni Ewropea bi prijoritajiet, skadenzi u għanijiet ċari.

5.3. Jeħtieġ ukoll li l-Kummissjoni Ewropea ssaħħaħ il-konsultazzjoni tal-imsieħba soċjali. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE li tistabbilixxi kumitati għad-djalogu soċjali settorjali tistipula li kull kumitat ta' djalogu soċjali settorjali, għas-settur ta' ħidma li għalih ikun stabbilit, għandu jkun ikkonsultat dwar żvilluppi fil-livell Komunitarju li jkollhom implikazzjonijiet soċjali. Dan l-obbligu ta' spiss jiġi ttraskurat. Hemm ukoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-implikazzjonijiet soċjali tar-regoli relatati mas-sikurezza żviluppata mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Iċ-ċiberattiviżmu u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/18)

Relatur: is-Sur Bernardo HERNÁNDEZ BATALLER

Nhar id-19 ta' Frar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

“Iċ-ċiberattiviżmu u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-31 ta' Awwissu 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-16 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'205 voti favur, 2 voti kontra u 8 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Fis-soċjetà diġitali attwali, iċ-ċiberattiviżmu huwa strument utli biex jagħti s-setgħa liċ-ċittadini peress li jiffaċilita u jippromovi l-prattika soċjali attiva u l-parteċipazzjoni permezz ta' teknoloġiji ġodda, filwaqt li jikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-esklużjoni u d-distakk diġitali. Għalhekk, nistgħu noqorbu lejn il-kunċett taċ-ċiberattiviżmu billi niddefinixxuh bħala tip ta' attiviżmu li jħeġġeġ lill-persuni jiddefendu b'mod attiv kwistjonijiet politiċi, ambjentali, soċjali, ċiviċi, kulturali, eċċ., mingħajr il-bżonn ta' ideoloġiji, ġerarkiji jew programmi definiti, u li, biex jagħmel dan, juża għodod teknoloġiċi li jippromovu t-tixrid u l-parteċipazzjoni b'mod virali. F'dan ir-rigward, għandu jtgħies bħala distint minn daww l-inizjattivi li ma jirrispettawx il-prinċipji u l-valuri demokratiċi u solidali li l-intenzjonijiet tagħhom mhumix b'konformità mal-interess pubbliku u l-ġid komuni.

1.2. Għall-iżvilupp taċ-ċiberattiviżmu bħala għodda, jeħtieġ li kemm il-Kummissjoni Ewropea kif ukoll l-Istati Membri jinkludu fl-aġendi ta' ħidma tagħhom inizjattivi u miżuri li jippromovu strutturi għall-espansjoni adegwata tas-soċjetà onlajn, billi jiffaċilitaw l-aċċess ħieles u universali, filwaqt li jiżguraw it-trasparenza u l-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-drittijiet għall-privatezza u s-sigurtà tad-data personali, b'attenzjoni speċjali għall-iżjed gruppi żvantaġġati.

1.3. Il-KESE jemmen li huwa essenzjali li jinxterdu l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa fost il-pubbliku għal ċiberattiviżmu intelliġenti u sigur, u għalhekk iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jinkoraġġixxu attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, taħriġ u edukazzjoni, b'enfasi speċjali fuq it-tixrid ta' Prattika tajba u l-qerda ta' kwalunkwe użu malizzjuż tal-attiviżmu fuq l-Internet. F'dan ir-rigward, għandhom isiru disponibbli r-riżorsi li huma meqjusa meħtieġa għall-valutazzjoni u l-iżvilupp taċ-ċiberattiviżmu.

1.4. Barra minn hekk, u f'dak li għandu x'jaqsam mal-governanza istituzzjonali, iċ-ċiberattiviżmu jippromovi oqsmha ta' kodeċizzjoni u setgħa kondiviża permezz tal-interazzjoni multidirezjonali – proattiva u reattiva – bejn diversi atturi (gvernijiet, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, operaturi soċjali, ċittadini, negozji).

1.5. Għaldaqstant, l-appoġġ għaċ-ċiberattiviżmu jimplika konfigurazzjoni onlajn kondiviża li tħaddan kemm ir-relazzjonijiet bejn iċ-ċittadini kif ukoll daww vertikali bejn il-gvern u ċ-ċittadini. L-interazzjoni orizzontali trawwem is-solidarjetà onlajn permezz ta' ċibervolontorjat attiv u impenjat permezz u azzjonijiet u inizjattivi ta' kooperazzjoni u kollaborazzjoni. L-interazzjoni vertikali minn fuq għal isfel qed tiżdied minħabba l-gvern elettroniku, u dan jikkontribwixxi għat-trasparenza u jiffaċilita l-aċċess pubbliku u l-informazzjoni dwar affarijiet pubbliċi. L-interazzjoni vertikali minn isfel għal fuq issaħħaħ ir-rappreżentanza taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet f'kuntast miftuħ ta' demokrazija elektronika li jagħmel possibbli l-parteċipazzjoni effettiva permezz ta' mezzi differenti bħall-konsultazzjonijiet taċ-ċittadini u l-inizjattivi legiſlattivi.

1.6. Fl-aħħar nett, il-KESE jemmen li hemm bżonn li nibnu u napplikaw metodoloġiji speċifiċi ta' valutazzjoni u indikaturi biex jitkejjel l-impatt ekonomiku u soċjali marbut ma' ċiberattiviżmu, kif ukoll li jitfasslu studji u rapporti biex tinkiseb konsistenza akbar fl-attività tiegħu fir-rigward ta' fatturi ta' rappreżentattività effettiva u ta' tmexxija, il-kontinwità, il-ħolqien ta' strutturi ġodda u xejriet soċjali, eċċ.

2. Introduzzjoni

2.1. L-impatt li t-teknoloġiji l-ġodda qed ikollhom fis-soċjetà tal-lum huwa rifless fl-ispazju virtwali msejjaħ ekosistema diġitali, li fi ħdanu jiġu żviluppanti stili ta' ħajja li għandhom tendenza li jibdlu l-modi tradizzjonali ta' espressjoni u interazzjoni b'mod kollettiv.

2.2. Fdin ir-rivoluzzjoni teknoloġika, flimkien mal-aspetti ekonomiċi, kulturali u dawk relatati mal-innovazzjoni, għandhom jiġu kkunsidrati b'mod partikolari dawk l-isfidi u l-opportunitajiet fil-qasam tal-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-parteċipazzjoni, f'kuntast għid ta' governanza li fi ħdanu l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà onlajn tista' tiddetermina, fil-biċċa l-kbira, tibdil kbir fl-istrutturi u l-metodi ta' organizzazzjoni tas-soċjetà fil-futur.

2.3. L-impatt tan-netwerks soċjali onlajn u l-Internet – meta dawn ikunu inklużivi – fetħu orizzonti ġodda fir-rwol li ċ-ċittadini jistgħu jaqdu fil-konstruzzjoni soċjali, billi jagħtuhom is-setgħa u pożizzjoni fuq quddiem nett fit-tfassil tal-iżvilupp komuni tagħhom.

2.4. Fil-livell globali, din ix-xejra kollettiva ssaħħet maż-żmien, u dan jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-inizjattivi li diġà ttehd u għal livell oġhla ta' konsolidazzjoni tal-kapaċità ta' konnessjoni u interazzjoni, li tipprovdi feedback fl-oqsm ta' teħid tad-deċiżjonijiet u s-setgħa li qed ikunu dejjem iżjed imxerrdin, b'livell għoli ta' immedjatezza u ta' tixrid. Għalhekk, l-azzjonijiet meħudin iħeġġu azzjonijiet ġodda oħrajn fi proċess ta' tisħiħ pożittiv li jwassal għal titjib kontinwu.

2.5. F'dan ir-rigward, huwa importanti li l-movimenti diġitali ta' ċittadini ma jiġux ikkunsidrati bħala sempliċement aggregazzjoni tal-utenti tal-Internet li jingħataw it-tikketta tipika ta' "folla" iżda pjuttost bħala "għemgħa intelliġenti" (smart mob), jiġifieri bħala grupp li jaġixxi b'mod intelliġenti jew effiċjenti minħabba t-tkabbir esponenzjali tal-konnessjonijiet fin-netwerk. Dan in-netwerk ta' rabtiet jagħmel possibbli li n-nies ikollhom konnessjonijiet ma' xulxin biex ikollhom l-aċċess għall-informazzjoni u jinteraġixxu ma' nies oħra, biex b'hekk tinħoloq koordinazzjoni soċjali ġenwina li għandha l-għan li toħloq soċjetà konxja, parteċipattiva u responsabbli.

2.6. Għaldaqstant, il-valur miżjud prinċipali tax-xenarju deskritt hawn fuq huwa l-parteċipazzjoni attiva ta' ċittadini li ma jixtix li jtilqu minn idejhom il-kontroll fuq il-kwistjonijiet li jolqtu, u mhux biss huma lesti li jerfgħu r-responsabbiltà iżda wkoll jagħtu prova ta' dan, kif turi ċerta data (Tascón, Mario u Quintana, Yolanda: Ciberactivismo: Las nuevas revoluciones de las multitudes conectadas (lċ-ċiberattiviżmu: ir-rivoluzzjonijiet il-ġodda tal-mases kollegati). La Catarata, 2012) dwar l-attività onlajn ta' kuljum: 1,6 miljun entrata fi blogs u 140 miljun tweet.

2.7. L-istess jgħodd meta ssir reviżjoni tad-dokumentazzjoni dwar iċ-ċiberattiviżmu, li tiġbed l-attenzjoni għal avvenimenti u movimenti soċjali ta' importanza u ambitu sostanzjali bħall-Occupy Wall Street, il-Park Taksim Gezi, ir-Rebbiegħa Għarbija u l-Moviment Spanjol 15M; u l-kampanji favur adegħjoni ma' kawżi filantropiċi u solidali promossi minn organizzazzjonijiet rikonnoxxuti tas-soċjetà ċivili, li jinkludu wkoll inizjattivi biex jingħabru l-fondi permezz ta' mekkaniżmi ta' crowdfunding jew sempliċement billi l-persuni juru l-appoġġ tagħhom fuq pjattaformi li jkollhom finanzjament trasparenti.

3. L-attiviżmu diġitali jew in-nettattivizmu

3.1. Fost id-diversi proposti għad-definizzjoni tal-kunċett ta' ċiberattiviżmu, huwa possibbli li niddefinixxuh b'mod approssimattiv bħala startegġija jew attività li tipprova tinfluwenza l-aġenda pubblika permezz ta' mezzi elettroniċi u bl-użu ta' teknoloġiji ġodda bħala mezz ta' komunikazzjoni, u permezz tat-trażmissjoni ta' informazzjoni fil-qasam tal-parteċipazzjoni ċivika.

3.2. Barra minn hekk, mill-perspettiva tal-mezzi ta' komunikazzjoni użati fiċ-ċiberattiviżmu, nistgħu nqisuh bħala t-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni li joperaw f'mezzi u netwerks soċjali li jippermettu komunikazzjoni elettronika rapida u effettiva bejn iċ-ċittadini b'rabta ma' impenn komuni sabiex, b'mod attiv, ikunu indirizzati l-ħtiġijiet, il-problemi u l-kwistjonijiet li huma ta' interess għal raġunijiet ideoloġiċi jew ta' valuri, abbażi tal-etika u s-solidarjetà.

3.3. L-użu normali u mhux distruttiv tal-Internet għal kawża jew għan, huwa differenti biċ-ċar minn attivitajiet oħrajn (Denning, 2001), bħall-hackattivizmu jew id-diżubbidjenza ċivili elettronika, mhux biss rigward il-mezzi użati iżda wkoll fl-għanijiet meta dawn ikunu ta' natura kriminali. Fil-każ ta' attiviżmu diġitali jew ċiberattiviżmu, li huwa t-terminu ġust, l-azzjonijiet għandu jkollhom fil-mira tagħhom il-ġid komuni, b'mod ġenerali jew, b'mod partikolari, ir-reżiljenza u l-isforzi bil-għan li jingħelbu d-diffikultajiet jew iċ-ċirkostanzi avversi li, b'mod rikorrenti jew għal għarrieda, jistgħu jġarrbu ċerti gruppi tal-popolazzjoni.

3.4. L-iżjed forum komuni taċ-ċiberattiviżmu huma t-tiftix għall-informazzjoni fuq l-Internet; il-kostruzzjoni ta' siti tal-Internet li jipprovdu informazzjoni u dokumentazzjoni; pubblikazzjonijiet elettroniċi; it-twaqqif ta' komunitajiet virtwali; l-ispam; il-hoġien ta' spazji u forums għad-dibattitu onlajn; l-ippjanar, it-tbassir u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet; it-twaqqif ta' rabtiet strateġiċi u ta' kooperazzjoni; il-promozzjoni ta' assoċjazzjonijiet; proposti favur l-appoġġ lil u/jew is-sħubija finizzjattivi kollettivi li diġà tnedew.

3.5. Barra minn hekk, jistgħu jiġu inklużi wkoll bħala ċiberattiviżmu azzjonijiet marbutin ma' appell politiku globali permezz tal-Internet jew miżuri "web squared", li huma azzjonijiet kollettivi li fihom individwi li huma ġeografikament imxerrdin fit-territorju (flivell globali jew lokali) jitleqqgħu flimkien bis-saħħa ta' komunikazzjonijiet permezz ta' apparati mobbli, bil-għan li jikkonverġu f'sit fiżiku speċifiku.

3.6. Bħala konklużjoni, l-attiviżmu onlajn jew iċ-ċiberattiviżmu huwa għodda effettiva u qawwija ħafna, li jippermetti t-trasferiment ta' informazzjoni u għarfien dwar kwistjonijiet ta' importanza li jistgħu ma jkunux magħrufa miċ-ċittadini u, b'hekk ma jkunux jistgħu jiġġeneraw rispons ta' mobilizzazzjoni soċjali f'waqtu. Madankollu, il-qawwa tiegħu għadha marbuta mal-leġittimità tiegħu bħala alternattiva għall-mezzi konvenzjonali użati biex jiġu difiżi kawżi partikolari.

4. Iċ-ċiberattiviżmu fil-kuntest tal-politiki tal-UE

4.1. Iċ-ċiberattiviżmu fil-livell tal-UE jiġi indirizzat, minn naħa, mill-perspettiva tal-politiki li jippromovu soċjetà diġitali u, min-naħa l-oħra, mill-perspettiva tal-politiki soċjali u ta' parteċipazzjoni u, barra minn hekk, l-enfasi fl-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' governanza tajba fl-amministrazzjonijiet pubbliċi.

4.2. Fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, huwa previst li kulħadd għandu d-dritt għal-libertà tal-espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà ta' opinjoni u l-libertà li dak li jkun jirċievi jew jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u indipendentement mill-fruntieri. Jeħtieġ li jiġu rrispettati l-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi ta' komunikazzjoni.

4.3. Barra minn hekk, fl-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija prevista l-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, liema dispożizzjoni tistipula li kull persuna għandha d-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u għal-libertà ta' assoċjazzjoni f'kull livell, b'mod partikolari fl-oqsma politiċi, sindikali, u ċiviċi.

4.4. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll l-Artikolu 8 tal-Karta, li jagħmel referenza għad-dritt ta' kull persuna għall-protezzjoni tad-data personali li tirrigwardaha u li tiġi pproċessata b'mod ġust, għal finijiet konkreti u abbażi tal-kunsens tal-persuna kkonċernata jew fuq bażi oħra leġittima stabbilita mil-liġi. Bl-istess mod, kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għad-data miġbura li għandha x'taqsam magħha u d-dritt li tirrettifikaha. Daqstant importanti huwa li jiġi kkunsidrat il-prinċipju tal-opportunitajiet indaq bħala dritt fundamentali fil-konfront tal-esklużjoni diġitali, speċjalment fir-rigward tal-gruppi vulnerabbli.

4.5. Barra minn hekk, l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa tindirizza, fost affarijiet oħra, l-aspetti li ġejjin li l-Istati Membri huma obbligati jħarsu:

- il-libertà tal-aċċess għal servizzi u kontenut diġitali. Dan huwa essenzjali għall-eżerċitar taċ-ċittadinanza f'ambjenti ta' demokrazija ġenwina u elettronika;
- il-parteeipazzjoni taċ-ċittadini. L-Ewropa tista' biss taħsad il-benefiċċji ta' din ir-rivoluzzjoni diġitali jekk kull ċittadin tal-UE jiġi mobilizzat u jingħata s-setgħa li jipparteċipa bis-sħiħ fis-soċjetà diġitali l-ġdida;
- l-iżgurar ta' aċċess universali u b'veloċità għolja, li huwa kundizzjoni neċessarja u suffiċjenti għal ċiberattiviżmu effettiv u b'saħħtu;

- trasparenza fil-ġestjoni ta' strutturi, għodod u riżorsi diġitali li timpedixxi l-parteċipazzjoni miftuħa, jew tipperikola l-għanijiet u l-proċessi ta' ċiberattiviżmu u l-iżvilupp tiegħu;
- il-promozzjoni ta' ħliet diġitali għal soċjetà diġitali inklużiva. Il-potenzjal tal-Ewropa jinsab fil-ħliet tal-popolazzjoni, fil-forza tax-xogħol u fl-organizzazzjonijiet tagħha. Mingħajr infrastruttura omnipreżenti, jista' jsir biss użu limitat tal-ICT u, mingħajr kwalifiki, dan l-użu jista' jwassal biss għal valur ekonomiku u soċjali limitat. Barra minn hekk, jeħtieġ li jitnaqqas id-distakk diġitali li jikkawża żbilanċi u inugwaljanzi;
- il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet diġitali. Mingħajr fiduċja suffiċjenti, iċ-ċittadini jżommu lura milli jipparteċipaw b'mod attiv, jinteraġixxu u jesprimu liberament l-opinjoni tagħhom;
- l-iżvilupp tal-hekk imsejħa ħames libertà: il-moviment liberu tal-kontenut u l-għarfien.

4.6. Iċ-ċittadinanza attiva tinkludi l-parteċipazzjoni ta' ċittadini, ta' gruppi ta' ċittadini u dik tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-imsieħba fid-djalogu strutturat, fit-tfassil tal-politiki (djalogu vertikali bejn is-soċjetà ċivili u l-amministrazzjonijiet pubbliċi) kif ukoll in-netwerking u l-kooperazzjoni bejniethom (djalogu orizzontali).

5. Il-volontarjat fil-qafas ta' ċiberattiviżmu

5.1. Huwa ċar li f'soċjetà diġitali bħal dik attwali, l-opportunitajiet għal bidla soċjali li jħaddnu l-Internet u n-netwerks soċjali huma immensi. Fid-dawl tal-fatt li ma għandhomx restrizzjonijiet ta' żmien u spazju, iċ-ċittadini jistgħu, b'mod sempliċi u aċċessibbli, jikkontribwixxu għal bidliet sinifikanti fl-ambjent rispettiv tagħhom, u wkoll barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom ta' kuljum jgħinu eluf ta' persuni b'mod diżinteressat.

5.2. Mhux talli ma nistgħux nakkuważhom bl-hekk imsejjaħ "slacktivism" jiġifieri attiviżmu nofs qalb, it-teknoloġiji l-ġodda tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jippermettu li jissodisfaw it-tħassib ta' ċittadini, jipparteċipaw fil-ġestjoni tal-affarijiet tagħhom u fid-difiża tad-drittijiet u l-interessi tagħhom, u jikkollaboraw b'mod attiv u impenjat ma' daww l-inizjattivi li jikkontribwixxu għall-espressjoni tal-ideat, il-prinċipji u l-valuri, li jrawmu sens ta' kisba personali u jevitaw l-aljenazzjoni soċjali, u nbidlu wkoll f'fattur għall-koeżjoni u l-integrazzjoni komunitarja.

5.3. Il-volontarjat virtwali jew il-volontarjat onlajn huwa volontarjat li jitwettaq permezz tat-teknoloġiji l-ġodda f'azzjonijiet li ma jeħtiġux preżenza fiżika, permezz ta' azzjonijiet li jappoġġjaw kampanji, it-tixrid u l-produzzjoni tal-informazzjoni, is-servizzi tal-assistenza u kwalunkwe komputu ieħor li jista' jsir onlajn b'mod altruistiku u impenjat għal għan jew kawża speċifika.

5.4. Meta dan il-volontarjat diġitali jkun limitat għall-appoġġ, it-tixrid u l-komunikazzjoni ta' kampanji, jaq' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' ċiberattiviżmu, li f'dal-każ jieħu l-forma ta' parteċipazzjoni f'azzjonijiet ta' protesta u rappurtar elettroniku (għbir ta' firem, kontribuzzjonijiet personali, azzjonijiet għat-tixrid esponenzjali tal-informazzjoni, eċċ.).

5.5. Bil-għan li l-azzjonijiet li għandhom jiġu żviluppatti jimxu 'l quddiem u jiżiedu, diversi pjattaformi u websajts jagħtu s-setgħa lil miljuni ta' persuni u jissensibilizzawhom u jhegguhhom jirreaġixxu għal kwistjonijiet urġenti u importanti, indipendentement minn fejn ikunu qed iseħħu u n-natura tagħhom (ekonomika, soċjali, ambjentali, politika, eċċ.).

5.6. Dan il-mudell ta' mobilizzazzjoni permezz tal-Internet jippermetti l-aggregazzjoni ta' eluf ta' xewqat u sforzi individwali li, minkejja l-anonimità jew in-nuqqas ta' rilevanza tiegħu, huwa sinifikanti sa tali punt li jista' jinbidel malajr f'forza qawwija kollettiva li kapaċi teżerċita influwenza fl-oqsma adatti tas-setgħa u t-teħid tad-deċiżjonijiet.

Fl-aħħar mill-aħħar, dan it-tip ta' volontarjat remot iżid il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet u jipprovdi lok biex il-parteċipazzjoni tiġi estiża għal numru akbar ta' persuni, u b'hekk tiżied is-setgħa ta' inklużjoni tagħhom.

6. Proposti għal azzjoni

- 6.1. Minkejja l-potenzjal u l-benefiċċji li ċ-ċiberattiviżmu ta prova tagħhom, l-istrateġiji użati fil-midja soċjali xi kultant ilaqqgħu flimkien il-persuni iżda ma jgħolqux komunitajiet virtwali stabbli u dan, sa ċertu punt, idgħajef is-sostenibbiltà tat-tibdil soċjali mfittex. F'dan il-kuntest, il-valutazzjoni oġġettiva assoċjati ma' kriterji kwalitattivi u prinċipji, kif ukoll ir-*rendiment soċjali tal-inizjattiva* għandhom jikkontribwixxu għat-tfassil ta' metodoloġija f'dan il-qasam.
- 6.2. Ikun utli li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp proattiv taċ-ċiberattiviżmu u l-volontarjat diġitali, fid-dawl tal-fatt li l-ambjent tan-netwerks soċjali u l-portali tal-Internet jipprovdu aċċessibilità akbar, immedjatezza u massa kritika għall-parteċipazzjoni soċjali u r-responsabbiltà ċivika, flimkien ma' ffrankar konsiderevoli ta' spejjeż fil-ġestjoni, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet. Barra minn hekk, iħeġġu l-kundizzjonijiet għall-inklużjoni: l-aċċessibilità, ir-responsabbiltà u l-affordabbiltà.
- 6.3. Għalhekk, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri, fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippromovu b'mod effettiv l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-attiviżmu u l-parteċipazzjoni onlajn, biex jippromovu u jsaħħu l-impenn soċjali u jħeġġu l-volontarjat.
- 6.4. Għandu jitħeġġeġ ukoll it-twaqif ta' standards u kriterji ta' valutazzjoni rilevanti li jikkreditaw u jilleġittimizzaw dawn il-mekkaniżmi, u jikkontribwixxu biex il-proċessi tas-sensibilizzazzjoni u l-mobilizzazzjoni jkunu trasparenti u jkollhom valur miżjud, kif ukoll biex ikun jista' jiġi ddeterminat ir-*rendiment soċjali ġenerat*.
- 6.5. Għandha tiġi żgurata wkoll il-protezzjoni effettiva u l-eżerċitar tad-drittijiet rikonoxxuti f'dan il-qasam miċ-ċittadini Ewropej, kif diġà ntqal, b'mod partikulari fir-rigward tal-iffaċilitar tal-aċċess u l-libertà tal-informazzjoni u l-iżgurar tal-fluss tal-iskambji u l-integrità tagħhom, il-kunfidenzjalità u l-kontinwità permezz tan-netwerks, mingħajr ma titnaqqas bl-ebda mod il-veloċità tat-trażmissjoni tal-komunikazzjonijiet tagħhom. Dawn il-garanziji għandhom ikunu applikati b'mod proporzjonat fil-każ tal-gruppi vulnerabbli.
- 6.6. Barra minn hekk, minħabba l-importanza li għandhom fil-kuntest taċ-ċiberattiviżmu, għandha tissemma s-sistema ġudizzjarja onlajn u l-valuri tal-fiducia u r-reputazzjoni, bil-għan li jissaħħu l-garanziji fl-ispazju ċibernetiku.
- 6.7. L-istituzzjonijiet ikkonċernati għandhom jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għall-infrastruttura u l-għodod teknoloġiċi li jippermettulhom li jiżviluppaw l-attività diġitali tagħhom b'mod permanenti u abitwali, u barra minn hekk għandhom jadattaw l-istrutturi soċjali għat-teknoloġiji l-ġodda u jippromovu l-azzjonijiet ta' taħriġ u ta' edukazzjoni meħtieġa biex jgħinu u jużaw dawn l-għodod u jnaqqsu d-distakk diġitali eżistenti fl-interess ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali akbar.
- 6.8. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jitfasslu u jiġu adottati programmi ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn iż-żieda fil-parteċipazzjoni soċjali taċ-ċittadini u l-volontarjat permezz tat-teknoloġiji l-ġodda, billi jiġu appoġġjati l-istituzzjonijiet u l-inizjattivi attivi f'dawn l-oqsma, permezz tal-kooperazzjoni, f'kuntest ta' governanza istituzzjonali tajba.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-reviżjoni tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Messiku”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/19)

Relatur: is-Sur José Isaías RODRÍGUEZ GARCÍA-CARO

Korelatur: is-Sur Juan MORENO PRECIADO

Fis-sessjoni plenarja tal-10 ta’ Lulju 2014, il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, li jħejji Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

“Ir-reviżjoni tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Messiku.”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-hidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar is-16 ta’ Lulju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta’ Settembru 2015 (seduta tas-17 ta’ Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b’92 vot favur, l-ebda vot kontra u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) huwa tal-fehma li l-proċess tat-tiġdid tar-relazzjonijiet mal-Messiku għandu jiġi kkunsidrat mill-perspettiva tar-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Amerika Latina u l-Karibew u li, flimkien ma’ aspetti oħra purament ekonomiċi u kummerċjali, għandu jingħata valur lil rabtiet oħra kondiviżi fil-livell ta’ identità storika u kulturali. Dawn jistgħu jilqgħu kontra l-influwenza dejjem tikber tad-dimensjoni pan-Amrikana u tal-Paċifiku f’dan il-kontinent. Fil-kuntest tal-globalizzazzjoni, il-Messiku u l-UE għandhom rabtiet kulturali, lingwi komuni u, b’mod fundamentali, valuri li joħlqu konnessjonijiet speċjali bejn is-soċjetajiet tagħhom, li jeħtieġ li jiġu żviluppati u approfonditi u ċertament għandhom iwassla għal approċċi li jikkoinċidu fil-forums internazzjonali.

1.2. Il-KESE huwa tal-fehma li, pjuttost jsiru negozjati għal Ftehim kompletament ġdid, ikun aktar effiċjenti li, abbażi tal-ftehim attwali, kif ukoll tal-esperjenza miksuba fil-ħmistax-il sena li ilu fis-seħħ, titlesta r-reviżjoni approfondita tiegħu u li l-kontenut tiegħu jkollu ambitu usa’.

1.3. Il-KESE jemmen li jeħtieġ li jitwaqqaf mill-iżjed fis Kumitat Konsultattiv Konġunt magħmul minn 9 rappreżentanti jew 12-il rappreżentant tal-KESE u numru ugwali min-naħa tas-soċjetà ċivili organizzata Messikana. Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt għandu jkun rikonoxxut mill-korpi tat-tmexxija, li quddiemhom għandhom jitressqu l-proposti tas-soċjetà ċivili. Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt għandu jkollu setgħat konsultattivi dwar il-kontenut ġenerali tal-Ftehim mingħajr preġudizzju għall-istabbiliment ta’ mekkaniżmi oħra ta’ parteċipazzjoni għas-suġġetti speċifiċi tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Jitlob ukoll li l-Ftehim futur jinkludi wkoll Kumitat ta’ dan it-tip.

1.4. Il-Ftehim il-ġdid għandu jinkludi taqsima li tesiġi li l-partijiet jirratifikaw u jinfurzaw il-konvenzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) fir-rigward tal-prinċipji u d-drittijiet soċjali fundamentali li jħaddnu l-għanijiet tal-ILO dwar ix-“xogħol deċenti” u, b’mod partikolari, il-Konvenzjoni Nru 98 tal-ILO dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tad-Dritt ta’ Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv.

1.5. Barra minn hekk, fil-qasam tal-kummerċ u l-investment, għandhom jittejbu ċerti aspetti tal-Ftehim attwali dwar kwistjonijiet relatati mal-ostakli nontariffarji, il-**ftehimiet** dwar il-promozzjoni u l-**protezzjoni** reċiproka tal-**investment**, il-proprjetà intellettwali u kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-tassazzjoni bil-għan li jintemmu l-frodi fiskali u l-evazzjoni tat-taxxa.

1.6. Għal darb'oħra, għandhom jiġu kkunsidrati mill-ġdid il-prijoritajiet fil-qasam tal-kooperazzjoni, filwaqt li tingħata preċedenza lill-elementi inklużi fis-sħubija strateġika, sabiex dawn ikunu interkonnessi ma' xulxin u jiġġeneraw sinerġija pożittiva, li s'issa ma kenix biżżejjed minħabba n-nuqqas ta' rabta adegwata bejn il-proġetti individwali.

1.7. B'mod iżjed konkret, il-KESE jixtieq jenfasizza tliet oqsma li, fil-fehma tiegħu, huma prijorità biex tissaħħa il-kooperazzjoni: it-titjib tal-governanza, ir-riċerka xjentifika u teknika u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli, it-tibdil fil-klima u l-ħarsien tal-ambjent.

2. Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Messiku fil-kuntest globali tar-relazzjonijiet mal-Amerika Latina

2.1. Ir-rabta bejn l-Ewropa u l-Amerika Latina u l-Karibew ilha turi sinjali ta' għeja għal aktar minn għaxar snin. L-isfida tal-mexxejja attwali fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku tikkonsisti f'li jibnu mill-ġdid din ir-rabta u jagħtuha nifs ġdid.

2.2. Huwa evidenti li l-Amerika Latina hija influwenzata mill-evoluzzjoni tal-kontinent Amerikan kollu, kif ukoll mill-interdipendenza ekonomika dejjem tikber mal-pajjiżi tal-Paċifiku u, b'mod partikolari, maċ-Ċina. Madankollu, ir-relazzjoni bejn l-Ewropa u l-Amerika Latina hija mirfuda mir-rabtiet kulturali, il-lingwi komuni, il-valuri li jiġġeneraw konnessjonijiet profondi bejn is-soċjetajiet tagħhom u li jagħmlu mod li ż-żewġ reġjuni jkollhom il-privileġġ li jaqsmu għeruq kulturali storiċi komuni, fil-kuntest kumpless tal-globalizzazzjoni, li jmorru lil hinn minn sempliċi għanijiet u valuri kummerċjali. Fid-dawl ta' dan, ir-relazzjonijiet ekonomiċi għandhom jitqiesu bħala komponent wieħed ta' entità multidimensjonali, iżda mhux bħala n-nukleu ċentrali jew l-aspett fundamentali tar-relazzjonijiet fl-intier tagħhom, għall-kuntrarju ta' dak li jista' jiġri f'reġjuni oħra tad-dinja.

2.3. Huwa evidenti li, fl-istess ħin, ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Messiku, minkejja li l-Messiku huwa sieħeb strateġiku, għamlu progress b'pass iktar bil-mod milli fi nħawi oħra tad-dinja u li hemm ċerta għeja li tagħmilha obbligatorja, aktar minn qatt qabel, li jinstabu elementi ġodda għad-dibattitu u r-riflessjoni sabiex jingħata nifs ġdid lil dawn ir-relazzjonijiet.

3. Kuntest

3.1. Il-Messiku huwa importanti għall-Unjoni Ewropea għal dawn ir-raġunijiet, fost oħrajn: l-ewwel nett, il-popolazzjoni għolja tiegħu ta' 120 miljun abitant, is-sehem tiegħu ta' 2 % tal-PDG globali PDG per capita ta' madwar EUR 9 000, li jagħmluh insieħeb kummerċjali importanti ħafna fil-livell dinji. It-tieni nett, is-sħubija tiegħu fit-Trattat NAFTA, u xi jsarraf dan minn perspettiva ekonomika u diplomatika fir-rigward tal-ftehimiet transatlantiċi globali mal-Amerika ta' Fuq u l-proċess ta' Heiligendamm u, it-tielet nett, il-fatt li għandhom rabtiet kulturali estensivi, li jfisser li l-UE tista' tikkontribwixxi għall-isforzi tal-Gvern tal-Messiku biex isahha l-istrutturi soċjali tiegħu u biex tiġi żviluppata soċjetà aktar ġusta u jkun hemm koeżistenza paċifika.

3.2. Fl-1997, l-Unjoni Ewropea u l-Messiku ffirmaw Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni li daħal fis-seħħ fl-2000. Dan il-Ftehim jissejjes fuq tliet pilastri prinċipali: id-djalogu politiku, il-kummerċ u l-kooperazzjoni.

3.3. F'Ottubru tal-2008, il-Kunsill Ewropew approva l-istabbiliment ta' Sħubija Strateġika bejn il-Messiku u l-UE u, bħala segwitu, f'Mejju tas-sena 2010 approva l-Pjan Eżekuttiv Konġunt ta' din is-Sħubija, li jħaddan 14-il azzjoni konkreta u inizjattivi multilaterali, 4 dwar kwistjonijiet reġjonali u l-14 l-oħra dwar relazzjonijiet bilaterali. Sabiex is-sħubija tiġi implimentata, ġiet stabbilita firxa wiesgħa ta' mekkaniżmi għal djalogu istituzzjonalizzat bejn il-Messiku u l-UE, pereżempju s-summit biennali (li jinkludi forum ta' djalogu mas-soċjetà ċivili, Kumitat Konġunt Annwali, il-Kumitat Parlamentari Konġunt u sa mhux iżjed minn 9 djalogi settorjali dwar kwistjonijiet li jvarjaw mid-drittijiet tal-bniedem u t-tibdil fil-klima sal-aspetti kulturali.

3.4. Il-kooperazzjoni bejn il-Messiku u l-Unjoni Ewropea tissejjes fuq erba' prinċipji komplementari: il-kooperazzjoni bilaterali, li l-ippjanar tagħha għall-perjodu 2007-2013 stabbilixxa bħala prijoritajiet il-koeżjoni soċjali, l-ekonomija sostenibbli u l-kompetittività, u l-edukazzjoni u l-kultura. It-tieni wieħed jinvolti l-kooperazzjonif'oqsma settorjali bħad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, l-atturi mhux statali, l-ambjent u s-sikurezza nukleari, is-saħħa, il-migrazzjoni u l-asil. It-tielet wieħed jinvolti l-parteċipazzjoni attiva tal-Messiku fil-programmi reġjonali għall-Amerika Latina u l-Karibew kollha kemm huma. Ir-raba' u l-aħħar prinċipju jinvolti l-parteċipazzjoni diretta tal-Messiku fi programmi oħrajn tal-UE, bħas-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni.

3.5. F'diversi okkażjonijiet f'dawn l-aħħar snin, kemm min-naħa tal-Messiku kif ukoll tal-UE, inħasset il-ħtieġa li jiġu intensifikati u estiżi r-relazzjonijiet reċiproċi u, b'mod iżjed konkret, f'dak li jirrigwarda l-kummerċ, ġie enfasizzat l-approfondir tal-ftehim ta' kummerċ ħieles li daħal fis-seħħ fl-1997 u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni kemm fil-livell multilaterali kif ukoll fl-ambitu tar-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi kollha tal-Amerika Latina u l-Karibew.

4. Analiżi tas-sitwazzjoni attwali

4.1. Fil-bidu tal-mandat tal-President Peña Nieto (Diċembru 2012), il-partijiet prinċipali ffirmaw "Patt għall-Messiku" u wara, il-gvern nieda sensiela ta' riformi bil-għan li jimmodernizzaw l-ekonomija u l-Istat biex tingħata spinta lid-dinamiżmu tal-ekonomija Messikana. Madankollu, il-vitalità ekonomika fil-Messiku hija mhedda jekk ma tintrebaħx il-battalja li għaddejja bħalissa kontra l-vjolenza u favur ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem. Il-ġlieda kontra n-netwerks kriminali għat-tnaqqis tal-vjolenza aggravata fil-pajjiż fis-snin preċedenti għadha ma kisbitx ir-riżultati mixtieqa, u għad hemm qtil indiskriminat, każijiet ta' għajbien, sekweastri, eċċ. Jeħtieġ jiġi enfasizzat li, f'dan ir-rigward, ġiet introdotta sensiela ta' miżuri fil-livell federali (Programm Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem; koordinazzjoni bejn l-gvernijiet lokali, statali u federali; ristrutturar tal-pulizija statali u l-uffiċji tal-prosekutur pubbliku) bil-għan li jintemm in-nuqqas ta' koordinazzjoni fost is-servizzi differenti tal-pulizija u jiġu evitati l-każijiet tal-kompliċità jew l-implikazzjoni tal-pulizija fir-reati.

4.2. Minn perspettiva purament kummerċjali, il-ftehim tal-1997 jista', b'ċerta moderazzjoni, jitqies bħala pożittiv għaż-żewġ partijiet. Il-kummerċ reċiproku żdied b'fattur ta' tlieta matul il-perjodu 2003-2013 u l-Messiku żied is-sehem tiegħu tal-esportazzjonijiet tal-UE minn 1 % għal 1,7 %, filwaqt li l-Unjoni Ewropea żammet bilanċ kummerċjali favorevoli kważi b'mod kostanti matul dawn is-snin kollha ta' bejn EUR 7 u 10 biljun. Dan ipoġġi lill-Messiku fis-17-il post f'dak li jirrigwarda l-importanza tiegħu bħala msieħeb kummerċjali għall-UE, liema pajjiż jirrappreżenta 1 % tal-importazzjonijiet totali tal-Unjoni Ewropea u, kif issemma diġà, 1,7 % tal-esportazzjonijiet totali tal-UE li, madankollu, huma taħt il-piż tat-2 % tal-Messiku fil-PDG dinji filwaqt li, fl-istess ħin, l-Unjoni Ewropea hija t-tielet imsieħba kummerċjali tal-Messiku wara l-Istati Uniti u ċ-Ċina.

4.3. Barra minn hekk, kien hemm investimenti diretti sostanzjali, kemm mill-Unjoni Ewropea fil-Messiku (EUR 11 138 biljun matul il-perjodu 2008-2012 biss), u l-Messiku fl-Unjoni Ewropea (b'mod partikolari f'setturi bħal dak tas-siment, it-telekomunikazzjoni u l-ikel). B'mod ġenerali, il-Messiku ffirmat trattati bilaterali għall-protezzjoni tal-investment mal-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea u jeżisti wkoll ftehim bilaterali bejn il-Messiku u l-Bank Ewropew għall-investment sabiex jiġu ffinanzjati attivitajiet f'dan il-pajjiż, li għamel possibbli l-għoti ta' faċilitajiet ta' kreditu li jammontaw għal EUR 495 miljun mill-2000 'l hawn. Madankollu, ma kienx hemm progress biżżejjed fil-ġlieda kontra l-frodi fiskali.

4.4. Dawn iċ-ċifri tal-investment huma influwenzati ħafna mill-politika tradizzjonali tal-Messiku li tillimita l-aċċess tal-investituri barranin f'setturi strateġiċi bħall-enerġija jew is-servizzi postali (stipulat fil-Kostituzzjoni tal-Messiku) jew is-servizzi tat-telekomunikazzjoni u tat-trasport tal-passiġġieri fuq l-art. Ħafna minn dawn ir-regoli qed jiġu eliminati gradwalment mill-Pjan ta' Żvilupp tal-Messiku għall-perjodu 2013-2018, li qed iġibu magħhom progress sinifikanti. Il-Kumitat jittama li dal-progress ikompli fil-ġejjieni u li jqis il-fehma tal-partijiet kollha tas-soċjetà Messikana.

4.5. Fil-qasam tal-appoġġ għas-soċjetà ċivili Messikana u t-tisħiħ tagħha, ġiet żviluppat firxa wiesgħa ta' proġetti konġunti li jikkonċernaw il-ħolqien ta' laboratorju għall-koeżjoni soċjali, bosta proġetti ffinanzjati mill-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza u l-protezzjoni tal-minorenni u 15-il proġett relatati mal-hekk imsejja "atturi mhux statali". Fl-aħħar nett, ġew żviluppatti inizjattivi marbuta mas-saħħa tal-popolazzjoni u l-migrazzjoni u l-asil.

4.6. Fit-tisħiħ tal-kompetittività u tal-ħarsien ambjentali ġew żviluppatti inizjattivi fil-qafas tal-proġett dwar il-Programm dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni (PROCEI), maħsub biex jiffavorixxi l-SMEs fil-Messiku kif ukoll għadd ta' inizjattivi settorjali fil-qasam tal-agrikoltura, it-tibdil fil-klima u s-sikurezza nukleari. Bl-istess mod, ir-riċerkaturi Messikani u ċentri tar-riċerka u l-universitajiet f'dan il-pajjiż għandhom aċċess għall-programm Orizzont 2020 tal-Unjoni Ewropea.

4.7. Ġew żviluppatti proġetti interessanti fis-settur kulturali, fil-qafas tal-“Fond Kulturali bejn l-UE u l-Messiku”, fl-istadji I u II tiegħu, li fih ipparteċipa CONACULTA bħala l-imsieħeb prinċipali Messikan.

4.8. Aspett wieħed li wassal għal xi differenzi ta' interpretazzjoni kull tant żmien kien l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-koerenza u tal-kundizzjonalità, li l-Unjoni Ewropea tippromovi fil-ftehimiet esterni tagħha ma' pajjiżi u reġjuni oħra. B'mod konkret, l-aspetti tal-kundizzjonalità ġew interpretati minn ċerti interlokutori Messikani bħala “ndħil fl-affarijiet interni tiegħu”, b'mod partikolari rigward it-tisħiħ tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem u t-trattament tal-komunitajiet indiġeni. Il-KESE huwa tal-fehma li dawn l-aspetti ma jistgħux ma jgħux indirizzati fir-reviżjoni futura tal-Ftehim.

4.9. Il-Pjan Eżekuttiv Konġunt tal-2010 implimentat mis-Sħubija Strateġika Messiku-UE jistabbilixxi li l-Messiku u l-UE jimpenjaw ruħhom li jsaħħu l-oqsma tad-djalogo politiku fir-reġjun, billi jinkoraġġixxu d-djalogo bireġjonali, speċjalment mal-Grupp ta' Rio, fis-Summits tal-Amerika Latina u l-Karibew-Unjoni Ewropea (EU-LAC) u jippromovu l-kooperazzjoni trijangulari permezz tal-Proġett Mesoamerikan tal-Integrazzjoni u l-Iżvilupp. Il-Messiku u l-UE ser jeżaminaw ukoll l-opportunitajiet għal kooperazzjoni trijangulari ma' reġjuni oħra tad-dinja, bħall-Afrika.

4.10. Bħala pajjiż b'livell għoli biżżejjed ta' PGD, hemm prospetti reali li l-Messiku jista' ma jibqax jirċievi l-għajjnuna għall-kooperazzjoni bilaterali li l-Kummissjoni Ewropea tagħti lill-pajjiżi inqas żviluppatti.

4.11. L-analiżi tal-minuti tad-diversi laqgħat istituzzjonali, kemm fil-livell tal-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew, kif ukoll fil-livell tal-KESE stess mal-kontropartijiet Messikani tiegħu, ma tagħtix riżultati konkreti b'mod li nistgħu nikkonkludu li din is-Sħubija Strateġika qed tagħti riżultati tanġibbli li jirriflettu l-importanza politika tagħha. Il-lingwa diplomatika użata f'dawn il-minuti tissuġġerixxi li la ma jgħu indirizzati fil-fond id-differenzi żgħar potenzjali eżistenti u lanqas ma jingħataw linji gwida preċiżi biex tiġi żviluppata iżjed fil-fond is-Sħubija Strateġika.

4.12. Inevitabbilment, in-negożjati tas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea ser jinfluwenzaw ir-relazzjonijiet tal-Amerika ta' Fuq, kemm mal-UE kif ukoll fir-reġjun kollu kemm hu.

4.13. Kif diġà ġie enfasizzat fl-2012 mill-Kummissarju għall-Kummerċ, Karel De Gucht⁽¹⁾, minkejja l-fatt li l-Messiku u l-UE kienu pijunieri fl-1997 meta stabbilixxew ftehim ta' kummerċ ħieles, il-ftehimiet suċċessivi ma' bosta pajjiżi oħra fl-Amerika u l-bqija tad-dinja tejbju u saħħu l-iskemi previsti f'dak il-ftehim, u b'hekk hemm ir-riskju li ma għadux validu u ma jikkontribwixxix biex il-Messiku jibqa' msieħeb prijoritarju, politiku, kummerċjali u strateġiku tal-UE. Minn mindu saret din l-istqarrija, f'it li xejn sar progress reali biex jittejbju l-ftehimiet fis-seħħ, ankie mil-lat purament kummerċjali u ekonomiku.

5. Il-parteeipazzjoni tas-soċjetà ċivili

5.1. Il-KESE huwa tal-fehma li jeħtieġ li l-awtoritajiet taż-żewġ partijiet jaqblu, fil-qafas tan-negożjati għall-modernizzazzjoni ta' dan il-Ftehim li, fi h'dan il-Ftehim innifsu, jitwaqqaf Kumitat Konsultattiv Konġunt, magħmul minn rappreżentazzjoni ugwali tal-KESE u s-soċjetà ċivili tal-Messiku, bil-għan li jgħin biex tingħata spinta lil dan il-proċess.

5.2. L-aspettattivi tal-klawżola “demokratika” qanqlu l-interess ta' bosta organizzazzjonijiet Ewropej u Messikani li jipparteċipaw fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim Globali. Il-Kumitat Konġunt magħmul mill-Gvern Messikan u l-Kummissjoni Ewropea ddeċieda li jsejjaħ forum għal djalogo bejn l-awtoritajiet u s-soċjetà ċivili tal-Messiku u tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu trattati dawn it-talbiet.

⁽¹⁾ Karel de Gucht, Kummissarju għall-Kummerċ, “Open for business: The European Union's relations with Mexico in a changing world”, diskors lill-EU Chambers/ProMEXICO, il-Belt tal-Messiku, 12 ta' Diċembru 2012.

5.3. L-ewwel forum seħħ fi Brussell f'Novembru 2002 bil-parteċipazzjoni ta' aktar minn 200 organizzazzjoni mill-qasam tan-negozju, mit-trejdjunjins, l-NGOs u assoċjazzjonijiet varji oħra. Il-KESE kien rappreżentat ukoll. Minn dak iż-żmien 'l hawn, ġew organizzati ħames forums, li alternaw bejn il-Messiku u l-Ewropa. F'kull wieħed minnhom saru talbiet lill-korpi tal-ftehim globali, li ħadu nota tagħhom mingħajr – ħlief għal xi eċċezzjonijiet – ma aċċettawhom.

Fost it-talbiet li saru kemm-il darba minn dawn il-forums għandha tiġi enfasizzata l-ħtieġa għall-istituzzjonalizzazzjoni ta' dan id-djalogu bejn l-awtoritajiet u s-soċjetà ċivili taż-żewġ partijiet. Fost l-oħrajn, ġie propost li l-Forum isir b'mod regolari darbtejn fis-sena, u li jitwaqqfu osservatorju soċjali u Kumitat Konsultattiv Konġunt.

5.4. Il-Forum sar b'ċerta regolarità iżda mhux daqskemm kien intalab. Pereżempju, is-6 Forum, li kellu jsir fil-Messiku f'Settembru 2014, għadu ma sehxx.

5.5. L-Osservatorju Soċjali, li l-ħolqien tiegħu kien fil-prinċipju aċċettat mill-awtoritajiet, għadu ma tnediex u l-għanijiet u l-kompożizzjoni tiegħu mhumiex definiti. Diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Messikana jikkunsidrawh bħala riżorsa purament Messikana għad-dispożizzjoni taċ-ċittadini biex ikunu jistgħu jivvalutaw il-ftehim globali, jiġifieri mingħajr parteċipazzjoni Ewropea.

5.6. Fil-Messiku m'hemm l-ebda Kunsill Ekonomiku u Soċjali (KES) fil-livell nazzjonali, li jista' jkun il-kontroparti naturali tal-KESE fl-UE (għalkemm ċerti stati federali għandhom il-KES tagħhom). Fuq talba ta' diversi setturi soċjali, xi snin ilu tfassal abbozz ta' leġislazzjoni għall-istabbiliment tal-KES, iżda ma wassal imkien. Diversi organizzazzjonijiet u entitajiet u ċerti KES tal-istati federali għal darb'oħra talbu li, matul ir-riformi politiċi attwali, jerġa' jiġi inkluż dan il-proġett.

5.7. Il-KESE kien diġà ressaq f'opinjonijiet preċedenti u fil-kuntatti tiegħu mal-awtoritajiet proposti simili sabiex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-ftehim. L-Opinjoni tal-KESE tal-2006 dwar **"Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Messiku"** ⁽²⁾ talbet l-istituzzjonalizzazzjoni tad-djalogu mas-soċjetà ċivili organizzata u enfasizzata l-Artikolu 49 tal-ftehim, li jipprevedi l-possibbiltà li jinholq kwalunkwe kumitat jew korp ieħor fir-rigward tal-ħolqien ta' Kumitat Konsultattiv Konġunt.

5.8. Fir-rigward tal-possibbiltà li jitwaqqaf Kunsill Ekonomiku u Soċjali Messikan, il-KESE stqarr li l-ħolqien ta' korp simili fil-Messiku ser ikun pozzittiv għall-monitoraġġ konġunt tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Messiku, iżda li ser jirrispetta dak li jiddeċiedu s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet Messikani f'dan ir-rigward.

6. Perspettivi u linji gwida potenzjali għall-futur

6.1. Id-"Dikjarazzjoni ta' Brussell" tas-Summit bejn l-UE u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (CELAC) li sar fl-10 u l-11 ta' Ġunju 2015 ġibdet l-attenzjoni għall-progress sinifikanti li sar rigward il-modernizzazzjoni tal-ftehim bejn l-UE u l-Messiku u, f'dan ir-rigward, għall-bżonn li n-negozjati jittnedew malajr kemm jista' jkun. Il-KESE jittama li jiġi ffirmat ftehim ġdid abbażi ta' revizzjoni u estensjoni tal-ftehim eżistenti, biili jiġu analizzati l-punti pozzittivi u d-dgħufijiet tat-triq li segwew sa issal-UE u l-Messiku, abbażi tal-esperjenza miksuba b'rabta mal-ftehimiet ta' sħubija ffirmati f'dawn l-aħħar snin bejn l-UE u diversi pajjiżi fid-dinja. Dan għandu jservi wkoll bħala element li jħeġġeġ ir-relazzjonijiet usa' bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina u l-Karibew.

6.2. Il-KESE huwa konxju li l-Gvern tal-Messiku u l-istituzzjonijiet tal-UE jħaddnu viżjoni differenti tar-rwol li s-soċjetà ċivili għandha taqdi f'dan il-proċess. Madankollu, il-fatt li l-fehmiet tas-soċjetà ċivili mhux qed jiġu indirizzati b'mod organizzat jista' jwassal għall-ħolqien ta' forom alternattivi ta' natura populistika.

6.3. Il-ftehim rivedut għandu jinkludi taqsima li tesiġi li l-partijiet jirratifikaw u jinfurzaw il-konvenzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) fir-rigward tad-drittijiet soċjali fundamentali li jħaddnu l-għanijiet tal-ILO dwar ix-"xogħol deċenti".

⁽²⁾ ĠU C 88, 11.4.2006, p. 85, (mhux disponibbli bil-Malti).

6.4. Il-Messiku għadu ma rratifikax il-Konvenzjoni Nru 98 ⁽³⁾ tal-ILO dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tad-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv. Ir-ratifika ta' din il-Konvenzjoni importanti, u l-adattament meħtieġ tal-leġislazzjoni f'dan il-qasam, ser timpedixxi l-prattika mifruxa tal-hekk imsejħa "kuntratti ta' protezzjoni" li jheddu d-djalogu bejn il-ħaddiema u min iħaddem u ser ikun hemm l-obbligu li l-kumpaniji kollha, barranin u Messikani, jirrispettaw l-istandards internazzjonali tax-xogħol.

6.5. Minbarra dawn l-aspetti relatati ma' kwistjonijiet tax-xogħol, fil-qasam tal-kummerċ u l-investment għandhom jitqiesu l-aspetti relatati mal-ostakli mhux tariffarji, is-sistema għall-protezzjoni tal-investment u l-aspetti tal-protezzjoni intellettuali, flimkien ma' kooperazzjoni akbar fil-qasam tat-tassazzjoni għall-ġlieda kontra l-frodi u l-evazzjoni tat-taxxa.

6.5.1. Ikun utli ftehim ġenerali dwar l-investment mal-UE li jissostitwixxi u jikkonsolida l-ftehimiet bilaterali ffirmati qabel mill-Messiku ma' bosta pajjiżi tal-UE, f'kuntast ta' kompatibilità mad-dispożizzjonijiet eżistenti fl-Istati Membri tal-UE.

6.5.2. Il-Messiku għamel sforz leġislattiv kbir biex itejjeb il-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali, iżda l-implimentazzjoni tagħha ma kenix effettiva. Għandhom jiġu stabbiliti modi li jsaħħu l-implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni, l-aktar dwar il-kwistjoni tal-protezzjoni tal-marki kummerċjali kontra l-falsifikazzjoni.

6.5.3. Dwar l-ostakli mhux tariffarji, il-Messiku ma jippermettix li proprjetarji barranin jirreġistraw l-indikazzjonijiet ġeografiċi tagħhom rikonossuti fil-livell Komunitarju, li huwa permess, pereżempju, fil-ftehim tal-UE mal-Kolombja u l-Perù. Dan jikkostitwixxi diffikultà kbira biex jiżdied il-kummerċ ta' bosta prodotti tal-UE.

6.6. Il-Messiku għibed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jinstabu modi biex jitħeġġeġ aċċess aħjar tal-prodotti agricoli ta' dan il-pajjiż għas-swieq tal-UE, li għandu tgħin biex jitnaqqas id-distakk kummerċjali li jeżisti attwalment.

6.7. Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili organizzata tal-Messiku u tal-Unjoni Ewropea għandha tkun partikolarment importanti biex tiżgura l-iżvilupp sodisfaċenti tal-aspetti ta' kooperazzjoni inklużi fil-ftehimiet ta' bejniethom. Għal darb'oħra, għandhom jiġu kkunsidrati mill-ġdid il-prijoritajiet f'dan il-qasam, kif ukoll il-fondi disponibbli, sabiex jiġi żgurat li dawn il-prijoritajiet ikunu interkonnessi ma' xulxin u jiġġeneraw sinerġija pożittiva, li s'issa ma kenix biżżejjed minħabba n-nuqqas ta' konnessjoni adegwata bejn il-proġetti individwali.

6.8. B'mod konkret, il-KESE jixtieq jenfasizza tliet oqsma li, fil-fehma tiegħu, huma prijorità għal din il-parteċipazzjoni: it-titjib tal-governanza, ir-riċerka xjentifika u teknika, u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent.

6.8.1. Il-kwistjoni tal-governanza hija bla dubju aspett ċentrali tal-politika ta' kooperazzjoni. Il-Messiku għandu gradwalment jinkorpora l-bosta "prattiki tajbin" eżistenti f'dan il-qasam, u għandu jadattahom għaċ-ċirkustanzi tal-pajjiż biex jiġu sistematizzati l-azzjonijiet tas-soċjetà ċivili. B'hekk, tiġi kkonsolidata u organizzata b'mod effiċjenti, b'mod li tikkontribwixxi biex jiġu infurzati aħjar id-drittijiet tal-bniedem f'dan il-pajjiż.

6.8.2. Fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika għandu jitħeġġeġ is-sehem tal-universitajiet u r-riċerkaturi tal-Messiku fil-programmi R&Ż tal-Unjoni Ewropea, bħall-Orizzont 2020, li billi jiffukaw fuq is-setturi prijoritarji fis-Sħubija Strateġika, pereżempju l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, sabiex jinsabu pożizzjonijiet komuni dwarhom. F'dan ir-rigward jista' jiġi introdott mill-ġdid il-Fond ta' Kooperazzjoni Internazzjonali fix-Xjenza u t-Teknoloġija UE-Messiku (FONCICYT), li kien fis-seħħ sal-2011.

⁽³⁾ F'April 2015, il-Messiku rratifika l-Konvenzjoni Nru 138 tal-ILO dwar l-Età Minima għad-Dħul fl-Impjeg.

6.8.3. Fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u dak ambjentali, minbarra proġetti speċifiċi relatati mal-adattament għat-tibdil fil-klima, jistgħu jiġu stabbiliti proġetti speċifiċi oħrajn f'oqsma bħat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jniġġsu l-arja, il-minimizzazzjoni tal-ilma tar-rimi u t-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art u l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tal-iskart ta' kull tip.

6.8.4. Il-KESE jemmen li jeżistu, kemm fil-livell tal-Gvern tal-Messiku kif ukoll tal-UE, tal-korpi parlamentari u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, elementi suffiċjenti biex jiġu implimentati ħafna minn dawn l-inizjattivi mingħajr ma jkun hemm għalfejn nistennew li jiġi ffirmat ftehim ġdid. Il-konklużjonijiet tas-summits bejn l-Unjoni Ewropea, l-Amerika Latina u l-Karibew, u bejn l-Unjoni Ewropea u l-Messiku, f'Ġunju tas-sena 2015, kif ukoll id-19-il Laqgħa tal-Kumitat Parlamentari Konġunt tal-Unjoni Ewropea u l-Messiku (7-9 ta' Lulju 2015), jipprovdu opportunità biex jiġu żviluppati inizjattivi bħal dawn fil-livell reġjonali, li fihom il-Messiku jrid ikun wieħed mill-iżjed pilastri essenzjali.

Brussell, is-17 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-agrikoltura, iż-żoni rurali u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/20)

Relatur: is-Sinjura Dilyana SLAVOVA

Fil-504 sessjoni plenarja tal-21 u t-22 ta' Jannar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

“L-agrikoltura, iż-żoni rurali u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-hidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar is-16 ta' Lulju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-16 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'217-il vot favur u 6 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. L-UE għandha tibni sħubiji b'saħħithom mal-ġirien tagħha. Jeħtieġ li nintensifikaw il-kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi fil-viċinat tagħna biex inkomplu nsaħħu r-rabtiet ekonomiċi u politiċi tagħna ⁽¹⁾. X'jiġri fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u tal-Kawkasu tan-Nofsinhar għandu konsegwenzi fuq l-UE. Hekk kif l-UE kompliet tikber, kompliet toqrob lejn dawn il-pajjiżi, u s-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità tagħhom jolqtu dejjem iktar ukoll lil dawk tal-UE. Kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE u s-sħab Ewropej tal-Lvant tagħha – l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarusija, il-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna (u l-kooperazzjoni bejniethom) – hija ta' importanza primarja fir-relazzjonijiet esterni tal-UE.

1.2. L-UE ħadet impenn favur it-tkabbir u l-istabbiltà fis-Sħubija tal-Lvant tagħha u għarfet l-importanza tal-agrikoltura kif ukoll tas-setturi upstream u downstream biex ikompli jkun hemm żvilupp soċjoekonomiku fiż-żoni rurali.

1.3. L-iżvilupp ekonomiku jibqa' prijorità ewlenija għas-sitt pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (SL) u dan permezz ta' flussi ta' kapital, prodotti, persuni u kapaċitajiet. Dan jista' jinkiseb biss f'ambjent sigur, li huwa prerekwiżit għall-iżvilupp sostenibbli u biex tingħeleb il-korruzzjoni prevalenti.

1.4. Il-KESE jħeġġeġ il-proċess ta' diversifikazzjoni taż-żoni rurali fil-pajjiżi tas-SL, li jista' jkun sors ta' dħul addizzjonali permezz ta' attivitajiet alternattivi u opportunitajiet għal aktar impjegji.

1.5. Il-KESE jappoġġja l-KE u l-isforzi tagħha biex toħloq djalogu stabbli dwar l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali mal-pajjiżi sħab kollha u lest li jassisti fl-implimentazzjoni tal-politiki u r-riformi relatati għal dawk kollha impenjati li, fil-kooperazzjoni tagħhom mal-UE, jaġhmlu l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali settur ewlieni. Il-biċċa l-kbira tal-investimenti tal-UE għandhom ikunu ffukati fuq il-pajjiżi li għalihom l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali huma prijorità.

⁽¹⁾ Id-dokument ta' konsultazzjoni konġunta “Lejn politika Ewropea tal-Viċinat ġdida”, 4 ta' Marzu 2015.

1.6. Il-KESE jinsisti li l-UE tassisti l-pajjiżi tas-SL fit-thejjiġa ta' strateġiji fit-tul għall-iżvilupp agrikolu u rurali mal-partijiet interessati rilevanti kollha, u fil-bini tal-kapaċitajiet istituzzjonali meħtieġa fil-livelli nazzjonali u lokali.

1.7. Il-KESE jesprimi x-xewqa tiegħu għal sistema soda ta' monitoraġġ li tiġi applikati b'mod rigoruż wara l-implimentazzjoni tar-riżorsi allokat i mill-UE lill-pajjiżi tas-SL.

1.8. Il-KESE jappella għall-modernizzazzjoni strateġika tas-settur agrikolu fil-pajjiżi tas-SL biex iżżid il-produzzjoni domestika ta' ikel sikur b'mod sostenibbli. Il-KESE jemmen li l-UE għandha tkompli tkun ta' għajjnuna kbira għall-pajjiżi tas-SL biex itejbu l-istandards tal-SPS tal-prodotti tagħhom u biex jiżviluppaw il-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom. Nittamaw li d-DCFTA tiġi implimentata b'mod korrett u tkun ukoll effiċjenti f'dan l-aspett.

1.9. Il-KESE jagħti importanza kbira lill-Programm tal-Viċinat Ewropew għall-Agricoltura & l-Iżvilupp Rurali (ENPARD) li tnieda biex jappoġġja s-settur, u jittama li l-ENPARD, flimkien ma' programmi attwali jew ipplanati f'pajjiżi oħra, iwasslu għal progress sostenibbli fl-agrikoltura, u titjib fil-kundizzjonijiet tal-għajxien fiż-żoni rurali tar-reġjun kollu tas-SL.

1.10. Il-KESE jesprimi b'mod ċar li lest li jaqşam l-esperjenza u l-għarfien tal-UE fil-kuntest ta' sħubija soda għall-iżvilupp rurali u sostenibbli tal-potenzjal agrikolu ta' dawn ir-reġjuni fil-qafas tal-programmi tal-ENPARD. Dan ma jikkontribwixxix biss għall-ħolqien tal-impjiegi, iżda jgħin ukoll biex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-persuni fiż-żoni rurali. Barra minn hekk, l-appoġġ għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali huwa element ewlieni wkoll tal-impenn tal-UE favur it-tkabbir inklużiv fil-viċinat.

1.11. Il-KESE jinsisti li għandha tiġi kkunsidrata l-esperjenza tal-UE fir-riforma tal-agrikoltura u ż-żoni rurali fil-pajjiżi qabel l-adeżjoni tagħhom, flimkien mad-diversità ta' esperjenzi u tal-isforzi fil-pajjiżi sħab. Il-KESE jappella għal enfasi qawwija fuq il-parteeipazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-involviment tal-partijiet interessati f'dan is-settur.

1.12. B'din l-opinjoni, il-KESE jistqarr ċar ukoll ix-xewqa tiegħu li r-rappreżentazzjoni tas-soċjetà ċivili tkun ferm iktar usa' fil-Pjattaforma 2 – "L-Integrazzjoni Ekonomika u l-Konverġenza mal-Politiki tal-UE", fil-Panel tagħha dwar l-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, fil-Panel dwar l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima fir-rigward tal-promozzjoni tat-teknoloġiji ekoloġiċi, l-eko-innovazzjoni u l-bijodiversità, fil-Panel Kummerċjali dwar kwistjonijiet tal-SPS u fil-Panel tal-SMEs fejn l-għarfien espert tal-Kumitat u l-ħiliet jistgħu jagħtu kontribut utli.

1.13. L-appoġġ għall-agrikoltura jista' jsir il-pedament tar-riformi ekonomiċi fil-pajjiżi tas-SL li fuqhom jistgħu jinbnew relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali iktar b'saħħithom mal-UE. Dan jipprovdi wkoll protezzjoni affidabbli kontra ostakoli fil-kummerċ ma' msieħba oħra.

2. Sfond

2.1. Is-Sħubija tal-Lvant magħmula minn sitt pajjiżi f'żewġ żoni ġeografiċi: il-Kawkasu tan-Nofsinhar li jikkonsisti fil-Georgia, l-Armenja u l-Ażerbajġan fuq il-fruntieri bejn l-Ewropa tal-Lvant u l-Asja tal-Lbiċ, bejn il-Baħar l-Iswed, il-Baħar tal-Kaspju, u l-Moldova, l-Ukrajna u l-Belarużsja. Is-sitwazzjoni mal-pajjiżi tas-SL hija relattivament dinamika. Tnejn mill-pajjiżi, il-Belarużsja u l-Armenja⁽²⁾, huma diġà membri tal-Unjoni Ekonomika Ewro-Asjatika. Il-kriżi fl-Ukrajna għadha għaddeja, b'deterjorazzjoni kostanti tal-istituzzjonijiet tal-Istat u l-istat tad-dritt, li tidher li qed twassal għal ħtif tal-art fuq skala kbira⁽³⁾. Il-ġlied fil-fruntieri bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan għadu għaddej u jaffettwa l-iżvilupp taż-żona.

⁽²⁾ Fid-29 ta' Mejju 2014, il-Presidenti tal-Każakistan, il-Belarużsja u r-Rużsja ffirmaw it-Trattat dwar l-Unjoni Ekonomika Ewro-Asjatika, u t-trattat tal-adeżjoni tal-Armenja ġie ffirmat fid-9 ta' Ottubru 2014 u daħal fis-seħħ fit-2 ta' Jannar 2015.

⁽³⁾ http://www.bundestag.de/presse/hib/2015_01/-/357564

2.2. Il-Kumitat ħareġ opinjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mas-SL ⁽⁴⁾ iżda qatt ma kkunsidra l-problemi taż-żoni rurali, l-agrikoltura u l-iżvilupp sostenibbli f'dawn il-pajjiżi. Din l-opinjoni tiffoka għalhekk fuq il-possibbiltajiet ta' żvilupp aħjar taż-żoni rurali u l-kisba tas-sostenibbiltà fil-pajjiżi tas-SL.

2.3. L-UE tirrikonoxxi s-sinifikat tal-agrikoltura, iż-żoni rurali u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u l-ENPARD tnieda biex jappoġġja lis-settur.

2.4. Il-pjattaforma huma l-għodda ewlenija tad-dimensjoni multilaterali tas-SL. Il-Pjattaforma 2 tittratta l-integrazzjoni ekonomika bejn il-pajjiżi msieħba u l-UE, u l-konverġenza mal-politiki tal-UE u b'hekk tikkontribwixxi għall-għanijiet tas-SL. Il-Pjattaforma 2 u d-diversi panels u oqsma ta' ħidma tagħha jikkontribwixxu għall-iżvilupp intelliġenti, sostenibbli u inklużiv ta' ekonomija tas-suq ħieles fil-pajjiż msieħba.

2.5. Fid-dawl tal-importanza tal-agrikoltura u ż-żoni rurali għal iktar żvilupp sostenibbli u inklużiv fil-pajjiżi tas-SL, il-Panel tal-Iżvilupp Agrikolu u Rurali twaqqfet fl-aħħar tal-2012 u hija marbuta mal-PVEAIR.

2.6. Il-Panel tal-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima jiffoka fuq il-kooperazzjoni fir-rigward tal-infurzar tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u l-konformità gradwali mal-*acquis* tal-UE fil-qasam tal-ambjent u t-tibdil fil-klima. Dan jinkludi l-promozzjoni tal-konformità mal-istandards tal-UE, l-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar Prattiki, il-bini tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-appoġġ tal-iżvilupp tas-soċjetà ċivili. Is-suġġetti għal diskussjoni u l-attivitajiet huma t-tnaqqis u r-riċiklaġġ tal-iskart, it-tniġġis tal-arja, il-bijodiversità u l-ġestjoni tal-ilma. Il-Panel qed tipprova tiżviluppa wkoll id-djalogu reġjonali dwar il-politiki tat-tibdil fil-klima bil-ħsieb li ssaħħa il-viżibilità u l-kapaċità tan-negozjar tal-pajjiżi msieħba u biex jikkooperaw mal-Istati Membri tal-UE fin-negozjati globali dwar il-klima.

2.7. Is-Sħubija tal-Lvant għamlet progress sinifikanti fl-2014. Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ġodda ffirmati mal-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna diġà qed jiġu applikati b'mod provviżorju. Għall-Georgia u l-Moldova, l-applikazzjoni provviżorja diġà tinkludi Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv (DCFTA), filwaqt li għall-Ukrajna l-applikazzjoni provviżorja ta' din il-parti tal-ftehim ġiet posposta għall-aħħar tal-2015. L-AA/DCFTAs jinvolvu aġendi politiċi, ekonomiċi u ta' riforma soċjali ambizzjużi li jressqu lill-pajjiżi tas-SL eqreb lejn l-UE.

3. Kummenti ġenerali

3.1. In-natura, il-kompożizzjoni u d-daqs relattiv tas-setturi tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali jvarjaw fost il-pajjiżi tas-SL u huma mibnija fil-kuntest tat-tradizzjonijiet, il-kulturi u l-metodi ta' organizzazzjoni rispettivi tagħhom. Il-klima, ir-riżorsi naturali u l-post jiddefinixxu l-limitazzjonijiet naturali.

3.2. L-agrikoltura hija settur ewleni fil-ħajja ekonomika tal-pajjiżi kollha tas-SL. Din timpjega parti kbira tal-popolazzjoni tagħhom u, wara għexieren ta' snin ta' diffikultà, għad għandha potenzjal enormi għall-iżvilupp. Għandu jsir kull sforz biex jiġi żgurat li l-iżvilupp ta' settur agrikolu aktar produttiv ikun ta' benefiċċju għall-bdiewa u ż-żoni rurali.

3.3. Ħafna mill-pajjiżi tas-SL għandhom popolazzjonijiet rurali kbar li jiddependu, sa ċertu punt fuq biċċiet ta' art żgħira frammentati u l-użu ta' proprjetà komunali jew tal-Istat, għall-għanijiet tagħhom. Dawn l-azjendi agrikoli żgħira għandhom riżorsi limitati ħafna bi fteit potenzjal ta' tkabbir. F'ħafna każijiet, l-azjendi agrikoli żgħira jammontaw għall-produttjoni nazzjonali sħiħa ta' prodotti agrikoli. Il-prodotti derivati minn azjendi agrikoli żgħira huma spiss primarjament sors ta' sussistenza jew ta' semi-sussistenza. Il-bejgħ ta' kwalunkwe ammonti żejda isir aktar diffiċli b'rabtiet limitati ma' swieq organizzati u infrastruttura rurali degradata u abbandunata. Il-kwistjonijiet ewlenin (speċjalment fil-Kawkasu tan-Nofsinhar) huma n-nuqqas ta' kooperazzjoni, taħriġ u edukazzjoni fis-settur kif ukoll in-nuqqas ta' sistema ta' taxxa adatta.

⁽⁴⁾ ĠU C 12, 15.1.2015, p. 48, ĠU C 161, 6.6.2013, p. 40, ĠU C 299, 4.10.2012, p. 34, ĠU C 248, 25.8.2011, p. 37, ĠU C 277, 17.11.2009, p. 30.

3.4. Id-dinamika tas-swieq agrikoli u l-volatilità tal-prezzijiet tal-ikel urew il-bżonn indikaw il-ħtieġa li l-pajjiżi tas-SL jiżviluppaw politiki agrikoli u tal-iżvilupp rurali, inklużi miżuri għall-bdiewa ż-żgħar. Minn naħa, jeħtieġ li l-agrikoltura tiġi mmodernizzata u tiżdied il-produzzjoni fuq bażi sostenibbli u min-naħa l-oħra, dawn għandhom jiżviluppaw iż-żoni rurali, l-infrastruttura u jżidu l-opportunitajiet ta' dħul ekonomiku li jipprovdi għal kwalità aħjar tal-ħajja u prospetti aħjar għall-familji.

3.5. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi għaddejnin programmi dwar l-iżvilupp reġjonali, inklużi programmi pilota, immirati lejn id-dħul u possibiltajiet ta' impjeg potenzjalment offruti minn attivitajiet alternattivi fiż-żoni rurali. Dawn maħsuba biex jstimulaw l-iżvilupp u d-diversifikazzjoni ekonomika taż-żoni rurali u jnaqqsu d-disparitajiet reġjonali⁽⁵⁾.

3.6. Il-popolazzjonijiet rurali tal-pajjiżi kollha tas-Sħubija tal-Lvant ilhom jiġu injorati, sikwit anki fil-politiki u l-proċess ta' programmazzjoni. Waħda mill-konsegwenzi ta' din il-lakuna politika hija d-depopolazzjoni gradwali taż-żoni rurali, billi min jista' jaħdem jitleq lejn il-bliet jew barra mill-pajjiż. Dawn it-tendenzi demografiki negattivi, flimkien mal-ħtieġa għal popolazzjoni ta' ħaddiema vibranti li tappoġġja l-industrija tal-agrikoltura, jeħtieġu titjib fil-kwalità tal-infrastruttura u l-kura tas-saħħa, u bħala rispons għandha tiġi żviluppata ta' politika u impenn istituzzjonali iktar robusti.

3.7. Is-settur agrikolu tal-Kawkasu tan-Nofsinhar ma jużax il-potenzjal sħiħ tiegħu u bħalissal-produttività u l-kompetittività tiegħu huma baxxi. Id-degradazzjoni tal-kapital naturali (l-art, l-ilma, il-foresti eċċ.), l-art muntanjuża, it-tnaqqis fil-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' u tal-annimali, il-ħsara fuq il-bijodiversità u l-volatilità tal-bilanċ ekoloġiku huma fost il-kwistjonijiet li jfixxlu l-iżvilupp tas-settur tal-biedja. Il-faqar rurali, in-nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjeg u l-livell baxx ta' standards ta' għajxien rurali huma fost il-fatturi li qed jikkontribwixxu għall-vulnerabilità taż-żoni rurali tal-Kawkasu tan-Nofsinhar.

3.8. Fil-pajjiżi tas-SL għad hemm lakuni fdak li għandu x'jaqsam ma' standards, regolamenti, leġiżlazzjoni u informazzjoni komparattiva. Hemm bżonn ta' standards komuni li jissodisfaw l-istandards internazzjonali u tal-UE, inkluż miżuri ta' konformità – mekkaniżmi ta' monitoraġġ u spezzjoni għar-regolamenti eżistenti. Sistemi sottożviluppati tas-sikurezza tal-ikel u s-saħħa tal-annimali, speċjalment fil-pajjiżi tal-Kawkasu tan-Nofsinhar, jirrikjedu sforzi u ħidma fil-qasam tal-konformità mal-istandards tas-SPS, speċjalment standards veterinarji u sanitarji għall-annimali u prodotti tal-annimali.

3.9. Il-KESE jemmen li għandu jsir kull sforz biex jiġi żgurat li l-iżvilupp ta' settur agrikolu aktar produttiv ikun ta' benefiċċju b'mod ġenerali għall-bdiewa u ż-żoni rurali li spiss huma fost l-ifqar reġjuni ta' kull pajjiż. F'dan ir-rigward, dawn l-aħħar snin l-UE nediet pakkett wiesgħa ta' programmi flimkien mal-imsieħba tagħha tal-Lvant. Dawn il-programmi jvarjaw minn assistenza teknika speċifika għal programmi kbar fis-settur, għall-appoġġ għal riformi profondi fl-oqsma tal-agrikoltura, l-iżvilupp rurali u s-sigurtà tal-ikel. Fi kwalunkwe każ, il-KESE huwa favur monitoraġġ bir-reqqa tal-effikaċja tar-riformi agrikoli fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant.

3.10. Il-KESE jhegġegħ lill-KE u l-PE biex jimpenjaw ruħhom fi djalogu ta' politika mġedded u aktar profond dwar l-ippjanar strateġiku u r-riformi fl-oqsma tal-agrikoltura, il-foresterija u l-iżvilupp sostenibbli fil-livell tal-pajjiżi individwali u b'rispett lejn ir-regoli stabbiliti biex iżidu l-kompetittività tal-istrutturi agrikoli u t-trasparenza tas-swieq agrikoli domestiċi.

3.11. Il-KESE jemmen li sabiex jiġi appoġġjat il-proċess tal-iżvilupp agrikolu fil-pajjiżi tas-SL, il-prijorità għandha tkun it-twaqqif u t-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet agrikoli lokali permezz ta' proġetti ta' żvilupp, li jitfasslu b'mod li jtejjbu l-kapaċità għar-rappreżentazzjoni u s-sehem tal-bdiewa fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

⁽⁵⁾ Fl-2014, il-Georgia nediet it-tieni programm ta' żvilupp reġjonali li jipprovdi aktar appoġġ għat-tisħiħ tal-iżvilupp soċjoekonomiku tad-disa' reġjuni tagħha u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tan-nies. L-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ għall-iżvilupp reġjonali komplet għaddeja fl-Armenja fl-2014. Il-Moldova qed tibbenefika minn proġett ġdid li jimmira li jtejjeb l-ippjanar reġjonali u l-pjanijiet għall-proġetti ta' żvilupp tar-reġjuni tat-Tramuntana, tan-Nofsinhar u dawk ċentrali. Fl-Ażerbajġan tnedia programm ġdid ta' żvilupp reġjonali.

3.12. L-intraprenditorija għandha tkun punt fokali tal-attività tal-UE fil-pajjiżi tas-SL, m'għandniex ninsew li l-promozzjoni tal-intraprenditorija fiż-żoni rurali hija importanti ħafna, u dan jista' jinkiseb permezz ta' ambjent kummerċjali adatt: aċċess għall-kapital għal start-ups, kreditu bankarju u inċentivi tat-taxxa.

3.13. Il-KESE jqis li hu essenzjali li jiġu enfasizzati u msaħħaħ ir-rwol tan-nisa u ż-żgħażaġh fil-biedja u fis-soċjetà rurali permezz ta' iktar inklużjoni fit-taħriġ vokazzjonali u miżuri speċjali fil-pjani ta' żvilupp rurali.

3.14. Il-KESE jittama li l-Panel tal-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima timplimenta b'suċċess dawn it-tliet proġetti li huma parti mill-Pjattaforma 2 – “L-integrazzjoni ekonomika u l-konverġenza mal-politiki tal-UE”: Sistema Komuni ta' Informazzjoni Ambjentali ⁽⁶⁾, GREEN Project ⁽⁷⁾ u l-Clima East Package ⁽⁸⁾.

3.15. Il-KESE jappella lill-KE u lill-PE biex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex itejbu l-governanza ambjentali u s-sistemi ta' ġbir u ġestjoni tad-data fir-reġjun tas-SL, biex jappoġġjaw lill-pajjiżi tas-SL fir-rigward tal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, biex jiffokaw fuq miżuri ta' politika ambjentali u biex juru xejriet ta' konsum u produzzjoni sostenibbli.

3.16. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza tal-programm ta' żvilupp sostenibbli “Greening Economies in the Eastern Neighbourhood (EaP GREEN)” (L-ekonomija ekoloġika fil-viċinat tal-Lvant) li qed jiġi implimentat mill-OECD f'kooperazzjoni mal-UNECE, l-UNEP u l-UNIDO biex jgħin il-pajjiżi tas-SL tal-UE (EaP) fit-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomija ekoloġika.

4. Kummenti speċifiċi għall-pajjiżi

4.1. L-Armenja

4.1.1. L-agrikoltura hija settur ekonomiku ewlieni fl-Armenja, b'madwar terz tal-popolazzjoni tgħix f'żoni rurali u muntanjużi b'popolazzjoni baxxa, fejn, il-biedja b'konsum baxx ta' fatturi produttivi, ta' sussistenza jew ta' sussistenza parzjali hija importanti bħala sors ta' għajxien. Prattikament il-prodott agrikolu gross sħiħ (madwar 97 %) ġej minn azjendi agrikoli żgħar.

4.1.2. L-Armenja implimentat ukoll wieħed mill-iktar programmi komprensivi tar-riforma tal-art; sa nofs l-1994 ħafna mill-art agrikola kienet ġiet privatizzata. B'riżultat ta' dan, l-artijiet kienu maqsuma faktar minn 1,2 miljun biċċa art.

4.1.3. Ir-riżorsi tal-art tal-Armenja huma limitati, u l-art li tinħadem tikkostitwixxi biss 16,8 % tal-art totali tal-pajjiż. Il-ħamrija fertili ta' oriġini vulkanika tippermetti l-kultivazzjoni tal-qamħ u x-xgħir kif ukoll art għall-annimali li jirgħu. L-ucuh tar-raba' saqwi jinkludu berquq, ħawħ, għanbaqar, tuffieħ, ċiras, ġewż, sfarġel, tin, rummien, frott ieħor u għeneb, il-bażi tal-brandy magħruf mad-dinja.

4.1.4. In-negozjati dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li jinkludu Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv (DCFTA), ġew finalizzati f'Lulju 2013. Madankollu billi, kif tħabbar f'Settembru 2013, l-Armenja kienet nqas għadet fl-Unjoni Doganali, il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ma ġiex iffirmat għax mhux kompatibbli mas-sħubija fl-Unjoni Doganali. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tikkooopera mal-Armenja fl-oqsma kollha kompatibbli ma' din l-għażla.

4.2. L-Ażerbajġan

4.2.1. Hekk kif l-ekonomija tal-Ażerbajġan tiddependi miż-żejt u l-gass bħala l-akbar settur tagħha, l-agrikoltura hija komponent ewlieni tal-ekonomija tal-pajjiż li mhix relatata maż-żejt. Kważi nofs l-Ażerbajġani jgħixu f'żoni rurali u l-għajxien tagħhom jiddependi mill-agrikoltura.

⁽⁶⁾ Dan il-proġett għandu l-għan li jippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent fir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant billi jestendi l-prinċipji tas-Sistema Komuni ta' Informazzjoni Ambjentali għal din il-parti.

⁽⁷⁾ L-għan ġenerali tal-proġett GREEN huwa li jappoġġja lill-pajjiżi msieħba fl-isforzi tagħhom favur tranżizzjoni lejn ekonomija iżjed ekoloġika billi jifirdu t-tkabbir ekonomiku mid-degradazzjoni ambjentali u t-tnaqqis tar-riżorsi.

⁽⁸⁾ Il-pakkett Clima East jappoġġja l-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima fir-Reġjun tal-Viċinat tal-Lvant u l-għan huwa tiegħu huwa l-allinjament gradwali mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-ambjent u t-tibdil fil-klima.

4.2.2. Il-biedja mħallta hija l-aktar komuni, b'mudelli ta' hsaq simili. L-uċuħ tar-raba' ewlenin tal-agrikoltura Ażerbajġana huma l-ghelejjeġ agrikoli għall-bejgħ, l-ġheneb, il-qoton, it-tabakk, il-frott taċ-ċitru u l-ħaxix. Il-bhejjem, il-prodotti tal-ħalib, l-inbid u l-ispirti huma prodotti tal-biedja importanti wkoll.

4.2.3. Fl-2010, l-UE u l-Azerbajġan bdew negozjati dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni (eskluż id-DCFTA minħabba l-applikazzjoni tad-WTO li għadha pendenti). Il-gvern tal-Azerbajġan applika uffiċjalment għand is-Segretarjat tad-WTO biex isir membru fl-1997 u d-diskussjonijiet għadhom għaddejjin.

4.3. Il-Belarussja

4.3.1. Is-settur agrikolu tal-Belarussja jimpjega madwar wieħed minn kull għaxra tal-forza tax-xogħol u huwa ddominat minn azjendi agrikoli kollettivi u tal-istat kbar. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiż għandu taħlita ta' biedja tal-ghelejjeġ u tal-bhejjem. Il-patata, il-pitravi taz-zokkor, ix-xgħir, il-qamħ, is-segala u l-qamħirrum huma uċuħ tar-raba' importanti; perċentwal kbir taċ-ċereali jintuża għall-għalf tal-annimali. Il-baqar, it-tjur u l-ħnieżer huma l-bhejjem ewlenin. Kważi żewġ kwinti tal-Belarussja huma koperti mill-foresti, li huma sfruttati għall-produzzjoni ta' prodotti tal-injam u tal-karti.

4.3.2. Ir-ratifika tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Belarussja (innegozjat fl-1995) ilu ffriżat mill-1997 bħala rispons għas-sitwazzjoni politika fil-pajjiż.

4.3.3. Il-Belarussja applikat għas-sħubija fid-WTO fl-1993. Il-proċess ta' adeżjoni għadu għaddejj.

4.4. Il-Georgia

4.4.1. L-agrikoltura tal-Georgia hija essenzjali għall-popolazzjoni tal-pajjiż, peress li tipprovdi xibka ta' sikurezza importanti fiż-żoni rurali, fejn jgħixu kważi nofs l-abitanti tal-Georgia. L-art rurali hija frammentata ħafna – 95 % tal-bdiewa huma "bdiewa żgħar", normalment b'madwar 1,2 ettaru u 2 baqriet għal kull familja. Din il-frammentazzjoni kompliet tikber bil-proċess ta' privatizzazzjoni tal-art fis-snin 90, li rriżulta fi klassi ġdida ta' madwar nofs miljun "bidwi" kategorizzati bħala bdiewa li jaħdmu għal rashom.

4.4.2. Il-ħalib u l-laħam huma, b'mod ġenerali, il-prodotti agrikoli li għandhom l-ogħla valur. Min irabbi l-bhejjem ftit li xejn jipprovdilhom għalf ta' kwalità għolja u jiddependi mir-ragħa b'xejn jew irħis ħafna u mit-tiben fix-xitwa. Dan jirriżulta f'rendiment baxx tal-ħalib u jagħmel il-produzzjoni kompetittiva tal-laħam estremament diffiċli. Il-produzzjoni tal-inbid hija wkoll parti importanti ħafna tas-settur agrikolu. L-attività tal-biedja hija konċentrata l-iktar fil-pjanuri tal-għargħar fertili tal-wiedien u l-prodotti prinċipali huma l-frott taċ-ċitru, l-ġheneb u l-ġewż.

4.4.3. Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Georgia huma mmexxija mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK), li issa ġie ssostitwit bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia, inkluż Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv (DCFTA), li ġie iffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u li beda japplika b'mod proviżorju mill-1 ta' Settembru 2014. F'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ ta' prodotti agrikoli, saru konċessjonijiet ambizzjużi fid-DCFTA. L-importazzjoni ta' prodotti agrikoli tal-UE fil-Georgia huwa liberalizzat għal kollox.

4.5. Il-Moldova

4.5.1. L-agrikoltura hija importanti ħafna għall-Moldova. L-art agrikola tammonta għal madwar 75 % tal-art totali, u l-biċċa l-kbira tagħha tintuża biex jitkabbru ghelejjeġ temporanji. Madwar wieħed minn kull għaxar biċċiet tal-art jintużaw għat-ktabbir ta' ghelejjeġ permanenti. Is-soċjetà tal-Moldova hija primarjament rurali: is-settur agrikolu jimpjega 26,4 % tal-popolazzjoni attiva, u jiġġenera 14,6 % tal-PDG tal-pajjiż.

4.5.2. B'riżultat tar-riforma tal-art, l-istruttura tal-użu tal-art agrikola nbidlet. Wara l-privatizzazzjoni tas-snin diġħin, sehem kbir tal-art għadu maqsum f'biċċiet individwali żgħar. Il-proċess ta' privatizzazzjoni irriżulta f'pussess tal-art medju ta' 1,4 ettari, maqsuma f'biċċiet separati skont it-tip ta' art (raba' jinħadem, siġar tal-frott, vinji), għal madwar 1 miljun sid. Mit-total kollu tal-art agrikola, 0,66 miljun ettaru huma taħt forma ta' sjiċda pubblika (26,2 %) u 1,84 miljun ettaru huma taħt format forma ta' sjiċda u/jew użu privati (73,8 %).

4.5.3. Fir-rigward tal-valur tal-produzzjoni agrikola, il-produzzjoni tal-pjanti tikkontribwixxi għal iktar minn żewġ terzi tal-valur sħiħ filwaqt li l-produzzjoni tal-annimali u s-servizzi madwar 30 % u 2,4 % rispettivament. L-għeneb u l-ħalib huma l-aktar prodotti agrikoli li għandhom valur.

4.5.4. Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Moldova ilhom mill-1998 jimxu skont il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK), li issa ġie ssostitwit bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova, inkluż Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv (DCFTA), li ġie iffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u li beda japplika b'mod proviżorju mill-1 ta' Settembru 2014.

4.6. L-Ukrajna

4.6.1. Il-produzzjoni tal-għelejjel fl-Ukrajna hija żviluppata ħafna kemm minħabba l-ħamrija rikka kif ukoll minħabba klima favorevoli. Il-produzzjoni tagħha ta' ċereali u patata hija fost l-ogħla fl-Ewropa u l-pajjiż huwa fost l-akbar produtture dinjija tal-pitravi taz-zokkor u taż-żejt tal-ġirasol. Is-settur tat-trobbija tal-bhejjem tal-Ukrajna jaqa' wara s-settur tal-uċuh tar-raba' iżda l-produzzjoni totali tiegħu xorta hija relattivament ogħla minn dik ta' ħafna pajjiżi Ewropej oħra.

4.6.2. Ftehim ta' Assoċjazzjoni ġdid, inkluż DCFTA, ġie nneogzjat bejn l-2007 u l-2011 u ffirmat fl-2012. Il-partijiet politiċi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ġew iffirmati fil-21 ta' Marzu 2014, filwaqt li l-bqija tal-partijiet ta' dan il-Ftehim, inkluż id-DCFTA, ġew iffirmati fis-27 ta' Ġunju 2014. Mit-23 ta' April 2014 l-hawn l-UE, b'mod unilaterali, provdied preferenzi kummerċjali awtonomi sabiex tappoġġja lill-Ukrajna fis-sitwazzjoni attwali.

4.6.3. Il-proġett "It-titjib fis-sistema ta' kontroll tas-sigurtà tal-ikel fl-Ukrajna", iffirmit mill-UE, tnedia fl-Lulju 2014 bl-oġġettiv li jtejjeb il-kwalità sanitarja tal-prodotti tal-ikel tal-Ukrajna u jżid il-fiduċja tal-konsumaturi tal-Ukrajna fil-produzzjoni nazzjonali. L-UE qed tassisti wkoll is-Servizz Veterinarju u Fitosanitarju Pubbliku tal-Ukrajna biex itejjeb is-sistema li tiggarantixxi s-sikurezza tal-ikel "mill-għalqa sal-platt". B'baġit ta' kważi EUR 3,8 miljun għal 33 xahar, il-proġett "It-titjib fis-sistema ta' kontroll tas-sigurtà tal-ikel fl-Ukrajna" huwa parti mill-qasam ta' prijorità "Is-sikurezza u s-sigurtà tal-ikel".

5. Ir-rwol tal-ENPARD

5.1. L-ENPARD kien stabbilit minn żewġ Komunikazzjonijiet Konġunti tal-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ta' Marzu u Mejju 2011, parti mill-impenn tal-UE għal tkabbir inklużiv u l-istabilità fil-viċinat tagħha, li jirrikonoxxi l-importanza potenzjali tal-agrikoltura f'termini ta' sigurtà tal-ikel, il-produzzjoni sostenibbli u l-impjiegi rurali.

5.2. L-UE toffri djalogu dwar l-ENPARD lill-pajjiżi sħab kollha u lesta li tassistihom fl-implimentazzjoni tal-politiki u r-riformi relatati għal dawk kollha impenjati li, fil-kooperazzjoni tagħhom mal-UE, jiffukaw fuq l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali. Dan jinkludi assistenza fit-tħejjija ta' strateġiji fit-tul għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali mal-partijiet interessati rilevanti kollha, u fil-bini tal-kapaċitajiet istituzzjonali meħtieġa fil-livelli nazzjonali u lokali.

5.3. Il-Georgia diġà qed tara r-riżultati ta' dan il-programm: il-liġi dwar il-Kooperattivi Agrikoli, in-netwerk ta' 54 "ċentru ta' informazzjoni dwar l-istrateġija agrikola u ta' konsultazzjoni", eċċ. Fil-11 ta' Marzu 2014, l-Unjoni Ewropea ffirmit erba' għotjiet b'total ta' EUR 15-il miljun f'appoġġ għall-bdiewa ż-żgħar taħt l-inizjattiva tal-ENPARD fil-Ġeorġja. Dawn il-proġetti se jgħinu it-twaqqif ta' aktar minn 160 kooperattiva b'assistenza teknika u se jimmiraw lejn ir-reġjuni kollha tal-Georgia. L-għan ta' dawn il-kooperattivi huwa li jippermetti lill-bdiewa ż-żgħar biex b'mod kollettiv jorganizzaw u biex jiksbu l-ekonomiji ta' skala, itejbu l-effiċjenza tagħhom u jteju r-rabtiet tagħhom mas-swieq. Għall-Georgia l-ENPARD totali jammonta għal EUR 52 miljun fuq ħames snin (Marzu 2013- Marzu 2016).

5.4. L-assistenza tal-UE għall-Armenja kienet tammonta għal EUR 157 miljun għall-2011-13 (meta mqabbel ma' EUR 98,4 miljun għall-2007-10). F'Diċembru 2013, l-UE adottat finanzjament ġdid ta' EUR 41 miljun sabiex tappoġġja lis-soċjetà ċivili, l-iżvilupp reġjonali u l-agrikoltura fl-Armenja fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Minn dan l-ammont globali, EUR 25 miljun ġew allokati għall-implimentazzjoni tal-ENPARD fl-Armenja. Dan il-finanzjament ser jintuża b'mod partikolari sabiex itejjeb il-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet relatati mal-agrikoltura, sabiex jappoġġja l-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, sabiex tiġi żviluppata l-istatistika agrikola u jittejjeb l-aċċess għal aktar ikel affordabbli għaċ-ċittadini tal-Armenja. Huwa relatat ukoll mat-titjib tal-kundizzjonijiet fiż-żoni rurali billi joħloq l-impjiegi, l-iżvilupp tas-sħubijiet pubbliċi u privati u t-taħriġ tal-forza tax-xogħol.

5.5. Fir-rigward tal-Moldova, il-“programm ta’ stimolazzjoni ekonomika fiż-żoni rurali” li ilu għaddej mill-2010, ta prova li huwa strument utli għall-ħolqien tal-impjiegi fil-provinċji tal-Moldova. L-agrikoltura u l-iżvilupp rurali ġew identifikati bħala settur fokali ta’ kooperazzjoni għall-iżvilupp bejn il-Moldova u l-UE fl-2014-17, b’ammont ta’ bejn EUR 100 u 120 miljun disponibbli bħala għajna għas-settur. F’dan il-kuntest, fis-sajf tal-2014, ġie adottat programm tal-ENPARD għall-Moldova, u beda jiġi implimentati mill-bidu tal-2015. Permezz tal-appoġġ baġitarju u l-assistenza teknika li jipprovdi, il-programm jappoġġja strateġija għall-iżvilupp komprensiv u fit-tul tas-settur imħejjija mill-gvern. Din l-għajna finanzjarja tgħin sabiex tiżdied il-kompetittività tas-settur agrikolu u ser tapprofondixxi d-diskussjoni dwar l-iżvilupp ta’ politiki ġodda.

6. Ir-rwol tal-KESE

6.1. Il-KESE huwa konxju tar-rwol fundamentali tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi tas-SL, u huwa lest li jaqdi rwol attiv u jaqsam l-għarfien espert tiegħu bil-għan li jibni settur agrikolu aktar effiċjenti, b’mod partikolari billi:

- jassisti fl-identifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp sostenibbli u t-titjib tas-sitwazzjoni permezz ta’ djalogu miftuħ u inklużiv ma’ firxa wiesgħa ta’ partijiet interessati;
- jaqsam l-għarfien espert tiegħu, inklużiv dak miksub mill-Istati Membri l-ġodda li jissieħbu mal-UE, fit-tfassil ta’ kriterji u proċessi speċifiċi għat-twaqqif ta’ organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili agrikoli u ambjentali tasew rappreżentattivi u l-inklużjoni tagħhom fit-tfassil tad-deċiżjonijiet fil-pajjiżi tas-SL;
- jiskambja l-aqwa prattiki foqma bħall-agrikoltura, in-netwerks tal-iżvilupp rurali, l-iżvilupp sostenibbli, l-intraprenditorija u r-responsabbiltà soċjali korporattiva;
- jipparteċipa b’mod iżjed attiv fil-ħidma tal-Pjattaforma 2 tas-Sħubija tal-Lvant (“L-Integrazzjoni Ekonomika u l-Konverġenza mal-Politiki tal-UE”, speċjalment fil-Panel dwar l-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, kif ukoll il-Panel dwar l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima fir-rigward tal-promozzjoni ta’ teknoloġiji ekoloġiċi, l-ekoinnovazzjoni u l-bijodiversità.

Brussell, is-16 ta’ Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

ANNEX I⁽¹⁾

Assistenza tal-UE għall-Pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (2014-2020)

Pajjiż	Allokazzjoni 2014-2017 (f'miljuni ta' EUR)	Setturi Fokali	Allokazzjoni indikattiva (%)
L-Armenja	140–170	L-iżvilupp tas-settur privat	35
		Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika	25
		Ir-riforma tas-settur tal-ġustizzja	20
L-Ażerbajġan	77–94	Żvilupp Reġjonali u Rurali	40
		Ir-riforma tas-settur tal-ġustizzja	20
		L-iżvilupp tal-edukazzjoni u l-ħiliet	20
Il-Belarusja	71–89	L-inklużjoni soċjali	30
		L-ambjent	25
		L-iżvilupp ekonomiku lokali/reġjonali	25
Il-Georgia	335–410	Ir-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika	25
		L-Agricoltura u l-iżvilupp rurali	30
		Ir-riforma tas-settur tal-ġustizzja	25
Il-Moldova	335–410	Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika	30
		L-Agricoltura u l-iżvilupp rurali	30
		Ir-riforma tal-pulizija u l-ġestjoni tal-fruntieri	20
	Allokazzjoni għall-2014		
L-Ukrajna	355	Miżura speċjali: Kuntratt għall-Bini tal-Istat	

⁽¹⁾ Informazzjoni mis-sit web tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna:
http://eeas.europa.eu/enp/documents/financing-the-enp/index_en.htm

ANNEX II

https://www.zm.gov.lv/public/ck/files/Joint_statement_16_04_2015.pdf

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Lejn konvenzjoni tal-ILO kontra l-vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 013/21)

Relatur: is-Sinjura Béatrice OUIIN

Nhar id-19 ta' Frar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar:

“Lejn konvenzjoni tal-ILO kontra l-vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-hidma tal-Kumitat dwar is-sugġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar is-16 ta' Lulju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-17-17 ta' Settembru (seduta tas-16 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'209 voti favur, 2 voti kontra u 5 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), permezz tal-istruttura tripartitika tagħha, għandha rwol essenzjali fix-xena internazzjonali sabiex itejjeb is-sitwazzjoni tal-ħaddiema u l-funzjonament tal-intrapriżi. L-Unjoni Ewropea mhijiex membru tal-ILO iżda l-Istati Membri tal-UE huma, kif ukoll l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-ħaddiema u lil min iħaddem fl-Ewropa. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jitlob li l-Istati Membri tal-UE u l-organizzazzjonijiet Ewropej jaġixxu biex jikkomunikaw fil-livell globali il-valuri u l-acquis Ewropej, b'kont meħud tal-kuntest globali.

1.2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jaħseb li:

- billi l-vjolenza sesswali u bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol hija ostakolu għal xogħol deċenti (li jirrispetta d-dinjità, jiżgura s-sigurtà, ir-responsabbiltà u l-awtonomija tal-ħaddiema);
- il-vjolenza bbażata fuq is-sess fil-post tax-xogħol hija ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, u attakk fuq id-dinjità u l-integrità fiżika u psikoloġika;
- hija tagħmel ħsara lill-ekonomija u l-progress soċjali billi ddgħajfef is-sisien li fuqhom jinbnew ir-relazzjonijiet ta' impjeg u billi tnaqqas il-produttività;
- hija tirrifletti relazzjonijiet ta' poter mhux indaqs bejn in-nisa u l-irġiel u tgħin biex jiġu perpetwati l-inugwaljanzi fil-post tax-xogħol;
- il-ġlieda teħtieġ l-involvement tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-imsieħba soċjali, iżda wkoll il-professjonisti tas-saħħa, il-pulizija u l-ġustizzja biex jgħinu lill-vittmi, kif ukoll il-midja u l-għalliema biex tiġi evitata l-vjolenza;
- huwa fl-interess tas-soċjetà li tiġi miġġielda din il-vjolenza kull fejn isseħħ u li titneħħa għal kollox mill-postijiet tax-xogħol.

1.3. F'Novembru 2015 il-Kunsill Amministrattiv tal-ILO għandu jiddeċiedi għandux jittfa' fuq l-aġenda tal-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol (il-korp li jieħu d-deċiżjonijiet fi ħdan l-ILO) l-abbozzar ta' standard internazzjonali dwar il-vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol. Il-KESE jappoġġja din il-proposta u jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali Ewropej biex jagħmlu l-istess.

1.4. Il-KESE jixtieq li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, li bis-saħħa tad- Direttiva 2002/73/KE ⁽¹⁾ diġà għandhom stabbilti strumenti biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi bejn l-irġiel u n-nisa u l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, iħeġġu b'vuċi waħda lill-ILO.

1.5. L-imsieħba soċjali Ewropej stess iffiraw fl-2007 ftehim qafas dwar il-fastidju u l-vjolenza fuq ix-xogħol li għandu jwassal biex flimkien jintervjenu matul id-dibattitu dwar dan l-abbozz ta' standard internazzjonali tax-xogħol ⁽²⁾.

2. Introduzzjoni: il-kwistjoni tal-vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol

2.1. Fl-era tal-globalizzazzjoni, id-definizzjoni ta' standards internazzjonali għall-ġlieda kontra u l-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tas-sess hija meħtieġa fl-interessi tal-ħaddiema, in-negozji u l-Istati. Tali vjolenza thedded is-saħħa fiżika u psikoloġika, toffendi d-drittijiet u d-dinjità tal-persuna, ixxekekkel il-produttività tal-vittmi u tirriżulta fi spejjeż għall-Istat u għas-soċjetà. Il-ġlieda kontra l-vjolenza u l-prevenzjoni tagħha huma rekwiżiti għal kulħadd. Il-vjolenza bbażata fuq is-sess hija waħda mill-ostakoli ewlenin għall-iżvilupp.

2.2. *It-trattament tas-suġġett fi ħdan l-ILO*

2.2.1. Il-vjolenza bbażata fuq is-sess u dik sesswali tirrifletti, u, fl-istess ħin, tirrinforza l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel, u għandha impatt negattiv fuq il-post tax-xogħol. Il-ħtieġa li tiġi miġġielda din it-tip ta' vjolenza hija indirizzata f'diversi konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO):

- Konvenzjoni 29 dwar ix-xogħol furzat, 1930
- Konvenzjoni 97 dwar il-ħaddiema migranti (rivedut), 1949
- Konvenzjoni 100 dwar remunerazzjoni ugwali, 1951
- Konvenzjoni 111 dwar id-diskriminazzjoni (impjeg u professjoni), 1958
- Konvenzjoni 189 dwar il-ħaddiema domestiċi, 2011

Il-miżuri previsti fir-rakkomandazzjoni 200 dwar l-HIV/AIDS u d-dinja tax-xogħol (2010) jispeċifikaw li għandhom jittieħdu miżuri biex jipprevjenu u biex jitwaqqufu l-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol. Aktar reċentement, ir-Rakkomandazzjoni nru 204 dwar it-tranżizzjoni mill-ekonomija informali għal dik formali (adottata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fil-104 Sessjoni tagħha fit-12 ta' Ġunju 2015 f'Ġinevra) tesiġi li l-Istati Membri jiżguraw li jinkludu qafas ta' politiki integrati fl-istrateġiji jew il-pjani ta' żvilupp nazzjonali. Dan il-qafas ta' politika integrata għandu jwassal [...] għall-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza, inkluża l-vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol ⁽³⁾.

Iżda l-ebda standard bħalissa ma jittratta l-kwistjoni speċifika ta' vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol.

2.2.2. Il-Kumitat ta' Esperti tal-ILO pprova jimla dan il-vojt: "[...] il-fastidju sesswali qed idgħajjef l-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol billi jaffetwa l-integrità, id-dinjità u l-benessri tal-ħaddiema. Il-fastidju sesswali jagħmel ħsara lill-impriżi billi jdgħajjef is-sisien li fuqhom jinbnew ir-relazzjonijiet ta' impjeg u billi jnaqqas il-produttività. Il-kumitat diġà esprima l-fehma li l-fastidju sesswali huwa forma ta' diskriminazzjoni sesswali u għandu jiġi ttrattat fil-qafas tal-obbligi taħt il-konvenzjoni [111]. B'hekk, skont il-konvenzjoni, li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess u l-adozzjoni ta' politika biex jiġu promossi l-opportunitajiet u t-trattament indaqs, għandhom jittieħdu miżuri biex jeliminaw il-fastidju sesswali" ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' aċċess għall-impjeg, taħriġ professjonali u promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol (ĠU L 269, 5.10.2002, p. 15).

⁽²⁾ <http://www.etuc.org/framework-agreement-harassment-and-violence-work>

⁽³⁾ http://www.ilo.org/ilc/ILCSessions/104/texts-adopted/WCMS_377776/lang-fr/index.htm

⁽⁴⁾ Rapport tal-Kumitat ta' Esperti dwar l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet, Rapport III(1 A), Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol, il-91 Sessjoni, 2003, pp. 497-498).

2.2.3. Fl-2008, il-kumitat innota li hemm “nuqqas serju f’termini tal-implimentazzjoni fir-rigward tal-fastidju sesswali, li huwa forma ta’ diskriminazzjoni fuq bażi ta’ sess u ksur serju tad-drittijiet individwali fuq il-post tax-xogħol. Għaldaqstant, il-kumitat ifakkar fl-osservazzjoni ġenerali tiegħu tal-2002 fejn enfasizza l-importanza li jittieħdu miżuri effettivi biex jiġu evitati u pprojbiti kemm quid pro quo kif ukoll ambjent ostili ta’ fastidju sesswali fil-post tax-xogħol”⁽⁵⁾.

2.2.4. Fit-320 u t-323 sessjonijiet tal-Kunsill Amministrattiv tal-ILO (13-27 ta’ Marzu 2014 u 12-27 ta’ Marzu 2015), għadd ta’ gvernijiet (il-Ġermanja, il-Kanada, Kuba, Franza l-Indja, l-Italja, il-Messiku, in-Netherlands, is-Sri Lanka, l-Urugwaj u l-Istati Uniti) esprimew l-appoġġ tagħhom għat-tfassil ta’ standard internazzjonali dwar “Il-vjolenza kontra n-nisa u l-irġiel fid-dinja tax-xogħol” biex il-gvernijiet, il-junjins u min iħaddem jingħataw l-għodod għall-ġlieda kontra l-vjolenza bbażata fuq is-sess u l-fastidju sesswali, u sabiex jindikaw b’mod qawwi li din il-vjolenza hija ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema. Din it-talba ġiet appoġġata wkoll mill-Grupp tal-Ħaddiema fi ħdan l-ILO u l-Konfederazzjoni Internazzjonali tat-Trejdjunjins.

2.3. U fl-Ewropa:

2.3.1. L-imsieħba soċjali Ewropej iffirmary, fl-2007, ftehim qafas dwar il-fastidju u l-vjolenza fuq ix-xogħol li għandu jwassal biex flimkien jappoġġjaw regolament simili fil-livell internazzjonali⁽⁶⁾.

2.3.2. Fl-opinjoni tiegħu dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u anke f’opinjonijiet dwar il-vjolenza domestika⁽⁷⁾, il-KESE kemm-il darba esprima ruħu dwar il-vjolenza bbażata fuq is-sess u sesswali mġarrba minn għadd wisq kbir ta’ nisa madwar id-dinja. Barra minn hekk, din hi problema li qed tikber: il-kriżi ekonomika, il-programmi ta’ aġġustament strutturali u l-miżuri ta’ awsterità għenu biex tiżdied il-vjolenza fuq il-post tax-xogħol.

2.3.3. Il-KESE jixtieq li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, li bis-saħħa tad-Direttiva 2002/73/KE⁽⁸⁾ diġà għandhom stabbiliti strumenti biex jiġi miġġieled il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, iħeġġu b’vuċi waħda lill-ILO biex tappoġġja t-tfassil ta’ standard internazzjonali li jippermetti l-ġlieda kontra l-vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol.

2.4. Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni

2.4.1. Il-vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol hija ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, u attakk fuq id-dinjità u l-integrità fiżika u psikoloġika. Madwar id-dinja, 35 % tan-nisa huma vittmi tal-vjolenza diretta fuq il-post tax-xogħol, u bejn 40 u 50 % minnhom huma soġġetti għal avvanzi sesswali mhux mixtieqa, kuntatt fiżiku mhux mixtieq jew forom oħra ta’ fastidju sesswali. 45 % tan-nisa fl-UE jiddikjaraw li xi darba jew oħra kienu vittma tal-vjolenza bbażata fuq is-sess. Bejn 40 u 45 % jiddikjaraw li kienu vittmi ta’ fastidju sesswali fuq ix-xogħol. Huwa stmat li fl-Ewropa, kuljum, seba’ nisa jmutu kawża ta’ vjolenza sessista⁽⁹⁾.

2.4.2. Tali vjolenza tirrifletti relazzjonijiet ta’ poter mhux indaqs bejn in-nisa u l-irġiel u tgħin biex jiġu perpetwati l-inugwaljanzi. Bħala l-espressjoni ta’ rieda ta’ dominanza, tali vjolenza hija frekwenti ħafna f’soċjetajiet fejn jinkisru d-drittijiet tal-bniedem, iżda tinsab ukoll f’soċjetajiet demokratiċi. Din il-vjolenza m’għandhiex tiġi konfuża mas-seduzzjoni, li tirrikjedi rispett għall-persuna l-oħra. Il-vjolenza sesswali u sessista mhijiex kwistjoni privata, il-ġlieda kontriha hija kwistjoni ta’ politika pubblika u sigurtà pubblika.

2.4.3. Ċajt sessist, insulti diffamatorji, inkejja umiljanti, ġesti insolenti, stampi pornografiċi mwaħħla fil-postijiet tax-xogħol u fuq l-Internet, li huwa għodda ta’ ħidma għal ħafna ħaddiema, fastidju psikoloġiku u sesswali, l-istupru u vjolenza sesswali oħra, il-vjolenza domestika, liema mara tista’ tgħid li qatt ma kienet involuta f’mill-inqas wieħed minn dawn l-eżempji ta’ sessiżmu?⁽¹⁰⁾

⁽⁵⁾ Rapport tal-Kumitat ta’ Esperti dwar l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet, Rapport III(1 A), Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol, it-98 Sessjoni, 2009, p. 35.

⁽⁶⁾ <http://www.etuc.org/framework-agreement-harassment-and-violence-work>

⁽⁷⁾ Opinjonijiet dwar “L-eradikazzjoni tal-vjolenza domestika fuq in-nisa” (ĠU C 351, 15.11.2012, p. 21).

⁽⁸⁾ Ara n-nota 1 f’qiegħ il-paġna.

⁽⁹⁾ Barometru 2011, “National Action Plan on Violence against Women in the EU” (Pjan ta’ azzjoni nazzjonali kontra l-vjolenza fuq in-nisa) European Women’s Lobby, Awwiisu 2011 <http://www.womenlobby.org/spip.php?article2481&lang=en>

⁽¹⁰⁾ Rapport reċenti (April 2015) mill-Kunsill Għoli għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fi Franza argumenta li n-nisa KOLLHA kienu soġġetti għal avvanzi sesswali mhux mixtieqa fit-triq u t-trasport pubbliku. Il-maġġoranza tal-vittmi huma minorenni. http://www.haut-conseil-egalite.gouv.fr/IMG/pdf/hcefh_avis_harcelement_transports-20150410.pdf

2.4.4. Ikun xi jkun il-post fejn isseħħ, il-vjolenza bbażata fuq is-sess jista' jkollha impatt fuq il-post tax-xogħol. Studju Ewropew juri l-konsegwenzi tal-vjolenza domestika fuq ix-xogħol u l-integrazzjoni professjonali tal-vittmi⁽¹¹⁾ u studji internazzjonali jikkonfermaw dan⁽¹²⁾. Ir-riżultati ta' erba' stħarriġiet nazzjonali (l-Awstralja, il-Kanada, New Zealand u r-Renju Unit) juru li l-vjolenza domestika taffettwa l-parteċipazzjoni, il-produttività u s-sigurtà tal-impjegati. Mara li tkun vittima ta' vjolenza domestika tista' tkun iffastidjata mir-raġel jew is-sieħeb/sieħba tagħha fuq il-post tax-xogħol, u dan iqajjem kwistjonijiet ta' sigurtà għaliha u l-kollegi tagħha. Tista' tkun assenti mix-xogħol għal diversi jiem minħabba ġrieħi, jew jekk tkun għadha tiġi x-xogħol, l-effiċjenza professjonali tagħha tkun imfixkla. Fl-Awstralja, fis-servizzi pubbliċi, il-vittmi ta' vjolenza domestika huma intitolati għal liv. Fis-settur privat, bis-saħħa ta' ftehimiet kollettivi li jkopru kważi 2 miljun ħaddiem, dan il-liv huwa ta' 20 jum.

2.4.5. Jekk ikun hemm vjolenza fuq ix-xogħol u hija mwettqa minn kollegi, superjuri fil-ġerarkija, klijent jew utent, il-ħaddiema nisa ma jhossuomx iżjed sikuri. Huma jistgħu jeħtieġu liv biex jirkupraw minn ġrieħi fiżiċi jew psikoloġiċi, ifittxu għajnuna medika jew jattendu proċedimenti ċivili jew kriminali fil-qorti. Il-vjolenza bbażata fuq is-sess hija ta' ħsara wkoll għal min iħaddem (telf ta' produttività, assenteiżmu, litigazzjoni, pubbliċità ħażina).

2.4.6. Din il-vjolenza tista' sseħħ fit-triq lejn ix-xogħol. Fit-triq, fit-trasport pubbliku, f'haġna każijiet in-nisa jingħataw fastidju, jiġu attakkati, mbaġħsa, xi drabi maqtula. Dan it-tip ta' fastidju, immirat b'mod partikolari lejn iż-żgħażaġh, għandu riperkussjonijiet fit-tul: il-vittmi ma jhossuomx sikuri u jingħelbu minn sens ta' vulnerabbiltà li tista' tevolve f'sens ta' inferjorità. Għal uħud minnhom, li jbatu minn din il-vjolenza, jibda jidher normali.

2.4.7. Maż-żieda fin-numru ta' ħaddiema nisa, u billi hemm aktar nisa minn irġiel f'xogħol informali, xogħol prekarju, xogħol tad-dar, in-numru ta' vittmi nisa ta' vjolenza qed jikber ukoll. In-nisa li huma waħedhom mat-tfal huma b'mod partikolari vulnerabbli. Dawn iċ-ċirkustanzi jistgħu jintużaw għal rikatt.

2.4.8. Il-gruppi fl-ikbar riskju huma t-fal u iż-żgħażaġh – kemm bniet kif ukoll subien – li jkunu f'impjeg, il-persuni li huma vittmi tax-xogħol furzat, il-migranti ekonomiċi, il-ħaddiema domestiċi, persuni li jaħdmu fis-servizzi tas-saħħa, u daww il-persuni fl-industrija tas-sess. Xogħol solitarju u xogħol li jinvolvi kuntatt mal-pubbliku huma fatturi ta' riskji addizzjonali.

2.4.9. Fatturi ta' riskju marbuta mal-ambjent tax-xogħol jiddependu fuq il-post tan-nisa fl-organizzazzjoni tax-xogħol u l-kultura professjonali li tirrispetta iktar jew inqas in-nisa. Rappreżentazzjoni aħjar tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet għandha sservi ta' prevenzjoni tal-vjolenza kontribom.

2.4.10. Il-vjolenza sessista għandha effetti negattivi fuq il-produttività tal-forza tax-xogħol. Id-differenzi bejn l-espożizzjoni tan-nisa u l-irġiel għar-riskju ta' forom speċifiċi ta' vjolenza fuq il-post tax-xogħol huma aggravati mis-segregazzjoni bejn is-sessi. Ċerti nisa huma iktar esposti minn oħrajn: daww li huma parti minn minoranza f'ambjenti ddominati mill-irġiel jew li jaħdmu ma' persuni f'diffikultajiet emozzjonali (ħaddiema soċjali, persunal fil-ħabsijiet, uffiċċji li jservu l-pubbliku fi ħdan is-servizzi pubbliċi, u servizzi ta' emerġenza fl-isptarijiet, eċċ.).

2.4.11. Ir-riskju tal-vjolenza hija wkoll oġħa f'daww l-ambjenti fejn ir-relazzjonijiet soċjali huma ineżistenti, u fejn in-nuqqas ta' negozjar kollettiv ifisser li l-problema ma tistax tiġi solvuta. It-trejdjunjins jistgħu jgħinu lill-vittmi jkunu jafu lil min għandhom jikkuntattjaw f'każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom. Jeżistu wkoll soluzzjonijiet oħra: pereżempju, il-leġislazzjoni Belġjana tipprevedi l-ħatra ta' persuna li għandha l-fiduċja tal-ġerarkija u tal-ħaddiema, li tkun disponibbli biex toffri pariri u għajnuna.

2.5. *Definizzjoni u prevenzjoni tal-vjolenza*

2.5.1. Il-ġlieda kontra din il-vjolenza teħtieġ li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' kull każ, sabiex dawn jiġu evitati. Il-mekkaniżmi jridu jiġu mifhuma u jiġu denunzjati l-effetti sabiex din tonqos u biex isir progress lejn l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. It-taħriġ tal-livell ġestjonali dwar inugwaljanzi bejn is-sessi huwa azzjoni ta' prevenzjoni tajba.

⁽¹¹⁾ Meta l-vjolenza domestika hija preżenti fuq il-post tax-xogħol jew fil-proċess ta' integrazzjoni professjonali, COFACE 2011 http://www.coface-eu.org/en/upload/08_EUProjects/Domestic%20violence-etude-coface-daphne-fr.pdf

⁽¹²⁾ https://www.arts.unsw.edu.au/media/FASSFile/National_Domestic_Violence_and_the_Workplace_Survey_2011_Full_Report.pdf
<https://www.arts.unsw.edu.au/research/gendered-violence-research-network/gendered-violence-work/>

2.5.2. Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas legali vinkolanti, b'definizzjoni ċara tal-kamp ta' applikazzjoni u definizzjoni tar-reat, li jspecifikaw li l-vittmi jkunu f'relazzjoni ta' subordinazzjoni.

2.5.3. Il-vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol, kemm jekk isseħħ fuq il-post tax-xogħol jew waqt il-vjaġġ lejn jew mix-xogħol, tista' tieħu diversi forom, inklużi:

- vjolenza fiżika;
- vjolenza sesswali, inkluż l-istupru u l-attakki sesswali;
- aġir offensiv, insulti, nuqqas ta' rispett, turija ta' disprezz;
- atti ta' intimidazzjoni;
- abbuż psikoloġiku;
- fastidju sesswali;
- theddid ta' vjolenza;
- aggressjoni kostanti.

2.5.4. Dawn huma karatterizzati mill-fatt li jiġu imposti, mingħajr il-kunsens tal-persuna li fuqha qed ikunu imposti, proposti jew mġiba relatat mas-sess jew l-orjentament sesswali, bil-għan li tinholq sitwazzjoni intimidanti, umiljanti, degradanti jew offensiva. Aggressjonijiet żgħar ta' kuljum, li waħedhom jidhru li ma jagħmlux ħsara, iwasslu biex il-vittmi ma jħossuhomx sikuri. Tali vjolenza, attakki u umiljazzjoni jgħolqu ambjent tax-xogħol li mhux tajjeb għas-saħħa.

2.5.5. Il-ftehim qafas Ewropew tal-imsieħba soċjali jistipola li "Għamliet differenti ta' fastidju u vjolenza jistgħu jseħħu fuq il-post tax-xogħol. Il-fastidju u l-vjolenza jistgħu:

- jieħdu forom fiżiċi, psikoloġiċi u/jew sesswali;
- ikunu inċidenti iżolati jew mġiba aktar sistematika;
- jseħħu fost il-kollegi, bejn superjuri u subordinati jew minn partijiet terzi bħal klijenti, pazjenti, studenti, eċċ.;
- ivarjaw minn każi żgħar ta' diżrispett għal atti iktar serji, inklużi offiżi kriminali, li jirrikjedu l-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi.

Dawn id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jinsistu dwar il-kunfidenzjalità:

- "huwa fl-interess tal-partijiet kollha li l-proċedimenti jsiru bid-diskrezzjoni meħtieġa għall-ħarsien tad-dinjità u l-privatezza tal-individwi kollha;
- ebda informazzjoni m'għandha tinkixef lil partijiet mhux involuti fil-każ".

Il-ftehim jipprovdi wkoll proċedura għat-trattament tal-ilmenti kif ukoll miżuri ta' prevenzjoni li d-dibattitu dwar l-ILO jista' jservi bħala ispirazzjoni.

2.5.6. L-Internet huwa użat minn ħafna impjegati. Il-vjolenza bbażata fuq is-sess tista' ssir permezz ta' stampi degradanti, inklużi messaġġi li jitqiegħdu fil-midja soċjali. Ambjent ta' intimidazzjoni, ostilità u/jew umiljazzjoni jista' jinholq fir-relazzjonijiet onlajn, bħal f'relazzjonijiet "reali". In-norma l-għdida ma tistax ma tkunx konxja li l-Internet huwa involut fir-relazzjonijiet ta' xogħol u li jeħtieġ li tiġi miġġielda l-vjolenza bbażata fuq is-sess anke hemmhekk.

3. Għafejn huwa neċessarju standard tal-ILO dwar il-vjolenza bbażata fuq is-sess?

3.1. Il-post tax-xogħol joħloq kuntest uniku biex tiġi miġġielda l-vjolenza. Standard internazzjonali tax-xogħol jista' jipprovdi gwida dwar il-politiki tar-riżorsi umani xierqa fil-qasam tal-vjolenza bbażata fuq is-sess fl-impriża u jiggwida d-djalogo soċjali u l-ftehimiet kollettivi tax-xogħol.

3.2. La l-qafas internazzjonali attwali u lanqas il-liġijiet nazzjonali ma jggarantixxu protezzjoni adegwata kontra l-vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol. F'maġġoranza ta' pajjiżi, l-istrumenti għall-ġlieda kontra l-vjolenza bbażata fuq is-sess huma prinċipalment iffokati fuq il-kriminalizzazzjoni tal-ħatja, normalment permezz tal-inklużjoni ta' reati sesswali fil-kodiċi kriminali. Għalkemm huma ta' importanza kruċjali, dawn ir-reazzjonijiet m'humiex dejjem adattati għar-relazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol. Kif iddikjara l-Kumitat ta' Esperti tal-ILO: "*Bħala regola ġenerali, mhux xieraq li l-fastidju sesswali jiġi ttrattat fil-qafas ta' proċeduri kriminali [minħabba li] anke jekk jipprovdu informazzjoni dwar l-aktar każijiet serji, [din il-proċedura] ma tindirizzax kif suppost il-firxa sħiħa ta' mġiba li għandha titqies bħala fastidju sesswali fil-kuntest professjonali, fejn l-oneru tal-prova huwa aktar esiġenti u l-aċċess għal rimedji legali huwa aktar limitat*"⁽¹³⁾. Il-prevenzjoni tal-fastidju sesswali jfisser li min iħaddem u l-ħaddiema jiġu konvinti li m'hemm post għal tali mġiba fuq il-post tax-xogħol. Il-ftehim qafas Ewropew jipprovdi li "*L-impriżi għandhom jagħmlu dikjarazzjoni preċiża li l-fastidju u l-vjolenza mhumiex tollerati fi hđandhom*".

4. Għalfejn is-soċjetà ċivili għandha tappoġġja standard tal-ILO dwar il-vjolenza bbażata fuq is-sess?

4.1. Il-vjolenza bbażata fuq is-sess hija kwistjoni ta' sikurezza u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol, tikkawża kollass emozzjonali, stress psikoloġiku, u inċidenti relatati max-xogħol. L-organizzazzjoni tax-xogħol għandha tiġi eżaminata fid-dawl tar-relazzjonijiet soċjali bejn is-sessi u inkjesti bbażati fuq il-ġeneru għandhom jitfgħu dawl fuq dawn ir-riskji.

4.2. L-imsieħba soċjali huma f'pożizzjoni tajba biex jisimġħu lill-vittmi u jgħinuhom iressqu l-ilmenti tagħhom. Is-servizz soċjali jew riżorsi umani fil-kumpaniji, it-trejdjunjins, it-tobba tax-xogħol kif ukoll il-konsulenti speċjalisti huma l-partijiet interessati ewlenin għall-protezzjoni tal-vittmi. Il-ħatra ta' persuna affidabbli speċjalizzata li tisma' lill-vittmi u l-istruzzjoni tal-fajls hija l-għażla ppreferuta fil-ftehim qafas Ewropew tal-imsieħba soċjali. L-assoċjazzjonijiet tan-nisa, il-ħarsien tad-drittijiet, l-appoġġ għall-migranti u oħrajn huma essenzjali biex jgħinu lill-vittmi u jikkomplementaw l-azzjoni tal-imsieħba soċjali. L-imsieħba soċjali għandhom huma stess ikunu ta' eżempju u jwarrbu attitudnijiet sessisti u umiljanti fi hđandhom.

4.3. Standard tal-ILO dwar il-vjolenza bbażata fuq is-sess għandu jibbenefika lis-soċjetà, lid-djalogu soċjali, l-ambjent tax-xogħol u r-relazzjonijiet tax-xogħol, billi:

- jiżgura konsultazzjoni tal-imsieħba soċjali sabiex jiġu stabbiliti regoli u jinħoloq qafas għat-trattament tal-każi;
- jippermetti t-tfassil ta' definizzjoni komuni ta' x'jikkostitwixxi l-vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol;
- jispeċifika lil min iħaddem u lit-trejdjunjins dwar x'inhuma r-responsabbiltajiet tagħhom biex jimpedixxu, jikkumbattu u jeliminaw il-vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol;
- jgħin lil min iħaddem fl-iżvilupp tal-politiki tar-riżorsi umani, inklużi proċessi, b'mod partikolari taħriġ, biex tiġi evitata l-vjolenza bbażata fuq is-sess u biex jiġi indirizzat l-impatt tagħha fid-dinja tax-xogħol, inklużi l-konsegwenzi tal-vjolenza domestika fuq il-post tax-xogħol;
- jgħin lil min iħaddem biex jistabbilixxi proċeduri għar-rapportar ta' ilmenti u talbiet;
- jagħti gwida għal min iħaddem dwar is-smiġħ tal-vittmi, u dwar l-eżaminazzjoni u t-trattament ta' ilmenti ta' vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol;
- jiddefinixxi b'mod aktar ċar l-ambitu tar-responsabbiltà (diretta u għal oħrajn) ta' min iħaddem, f'każ ta' vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol;
- joħloq kultura fuq il-post tax-xogħol fejn il-vjolenza bbażata fuq is-sess ma tkunx ittollerata;
- itejjeb is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u jnaqqas it-telf ekonomiku ta' min iħaddem marbut ma' każijiet ta' vjolenza bbażata fuq is-sess (l-assenteiżmu mix-xogħol, it-telf ta' produttività, litigazzjoni, pubbliċità ħażina...).

5. Għalfejn il-gvernijiet għandhom jappoġġjaw standard tal-ILO dwar il-vjolenza bbażata fuq is-sess?

5.1. In-norma prevista għandha tikkontribwixxi biex:

- jintlaħqu l-oġġettivi ta' impjeg deċenti;

⁽¹³⁾ Rapport tal-Kumitat ta' Esperti dwar l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet, Rapport III(1 A), Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol, it-98 Sessjoni, 2009, p. 32.

- titnaqqas il-vulnerabilità tal-persuni li jiġu esposti għal vjolenza bbażata fuq is-sess u ssaħħaħ l-indipendenza ekonomika tagħhom u l-produttività tagħhom fuq il-post tax-xogħol;
- ikun hemm tfaddil: il-vjolenza domestika u fuq il-post tax-xogħol tqum il-miljuni fil-kura tas-saħħa, flitigazzjoni, fit-telf fil-pagi u fil-ħlas għall-mard;
- titjieb is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll fir-relazzjonijiet tax-xogħol;
- tagħmel l-oqfsa legali aktar koerenti sabiex tinqered il-vjolenza bbażata fuq is-sess u jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem;
- jitnaqqsu l-ispejjeż li l-vjolenza sessista tinvolvi.

6. Proposti ta' kontenut għal norma tal-ILO

- definizzjoni wiesgħa ta' vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol, inklużi forom differenti ta' vjolenza fuq il-post tax-xogħol;
- l-adozzjoni ta' definizzjoni ta' "post tax-xogħol", inkluż il-vjaġġ lejn u mill-post;
- id-dispożizzjonijiet bil-għan li tiġi evitata l-vjolenza bbażata fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol u miżuri maħsuba li jipproteġu u jappoġġjaw lill-vittmi ta' vjolenza bbażata fuq is-sess;
- deskrizzjoni tal-gruppi l-iżjed milquta mill-vjolenza bbażata fuq is-sess: l-omosesswali u transesswali, il-migranti, il-ħaddiema bl-HIV/AIDS jew b'diżabilità, u persuni soġġetti għal xogħol furzat jew it-tħaddim tat-tfal;
- il-garanzija tad-drittijiet differenti tal-impjeg u tas-sigurtà soċjali għal dawk li jagħmlu ilment, inkluż id-dritt li jitnaqqas jew jiġi organizzat mill-ġdid il-ħin tax-xogħol;
- linji gwida għat-tfassil ta' regolamenti interni jew kodiċi ta' kondotta għal kumpaniji u organizzazzjonijiet li jiddikjaraw li mgħiba mhux xierqa jew umiljanti kontra n-nisa u gruppi oħra li huma l-iżjed milquta se jkunu suġġetti għal sanzjonijiet professjonali;
- linji gwida għall-istabbiliment ta' stħarriġiet immirati għall-ġbir ta' statistika armonizzata;
- gwidi biex jiġi organizzat it-taħriġ biex jiżdied l-għarfien tal-mekkaniżmi ta' dominazzjoni u s-segregazzjoni tal-irġiel u n-nisa fl-impjeg u tiġi żviluppata kultura ta' nonvjolenza;
- il-promozzjoni ta' mediċina okkupazzjonali sabiex tiġi involuta fl-istudju tal-każijiet kollha ta' vjolenza bbażata fuq is-sess, għaliex din toħloq riskju għas-saħħa fiżika u psikoloġika tal-ħaddiema nisa;
- jiġi żgurat li jiġu meqjusa d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78/KE dwar it-twaqqif ta' qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol⁽¹⁴⁾;
- tingħata attenzjoni partikolari lir-rwol tal-mezzi tax-xandir biex jissensibilizza l-pubbliku, jinforma u jħarreġ: tliet aspetti imperattivi sabiex jinkiser iċ-ċiklu tal-vjolenza;
- jitqiesu r-riskji ġodda marbuta mal-użu tal-Internet u teknoloġiji ġodda.

Brussell, 16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽¹⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Atti Delegati”**(Opinjoni addizzjonali)**

(2016/C 013/22)

Relatur: is-Sur Jorge PEGADO LIZ

Nhar id-19 ta' Frar 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni addizzjonali dwar:

“Atti delegati”

(Opinjoni addizzjonali)

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-14 ta' Lulju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-16 ta' Settembru 2015), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'140 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE, f'nofs il-ħidma tiegħu fuq opinjoni addizzjonali fuq inizzjattiva proprja rigward il-proċedura ta' delega, skopra li l-Kummissjoni ppubblikat proposta għal ftehim interistituzzjonali ġdid limitattiv, ibbażat fuq l-Artikolu 295 tat-TFUE. Din il-proposta hija parti minn pakkett ġenerali “Tfassil Aħjar tal-Liġijiet” li jitratta atti delegati f'żewġ annessi speċifiċi.

1.2. Huwa jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tirrappreżenta pass fid-direzzjoni t-tajba, li huwa kien talab għalih.

1.3. Huwa jqis li fil-biċċa l-kbira l-prinċipji tagħha huma pożittivi.

1.4. Il-KESE jinsab sodisfatt bl-isforzi tal-Kummissjoni għal bilanċ ġust bejn il-valuri fundamentali li huma r-rispett għan-“norma ġuridika”, il-parteċipazzjoni demokratika, it-trasparenza, il-prossimità taċ-ċittadini u d-dritt għal informazzjoni wiesgħa dwar il-proċeduri leġislattivi, min-naħa l-waħda, u s-simplifikazzjoni leġislattiva, regolamentazzjoni aktar flessibbli, adattata aħjar għall-interessi involuti, u fejn l-aġġornament u r-reviżjoni huma ffaċilitati, min-naħa l-oħra.

1.5. Il-KESE fuq kollox jilqa' l-fatt li “l-Kummissjoni timpenja ruħha li tiġbor l-għarfien espert kollu meħtieġ qabel l-adozzjoni ta' atti delegati, inkluż permezz tal-konsultazzjoni mal-esperti mill-Istati Membri u permezz ta' konsultazzjonijiet pubbliċi” u li hi tippromovi l-istess metodu konsultattiv għall-atti ta' implimentazzjoni. Madankollu, il-KESE jibża' li minħabba dawn il-konsultazzjonijiet kollha, il-ħin biex jitħejjew l-atti jista' jittawwal b'mod eċċessiv u mingħajr bżonn.

1.6. Madankollu, il-KESE ma jaqbilx kompletament mal-approċċ każwistiku rigward id-distinzjoni fi kwistjonijiet li jridu jkun s-suġġett ta' atti delegati u atti ta' implimentazzjoni, minħabba li l-kriterji użati huma ambigwi u jistgħu jagħtu lok għal diversi interpretazzjonijiet.

1.7. Il-KESE ma jaqbilx mal-proposta tal-Kummissjoni b'mod partikolari minħabba:

- (a) in-nuqqas ta' informazzjoni minn qabel dwar l-esperti tal-Istati Membri u l-kompetenzi tekniċi tagħhom;
- (b) in-nuqqas ta' perjodu adatt għall-konsultazzjoni tal-esperti, tal-partijiet interessati, tal-PE u tal-Kunsill, għajr f'każ ta' emerġenza;
- (c) il-karattru fakultattiv tal-konsultazzjoni u tat-trażmissjoni tal-iskeda tal-laqgħat mal-esperti tal-PE u mal-partijiet interessati;
- (d) l-inkonsistenza u l-inkoerenza tal-informazzjoni rigward l-adozzjoni tal-atti delegati, għalhekk għandha tkun sistematika u awtomatika u permezz ta' sit tal-Internet aġġornat f'ħin reali;

(e) bħala prinċipju l-perjodu mhux konfermat tad-delega: il-KESE huwa tal-opinjoni li l-prinċipju jrid ikollu perjodu preċiż, li eventwalment jiġġedded għal perjodu identiku, għajr b'eċċezzjoni ta' każijiet eċċezzjonali ġustifikati kif xieraq.

1.8. Il-KESE jixtieq li l-linji gwida jistipulaw biċ-ċar li d-delegazzjonijiet ikunu delimitati fid-dettall, jiġifieri:

(a) objettivi identifikati;

(b) kontenut speċifiku;

(c) kamp ta' applikazzjoni ċar;

(d) perjodu strett u fiss.

1.9. Il-KESE jqis li għandu jiġi kkonsultat għal opinjoni, bl-istess mod bħal fil-proċedura leġislattiva ordinarja, anki fejn jikkonċerna l-valutazzjonijiet tal-impatt u r-reviżjoni tal-atti delegati.

1.10. Fl-aħħar nett, il-KESE jistqarr li l-abbozzar tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE jista' jittejjeb, u li fil-każ ta' reviżjoni tat-trattati, iridu jiġu mtejbja. L-applikazzjoni tagħhom trid issir b'mod aħjar sabiex jiġi evitat li d-deċiżjonijiet dwar l-għażla tal-istrument legali jkunu aktar politiċi milli tekniċi.

2. Għaliex għandna bżonn opinjonijiet fuq inizjattiva proprja addizzjonali dwar atti ddelegati?

2.1. Fl-2012, il-KESE kien awtorizza t-tnejn ta' rapport ta' informazzjoni⁽¹⁾ dwar il-proċedura biex tiġi analizzata l-utilità tiegħu u biex jinsiltu konklużjonijiet dwar il-funzjonament tas-sistema ta' skrutinju għall-prevenzjoni jew il-korrezzjoni tal-abbuż tas-setgħa li jistgħu jaffettwaw ir-regoli demokratiċi tal-“Komunità bbażata fuq l-istat tad-dritt” li hija l-Unjoni Ewropea.

2.2. Wara dan ir-rapport u żewġ konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar tliet proposti għal regolament li jadattaw skont l-Artikolu 290 tat-TFUE għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju⁽²⁾, il-KESE kien adotta żewġ opinjonijiet⁽³⁾ li jqisu l-kummenti u l-konklużjonijiet tar-rapport ta' informazzjoni tiegħu, inklużi “id-dubbi dwar is-sempliċità tal-proċedura, jekk il-pubbliku Ewropew huwiex verament jifhem x'hemm involut, l-użu 'korrett' ta' din il-proċedura u l-effikaċja tal-mekkaniżmi ta' kontroll”. Huwa rakkomanda li dan l-istrument jintuża bi prudenza peress li “ċerti elementi ta' delega għadhom mhumiex ċari”.

2.3. Wara l-elezzjonijiet Ewropej tal-2014 u l-ħatra ta' kummissarji ġodda, li minnhom inħatar l-ewwel Viċi President responsabbli għat-titjib fir-regolamentazzjoni, ir-relazzjonijiet interistituzzjonali, l-Istat tad-dritt u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jidher li huwa xieraq li jerġa' jinfetħ dan id-dossier, biex ikunu infurmati dwar l-intenzjonijiet ta' atturi istituzzjonali ġodda, u fuq kollox li tittieħed pożizzjoni dwar l-innovazzjonijiet possibbli mmirati biex jiġu ggarantiti aħjar il-prinċipji ta' trasparenza, iċ-ċertezza legali, il-kontroll demokratiku u l-bilanċ istituzzjonali. Din hija wkoll l-okkażjoni biex tiġġedded id-diskussjoni bejn l-istituzzjonijiet Ewropej, is-soċjetà ċivili u l-akkademiċi, biex jiġu proposti rakkomandazzjonijiet ġodda lill-istituzzjonijiet tal-UE.

3. Sitwazzjoni attwali

3.1. Għaddew sentejn minn mindu r-rapport ta' informazzjoni u ż-żewġ opinjonijiet imsemmija qabel ġew adottati. Sadanittant, il-proposti tal-Kummissjoni magħrufa bħala Omnibus 1 u Omnibus 3 ma ġewx segwiti. Il-Presidenza Griega, fir-rapport ta' progress tagħha li ntbagħat lil Coreper fl-20 ta' Ġunju 2014, ikkrikt il-karattru awtomatiku tal-proposti tagħha, għax jimpedixxu lil-leġislatur milli jeżerċita s-setgħa diskrezzjonali tiegħu każ b'każ. Il-Kunsill imbagħad uża l-veto tiegħu darbtejn, kontra r-regoli ta' aċċess għas-servizzi pubbliċi regolati provdut mis-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita tal-Programm Galileo⁽⁴⁾ u l-format ta' trażmissjoni tad-data dwar ir-riċerka u l-iżvilupp⁽⁵⁾.

3.2. Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni attwali jipprevedi li l-Kummissjoni ttejjeb l-istrumenti tagħha għal regolazzjoni aħjar. L-għan kien li tiġi definita sensiela ta' azzjonijiet għal regolamentazzjoni idonea u bi prestazzjoni tajba.

⁽¹⁾ CES 248/2013.

⁽²⁾ COM(2013) 451, 452 u 751 final.

⁽³⁾ ĠU C 67, 6.3.2014, p. 104, u ĠU C 177, 11.6.2014, p. 48.

⁽⁴⁾ <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-17336-2013-INIT/mt/pdf>

⁽⁵⁾ <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-15147-2014-INIT/mt/pdf>

3.3. Il-proposta għal Ftehim Interistituzzjonali l-ġdid, li inizjalment kieneta previst għat-28 ta' April 2015 iżda ġiet posposta għad-19 ta' Mejju, tinkludi minn naħa l-parti tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Regolamentazzjoni Aħjar ⁽⁶⁾ u min-naħa l-oħra ż-żewġ annessi dwar il-kwistjoni ċentrali tas-sistema legali tal-atti delegati: il-Ftehim bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-atti delegati (Anness 1) u Tipi ta' Klawżoli (Anness 2).

3.4. Ftit żmien qabel il-pubblikazzjoni tal-Pakkett, kien għad fadal diverġenzi dwar ir-rilevanza tal-bażi legali tal-Artikolu 295 tat-TFUE. Madankollu, huwa ċar li l-“valutazzjonijiet tal-impatt” ser jissaħħu, bħall-konsultazzjoni mal-partijiet interessati (*stakeholders*), u li l-konsultazzjoni tal-esperti tal-Istati Membri ser issir obligatorja qabel l-adozzjoni ta' att delegat. L-intenzjoni kienet ukoll li l-atti delegati jiġu limitati għal oqsma ewlenin, għalkemm dan il-kunċett għadu mhux ċar ħafna. Jidher ukoll li s-Sur Timmermans huwa responsabbli mill-validazzjoni ta' kwalunkwe atti delegati proposti.

3.5. Skont diversi sorsi, il-PE baqa' mgħarraq bi proposti għal atti delegati u la kellu l-mezzi u lanqas metodu biex ikun jista' jeżerċita l-iskrutinju b'mod effikaċi. Kien qed jiġi eżaminat ristrutturar tas-servizzi tiegħu akkumpanjat minn linji gwida interni, kif ukoll l-allokazzjoni ta' riżorsi umani addizzjonali.

3.6. Fil-Kunsill, il-kwistjoni tad-delegazzjonijiet ta' kompetenza u l-iskrutinju tagħhom kien jidher li qed tħasseb lil xi Stati Membri u kienet meqjusa bħala prijorità. Madankollu, jidher li kien hemm nuqqas ta' qbil dwar il-ħtieġa ta' aktar delimitazzjoni preċiża tal-kampijiet ta' applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE. L-orjentazzjoni bażika tal-Kunsill tidher aktar lejn ir-riformulazzjoni tat-test ta' *Ftehim Komuni*, bi rwol rinforzat għall-esperti nazzjonali li għandhom dejjem jiġu kkonsultati matul il-fażi preparatorja tal-atti delegati bi żmien biżżejjed minn qabel (konsultazzjoni *ex ante*). Ir-Rapport annwali tal-2015 tal-Presidenza tal-Kunsill dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt jinsisti sadanittant fuq il-ħtieġa li l-esperti nazzjonali jkunu jistgħu jiġu kkonsultati żmien twil qabel biżżejjed.

3.7. Xi partijiet interessati jiddeploraw in-nuqqas ta' trasparenza tal-proċedura ta' delega. Kien jidher li huwa estremament diffiċli li jiġu identifikati l-interlokutori rilevanti fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, il-komitati ta' esperti tal-Kunsill, il-membri fi ħdan il-PE jew dawk l-uffiċjali responsabbli fl-aġenziji eżekuttivi tal-UE, u saħansitra anke impossibbli fil-każ ta' esperti li jiltaqgħu f'komitati tal-Kunsill, fejn il-kwistjonijiet trattati fil-qafas tal-proċedura ta' delega għandhom impatt dirett fuq is-soċjetà ċivili organizzata, l-industrija, il-kummerċ il-konsumaturi u ċ-ċittadini. Dawn il-partijiet interessati enfasizzaw ukoll in-nuqqas apparenti ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ ta' dawk il-persuni dwar il-proċedura ta' delega nnifisha u l-implikazzjonijiet tagħha, ta' spiss ikkunsidrati bħala formalità proċedurali newtrali.

3.8. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE tat is-sentenza tagħha dwar il-kunċett ta' “elementi essenzjali” f'sentenza tal-5 ta' Settembru 2012 mill-Awla Manja ⁽⁷⁾, f'kawża bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fejn hija ddeċidiet li “l-adozzjoni tar-regoli essenzjali tal-qasam previst hija rriżervata għal-leġiżlatur tal-Unjoni” jiġifieri dawn ir-regoli bażiċi għandhom “jiddaħħlu fil-leġiżlazzjoni bażika u ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' delega” ⁽⁸⁾.

3.8.1. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din is-sentenza fir-rigward tal-komitoloġija huwa trasferibbli għall-proċedura ta' delega, safejn l-Artikolu 290 tat-TFUE jirreferi għall-kunċett ta' “elementi mhux essenzjali”. Dan jispjega wkoll li d-drittijiet fundamentali huma f'idejn il-leġiżlatur biss. Tgħid ukoll li d-distinzjoni bejn is-setgħat leġislattivi u dawk eżekuttivi għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju.

3.9. Iktar reċenti, il-Qorti ddeċidiet dwar id-distinzjoni bejn l-att ta' implimentazzjoni u l-att delegat f'sentenza tat-18 ta' Marzu 2014 mill-Awla Manja fl-hekk imsejħa kawża tal-bijoċidji, f'kawża li tressqet mill-Kummissjoni kontra l-PE u lill-Kunsill ⁽⁹⁾. Hija kkunsidrat li l-att delegat inkwistjoni jirreferi għas-sitwazzjoni fejn il-Kummissjoni adottat “regoli li jagħmlu parti mill-qafas regolatorju kif iddefinit fl-att leġiżlattiv bażiku” filwaqt li l-att ta' implimentazzjoni “jippreċiża il-kontenut ta' att leġiżlattiv sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tiegħu f'kundizzjonijiet uniformi fl-Istati Membri kollha”.

⁽⁶⁾ COM(2015) 216 final.

⁽⁷⁾ Il-Każ C-355/10, Il-Parlament Ewropew vs il-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2012, paragrafi 26-28, 39, 65-68.

⁽⁸⁾ Punt 64 tas-sentenza.

⁽⁹⁾ Il-Każ C-427/12, il-Kummissjoni vs il-Parlament Ewropew, tat-18 ta' Marzu 2014, fl-hekk imsejħa kawża “tal-bijoċidji”.

3.9.1. Din tispeċifika wkoll li l-att delegat jista' jemenda u jikkompleta l-att bażiku, filwaqt li l-att ta' implimentazzjoni jista' biss jikkonferma dan ⁽¹⁰⁾. Huwa ta' dispjaċir li l-Qorti ma eżaminatx f'aktar dettall ir-raġunament tagħha, kif ġie ssuġġerit fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón, fir-rigward tar-rabta bejn l-att delegat u l-eżerċizzju tas-setgħa politika ⁽¹¹⁾.

3.10. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni għamlet rikors il-Qorti nhar il-21 ta' Frar 2014 ⁽¹²⁾, għat-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 1289/2013 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa.

3.11. Ir-rikors imressaq mill-Kummissjoni ifittex l-annullament ta' dak ir-Regolament li jipprovi r-rikors għall-atti delegati fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' reċiproċità li stabbilixxiet. L-avukat ġenerali Mengozzi preżenta l-konklużjonijiet tiegħu fis-7 ta' Mejju 2015.

3.12. Fl-analizzi tal-ambitu tas-setgħa diskrezzjonali rikonoxxuta lil-leġislatur għas-sentenza dwar "il-Bijoċidali", huwa jfakkar li dan igawdi minn setgħa diskrezzjonali politika sħiħa, li mhix soġġetta għal stħarriġ ġuridiku, fir-rigward tal-għażla li tingħata jew ma tingħatax delega leġislattiva u li l-għażla politika ma tista' fl-ebda każ tkun soġġetta għad-delega. Huwa mbagħad jispeċifika li r-rikors għad-delega mhuwiex obbligu, iżda huwa strument maħsub biex jiffaċilita u jħaffef l-eżerċizzju normattiv dwar l-aspetti "mhux essenzjali" tal-leġislazzjoni bażi.

3.13. Huwa jinterpreta wkoll il-kunċett ta' "modifika" ⁽¹³⁾ bħala kwalunkwe bidla li tħassar, iżżid jew tissostitwixxi kwalunkwe parti, u jikkunsidra li "l-eżerċizzju tal-funzjoni leġislattiva hija ddelegata hija kkaratterizzata minn ċertu marġni ta' diskrezzjoni, li ma hijiex karatteristika li l-funzjoni Eżekuttiva" ⁽¹⁴⁾, u jenfasizza d-diffikultajiet ta' interpretazzjoni ta' dan il-kunċett u l-konsegwenzi tiegħu fir-rigward tal-bilanċ istituzzjonali.

Safejn jikkonċerna t-tilwim, wara analiżi bir-reqqa tar-regolament inkwistjoni, huwa ddeċieda li rrifjuta l-konklużjonijiet għall-annullament ippreżentati mill-Kummissjoni. Id-deċiżjoni tal-Qorti mistennija fis-16 ta' Lulju 2015.

4. Il-proposta ta' ftehim interistituzzjonali ġdid u s-seduta pubblika tas-26 ta' Mejju 2015 fil-KESE

4.1. Il-kwistjoni tal-atti delegati hija waħda mill-aktar importanti tal-pakkett ta' regolamentazzjoni aħjar li tinkludi l-aġenda tal-Kummissjoni ⁽¹⁵⁾ fil-punt 3.3 tiegħu dwar il-"Better Regulation Guidelines" ⁽¹⁶⁾ tat-"Toolbox" ⁽¹⁷⁾ u tar-"Regulatory Fitness and Performance Programme (REFIT)" ⁽¹⁸⁾ u, naturalment, il-proposta ta' ftehim interistituzzjonali ġdid (IIA).

4.2. Il-KESE kien diġà kkundanna:

- a. in-nuqqas ta' preċiżjoni tan-natura legali preċiża tal-atti delegati; l-ambigwiżità tal-kunċett ta' "miżuri mhux essenzjali" fejn l-interpretazzjoni mill-Qorti tvarja skont l-oqsma kkonċernati; u l-flessibbiltà estensiva li għandha l-Kummissjoni fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u t-tul ta' żmien tad-delegi.
- b. in-nuqqas ta' trasparenza, l-inċertezza legali u sorveljanza politika insuffiċjenti tal-konsultazzjoni minn qabel li tirriżulta f'dokument li mhuwiex legalment vinkolanti, bl-isem ta' "Common Understanding on practical arrangements for the use of delegated acts" tal-4 ta' April 2011;
- c. il-fatt li l-implimentazzjoni tal-Artikolu 290 tat-TFUE ma kinitx prevista ħliet f'Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2009, li mhix legalment vinkolanti.

4.3. Il-KESE esprima tħassib u dubji serji dwar:

- a. id-delegazzjonijiet ta' perjodu indeterminat;
- b. skadenzi qosra ħafna għall-iskrutinju mill-PE u l-Kunsill;
- c. il-parteċipazzjoni effettiva tal-PE;

⁽¹⁰⁾ Punt 40 tas-sentenza.

⁽¹¹⁾ Il-paragrafu 75 u ta' wara dan ta' din l-opinjoni.

⁽¹²⁾ ĠU C 135, 5.5.2014, p. 24. Azzjoni mressqa fil-21 ta' Frar 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea – Każ C-88/14.

⁽¹³⁾ Punt 38 tal-konklużjonijiet.

⁽¹⁴⁾ Punt 45 tal-konklużjonijiet.

⁽¹⁵⁾ COM(2015) 215 final.

⁽¹⁶⁾ SWD(2015) 111 final.

⁽¹⁷⁾ http://ec.europa.eu/smart-regulation/guidelines/docs/br_toolbox_en.pdf

⁽¹⁸⁾ SWD(2015) 110 final.

- d. in-nuqqas ta' razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri;
- e. in-nuqqas ta' informazzjoni, minkejja d-diskors tal-Kummissjoni, fir-rigward tad-delega u r-rilevanza tal-miżuri meħuda, fl-istadji kollha tal-proċedura;
- f. in-nuqqas ta' aċċess sħiħ għall-informazzjoni għaċ-ċittadini u għas-soċjetà ċivili;
- g. l-implimentazzjoni effettiva tal-Artikolu 10 tat-TUE li jistipula li d-deċiżjonijiet ittieħdu eqreb għaċ-ċittadini.

4.4. Fil-fatt, it-tfassib ewlieni tal-Kummissjoni kien ta' bilanċ xieraq bejn il-prinċipji li huma "l-istat tad-dritt, il-parteċipazzjoni demokratika, it-trasparenza, il-prossimità maċ-ċittadini u d-dritt għal informazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva u s-simplifikazzjoni leġiżlattiva, regoli aktar flessibbli u adatti aħjar għall-interessi inkwistjoni, u li r-reviżjoni tagħha hija ssimplifikata, min-naħa l-oħra.

4.5. Il-KESE minn dejjem ikkunsidra li d-delegi tal-kompetenzi huma meħtieġa għall-finijiet tal-liġi tal-UE, iżda li dawn ivarjaw fl-Istati Membri, b'kont meħud ta' ispeċifità u lakuni li jridu jiġu indirizzati, fin-nuqqas ta' kostituzzjoni Ewropea.

4.6. Huwa qal ukoll li l-bażi tal-valuri essenzjali tiegħu għall-elaborazzjoni tal-liġi jinsabu b'mod partikolari fi:

- a. l-Artikoli 4 u 5 tat-TUE u l-Artikoli 2, 3 u 4 tat-TFUE dwar l-għoti u l-iskambju tal-kompetenzi tal-UE u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;
- b. l-Artikolu 10 tat-TUE dwar id-dritt ta' kull ċittadin li jipparteċipa fil-ħajja demokratika, u skont liema d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu "b'mod kemm jista' jkun miftuħ u qrib tagħhom";
- c. l-Artikolu 11 tat-TUE, li l-KESE ddedika opinjonijiet għalih u "pjan direzzjonali" dwar id-djalogo ċivili, it-trasparenza u "l-konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati";
- d. l-Artikolu 15(1) tat-TFUE dwar il-prinċipji ta' tmexxija tajba, ta' parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili b'mod kemm jista' jkun miftuħ.
- e. l-Artikolu 298 tat-TFUE li jobbliga lill-istituzzjonijiet Ewropej ikollhom l-appoġġ "ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti."

4.7. Is-seduta pubblika tal-KESE, prevista ħafna qabel il-pubblikazzjoni tal-Pakkett "Tfassil Aħjar tal-Liġijiet", saret fis-26 ta' Mejju, fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-Kunsill, tal-PE, tal-Medjatur Ewropew, tal-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data, u ta' intervenjent tal-Kulleġġ tal-Ewropa, quddiem pubbliku kompost minn rappreżentazzjonijiet permanenti tal-Istati Membri, akkademiċi u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili (BEUC, EMI, EIM, IGT, GIZ, eċċ.).

5. Evalwazzjoni kritika dwar il-proposta tal-Kummissjoni

5.1. Il-KESE jinsab sodisfatt li l-Kummissjoni kienet segwiet il-biċċa l-kbira tal-prinċipji li diġà ġew diskussi.

5.1.1. Fuq kollox, huwa japprova li l-proposta għandha bħala l-bażi legali tagħha l-Artikolu 295 tat-TFUE, kif ilu jitlob. Huwa jilqa' r-referenzi għall-"metodu Komunitarju", għall-prinċipji ta' trasparenza, tal-leġittimità demokratika, tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità, taċ-ċertezza legali. Huwa jinsab sodisfatt ukoll li l-Kummissjoni tindika li s-sempliċità, iċ-ċarezza u l-koerenza iggwidawha fit-tnaqqis tat-testi leġislattivi.

5.1.2. It-tennija tar-"rwol u r-responsabbiltà tal-Parlamenti nazzjonali" msemmija fil-protokoll Nru 2 dwar "l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità" hija pożittiva wkoll. Madankollu, il-KESE jenfasizza li l-parlamenti nazzjonali għandu jkollhom skadenza suffiċjenti biex jieħdu deċiżjoni.

5.1.3. Huwa japprova "l-konsultazzjoni mal-partijiet konċernati, l-evalwazzjoni ex post tal-leġiżlazzjoni eżistenti u l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-inizjattivi ġodda".

5.1.4. Fl-aħħar nett, huwa jaderixxi għall-għanijiet “tas-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni u t-tnaqqis tal-piż regolatorju mingħajr preġudizzju biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika tal-Unjoni jew biex tiġi protetta l-integrità tas-suq uniku”.

5.2. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni timpenja ruħha, li tikkonsulta l-esperti tal-Istati Membri qabel l-adozzjoni tal-atti delegati, u gruppi ta' esperti, il-partijiet interessati u l-pubbliku, fejn meħtieġ, fi stadju bikri tat-tfassil tal-proġetti tal-atti ta' implimentazzjoni.

5.3. B'mod aktar speċifiku tal-Fehim Komuni bejn it-tliet Istituzzjonijiet dwar l-Atti Delegati (l-Anness 1), il-KESE nġhaqad mal-Kummissjoni b'mod partikolari rigward:

- a. id-definizzjoni tal-“att ta' applikazzjoni ġenerali” bħala dak li “japplika għal sitwazzjonijiet determinati oġġettivament u jipproduċu effetti legali, jew fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' persuni jew f'termini ġenerali” u d-dikjarazzjoni li “att leġislattiv jista' jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġislattivi ta' applikazzjoni ġenerali permezz ta' atti delegati biss”;
- b. il-fatt li “atti leġislattivi jistgħu jiġu emendati biss permezz ta' atti leġislattivi jew delegati”, din ir-regola tapplika bl-istess mod għall-“emendi tal-annessi ta' atti leġislattivi”;
- c. il-fatt li “l-elementi essenzjali tal-leġislazzjoni jridu jiġu ddeterminati mil-leġislatur u ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' att delegat jew ta' implimentazzjoni”;
- d. l-isforz tagħha li tipproponi approċċ ġdid għall-konsultazzjoni mal-esperti tal-Istati Membri u tal-PE, kif ukoll tal-partijiet interessati tagħha.

5.4. Madankollu, il-KESE ma jaqbilx kompletament mal-approċċ każwistiku rigward id-distinzjoni fi kwistjonijiet li jridu jkunu s-suġġett ta' atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni, minħabba li l-kriterji użati huma ambigwi u jistgħu jagħtu lok għal diversi interpretazzjonijiet. Huwa jixtieq sforz ta' kunċettwalizzazzjoni u li l-Fehim jistabbilixxi regoli ċari skont liema:

- a. ir-rikors għall-atti delegati jrid ikun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola;
- b. f'każ ta' dubju dwar il-karattru essenzjali tal-elementi inkwistjoni, jew ta' żona “griża”, il-Kummissjoni għandha toqgħod lura milli tipproponi atti delegati u għandha tilleġisla fl-att leġislattiv innifsu;
- c. fil-każ ta' dubju dwar in-natura tal-miżura li għandha tittieħed, preferibbilment il-Kummissjoni trid tadotta atti ta' implimentazzjoni aktar milli atti delegati.

5.5. Il-KESE ma jaqbilx lanqas mal-proposta tal-Kummissjoni dwar:

- a. in-nuqqas ta' informazzjoni minn qabel dwar l-esperti mogħtija mill-Istati Membri u dwar il-kompetenzi tekniċi tagħhom;
- b. in-nuqqas ta' perjodu minimu li għalih id-dokument jiġu fornuti lill-esperti u lill-partijiet interessati, mibgħuta lill-PE u lill-Kunsill, għajr f'każ ta' emerġenza;
- c. il-karattru fakultattiv tal-istedina lill-esperti tal-PE, tal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u tat-trażmissjoni tal-iskeda tal-laqgħat mal-esperti;
- d. l-inkonsistenza u l-inkoerenza tal-informazzjoni rigward l-atti delegati previsti: għandha tkun sistematika, permanenti u awtomatika (sit tal-Internet aġġornat awtomatikament fejn kulħadd jista' jaċċessa minnufih l-istadji tat-tfassil tal-atti delegati u l-kontenut tagħhom);
- e. il-prinċipju tal-perjodu indeterminat tad-delega: il-KESE huwa tal-opinjoni li l-prinċipju jrid ikollu perjodu preċiż, li eventwalment jiġġedded għal perjodu identiku, għajr b'eċċezzjoni ta' każijiet eċċezzjonali ġustifikati kif xieraq.

5.6. Fl-aħħar mill-aħħar, il-KESE jibża' li l-użu bla qies tal-mezzi ta' konsultazzjoni, ta' studji ex ante u ex post u ta' laqgħat mal-esperti jtawwlu t-tħejjija tal-atti b'mod eċċessiv u inutili.

5.7. Il-KESE jaqbel mal-fehma li ssemmiet waqt is-seduta pubblika tas-26 ta' Mejju 2015, li l-abbozzar tal-Artikoli 290 u 291 tista' tittejjeb u, f'każ ta' reviżjoni futura tat-Trattati, għandhom jiġu abbozzati b'mod aktar ċar u inqas ambigwu. L-applikazzjoni tagħhom trid issir b'mod aħjar fis-sistema leġislattiva tal-UE, sabiex jiġi evitat li d-deċiżjonijiet dwar l-għażla tal-istrument legali jkunu aktar politiċi milli tekniċi.

5.8. Barra minn hekk, il-KESE jixtieq li jkun hemm linji gwida li jindikaw espliċitament lill-mezzi kollha li d-delegi previsti fl-atti leġislattivi jridu jkunu definiti strettament, jiġifieri:

- a. oġġettivi identifikati;
- b. kontenut speċifiku;
- c. kamp ta' applikazzjoni ċar;
- d. perjodu strett u fiss.

5.9. Il-KESE jemmen ukoll li għandu jiġi kkonsultat ukoll għal opinjoni fil-proċedura ta' delega, bl-istess mod bħal għall-atti leġislattivi, kif ukoll għall-valutazzjonijiet tal-impatt u l-emenda possibbli tal-atti delegati, b'kunsiderazzjoni tar-riperkussjonijiet ekonomiċi u soċjali.

5.10. Wara li qies il-konklużjonijiet tas-seduta pubblika, il-KESE jemmen li l-istituzzjonijiet iridu jggarantixxu li-ċittadini l-aċċess għal kull stadju tax-xogħol ta' tħejjija u li jipprovdu r-riżorsi meħtieġa għall-proċessi kollha.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-bini ta’ ekosistema finanzjarja għall-intrapriżi soċjali”

(opinjoni esploratorja)

(2016/C 013/23)

Relaturi: is-Sinjura Ariane RODERT u s-Sinjura Marie ZVOLSKÁ

F’ittra tat-28 ta’ April 2015, is-Sur Nicolas Schmit, il-Ministru għax-Xogħol, l-Impjieġ u l-Ekonomija Soċjali u s-Solidarjetà, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jaġixxi fisem il-presidenza Lussemburġiza futura, talab lill-Kumitat iħejji opinjoni esploratorja dwar

“Il-bini ta’ ekosistema finanzjarja għall-intrapriżi soċjali”

(opinjoni esploratorja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-8 ta’ Settembru 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta’ Settembru (seduta tas-16 ta’ Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’204 voti favur, 2 voti kontra u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon il-prijorità li l-Presidenza Lussemburġiza tal-UE qed tagħti lill-ekonomija soċjali u b’mod partikolari li qed tiffoka fuq il-ħolqien ta’ ekosistema finanzjarja adattata.

1.2. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea (KE) ma titlifix ir-ritmu tagħha fl-appoġġ għall-aġenda tal-ekonomija soċjali u fl-iżgurar ta’ qafas ta’ politika kontinwu u ta’ appoġġ għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali. Dan għandu jsir permezz tat-tiġdid tal-aġenda tal-Inizjattiva ta’ Negozju Soċjali (SBI) inkluż l-ekosistema finanzjarja mfasla apposta meħtieġa.

1.3. Il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa li l-aċċess għall-finanzjament jkun komponent wieħed fl-ekosistema sħiħa meħtieġa għall-iżvilupp u t-tkabbir ta’ Intrapriżi tal-Ekonomija Soċjali (IES).

1.4. L-ekosistema finanzjarja ideali għall-IES tinkludi elementi bħal approċċ li jinvolvi diversi partijiet interessati, soluzzjonijiet tal-kapital ibridu u paċenzjuż bi skemi ta’ garanzija, li ħafna drabi jiġu pprovduti minn istituzzjonijiet finanzjarji soċjali li jikkondividu l-valuri tal-ekonomija soċjali.

1.5. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tappoġġja l-iżvilupp ta’ strumenti ġodda, tiżgura li r-regolamentazzjoni finanzjarja tippermetti l-iżvilupp, tippromovi r-riċerka dwar il-valur miżjud ta’ investiment fl-IES għas-soċjetà, u titlob lill-Istati Membri (SM) għal reviżjonijiet bejn il-pari dwar is-suġġett.

1.6. Il-KESE jilqa’ bi pjaċir il-fatt li l-ekonomija soċjali hija prijorità ta’ investiment fil-Pjan ta’ Investiment għall-Ewropa ⁽¹⁾ attwali u jhegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel użu sħiħ minn din id-dispożizzjoni.

⁽¹⁾ Il-Premessa 17 u l-Artikolu 9.2.

1.7. Il-KE għandha tanalizza jekk/kif l-investment ta' impatt soċjali jista' jkun komponent tal-ekosistema finanzjarja għall-IES u jekk il-politiki warajha verament jappoġġjaw l-iżvilupp tal-IES.

1.8. L-UE trid tirrikonoxxi bl-istess mod l-IES billi tipprovi fattur ta' appoġġ fir-Regolament CRR (ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital) ⁽²⁾. Is-self bankarju lill-ekonomija soċjali jibbenefika ħafna minn dan, bl-ebda impatt fuq il-finanzi pubbliċi.

1.9. L-appoġġ finanzjarju mil-livell tal-UE jrid ikun akkumpanjat mill-provvediment ta' gwida, taħriġ u bini ta' kapaċità mill-KE lill-gvernijiet u l-partijiet interessati ewlenin.

1.10. L-Istati Membri għandhom jaġixxu bħala koinvestituri biex jappoġġjaw l-istabbiliment ta' fondi etiċi, fondi ta' innovazzjoni soċjali u fondi ta' kapital ta' riskju soċjali u jiffaċilitaw l-iskemi ta' garanzija pubblika. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ir-rieżami tal-opportunitajiet tat-tnaqqis tat-taxxi fuq l-introjtu (ta' individwi u negozji) kif ukoll inċentivi tat-taxxa oħra kemm għal dawk li jfaddlu kif ukoll għall-investituri biex jattiraw l-investimenti fl-IES.

1.11. L-IES għandhom huma stess jieħdu inizjattivi biex jiżviluppaw strumenti bħall-awtokapitalizzazzjoni, il-finanzjament kollettiv u l-involviment fi sħubijiet ta' finanzjament soċjali, il-ġbir tar-riżorsi tagħhom stess u t-tnedija ta' sħubijiet.

1.12. Iżda, biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-IES, l-Istati Membri kollha għandhom jiżviluppaw u jimplementaw pjani ta' azzjoni nazzjonali għall-ekonomija soċjali abbażi ta' approċċ ta' firxa wiesa' ta' partijiet interessati inklużi rappreżentanti mis-soċjetà ċivili.

2. Introduzzjoni u kuntest

2.1. Il-KESE **jilqa' bi pjaċir** il-fatt li l-Lussemburgu jagħti prijorità lill-ekonomija soċjali matul il-Presidenza tal-UE tiegħu, waqt li jirrikonoxxi l-kontribut tal-ekonomija soċjali għall-impjieg, il-ġustizzja soċjali u l-iżvilupp sostenibbli.

2.2. Il-KESE jinsab sodisfatt li l-presidenza Lussemburgiża tal-UE talbet din l-opinjoni esploratorja li għandha l-għan li tesplora l-**kunċett ta' ekosistema finanzjarja** mill-perspettiva tal-intrapriżi soċjali, il-karatteristiċi ewlenin u l-kundizzjonijiet neċessarji meħtieġa biex jinbena qafas Ewropew adegwat u effettiv għall-finanzjament u l-investment fl-ekonomija soċjali.

2.3. Il-KESE jinnota wkoll li l-presidenza Lussemburgiża tal-UE tissottolinja l-fatt li **l-aċċess limitat għall-finanzi** (partikolarment l-aċċess għal finanzi mfassla apposta) huwa **ostaklu** għat-tkabbir u l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali, u dan f'konformità mal-Opinjonijiet preċedenti tal-KESE ⁽³⁾, il-KE, l-SBI (Inizjattiva ta' Negozju Soċjali) ⁽⁴⁾ u l-ħidma tal-OECD ⁽⁵⁾.

2.4. **Xenarju soċjali** ġdid qed jitfaċċa fl-Ewropa bħala riżultat tal-kriżi u s-soċjetà tagħna qed tiffaċċja sfidi kumplessi ġodda. Hemm bżonn urġenti għal innovazzjoni soċjali filwaqt li jiġu mobilizzati s-setturi kollha f'soċjetà. L-ekonomija soċjali hija settur fundamentali u timpjega l fuq minn 14-il miljun persuna ⁽⁶⁾ u għandha rwol ewlieni fil-provvediment ta' soluzzjonijiet pereżempju il-ħolqien ta' impjiegi u l-inklużjoni soċjali ⁽⁷⁾ u tikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Iżda s-settur għadu mhux żviluppata f'ħafna Stati Membri. Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tiegħu trid tiġi żviluppata ekosistema abilitanti fejn l-aċċess għal finanzjament imfassal apposta jkollu rwol ċentrali.

⁽²⁾ http://ec.europa.eu/finance/bank/regcapital/legislation-in-force/index_en.htm

⁽³⁾ ĠU C 24, 28.1.2012, p. 1, ĠU C 229, 31.7.2012, p. 44, ĠU C 229, 31.7.2012, p. 55, ĠU C 458, 19.12.2014, p. 14.

⁽⁴⁾ COM(2011) 682 final.

⁽⁵⁾ <http://browse.oecdbookshop.org/oecd/pdfs/product/8409011e.pdf>

⁽⁶⁾ <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=7523>

⁽⁷⁾ http://www.oecd.org/cfe/leed/130228_Job%20Creation%20throughout%20the%20Social%20Economy%20and%20SocialEntrepreneurship_RC_FINALBIS.pdf

2.5. Fid-dawl tal-**impenn** kontinwu tal-KESE **lejn l-aġenda tal-ekonomija soċjali**, din l-Opinjoni għandha l-għan li tressaq il-perspettivi tal-IES, li min-natura tagħhom jużaw il-ħolqien tal-profitt bħala mezz biex jintlaħaq l-għan soċjali primarju.

2.6. Sabiex ifassal din l-Opinjoni, il-KESE għalhekk itenni **d-definizzjoni stabbilita fl-Istrateġija ta' Ruma** ⁽⁸⁾, fejn l-ekonomija soċjali hija deskritta bħala pluralità ta' forom organizzattivi fformati minn kuntesti nazzjonali u ta' benessri differenti, iżda b'valuri, karatteristiċi u għanijiet kondiviżi. L-IES tirreferi għall-kunċett ta' organizzazzjonijiet ibbażati fuq is-supremazija tal-persuni fuq il-kapital, u tinkludi forom ta' organizzazzjoni bħal kooperattivi, soċjetajiet mutwi, fondazzjonijiet u assoċjazzjonijiet, kif ukoll forom ġodda ta' intrapriżi soċjali. Irid jiġi enfasizzat li l-IES huma intrapriżi li jappartjenu għan-nies u/jew jinħolqu min-nies u mhux mis-sistema finanzjarja.

2.7. Għandu jiġi nnutat ukoll li din l-Opinjoni, filwaqt li hija relatata mas-suġġett, ma ssemmix id-dettalji ta' "**l-investment b'impatt soċjali**", anqas ir-regolament **EuSEF**, li huma suġġetti espressi f'Opinjonijiet preċedenti tal-KESE ⁽⁹⁾.

3. Aċċess għall-finanzjament, sfida għall-ekonomija soċjali

3.1. Kif innutat mill-OECD ⁽¹⁰⁾, bħalissa teżisti **inkompatibilità fil-qafas finanzjarju eżistenti** li ma tikkorrispondix għar-realtà tal-IES u r-rekwiżiti tagħhom, li tindika bżonn għal adattament kulturali tal-qafas finanzjarju, legali u politiku biex jifasslu għodod xierqa. Huwa fundamentali li biex il-finanzi soċjali jsiru sostenibbli, irid jiġi adottat approċċ integrat, differenti mill-finanzi tradizzjonali.

3.2. Kwistjoni ewlenija hija li **l-mudelli tan-negozju tal-IES** mhumiex magħrufa u mifhuma biżżejjed. Li ma jiġux rikonoxxuti kompletament l-ispeċifitajiet f'dawn il-mudelli (bħal distribuzzjoni limitata jew mingħajr profitt, fokus iċċentrat fuq l-utent jew fuq il-bżonn, teħid tad-deċizzjonijiet kondiviż, governanza demokratika jew sjeda kondiviża) jagħmilha diffiċli għall-IES li jaċċessaw il-finanzjament u l-istrumenti formali li jappoġġjaw l-SMEs b'mod iġenerali.

3.3. L-IES, aktar minn mudelli tan-negozju oħrajn, iħabbtu wiċċhom mal-kwistjoni li **l-loġika tas-suq finanzjarju** mhix imfassla biex tappoġġa l-iżvilupp tal-IES. Is-swieq finanzjarji ma jqisux u ma jippremjawx il-valur miżjud soċjali tal-IES u lanqas il-missjoni ta' interess ġenerali tagħhom. Illum l-IES jitħallsu biss għall-kost tas-servizz li jipprovdu iżda mhux għall-valur soċjali li joħolqu. Ir-redditu fuq l-investment għall-IES jinvolvi prinċipalment impatt soċjali u d-dħul finanzjarju huwa limitat. Dan il-fatt li l-missjoni soċjali hija prevalenti fuq il-massimizzazzjoni tal-profit jista' jirriżulta fl-impresjoni falza li l-IES huma ta' riskju ogħla u huma anqas affidabbli minn negozji oħra. Ir-riċerka, il-fatti u d-data fil-fatt juru l-kontra ⁽¹¹⁾. L-investment fl-IES fil-fatt mhux spiża iżda investment fil-futur, li jikkontribwixxi għal żieda fir-rati tal-impjegji u jsaħħaħ il-kompetittività u l-kontribut ekonomiku globali ta' Stat Membru fuq medda twila ta' żmien.

3.4. Saru diversi tentattivi biex jiġu promossi strumenti ta' investment soċjali li jibnu fuq l-arkitektura ta' strumenti finanzjarji tradizzjonali. Madankollu, minħabba li l-loġika tal-kapital privat ħafna drabi teżisti flimkien ma' elementi bħal strateġiji ta' ħruġ fuq terminu qasir, li jitolbu sjeda u loġika ta' investment b'redditu għoli, dawn **l-istrumenti ma jaħdmux għall-IES** minħabba li elementi bħal dawn ħafna drabi jkunu f'kunflitt dirett mal-mudelli tan-negozju u l-attivajiet tal-IES.

⁽⁸⁾ http://socialeconomyrome.it/files/Rome%20strategy_EN.pdf

⁽⁹⁾ ĠU C 458, 19.12.2014, p. 14.

⁽¹⁰⁾ Ara n-nota 5 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹¹⁾ http://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/—ed_emp/—emp_ent/documents/publication/wcms_108416.pdf

3.5. Kwistjonijiet bħal diffikultajiet fiċ-ċessjoni (f'bidma ma' nies fil-bżonn) u l-ebda opportunità jew opportunitajiet limitati fit-tieni suq, joħlqu kumplikazzjonijiet addizzjonali għall-investituri formali. Filwaqt li dawn l-istrumenti jista' jirnexxihom jilhq u ċerti intrapriżi (ħafna drabi bħala negozji għall-immassimizzar tal-profitt b'missjoni soċjali), l-IES xorta waħda jeħtieġu **strumenti finanzjarji mfassla b'mod speċifiku**.

4. Ekosistema finanzjarja ta' appoġġ u sostenibbli

4.1. Din l-Opinjoni tiffoka fuq il-karatteristiċi u l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament tal-IES aktar milli tippovdi rieżami komprensiv tal-firxa tal-istrumenti finanzjarji disponibbli. Il-potenzjal reali tal-IES jista' jintlaħaq biss jekk l-aċċess għall-finanzjament jiġi integrat f'**ekosistema integrata kompletament u mfassla apposta** flimkien ma' komponenti bħall-oqfsa legali, l-iżvilupp tan-negozji u diversi forum ta' appoġġ, fejn jintwera li **l-investment soċjali huwa kemm investment finanzjarju kif ukoll nonfinanzjarju**.

4.2. Filwaqt li jiġi rikonoxxut li t-titjib tal-finanzjament għall-IES huwa kruċjali għall-iżvilupp u s-sostenibbiltà, huwa importanti li ssir distinzjoni bejn il-finanzjament tal-istrutturi tal-IES u l-finanzjament tal-attivitajiet tal-IES. Huwa importanti li ż-żewġ aspetti jiġu ffinanzjati iżda l-approċċi u l-istrumenti jistgħu jvarjaw. Li huwa żgur huwa li l-iżvilupp ta' finanzjament soċjali mfassal għall-IES għandu jsir fil-kuntest tal-promozzjoni tal-inizjattivi u l-azzjoni soċjali u għandu jidher bħala mezz biex jiġi realizzat il-potenzjal tas-settur aktar milli jkun għan fih innifsu.

4.3. Għandu jiġi rikonoxxut li l-IES normalment għandhom **fluss ta' dħul imħallat** ⁽¹²⁾ fejn il-bejgħ ta' oġġetti u servizzi ta' spiss ikunu akkumpanjati minn fondi pubbliċi. L-IES ħafna drabi jiddependu fuq taħlita ta' flussi ta' finanzjament li jvarjaw minn fondi għal proġett speċifiku jew programm abbażi ta' għan ta' politika, sa kuntratti pubbliċi jew il-ġbir ta' fondi għal espansjoni jew investimenti ġodda.

4.4. F'ċerti Stati Membri, l-IES jiddependu minn **finanzjament pubbliku kontinwu**, u jaħdmu mill-qrib mal-awtoritajiet pubbliċi biex jilhq politika komuni jew oġġetti ta' interess ġenerali. Barra minn hekk, il-finanzjament pubbliku huwa partikolarment importanti għall-proċess ta' innovazzjoni (ħafna drabi huwa marbut ma' xogħol preventiv) u l-istadji tal-iżvilupp bikrin tal-IES. Għalhekk il-KESE jisħaq li din il-forma ta' kooperazzjoni pubblika u appoġġ finanzjarju ma jridux jiġu mfixkla meta jiġu kkunsidrati sorsi finanzjarji esterni u li hija partikolarment importanti għall-appoġġ tal-ħolqien u l-bini ta' settur tal-ekonomija soċjali f'ċerti Stati Membri.

4.5. L-użu ta' firxa ta' sorsi finanzjarji

4.5.1. **Il-finanzjament pubbliku** jibqa' sors finanzjarju ewlieni f'ħafna Stati Membri u għal ħafna IES. Il-konnessjoni bejn il-missjoni soċjali ta' IES u l-oġġetti ta' politika pubblika li jibnu fuq sistema ta' għanijiet komuni u fiduċja tinsab fil-qalba tal-inizjattivi ta' finanzjament pubbliku. F'dan il-kuntest il-KESE jixtieq jissottolinja l-konnessjoni u l-appoġġ tiegħu għal kontinwazzjoni tal-Pakkett ta' Investment Soċjali tal-KE ⁽¹³⁾, li għandu l-għan li jippromovi l-innovazzjoni tal-politika soċjali bi rwol b'saħħtu tal-IES. F'ħafna Stati Membri sors tad-dħul ewlieni għall-IES huma l-kuntratti pubbliċi. Il-provvediment ta' servizz ta' interess ġenerali huwa ħafna drabi attività ewlenija għall-IES biex jaqdu l-missjoni soċjali tagħhom. Dan id-dħul jikkontribwixxi b'mod importanti għas-sostenibbiltà finanzjarja. Fil-każ ta' kuntratti pubbliċi, kriterju wieħed għandu jkun ir-rispett tal-istandards soċjali u b'mod partikolari l-applikazzjoni tal-ftehimiet kollettivi.

⁽¹²⁾ Studju ta' identifikazzjoni tal-KE: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=89&newsId=2149>, Policy Brief tal-OECD: http://www.oecd.org/cfe/leed/Social%20entrepreneurship%20policy%20brief%20EN_FINAL.pdf

⁽¹³⁾ <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1044>

4.5.2. L-istrument tal-**finanzjament privat** iwarja minn strumenti tradizzjonali bħall-banek kummerċjali, l-investituri informali u l-kapital ta' riskju għal oħrajn bħad-donazzjonijiet, il-filantropija b'kapital riskjuż u investituri ta' impatt soċjali. Filwaqt li diversi minn dawn l-istrumenti jistgħu jkunu adatti għall-IES, jidher li l-finanzjament soċjali pprovdut minn fornituri finanzjarji soċjali speċjalizzati huwa aktar xieraq.

4.5.3. Għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-**interess tal-individwi** biex jinvestu f'inizjattivi tal-IES speċjalment fil-livell tal-komunità. Il-pjattaformi ta' finanzjament kollettiv, id-donazzjonijiet u l-filantropija jipprovdu riżorsa ta' finanzjament ewlenija għall-IES.

4.5.4. **Is-settur tal-ekonomija soċjali** nnifsu jiġġenera fondi fil-forma ta' qligħ imfaddal li ħafna drabi huwa mħeġġeġ mis-sistema ta' ħelsien mit-taxxa. L-alternattiva li jiġu akkumulati l-profitti li ma jitqassmox lill-membri (riżervi indivisibbli) tintuża minn kooperattivi bħala l-istrument ewleni biex jiffinanzjaw it-tkabbir tagħhom stess. Strument ieħor huwa l-alternattiva għal membri kooperattivi biex jipparteċipaw fil-finanzjament tal-kooperattiva tagħhom stess permezz tal-provvediment ta' self volontarju (self soċjali) li f'ċerti Stati Membri huwa rregolat minn leġislazzjoni speċifika ⁽¹⁴⁾.

4.5.5. **Istituzzjonijiet finanzjarji speċjalizzati, banek soċjali, etiċi u kooperattivi** kif ukoll il-filantropija soċjali b'kapital riskjuż jipprovdu strumenti mfassla b'mod speċifiku għall-IES. Pereżempju l-fondi għall-iżvilupp ta' kooperattivi tal-Italja ⁽¹⁵⁾ huma stabbiliti biex jipromovu u jiżviluppaw il-kooperattivi b'mod speċifiku. Dawn il-fondi jiġu fformati bl-użu ta' imposta ta' 3 % fuq il-profitti qabel it-taxxa annwali tal-kooperattivi. Eżempji oħra huma l-fond ta' żvilupp CoopEst u l-Konsorzju Finanzjarju CGM, li huma sistemi finanzjarji interni miftuħa biss għall-membri u li jipprovdu self tranżitorju u jegħlbu l-problemi fl-aċċess għas-sistema bankarja ordinarja permezz tal-kapaċità kontrattwali ta' grupp.

4.5.6. Waqt il-ħolqien ta' suq jew pjattaforma, dawn l-**istrumenti** iridu jiġu kkunsidrati, u l-inċentivi biex jattiraw il-kapital jridu jiġu evalwati. Filwaqt li l-kapital pubbliku jista' jkun motivat mill-politika, il-kapital privat jista' jiġi attirat permezz ta' skemi ta' inċentivi tat-taxxa, l-element ta' riskju kondiviż u l-involviment fis-settur tal-ekonomija soċjali. Minkejja dan, kwalunkwe inċentiv li jingħata lill-fornituri finanzjarji privati għandu jkun ibbilanċjat mar-redditu finanzjarju u soċjali mistenni kif ukoll mal-mod kif jintużaw il-profitti finanzjarji. Dan għandu jiżgura li l-interess pubbliku, l-interess ġenerali u l-infiq effiċjenti (jekk pubbliku) jibqgħu fil-qalba tal-inizjattiva.

4.6. **Prinċipji fundamentali li għandhom jitqiesu meta tinħoloq ekosistema finanzjarja favorevoli**

4.6.1. Il-ħolqien ta' ekosistema finanzjarja għall-IES tiddependi mill-istabbiliment ta' **approċċ ta' diversi partijiet interessati** li jlaqqgħu flimkien ir-riżorsi u l-istrumenti. Din il-forma ta' sistemi ta' diversi partijiet interessati, jew sistema finanzjarja soċjali jew ta' solidarjetà, tlaqqa' flimkien kemm ir-riżorsi monetarji kif ukoll dawk mhux monetarji. Din tibni fuq il-fiduċja u l-appoġġ finanzjarju filwaqt li tinvolvi diversi atturi (IES, faddala, sorsi pubbliċi, fondi ta' pensjoni u istituzzjonijiet finanzjarji eċċ.) u tibni relazzjonijiet (intermedjazzjoni finanzjarja, soċjalizzazzjoni u relazzjonijiet ta' appoġġ) li għandhom għanijiet u regoli komuni. Is-suċċess ta' dan l-approċċ huwa ċar pereżempju fi Quebec u għandu jiġi esplorat aktar fil-kuntest Ewropew ⁽¹⁶⁾.

4.6.2. Huwa fundamentali li l-appoġġ finanzjarju jiġi żviluppat minn **approċċ ta' ċiklu tal-ħajja**. L-għotjiet jew skemi pilota ffinanzjati ħafna drabi ma jirnexxux fit-tieni fażi minħabba nuqqas ta' strumenti xierqa li jippermettu l-IES javvanzaw u jkunu sostenibbli. Strumenti speċifiċi u oqfsa ta' politika ta' appoġġ għandhom jifasslu għal kull fażi ta' żvilupp: qabel l-istart-up, l-istadju pilota/tal-istart-up, il-konsolidazzjoni u t-tkabbir, filwaqt li jindirizzaw il-bżonnijiet speċifiċi f'kull stadju.

⁽¹⁴⁾ Ara pereżempju l-Liġi Taljana 127/71.

⁽¹⁵⁾ Il-Liġi Taljana 59/92.

⁽¹⁶⁾ http://www.reliess.org/centredoc/upload/FinanceQc_va.pdf

4.6.3. Il-kapital tar-riskju tradizzjonali huwa bbażat fuq redditu fuq l-investment fi żmien qasir li normalment ikun marbut mal-influenza permezz tas-sjieda. Dan huwa partikolarment diffiċli għall-ekonomija soċjali biex tużah u jikkontrasta mal-mudell tan-negozju u l-attivitàjiet tal-IES. Għalhekk il-provvediment ta' **skemi ta' garanzija u mekkaniżmi ta' koinvestment** biex jiġu kondiviżi r-responsabbiltà u t-teħid tar-riskju huwa kruċjali f'dan il-kuntest. Meta jiġu żviluppati skemi, għandu jiġi analizzat mill-ġdid l-iżvilupp skont prattiki tajba ta' skemi ta' garanzija diġà fis-seħħ (spiss minn fondi pubbliċi) sabiex jittaffa l-ewwel "riskju" tal-finanzjament.

4.6.4. Il-fornituri finanzjarji tal-ekonomija soċjali huma spiss ideali għall-provvediment kemm ta' appoġġ finanzjarju kif ukoll ta' appoġġ nonfinanzjarju bħal programmi ta' disponibbiltà għall-investment u **gwida ġenerali u appoġġ għall-iżvilupp tan-negozju**. Din il-forma ta' appoġġ hija kruċjali biex jitnaqqas ir-riskju ta' falliment. Hawnhekk għandhom jiġu kkunsidrati "ikkonċerjati finanzjarju" kif ukoll "edukazzjoni finanzjarja".

4.6.5. Huwa kruċjali li fil-qalba tal-finanzjament soċjali jkun hemm **il-kejl tal-impatt soċjali** ⁽¹⁷⁾ biex jintwera l-impatt soċjali maħluq b'mod parallel mar-redditu finanzjarju. Dan huwa l-uniku mod kif jiġi reġistrat il-valur sħiħ maħluq mill-attività tal-IES u l-ambitu sħiħ tar-Redditi fuq l-Investment (ROI) – kemm soċjali kif ukoll finanzjarju.

4.7. *Ekosistema bbażata fuq kapital ikkombinat*

4.7.1. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil **forum ibridi ta' finanzjament**, li jitqiesu aktar adatti għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali minħabba li jikkombinaw elementi li jevalwaw il-ġid komuni ma' inċentivi finanzjarji. Il-kapital ibridu jikkombina komponent ta' għotja (għotjiet pubbliċi, fondi filantropiċi, donazzjonijiet) ma' strumenti ta' ekwità u ta' kondiviżjoni tar-riskji/tad-dejn. L-istrumenti finanzjarji ta' natura kapitali ibrida jinkludu għotjiet rekuperabbli, self li jista' jinħafer, għotjiet konvertibbli u ftehimiet ta' kondiviżjoni tar-redditu. Il-kapital ibridu spiss jinvolvi interazzjoni mill-qrib bejn kapital pubbliku u privat, minn naħa, u oġettiv ta' politika komuni min-naħa l-oħra, iżda anke kodipendenza li tibbilanċja l-interessi bejn il-partijiet interessati.

4.7.2. Soluzzjonijiet finanzjarji oħra, adatti għall-IES huma **forum paċenzjużi ta' kapital**. Pereżempju, fi Franza u l-provinċja ta' Québec fil-Kanada ⁽¹⁸⁾ il-fondi ta' garanzija u investment soċjali/ta' solidarjetà jiġbru flimkien il-kapital minn sorsi u partijiet interessati varji, bħal individwi, fondi pubbliċi u fondi tal-pensjoni, u jipprovdu strumenti tad-dejn u ekwità li huma bbażati fuq prinċipji ta' dħul aktar baxx (minn kapital ta' riskju regolari) fuq perjodu itwal ta' żmien (seba' snin u iktar). Dan tal-aħħar qed ikun partikolarment importanti, minħabba li l-attivazzjoni tal-IES spiss tiddependi mill-kontinwità tas-servizz.

5. *Rakkomandazzjonijiet ta' politika*

5.1. Minħabba d-differenzi madwar l-Ewropa u l-firxa wiesgħa ta' bżonnijiet fis-settur tal-ekonomija soċjali, ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin huma kklassifikati abbażi tar-responsabbiltajiet għal livelli differenti ta' persuni li jfasslu l-politika.

5.2. *L-istituzzjonijiet Ewropej*

5.2.1. L-istituzzjonijiet tal-UE għandu jaqdu rwol ta' appoġġ, katalitiku, abilitanti u mobilizzanti għall-partijiet interessati kollha fl-ekosistema finanzjarja tal-IES. Barra minn hekk, għandhom ikomplu juru l-impenn tagħhom għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa billi jiżguraw **qafas tal-politika ta' appoġġ għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali ġeneralment** billi jġeddu l-aġenda tal-SBI.

5.2.2. Il-KE għandha tkompli tgħaddi l-fondi lejn l-IES permezz ta' intermedjarji biex tappoġġja l-ħolqien, l-esperimentazzjoni u **l-innovazzjoni ta' strumenti ġodda** filwaqt li tiżgura li **r-regolazzjoni finanzjarja tippermetti** u mhux tfixkel dan l-iżvilupp.

⁽¹⁷⁾ ĠU C 170, 5.6.2014, p. 18.

⁽¹⁸⁾ <http://capfinance.ca>

5.2.3. Il-KE għandha tikkunsidra wkoll l-ittestjar ta' reġim regolatorju eħfef biex thegħeġ il-kapital lejn is-settur tal-ekonomija soċjali.

5.2.4. Il-KE għandha teżamina kif il-**il-finanzjament kollettiv jew l-istrumenti tal-ekonomija kollaborattiva** jistgħu jappoġġaw lill-IES. Il-KE għandha tikkunsidra li torganizza "vitrina" ta' inizjattivi ta' finanzjament kollettiv u parteċipattivi mmirati lejn l-IES. Fil-livell tal-Istati Membri jeżistu eżempji li jistgħu jintrabtu mal-pjattaforma ta' innovazzjoni soċjali kif ukoll mal-programmi tal-Orizzont 2020.

5.2.5. Il-KE għandha tippromovi r-riċerka **fuq il-valur miżjud soċjetali ta' investiment fil-IES**. Il-kwistjonijiet li għandhom jiġu esplorati jistgħu jinkludu kif jinħoloq u jinkiseb il-valur soċjali u ekonomiku, u l-effettività ta' strumenti finanzjarji varji.

5.2.6. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-ekonomija soċjali hija **prijorità ta' investiment fil-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa attwali** u jhegħeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel użu sħiħ minn din id-dispożizzjoni. B'mod partikolari għandhom jiġu kkunsidrati investimenti ta' kapital qawwija, bħas-saħħa u l-kura soċjali. Fattur importanti għall-investimenti kollha huwa l-inklużjoni ta' kriterju ta' interess ġenerali fil-gradazzjoni u s-selezzjoni tal-investiment sabiex il-valur miżjud soċjali jiġi reġistrat aħjar.

5.2.7. L-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) tisħaq fuq il-ħolqien ta' investiment ta' governanza korporattiva, soċjali u ambjentali u li l-finanzjament pubbliku u privat ikunu jistgħu jaħdmu id f'id biex itejbu l-lat tal-provvista tal-investimenti. Huwa importanti li, fl-attività regolatorja tagħha, il-KE tiżgura li jkun hemm **rabta bejn il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-IES u l-proposti tas-CMU**.

5.2.8. Il-fondi Ewropej għandhom rwol partikolari biex jappoġġaw lill-IES. **Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej** jistgħu jintużaw bħala element li jippermetti l-azzjoni tal-Istati Membri billi jipprovdu garanziji jew lieva finanzjarja biex jistimolaw l-iżvilupp ta' fondi soċjali madwar l-Ewropa. **Il-fondi EaSI u COSME**, għandhom jintużaw mill-KE biex tingħata spinta lill-kapaċità ta' investiment ta' intermedjarji finanzjarji u lid-disponibbiltà għall-investiment tal-IES. Il-KE għandha tiżgura parteċipazzjoni bilanċjata fil-programm Orizzont 2020, u tippermetti lill-IES jipparteċipaw fi proġetti ta' integrazzjoni. Il-KE għandha **tissorvelja** mill-qrib u **tirrapporta** dwar it-teħid ta' dawn il-fondi għall-IES kemm minn lat politiku kif ukoll minn dak tekniku.

5.2.9. Il-KE u l-BEI/FEI għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmi finanzjarji fil-livell tal-UE inklud il-pjan ta' azzjoni ta' finanzjament tal-SMEs ikunu aċċessibbli għall-IES permezz ta' **integrazzjoni regolari tal-IES fil-politika tal-SMEs** u fil-**faċilitajiet ta' finanzjar** u permezz ta' **simplifikazzjoni tal-proċeduri**. Punt importanti hawnhekk huwa li tissemma b'mod speċifiku l-espressjoni "intrapriża ta' ekonomija soċjali" biex ikun żgurat li jiġu kkunsidrati intrapriżi diversi u tikber il-viżibbiltà.

5.2.10. Il-KE għandha teżamina jekk/kif l-**investiment ta' impatt soċjali** jista' jkun komponent tal-ekosistema finanzjarja għall-IES u taħt liema kundizzjonijiet. F'dan ir-rigward, l-esperjenzi u l-provi tal-aċċeleratur ta' investiment soċjali tal-FEI kif ukoll it-tneċċja riċenti ta' skemi ta' garanzija tal-KE⁽¹⁹⁾ se jipprovdu esperjenzi interessanti. Barra minn hekk, ir-rapporti riċenti tal-OECD⁽²⁰⁾ u l-EMES⁽²¹⁾ jipprovdu input importanti dwar jekk l-istrument tal-bonds ta' impatt soċjali u l-politiki warajhom jappoġġawx verament l-iżvilupp tal-IES.

⁽¹⁹⁾ <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1084>

⁽²⁰⁾ <http://www.oecd.org/cfe/leed/SIBsExpertSeminar-SummaryReport-FINAL.pdf>

⁽²¹⁾ http://5emesconf.exordo.com/files/papers/101/final_draft/Godina-Maier-Barbetta_-_Paradoxes_and_Potentials_of_Social_Impact_-_Bonds_-_16_06_2015.pdf

5.2.11. Ir-regolamenti finanzjarji ta' Basel III qed jipperikolaw l-ekosistema finanzjarja għall-ekonomija soċjali. Huwa fundamentali li r-regolamenti jippreservaw il-"bijodiversità" tas-sistema finanzjarja, minflok ma japplikaw regoli arbitrarji. Kwistjoni rilevanti li għandha tiġi indirizzata hija t-trattament ta' self lill-ekonomija soċjali skont ir-regoli prudenzjali attwali (Basel III, CRD IV/CRR). Bħalissa, ma jingħata l-ebda ħelsien fil-karta tal-bilanċ għas-self lil intrapriżi soċjali, anke jekk is-settur mhux meqjus riskjuż, u lanqas mhu mħeġġeġ is-self lis-settur. Għall-kuntrarju, skont il-**fattur ta' bilanċ** tal-SMEs inkluż fis-CRR, l-UE rrikonoxxiet il-ħelsien mill-kapital għall-banek li jsejlfu lill-SMEs u lill-unitajiet domestiċi. L-UE trid tirrikonoxxi lill-IES bl-istess mod billi tippovdi **fattur ta' appoġġ lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali**, pereżempju billi temenda l-Artikolu 501.1 attwali tas-CRR. Is-self bankarju lill-ekonomija soċjali jkun jibbenefika ħafna minn dan, bl-ebda impatt fuq il-finanzi pubbliċi.

5.2.12. Minħabba li l-innovazzjoni finanzjarja għall-ekonomija soċjali primarjament isseħħ fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, il-KE tinsab f'pożizzjoni ideali biex tiġbor u tikkondividi strumenti u soluzzjonijiet innovattivi biex tippovdi evidenza għal deċiżjonijiet politiċi. Hawnhekk, jkun utli **s-sinteżi u s-sorveljanza** mal-UE kollha dwar il-kondiviżjoni ta' inizjattivi u strumenti finanzjarji ġodda fl-Istati Membri.

5.2.13. L-appoġġ finanzjarju mil-livell tal-UE jrid ikun akkumpanjat mill-provvedimenti ta' **gwida, taħriġ u bini ta' kapaċità** mill-KE lill-gvernijiet u l-partijiet interessati ewlenin. Għalhekk, il-KESE jitlob manwal bi gwida dwar kif tinbena l-ekosistema finanzjarja u kif jitfasslu u jiġu implimentati l-istrumenti finanzjarji għall-ekonomija soċjali. Bl-istess mod, prattiki ġodda ta' gwida ġenerali fil-livell tal-Istati Membri bħal programmi ta' disponibbiltà għall-investment għandhom jiġu kondiviżi u żviluppati.

5.2.14. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-interess tal-Kummissjoni Ewropea li tistabbilixxi **grupp ta' ħidma dwar il-finanzjament soċjali** f'kooperazzjoni mal-GECES (Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-intrapriża soċjali) li jkun jista' jaġixxi bħala bażi tar-riżorsi unika għall-iżvilupp tal-politika u jimmonitorja s-sitwazzjonijiet u l-azzjonijiet tal-Istati Membri.

5.2.15. Għandhom jiġu kkunsidrati l-**evalwazzjonijiet bejn il-pari** dwar il-finanzjament ta' attivitajiet u strutturi tal-IES sabiex jħeġġu l-kondiviżjoni tal-istrumenti u l-aħjar prattiki fost l-Istati Membri.

5.2.16. Il-Kummissjoni Ewropea għandha teżamina l-benefiċċji u l-isfidi tal-Istati Membri li jipprovdu **inċentivi tat-taxxa**. Dan huwa rilevanti kemm għall-IES b'mod ġenerali iżda wkoll bħala inċentiv biex jiġi attirat il-kapital minn faddala privati u fornituri finanzjarji soċjali. Dan l-aspett għandu jiġi eżaminat fid-dawl tal-fatt li l-IES illum huma żvantaġġati fir-rigward tal-aċċess għall-finanzjament (pubbliku jew privat) meta mqabbla ma' intrapriżi oħra.

5.3. **Stati Membri, Awtoritajiet Lokali u Reġjonali**

5.3.1. L-Istati Membri fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom rwol importanti fil-provvediment ta' politika u appoġġ abilitanti biex jiżviluppaw u jkabbru l-ekonomija soċjali. Huma biss ftit l-Istati Membri li għandhom fis-seħħ sistema ta' appoġġ adegwata, u dan jitlob li l-Istati Membri **jiżviluppaw u jimplementaw sistemi nazzjonali ta' appoġġ għall-ekonomija soċjali, skont l-inizjattiva ta' negozju soċjali**. Għandha ssir enfasi partikolari fuq l-aċċess għal appoġġ finanzjarju mfassal apposta kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell lokali/reġjonali. Dawn l-inizjattivi jistgħu potenzjalment jiġu ppreżentati fil-kuntest tal-GECES.

5.3.2. L-Istati Membri jistgħu jaġixxu bħala **koinvestituri** biex jappoġġjaw l-istabbiliment ta' fondi etiċi, fondi ta' innovazzjoni soċjali u fondi ta' kapital ta' riskju soċjali. Element ewlieni huwa li jiġu pprovdu skemi ta' garanzija pubbliċi jew politika, biex jiġi mmotivat il-kapital minn fondi ta' pensjoni, unjonijiet ta' kreditu, eċċ.

5.3.3. L-Istati Membri għandhom jevalwaw il-possibbiltajiet li jiżguraw il-finanzjament permezz ta' **fondi ta' garanzija tal-Istat** sabiex jagħtu lill-ekonomija soċjali aċċess għall-finanzjament tradizzjonali.

5.3.4. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li **jikkapitalizzaw il-fondi ta' investiment soċjali** billi jirrevedu l-opportunitajiet tat-tnaqis tat-taxxi fuq l-introjt (ta' individwi u negozji) kif ukoll permezz ta' inċentivi tat-taxxa oħra kemm għall-fadalla kif ukoll għall-investituri biex jattiraw l-investimenti fl-IES. Madankollu l-ixprun għal dawn il-vantaġġi tat-taxxa għandu jkun il-ħolqien tal-valur soċjali mill-IES.

5.3.5. Il-KESE jhegġegħ lill-Istati Membri jiżviluppaw regolamenti tal-ekonomija soċjali adatti rigward **il-mikrofinanzjament**, kif diġà indikat mill-KE⁽²²⁾.

5.3.6. L-intermedjarji finanzjarji għandhom rwol kruċjali fl-iżvilupp tal-ekonomija soċjali. L-Istati Membri għandhom iħeġġu l-ħolqien ta' **intermedjarji** finanzjarji soċjali, kemm banek kooperattivi jew etiċi, kif ukoll banek kummerċjali b'sussidjarju speċifiku li jimmaraw lejn l-ekonomija soċjali, li jipprovdu l-fondi u l-istrumenti finanzjarji soċjali billi jipprovdu ambjent regolatorju favorevoli.

5.3.7. **L-awtoritajiet lokali u reġjonali** għandhom rwol kruċjali fil-provvediment ta' infrastruttura lokali u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi. Barra minn hekk, għandhom jiġu mħeġġa jieħdu inizjattiva favur kooperazzjoni ta' diversi partijiet interessati li tappoġġja l-iżvilupp lokali/reġjonali. Hawnhekk il-FEŻR jipprovdi appoġġ fundamentali.

5.4. **Partijiet interessati oħra**

5.4.1. **L-IES infushom għandhom jieħdu inizjattivi** fl-iżvilupp ta' strumenti bħall-awtokapitalizzazzjoni, il-finanzjament kollettiv u l-involviment fi sħubijiet finanzjarji soċjali, il-ġbir tar-riżorsi tagħhom u t-tnedja ta' sħubijiet.

5.4.2. Huwa importanti wkoll li l-IES jikkunsidraw aktar **kooperazzjoni ma' msieħba esterni** bħalma huma l-banek privati kummerċjali u intermedjarji varji. Dan jista' ma jkunx adatt għas-sitwazzjonijiet kollha iżda jista' jkun ta' valur f'ċerti stadji ta' żvilupp. Huwa fundamentali li jinbena l-interess u l-għarfien dwar l-IES fost il-komunità finanzjarja fil-kundizzjonijiet adatti.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽²²⁾ COM(2007) 708 final.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-effetti tad-diġitalizzazzjoni fuq is-settur tas-servizzi u l-impjeg b’rabta mal-bidla industrijali”

(opinjoni esploratorja)

(2016/C 013/24)

Relatur: is-Sur Wolfgang GREIF

Korelatur: is-Sur Hannes LEO

F’ittra tad-29 ta’ Ġunju 2015, u b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, is-Sur Nicolas Schmit, Ministru għax-Xogħol, l-Impjiegi u l-Ekonomija Soċjali u ta’ Solidarjetà, f’isem il-presidenza futura tal-Lussemburgu, talab lill-Kumitat ifassal Opinjoni esploratorja dwar

“L-effetti tad-diġitalizzazzjoni fuq is-settur tas-servizzi u l-impjiegi b’rabta mal-bidla industrijali”

(opinjoni esploratorja).

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI), inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni esploratorja tagħha nhar il-15 ta’ Lulju 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu tas-16 u s-17 ta’ Settembru 2015 (seduta tas-16 ta’ Settembru 2015), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’139 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 8 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Id-diġitalizzazzjoni tibdel is-sezzjonijiet kollha tas-soċjetà u tal-ekonomija u b’hekk, loġikament, għandha impatt fuq ix-xogħol u l-impjiegi. It-teknoloġija diġitali għandha l-potenzjal li tkattar il-ġid għal livelli mingħajr preċedent, u tista’ tixpruna l-kwalità tax-xogħol u l-impjeg fl-Ewropa. Madankollu, dawn l-opportunitajiet filhom ir-riskji tagħhom, kif inhu evidenti fis-setturi ekonomiċi kollha, inkluża wkoll l-industrija privata tas-servizzi ⁽¹⁾.

1.2. Minn naħa, id-diġitalizzazzjoni tippermetti mudelli kummerċjali u servizzi innovattivi li jwasslu għal possibbiltà ta’ qligħ li qatt qabel ma kien immaġinat fil-produttività tas-servizzi u t-titjib fl-għażla għall-konsumatur ⁽²⁾. Min-naħa l-oħra, għandhom impatt sinifikanti fuq is-suq u l-organizzazzjoni tax-xogħol bħal żieda fl-inugwaljanzi fid-dħul u aċċess limitat għas-sistemi tas-sigurtà soċjali li għal ċertu kategoriji ta’ ħaddiema jistgħu jkunu negattivi jekk ma jiġux kontrobalancjati tajjeb.

1.3. Għalhekk, l-effetti tal-impjiegi fuq id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi jistħoqqilhom l-attenzjoni u l-ġestjoni politika. It-tfassil proattiv tal-politika fil-livelli tal-UE u nazzjonali jista’ u għandu jiżgura li l-potenzjali evidenti tad-diġitalizzazzjoni jistgħu jiġu sfruttati filwaqt li jiġu evitati l-iżvantaġġi tagħha. Permezz tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa u l-inizjattiva għal Suq Uniku Diġitali, l-UE hija attur attiv fil-qasam tal-politika diġitali. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-effetti tad-diġitalizzazzjoni fuq l-impjiegi għadhom mhux magħrufa u għaldaqstant fitit li xejn jiġu indirizzati mill-politiki rilevanti.

1.4. Id-diġitalizzazzjoni hija bla dubju waħda mill-aktar żviluppi dinamiċi ta’ żmienna, fejn l-opportunitajiet u r-riskji huma marbuta mill-qrib. L-iżviluppi futuri x’aktarx li se jkunu kumplessi, filwaqt li jfiġġu start-ups, kumpaniji żgħar, u operazzjonijiet flessibbli flimkien ma’ kumpaniji u industriji tradizzjonali. Sal-lum, l-effetti li żviluppi bħal dawn iħallu fuq l-impjeg għad ma jistgħux jiġu mifhuma għal kollox u ma jistgħux jitbassru bi preċiżjoni. Għaldaqstant, qed jiżdied it-tħassib dwar tnaqqis fl-impjeg fl-istess perjodu meta għadu jippersiti nuqqas ta’ tlaqqiġ tal-ħiliet fi swieq tax-xogħol tal-UE. F’din is-sitwazzjoni, huma importanti ħafna l-kollaborazzjoni kostruttiva u ż-żieda fl-għarfien fost l-atturi ewlenin, jiġifieri gvernijiet u msieħba soċjali. Il-varjetà wiesgħa ta’ strutturi soċjoekonomiċi u l-livelli differenti ta’ żvilupp ekonomiku fl-UE jistgħu fil-fatt jirrikjedu analiżijiet u approċċi speċifiċi għall-ġestjoni tal-effetti tad-diġitalizzazzjoni fuq is-swieq tax-xogħol u l-impjeg.

⁽¹⁾ Din l-opinjoni tirreferi għas-setturi privati tas-servizzi kif definit fil-klassifikazzjonijiet ta’ statistika standard (eż. NACE Rev. 2 F-N; Q-T).

⁽²⁾ eż. Finnish Ministry of Employment (2015): Service Economy Revolution and Digitalisation: http://www.tem.fi/files/43374/TEMjul_41_2015_web_22062015.pdf

1.5. Il-KESE jenfasizza sfidi evidenti fil-qasam tal-impjeg fis-settur tas-servizzi li jiġu mid-diġitalizzazzjoni u jippreżenta r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin għat-tmexxija politika tagħhom:

1.5.1. Sabiex l-UE jkollha forza tax-xogħol bil-ħiliet li teħtieġ fl-era diġitali, jeħtieġ li jiġi promoss l-investment pubbliku u privat fl-edukazzjoni vokazzjonali u għandu jiġi eżaminat jekk hemmx bżonn miżuri Ewropej biex fil-livell tal-UE jiġġeneralizzaw l-esperjenzi tajbin fl-Istati Membri fir-rigward tal-liv edukattiv.

1.5.2. Fi djalogu wiesa' għandu jiġi eżaminat fattur dettall jekk, u sa liema punt, il-ħajja privata tal-impjegati teħtieġ protezzjoni addizzjonali fi żmien fejn il-komunikazzjonijiet diġitali mobbli jinsabu kullimkien, u liema miżuri, fuq livell nazzjonali jew Ewropew, huma adegwati sabiex jillimitaw din id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà globali. Bl-istess mod, ser ikollhom jiġu kkunsidrati wkoll miżuri intelliġenti biex jagħtu s-setgħa lil għadd dejjem jikber ta' persuni li jaħdmu għal rashom.

1.5.3. Jinħtieġ statistika u riċerka aħjar dwar l-industrija tas-servizzi (fil-livell globali u dak Ewropew), biex tiġi stabbilita previżjoni dettaljata dwar l-iżvilupp fis-suq tax-xogħol fuq il-polarizzazzjoni tax-xogħol, l-impjeg u d-dħul. Il-programm Orizzont 2020 għandu għalhekk jipprovdi fondi adegwati għar-riċerka dwar l-impjeg fl-industrija tas-servizzi. Barra minn hekk, hemm bżonn urġenti ta' statistika dettaljata u aġġornata spiss dwar il-proliferazzjoni u t-tkabbir ta' forom mhux standard ta' impjeg, inkluża data dwar Prattiki bħall-crowdsourcing.

1.5.4. Sabiex tiġi miġġielda ż-żieda fl-inugwaljanzi tad-dħul li parzjalment huma dovuti għad-diġitalizzazzjoni, in-negozjar kollettiv għandu jiġi promoss fil-livelli kollha, b'mod partikolari fis-setturi u l-intrapriżi kollha li huma milquta mid-diġitalizzazzjoni. Dan jista' jiżgura li forom ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol diġitalizzati jtejbu u ma jiddeterjorawx il-kwalità tal-impjeg.

1.5.5. Jinħtieġ dispożizzjonijiet robusti dwar il-protezzjoni ta' data personali dwar l-impjegati sabiex jiproteġu l-istandards stabbiliti ta' privatezza fuq il-post tax-xogħol. Il-leġislazzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-data għandha tistabbilixxi standards minimi għoljin u m'għandhiex timpedixxi lill-Istati Membri milli jirregolaw aktar. Ir-Regolament tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, li qed jiġi nneozjat bħalissa, għalhekk għandu jkun fih "klawżola ta' ftuħ" li tippermetti lill-Istati Membri biex imorru lil hinn mill-istandards minimi tal-UE.

1.5.6. L-UE u l-Istati Membri, fi djalogu mal-imsieħba soċjali, għandhom jikkunsidraw strateġiji biex jaġġustaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-istandards soċjali u tax-xogħol b'tali mod li jiġu riflessi l-kundizzjonijiet ta' dinja tax-xogħol diġitalizzata.

1.5.7. Iċ-ċiklu industrijali l-ġdid tal-Industrija 4.0 u d-diġitalizzazzjoni għandhom impatt fuq is-soċjetà kollha kemm hi. Hemm bżonn djalogu kostruttiv bejn l-imsieħba soċjali, l-Istati Membri u l-UE sabiex jiġu kkunsidrati l-konsegwenzi għas-suq tax-xogħol u l-aġġustamenti possibbli u meħtieġa fil-qasam tal-liġi soċjali u tax-xogħol. Dan l-aħħar ittieħdu diversi inizjattivi promettenti mill-gvernijiet u l-imsieħba soċjali, pereżempju fil-Ġermanja, in-Netherlands u l-Awstrija. F'kull każ għandhom jitqiesu l-karatteristiċi partikolari tal-iżvilupp nazzjonali u l-opportunitajiet tagħhom. Il-prattiki tajbin għandhom jinfirxu.

1.5.8. L-UE, il-gvernijiet nazzjonali u l-imsieħba soċjali għandhom jibdew diskussjonijiet bil-ħsieb li jiddefinixxu l-leġislazzjoni u l-miżuri politiki li jiżguraw livelli xierqa ta' protezzjoni soċjali obbligatorja għall-forza tax-xogħol kollha – inklużi l-persuni f'forom ta' impjeg mhux standard.

1.5.9. Il-kundizzjonijiet makroekonomiċi ġenerali jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri Biex jiġi appoġġat l-impjeg minkejja t-tnaqqis fid-domanda għax-xogħol, fi djalogu mal-partijiet kollha interessati, għandhom jiġu identifikati l-problemi potenzjali, u skont il-ħtieġ fl-Istati Membri individwali għandhom jiġu żviluppati strateġiji korrispondenti għas-soluzzjonijiet (pereżempju anke fil-qasam tal-investimenti pubbliċi għall-innovazzjoni fil-ħolqien tal-impjeg u l-kondiviżjoni tal-impjeg u t-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol).

1.5.10. Ir-riformi tas-sistemi tat-taxxa għandhom ikunu vverifikati bir-reqqa biex jiżguraw livelli simili ta' tassazzjoni għall-forom kollha ta' dħul, kemm jekk huwa ġġenerat f'setturi organizzati b'mod konvenzjonali jew fl-ekonomija kollaborattiva. Sabiex tkun żgurata s-sostenibilità tas-sistemi soċjali fil-futur u biex jittaffa l-piż tax-xogħol, għandu jitqies l-użu ta' parti mid-dividend tad-diġitalizzazzjoni għal dan il-għan

2. Introduzzjoni: bidla strutturali fis-servizzi

2.1. F'dawn l-aħħar snin saru avvanzi kbar fl-iżvilupp tat-teknoloġiji diġitali. Il-kapaċitajiet ġodda u b'qawwa kbira tat-teknoloġiji diġitali jippermettu l-awtomatizzazzjoni ta' dejjem aktar kompiti u impjiegi (eż. il-karozza li ssuq waħidha, l-Internet tal-oġġetti, l-industrija 4.0). Barra minn hekk, it-teknoloġiji diġitali qed iwasslu għal tnaqqis drastiku fl-ispejjeż tat-tfittxija u tat-tranżazzjonijiet u b'hekk jippermettu l-iżvilupp ta' mudelli kummerċjali kompletament ġodda u adattabbli ħafna fis-servizzi (eż. swieq u pjattaformi onlajn kif ukoll l-hekk imsejħa ekonomija kollaborattiva, Uber, Airbnb). Dan iħeġġeġ id-diġitalizzazzjoni tal-mudelli u l-proċessi kummerċjali f'firxa wiesgħa ta' setturi ekonomiċi. Uħud minnhom diġà ġew ittrattati f'Opinjoniġiet preċedenti tal-KESE ⁽³⁾.

2.2. Id-diġitalizzazzjoni timplika proċessi ta' bidla u ristrutturar ewlenin fi kważi s-setturi kollha tal-industrija tas-servizzi ⁽⁴⁾ li, sa ftit ilu, kienet meqjusa bħala reżistenti għar-razzjonalizzazzjoni teknoloġika. Is-servizzi kienu ilhom jitqiesu bħala daww li jappoġġjaw partijiet oħra tal-ekonomija (pereżempju l-agrikoltura, it-tħaffir fil-minjieri, il-manifattura u l-konstruzzjoni), l-unitajiet domestiċi u l-konsumaturi, u l-aktar bħala utenti passivi tat-teknoloġiji ġodda. Madankollu, il-miġja tal-Internet flimkien mal-liberalizzazzjoni tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni bidlu r-rwol tas-servizzi b'mod sostanzjali.

2.3. L-impatt ta' dawn l-iżviluppi fuq l-impieg fis-setturi milquta beda jikber bil-mod matul l-aħħar deċennji, iżda issa qed jaqbad ritmu iktar mgħaġġel. Xi wħud mill-effetti tad-diġitalizzazzjoni fuq l-impieg fis-servizzi huma diġà viżibbli, inklużi:

- ħtiġiet ta' hilit ġodda li japplikaw għall-forza tax-xogħol tas-servizzi;
- investimenti li jeqirdu l-impjeg, hekk kif it-teknoloġija qed issir irħas u qed issir dejjem aktar kapaċi li tiegħu f'idejha l-kompiti li qabel kienu riżervati għax-xogħol mill-bniedem. Fuq il-livell makro, fis-setturi tradizzjonali dan wassal għal tnaqqis fid-domanda għax-xogħol, b'seħem iżgħar tal-PDG allokati għax-xogħol ⁽⁵⁾;
- tnaqqis fid-domanda għal ħaddiema bi kwalifiki medji u għoljin, li hija mistennija li tonqos aktar fil-futur qrib. Skont diversi estimi, madwar 50 % tal-impjiegi tal-lum huma fir-riskju li jiġu sostitwiti mit-teknoloġija diġitali fl-għoxrin sena li ġejjin ⁽⁶⁾. L-esperjenza turi li previżjonijiet ta' din ix-xorta għandhom jiġu nnutati.

2.4. Id-diġitalizzazzjoni bħalissa qed twieġhed li żżid il-produttività għal livelli mingħajr preċedent u għalhekk tipproduċi "dividend diġitali" kif ukoll – u dan huwa aspekt ieħor – tnaqqas id-domanda għax-xogħol b'mod sostanzjali – partikolarment għall-ħaddiema b'hilit medji. Dan imur id f'id maż-żieda fil-qgħad, "l-erożjoni tal-klassi medja" u aktar żidiet fl-inugwaljanzi fid-dħul ⁽⁷⁾.

2.5. Bħalissa, il-kumpaniji ta' proprjetà Amerikana qed jiddominaw l-ekonomija diġitali, filwaqt li l-Ewropa tilfet il-parti l-kbira tal-logħba f'dak li jirrigwarda l-iżvilupp ta' teknoloġiji diġitali. Bl-istess mod, l-Ewropa tidher li mhijiex ippreparata għall-bidliet fundamentali li għandhom l-għeruf tagħhom fid-diġitalizzazzjoni li jaffettwaw l-ekonomija u s-soċjetà tagħna (jiġifieri l-gwadann enormi fil-produttività diġà msemmi u t-treddida li jinħolqu żbilanċi li jistgħu jwasslu għal żidiet qawwija fil-qgħad għal ċerti kategoriji ta' ħaddiema u livell oġġha ta' polarizzazzjoni tas-soċjetà), li hija kawża ta' tħassib.

⁽³⁾ Inkluża *L-impatt tas-servizzi tan-negozju fl-industrija* (relaturi: is-Sur van Iersel u s-Sur Leo) (ĠU C 12, 15.1.2015, p. 23) li tispjega l-karatteristiċi speċifiċi tal-hekk imsejħa r-Raba' Rivoluzzjoni Industrijali.

⁽⁴⁾ Id-definizzjoni tas-settur tas-servizzi li hija użata b'mod komuni fil-klassifikazzjonijiet tal-istatistika.

⁽⁵⁾ Ara, pereżempju, Brynjolfsson and McAfee (2014): *The Second Machine Age*, New York, W.W. Norton & Company, Kap. 11

⁽⁶⁾ Pereżempju Bowles, J., *The computerisation of European jobs who will win and who will lose from the impact of new technology onto old areas of employment?*, 2014, Frey, C. M., Osborne, M., *The future of employment: How susceptible are jobs to computerisation?*, 2013, Pajarinen, M., Rouvinen, P., Ekeland, A., *Computerization Threatens One-Third of Finnish and Norwegian Employment*, ETLA, 2015.

⁽⁷⁾ Ara n-nota 10 f'qiegħ il-paġna.

2.6. Filwaqt li huwa impossibbli li jitbassar ir-riżultat ta' bidla determinata mit-teknoloġija fuq skala daqshekk kbira, jidher ċar li huwa meħtieġ appell lill-UE biex taqdi rwol attiv fit-tiswir ta' dawn l-iżviluppi u fil-ġestjoni tal-effetti tagħhom fuq l-impjeg u s-soċjetà – speċjalment peress li dan ir-rwol attiv bħalissa huwa ferm 'il bogħod milli jsir realtà⁽⁸⁾. Din l-Opinjoni għandha l-għan li tirrettifika dan in-nuqqas billi tiddiskuti l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq l-impjeg fis-servizzi u tressaq rakkomandazzjonijiet ta' politika relatati.

3. It-trasformazzjoni tal-ħtiġiet tal-ħiliet

3.1. Bħala konsegwenza loġika tad-diġitalizzazzjoni, it-teknoloġiji diġitali qed jiġu introdotti f'għadd dejjem jikber ta' postijiet tax-xogħol fis-settur tas-servizzi. Pereżempju, kważi 60% tal-impjegati fis-settur bankarju jikkonfermaw l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda fil-postijiet tax-xogħol tagħhom f'dawn l-aħħar tliet snin⁽⁹⁾. L-impjegati jeħtieġu kompetenzi speċifiċi, jiġifieri "ħiliet diġitali", sabiex isiru operaturi kapaċi ta' tali teknoloġija. Dan ifisser li l-kurrikuli fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom bżonn ikunu aġġornati kif xieraq u jiġu implimentati miżuri ta' taħriġ relatati.

3.2. Madankollu, data uffiċjali tal-Kummissjoni turi konġestjonijiet kbar ħafna fil-qasam tal-formazzjoni tal-ħiliet, u testima li 47% tal-forza tax-xogħol tal-UE m'għandhomx biżżejjed ħiliet diġitali – għalkemm hemm differenzi kbar bejn pajjiż u ieħor⁽¹⁰⁾. Flimkien ma' ħela ta' opportunitajiet għall-ħolqien tal-impjegati, dan "in-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet" jista' jxekkel l-iżvilupp tal-ekonomija diġitali u b'hekk ikun ta' ħsara għall-kompetittività tal-UE.

3.3. Huwa meħtieġ għarfien affidabbli dwar il-ħtiġijiet tal-ħiliet u d-diskrepanzi sabiex jiġi indirizzat dan in-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet fil-kurrikuli. Fil-fatt, l-UE diġà hija attiva f'dan il-qasam, b'mod partikolari permezz ta' aġenziji bħas-Cedefop. It-tmexxija ta' dan "l-għarfien dwar il-ħiliet" mill-imsieħba soċjali, pereżempju fil-forma ta' kunsilli settorjali dwar il-ħiliet, diġà wriet li hija Prattika ta' suċċess. B'dan l-isfond, huwa ta' dispaċir li l-Kummissjoni qed tikkunsidra li ddgħajef ir-rwol tagħhom permezz tas-sostituzzjoni tal-kunsilli tal-ħiliet tal-imsieħba soċjali bl-alleanzi tal-ħiliet bejn diversi partijiet interessati. Madankollu, billi l-problema tan-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet tippersisti minkejja l-għarfien dwar il-ħiliet disponibbli, in-nuqqas ta' implimentazzjoni strateġika u investiment jidhru li huma l-problema ewlenija.

3.4. Il-promozzjoni ta' investiment pubbliku u privat fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huwa kruċjali. F'xi Stati Membri jeżistu drittijiet minimi għat-taħriġ edukattiv imħallas. Jeħtieġ li jitqies jekk dawn id-drittijiet humiex, kemm għall-ħaddiema kif ukoll għal min iħaddem, strument adegwat ta' adattament għall-bżonnijiet li jeżistu fejn jidhru kwalifiki u jekk hemmx bżonn jifasslu miżuri fil-livell Ewropew sabiex dawn l-esperjenzi jinfixxu fl-UE kollha.

4. Il-polarizzazzjoni tal-organizzazzjoni tax-xogħol u d-dħul

4.1. Ir-reqwiziti għall-ħiliet li qed jinbidlu huma minsuġa mat-trasformazzjonijiet tal-organizzazzjoni tax-xogħol, jiġifieri l-kompiti li l-impjegati jwettqu u kif iwettquhom. F'dan il-qasam, id-diġitalizzazzjoni bħalissa qed twassal għal "polarizzazzjoni" tal-impjegati fis-servizzi mil-lat tal-awtonomija tax-xogħol u l-pagi, li jfisser li l-impjegati fis-servizzi huma aktar probabbli li jinsabu fil-livell għoli jew baxx tal-iskala tal-paga u l-awtonomija, b'numru dejjem jonqos ta' impjegati bejn iż-żewġ estremijiet. Fl-istess ħin, qed jiġu osservati wkoll tendenzi ġodda li jirriżultaw minn aġġustamenti spontanji tas-suq tax-xogħol.

4.2. Industrija tas-servizzi diġitalizzata toħloq domanda għall-ħaddiema li jwettqu kompiti intensivi fir-rigward tal-għarfien, speċjalment f'impjegati professjonali u tekniċi li, pereżempju, jiġġestixxu netwerks tal-IT. Il-kompiti mwettqa minn dawn il-professionisti jistgħu tipikament isiru b'mod remot u fi kwalunkwe ħin bl-użu ta' apparat diġitali mobbli.

⁽⁸⁾ Ir-rakkomandazzjonijiet rispettivi f'diversi Opinjonijiet tal-KESE (inkluż ĠU C 311, 12.9.2014, p. 15, ĠU C 12, 15.1.2015, p. 23, ĠU C 332, 8.10.2015, p. 36, ĠU C 271, 19.9.2013, p. 116 u ĠU C 67, 6.3.2014, p. 96).

⁽⁹⁾ Eurofound (2014): Working Conditions and Job Quality: Comparing Sectors in Europe

⁽¹⁰⁾ http://ec.europa.eu/priorities/digital-single-market/docs/dsm-factsheet_en.pdf

4.3. Din l-organizzazzjoni ta' xogħol flessibbli tipikament tipprovi lill-impjegati b'livelli għolja ta' awtonomija tax-xogħol u għandha l-potenzjal li ttejjeb il-kwalità tal-impjiegi u żżid u tiffaċilita r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja. Madankollu, dawn il-forom flessibbli ta' xogħol joħlqu wkoll riskji jekk l-impjegati jkunu jew iħossu ombligati li jibqgħu disponibbli għax-xogħol f'kull ħin. Tali "xogħol mingħajr fruntieri" jista' johlq stress u "burnout".

4.4. Għandu jkun hemm dialoġu wiesa' sabiex ikompli jiġi eżaminat jekk, u sa liema punt, il-ħajja privata tal-impjegati teħtieġ protezzjoni addizzjonali fi żmien ta' komunikazzjonijiet diġitali mobbli kullimkien, u liema miżuri, jekk hemm, fuq livell nazzjonali u Ewropew huma adegwati sabiex jillimitaw id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà globali. F'dan ir-rigward għandhom jitqiesu wkoll miżuri intelliġenti biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-għadd dejjem jikber ta' persuni li jaħdmu għal rashom

4.5. F'setturi oħra, l-awtonomija tal-impjiegi qed tonqos permezz tad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi. Dan qed jiġri, pereżempju, fiċ-ċentri tal-loġistika tal-kummerċ elettroniku, fejn jinħolqu impjiegi b'rutina qawwija. F'tali forom ta' organizzazzjoni tax-xogħol, l-impjegati tipikament jirċievu struzzjonijiet dettaljati permezz ta' tagħmir diġitali dwar liema oġġett għandhom jimballaw f'liema kaxxa.

4.6. Minħabba n-natura relattivament standardizzata u sempliċi tagħhom, dawn il-forom ta' xogħol ta' rutina joħlqu opportunitajiet ta' impjiegi aċċessibbli għal dawk il-persuni b'ħiliet baxxi u li huma ġodda fis-suq tax-xogħol. Madankollu, il-kwalità ta' dan ix-xogħol spiss titqies bħala baxxa, minħabba li l-impjegati jħossu li l-ħiliet u l-kapaċitajiet tagħhom mhumiex sfruttati b'mod sħiħ.

4.7. Id-diġitalizzazzjoni hija bla dubju waħda mill-aktar żviluppi dinamiċi ta' żmienna, fejn l-opportunitajiet u r-riskji huma marbuta mill-qrib. L-iżviluppi futuri x'aktarx li se jkunu kumplessi, filwaqt li jfiġġu start-ups, kumpaniji żgħar, u operazzjonijiet flessibbli flimkien ma' kumpaniji u industrijiet tradizzjonali. Sal-lum, l-effetti li żviluppi bħal dawn iħallu fuq l-impjegat għad ma jistgħux jiġu mifhuma għal kollox u ma jistgħux jitbassru bi preċiżjoni. Għaldaqstant, qed jiżdied it-tħassib dwar tnaqqis fl-impjegat fl-istess perjodu meta għadu jippersisti nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet fis-swieq tax-xogħol tal-UE. F'din is-sitwazzjoni, huma importanti ħafna l-kollaborazzjoni kostruttiva u ż-żieda fl-għarfien fost l-atturi ewlenin, jiġifieri gvernijiet u msieħba soċjali. Il-varjetà wiesgħa ta' strutturi soċjoekonomiċi u l-livelli differenti ta' żvilupp ekonomiku fl-UE jistgħu fil-fatt jirrikjedju analiżijiet u approċċi speċifiċi għall-ġestjoni tal-effetti tad-diġitalizzazzjoni fuq is-swieq tax-xogħol u l-impjegat.

4.8. Jintħieġu statistika u riċerka aħjar dwar l-industrija tas-servizzi (fil-livell globali kif ukoll dak Ewropew) biex jagħtu rendikont dettaljat tal-previżjonijiet tal-iżviluppi fis-suq tax-xogħol u tal-polarizzazzjoni tax-xogħol u l-impjegat. Għalhekk, f'dan il-każ għandu jiġi previst finanzjament adegwat għar-riċerka dwar l-impjegat fis-settur tas-servizzi u l-organizzazzjoni tax-xogħol taħt il-programm Orizzont 2020. Ir-riżultati tar-riċerka għandhom jiġu implimentati minn politiki tal-impjegat attivi li jiżguraw li jittieħdu l-opportunitajiet għall-impjiegi diġitali ta' kwalità għolja filwaqt li jiġu evitati r-riskji. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' forom ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal negozjati bejn l-imsieħba soċjali sabiex jiżguraw li l-forom ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol diġitalizzati jitejbu u ma jinvolvux deterjorament tal-kwalità tal-impjiegi.

4.9. Tali tendenzi lejn il-polarizzazzjoni fl-organizzazzjoni tax-xogħol iġibu magħhom il-polarizzazzjoni tad-dħul, kif osserva wkoll il-Parlament Ewropew ⁽¹¹⁾. F'xi każijiet, dan huwa ffaċilitat min-nuqqas jew l-evazzjoni tal-ftehimiet kollettivi. Pereżempju, dan huwa l-każ fejn il-fornituri ta' servizzi diġitali jinsistu fuq in-natura speċjali tal-mudelli kummerċjali tagħhom biex jikkontestaw l-applikabbiltà tal-ftehimiet kollettivi eżistenti għall-impjegati tagħhom. Għal dak l-għan, xi kumpaniji tal-kummerċ elettroniku jinsistu li l-ħaddiema tagħhom ma jikkwalifikawx bħala ħaddiema bl-imnut u għalhekk mhumiex eliġibbli għal pagi tas-settur tal-bejgħ bl-imnut li jkun sar qbil dwarhom kollettivament.

4.10. Sabiex tiġi miġġielda ż-żieda al-inugwaljanzi fid-dħul li parzjalment huma dovuti għad-diġitalizzazzjoni, għandu jiġi promoss in-negozjar kollettiv fil-livelli kollha, b'mod partikolari fis-setturi u l-intrapriżi kollha li huma milquta mid-diġitalizzazzjoni.

⁽¹¹⁾ Il-Parlament Ewropew (2015): L-inugwaljanza fil-pagi u d-dħul fl-Unjoni Ewropea.

4.11. Il-ħaddiema f'forom diġitalizzati ta' organizzazzjoni tax-xogħol jipproduċu kwantitajiet kbar ta' data personali, li jinkludu informazzjoni dwar fejn il-ħaddiema jagħmlu xiex, meta u ma' min. Minbarra li joħlqu opportunitajiet għal xogħol effiċjenti ħafna fi flussi kontinwi ta' informazzjoni, dan jippermetti wkoll Prattiki intrużivi ta' sorveljanza tal-impjegati, li jipperikolaw l-istandards stabbiliti tal-privatezza fuq il-post tax-xogħol.

4.12. Jinħtieġu dispożizzjonijiet robusti dwar il-protezzjoni tad-data personali dwar l-impjegati biex jiproteġu l-istandards stabbiliti ta' privatezza fuq il-post tax-xogħol. Il-leġislazzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-data għandha tistabbilixxi standards minimi għoljin u m'għandhiex timpedixxi lill-Istati Membri milli jirregolaw b'mod aktar strett. Ir-Regolament tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, li qed jiġu nnegozjati bħalissa, għalhekk għandu jkun fih "klawżola ta' fteuh" li tippermetti lill-Istati Membri biex imorru lil hinn mill-istandards minimi tal-UE.

5. It-trasformazzjoni tal-impjieg u l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol

5.1. Peress li l-informazzjoni tista' tiġi kondiviża fuq distanzi kbar u fost udjenza kbira bi spiża żgħira ħafna, it-teknoloġiji diġitali jippermettu mudelli kummerċjali frammentati ħafna. Dan inaqqas il-ħtieġa għal strutturi riġidi, funzjonali u ġeografikament integrati tal-kumpaniji, b'ġerarkiji, persunal u kwartieri distinti.

5.2. Dawn l-iżviluppi jżidu l-kapaċità tal-kumpaniji li jiddependu minn xogħol b'kuntratti flessibbli, pereżempju fil-forma ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom. It-tkabbir reċenti fl-impjieg indipendenti kien sostanzjali⁽¹²⁾, partikolarment fis-setturi tas-servizzi bħalma huma l-ICT, il-midja u s-servizzi amministrattivi u ta' appoġġ. Prattiki bħall-crowdsourcing, jiġifieri pjattaformi onlajn li jippermettu lill-kumpaniji jipubblikaw offerti għal proġetti ta' xogħol li jikkompetu għalihom il-freelancers, huma mistennija li jwasslu għal aktar tkabbir fl-impjieg indipendenti. Barra minn hekk, il-kompetizzjoni għal opportunitajiet ta' impjieg fuq pjattaformi tal-crowdsourcing bħal dawn hija globali, li jimplika vantaġġ kompetittiv għal offerenti minn postijiet ikkaratterizzati minn livell baxx tal-għoli tal-ħajja, rati baxxi tat-taxxa fuq id-dħul, u livell baxx ta' kopertura tas-sigurtà soċjali.

5.3. Xi ħaddiema japprezzaw il-flessibbiltà offruta minn arranġamenti ta' impjieg ta' dan it-tip. Madankollu, iż-żieda qawwija f'forom ta' xogħol mhux standard jistgħu jwasslu biex istituzzjonijiet stabbiliti tas-suq tax-xogħol (bħal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjieg, l-iskemi tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, l-istrutturi tan-negożjar kollettivi u d-djalogu soċjali) isiru parzjalment ineffettivi. Barra minn hekk, minħabba ż-żieda fil-kompetizzjoni transkonfinali bejn dawk li jkun qad ifittxu xogħol, pereżempju fuq portali tal-crowdsourcing, dawn l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol qed ikunu taħt pressjoni kompetittiva. Hija r-responsabbiltà tal-imsieħba soċjali u l-gvernijiet nazzjonali li permezz ta' djalogu kostruttiv ifasslu s-soluzzjonijiet adattati, sabiex fid-dawl tal-bidla diġitali, fil-futur jiżguraw suq tax-xogħol ġust u inklużiv għal kull forma ta' impjieg.

5.4. L-impjieg fl-ekonomija kollaborattiva huwa partikolarment delikat f'dan ir-rigward. F'ħafna mill-każijiet, ir-relazzjoni bejn l-impjieg u l-istatus legali tal-partijiet involuti għadha m'cajpra. Il-kwistjoni ta' jekk is-sewwieq ta' vettura privata li tista' tinkera permezz ta' pjattaforma onlajn jaħdimx għal rasu jew huwiex impjegat dependenti, u, jekk iva, minn min – huwiex il-passiġġier jew l-operatur tal-pjattaforma onlajn – ta' spiss tibqa' mhux ċara. Dan iwassal biex l-identifikazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti, kemm mil-lat tal-liġi tal-impjieg u dik dwar ir-responsabbiltà, kif ukoll tad-dispożizzjonijiet maqbula kollettivament, tkun sfida legali. Jekk l-ebda waħda mill-kategoriji tal-liġi stabbiliti u l-ebda waħda mill-ftehimiet kollettivi ma jkun applikabbli, l-ekonomija kollaborattiva tista' fil-fatt tkun qed topera f'ambjent ta' inċertezza legali. Dan jista' jeżerċita pressjoni kompetittiva fuq l-impjieg u n-negożji li joperaw fi ħdan kategoriji stabbiliti tal-liġi u ftehimiet kollettivi.

5.5. Attwalment, m'hemmx informazzjoni affidabbli u aġġornata disponibbli li tivvaluta liema miżuri tal-politiki tal-impjieg huma xierqa għall-ekonomija kollaborattiva. Tinħtieġ b'mod urġenti statistika dettaljata u aġġornata regolament dwar forum ta' impjieg mhux standard u forum ġodda ta' impjieg għar-rimedju tas-sitwazzjoni.

⁽¹²⁾ UNI Europa (2015): Towards a Fair Future for European Services: http://uniglobalunion.org/sites/default/files/public_shared/files/towards_a_fair_future_for_european_services.pdf

5.6. L-UE u l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw strateġiji sabiex ikun jista' jiġi aġġustat l-kamp ta' applikazzjoni tal-istandards soċjali u tax-xogħol b'tali mod li jiġu riflessi l-kundizzjonijiet ta' dinja diġitali tax-xogħol. Tali inizjattivi għandhom jitwettqu permezz ta' djalogu strutturat mal-imsieħba soċjali, biex jiġu żgurati soluzzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza li jikkunsidraw ukoll l-interessi tal-utenti tas-servizzi. Diġà hemm inizjattivi promettenti ħafna fil-Ġermanja, in-Netherlands u l-Awstrija.

5.7. Billi dawn l-iżviluppi huma wkoll sfida għall-prattiki stabbiliti tad-djalogu soċjali u n- negozjar kollettiv, jinħtieġ djalogu kostruttiv bejn l-imsieħba soċjali biex jiġu mistħarrġa l-aġġustamenti possibbli u neċessarji. L-Unjoni Ewropea tista' tkun strumentali biex tħeġġeġ dan id-djalogu billi tipprovdi fondi għal proġetti relatati tal-imsieħba soċjali u billi tħeġġeġ proġetti ta' riċerka relatati taħt il-programm Orizzont 2020.

5.8. Id-diġitalizzazzjoni tippermetti li l-mudelli kummerċjali fis-setturi tas-servizzi jkunu jirrikjedu ħafna inqas ħaddiema. Dan huwa l-każ, pereżempju, fis-settur bankarju, fejn proċessi tan-negozju ġew awtomatizzati parzjalment u trasferiti lejn il-qasam diġitali. Dan iwassal biex parti mill-forza tax-xogħol tiġi żejda. Frey u Osborne (l-Università ta' Oxford) qed jistennu li l-impjegji u l-professjonijiet bi dħul medju, inklużi xi professjonijiet liberi, ser jintlaqtu b'mod partikolari minn tali awtomatizzazzjoni⁽¹³⁾. Id-diġitalizzazzjoni ser iġġib magħha impatt konsiderevoli fuq l-impjeg anke fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika u tal-istituzzjonijiet, u, b'mod aktar ġenerali, is-servizzi ta' interess ġenerali, li s'issa ma ġiex ikkunsidrat biżżejjed. Għalhekk, il-KESE ser jiehju pożizzjoni f'opinjoni separata fuq inizjattiva proprja.

5.9. Il-grupp ta' riflessjoni Bruegel jistma li l-Istati Membri tal-UE huma fil-periklu li jitilfu bejn 40 % u 60 % tal-impjegji matul l-għoxrin sena li ġejjin minħabba l-awtomatizzazzjoni li tirriżulta mid-diġitalizzazzjoni⁽¹⁴⁾. Barra minn hekk, jidher li fl-era diġitali, għall-kuntrarju tal-istadij preċedenti tal-iżvilupp industrijali, il-qligħ globali tal-produttività fl-ekonomija m'għadux jissarraf direttament fi tkabbir fl-impjeg⁽¹⁵⁾. Għalhekk jibqa' dubjuż jekk l-ekonomija kompletament diġitalizzata tipproduċix domanda suffiċjenti għal xogħol biex tagħmel tajjeb għat-telf ta' impjegji li jirriżulta mill-awtomatizzazzjoni tas-servizzi. Min-naħa l-oħra, fl-Ewropa kollha għad hemm diskrepanza bejn il-kwaliki disponibbli u dawk mitluba, u diffiċli li tingħata previżjoni.

5.10. Jeħtieġ li jiġu ssorveljati l-bidliet fid-domanda għax-xogħol f'ekonomija ta' servizzi diġitali, imkejla skont is-siġhat maħduma. Biex l-impjeg jingħata spinta minkejja t-tnaqqis fid-domanda għax-xogħol, mingħajr ma tiġi kompromessal-koeżjoni soċjali, jeħtieġ b'mod urġenti djalogu bejn il-partijiet interessati kollha, sabiex terġa' tingħata attenzjoni lill-problemi possibbli u, skont l-eżiġenzi, jiġu żviluppati fl-Istati Membri strateġiji maħsuba sabiex isolvuhom (bħal pereżempju fis-settur tal-investimenti pubbliċi, l-innovazzjoni li toħloq l-impjegji, il-ħolqien tal-impjegji it-tqassim tax-xogħol u t-tnaqqis tas-siġhat ta' xogħol).

6. L-impatt fuq l-iskemi ta' għajjuna soċjali u s-sistemi tat-taxxa

6.1. It-tkabbir qawwi f'forom ta' impjeg li mhumiex standard ikkawżat mid-diġitalizzazzjoni jimplika li sehem dejjem akbar ta' ħaddiema la jikkontribwixxu għal sistemi stabbiliti tas-siġurtà soċjali – bħalma huma l-qgħad pubbliku, is-saħħa, u l-assigurazzjoni tal-pensjoni – u lanqas jibbenefikaw minnhom. F'xi Stati Membri, dan is-suġġett diġà ġie diskuss bejn l-imsieħba soċjali u l-gvern. Flimkien ma' tnaqqis fir-rati globali tal-impjeg, dawn l-iżviluppi jistgħu jnaqqsu d-dħul, u b'hekk l-effettività kumplessiva tas-sistemi fiskali u l-iskemi ta' għajjuna soċjali li jiddependu mid-dħul iġġenerat prinċipalment permezz ta' imposti u taxxi fuq il-pagi, kif ukoll sistemi ta' kofinanzjament bejn min iħaddem u l-ħaddiema u għalhekk jiddependu minn rati għolja ta' impjeg standard.

6.2. Dan it-telf fl-effettività ser ikun ta' theddida serja għan-nisġa tal-mudell soċjali Ewropew, li huwa mibni fuq impenn pubbliku qawwi fl-iffinanzjar u l-forniment ta' servizzi ta' interess ġenerali u ta' sistemi ta' siġurtà soċjali effettivi. Madankollu, il-benefiċċji tal-proċess tad-diġitalizzazzjoni jiddependu ħafna mill-forniment effettiv ta' servizzi ta' interess ġenerali, bħal sistemi moderni ta' edukazzjoni u infrastruttura tal-broadband.

⁽¹³⁾ Referenza għal Frey u Osborne (2013) fin-nota 6 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹⁴⁾ Bruegel (2014): The computerisation of European jobs.

⁽¹⁵⁾ Referenza għal Bowles (2014) fin-nota 6 f'qiegħ il-paġna.

6.3. L-UE, il-gvernijiet nazzjonali u l-imsieħba soċjali għandhom iniedu diskussjonijiet bil-ħsieb li jiddefinixxu miżuri ta' politika u leġislazzjoni li jiżguraw livelli xierqa ta' protezzjoni soċjali obbligatorja għall-ħaddiema kollha – inklużi l-persuni li jaħdmu għal rashom, il-crowd workers, u l-ħaddiema fl-ekonomija kollaborattiva. Jeħtieġ li jitqies li fi ħdan dawn il-gruppi jiġu rappreżentati l-opinjonijiet differenti.

6.4. Bl-istess mod, ir-riformi tas-sistemi tat-taxxa jeħtieġ jiġu eżaminati bir-reqqa biex jiżguraw livelli simili ta' tassazzjoni għall-forom kollha ta' dħul, kemm jekk f'setturi organizzati b'mod konvenzjonali kif ukoll fl-ekonomija kollaborattiva. L-UE għandha tinkoraġġixxi u tikkoordina r-riformi rilevanti fil-livell tal-Istati Membri.

6.5. Sabiex niżguraw is-sostenibbiltà tas-sistemi soċjali anki fil-futur u nħaffu l-piż fiskali minn fuq ix-xogħol, nistgħu nikkunsidraw l-opportunità li nużaw parti mid-dividend diġitali għal dan il-għan.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Politika Ewropea Integrata tal-Avjazzjoni”

(Opinjoni esploratorja)

(2016/C 013/25)

Relatur: is-Sur Jacek KRAWCZYK

Nhar it-2 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

“Politika Ewropea Integrata tal-Avjazzjoni”

(Opinjoni esploratorja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Infrastruttura, l-Enerġija u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-31 ta' Awwissu 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu tas-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-17 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'97 vot favur, 3 voti kontra u l-ebda astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-kompetittività tal-avjazzjoni tal-UE tkun fil-periklu jekk in-netwerk ta' valur tal-avjazzjoni Ewropea kollha ma tkunx tista' tikkompeti f'ekonomija globalizzata. Għal dan il-għan, hu importanti ħafna li jkun hemm “aktar intermodalità, konnettività aħjar, użu aħjar ta' ċentri sekondarji u ajruporti reġjonali, kif ukoll ottimizazzjoni tal-proċessi attwali”⁽¹⁾.

1.2. Il-Kummissjoni Ewropea żviluppat diversi inizjattivi regolatorji għan-netwerk ta' valur tal-avjazzjoni fi ħdan l-UE; hija rrevediet il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għal-linji tal-ajru u l-ajruporti, u introduċiet pakkett tal-ajruporti, leġislazzjoni biex tippromovi l-progress lejn Ajru Uniku Ewropew, iżda se tkun meħtieġa aktar ħidma biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni kompleta tal-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam tal-avjazzjoni mill-Istati Membri.

1.3. L-avjazzjoni tal-UE tinsab f'salib it-toroq kruċjali: mingħajr strateġija konvinċenti u koerenti, tinsab fil-periklu ta' aktar diffikultajiet biex tippromovi konnettività affidabbli għaċ-ċittadini u l-kummerċ u t-turiżmu tagħha, u għalhekk titef l-influenza ekonomika u l-potenzjal tat-tkabbir tagħha. Dan, madankollu, ma jeħtiġx leġislazzjoni ġdida fil-każijiet kollha. Il-KESE jerġa' jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħmel aktar biex tiżgura li l-leġislazzjoni attwali tal-UE tiġi implimentata.

1.4. Fid-dawl tax-xenarju frammentat tal-linji tal-ajru, iċ-ċentri dejjem aktar kompetittivi barra l-UE, il-progress bil-mod wisq lejn l-implimentazzjoni ta' Ajru Uniku Ewropew u r-riskju li qed jikber ta' konnettività insuffiċjenti ma' reġjuni iżgħar u/jew periferali, l-istrateġija tal-Kummissjoni għall-avjazzjoni tal-UE għandha tkun immexxija minn viżjoni ċara dwar kif l-aħjar tiġi promossa-kompetittività Ewropea mingħajr distorsjoni tal-kompetizzjoni jew mingħajr ma jiddgħajfu r-relazzjonijiet soċjali u tax-xogħol.

1.5. Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni għandha tidentifika l-ixpruni tal-kompetittività u tibbaża l-istrateġija tagħha fuq il-benefiċċji ekonomiċi li l-avjazzjoni toħloq għall-Ewropa, kif ukoll il-valuri soċjali u ambjentali, li jikkarakterizzaw l-Unjoni Ewropea.

1.6. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li jiġu applikati normi u standards internazzjonali komparabbli għall-kompetittività tal-UE u dawk mhux tal-UE. Dan jinkludi l-promozzjoni tal-applikazzjoni internazzjonali tal-prinċipji ta' kompetizzjoni ġusta kif ukoll il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO. Dan jista' jinvolvi analiżi tad-dispożizzjonijiet attwali li jirregolaw l-involviment tal-partijiet interessati f'negozjati internazzjonali.

⁽¹⁾ ĠU C 230, 14.7.2015, p. 17.

1.7. Il-KESE huwa tal-fehma li l-istrategġja tal-avjazzjoni li għandha tiġi żviluppata għandha tkun ibbażata fuq djalogu soċjali kostruttiv. Fil-livell tal-UE, il-Kumitat tad-Djalogu Soċjali Settorjali dwar l-Avjazzjoni Ċivili għandu jiġi kkonsultat dwar inizjattivi mill-istituzzjonijiet tal-UE dwar is-settur. Jeżistu bosta dispożizzjonijiet fil-livell nazzjonali, li għandhom jiġu implimentati biex jiżguraw il-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol u biex ma jkunx hemm distorsjonijiet tal-kompetizzjoni permezz ta' bnadar ta' konvenjenza. Minkejja li l-ġurisdizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija limitata f'dan il-qasam, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-almu tagħha biex tibni appoġġ qawwi mill-imsieħba soċjali fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri għall-inizjattivi tagħha.

1.8. Minħabba l-għarfien espert, il-kompożizzjoni u l-esperjenza tal-KESE fil-qasam tal-avjazzjoni, huwa jirrakkomanda wkoll li l-Kummissjoni tikkonsultah dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrategġja tal-avjazzjoni tal-Kummissjoni li għaddejjha bħalissa. Il-KESE se jniedi proġett separat sabiex jalloka biżżejjed riżorsi u għarfien espert.

1.9. Il-KESE jappella lill-partijiet interessati kollha fl-avjazzjoni biex jimpenjaw ruħhom għall-implimentazzjoni ta' strategġja tal-avjazzjoni ġdida tal-UE. Huwa biss jekk jingħelbu l-partikolaritajiet tan-netwerk ta' valur tal-avjazzjoni Ewropea li dan jista' jerġa' jikseb momentum u jerġa' jinbeda l-bini tal-kontribuzzjonijiet soċjali u ekonomiċi siewja għall-iżvilupp tal-UE. It-tmexxija politika b'saħħitha tal-Kummissjoni Ewropea hija essenzjali.

1.10. Għal aktar rakkomandazzjonijiet dettaljati ara wkoll il-punt 3 ta' din l-Opinjoni.

2. Introduzzjoni: L-ekonomija tal-avjazzjoni tmexxi l-istrategġja u l-urġenza

2.1. Is-sistema tat-trasport bl-ajru tiġġenera benefiċċji lil hinn mill-industrija immedjata tal-avjazzjoni. Apparti milli tipprovi l-konnettività u l-mobbiltà lill-persuni u n-negozji, dawn jinkludu: il-kummerċ u t-turiżmu, l-iżgurar tal-investimenti, il-provvista tax-xogħol u t-titjib tal-produttività u l-innovazzjoni, u b'hekk jingħata kontribut għall-benessri tas-soċjetà.

2.2. Fl-2012, l-industrija tat-trasport bl-ajru fl-Ewropa ġġenerat direttament madwar 2,6 miljun impjieg; l-infiq tat-turisti li jaslu fid-destinazzjoni tagħhom bl-ajru huwa smat li żied 4,7 miljun impjieg u USD 279 biljun fil-PDG.

2.3. Il-manifattura tal-hardwer u s-softwer tal-avjazzjoni fl-Ewropa tilħaq l-ogħla standards innovattivi fid-dinja. Illum dan jgħodd ukoll għall-innovazzjoni fl-organizzazzjoni u fil-proċeduri tat-traffiku bl-ajru, u fl-iżvilupp u fil-ġestjoni kummerċjali.

2.4. Minħabba li t-traffiku bl-ajru huwa faċilitatur tat-tkabbir ekonomiku, is-SESAR (il-parti teknoloġika tal-Ajru Uniku Ewropew – SES) huwa mistenni li joħloq impatt pożittiv kkombinat fuq il-PDG ta' EUR 419-il biljun fil-perjodu sal-2020, u madwar 42 000 impjieg addizzjonali.

2.5. L-UE żviluppat qafas regolatorju għas-suq tal-avjazzjoni Ewropew:

2.5.1. **L-Ajru Uniku Ewropew** – proġett mibdi fl-2004, aġġornat f'Ġunju tal-2008 bir-Regolament SES II, u fl-2013 bis-SES II+. L-għan ewlieni hu li jirrifirma l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa sabiex tlaħħaq mat-tkabbir kontinwu tat-traffiku tal-ajru u l-operazzjonijiet tat-traffiku bl-ajru skont l-aktar kundizzjonijiet sikuri, iżda anke effiċjenti fl-ispiża u fit-titjir u l-aktar favur l-ambjent. (Ara l-Opinjoni tal-KESE TEN/504⁽²⁾ u TEN/354⁽³⁾).

2.5.2. **Il-Pakkett dwar l-ajruporti** — Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni Ewropea adottat pakkett komprensiv ta' miżuri li jindirizzaw in-nuqqas ta' kapaċità fl-ajruporti tal-Ewropa u jtejbju l-kwalità tas-servizzi għall-passiġġieri. Il-Parlament Ewropew approva l-proposti leġiżlattivi f'Diċembru tal-2012. (Ara l-Opinjoni tal-KESE TEN/475⁽⁴⁾).

⁽²⁾ ĠU C 198, 10.7.2013, p. 9.

⁽³⁾ ĠU C 376, 22.12.2011, p. 38.

⁽⁴⁾ ĠU C 181, 21.6.2012, p. 173.

2.5.3. **Inklużjoni tal-avjazzjoni fl-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE (ETS) fl-2012.** Il-Kummissjoni Ewropea introduċiet skema bbażata fuq l-iskambju taċ-ċertifikati ta' emissjoni. Wara riżultat mhux sodisfaċenti tal-Assemblea ICAO tal-2013, l-UE adottat verżjoni modifikata tal-ETS, li għandha tiġi applikata temporanjament għat-titjiriet intra-UE soġġetti biss għall-eżitu tal-Assemblea tal-ICAO tal-2016.

2.5.4. **Ir-reviżjoni tar-regoli ta' Ghajjnuna mill-Istat** – adottata mill-Kummissjoni fi Frar tal-2014 biex taġġorna u timmodernizza regolamenti preċedenti mill-1994 u l-2005. Il-karatteristiċi ewlenin tal-linji gwida attwali jiddefinixxu kriterji ġodda għall-ajruporti eliġibbli għall-ghajjnuna mill-Istat, kif ukoll għal ghajjnuna tal-bidu lil-linji tal-ajru għall-ftuħ ta' linji ġodda (ara l-Opinjoni tal-KESE CCMI/125 ⁽⁵⁾).

2.5.5. **Kapaċità tal-ajruporti** – L-Osservatorju tal-Komunità dwar il-Kapaċità tal-Ajruporti twaqqaf għal perjodu ta' ħames snin taħt il-“Pjan ta' Azzjoni għall-kapaċità, l-effiċjenza u s-sigurtà tal-ajruporti” tal-Kummissjoni tal-2007, u mill-2008 sal-2013 kellu rwol kruċjali fl-implimentazzjoni tal-Pjan. L-Osservatorju ippermetta li l-partijiet interessati jipprovdu feedback importanti għall-Kummissjoni, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki u soluzzjonijiet ta' politika għall-problemi (ara l-Opinjoni tal-KESE TEN/552 ⁽⁶⁾).

2.5.6. **Protezzjoni tal-konsumatur** – F'Marzu tal-2013 il-Kummissjoni Ewropea ħabbret pakkett ta' miżuri li jaġġornaw id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru u jiffukaw fuq erba' oqsma ewlenin: il-kjarifika ta' oqsma mhux ċari, drittijiet ġodda, infurzar, proċeduri ta' lment u sanzjonar, piż finanzjarju sproporzjonat.

2.5.7. Dawn huma biss ftit mill-miżuri, politiki u proġetti mwettqa mill-UE dwar l-avjazzjoni. Il-Kummissjoni intensifikat ukoll il-kooperazzjoni mal-aġenziji tal-UE u Ewropej bħall-EASA u l-Eurocontrol, kif ukoll firxa wiesgħa ta' attivitajiet relatati mad-dimensjoni internazzjonali tat-trasport bl-ajru tal-UE.

2.6. Il-KESE huwa tal-fehma li l-UE teħtieġ Strateġija Integrata tal-Avjazzjoni.

2.6.1. Politikament, għalhekk, l-istrateġija tal-avjazzjoni tal-UE għandha żżid l-effiċjenza tas-settur tal-avjazzjoni fi ħdan l-Ewropa u żżid l-effett ta' lieva fin-negozjati internazzjonali. Dan jeħtieġ rieda politika, viżjoni u kuraġġ biex ir-rekwiżiti tas-sovranità jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa għal kompromess.

2.6.2. Ekonomikament, l-istrateġija għandha twassal għal netwerk ta' valur tal-avjazzjoni mtejjebb li jixpruna l-prosperità u t-tkabbir ekonomiku madwar l-Ewropa.

2.6.3. Legalment, l-istrateġija għandha ttiprovdi qafas regolatorju b'saħħtu fil-livell makro, stabbiltà tal-ippjanar fil-livell mikro, u proċeduralment il-partijiet interessati kollha għandhom ikunu inkoraġġuti jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħha.

2.7. Il-KESE jemmen li s-settur tal-avjazzjoni tal-UE jeħtieġ tali strateġija b'urġenza, minħabba li n-netwerk ta' valur Ewropew huwa ineffiċjenti. L-avjazzjoni mhix qiegħda ttiprovdi l-impulsi possibbli għat-tkabbir ekonomiku; madankollu, ħafna gvernijiet li mhumiex fl-UE qed jadattaw is-sistemi tal-avjazzjoni tagħhom għat-tibdil ġeopolitiku tat-tkabbir u għall-ħtiġiet ta' ekonomija globalizzata. Din it-tendenza tista' titwaqqaf biss jekk tiġi implimentata strateġija robusta, orjentata lejn is-suq li tkun ibbażata fuq il-valuri Ewropej.

2.7.1. Iċ-ċentri Ewropej u l-linji tal-ajru Ewropej mhumiex qed jipparteċipaw fit-tkabbir tat-traffiku kif setgħu jaġhmlu kieku dawn ukoll ibbenefikaw minn ambjent regolatorju favorevoli. In-nuqqas ta' effiċjenza fil-koordinazzjoni tal-ispazju tal-ajru twassal għal rotot kumplikati u livelli ta' CO₂ għoljin għalxejn.

2.7.2. Il-multipliċità ta' proċessi ta' ċertifikazzjoni b'eżiti potenzjalment diverġenti jxekklu l-innovazzjoni u jiskoraġixxu l-investment għall-prodotti Ewropej jew għall-użu ta' tali prodotti ġodda fl-Ewropa.

⁽⁵⁾ ĠU C 451, 16.12.2014, p. 123.

⁽⁶⁾ ĠU C 230, 14.7.2015, p. 17.

2.7.3. Fin-nuqqas ta' strateġija kondiviża, qed jintilfu opportunitajiet biex jiġi żgurat it-tkabbir għal-linji tal-ajru Ewropej barra l-UE u l-Istati Membri tal-UE ser jibqgħu jsegwu l-interessi nazzjonali proprji anke jekk il-vantaġġ totali li jinkiseb mill-mandati tal-UE jkun ikbar mis-somma tal-partijiet tiegħu.

2.7.4. Fil-kuntest ta' ekonomija globalizzata, u t-tibdil ġeopolitiku taż-żieda tat-traffiku lejn l-Asja, UE frammentata se tkompli titef l-influwenza u r-rilevanza internazzjonali. L-istandards Ewropej, il-valuri komuni taċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-Istati Membri tagħha, jitilfu l-attraenza tagħhom bħala standards internazzjonali.

2.7.5. Il-KESE jfaħħar lill-Kummissjoni Ewropea talli fetħet **konsultazzjoni pubblika** dwar il-“Pakkett tal-Avjazzjoni għat-titjib tal-kompetittività tas-settur tal-avjazzjoni tal-UE”. Il-firxa wiesgħa ta' reazzjonijiet ser iżżid il-kredibbiltà u l-influwenza tal-proposta ta' Komunikazzjoni dwar il-pakkett tal-avjazzjoni.

3. It-triq 'il quddiem: strateġija tal-avjazzjoni biex tippromovi l-ixpruni tal-kompetittività

Il-KESE identifika sitt fatturi li jiddeterminaw il-livell tal-kompetittività Ewropea. Strateġija tal-UE għandha tixpruna dawn il-fatturi biex tiżgura l-implimentazzjoni tagħha b'suċċess.

3.1. Sikurezza

3.1.1. Il-pilastru ewlieni għal strateġija tal-avjazzjoni tal-UE sostenibbli hija s-sikurezza. Għalkemm l-avjazzjoni b'mod ġenerali, u l-avjazzjoni Ewropea b'mod partikolari, hija bil-bosta l-iktar mod sikur ta' trasport, m'hemm x lok għal kompjaċenza.

3.1.2. It-tisħiħ tar-rwol u r-riżorsi tal-EASA bħala l-aġenzija ċentrali għall-ġestjoni tas-sikurezza, għaċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti tal-avjazzjoni u għas-superviżjoni ta' organizzazzjonijiet approvati fil-livell nazzjonali, huwa tal-ikbar importanza. F'dan il-kuntest, l-abbiltà tal-EASA għandha tittejjeb biex tikkordina mal-partijiet interessati kollha, mhux biss fil-kuntest ta' inċidenti relatati mal-avjazzjoni, biex ittejjeb l-istandards tas-sikurezza billi, pereżempju, tanalizza r-regoli tas-sikurezza, tenfasizza r-rwol tat-taħriġ u tevita r-regolamentazzjoni żejda bla bżonn u tippromovi “kultura ġusta”.

3.1.3. Il-professjonaliżmu u l-għarfien espert tal-EASA huma rikonoxxuti internazzjonalment, hija stabbiliet lilha nnifisha bħala kważi kontraparti tal-FAA tal-Istati Uniti. L-implimentazzjoni tal-hekk imsejħa listi suwed ta' linji tal-ajru u/jew gvernijiet mhux tal-UE mhux konformi, hija ta' importanza enormi mhux biss għas-sikurezza tal-ispazju tal-ajru Ewropew u l-passiġġieri, iżda bħala prerekwiżit għall-konformità mal-ogħla standards internazzjonali tas-sikurezza. L-istrateġija tal-avjazzjoni għandha tibni fuq dawn il-kisbiet. Il-Kummissjoni għandha wkoll tivvaluta mill-ġdid l-istandards tax-xogħol u r-riskju possibbli tad-dumping soċjali (ara l-Opinjoni tal-KESE TEN/565 ⁽⁷⁾).

3.2. Sostennibbiltà

3.2.1. Fattur ieħor li jiddetermina s-solidità tal-istrateġija tal-avjazzjoni tal-UE huwa l-abbiltà tagħha biex tiżgura li l-avjazzjoni tista' taħdem b'mod sostenibbli.

3.2.2. L-imsieħba soċjali, il-partijiet interessati u l-imsieħba internazzjonali fis-settur pubbliku u privat għandhom bżonn ikunu jistgħu jiddependu fuq politika tal-avjazzjoni tal-UE kredibbli u affidabbli bbażata fuq strateġija koerenti u robusta. Is-sostenibbiltà għaldaqstant, tkopri fatturi ekonomiċi kif ukoll l-abbiltà tal-kompetituri individwali biex jirnexxu fis-swieq tagħhom; madankollu, anke s-suċċess ekonomiku u kummerċjali ma jdumx jekk l-istrateġija tal-avjazzjoni ma tkunx sostenibbli soċjalment u għall-ambjent.

3.2.3. L-indirizzar tal-isfidi tas-sostenibbiltà f'kuntest globali, filwaqt li tiġi rikonoxxuta wkoll il-ħtieġa tal-konformità mal-istrutturi, ir-rekwiżiti u d-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-UE, jista' jseħħ biss jekk jiġi segwit approċċ olistiku u l-partijiet ikkonċernati tal-UE jikkoordinaw l-attivajiet tagħhom ma' fehim kondiviż tal-għanijiet strateġiċi.

(7) Opinjoni tal-KESE TEN/565 – Dumping soċjali fis-settur Ewropew tal-avjazzjoni ċivili, Ara paġna 110 ta' dan il-ĠU.

3.2.4. Il-ħolqien ta' Suq Uniku Ewropew tal-Avjazzjoni wassal għal dinamika li malajr qed ikollha impatt fuq il-bidliet stutturali fis-suq, bħal: l-akkwiżizzjonijiet transkonfinali, il-kważi-fużjonijiet tal-linji tal-ajru; il-ħolqien ta' holdings u investimenti strateġiċi fl-ajruporti u fil-linji tal-ajru minn kumpaniji mhux mill-UE. Dan għandu impatt ukoll fuq ir-rwol tal-istituzzjonijiet tal-UE. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tanalizza **l-mudelli ta' governanza** attwali tagħha u tiżviluppa proposti biex tadattahom għar-realtà istituzzjonali u dik tas-suq.

3.2.5. Fil-qasam tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, ir-relazzjoni bejn il-Maniġer tal-Applikazzjoni u l-Maniġer tan-Netzwerk għandha tiġi analizzata Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jopera taħt it-tmexxija ċara tal-Kummissjoni.

3.3. **Kompetittività permezz tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni**

3.3.1. Id-diġitalizzazzjoni hija xprun prinċipali tal-innovazzjoni, it-tibdil tal-aspettattivi tal-passiġġieri, iż-żieda fl-użu tad-drones, l-ispeċifità u l-innovazzjoni tal-prodotti. Huwa essenzjali li l-Kummissjoni tinkludi l-effetti pożittivi tad-diġitalizzazzjoni bħala prijorità ewlenija fl-istrateġija tal-avjazzjoni biex tippromovi u timplimenta politika tat-trasport komprensiva u integrata.

3.3.2. Il-linji tal-ajru u l-ajruporti żviluppaw approċċi tan-negozju innovattivi biex jaċċessaw sorsi ġodda ta' dħul, u jżidu l-effiċjenza operattiva u jisseparaw u jerġġhu jgħaqqdu s-servizzi tagħhom biex jillimitaw il-kommodifikazzjoni tal-prodott tagħhom u joffru servizzi personalizzati.

3.3.3. L-istrateġija tal-avjazzjoni tal-UE għandha tibni fuq dawn l-iżviluppi bil-għan li tiżgura rwol ta' tmexxija għall-UE fl-oqsma ta' innovazzjoni b'hekk definita b'mod usa'. L-użu tas-SESAR bħala għodda teknoloġika għandu jittejjeb aktar biex tissaħħaħ il-kompetittività u jiġi promoss it-tkabbir.

3.3.4. Id-drones attwalment jippreżentaw l-aktar dimensjoni ta' sfida għall-ħtieġa u l-limitazzjonijiet tal-innovazzjoni. Il-proliferazzjoni tad-drones għal skopijiet militari, kummerċjali u użu privat toħloq għadd ta' rekwiżiti, b'mod partikolari fir-rigward tas-sikurezza tat-traffiku tal-ajru, is-sigurtà, il-privatezza personali, u l-leġislazzjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-liċenzji tal-użu tagħhom, biex insemmu biss xi ftit minnhom. Jekk l-iżvilupp u l-użu tad-drones jiġu promossi b'mod xieraq, l-Ewropa tista' tassumi rwol ta' tmexxija (ara wkoll l-Opinjoni tal-KESE TEN/553).

3.3.5. L-Ewropa għandha tabilħaqq tiġi promossa bħala ċentru dinji bijoloġiku tal-ġettijiet; ir-riċerka u l-iżvilupp għandhom irawmu produzzjoni oġġla tal-fjuwil bijoloġiku tal-ġettijiet fl-UE.

3.4. **Dimensjoni soċjali**

— Skont il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2015, il-ħolqien tal-impjiegi fl-ekonomija tal-UE, inkluż fl-avjazzjoni, għandu jkun prijorità. Kemm l-impjiegi eżistenti kif ukoll dawg ġodda għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar standards Ewropej.

— Is-suċċess tal-avjazzjoni Ewropea tiddependi fuq il-ħiliet u l-kwalifiki tal-impjegati tagħha. Għalhekk, għandhom jiġu adottati miżuri biex tiżdied l-attraenza ta' dan is-settur u tevita li l-ħaddiema tas-sengħa jħallu s-settur jew ifittxu xogħol f'partijiet oħra tad-dinja ("eżodu ta' mħuħ").

— Bħala l-vuċi komuni ta' min iħaddem u tal-impjegati fis-settur, il-Kumitat tad-Djalogu Soċjali Settorjali tal-UE dwar l-Avjazzjoni Ċivili għandu jiġi kkonsultat dwar l-inizjattivi mill-istituzzjonijiet Ewropej li jikkonċernaw lis-settur. Dan se jiżgura li jinstema' leħen l-imsieħba soċjali u jżid il-probabbiltà tal-appoġġ tagħhom.

— Kwalunkwe ftehim fil-qasam tal-politika esterna tal-UE dwar l-avjazzjoni għandu jfittex li jiżgura li l-prinċipji tal-ILO jkunu indirizzati u jinstabu mezzu reċiprokament aċċettabbli biex tiġi żgurata l-konformità (ara l-Opinjoni tal-KESE TEN/500).

3.5. *Eċċellenza operazzjonali*

3.5.1. Is-suċċess tal-istrategġija tal-avjazzjoni tal-UE jista' jitkejjel skont kemm il-partijiet interessati individwali mis-settur pubbliku u privat jkunu mħeġġa jagħmlu l-aħjar tagħhom. Aktar ma jkun kbir id-distakk bejn l-istatus quo u l-eċċellenza operazzjonali ottima, inqas tkun kompetittiva l-avjazzjoni Ewropea fil-livell internazzjonali. Dan il-prinċipju japplika għall-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru, l-effiċjenza tal-ajruporti u tal-linji tal-ajru u għall-kooperazzjoni interistituzzjonali bla xkiel fi ħdan l-Ewropa.

3.5.2. Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni juru livelli ta' prestazzjoni subottimali minħabba d-diverġenza tal-approċċi nazzjonali, li tikkontribwixxi għal frammentazzjoni tas-Suq Uniku Ewropew tal-Avjazzjoni. Hemm bżonn kompromess bejn l-interessi legali u politiċi leġittimi tal-pajjiż u l-abbiltà tal-partijiet interessati li jiksbu eċċellenza operazzjonali ottimali.

3.5.3. "Għandna nagħmlu xogħlna". Ajru Uniku Ewropew funzjonali u effiċjenti huwa *conditio sine qua non* għall-kompetittività sostenibbli tas-settur tal-avjazzjoni Ewropew. Is-soluzzjoni tal-kriżi tal-kapaċità tal-ajruporti għandha tkun parti integrali ta' dan.

3.5.4. Il-politika tal-UE dwar l-avjazzjoni ma tistax tkun limitata għall-ispazju tal-ajru tal-UE; min-natura tagħha l-avjazzjoni tal-UE taffettwa **r-reġjun ġeografiku kollu tal-Ewropa**. Il-gvernijiet Ewropej li mhumiex membri tal-UE u l-partijiet interessati għandhom għalhekk jitqiesu bħala msieħba naturali tal-UE, li, taħt it-tmexxija tal-Kummissjoni tal-UE, jiġu kkonsultati u inklużi fil-politika komprensiva tal-avjazzjoni tal-UE. L-iżvilupp kontinwu tal-bank ta' data u l-esperjenza fil-ġestjoni ċentrali tal-fluss tal-Eurocontrol, hija eżempju ewlieni ta' kif jinbnew pontijiet bejn l-għodod ta' ġestjoni tan-navigazzjoni bl-ajru tal-Istati Membri tal-UE u dawk ta' nazzjonijiet Ewropej oħra.

3.5.5. Il-prinċipju ta' sistema ta' sigurtà komuni, li għandu jiġi implimentat madwar l-UE kollha, għandu jiġi kkunsidrat ukoll fir-rigward ta' pajjiżi oħra. Ir-rikonossiment reċiproku tal-istandards għandu jkun possibbli ma' pajjiżi li jħaddnu fehmiet jixxiebh u dan jikkontribwixxi wkoll għal reġim ta' sigurtà globali bbilanċjat fejn l-isforzi kollha huma indirizzati lejn ir-riskju reali ⁽⁸⁾.

3.6. *Konnettività*

3.6.1. Is-settur tal-avjazzjoni fih innifsu żviluppa f'network ta' valur tal-avjazzjoni u kumpaniji li huma interkonnessi biex flimkien jagħtu valur. Is-Suq Uniku tal-Avjazzjoni ffaċilita t-tkabbir ta' linji tal-ajru u gruppi tal-linji tal-ajru pan-Ewropej effiċjenti; fl-istess ħin qed jiżviluppaw linji tal-ajru tan-nieċ. Dawn il-linji tal-ajru tal-"ġenerazzjoni li jmiss" kif ukoll linji tal-ajru oħra bbażati fuq mudelli ta' negozju differenti, kollha jiddependu minn network ta' fornituri effiċjenti u orjentati lejn is-suq għas-suċċess sostenibbli tagħhom.

3.6.2. Dan it-tip ta' network interdipendenti tal-linji tal-ajru, l-ajruporti, il-kumpaniji tal-groundhandling, l-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru eċċ. mhux biss jiġġenera l-impjegi bħala settur, iżda għar-reġjuni u l-komunitajiet li din l-industrija tqarreb. Aktar ma jkun hemm konnessjonijiet, iktar dawn il-konnessjonijiet ikunu rilevanti għal reġjun jew komunità minħabba l-attrazzenza tagħhom għat-turiżmu u l-kummerċ, aktar ma jikber il-valur tal-konnettività għall-ekonomija.

3.6.3. L-avjazzjoni effiċjenti hija għalhekk fattur li jiffaċilita t-tkabbir ekonomiku. Strategġija tal-avjazzjoni tal-UE ta' suċċess għandha għalhekk tfittex li ttejjeb it-tkabbir ekonomiku billi tipprovi għal tnaqqis tal-ispejjeż esterni li jaffettwaw l-attività tas-settur fl-UE, u għal opportunitajiet ta' tkabbir għall-avjazzjoni fil-livell internazzjonali.

3.7. *Avjazzjoni internazzjonali*

3.7.1. L-avjazzjoni hija wieħed mill-ftit setturi tas-servizz li ma jikkompetux lokalment, iżda globalment. Għalhekk, l-ispejjeż tal-produzzjoni, l-appoġġ politiku disponibbli u l-fondi mogħtija lil-linji tal-ajru mhux tal-UE iżda miċħuda lit-trasportaturi tal-UE, jaffettwaw il-kompetittività tal-Ewropa.

⁽⁸⁾ ĠU C 100, 30.4.2009, p. 39.

3.7.2. L-Unjoni Ewropea għandha saħħa globali unika. Minkejja u minħabba d-diversità interna tagħha, stabbiliet mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti, skemi ta' approvazzjoni għall-għajnuna mill-Istat, djalogu soċjali u standards ta' sikurezza. Dawn, flimkien ma' standards oħra, jiffurmaw sett ta' valuri li huma komuni għal aktar minn 500 miljun ċittadin u kumpanija f'fost wieħed mill-aktar reġjuni ekonomiċi influwenti, b'saħħithom u stabbli fid-dinja. L-aċċess għal dan is-sugħuwa possibbiltà attraenti ħafna għall-kumpaniji li mhumiex fl-UE.

3.7.3. L-Istrateġija tal-avjazzjoni tal-UE għandha tkun mibnija fuq dawn l-istandards u b'negozjati kollużivi u kkoordinati tħabrek biex tikseb l-aċċettazzjoni tagħhom minn pajjiżi terzi. L-UE diġà stabbiliet fehim funzjonanti dwar l-avjazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti, li fih dispożizzjonijiet li jippermettu liż-żewġ partijiet biex ikomplu jiżviluppaw kunsens dwar it-titjib, l-implimentazzjoni konġunta u anki l-estensjoni ta' dawn l-istandards għal pajjiżi terzi. Politika komprensiva u integrata tal-avjazzjoni għandha għalhekk tfittex li tuża l-istrumenti attwali, bħall-Kumitat Konġunt tal-Istati Uniti-UE, bħala mezz li jstabilixxi fehim komuni ma' pajjiżi li jaħsbuha bl-istess mod madwar id-dinja, jiġifieri li l-avjazzjoni sostenibbli tiddependi mir-rispett ta' valuri bażiċi. L-UE u l-Istati Uniti jistgħu jieħdu rwol ta' tmexxija fit-twaqqif ta' standards globali (inkluż SESAR u NextGen).

3.7.4. B'mod partikolari fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, mhux biżżejjed li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha u l-partijiet interessati kollha jkunu involuti fil-fażijiet kollha tan-negozjati; għandu jkun punt ewlieni li jkun żgurat li partijiet interessati fi swieq reġjonali, globali jew settorjali speċifiċi, ikunu kkonsultati sabiex tiġi żgurata aċċettazzjoni kontinwa għall-politika tal-avjazzjoni integrata u komprensiva. Is-settur tal-avjazzjoni jista' biss isaħħaħ it-tkabbir ekonomiku jekk id-DĠ MOVE ikun appoġġat b'mod sħiħ minn Direttorati oħra, bħal REGIO, TRADE, u COMP.

3.7.5. F'ekonomija globalizzata, id-dispożizzjonijiet ta' sjieda u ta' kontroll għandhom ċertament jiġu analizzati u kkunsidrati mill-ġdid bir-reqqa. Strateġija tal-avjazzjoni tal-UE orjentata lejn il-futur għandha tqis il-kodifikazzjoni tal-prinċipji tal-Unjoni Ewropea għall-kompetizzjoni ġusta sabiex issostni l-aċċettazzjoni ta' dawn l-istandards minn linji tal-ajru mhux tal-UE bħala mezz biex tkun żgurata kompetizzjoni ġusta fi swieq liberalizzati. Biex jinkiseb fehim aħjar, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkunsidra għażliet differenti b'mod separat, ta' tibdil possibbli għar-rekwiżiti attwali dwar is-sjieda u l-kontroll. Il-proposti għandhom ikunu bbażati fuq riċerka u analiżi ulterjuri.

Brussell, is-17 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Is-suq intern tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq: dumping soċjali u kabotaġġ”

(opinjoni esploratorja)

(2016/C 013/26)

Relaturi: Stefan BACK u Raymond HENCKS

Nhar is-6 ta' Lulju 2015, il-Presidenza Lussemburġiża futura tal-Kunsill tal-UE ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

“Is-suq intern tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq: dumping soċjali u kabotaġġ”

(opinjoni esploratorja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-31 ta' Awwissu 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-17 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'150 vot favur, 3 voti kontra u 5 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jtenni l-appoġġ tiegħu għall-oġettiv tal-Kummissjoni Juncker biex jiġi miġġieled id-dumping soċjali kif espress fl-opinjoni tiegħu tal-2015 dwar Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport, kif ukoll l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni sabiex tippromovi miżuri preventivi ⁽¹⁾.

1.2. Il-KESE jinnota b'sodisfazzjon l-appoġġ tal-Presidenza Lussemburġiża tal-Kunsill għall-inizjattivi tal-Kummissjoni għall-ġlieda kontra l-forom kollha ta' dumping soċjali, bħal dawk relatati ma' xogħol mhux iddikjarat ⁽²⁾.

1.3. Il-KESE jiddispijaċih li l-kunċett ta' dumping soċjali filwaqt li jintuża estensivament mhuwiex definit. Għall-fini ta' din l-Opinjoni l-KESE jikkunsidra bħala dumping soċjali l-prattiki li għandhom l-għan li jevitaw jew li huma bi ksur tar-regolamenti soċjali jew tal-aċċess tas-suq (kumpaniji “letterbox”) sabiex jiksibu vantaġġi kompetittivi. Din l-opinjoni se tiffoka fuq modi biex jittrattaw ma' dan it-tip ta' azzjoni.

1.4. Il-KESE jilqa' l-pjanijiet tal-Kummissjoni biex:

- jiġu ssimplifikati u ċċarati r-regolamenti tal-UE dwar l-aċċess għall-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u l-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, b'mod partikolari fir-rigward tal-kabotaġġ sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni;
- jissaħħu l-kriterji ta' stabbiliment biex jiġi evitat l-użu abbużiv ta' kumpaniji “letterbox”;
- pakkett dwar il-mobbiltà tal-ħaddiema jiffaċilita l-moviment liberu tal-ħaddiema u jtejjeb il-kapaċità tal-Istati Membri biex jiġġieldu d-dumping soċjali, il-frodi u l-abbuż rigward l-istazzjonar tal-ħaddiema u l-aċċess għall-benefiċċji soċjali.

1.5. Il-KESE jtenni l-appoġġ tiegħu għall-proposta tal-Kummissjoni għal Pjattaforma Ewropea biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment ta' xogħol mhux iddikjarat u jitlob lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew sabiex jadottaw din il-proposta malajr ⁽³⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 291, 4.9.2015, p. 14.

⁽²⁾ Il-programm tal-Presidenza tal-Lussemburgu, p. 13.

⁽³⁾ ĠU C 458, 19.12.2014, p. 43.

1.6. Il-KESE jemmen li hemm bżonn urġenti għal azzjoni fil-livell tal-UE biex jiġi evitat ir-riskju ta' frammentazzjoni tas-suq intern fit-trasport bit-triq permezz ta' miżuri nazzjonali unilaterali fil-għieda kontra d-dumping soċjali. Azzjoni ta' suċċess tal-UE tista' toħloq kundizzjonijiet favorevoli għal aktar ftuħ fis-suq⁽⁴⁾.

1.7. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, li huma primarjament responsabbli għall-infurzar kemm tal-leġislazzjoni tat-trasport bit-triq kif ukoll il-leġislazzjoni soċjali, biex jagħtu prijorità għal dan li ġej:

- l-iżgurar ta' kooperazzjoni sħiħa bejn l-awtoritajiet tax-xogħol u dawk tas-sorveljanza tat-trasport bit-triq fl-Istati Membri tal-UE;
- il-konsolidazzjoni tad-data tar-reġistri elettroniċi nazzjonali għall-impriżi tat-trasport bit-triq (ara r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁾, Artikolu 16) b'reġistri soċjali u tax-xogħol tas-sewwieqa professjonali biex jitjeb l-infurzar transkonfinali u jiġi miġġieled l-abbuż jew il-frodi;
- l-implimentazzjoni urġenti tal-interkonnessioni tar-reġistri nazzjonali permezz ta' Reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU), li kellu jkun fis-seħħ f'Diċembru 2012, sabiex jitjebu l-infurzar u l-kooperazzjoni transkonfinali bejn l-Istati Membri; jista' jiġi kkunsidrat f'dan il-kuntest l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI)⁽⁶⁾.
- l-infurzar sħiħ fis-settur tat-trasport bit-triq tal-minimi obligatorji imposti permezz tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁷⁾ (Regolament Ruma I), tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁸⁾ dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema u d-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁹⁾ dwar l-infurzar ta' dik id-Direttiva. Il-KESE jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkunsidra d-Direttivi 96/71/KE u 2014/67/UE biex issir taf jekk gwida jew miżuri oħra huma meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni effiċjenti u legalment ċerta fis-settur tat-trasport bit-triq.

1.8. Il-KESE jenfasizza li l-kontroll tal-konformità rinfurzat m'għandux ifisser rekwiżiti mhux proporzjonati li jfixklu kompetizzjoni normali bejn il-kumpaniji Ewropej tat-trasport u t-tlestija tas-suq intern fis-settur tat-trasport bit-triq.

1.9. Il-KESE jinnota wkoll li meta tiġi proposta s-simplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-aċċess tas-suq, inkluż il-kabotaġġ, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra l-għażla tal-allinjament tar-regoli dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq ma' dawk applikabbli għall-forniment temporanju tas-servizzi b'mod ġenerali, filwaqt li jitqies il-karattru speċifiku tas-settur tat-trasport. Is-simplifikazzjoni tar-regoli ta' aċċess għas-suq għandha tippovdi bażi għal infurzar aktar koerenti u kultura msaħħa ta' konformità li tillimita l-possibiltajiet għal dumping soċjali. Is-simplifikazzjoni għandha tkun marbuta mill-qrib mal-infurzar b'saħħtu ta' miżuri deċiżi sabiex jiġi evitat id-dumping soċjali.

1.10. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar Prattika dwar infurzar effettiv sabiex jiġu miġġielda l-abbużi u d-dumping soċjali. Għal dan il-għan, ser tiġi organizzata konferenza tal-UE ta' livell għoli biex tiġi ppreżentata u kondiviża l-aħjar Prattika.

1.11. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jinvolvu ruħhom fi proġetti li jinkoraġġixxu u jistimolaw impriżi konformi permezz ta' sistemi ta' klassifikazzjoni tar-riskju effettivi u operattivi.

⁽⁴⁾ Il-KESE, f'dan il-kuntest, jirreferi għall-valutazzjoni magħmula fir-rapport tal-Kummissjoni tal-2014 dwar l-Istat tas-Suq tat-Trasport bit-Triq tal-Unjoni (COM(2014) 222 final).

⁽⁵⁾ ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.

⁽⁶⁾ Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1).

⁽⁷⁾ ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6.

⁽⁸⁾ ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.

⁽⁹⁾ ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11.

2. Il-qagħda attwali tas-settur u s-suq

2.1. It-trasport tal-merkanzija bit-triq huwa l-mutur tal-ekonomija Ewropea. Dan jammonta għal 73 % tat-trasport intern tal-merkanzija. Il-merkanzija tirrappreżenta kważi 2 % tal-PDG Ewropew. Is-sehem tat-trasport internazzjonali żdied b'mod moderat bejn l-2004 u l-2012 minn 30 % għal 33 %. In-numru ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ żdiedu b'50 %, iżda s-sehem tas-suq tagħhom għadu baxx (5 % biss). Mill-2005 sal-2012 l-operazzjonijiet nazzjonali ta' trasport ta' merkanzija naqsu b'9,1 %, filwaqt li l-kummerċ transkonfinali kien il-parti tas-suq tat-trasport tal-merkanzija li kiber bl-ikbar rata: iktar minn 80 % bejn l-2004 u l-2012 ⁽¹⁰⁾.

2.2. Fl-2013 biss, l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ żdiedu b'20 %. L-Ewropa tal-Punent għandha l-ogħla perċentwali ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ. B'hekk, 86 % tat-total ta' kabotaġġ isir fil-Ġermanja, Franza, l-Italja, ir-Renju Unit, il-Belġju u l-Isvezja ⁽¹¹⁾. Skont studju ⁽¹²⁾ għall-Kummissjoni Ewropea, il-maġġoranza tat-trasport nazzjonali jitwettaq minn trasportaturi domestiċi bbażati f'dak l-Istat Membru.

2.3. Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-istat tas-suq ippubblikat fl-2014 jiddikjara li, kolloxx ma' kolloxx, il-pagi, il-livelli assoluti tal-ispejjeż tax-xogħol u elementi oħra ta' remunerazzjoni, qed jikkonverġu madwar l-UE ⁽¹³⁾. Diverġenzi persistenti jingħad li jikkorrispondu għad-differenza ġenerali fil-livelli tal-pagi bejn l-UE-12 (UE-13) u l-UE-15 (UE-15 ifisser Stati Membri li ssieħbu fl-UE qabel l-2004 u UE-12 jew UE-13 huma l-istati li ssieħbu fl-UE fl-2004 u wara).

2.4. Dawn id-differenzi għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest speċifiku tas-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, li huwa kkaratterizzat minn livell għoli ta' mobilità tal-forza tax-xogħol u minn attività transkonfinali qawwija. Filwaqt li dawn id-differenzjali tal-pagi huma inevitabbli u aċċettabbli għas-suq intern kollu, jekk jiġu sfruttati b'mod li jevitaw jew huma kontra l-liġi, jista' jkollhom impatt fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-settur, u s-sitwazzjoni tas-sewwieqa, kif tidher f'din is-sottotaqsima ⁽¹⁴⁾.

2.5. Huwa rikonoxxut li s-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq qed jiffaċċja għadd ta' sfidi oħra. Barra minn nuqqas ta' sewwieqa b'ħiliet ta' livell għoli, is-settur għadu mhux attraenti għaż-żgħażaġh u n-nisa, l-iżjed minħabba kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, remunerazzjoni baxxa, nuqqas ta' prospetti għall-karriera u rekord fqir ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja ⁽¹⁵⁾. Filwaqt li din l-Opinjoni tiffoka fuq il-ħtieġa li jiġi indirizzat id-dumping soċjali fis-settur, huwa rikonoxxut li jekk isir progress biex jintlaħqu l-isfidi msemmija hawn fuq, jista' jsir kontribut pożittiv għall-mitigazzjoni tad-dumping soċjali.

3. Ir-regoli tal-UE applikabbli għas-settur tat-trasport bit-triq

3.1. Il-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza tal-UE hawn taħt huma partikolarment rilevanti għal din l-opinjoni.

a. Aċċess għall-professjoni u l-aċċess għas-suq:

— Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar l-aċċess għall-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq;

— Ir-Regolament KE (Nru) 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁶⁾ dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq;

⁽¹⁰⁾ "Kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tat-trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq", Studju għall-Kumitat EMPL tal-Parlament Ewropew, 2015.

⁽¹¹⁾ Idem.

⁽¹²⁾ "Collection and Analysis of Data on the Structure of the Road Haulage Sector in the European Union", AECOM, 2014.

⁽¹³⁾ Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-qagħda tas-suq tat-trasport bit-triq fl-Unjoni, COM(2014) 222 final.

⁽¹⁴⁾ Ir-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-istat tas-Suq tat-Trasport bit-Triq tal-Unjoni COM(2014) 222 final, Taqsima 3.2.

⁽¹⁵⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 12.

⁽¹⁶⁾ ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72.

b. Leġislazzjoni soċjali speċifika għat-trasport bit-triq:

- Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁷⁾ dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq;
- Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁸⁾ dwar il-ħinijiet tas-sewqan, il-pawżi u l-perjodi ta' mistrieħ fis-settur tat-trasport bit-triq;

c. Leġislazzjoni pertinenti oħra tal-UE (soċjali, eċċ.) applikabbli għas-setturi industrijali kollha:

- Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 (ir-Regolament "Ruma I") dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali;
- Sentenzi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-każ ta' *Koelzsch* (15 ta' Marzu 2011) u *Voogsgeerd* (15 ta' Diċembru 2011), li jiċċaraw l-applikazzjoni tar-Regolament Ruma I għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-settur tat-trasport bit-triq;
- Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁹⁾ dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) 987/2009 li jakkumpanja dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali;
- Id-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas tal-forniment ta' servizzi;
- Id-Direttiva 2014/67/UE dwar l-infurzar tad-Direttiva dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi.

3.2. Id-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema u d-Direttiva tal-Infurzar tagħha japplikaw kull meta l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fid-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema jkunu sodisfatti. Għalhekk, id-Direttivi japplikaw biss rigward stazzjonar temporanju 'l barra mill-pajjiż fejn is-sewwieq normalment jaħdem. Fejn applikabbli d-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema tagħti l-paga minima u ċerti provvedimenti soċjali oħra tal-Istat Membru fejn isir ix-xogħol. Alternattivament, il-liġi applikabbli ser tkun irregolata b'kuntratt u r-Regolament Ruma I dwar il-liġi applikabbli għall-kuntratti (Regolament (KE) Nru 593/2008). Ir-Regolament Ruma I se jagħti preferenza għar-regoli obbligatorji tal-impjegat applikabbli fil-pajjiż fejn, jew li minnu, isir ix-xogħol abitwalment, irrispettivament mill-bażi ta' residenza tal-impjegat jew mill-liġi magħżula fil-kuntratt tal-impjegat. Issir referenza għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kkwotati hawn fuq taħt 3.1.

3.3. F'għadd ta' sitwazzjonijiet se jkun diffiċli li wieħed juri li r-Regolament Ruma I jew id-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema se jagħtu preċedenza għal dispożizzjonijiet minbarra l-liġi tal-pajjiż li huwa l-bażi tar-residenza jew il-liġi miftiehma kuntrattwalment. Meta jsiru deċiżjonijiet dwar il-liġi applikabbli, l-entitajiet ta' infurzar imbagħad jikkunsidraw l-elementi rilevanti kollha, inkluż ir-rekwiżit għal rabta reali mal-pajjiż li huwa l-bażi tar-residenza sabiex tkun applikata dik il-liġi.

3.4. Il-KESE jirrimarka li d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema ġiet applikata b'modi differenti fir-rigward tas-settur tat-trasport bit-triq. Għaldaqstant huwa importanti li jiġu skrutinizzati l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u tad-Direttiva ta' infurzar 2014/67/UE fil-kuntest tal-pakkett tal-mobbiltà tal-ħaddiema ppjanat li jiżgura infurzar koerenti u effiċjenti.

3.5. Kif diġà ġie indikat f'regoli partikolari dwar l-aċċess tas-suq fis-settur tat-trasport bit-triq, flimkien mal-kabotaġġ, dawn mhumiex ċari u huma kumplessi u interpretati u implimentati fi Stati Membri differenti. Dan jgħaliq inċertezza legali għal dawk kollha kkonċernati u jagħmilha diffiċli li tiġi verifikata l-konformità.

⁽¹⁷⁾ ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35.

⁽¹⁸⁾ ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1.

⁽¹⁹⁾ ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

3.6. Il-problemi tal-implimentazzjoni t'hawn fuq, flimkien ma xewqa biex jittrattaw b'mod urġenti l-kwistjoni tad-dumping soċjali wasslu għal sitwazzjoni fejn numru ta' Stati Membri adottaw leġislazzjoni nazzjonali biex jittrattaw il-problema tal-pagi u tal-istandards soċjali. Miżuri bħal dawn diġà qed jikkawżaw problemi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern. Pereżempju, fir-rigward ta' pagi minimi nazzjonali u r-regolamenti dwar il-ħin tas-sewqan u tal-mistrieħ⁽²⁰⁾.

4. Il-problema u lil min taffettwa

4.1. Din l-opinjoni esploratorja tittratta d-dumping soċjali u l-kabotaġġ fit-trasport tal-merkanzija bit-triq. Għat-trasportaturi mill-Punent tal-Ewropa, il-forza tax-xogħol tirrappreżenta bil-bosta l-akbar parti mill-ispejjeż operattivi tagħhom. B'kuntrast ma' dan, għall-operaturi bbażati fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, l-ogħla spiża medja hija l-fjuwil. Struttura tal-ispejjeż differenti tista' wkoll tippermetti aktar investment. F'dan l-isfond, ċerti trasportaturi tal-UE-15 jesperjenzaw żvantaġġ kompetittiv u jfittxu li jużaw forza tax-xogħol b'paga baxxa. Dan xi drabi jsir minn trasportaturi fl-UE-15 kif ukoll fl-UE-13 permezz ta' skemi li jevadu jew jiksru l-leġislazzjoni tal-UE jew nazzjonali (jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 1071/2009, id-Direttiva 96/71/KE, l-hekk imsejħa sistemi tal-kumpaniji "letterbox", eċċ.). Lakuni fil-leġislazzjoni u n-natura mobbli tal-attivitajiet tat-trasport jistgħu jagħmluha diffiċli li jiġu skoperti skemi illegali. Kif jintwera fil-punt 4.6 hawn isfel, l-ispejjeż tax-xogħol jistgħu jitnaqqsu wkoll b'mod perfettament legali. Madankollu, fi kwalunkwe każ, ħafna drabi dan joħloq tensjonijiet.

4.2. Il-partijiet affettwati b'mod negattiv minn prattiki ta' dumping soċjali huma, b'mod partikolari, impriżi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq li ma jirrikorrux għal tali prattiki u sewwieqa professjonali, tal-inqas fl-UE-15. Barra minn hekk atturi serji jsofru ħsara għall-immagna tagħhom u huma esposti għal effetti negattivi ta' tali miżuri unilaterali bħal kif evokat hawn fuq fil-punt 3.6. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni Ewropea qed tippjana proposti fl-2016 biex tindirizza l-problema ta' dumping soċjali fit-trasport bit-triq. Madankollu, mingħajr analiżi soda u kompleta tas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq wieħed ma tantx jista' jistenna proposta rilevanti. Diġà teżisti data fil-livell nazzjonali permezz tar-reġistri elettroniċi nazzjonali (NERS) għal impriżi ta' trasport bit-triq. Fil-livell tal-UE, id-data kellha tkun disponibbli bħala regola permezz tar-Reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU), li kellhom jagħqudu n-NERS u jiffaċilitaw l-iskambju ta' data dwar ir-reputazzjoni ta' impriżi sa Diċembru 2012, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009. L-ERRU għadu ma ġiex implimentat. Il-KESE jiddispaċiħ ta' dan u jqis li dan in-nuqqas għandu effetti negattivi fuq il-kontroll tal-konformità.

4.3. Fir-rigward ta' **sewwieqa professjonali** prattiki illegali prinċipalment jikkonċernaw:

- Paga – għalkemm ir-remunerazzjoni skont il-pajjiż li huwa l-bażi ta' residenza tas-sewwieq (prinċipju ta' "pajjiż ta' oriġini") tkun perfettament normali u aċċettabbli meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet legali, jeżistu każijiet, speċjalment fil-kabotaġġ, fejn dan il-prinċipju jintuża b'mod abbużiv, f'kontradizzjoni mad-dispożizzjonijiet obbligatorji tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema jew ir-Regolament Ruma I.
- Kundizzjonijiet tax-xogħol: ippjanar mhux xieraq tal-vjaġġi tas-sewwieq, li jwassal għal ħin ta' sewqan eċċessiv; remunerazzjoni tal-ħin ta' sewqan biss, u mhux tal-attivitajiet li jseħħu matul il-ħin tax-xogħol, bħat-tagħbija u l-ħatt.
- Sigurtà soċjali – nuqqas ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali minn min iħaddem, b'impatt kritiku fuq id-drittijiet u l-benefiċċji għas-sewwieqa u l-familji tagħhom.
- Benefiċċji tas-saħħa – il-kumpanija tiċċarġja lis-sewwieq għal assigurazzjoni medika, u/jew kura medika, eċċ.

4.4. Numru ta' impriżi żviluppaw skemi ta' impjeg kumplessi u ambigwi, billi jieħdu vantaġġ tan-natura transkonfinali u l-mobbiltà għolja tas-settur, u b'hekk jirrikorru lill-aġenziji, il-kumpaniji tal-ekwipaġġar jew kumpaniji fittizji (is-sistema "letterbox") ibbażati fi Stati Membri b'livell baxx ta' protezzjoni u standards tax-xogħol u soċjali baxxi. Skont iċ-ċirkostanzi dawn l-arranġamenti jistgħu jkunu marġinali jew illegali, b'mod partikolari fejn ir-rabtiet tal-kuntratti tal-impjeg għal pajjiż b'paga baxxi u standards soċjali baxxi huma fittizji.

⁽²⁰⁾ Stqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2015 u artiklu fil-Financial Times tad-19 ta' Mejju 2015 "Protests from Road haulage industry forces Brussels to act". Ara wkoll il-Bulletin tad-DG Move, Ħarġa 183, 12.9.2014 u t-tweġibiet mill-Kummissjoni għall-mistoqsijiet tal-Parlament Ewropew E – 006597 – 14 u E – 007161 – 14.

4.5. L-iskemi ta' impjeg kumplessi tat-trasport bit-triq jagħmluha aktar diffiċli biex tiġi intraċċata l-impriża u biex tiġi ddikjarata responsabbli, pereżempju, f'każ ta' talbiet relatati ma' pagi jew sigurtà soċjali mhux imħallsa. B'mod invers, dawn il-prattiki illeċiti tal-impjeg jagħmluha ħafna aktar diffiċli biex sewwieqa mhux residenti – aħseb u ara minn pajjiż terz – biex jifhmu, jimmaniġġjaw u jaċċessaw id-drittijiet u l-benefiċċji tagħhom.

4.6. Eżempji ta' Prattiki li jistgħu jkunu ta' ksur il-liġi huma:

- Li joperaw permezz ta' kumpanija "letterbox" – dan ġie pprojbit mill-2011 wara l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, li jstipula li d-dritt li wieħed jiftaħ negozju fi Stat Membru huwa garantit u miżmum biss jekk il-kumpanija jkollha "stabiliment stabbli u effettiv".
- Japplikaw il-pagi u l-kundizzjonijiet lokali tal-pajjiż residenzjali, u mhux regoli obbligatorji tal-pajjiż li fih jew li minnu s-sewwieq normalment iwettaq l-attività – meta bi ksur tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema u r-Regolament Ruma I (mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar il-każ *Koelzsch*), kif spjegat fit-Taqsima 3 t'hawn fuq.
- Remunerazzjoni għal kull kilometru misjuq – dan huwa bi ksur tar-Regolament (KE) Nru 561/2006, li jipprojbixxi dan it-tip ta' pagament peress li jirrappreżenta riskju għas-sikurezza fit-toroq.
- Is-sewwieqa jgħixu għal xhur fi u madwar it-trakk, bi ftit jew l-ebda aċċess għal faċilitajiet sanitarji, ikel sħun, eċċ. – bi ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 31 "Kull ħaddiem għandu d-dritt għal kondizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu".

Huwa ċar li se jkun hemm ukoll sitwazzjonijiet fejn l-ispejjeż jistgħu jitnaqqsu b'mod perfettament legali, pereżempju billi tiġi stabbilita kumpanija sussidjarja jew bl-użu ta' kumpanija indipendenti ta' reklutaġġ.

4.7. Il-kabotaġġ huwa definit bħala t-trasport nazzjonali ta' merkanzija mwettaq minn trasportaturi mhux residenti, fuq bażi temporanja, fi Stat Membru ospitanti. "Temporanju" huwa definit bir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 bħala tliet operazzjonijiet ta' kabotaġġ fi żmien perjodu ta' mhux aktar minn sebat ijiem wara vjaġġ internazzjonali għal stat ospitanti. L-infurzar u l-kontroll tal-kabotaġġ huma diffiċli minħabba li r-regolament tal-aċċess tas-suq ma jagħmilx l-infurzar faċli. Dan jipprevjeni lill-infurzaturi milli jitolbu dokumenti addizzjonali sabiex jivverifikaw il-konformità mar-regoli tal-kabotaġġ. Barra minn hekk, ir-regoli nfushom mhumiex ċari fuq numru ta' punti u jinftehm u b'modi differenti fi Stati Membri differenti. Dan pereżempju huwa l-każ rigward id-definizzjoni ta' vjaġġ. Dan wassal għal rata baxxa ta' kontrolli, kemm fit-triq kif ukoll fis-sede tal-kumpanija.

4.8. Il-KESE jikkunsidra li struttura tal-ispejjeż differenti fl-UE-13 se tattira l-kumpaniji. Mill-aspett tas-suq intern din mhijiex problema. Madankollu, għandu jiġi nnotat li sakemm l-attivitàjiet li jingħad li huma bbażati fi Stati tal-UE-13 huma fil-fatt stabbiliti fil-forma ta' kumpaniji "letterbox", b'ebda attività reali fl-UE-13, jista' jkun hemm każ ta' dumping soċjali. Fl-2013, iffaċċjati bil-pjanijiet tal-Kummissjoni Ewropea biex tilliberizza r-regoli dwar il-kabotaġġ, l-Imsieħba Soċjali Ewropej mis-settur tat-trasport bit-triq, l-ETF u l-IRU, ikkomunikaw li s-suq ma kienx lest għall-ftuħ sħiħ tas-settur tat-trasportazzjoni domestiku għall-kompetizzjoni, preċiżament minħabba d-differenzi soċjali u fiskali madwar l-UE ⁽²¹⁾. L-IRU u l-ETF appellaw biex ir-regoli ma jinbidlux iżda biex minflok jiġu infurzati b'mod iżjed effettiv.

4.9. Il-KESE jiġbed ukoll l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġi żgurat li sewwieqa ta' pajjiżi terzi impjegati minn kumpaniji tal-UE jiġu reklutati b'rispett sħiħ għar-regoli tal-immigrazzjoni applikabbli, li jaħdmu taħt kundizzjonijiet li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet legali obbligatorji u li jinħarġilhom ċertifikat tas-sewqan kif meħtieġ mil-leġislażzjoni tal-UE.

⁽²¹⁾ "Proposta tal-Imsieħba tas-Settur Soċjali għal Pakkett ta' Politika għar-Reviżjoni li jmiss tar-Regolamenti tal-UE 1071/2009 dwar l-Aċċess għall-Professjoni u 1072/2009 dwar l-Aċċess għas-Suq tat-Trasport bit-Triq", 2013.

4.10. Huwa f'dan l-isfond li wieħed għandu jara l-enfasi attwali tal-Kummissjoni fuq id-dumping soċjali, kif ġie ddikjarat fil-prijoritajiet politiċi tal-President Juncker u l-programm ta' ħidma tal-2015 u li l-Kunsill esprima, inter alia, fil-programm tal-Presidenza Lussemburġiża tal-Kunsill.

Minbarra l-proposta pendenti għal pjattaforma sabiex jiġi miġġieled ix-xogħol mhux iddikjarat u d-dumping soċjali, il-Kummissjoni ħabbret żewġ inizzjattivi sinifikanti:

- Reviżjoni tal-leġislazzjoni dwar it-trasport bit-triq sabiex jiġu ċċarati r-regoli dwar stabbilimenti u l-kabotaġġ u jiġu ffaċilitati l-kontrolli.
- Pakkett dwar il-mobbiltà tal-ħaddiema sabiex jiġu evitati l-evazzjoni u l-abbuż.

Li jkun hemm suċċess fuq dawn il-punti huwa essenzjali sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern fit-trasport permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali u biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għal aktar ftuħ tas-suq f'dan is-settur.

4.11. Il-KESE jista' jressaq l-għażla tas-simplifikazzjoni tar-regoli tal-aċċess tas-suq fuq il-kabotaġġ billi jintroduċi regola simili għal dik li tapplika fir-rigward tal-forniment tas-servizz transkonfinali b'mod ġenerali. Dan ifisser rabta ċara tad-dritt li jipprovdu servizzi ta' kabotaġġ mal-karattru temporanju tagħhom. Dan jevita l-għadd bla tmiem u sistematiku ta' kabotaġġ ta' perjodu ta' sebat ijiem li bħalissa jidher possibbli, u jagħmel iktar ċar fejn jidher obbligu li jinholq stabbilment fil-pajjiż ospitanti. Dan jevita wkoll id-diverġenzi attwali dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet pjuttost dettaljati iżda mhux ċari fir-regoli preżenti.

Brussell, is-17 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-titjib tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea bl-isfruttament tal-potenzjal tat-Trattat ta’ Lisbona” u dwar “L-evoluzzjonijiet u l-aġġustamenti possibbli tal-arranġament istituzzjonali attwali tal-Unjoni Ewropea”

(2016/C 013/27)

Relatur: is-Sur Luca JAHIER

Korelatur: is-Sur José Isaías RODRÍGUEZ GARCÍA-CARO

Nhar id-19 ta’ Mejju 2015, il-Parlament Ewropew iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 304(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar

“It-titjib tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea bl-isfruttament tal-potenzjal tat-Trattat ta’ Lisbona”

u dwar

“L-evoluzzjonijiet u l-aġġustamenti possibbli tal-arranġament istituzzjonali attwali tal-Unjoni Ewropea”

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu tas-16 u s-17 ta’ Settembru 2015 (seduta tas-16 ta’ Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’185 vot favur, 4 voti kontra u 4 astensjonijiet.

1. Introduzzjoni

1.1. Din l-opinjoni ġiet abbozzata fuq talba tal-Parlament Ewropew, fil-kuntest taż-żewġ rapporti tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, jiġifieri: *“It-titjib tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea bl-isfruttament tal-potenzjal tat-Trattat ta’ Lisbona”* (relaturi: is-Sinjura BRESSO u s-Sur BROK) u *“L-Evoluzzjonijiet u l-Aġġustamenti Possibbli tal-Arranġament Istituzzjonali Attwali tal-Unjoni Ewropea”* (relatur: is-Sur VERHOFSTADT).

1.2. Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon din l-inizjattiva mill-Parlament Ewropew. Huwa mistenni li se tkun kontribut sinifikanti lejn it-tnedija mill-ġdid tad-dibattitu dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea. Il-KESE diġà adotta bosta opinjonijiet dwar is-suġġett u huwa impenjat biex jikkontribwixxi iżjed għall-ħidma tal-Parlament Ewropew.

1.3. Il-KESE huwa r-rappreżentant istituzzjonali tas-soċjetà ċivili organizzata⁽¹⁾ fil-livell Ewropew u l-membri tiegħu huma *“kompletament indipendenti fil-qadi ta’ dmirijiethom, fl-interess ġenerali tal-Unjoni”*⁽²⁾. Bħala korp konsultattiv tal-istituzzjonijiet Ewropej, il-KESE, sa mill-ħolqien tiegħu, żgura l-parteċipazzjoni effettivi, wiesgħa u koerenti tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili Ewropea fit-tfassil tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE. Għalhekk, jikkontribwixxi biex jiżgura li d-deċiżjonijiet jittieħdu b’mod kemm jista’ jkun miftuħ u kemm jista’ jkun qrib iċ-ċittadin⁽³⁾, u b’hekk isir kontribut lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, li jirregolaw l-użu tal-kompetenzi tal-Unjoni⁽⁴⁾.

2. L-Ewropa f’Salib it-Toroq: nahtfu l-opportunità

2.1. Kważi sitt snin wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona, il-Parlament Ewropew qajjem il-kwistjoni dwar jekk l-Unjoni Ewropea tistax tegħleb l-isfidi tagħha permezz tal-użu bis-sħiħ tad-dispożizzjonijiet eżistenti fit-Trattat ta’ Lisbona, u/jew jekk ikunx meħtieġ li ssir reviżjoni ta’ ċerti oqsma ta’ politika u l-istruttura istituzzjonali attwali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Is-soċjetà ċivili organizzata tista’ tiġi definiti bħala t-total tal-istrutturi organizzattivi kollha li l-membri tagħhom għandhom għanijiet u responsabbiltajiet ta’ interess ġenerali u li jaġixxu bħala medjaturi bejn l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadini. Ara l-opinjoni dwar *“Ir-rwol u l-kontribut tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-bini tal-Ewropa”* tat-22 ta’ Settembru 1999 (ĠU C 329, 17.11.1999, p. 30) u dwar *“Is-soċjetà ċivili organizzata u l-governanza Ewropea: il-kontribut tal-Kumitat għall-abbozzar tal-White Paper”* tal-25 ta’ April 2001 (ĠU C 193, 10.7.2001, p. 117).

⁽²⁾ Ara l-Artikolu 300(4) tat-TFUE.

⁽³⁾ Ara l-Artikolu 1 tat-TUE.

⁽⁴⁾ Ara l-Artikolu 5(1) tat-TUE.

2.2. Il-kriżi li bdiet fl-2008 żvelat nuqqasijiet serji fl-istruttura taż-Żona tal-Euro u fl-istruttura istituzzjonali tal-UE, li xprunat passi rapidi għall-adattament u l-innovazzjoni. Dawn il-bidliet urew ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet Ewropej u l-kapaċità tagħhom li jgħallbu t-treddida ta' xoljiment taż-Żona tal-Euro. Barra minn hekk, ir-riżultat kien l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' solidarjetà u assistenza mingħajr preċedent fl-istorja tal-UE. Madankollu, jeħtieġ li l-UE tikseb mill-ġdid livell suffiċjenti ta' tkabbir biex ittejjeb l-ambjent għal intrapriżi u biex jinżammu l-impjegji, biex jonqos il-qgħad, l-inugwaljanzi soċjali u l-iżvilupp asimmetriku bejn l-Istati Membri u r-reġjuni. Sal-lum, il-miżuri li jappoġġjaw it-tkabbir ma kinux biżżejjed biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

2.3. Madankollu, il-problemi ekonomiċi wasslu għal konċentrazzjoni ta' inizjattivi ekonomiċi u fiskali urġenti maħsuba biex jindirizzaw il-kriżi finanzjarja u ekonomika profonda. Dawn il-miżuri ħolqu tħassib serju dwar ir-responsabbiltà demokratika u l-impatt soċjali tagħhom, li ma tqisux biżżejjed. Essenzjalment, ir-rispons għall-kriżi enfasizza t-tħassib dwar it-trasparenza, ir-responsabbiltà u s-sostenibbiltà tat-tehdid ta' deċiżjonijiet Ewropej minħabba, fost oħrajn, ir-rikors ripetut għall-intergovermentalizmu.

2.4. Matul il-kriżi, il-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE rrikorrew għall-iffirmar ta' trattati intergovernattivi, li huma strumenti legali konklużi barra mill-proċeduri tat-Trattati tal-UE. Dawn huma t-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSKG) u t-Trattat dwar il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (TMES). Dawn it-Trattati ġew promulgati mingħajr dibattitu trasparenti jew pubbliku sinifikanti. Tali approċċ intergovernattiv, rappreżentat mill-Kunsill Ewropew, jista' jiġi spjegat bid-dimensjoni finanzjarja tal-kriżi u l-urġenza biex jimplementaw malajr strumenti sinifikanti biex tingħeleb din il-kriżi. Dan iqajjem il-kwistjoni ta' kunflitti potenzjali bejn in-natura intergovernattiva ta' dawn it-Trattati u l-istat tad-dritt tal-UE stess.

2.5. Illum, l-UE hija kostretta tegħleb il-frammentazzjoni dejjem tiżdied, il-kriżi ekonomika, soċjali u politika diviżiva haġfa, flimkien ma' inkwiet ċivili dejjem jiżdied, li kollha qed joħlqu diverġenzi dejjem jikbru. L-Ewropa tal-lum hija waħda fejn regħhu tfaċċaw il-preġudizzji, l-isterjotipi nazzjonali u diviżjonijiet dejjem jiżdiedu bejn il-persuni u l-pajjiżi, biż-żieda fil-popolarità ta' movimentu populistu u anti-Ewropej. Għalhekk, hemm bżonn urġenti li jiġi promoss dak li jgħaqqad iċ-ċittadini tal-Ewropa għall-kuntrarju ta' dak li jaqsamhom. Dan se jkun proċess twil u għandu jibda immedjatament.

2.6. Hija wkoll Ewropa fejn iċ-ċittadini għandhom fiduċja limitata fl-Istituzzjonijiet Ewropej u fejn il-politika demokratika formali tinsab taħt skrutinju aħrax. Dan huwa rifless prinċipalment fil-livell *nazzjonali*, kif rajna mir-riżultati elettorali riċenti. Madankollu, l-impatt jinħass ferm fil-livell *Ewropew*. Fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2014, madwar kwart tas-siġġijiet kollha ntrebħu mill-kandidati ta' partiti li kienu xettiċi dwar il-proġett tal-UE, jew dwar xi politiki tal-UE. Għalix minkejja r-responsabbiltajiet nazzjonali għall-kriżi, iċ-ċittadini jħossu li jew l-“Ewropa” hija responsabbli għall-problemi soċjo-ekonomiċi jew li l-istituzzjonijiet tal-UE mhux qed tagħmel biżżejjed biex ittejbu l-ħajja ta' kuljum tagħhom. Madankollu, għad hemm maġġoranza sinifikanti ta' votanti li jiffavorixxu aktar integrazzjoni Ewropea.

2.7. Ir-riskju ta' rtirar Brittaniku mill-UE permezz ta' referendum fl-2017 jew qabel u l-instabbiltà kontinwa fil-Greċja, ikomplu jsaħħu l-fatt li l-UE tinsab f'salib it-toroq politiku. Tabilħaqq, wieħed jista' jargumenta li l-Ewropa tilfet is-sens ta' direzzjoni tagħha fir-rigward tal-approfondiment tal-integrazzjoni Ewropea, u li hemm għadd konsiderevoli ta' mistoqsijiet fir-rigward tal-evoluzzjoni u l-identità attwali u futura tagħha. Fejn fil-passat l-integrazzjoni Ewropea kienet immexxija minn viżjoni (il-paċi, ir-rikonċiljazzjoni, il-prosperità, eċċ.), illum għandna UE li hija “reazzjoni” għal theddid u sfidi, minflok mexxejja tal-proċess.

2.8. B'kuntrast, kif intqal mis-Sur Van Rompuy, eks-President tal-Kunsill Ewropew, illum l-UE għandha taħdem għall-bilanċ ġust bejn Ewropa “abilitanti” li hija kapaċi tiftaħ opportunitajiet ġodda u Ewropa “li tagħti attenzjoni” kapaċi li tippoteġi liċ-ċittadini tagħha ⁽⁵⁾. Hija preċiżament din is-sinerġija, imsaħħa minn dimensjoni parteċipattiva ġdida, li ser tinkoraġġixxi liċ-ċittadini Ewropej u b'konsegwenza lill-politikanti, biex jerġa' jkollhom fiduċja fil-proġett Ewropew, fl-ispirtu tal-Preambolu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(5) Diskors ta' Herman Van Rompuy “Is there a need for a “New Pact for Europe?”, Brussell, 17 ta' Ġunju 2015. <http://www.newpactforeurope.eu/documents/eventsdocs/speech.vanrompuy.17june2015.pdf>

2.9. Mad-diffikultajiet interni li qed tiffaċċja l-UE, għandhom jingħaddu numru dejjem jikber ta' sfidi esterni kruċjali. Dawn jinkludu biżgħat u inċertezzi dejjem jikbru relatati mat-terroriżmu, pressjonijiet migratorji, sigurtà tal-enerġija u koeżjoni territorjali, flimkien mal-instabbiltà dejjem tikber tul il-fruntieri tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE.

2.10. F'dan il-kuntest profund ta' sfida kbira, issa hemm urġenza li jerġa' jinfetaħ id-dibattitu dwar il-funzjonament effiċjenti tal-UE u dwar ir-rwol tat-Trattati f'dan il-proċess. Huwa mument opportun biex jiġi studjat kif inwasslu riżultati aħjar għaċ-ċittadini tal-Ewropa, u tissaħħaħ u tiġi addattata l-istruttura istituzzjonali attwali.

2.11. Daqstant ieħor importanti hija l-ħtieġa li terġa' tinbena l-fiduċja b'fokus akbar fuq l-ispejjezzjoni dwar il-vantaġġi tal-UE liċ-ċittadini u, ukoll, li nisimgħu liċ-ċittadini u lir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-perċezzjoni prevalenti hija li l-UE ma rnexxiex la fit-tfassil u lanqas fl-implimentazzjoni ta' strateġiji sostenibbli, inklużivi u bilanċjati ffukati fuq l-investment u t-ktabbir, u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi. Barra minn hekk, l-UE ma rnexxilhiex tagħti riżultati konkreti għaċ-ċittadini tagħha, u għal dan l-Istati Membri jerfgħu parti mir-responsabilità. Dan jirriżulta f'dejjem iktar nuqqas ta' fiduċja taċ-ċittadini fl-UE, f'sens ta' indħil mhux xieraq mill-istituzzjonijiet tal-UE f'affarijiet lokali u f'distakk dejjem jikber ta' informazzjoni qarrieqa. Il-bini mill-ġdid tal-fiduċja u l-kunfidenza fl-UE hija kruċjali. L-UE tinsab f'salib it-toroq u l-aċċettazzjoni miċ-ċittadini tagħha se jkun kruċjali biex isir progress f'dan ir-rigward.

3. Sfruttament aħjar tat-Trattati Ewropej eżistenti

3.1. Mingħajr dubju, it-Trattati Ewropej eżistenti jipprovdi opportunitajiet mhux sfruttati li jistgħu jintużaw għat-titjib tal-politiki u, għalhekk, għat-tisħiħ tal-UE internament u esternament. Fl-istħarriġ dwar azzjoni ta' politika aktar profonda jew titjib fl-implimentazzjoni, hemm firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika u strumenti tekniċi li jistgħu jiġu sfruttati għal dan l-għan. Din għandha tkun il-prijorità attwali tal-Unjoni Ewropea u l-arkitettura istituzzjonali tagħha.

3.2. Minkejja l-ħtieġa li ċerti elementi tal-qafas istituzzjonali eżistenti tal-Unjoni Ewropea jkunu riveduti, permezz ta' bidliet speċifiċi tat-Trattati, għandu jiġi kkunsidrat li l-kundizzjonijiet biex dan isir mhumiex sodisfatti llum. Għalhekk, il-KESE ser jindirizza l-kwistjoni tal-bidliet u l-aġġustamenti fit-Trattati biss kif u meta jkun xieraq.

3.3. Dak li huwa essenzjali biex terġa' tinkiseb il-kunfidenza taċ-ċittadini fl-UE huwa l-ħtieġa li jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza bejn il-politiki u l-attivitajiet kollha tal-UE, kif stipulat fl-Artikolu 7 tat-TFUE, għalhekk tittejjeb l-implimentazzjoni tat-Trattati eżistenti. Dan jimplika l-ibbilanċjar tal-koeżjoni territorjali mad-dimensjonijiet ekonomiċi u soċjali tat-Trattati. B'mod partikolari dan jitlob l-applikazzjoni bis-sħiħ tal-Artikolu 3 tat-TUE, li jgħid, fost oħrajn, li l-UE għandha tkun ibbażata fuq "*... ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' mpjieġ u progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità tal-ambjent ... (li) għandha tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri*".

3.4. Aktar eżempji ta' dispożizzjonijiet eżistenti fit-Trattati li fil-fatt ma tanx jintużaw jinkludu il-ħames klawżoli orizzontali tat-TFUE, marbuta b'mod partikolari, mal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (Artikolu 8), l-iżgurar ta' livell għoli ta' mpjieġ, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali (Artikolu 9), il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni (Artikolu 10), il-ħarsien tal-ambjent (Artikolu 11) u l-protezzjoni tal-konsumatur (Artikolu 12). Fil-futur dawn il-klawżoli għandhom jintużaw għall-promozzjoni ta' interkonnnettività akbar bejn il-politiki Ewropej u aktar responsabbiltà fir-rigward taċ-ċittadini tal-UE.

3.5. Barra minn hekk, hemm firxa wiesgħa ta' oqsma tal-politika li mhumiex sfruttati sew. L-istrument prinċipali għall-integrazzjoni tat-28 Stat Membru kien **is-suq intern**⁽⁶⁾. Dan għandu jiġi kkomplementat b'aktar integrazzjoni, biex jixpruna t-ktabbir, l-impjieġ, il-kompetittività u l-benefiċċji għaċ-ċittadini u r-reġjuni kollha tal-UE. Sabiex jinkiseb dan,

⁽⁶⁾ Titoli I sa IV tat-TFUE.

hemm bżonn ta' inizjattivi sostanzjali tal-UE primarjament fis-swieq tal-prodotti, l-enerġija, it-trasport, is-servizzi, is-swieq tax-xogħol, l-akkwist pubbliku, il-proprjetà intellettuali u l-ekonomija diġitali. Barra minn hekk, ir-riformi nazzjonali għandhom ikunu aktar trasparenti fil-qasam tat-taxxa, jindirizzaw il-kompetizzjoni fiskali inġusta u jiġu kkomplementati minn ambitu usa' ta' azzjoni ta' politika tal-UE⁽⁷⁾.

3.6. Iż-żewġ gruppi settorjali ewlenin li għandhom ikunu soġġetti għal politiki msaħħa għandhom ikunu **l-Unjoni tal-Enerġija** u **s-Suq Uniku Diġitali**. Dan tal-aħħar huwa s-suġġett ta' opinjoni tal-KESE li qed tiġi ppreparata u għalhekk mhux ser jiġi ttrattat fid-dettall f'din l-opinjoni.

3.7. Sabiex tingħeleb it-theddida esterna tan-nuqqas ta' sigurtà tal-enerġija, l-UE tista' tapplika d-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Artikolu 194 tat-TFUE u tersaq lejn Unjoni tal-Enerġija. Il-KESE ppromwova b'mod konsistenti "Aktor Ewropa" fil-politika tal-enerġija u talab biex is-solidarjetà issir il-forza li tmexxi l-iżvilupp tal-politika tal-enerġija Ewropea. L-Artikolu 194 jippermetti l-istabbiliment ta' sistema ta' governanza effettiva u trasparenti għall-Unjoni tal-Enerġija, li tagħmel il-politika tal-enerġija tal-UE aktar effiċjenti, tnaqqas l-ispejjeż, iġġib valur liċ-ċittadini u tgħolli l-profil tal-UE fir-rigward tal-imsieħba internazzjonali tagħha. Il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-appoġġ lin-negozji fit-tranżizzjoni tal-enerġija tagħhom huma integrali għal dan il-proċess.

3.8. Barra minn hekk, il-progress reali li jstimula t-tkabbir inklużiv, il-kompetittività, l-impjiegi u l-benefiċċji għaċ-ċittadini u r-reġjuni kollha tal-UE jista' jinkiseb permezz tar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-**Istrateġija Ewropa 2020**. Dan ikun jeħtieġ riformi li jfokaw fuq l-investimenti tal-UE, sabiex iżidu l-kompetittività fl-innovazzjoni, l-impjiegi, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, riindustrijalizzazzjoni sostenibbli, aktar impjiegi diċenti, l-ugwaljanza fis-suq tax-xogħol, il-koeżjoni soċjali u reġjonali, l-inklużjoni u suq intern li jiffunzjona tajjeb. Il-KESE jenfasizza li l-UE m'għandhiex bżonn strateġija kompletament ġdida, iżda għandha bżonn strateġija Ewropa 2020 ħafna aktar effettiva⁽⁸⁾, inkluż Semestru Ewropew dejjem aktar effiċjenti, ibbilanċjat u mfassal b'mod demokratiku.

3.9. Kontribuzzjoni biex jintlaħqu ekonomiji ta' skala u jintlaħqu l-għanijiet politiċi tal-UE jistgħu jintlaħqu permezz tar-riforma tas-sistema tal-UE tar-**riżorsi proprji**, li tissimplifika s-sistema attwali tal-kontribuzzjonijiet u l-pagamenti għall-Istati Membri, u tippreżenta sistema tar-riżorsi proprji ġdida u r-riforma tas-sistema tal-korrezzjonijiet. Bidla fir-riżorsi proprji tfisser li l-Artikolu 201 oriġinali tat-Trattat ta' Ruma, li issa huwa l-Artikolu 311 tat-TFUE, jiġi implimentat kif suppost u bis-sħiħ għall-ewwel darba. Għall-KESE, huwa essenzjali li s-sistema ta' riżorsi proprji tissodisfa numru ta' kriterji. Dawn għandhom jinkludu l-ekwità, l-effiċjenza, l-istabbiltà, it-trasparenza, is-semplifika, ir-responsabbiltà, id-dixxiplina baġitarja, enfasi fuq il-valur miżjud Ewropew, is-sussidjarjetà u s-sovranià fiskali. Sabiex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, huwa ssuġġerit li tinhatf l-oportunità tar-reviżjoni ta' nofs it-term li jmiss tal-baġit tal-UE, sabiex jiġu adottati l-proposti rilevanti tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Monti. L-għan prinċipali għandu jkun li tissaħħaħ l-awtonomija tal-baġit tal-UE, biex ikun jista' jkollha effett ta' lieva u kumplementarjetà akbar għall-baġits nazzjonali. Dan se jikkontribwixxi direttament sabiex jinkisbu ekonomiji ta' skala u jitwettqu l-oġġettivi politiċi tal-UE⁽⁹⁾.

3.10. L-UE teħtieġ ukoll riformi biex issaħħaħ is-sens **taċ-ċittadinanza komuni** fil-livell Ewropew. Madankollu s-sens ta' ċittadinanza Ewropea komuni mhux se jinħoloq mingħajr l-involvement taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell Ewropew. Dan jimplika l-ħolqien ta' sens ta' parteċipazzjoni f'dan il-proċess konġunt għall-kawża komuni fl-Istati Membri kollha madwar l-Ewropa. Possibbiltà waħda biex jintlaħaq dan ikun li jagħtu liċ-ċittadini l-oportunità biex jeleġġu Membri tal-Parlament Ewropew minn listi transnazzjonali, jiġifieri minn bosta Stati Membri iżda minn partiti Ewropej, minflok bil-votazzjoni għall-partiti nazzjonali biss. Madankollu, dan jista' jeħtieġ bidla fit-Trattat bl-emenda tal-Artikolu 223 tat-TFUE.

⁽⁷⁾ Opinjoni dwar "L-ikkompletar tal-UEM – Ir-rwol tal-politika tat-tassazzjoni" tal-10 ta' Diċembru 2014 (ĠU C 230, 14.7.2015, p. 24).

⁽⁸⁾ Opinjoni dwar "Il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 u kif jistgħu jinkisbu l-għanijiet tagħha sal-2020" tad-19 ta' Frar 2015 (ĠU C 251, 31.7.2015, p. 19).

⁽⁹⁾ Opinjoni dwar il-"Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (COM/2011) 739 final – 2011/0183 (CNS) u l-Proposta emendata għal Regolament li jistabbilixxi miżuri li jimplementaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (COM(2011) 740 final – 2011/0184 (APP))" tad-29 ta' Marzu 2012 (ĠU C 181, 21.6.2012, p. 45).

3.11. F'dan il-kuntest, il-KESE enfasizza l-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv il-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE**, permezz ta' inizjattivi ġodda għal dan il-għan⁽¹⁰⁾. Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-ugwaljanza għal kulħadd, b'attenzjoni speċifika għal gruppi vulnerabbli. Huwa jenfasizza li, fil-livell tal-UE, l-obbligi tal-Karta japplikaw għall-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi kollha. Il-KESE jhegġegħ lill-Istati Membri jibnu kultura tad-drittijiet fundamentali orjentata lejn il-protezzjoni u l-promozzjoni fil-livelli governattivi kollha u fl-oqsma leġislattivi u ta' politika kollha. Barra minn hekk, għandu jeżamina u jidentifika l-impatt speċifiku fuq id-drittijiet fundamentali matul il-proċess ta' traspożizzjoni. Il-KESE jhegġegħ bis-sħiħ lill-Kummissjoni biex taġixxi b'mod effettiv fir-rwol tagħha ta' gwardjan tat-Trattati u biex tuża l-proċedura ta' ksur mingħajr ma tqis kunsiderazzjonijiet politiċi. Barra minn hekk, il-KESE sejjaħ lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, il-korpi kollha tal-UE u l-Istati Membri kollha involuti fil-promulgazzjoni tad-drittijiet fundamentali biex jipromovuhom bil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili. Kwalunkwe regolament marbut mal-governanza ekonomika u l-funzjonament tas-suq intern għandu jikkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-Karta tal-UE, permezz ta' valutazzjoni speċifika⁽¹¹⁾.

3.12. Fl-aħħarnett, matul l-aħħar għaxar snin, l-UE ta' 28 Stat Membru ffaċċjat sfidi ewlenin u kwistjonijiet soċjalment diviżivi, li l-ebda Stat Membru individwali ma jista' jiffaċċja waħdu b'mod effettiv. Huwa biss permezz ta' politiki koordinati u azzjoni komuni fil-livell Ewropew li jistgħu jintlaħaq riżultati pożittivi. Dan huwa partikolarment il-każ fl-oqsma tal-politiki dwar il-migrazzjoni u tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà Komuni (PESK). F'dawn iż-żewġ oqsma ta' politika, it-Trattati tal-UE eżistenti jipprovdu ambitu kbir għall-manuvra u ħafna dispożizzjonijiet ma ġewx sfruttati minħabba n-nuqqas ta' rieda politika komuni u konverġenti⁽¹²⁾. Għal dan il-għan, l-Artikoli 21 sa 46 tat-TUE u l-Artikoli 76 sa 81 tat-TFUE għandhom jiġu sfruttati aktar.

3.13. Sabiex jintlaħaq progress għandu jkun hemm taħlita ta' ambizzjoni, pragmatiżmu u innovazzjoni. Il-KESE huwa tal-fehma li illum hemm opportunità biex jittieħed vantaġġ mill-isfidi tal-UE u titwettaq ħidma lejn fażi ġdida fl-iżvilupp tal-UE. Din hija opportunità għat-tfassil ta' Patt ġdid, bejn l-Istati Membri u bejn l-UE u ċ-ċittadini tagħha, għal Ewropa li se ssaħħa il-kooperazzjoni, il-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku, l-integrazzjoni u s-solidarjetà.

3.14. Bla dubju, għodda oħra mhux sfruttata biżżejjed hija l-*"Kooperazzjoni Msaħħa"* (definita fl-Artikolu 20 tat-TUE). Din il-proċedura ntużat għall-ewwel darba fil-qasam tad-divorzju u tas-separazzjoni legali u sussegwentement għall-ħolqien tal-protezzjoni tal-privattiva unitarja fl-UE, kif ukoll il-proposta għall-introduzzjoni ta' taxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji. Il-kwalzola *"passarelle"* (Artikolu 48(7) tat-TUE) tista' tintuża. Madankollu, tali revizzjoni teħtieġ unanimità fost il-gvernijiet tal-Istati Membri, fil-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill, li tista' tkun diffiċli. Dawn iż-żewġ għodod jistgħu, fil-prinċipju, jissempifikaw u jgħaġġu t-teħid ta' deċiżjonijiet Ewropej.

3.15. Għalhekk huwa ta' importanza kbira ħafna li nibnu fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li, fil-laqgħa tiegħu tas-26 u s-27 ta' Ġunju 2014, qabel dwar: *"... il-kunċett ta' unjoni dejjem eqreb jippermetti toroq differenti ta' integrazzjoni għal pajjiżi differenti, li jippermetti lil dawkl li jridu japprofondixxu l-integrazzjoni jimxu 'l quddiem, filwaqt li jirrispetta x-xewqa ta' dawkl li ma jridux japprofondixxu aktar"*⁽¹³⁾. Din id-dikjarazzjoni hija l-bażi għal Unjoni Ewropea differenzjata fejn it-28 Stat Membru kollha jipparteċipaw, jekk meħtieġ sa punti li jvarjaw, u għaldaqstant tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni rinfurzata f'oqsma strateġiċi, li tħalli l-għażla tal-parteċipazzjoni bis-sħiħ f'idejn l-Istati Membri.

3.16. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li l-istrateġiji makroregionali għandhom rwol dejjem akbar fil-futur tal-UE. It-tisħiħ u l-estensjoni tagħhom jistgħu jgħinu fl-iżvilupp ta' livell intermedjarju Ewropew li kapaċi jgħib konverġenza tal-UE u jikkseb l-involvement sistematiku tas-soċjetà ċivili organizzata, inklużi l-imsieħba ekonomiċi u soċjali.

⁽¹⁰⁾ Opinjoni dwar *"il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"* tal-21 ta' Settembru 2011 (ĠU C 376, 22.12.2011, p. 74).

⁽¹¹⁾ Fil-każ ta' revizzjoni tat-Trattati, il-KESE diġà ssuġġerixxa li jiġi inkluż Protokoll tal-Progress Soċjali. Opinjoni dwar *"il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea – Att dwar is-Suq Uniku II – Flimkien għal tkabbir ġdid"* tas-17 ta' Jannar 2013 (ĠU C 76, 14.3.2013, p. 24).

⁽¹²⁾ Opinjonijiet dwar *"Il-politiki Ewropej tal-immigrazzjoni"* tal-11 ta' Settembru 2014 (ĠU C 458, 19.12.2014, p. 7), dwar *"Il-politika Ewropea dwar l-immigrazzjoni u r-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi"* tad-9 ta' Lulju 2014 (ĠU C 451, 16.12.2014, p. 1), u dwar *"Il-politika ewropea u ta' sigurtà l-ġdida tal-UE u r-rwol tas-soċjetà ċivili"* tas-27 ta' Ottubru 2011 (ĠU C 24, 28.1.2012, p. 56).

⁽¹³⁾ Paragrafu 27 tal-konklużjonijiet.

4. It-tisħiħ taż-żona tal-euro u l-ikkompletar tal-UEM

4.1. It-titjib fl-arkitettura dgħajfa tal-UEM u t-tisħiħ tal-governanza ekonomika kienu fil-qalba tal-istrateġija tal-kriżi tal-UE matul l-aħħar ftit snin. Miżuri ta' urġenza biex l-UEM tinżamm għaddejja wasslu għal numru ta' żviluppi iżda dawn irriżultaw minn proċess intergovernattiv ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Huwa issa importanti li jiġi żgurati li dawn is-soluzzjonijiet intergovernattivi ma jsirux qafas legali addizzjonali permanenti għat-Trattati tal-UE.

4.2. F'dan il-kuntest, bilfors irridu nitbiegħdu malajr mis-sistema attwali, li hija bbażata fuq regoli li jiżguraw dixxiplina baġitarja, lejn proċess ta' konverġenza akbar bejn il-pajjiżi taż-żona tal-euro.

4.3. Fl-ewwel istanza, peress li l-euro hija l-munita tal-UE, l-Istati Membri li huma membri taż-żona tal-euro jeħtieġ jaċċelleraw u japprofondixxu l-integrazzjoni permezz tal-ikkompletar tal-UEM, **proċess li għandu jibqa' miftuħ għall-Istati Membri kollha tal-UE**. Dan jista' jinkiseb permezz ta' governanza robusta u t-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali taż-żona tal-euro, fuq il-bażi ta':

- **pilastru monetarju u finanzjarju**, li huwa l-aktar pilastru li hu stabbilit u li għandu jinkludi l-implimentazzjoni ta' Unjoni Bankarja kompleta mmexxija mill-UE biex jintlaħaq suq kapitali pan-Ewropew, filwaqt li l-persuni taxxabbli jiġu protetti wkoll minn teħid ta' riskju eċċessiv u inadempjenzi diżordinati;
- **pilastru ekonomiku**, biex jissaħħa il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-politika ekonomika, u b'hekk jitravmu t-tkabbir, l-impjeg, il-kompetittività, il-konverġenza u s-solidarjetà Ewropea;
- **pilastru soċjali**, li huwa inseparabbli mill-progress ekonomiku u l-effiċjenza, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tat-Trattati Ewropej, fid-dawl tal-Artikolu 3 tat-TUE u titjeb il-koeżjoni soċjali u territorjali;
- **pilastru politiku**, inkluż aktar responsabbiltà u leġittimità demokratika, biex jitravmu l-kredibbiltà u l-kunfidenza.

4.4. Barra minn hekk għandhom jittieħdu passi lejn l-introduzzjoni ta' baġit għaż-Żona tal-Euro, li jikkontribwixxu għall-assorbiment tal-iskossi li jistgħu jseħħu fil-futur, sakemm din il-kapaċità fiskali hija mfassla bħala għajnuna kondizzjonali biex tistinka għar-riformi. Kif iddikjarat fl-opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE dwar L-Ikkompletar tal-UEM ⁽¹⁴⁾, tali baġit taż-żona tal-euro jista' jiġi ffinanzjat permezz ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji li tkopri ż-Żona tal-Euro kollha kemm hi, taxxa tal-karbonju, imposta temporanja jew billi jinħarġu bonds konġunti. Madankollu, għadu meħtieġ qbil dwar kwalunkwe waħda minn dawn l-għażliet.

4.5. Il-progress fil-governanza ekonomika Ewropea se jkun possibbli bit-titjib tad-dimensjoni soċjali tal-UE. Dan għandu jkun ibbażat fuq applikazzjoni aktar bilanċjata tal-Artikolu 3 tat-TUE, li jstipula li l-UE għandha ssib bilanċ bejn l-effiċjenza ekonomika, il-koeżjoni soċjali u dik territorjali. Barra minn hekk, l-Artikoli 151 u 153 tat-TFUE jimmiraw li jappoġġjaw l-armonizzazzjoni tas-sistemi soċjali tal-Istati Membri, kwistjoni li ġiet mistħarrġa mill-KESE fl-2013 ⁽¹⁵⁾.

4.6. Fl-istess ħin, għandna bżonn insaħħu l-leġittimità demokratika tal-UE sabiex insaħħu l-qafas politiku tagħha, u b'mod partikolari r-rwol tal-Parlament Ewropew. Għal dak l-għan, jistgħu jittieħdu passi konkreti fil-qafas tat-Trattat u r-regoli attwali. Fi żmien medju u fit-tul, reviżjoni possibbli tat-Trattat għandha ġġib id-dispożizzjonijiet istituzzjonali f'konformità mar-rekwiżiti indispensabbli għal Unjoni politika ġenwina. Il-KESE diġà approva pjan direzzjonali dettaljat ħafna għat-twettiq ta' pilastru politiku tal-UEM, li jiddeskrivi firxa wiesgħa ta' azzjonijiet possibbli ⁽¹⁶⁾.

⁽¹⁴⁾ Opinjoni dwar "L-ikkompletar tal-UEM Il-proposti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għal-leġiżlatura Ewropea li jmiss" tad-9 ta' Lulju 2014 (ĠU C 451, 16.12.2014, p. 10).

⁽¹⁵⁾ L-Opinjoni "Għal dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja Ewropea" tat-22 ta' Mejju 2013 (ĠU C 271, 19.9.2013, p. 1) u dwar "Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – It-Tisħiħ tad-Dimensjoni Soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja" tas-17 ta' Ottubru 2013 (ĠU C 67, 6.3.2014, p. 122).

⁽¹⁶⁾ Opinjoni dwar "L-ikkompletar tal-UEM: il-pilastru politiku" tas-27 ta' Mejju 2015 (ECO/376) (ĠU C 332, 8.10.2015, p. 8).

4.7. Il-KESE jieħu nota tar-Rapport tal-Ħames Presidenti tat-22 ta' Ġunju 2015 tal-Kunsill Ewropew dwar *It-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa* u jistenna li dan iservi bħala bażi għal azzjoni aktar deċiżiva, kif indikat hawn fuq ⁽¹⁷⁾.

5. Konsolidazzjoni tal-parteċipazzjoni, id-demokrazija u r-responsabbiltà ċivili: it-triq 'il quddiem

5.1. Iċ-ċittadin għandu jkun fiċ-ċentru tad-dibattitu kollu dwar il-futur tal-UE. Id-demokrazija u r-responsabbiltà huma kunċetti fundamentali taċ-ċittadinanza Ewropea. Sabiex jiġu implimentati dawn il-prinċipji, il-Kummissjoni Ewropea għandha taqdi rwol ewlieni, bħala l-gwardjan tat-Trattati. Il-Kummissjoni, bħala l-istituzzjoni li għandha l-monopolju ta' inizjattiva leġislattiva, ukoll għandha rwol kruċjali biex tibbilanċja d-diversi forzi u interessi li jiffurmaw l-UE. Dan l-att ta' bbilanċjar għandu jitwettaq b'mod parallel mal-implimentazzjoni aktar effettiva tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, lejn governanza aktar demokratika u parteċipattiva tal-UE.

5.2. It-Trattat ta' Lisbona jinvolvi rwol aktar sinifikanti għall-Parlament Ewropew u attitudni proattiva mill-Istati Membri permezz ta' Kunsill imsaħħa. Madankollu, fil-futur, se jkun meħtieġ li l-kompetenzi tal-Parlament Ewropew ikunu estiżi aktar, pereżempju permezz ta' rwol akbar fil-governanza ekonomika Ewropea u fis-Semestru Ewropew, u li jiġi implimentat sehem aktar bilanċjat tar-responsabbiltajiet u l-kooperazzjoni interistituzzjonali bejn it-tliet istituzzjonijiet, li jiżguraw Metodu tal-UE aktar robust. F'dan il-kuntest, kwistjoni ta' interess partikolari hija l-użu estensiv ta' "trilogi" għall-adozzjoni ta' atti fl-ewwel u t-tieni qari tal-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽¹⁸⁾. "It-trilogi", sa ċertu punt saru n-norma, u b'hekk imorru kontra l-prinċipji tat-trasparenza u r-responsabbiltà demokratika u l-bilanċ li meħtieġ jinżamm bejn it-tliet istituzzjonijiet fil-qafas tal-proċedura leġislattiva ordinarja. Għalhekk, il-KESE jappoġġja ritorn lejn l-ispirtu, jekk mhux kif stipulat eżatt, tal-proċedura leġislattiva ordinarja, filwaqt li "t-trilogi" jibqgħu l-eċċezzjoni.

5.3. Barra minn hekk, il-Metodu tal-UE jkun applikat ukoll b'mod aktar effettiv permezz tas-sussidjarjetà "orizzontali". Dan it-terminu, kif ukoll dak tas-sussidjarjetà "vertikali", mhuwiex definit b'mod espliċitu fit-Trattati. Madankollu, dan jagħti rikonoxximent għar-rwol pubbliku ta' atturi privati, pereżempju ċittadini u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rappreżentattivi u għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċessi tat-tiswir tal-politika u t-teħid ta' deċiżjonijiet, permezz tar-rwol konsultattiv speċifiku tagħhom, kif ukoll ir-rwol awtonomu leġislattiv tal-imsieħba soċjali fil-kuntest tad-djalogo soċjali Ewropew.

5.4. Fil-fatt, dan il-kunċett ta' sussidjarjetà orizzontali, xi kultant imsejjaħ ukoll sussidjarjetà funzjonali, diġà huwa rikonoxxut b'mod impliċitu mit-Trattati, kif jirriżulta mill-Artikoli 152, 154 u 155 tat-TFUE dwar id-djalogo soċjali u r-rwol tal-imsieħba soċjali.

5.5. L-Artikolu 11 tat-TUE ukoll jinkorpora l-prinċipju tad-demokrazija parteċipattiva bħala komponent kumplementari ewlieni għad-demokrazija rappreżentattiva, kif espress fl-Artikoli 10 u 12 tat-TUE ⁽¹⁹⁾, li hija l-baży fundamentali tad-demokrazija. L-Artikolu 11(1) u (2) tat-TUE ⁽²⁰⁾, kif il-KESE enfasizza diversi drabi, jiftaħ prospetti konsiderevoli għall-iżvilupp tad-demokrazija Ewropea billi jħejji s-sisien għat-twaqqif ta' djalogo ċivili fit-tul strutturat fil-livell Ewropew flimkien ma' djalogo politiku bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

5.6. Barra minn hekk, dan il-Metodu tal-UE għandu jkun ikkumplementat minn sussidjarjetà "vertikali" msaħħa bi rwol rinfurzat għall-parlamenti nazżjonali fit-tfassil tal-politika tal-UE u aktar kooperazzjoni bejn tal-ewwel u l-Parlament Ewropew.

⁽¹⁷⁾ http://ec.europa.eu/priorities/economic-monetary-union/docs/5-presidents-report_en.pdf

⁽¹⁸⁾ "It-trilogi" huma stipulati fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tat-13 ta' Ġunju 2007 dwar "Arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni (Artikolu 251 tat-Trattat KE)" (ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5).

⁽¹⁹⁾ Dwar ir-rwol tal-parlamenti nazżjonali u l-Parlament Ewropew, rispettivament.

⁽²⁰⁾ Artikolu 11(1) u (2) jiddikjara li:

"L-istituzzjonijiet għandhom, permezz ta' mezzi xierqa, jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jgħarrfu u jiskambjaw pubblikament l-opinjoni tagħhom fl-oqsma ta' azzjoni kollha tal-Unjoni."

"L-istituzzjonijiet għandhom iżommu djalogo miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili."

5.7. Dan kollu ta' hawn fuq diġà jista' jinkiseb fil-qafas tat-Trattati eżistenti. B'mod partikolari, fir-rigward tal-parteċipazzjoni ċivili, id-demokrazija u r-responsabbiltà, jistgħu jintlaħqu ħafna affarijiet billi jiġu żviluppati aktar il-politiki Ewropej, u billi jittejjbu l-proċessi u l-implimentazzjoni. Madankollu, kif diġà ġie indikat f'żewġ opinjonijiet tal-KESE ⁽²¹⁾ ⁽²²⁾, sar progress limitat fl-implimentazzjoni b'mod effettiv tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11 u biex jingħata sostenn sħiħ għall-kunċett ta' demokrazija parteċipattiva.

5.8. Dan huwa minnu wkoll fir-rigward tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) skont l-Artikolu 11(4). L-ECI għandha tkun strument kruċjali għad-demokrazija parteċipattiva u ċ-ċittadinanza attiva, iżda fil-format attwali tagħha ġeneralment mhijiex effettiva u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tagħha għandhom bżonn jiġu riveduti sew.

5.9. Dan il-kunċett tas-sussidjarjetà "orizzontali" għandu jissaħħaħ u jiġi estiż għal oqsma ta' politika usa' fil-futur, permezz ta' djalogu ċivili strutturat, pereżempju fl-oqsma tal-ambjent u l-protezzjoni tal-konsumatur. Dan għandu jtejjeb ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rappreżentattivi fil-proċessi Ewropej billi jippermettilhom li jikkontribwixxu bis-sħiħ għall-oqsma ta' politika li jikkonċernawhom, għalhekk jagħti sustanza lill-prinċipju tad-demokrazija parteċipattiva. Sabiex jinkiseb dan l-għan u bħala l-istituzzjoni tal-UE li tirrappreżenta s-soċjetà ċivili organizzata, il-KESE għandu rwol ewlieni fit-tweqqif tal-potenzjal sħiħ tad-demokrazija parteċipattiva u fl-iżvilupp u t-tisħiħ tad-djalogu ċivili, fi sħubija mal-istituzzjonijiet tal-UE.

5.10. Bħala rappreżentant istituzzjonali tas-soċjetà ċivili organizzata fil-livell Ewropew, ir-rwol tiegħu huwa maqsum fi tliet partijiet: (i) biex jiffaċilita u jappoġġja d-djalogu bejn l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili u mal-istituzzjonijiet Ewropej, (ii) biex tiġi żgurata parteċipazzjoni dejjiema tas-soċjetà ċivili organizzata fil-proċessi politiċi tal-UE, u (iii) biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Artikolu 11 tat-TUE.

5.11. B'hekk u bħala korp konsultattiv lill-istituzzjonijiet tal-UE ⁽²³⁾, il-KESE għandu l-opportunità biex jaġixxi bis-sħiħ bħala (i) katalist u koordinatur fi djalogu bejn u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, (ii) bħala intermedjarju ewlieni bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, u (iii) bħala pont effettiv bejn il-livelli nazzjonali u Ewropej. Jekk it-Trattati jiġu riveduti, il-KESE jitlob li dan ir-rwol jiġi rikonoxxut b'mod espliċitu ⁽²⁴⁾.

5.12. It-tnedija mill-ġdid tal-aġenda dwar ir-Regolamentazzjoni aħjar tirrifletti x-xewqa tal-Kummissjoni li tpoġġi enfasi qawwija fuq il-ħidma ta' valutazzjoni tagħha, bl-involviment tal-istituzzjonijiet l-oħra, l-awtoritajiet nazzjonali u s-soċjetà ċivili inġenerali fil-proċess. Bħala korp konsultattiv, l-involviment tal-KESE fil-valutazzjoni tal-politika huwa fundamentali għaliex huwa bbażat fuq ir-rwol leġittimu tiegħu fl-istruttura istituzzjonali tal-UE: (i) biex jiproteġi dak li kisbet l-UE biex tilħaq il-ħtiġijiet taċ-ċittadini Ewropej, u (ii) biex iwissi dwar it-tfixkil jew nuqqasijiet possibbli għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-legislażjoni tal-UE.

⁽²¹⁾ Opinjoni dwar "Prinċipji, proċeduri u azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 11(1) u (2) tat-Trattat ta' Lisbona" tal-14 ta' Novembru 2012 (ĠU C 11, 15.1.2013, p. 8).

⁽²²⁾ Opinjoni dwar "Il-valutazzjoni tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati mill-Kummissjoni Ewropea" tat-2 ta' Lulju 2015, ĠU C 383, 17.11.2015, p. 57.

⁽²³⁾ Il-paragrafu 4 tal-Artikolu 13 tat-TUE dwar l-qafas istituzzjonali tal-Unjoni jipprevedi li "**Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom ikunu assistiti minn Kumitat Ekonomiku u Soċjali u minn Kumitat tar-Reġjuni, li jeżerċitaw funzjonijiet konsultattivi**".

⁽²⁴⁾ Din il-proposta kienet diġà saret mill-Kumitat lill-Kunsill Ewropew f'opinjoni fl-2006, matul il-perjodu ta' riflessjoni li segwa n-nuqqas ta' ratifika tat-Trattat Kostituzzjonali. Ara l-opinjoni dwar "Contribution to the European Council of 15–16 June 2006 – Period of reflection", tas-17 ta' Mejju 2006 (ĠU C 195, 18.8.2006, p. 64) (mhux disponibbli bil-Malti).

5.13. Bħala parti mir-rwol assenjat lilu skont l-Artikolu 13(4) tat-TUE, kemm il-Protokoll tal-KESE dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea tat-22 ta' Frar 2012 u l-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-KESE mal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2014, jirrikonoxxu l-valur miżjud sinifikanti li l-KESE jista' jgħib għar-“Regolamentazzjoni aħjar”, billi jdaħħal il-fehma tas-soċjetà ċivili fiċ-ċiklu ta' politika kollu tal-UE ⁽²⁵⁾. Għalhekk, il-KESE jitlob li r-rwol istituzzjonali tiegħu jiġi rikonoxxut b'mod ċar fi kwalunkwe reviżjoni futura tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Regolamentazzjoni Aħjar ⁽²⁶⁾.

5.14. Sabiex jikkontribwixxu b'mod effettiv għal dan kollu, il-KESE nnifsu għandu juża b'mod sħiħ il-potenzjal tiegħu u jsaħħaħ ir-rwol tiegħu, il-metodi ta' ħidma u operattivi tiegħu, u r-rabtiet operattivi ewlenin tiegħu mal-organizzazzjonijiet u n-netwerks Ewropej tas-soċjetà ċivili. Il-KESE qiegħed ukoll iżid ir-rilevanza tal-ħidma tiegħu billi jiffoka aktar fuq gruppi ta' politiki prijoritarji tal-UE, fil-kuntest tal-funzjoni konsultattiva mogħtija lilu mit-Trattati.

5.15. B'dan il-mod, il-KESE jista' jagħti kontribut sinifikanti biex jibni fuq il-potenzjal tat-Trattat ta' Lisbona foqasma ta' politika li huma ta' interess dirett għaċ-ċittadini u biex jidentifika n-nuqqasijiet possibbli li jeħtieġu bidliet u aġġustamenti għall-politiki kkonċernati sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom aħjar.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽²⁵⁾ Il-paragrafu 18 tal-Protokoll ta' Kooperazzjoni mal-Kummissjoni jistipula li: “Il-Kumitat jikkontribwixxi għall-proċess tal-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-leġislażzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari b'rabta mal-klawżoli orizzontali, kif previst fl-Artikoli 8 sa 12 tat-TFUE”. Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-2014 mal-Parlament Ewropew jistipula li l-KESE għandu sistematikament jipprovdi lill-Parlament b“valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-leġislażzjoni Ewropea” flimkien ma' “informazzjoni u materjali rilevanti mis-soċjetà ċivili dwar kif il-leġislażzjoni eżistenti u l-programmi ta' finanzjament qed jaħdmu fil-prattika u x'inhuma n-nuqqasijiet li jridu jitqiesu fit-tfassil u r-reviżjoni tal-leġislażzjoni u l-politiki tal-UE”.

⁽²⁶⁾ Opinjoni dwar “Atti Delegati” tas-16 ta' Settembru 2015 (INT/768) (ara l-paġna 145 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

510 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FL-16 U L-17 TA' SETTEMBRU 2015

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar – Aġenda tal-UE”

(COM(2015) 215 final)

(2016/C 013/28)

Relatur: is-Sur Bernd DITTMANN

Nhar l-1 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

“Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar – Aġenda tal-UE”

(COM(2015) 215 final).

Is-sottokumitat dwar ir-regolamentazzjoni aħjar, imwaqqaf skont l-Artikolu 19 tar-Regoli ta' Proċedura, u inkarigat sabiex jipprepara l-ħidma dwar is-suġġett, adotta l-abbozz ta' Opinjoni tiegħu nhar it-2 ta' Settembru 2015 b'unanimità.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Settembru 2015 (seduta tas-16 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'174 vot favur, 3 voti kontra u 9 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Ir-Regolamentazzjoni Aħjar (RA) u intelliġenti hija kompitu komuni għall-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri kollha bl-oġġettiv primarju li tittejjeb il-kwalità tar-regolamentazzjoni Ewropea għall-benefiċċju taċ-ċittadini, il-kumpaniji, il-konsumaturi u l-impjegati. Ir-RA madanakollu ma tiħux post id-deċiżjonijiet politiċi. Ir-RA hija proċess kontinwu. Diġà nkiseb ħafna iżda għad hemm ħafna potenzjal għal titjib ukoll.

1.2. Il-KESE ilu żmien twil iwettaq ħidma estensiva fuq is-suġġett tar-RA, kif turi l-ġabra ta' dikjarazzjonijiet l-aktar importanti tiegħu dwar ir-RA⁽¹⁾. B'dan il-mod huwa qiegħed jiehru responsabbiltà partikolari għall-appoġġ u l-aċċettanza tal-liġi Ewropea u r-RA fis-soċjetà ċivili.

1.3. Il-KESE jinnota li m'huwiex qiegħed jiġi rikonoxxut suffiċjentement fl-aġenda tar-RA f'konformità mar-rwol u l-funzjoni fdati lilu fit-Trattati tal-UE u fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew (PE). Huwa jitlob l-inklużjoni tal-korpi konsultattivi tal-UE fil-ftehim Interistituzzjonali.

1.4. Il-KESE huwa favur l-involvement komprensiv tal-partijiet interessati permezz ta' konsultazzjonijiet matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ ta' azzjoni politika u jirreferi hawn għall-opinjoni tal-KESE dwar l-evalwazzjoni tal-linji gwida għall-konsultazzjoni. Huwa jenfasizza li jqis li l-għażla korretta tal-grupp fil-mira flimkien ma' kunsiderazzjoni tar-rappreżentattività tal-partijiet interessati huma elementi essenzjali u li jġibu 'l quddiem ir-regolamentazzjoni aħjar.

⁽¹⁾ <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.int-opinions&itemCode=36193>

1.5. Fil-fehma tal-KESE għandu jiġi żgurati li l-għażla ta' esperti għall-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju, il-pjattaforma REFIT kif ukoll għall-kumitati l-oħra kollha, is-seduti, il-workshops, il-laqgħat ta' ħidma u kuntesti oħra, issir fl-ogħla livell ta' indipendenza, imparzjalità u trasparenza possibbli.

1.6. Il-KESE jitlob li l-Ftehim Interistituzzjonali jiġbor fih kemm l-awto-regolazzjoni kif ukoll il-koregolazzjoni li, hija u titqies soluzzjoni għal kwistjonijiet politiċi, jiġu kkunsidrati fuq l-istess livell ma' miżuri regulatorji oħra.

1.7. Il-KESE jitlob li t-trilogi informali jkunu riżervati għal emerġenzi partikolari u li l-biċċa l-kbira tar-regolamentazzjoni ssir permezz tal-proċedura leġislattiva normali.

1.8. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni tagħti iktar attenzjoni lin-nuqqasijiet waqt l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE fl-Istati Membri u jitlob li jintużaw regolamenti minflok direttivi.

2. L-aġenda tar-RA – valutazzjoni bażika

2.1. Il-KESE huwa konvint li l-miżuri u l-istrumenti tar-RA għandhom jikkontribwixxu sabiex jittejjbu l-kwalità u l-effettività tal-atti legali Ewropej, sabiex jinħolqu regoli sempliċi, li jinftiehem u konsistenti, li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-għanijiet deskritti fit-Trattati tal-UE kif ukoll għat-tisħiħ u l-ikkompletar tas-suq intern Ewropew, u li jikkontribwixxu wkoll valur miżjud għaċ-ċittadini, il-kumpaniji, il-konsumaturi u l-impjegati fl-Ewropa.

2.2. L-Ewropa hija żona ġudizzjarja komuni li trid tiggarrantixxi qafas legali tajjeb, affidabbli u li jista' jiġi implimentat. Il-kunċett tar-RA, li l-għan tiegħu huwa li jiffoka kemm fuq miżuri ex-ante fil-livell tal-UE kif ukoll fuq l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni konsistenti tal-leġislazzjoni tal-UE fl-Istati Membri u li jipprevedi wkoll miżuri tar-RA matul iċ-ċiklu tal-ħajja ⁽²⁾ sħiħ ta' att legali, se jagħti kontribut siewi għall-integrazzjoni Ewropea u għaċ-ċittadini sakemm mhux biss jiġu introdotti proċeduri u strumenti teknokratiċi, iżda li barra minn hekk l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri kollha jagħmlu sforz sabiex tiġi stabbilita kultura tar-RA.

2.3. Il-Kummissjoni qed tippreżenta l-Komunikazzjoni tagħha u d-dokumenti assoċjati bħala bidu ġdid. Mingħajr ebda dubju, il-proposti għandhom jiġu deskritti bħala ambizzjużi. Iżda l-Kumitat jixtieq jirrimarka wkoll li r-RA mhijiex tema ġdida, iżda ilha tiġi diskussa u żviluppata għal ħafna snin. Kwalunkwe titjib li nkiseb permezz ta' dan ikkontribwixxa sabiex il-leġislazzjoni tal-UE, fil-prinċipju, hija ta' kwalità għolja għall-użu miċ-ċittadini, il-kumpaniji, il-konsumaturi u l-impjegati fl-Ewropa. Il-KESE huwa tal-fehma li meta mqabblin mal-leġislaturi nazzjonali jew internazzjonali, il-mekkaniżmi u l-proċeduri stabbiliti fil-livell tal-UE jiffunzjonaw tajjeb sabiex jiżguraw il-kwalità għolja tar-regolamentazzjoni ⁽³⁾. Kif se jixhed dan ir-rapport, xorta waħda għad hemm potenzjal għal titjib. Madankollu, il-KESE jirrikonoxxi li bl-għajnuna tar-RA diġà ntlaħaq u nkiseb ukoll ħafna.

2.4. Fil-kuntest tal-kritika li qed tiżdied rigward il-kunċett tar-RA, il-KESE jenfasizza li fil-fehma tiegħu, il-kwistjoni m'għandhiex tkun favur "iktar" jew "inqas" regolazzjoni fl-UE, jew li ċerti oqsma politiċi ma jiġux irregolati jew jiġu posposti fil-konfront ta' prijoritajiet oħrajn, bir-riżultat li jiġu ddebitati l-valuri li jiddefinixxu l-UE: il-ħarsien soċjali, il-ħarsien tal-ambjent u d-drittijiet fundamentali ⁽⁴⁾. Ir-RA qabelxejn hija għodda li biha jkun żgurati li l-miri politiċi bbażati fuq l-evidenza fil-fatt jintlaħqu b'mod effettiv u fid-dawl tal-valuri msemmijin preċedentement, mingħajr ma jkunu ristretti d-drittijiet ambjentali, tal-konsumaturi jew l-istandards soċjali u mingħajr ma jsiru bidliet fil-kompetenza fl-istruttura istituzzjonali permezz tal-istabbiliment ta' korpi ġodda. Ir-RA ma tistax u m'għandhiex tissostitwixxi deċiżjonijiet politiċi.

⁽²⁾ F'dan il-kuntest, iċ-ċiklu tal-ħajja jkopri l-ħolqien ta' inizjattiva fi ħdan il-Kummissjoni, mill-fażi tal-preparazzjoni sal-fażi tal-abbozzar, l-adozzjoni tal-proġett min-naħa tal-Kummissjoni, il-proċedura leġislattiva, id-dħul fis-seħħ tal-att legali, l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni mill-Istati Membri, l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni, il-verifika permezz tal-programm REFIT u, jekk ikun hemm bżonn, l-aġġornament, ir-reviżjoni, ir-revoka u l-preżentazzjoni mill-ġdid ta' proġett.

⁽³⁾ *European Court of Auditors Report 2010: Commission's system represents EU and international best practice in terms of its transparency and its comprehensiveness.*

⁽⁴⁾ COM(2015) 215 final.

2.5. Il-KESE qed jikkoopera b'mod attiv fil-qasam tat-tfassil demokratiku u fl-implimentazzjonital-leġislazzjoni tal-UE. Il-KESE ilu snin jinvolvi ruħu b'mod komprensiv fis-suġġett tar-RA u fassal għadd ta' opinjonijiet li jinkludu rakkomandazzjonijiet konkreti għall-elaborazzjoni ulterjuri tal-kunċett. Sommarju ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet huwa disponibbli ⁽⁵⁾, u għandu jintuża bħala inċentiv u ġabra ta' ideat għat-titjib ulterjuri tal-aġenda tar-RA. Dan jixhed li l-KESE għandu responsabbiltà speċjali għall-appoġġ u l-aċċettanza tal-miri tar-RA fis-soċjetà ċivili. Il-Kumitat huwa lest ukoll li issa stess jipprovdi l-kontribut tiegħu għal RA trasparenti, demokratika u konsistenti.

2.6. Il-KESE jiddispajċih li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u l-pakkett sħiħ dwar ir-RA jinvokaw biss b'mod insuffiċjenti r-rwol, il-funzjoni u r-rappreżentattività tal-KESE kif stabbiliti fit-Trattati, li jwassal sabiex ma jkunx sfruttat il-potenzjal sħiħ li jsir użu mill-kompetenzi u l-għarfien espert tal-membri tiegħu u jkunu ssodisfatti l-kompiti tal-KESE. Il-KESE huwa involut f'din l-aġenda tar-RA biss fil-kuntest tal-pjattaforma REFIT (ex-post), li b'mod inadegwat tirrifletti l-kompiti tal-Kumitat u r-responsabbiltà tiegħu li jsaħħaħ il-leġittimità demokratika u l-effettività tal-istituzzjonijiet.

2.7. Għaldaqstant, il-KESE jitlob li jittieħed inkunsiderazzjoni b'mod adegwat fl-aġenda dwar ir-RA. Dan ir-rapport jinkludi proposti dwar kif u fl-iema oqsma għandu jkun involut il-KESE.

3. Ftehim Interistituzzjonali – lejn kultura komuni ta' Regolamentazzjoni Aħjar

3.1. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fost l-oħrajn tindirizza l-miżuri ppjanati tal-Ftehim Interistituzzjonali. Il-KESE jqis il-proposta li jintlaħaq Ftehim Interistituzzjonali bħala waħda mill-elementi ewlenin tal-aġenda tar-RA. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiġi appoġġjata sabiex tiżviluppa kontinwament l-oġettivi tar-RA bil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili kollha kemm hi. Madankollu, biex tikseb dan din teħtieġ l-assistenza b'mod partikolari tal-entitajiet leġislattivi tal-Kunsill u l-PE. Il-proposta għal Ftehim Interistituzzjonali hija ambizzjuża u tista' tirnexxi biss jekk ikun hemm impenn ċar min-naħa tal-istituzzjonijiet kollha fir-rigward tal-oġettivi u l-kontenut tar-RA u permezz ta' applikazzjoni konsistenti tal-proposti inklużi fil-Ftehim Interistituzzjonali fid-dawl tat-Trattati tal-UE. Il-falliment tan-negozjati jkun ifisser pass kbir lura, li potenzjalment anki jisfaxxa l-impenji tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2003.

3.2. Għalkemm ir-rwol u l-importanza tal-KESE huma rikonoxxuti mill-PE ⁽⁶⁾ fl-ebda parti tal-Ftehim Interistituzzjonali ma jittieħed kont tal-KESE u l-KtR jew tar-rwol u l-funzjoni tagħhom fil-Ftehim, kif kienu kkonferiti lilhom permezz tat-Trattati. Dan mhuwiex aċċettabbli.

3.3. Sakemm il-KESE jiġi kkonsultat fil-ħin mill-Kummissjoni, huwa lest li jappoġġja lill-istituzzjonijiet tal-UE fit-twettiq ta' miżuri ta' regolamentazzjoni aħjar, fl-iżvilupp ta' ideat ġodda, f'li jagħti kontribut komprensiv u fil-qafas tar-responsabbiltajiet tiegħu fi proġetti pjanati, li tiġi żgurata kwalità għolja tagħhom u li jsegwi l-inizjattivi tal-UE jew f'każijiet partikolari ikun pjattaforma fejn jiġu ttestjati l-inizjattivi pjanati.

3.4. Għaldaqstant, il-KESE jappella għall-inklużjoni taż-żewġ istituzzjonijiet konsultattivi tal-UE fil-Ftehim Interistituzzjonali fir-rigward tal-miżuri tar-RA li kienu fdati bihom fit-Trattati tal-UE u fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-PE.

3.5. Il-valutazzjoni tal-kontenut sostantiv konkret tal-Ftehim Interistituzzjonali ser issir f'opinjoni fuq inizjattiva proprja li jiġi adottat mill-Kunsill u l-PE.

4. Valutazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar l-Aġenda tar-RA

4.1. Bidla fil-funzjonament fil-livell Ewropew

4.1.1. Il-Kummissjoni qiegħda tfittex li tikseb regolamentazzjoni u riżultati aħjar permezz tal-istruttura interna ġdida tagħha, l-allinjament tal-miżuri tagħha ma' linji gwida politiċi, l-istabbiliment ta' programm ta' ħidma konsistenti fil-livell tal-UE u interazzjoni msaħħa mal-istituzzjonijiet.

⁽⁵⁾ <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.int-opinions&itemCode=36193>

⁽⁶⁾ Rapport dwar il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT): Is-Sitwazzjoni Attwali u l-Perspettivi (2014/2150(INI)); relatur: Sylvia-Yvonne Kaufmann fil-punt 19.

4.1.2. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni daħlet fi skambju strutturat mal-Kunsill u l-PE dwar il-programm ta' ħidma annwali u l-programmazzjoni pluriennali u li skont il-ftehim ta' kooperazzjoni mal-KESE tikkonsultah qabel il-pubblikazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali; L-iskambju għandu jkopri ċ-ċiklu sħiħ tal-ipprogrammar u, permezz ta' djalogu regolari bejn il-KESE, il-PE, il-Kummissjoni u l-Kunsill, jiġu ggarantiti effetti ta' sinerġija, billi jkun żgurat li l-miżuri tal-programm ta' ħidma jistgħu jkunu srorveljati b'mod immirat anki wara l-adozzjoni tagħhom u jkunu jistgħu jtejbju l-kooperazzjoni ġenerali. Il-KESE jissuġġerixxi li l-ippjanar ta' inizjattivi u prijoritajiet ġodda għandu jitwettaq ukoll fid-dawl ta' u filwaqt li jiġu kkunsidrati strateġiji u pjani ta' integrazzjoni eżistenti (bħal pereżempju l-Istrateġija Ewropa 2020 tal-UE, il-Programm dwar it-Tkabbir Annwali u s-Semestru Ewropew/rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż) u għandu jinkludi informazzjoni ddettaljata dwar kif il-miżuri ppjanati se jkunu inkorporati fl-istrateġiji eżistenti u jirriflettu l-oġġettivi tagħhom. B'dan il-mod ikun evitat li ċerti oqsma politiċi u oġġettivi ma jirbħux fuq strateġiji diġà eżistenti jew ikunu inferjuri għalihom.

4.2. Konsultazzjoni aħjar, iktar ftuħ u trasparenza

4.2.1. Il-Kummissjoni qiegħda tippjana li tinvolvi lill-partijiet interessati matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ ta' miżura politika permezz ta' konsultazzjonijiet. Il-pjani direzzjonali, il-valutazzjonijiet tal-impatt inizjali, l-atti legali adottati mill-Kummissjoni, il-valutazzjonijiet ex-post u l-kontrolli ta' idoneità, kif ukoll l-abbozzi ta' atti legali delegati u atti ta' implimentazzjoni se jkunu s-suġġett ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati. Il-ġustifikazzjoni tal-atti legali wkoll se tittejjeb.

4.2.2. L-oġġettiv li tinkiseb iktar trasparenza u involviment aktar b'saħħtu mal-partijiet interessati matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ ta' atti legali, fil-prinċipju, huwa milqugħ mill-KESE. Il-KESE b'mod konsistenti enfażizza l-importanza ta' konsultazzjoni intensiva tal-partijiet interessati kollha ⁽⁷⁾, għaliex din tista' tikkontribwixxi għall-kwalità u l-adeqwatezza tar-regolamentazzjoni b'tali mod li tinstab triq tan-nofs bejn il-kisba tal-oġġettivi politiċi fuq naħa waħda u li jiġi żgurat it-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq in-naħa l-oħra. Konsultazzjoni aħjar għandha tissensibilizza dwar il-problemi u għalhekk ittejjeb l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ⁽⁸⁾.

4.2.3. Fl'ulju 2015, f'Opinjoni dwar l-evalwazzjoni tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati ⁽⁹⁾, il-KESE għamel suġġerimenti għat-titjib tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati, li għalihom issir referenza komprensiva fil-kuntest ta' din l-Opinjoni. F'dan ir-rigward, il-KESE jirrikonoxxi li l-linji gwida, kollox ma' kollox, jinkludu regoli tajbin biex ikunu jistgħu jsiru konsultazzjonijiet siewja mil-lat kwalitattiv. Madankollu, kif tixhed biċ-ċar l-Opinjoni msemmija preċedentement, għad hemm ħafna każijiet (anki attwali) fejn il-linji gwida l-ġodda mhumiex qed jiġu applikati b'mod konsistenti mis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni. Għaldaqstant il-KESE jappella sabiex l-applikazzjoni tal-linji gwida bħala standards ta' kwalità għall-konsultazzjoni tal-partijiet interessati tkun preskritta b'mod vinkolanti fi ħdan il-Kummissjoni.

4.2.4. L-għażla korretta tal-grupp fil-mira għal konsultazzjoni partikolari hija essenzjali biex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa. Il-KESE jista' jieħu sehem, fil-qafas tal-kompetenzi tiegħu u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet kollha kkonċernati u mal-Kummissjoni, fl-identifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi fi ħdan ċerti gruppi fil-mira ⁽¹⁰⁾. Il-KESE jqis li huwa neċessarju li permezz tal-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni msaħħin mal-partijiet interessati, tiġi żgurata t-trasparenza fl-għażla tal-esperti fil-bords, waqt konferenzi, f'workshops eċċ.. Fl-istess waqt trid tiġi kkunsidrata iktar ir-rappreżentattività tal-partijiet interessati u tkun prevista valutazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva fl-ipproċessar tar-riżultati, skont jekk reazzjoni tkunx oriġinat minn persuna individwali jew organizzazzjoni rappreżentattiva tas-soċjeta' ċivili. Il-kummenti li joriġinaw minn organizzazzjoni għandhom jingħataw iktar importanza.

4.2.5. Il-kwalità tal-mistoqsijiet (ta' spiss suġġestivi), l-għażla tagħhom u l-mekkaniżmi ta' feedback tal-Kummissjoni ħafna drabi mhumiex sodisfaċenti ⁽¹¹⁾. Il-KESE ppreżenta sett komprensiv ta' proposti dwar kif dawn in-nuqqasijiet jistgħu jkunu rimedjati ⁽¹²⁾. B'hekk fit-tfassil tal-kwestjonarji dwar il-konsultazzjonijiet jista' jkollu influwenza kemm billi jikkontribwixxi mistoqsijiet jew, billi jintuża regolarment bħala "bord tal-ittejtjar" biex jeżamina jekk il-mistoqsijiet humiex rilevanti. L-eżaminazzjoni u l-monitoraġġ tal-konsultazzjonijiet u l-iżvilupp ta' osservatorju xieraq mill-KESE ⁽¹³⁾ jistgħu jagħtu kontribut adegwat biex tittejjeb il-kwalità tal-konsultazzjonijiet.

⁽⁷⁾ ĠU C 48, 15.2.2011, p. 48.

⁽⁸⁾ Opinjoni tal-KESE dwar Evalwazzjoni tal-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-partijiet interessati, ĠU C 383, 17.11.2015, p. 57.

⁽⁹⁾ Ara n-nota 8 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹⁰⁾ Ara n-nota 8 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹¹⁾ Ara n-nota 8 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹²⁾ Ara n-nota 8 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹³⁾ Ara n-nota 8 f'qiegħ il-paġna.

4.2.6. It-tfassil xieraq tal-perjodi tal-konsultazzjonijiet huwa importanti wkoll. Il-proċess ta' regolamentazzjoni m'għandux jittawwal bla bżonn minħabba l-konsultazzjonijiet; inkella perjodi ta' erba', tmien jew tnax-il ġimgħa għall-konsultazzjoni dwar inizjattivi parzjalment kumplessi jew tekniċi ħafna jistgħu jkunu qosra wisq biex jinġabru l-kummenti rilevanti. L-ippjanar strutturat u aġġornat kontinwament tal-konsultazzjoni (fil-pjani direzzjonali tal-Kummissjoni) u n-notifika tal-għanijiet tagħha inkluża l-indikazzjoni ta' perjodu ta' żmien affidabbli, jistgħu jgħinu lill-partijiet interessati jħejju l-parteċipazzjoni tagħhom.

4.2.7. Sabiex ikompli jiżdedu t-trasparenza u ċ-ċarezza għall-partijiet interessati, il-KESE jissuġġerixxi li jkun żgurat li fuq is-sit elettroniku ċentrali tal-Kummissjoni għall-konsultazzjonijiet⁽¹⁴⁾ ikunu kkunsidrati l-konsultazzjonijiet attwali kollha tal-istituzzjonijiet tal-UE iżda wkoll ta' aġenziji Ewropej u korpi downstream⁽¹⁵⁾ kif ukoll il-konsultazzjonijiet kollha dwar atti delegati u atti ta' implimentazzjoni, ippreżentati b'mod uniformi u ċar filwaqt li jsiru iktar magħrufin madwar l-Ewropa kollha fil-forma ta' strateġija ta' komunikazzjoni komprensiva.

4.2.8. Il-konsultazzjoni dwar l-atti delegati (Artikolu 290 TFUE) u l-atti ta' implimentazzjoni (Artikolu 291 TFUE) hija partikolarment milqugħa. In-nuqqas ta' trasparenza, l-inċertezza legali evidenti u l-kontroll politiku inadegwat tas-sistema tal-konsultazzjoni preċedenti dwar atti sottolegali huma bir-raġun ħafna drabi kkritikati⁽¹⁶⁾. Barra minn hekk, il-KESE jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' reġistru proprju dwar atti delegati, skont ir-reġistru dwar il-komitoloġija. L-applikazzjoni ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni għandha tkun ristretta u ġġustifikata b'mod speċjali. Miżuri fuq livell downstream jeħtieġu jkunu orjentati b'mod konsistenti mal-att legali bażiku. Id-deċiżjonijiet politiċi ma jistgħux jiddgħajfu minn atti delegati u ta' implimentazzjoni.

4.2.9. Barra minn hekk, għandu jkun żgurat li ma jkun hemm l-ebda duplikazzjoni ta' konsultazzjonijiet jew kontenut ta' atti delegati jew ta' implimentazzjoni ma' konsultazzjonijiet dwar linji gwida ta' aġenziji tal-UE jew il-kontenut tagħhom.

4.2.10. Prinċipalment għandha ssir distinzjoni bejn il-konsultazzjonijiet tal-imsieħba soċjali skont il-prinċipji tad-djalogu soċjali stabbiliti fit-Trattat tal-UE (l-Artikoli 154, 155 tat-TFUE) u l-konsultazzjoni pubblika tal-partijiet interessati kollha tas-soċjetà ċivili skont l-Artikolu 11(3) tat-TUE. It-tnejn li huma għandhom il-funzjoni speċifika u l-leġittimità differenti tagħhom.

4.2.11. Huwa minnu li l-argumenti fit-toolbox dwar ir-RA jixhdu li l-konsultazzjonijiet mal-imsieħba soċjali mhumiex soġġetti għall-istandards minimi tal-konsultazzjonijiet u għaldaqstant ir-regoli għall-konsultazzjonijiet pubbliċi. Madankollu, il-KESE jixtieq jenfasizza b'mod ċar li din il-komunikazzjoni bl-ebda mod ma tista' tittieħed bħala skuża sabiex il-konsultazzjonijiet tal-imsieħba soċjali Ewropej jew ir-riżultati tan-negożjati tagħhom ikunu soġġetti għal kontroll ex-ante jew ex-post permezz tal-konsultazzjonijiet pubbliċi. Id-djalogu soċjali huwa proċedura speċjali prevista fit-TFUE⁽¹⁷⁾ li għandha tiġi rispettata. Għaldaqstant, il-konsultazzjonijiet pubbliċi ma jistgħux jissostitwixxu l-konsultazzjonijiet mal-imsieħba soċjali⁽¹⁸⁾. L-implimentazzjoni tar-riżultati minn ftehimiet tal-imsieħba soċjali għandha tiġi żgurata skont ir-regoli tal-Artikolu 155 TFUE⁽¹⁹⁾.

4.3. *Għodod imtejba għal soluzzjonijiet aħjar*

4.3.1. Il-Kummissjoni fil-futur se tapplika l-linji gwida integrati l-ġodda dwar ir-RA⁽²⁰⁾ fil-każ ta' miżuri ġodda, u hija impenjata li tittestja possibbiltajiet mhux leġiżlattivi, bħalma huma l-koregolamentazzjoni -u l-awtoregolamentazzjoni, u se tagħti attenzjoni partikolari lill-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", lit-test tal-SMEs u lill-eżenzjoni possibbli tal-mikrointrapriżi minn rekwiżiti Ewropej partikolari.

4.3.2. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-linji gwida dwar ir-RA ġew speċifikati, riveduti u ċċarati f'verżjoni kkonsolidata u kkomplementati permezz ta' toolbox. Il-KESE huwa tal-fehma li dawn l-istrumenti jistgħu jipprovdu kontribut sinifikanti għal regolamentazzjoni aħjar u appoġġ wiesa' kif ukoll applikazzjoni konsistenti min-naħa tal-impjegati tal-Kummissjoni permezz ta' rappreżentazzjoni uniformi f'dokument. Is-Segretarjat Ġenerali għandu jiżgura l-konformità magħhom min-naħa tas-servizzi kollha tal-Kummissjoni.

⁽¹⁴⁾ http://ec.europa.eu/yourvoice/consultations/index_mt.htm

⁽¹⁵⁾ B'mod partikolari, pereżempju, l-awtoritajiet Superviżorji Ewropej EIOPA, ESMA, EBA.

⁽¹⁶⁾ Opinjoni tal-KESE dwar Atti Delegati, (ara l-paġna 145 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽¹⁷⁾ L-Artikolu 154(2) u (3) tat-TFUE.

⁽¹⁸⁾ Kif stipulat ukoll fir-Rapport dwar il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT): Is-Sitwazzjoni Attwali u l-Perspettivi (2014/2150(INI)), punt 10.

⁽¹⁹⁾ Eżempju negattiv: Hairdressing Agreement.

⁽²⁰⁾ SWD(2015) 111.

4.3.3. Il-Kummissjoni ssostni li l-linji gwida dwar ir-RA għandhom jiżguraw li “l-għan li l-UE tibqa’ kompetittiva u li l-iżvilupp tal-UE jibqa’ sostenibbli jibqgħu prijorità f’kull ma [tagħmel]” ⁽²¹⁾. F’dan ir-rigward, l-azzjoni tal-UE għandha tkun f’relazzjoni bilanċjata bejn il-miri prinċipali tal-UE u l-promozzjoni tal-kompetittività. Min-naħa tiegħu, il-KESE jitlob sabiex kull proposta leġislattiva u mhux leġislattiva tkun soġġetta għal eżaminazzjoni effettiva u konsistenti b’mod simili għall-għanijiet tal-Artikolu 3 tat-TUE, u li t-“test dwar il-kompetittività” jitwettaq regolarment.

4.3.4. Il-KESE minn dejjem fakkar li l-proċeduri għandhom ikunu iktar trasparenti u li dejjem għandu jittieħed kont iktar ibbilanċjat tal-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, soċjali, ambjentali u tal-konsumatur ⁽²²⁾. Dan irid jiġi eżaminat b’mod konsistenti waqt kull valutazzjoni tal-impatt. Il-KESE jista’ jikkontribwixxi għall-valutazzjoni bilanċjata ta’ dawn l-istrumenti u proċeduri fil-kuntest tal-kompetenzi tiegħu.

4.3.5. Fil-prinċipju, il-leġislazzjoni għandha titfassal b’tali mod li tista’ tkun tiġi applikata għall-kumpaniji kollha bl-istess mod. L-impenn imġedded tal-Kummissjoni speċjalment lejn il-prinċipju “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir” u t-teħid inkunsiderazzjoni tal-interessi tal-SMEs (inklużi l-mikroimpriżi) għandu jkun milqugħ.

4.3.6. Ma hemmx dubju li r-regolazzjoni permezz tal-leġislazzjoni hija neċessarja għal negozji ta’ kull daqs, iżda ħafna drabi toħloq ukoll problemi għall-istabbiliment u l-ġestjoni ta’ intrapriżi żgħar, speċjalment il-mikrointrapriżi. Il-KESE jirrimarka li l-mikrointrapriżi ma għandhomx jiġu eżentati b’mod ġenerali. Għall-kuntrarju, għandu jiġi adottat approċċ każ b’każ għal proposti leġislattivi, li jsegwi valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa ⁽²³⁾. Dan irid iqis ukoll l-interessi tal-mikrointrapriżi u d-drittijiet tal-ħaddiema u l-konsumaturi ma għandhomx ikunu ristretti.

4.3.7. Il-KESE jilqa’ t-trasformazzjoni tal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt f’Bord għall-Kontroll Regolarju u jħeġġeġ li jiġi żgurat l-ogħla livell ta’ trasparenza, imparzjalità u indipendenza possibbli tal-esperti. L-inklużjoni ta’ esperti esterni huwa pass fid-direzzjoni t-tajba. B’dan il-mod se jkun żgurat li l-bord ikun iktar imparzjali, u fl-istess waqt, l-estensjoni tal-qasam ta’ kompetenza tiegħu biex jinkludi valutazzjonijiet u kontrolli tal-idoneità se twassal għal iktar koerenza u sinerġija fil-valutazzjonijiet tal-impatt. Il-mira xorta għandha tkun li jkun stabbilit bord indipendenti uniku għall-valutazzjoni tal-impatt, li jaġixxi għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE u jkollu djalogu mal-istituzzjonijiet konsultattivi stabbiliti, il-KESE u l-KtR. Dan il-bord indipendenti għandu jagħmel użu minn esperti esterni, ikollu president estern u jeżamina l-proposti tal-Kummissjoni ⁽²⁴⁾. Il-Kummissjoni għandha tagħmilha ċara li l-mira tagħha hija bord estern indipendenti u li l-kompożizzjoni preżenti għandha titqies biss bħala pass intermedju addizzjonali f’din id-direzzjoni. B’dan il-mod tkun tista’ tiġi żgurata t-trasparenza u l-kompetenza professjonali u jiġi evitat li l-leġislazzjoni tal-UE tkun iggwidata mill-interessi.

4.3.8. Il-KESE enfasizza l-importanza tal-awtoregolamentazzjoni u l-koregolamentazzjoni fi studji ⁽²⁵⁾ u opinjonijiet ⁽²⁶⁾ u l-aspetti karatteristiċi tagħhom bħala każ ta’ “sussidjarjetà orizzontali” ⁽²⁷⁾. Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-2013 dwar ir-RA kien jinkludi kapitolu speċifiku dwar din il-kwistjoni. Il-KESE jemmen li, f’ċerti każijiet, l-awtoregolazzjoni u/jew il-koregolazzjoni jistgħu jkunu metodi effettivi ta’ prevenzjoni jew utli bħala mezz komplementari għall-azzjoni leġislattiva fil-kuntest ta’ qafas leġislattiv komprensiv ċar, definit tajjeb u msejjes fuq il-prinċipji tat-trasparenza, l-indipendenza, l-effettività u r-responsabbiltà, fost affarijiet oħra ⁽²⁸⁾.

4.3.9. Għandha tinħoloq iktar trasparenza permezz tal-applikazzjoni ta’ miżuri tar-RA, b’mod partikolari fid-dawl tal-użu tat-trilogi informali li żdied b’mod sinifikanti ⁽²⁹⁾. Dan jista’ jintlaħaq billi l-konklużjonijiet tal-laqgħa tat-trilogu kif ukoll ir-riżultat tat-trilogu jiġu ppubblikati qabel l-adozzjoni fil-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Filwaqt li rrid nagħrfu li b’mod ġenerali l-użu tat-trilogi għandu jħaffef il-proċess leġislattiv, huwa joħloq ukoll il-problema ewlenija tal-prattika leġislattiva attwali fejn l-Istati Membri fil-Kunsill dejjem qed iżidu l-hekk imsejħin pakketti tan-negozjati fost l-atti legali differenti sabiex tintlaħaq maġġoranza għad-direttivi individwali. Dan ħafna drabi jseħħ mingħajr trasparenza u taħt pressjoni qawwija ta’ ħin, mingħajr involviment suffiċjenti tal-esperti mill-Istati Membri, tal-PE jew tal-Kummissjoni, kif ukoll mingħajr eżaminazzjoni suffiċjenti tal-effetti ta’ elementi ċentrali ta’ dawn il-pakketti ta’ negozjati. Dan ma jistax ma jħallix impatt fuq il-kwalità u t-trasparenza tar-regolamentazzjoni.

⁽²¹⁾ COM(2015) 215 final, punt 3.1.

⁽²²⁾ ĠU C 230 14.7.2015, p. 66.

⁽²³⁾ ĠU C 327 12.11.2013, p. 33.

⁽²⁴⁾ Ara n-nota 23 f’qiegħ il-paġna.

⁽²⁵⁾ <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.int-opinions.32948>

⁽²⁶⁾ ĠU C 291, 04/09/2015, p. 29.

⁽²⁷⁾ Ara n-nota 23 f’qiegħ il-paġna.

⁽²⁸⁾ ĠU C 230, 14.7.2015, p. 66, punt 5.10.

⁽²⁹⁾ Dan kien jikkonċerna 80 % tar-regolamentazzjoni waqt l-aħħar leġislatura tal-PE.

4.3.10. Għaldaqstant, fil-kuntest tal-proċedura għal RA, għandu jkun żgurat li t-trilogi informali jkunu riżervati għal emerġenzi partikolari u li l-biċċa l-kbira tar-regolamentazzjoni ssir permezz tal-proċedura leġiżlattiva normali. Dan biss jiggwarantixxi l-leġittimità u l-parteċipazzjoni demokratika sħiħa.

4.4. *It-tisħiħ tal-valutazzjoni ex-post, il-Programm REFIT u l-Pjattaforma REFIT*

4.4.1. Il-Kummissjoni tibqa' ttipponi li tingħata iktar importanza lill-evalwazzjoni, li jsiru valutazzjonijiet tal-atti legali matul iċ-“ċiklu tal-ħajja” sħiħ, li l-Programm REFIT ikun imfassal b'mod iktar immirat, li dan ikun inkorporat fil-programm ta' ħidma u li jsiru kontrolli tal-idoneità għal dan il-għan. L-implimentazzjoni tal-atti legali għandha tittejjeb u għandha tiġi stabbilita Pjattaforma REFIT, li fiha l-KESE se jkollu siġġu wieħed.

4.4.2. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li jitqiegħed enfasi fuq l-evalwazzjonijiet u li jkunu involuti istituzzjonijiet tal-UE oħra u s-soċjetà ċivili f'dan il-proċess. Il-valutazzjonijiet ex-post li fihom l-oġġettivi ddikjarati jitqabblu mar-riżultati stabbiliti, jirrappreżentaw strumenti ta' analiżi importanti, speċjalment fid-dawl tal-fatt li, f'konformità mal-mudell taċ-ċiklu tal-ħajja ta' atti legali, il-konklużjonijiet miksuba minnhom jista' jkollhom influwenza diretta fuq valutazzjoni possibbli tal-impatt għar-reviżjoni ta' atti. Huwa jilqa' l-fatt li r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili organizzata, ir-rappreżentanti tal-kumpaniji u tal-persuni impjegati u l-konsumaturi, li normalment huma d-destinatarji ta' atti legali, għandhom ikunu involuti f'dan il-proċess permezz ta' konsultazzjonijiet pubbliċi mmirati. Il-KESE, madankollu, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għandu jingħata bidu għall-valutazzjonijiet biss wara perjodu raġonevoli mill-implimentazzjoni ta' atti legali sabiex tkun tista' tingħabar data u informazzjoni rilevanti dwar l-effetti tiegħu ⁽³⁰⁾.

4.4.3. L-involvement tal-KESE f'dan il-proċess huwa essenzjali. Il-ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-PE jipprovdu għall-involvement tal-KESE f'dan ir-rigward, li barra minn hekk jistgħu jwasslu għal sinerġiji fil-kooperazzjoni mal-PE. Fid-dawl tal-mudell taċ-ċiklu tal-ħajja ta' atti legali kif deskritt hawn fuq, dan ikun jiżgura li l-input tal-KESE jittieħed inkunsiderazzjoni f'fażi bikrija. F'każ ta' bżonn, il-KESE jista' jwettaq il-valutazzjonijiet tiegħu stess, jippreżenta r-riżultati fil-pjattaforma REFIT flimkien ma' partijiet interessati oħrajn u l-Istati Membri, kif ukoll il-Kummissjoni u b'hekk itejjeb il-kooperazzjoni tiegħu mal-istituzzjonijiet u jipprovdi suġġerimenti għal evalwazzjonijiet tal-programm REFIT. L-inklużjoni tal-programm REFIT fil-programm ta' ħidma annwali sussegwenti tal-Kummissjoni tiżgura kontribut addizzjonali tal-KESE għall-ippjanar tal-programm.

4.4.4. Il-KESE jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex ittejjeb il-proċeduri u l-istrumenti tal-programm REFIT. F'dan il-kuntest huwa jirreferi għal Opinjonijiet preċedenti tiegħu ⁽³¹⁾.

4.4.5. Ir-revoka ta' atti legali antikwati partikolari hija l-prattika tal-Kummissjoni, u dan għandu jibqa' jseħħ. It-twetiq ta' kontrolli tal-idoneità wkoll huwa approvat fil-prinċipju ⁽³²⁾. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta u tippubblika l-kontrolli tal-idoneità kollha li jitwettqu, li jinsabu għaddejjin jew huma pplanati fuq is-sit elettroniku b'mod trasparenti.

4.4.6. L-istabbiliment ta' pjattaforma REFIT bil-parteċipazzjoni tal-KESE huwa milqugħ b'mod espliċitu. Il-pjattaforma għandha tiġbor u tanalizza proposti mmirati lejn it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi li jirriżultaw mir-regoli tal-Unjoni u l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom fl-Istati Membri. Il-KESE jħeġġeġ li tingħata importanza lil kompożizzjoni bbilanċjata tal-grupp tal-partijiet interessati, minn dan se jiddependi s-suċċess tal-pjattaforma. Il-KESE huwa rrappreżentat minn espert ta' grad għoli fil-grupp tal-partijiet interessati. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tikkjarifika kif il-mandat rappreżentattiv tal-KESE u tal-KtR huwa relatat mal-pjattaforma REFIT. Għandu jiġi kkunsidrat ir-rwol istituzzjonali partikolari tal-KESE u l-KtR meta mqabbel ma' dak tal-partijiet interessati l-oħra. Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'dan il-bord, fil-prinċipju, hija milqugħa għaliex din għandha tagħmilha possibbli li jkun hemm skambju mar-rappreżentanti tal-Istati Membri fi kwalunkwe waqt. Il-PE għandu jkun informat b'mod regolari dwar ix-xogħol tal-pjattaforma REFIT u għandu jkollu l-possibbiltà li jipparteċipa fil-laqgħa annwali tal-pjattaforma.

⁽³⁰⁾ Ara n-nota 22 f'qiegħ il-paġna.

⁽³¹⁾ Ara n-nota 22 f'qiegħ il-paġna.

⁽³²⁾ Ara n-nota 23 f'qiegħ il-paġna.

4.4.7. Fil-fehma tal-KESE, wieħed mill-ikbar difetti tal-aġenda Ewropea għal RA huwa li l-Istati Membri mhumiex involuti biżżejjed. Dan mhuwiex biss problematiku għall-Istati Membri, iżda wkoll għall-UE, u għaldaqstant, fl-aħħar mill-aħħar, mhuwiex sorprendenti li l-Istati Membri, fin-nuqqas ta' miżuri u pjani ta' implimentazzjoni mfassla bir-reqqa u bbażati fuq l-evidenza kif ukoll miżuri għall-eżekuzzjoni effettiva, kultant jimplementaw il-leġislazzjoni tal-UE b'mod inċert, ittardjat, żbaljat jew saħansitra jonqsu milli jimplimentawha.

4.4.8. Huwa ta' dispjaċir li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma tiħux kont ta' dan u ma tipprovdix suġġerimenti dwar kif tista' tirrimedja dan. Minħabba f'hekk, fl-2013 kien għad kellhom jiġu introdotti 1 300 proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-Istati Membri. Attwalment il-proċeduri ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu minħabba traspożizzjoni tardiva huma inqas problematiċi (fi tmiem l-2013 kien hemm 390 każ pendenti), iżda kif diġà ġara fl-2012, il-biċċa l-kbira tal-proċeduri ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (62 % tal-każijiet kollha) kienu jikkonċernaw in-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-UE fl-oqsma tal-ambjent, it-taxxi, it-trasport kif ukoll is-suq intern u s-servizzi ⁽³³⁾.

4.4.9. Possibbiltà waħda tista' tkun li, f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tagħmel iktar enfasi fuq l-informazzjoni pubblika, għaliex fl-aħħar mill-aħħar kienu l-gvernijiet tal-Istati Membri, li ma ttrasponewx, jew li għamlu dan b'mod żbaljat jew tardiv, u li approvaw din ir-regolamentazzjoni fil-Kunsill. Huma għandhom jitqiesu responsabbli għall-applikazzjoni universalment difettuża tal-*acquis* tal-UE, li huwa kkonfermat mill-ġdid kull sena fir-rapporti dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE. Il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll b'mod sistematiku liema miżuri huma essenzjali biex titwettaq bidla radikali tas-sitwazzjoni attwali u għandha tikkunsidra l-proposti preċedenti tal-KESE ⁽³⁴⁾.

4.4.10. F'każ ta' bżonnijiet regolatorji għandu jkun eżaminat fuq bażi ta' każ b'każ u skont il-kontenut u l-kuntest jekk humiex iktar adattati direttivi jew regolamenti. Pereżempju, sabiex ikunu evitati miżuri ta' implimentazzjoni differenti jew regolamentazzjoni żejda ⁽³⁵⁾, għandhom jintużaw iktar regolamenti minflok direttivi ⁽³⁶⁾. Dan ikun jipprovd iktar ċarezza legali u protezzjoni legali.

4.4.11. L-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE u l-applikazzjoni tiegħu, barra minn hekk, huma indikaturi importanti għall-evalwazzjoni sussegwenti tagħha li għandha ssir mill-gvernijiet rispettivi. L-obbligu tal-Kummissjoni li tfassal "Pjani ta' implimentazzjoni" għal direttivi importanti ⁽³⁷⁾, li għandhom jiffaċilitaw it-traspożizzjoni fl-Istati Membri permezz ta' miżuri ta' appoġġ min-naħa tal-Kummissjoni, huma elementi favorevoli fil-pakkett il-ġdid dwar ir-RA. Ma' dawn tgħodd il-possibbiltà li l-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri jippreżentaw dokumenti ta' spjegazzjoni dwar l-istrateġija nazzjonali ta' traspożizzjoni u biex iwettqu verifika tal-konformità fuq żewġ livelli. Fil-fehma tal-KESE dan għandu definittivament jitqies bħala pass fid-direzzjoni t-tajba. Għad irridu naraw kemm dawn il-miżuri se jirnexxu.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽³³⁾ Il-31 Rapport Annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE (COM(2014) 612 final).

⁽³⁴⁾ Ara n-nota 22 f'qiegħ il-paġna.

⁽³⁵⁾ Il-KESE qed jiffinalizza studju sħiħ li jindirizza din il-kwistjoni b'mod komprensiv.

⁽³⁶⁾ Meta mqabbla mal-leġiżlatura tal-2000-2004, meta kienu jintużaw iktar direttivi milli regolamenti (155 regolament u 191 direttiva), il-proporzjon għall-użu tar-regolamenti nbidel ħafna fl-aħħar leġislatura (2010–2014), hekk kif żdied l-użu ta' regolamenti (383) minflok direttivi (136).

⁽³⁷⁾ Better Regulation Guidelines (SWD(2015) 111 final), Kapitel IV:
http://ec.europa.eu/smart-regulation/guidelines/docs/swd_br_guidelines_en.pdf

ANNEX

It-test li ġej tal-abbozz ta' opinjoni tal-Kumitat inċaħad favur emenda adottata mill-Assemblea

Punt 4.3.10

Il-KESE jirrikonoxxi għalhekk l-inizjattiva li ssir valutazzjoni tal-impatt tal-emendi rilevanti b'mod partikolari tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew (li kienet element ukoll tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2003), peress li tista' jtejjeb b'mod sinifikanti l-kwalità tar-regolamentazzjoni. Fl-istess waqt jiddispijaci li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma tindirizzax din il-problema biżżejjed. Għaldaqstant, fil-kuntest tal-proċedura għal RA, għandu jkun żgurat li t-trilogi informali jkunu riżervati għal emerġenzi partikolari u li l-biċċa l-kbira tar-regolamentazzjoni ssir permezz tal-proċedura leġiżlattiva normali. Dan biss jggarantixxi l-leġittimità u l-parteċipazzjoni demokratika sħiħa.

Riżultat tal-votazzjoni: Favur: 106 Kontra: 59 Astensjonijiet: 19

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta’ dejta fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (riformulazzjoni)”

(COM(2015) 294 final – 2015/0133 (COD))

(2016/C 013/29)

Relatur uniku: is-Sur Brian CURTIS

Nhar it-2 ta’ Lulju 2015 u nhar is-6 ta’ Lulju 2015, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikoli 43(2) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar:

“Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta’ dejta fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (riformulazzjoni)”

(COM(2015) 294 final – 2015/0133 (COD)).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-2 ta’ Settembru 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta’ Settembru 2015 (seduta tas-16 ta’ Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’141 vot favur u 2 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jaqbel b’mod ġenerali mal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibni fuq dawk l-affarijiet li jaħdmu sew, u b’hekk iżżomm livell għoli ta’ kontinwità, filwaqt li fl-istess ħin tirreaġixxi għar-rekwiżiti l-ġodda. Huwa jqis ukoll li l-bidliet proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju u adatt biex jintlaħaq l-għan bażiku tat-titjib tal-kwalità, l-aċċess u d-disponibbiltà tad-data fis-settur tas-sajd.

1.2. Id-disponibbiltà tad-data hija l-qasam fejn għandu jsir l-aktar progress. Il-proċess li bih l-utenti finali jitolbu d-data mill-Istati Membri (“data calls”) huwa ta’ piż wisq kbir u jitlob wisq riżorsi; l-aċċessibbiltà għad-data dwar l-attività tas-sajd tvarja skont l-Istat Membru minħabba r-regoli differenti dwar l-aċċess, parzjalment minħabba l-limitazzjoni tal-użu b’diversi skopijiet ta’ din id-data; id-data tal-Qafas għall-Ġbir tad-Data (DCF) mhix qed tintuża biżżejjed peress li diffiċli li tiġi aċċessata, u dan qed iwassal biex jintillfu opportunitajiet kbar fl-użu potenzjali ta’ din id-data u għal investimenti mhux meħtieġa meta l-istess data tinġabar għal skopijiet oħra (pereżempju fil-politiki dwar li ġestjoni taż-żoni marittimi). Ir-reviżjoni tad-DCF hija opportunità biex, minn naħa waħda, tiġi żgurata disponibbiltà aħjar ta’ data dwar is-sajd għal ċirku usa’ ta’ partijiet interessati, u min-naħa l-oħra, sabiex jitnaqqas il-piż tat-talbiet għal data li jridu jgħorru l-Istati Membri billi jintużaw l-aktar żviluppi tekniċi reċenti.

1.3. It-titjib fil-kwalità u l-affidabbiltà għad irid jinkiseb. Mod kif tiġi żgurata kwalità għolja tad-data hu li jiġu applikati l-Kodiċi ta’ Prattika tal-Istatistika Ewropea u l-Qafas ta’ Garanzija tal-Kwalità tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

2. Sfond

2.1. Fl-2000 ⁽¹⁾ ġie stabbilit qafas tal-UE għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data tas-sajd, u dan saritlu riforma fl-2008 li rriżultat fil-Qafas għall-Ġbir tad-Data (DCF) ⁽²⁾. Id-DCF kien jirrappreżenta progress ewlieni fit-twaqqif ta' sett armonizzat ta' regoli tal-UE li jirregolaw il-ġbir tad-data bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika dwar is-setturi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-ipproċessar.

2.2. Waqt l-adozzjoni tar-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) ⁽³⁾ fl-2013, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew talbu lill-Kummissjoni biex tgħaġġel il-proċess għall-adozzjoni ta' proposta li temenda d-DCF sabiex il-prinċipji u l-oġġettivi għall-ġbir tad-data, li huma essenzjali għall-appoġġ tal-Politika Komuni tas-Sajd riformata jkunu jistgħu jsiru effettivi b'mod prattiku mill-aktar fis possibbli. Din il-proposta hija maħsuba biex tilħaq dan l-għan, billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali u billi jsir aġġustament għall-bżonnijiet ġodda tad-data.

2.2.1. Id-DCF irid ikun allinjat mal-bżonnijiet li jinħolqu mir-Regolament il-ġdid tal-PKS: il-bidla gradwali lejn ir-Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY), l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistemi (pereżempju l-ispeċijiet protetti, il-habitats fqiegh il-baħar), l-impatti ambjentali u oħrajn tal-akkwakultura (muriġa mill-informazzjoni dwar il-mortalità/telf jew l-użu tal-mediċini) u l-effetti tal-obbligu ta' żbark.

2.2.2. Ir-reviżjoni tad-DCF għandha wkoll tiżgura li d-data tinġabar skont analiżi tal-kostijiet-benefiċċji jew analiżi tal-kostijiet-użu tal-preċiżjoni miksuba permezz ta' mudelli xjentifiċi u l-livell ta' riskju assoċjat (pereżempju minflok ma jitwettaq sħarriġ kull sena, isir kull tliet snin). Tali analiżi għandha tkun ibbażata fuq diskussjoni bejn l-amministraturi tas-sajd, dawk li jiġbru d-data u l-persuni li jipprovdu l-pariri xjentifiċi.

2.3. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tallinja d-DCF u l-leġiżlazzjoni rilevanti l-oħra tal-UE dwar il-ġbir tad-data dwar is-sajd sabiex titneħħa d-duplikazzjoni u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż tas-sistema kollha tad-data dwar il-baħar. Valutazzjoni separata dedikata ma tqisitx neċessarja minħabba li d-DCF kien soġġett għall-valutazzjoni tal-impatt għall-PKS perss li l-intenzjoni kienet ċara li d-DCF għandu jkun parti minnha.

3. Kummenti

3.1. Id-DCF huwa kumpless wisq, kemm fil-qafas legali kif ukoll f'termini ta' arranġamenti ta' implimentazzjoni. Sors wieħed ta' kumplessità u ineffiċjenza huwa d-duplikazzjoni bejn ir-rekwiżiti tad-data koperti mid-DCF u leġiżlazzjoni oħra tal-UE, bħar-regolament dwar il-kontroll ⁽⁴⁾ u r-regolamenti speċifiċi tal-istatistika ⁽⁵⁾. Il-fatt li l-istess data mhux ipproċessata trid tintbagħat f'formati aggregati b'mod differenti lill-utenti finali differenti huwa sors ieħor ta' kumplessità u ineffiċjenza.

3.2. L-istruttura legali tad-DCF hija eċċessivament preskrittiva u dettaljata, u dan wassal għal sistema ineffiċjenti u li ma tirreaġixxix biżżejjed għall-ħtieġ li dejjem qed jevolvu. Għalhekk jeħtieġ li l-utenti finali jiġu inkorporati fit-thejġja tar-rekwiżiti tad-data biex jiġi żgurat li dawn jissodisfaw htieġhom.

3.3. Qasam ieħor ta' interess huwa l-ħtieġa li jżiedu s-sinerġiji mal-għanijiet tal-politiki l-oħra tal-UE. Dan huwa primarjament il-każ għad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD).

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽¹⁾ ĠU L 176, 15.7.2000, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

⁽⁴⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 1.

ĠU L 403, 30.12.2006, p. 1.

ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1.

ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42.

ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70.

ĠU L 97, 9.4.2008, p. 13.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 fir-rigward tal-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-użu ta’ organiżmi ġenetikament modifikati fit-territorju tagħhom”

(Programm kontinwu)

(COM(2015) 177 final – 2015/0093 (COD))

(2016/C 013/30)

Relatur: is-Sur José María ESPUNY MOYANO

Korelatur: is-Sur Martin SIECKER

Nhar it-30 ta’ April 2015 u s-17 ta’ Ġunju 2015, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

“Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 fir-rigward tal-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-użu ta’ organiżmi ġenetikament modifikati fit-territorju tagħhom”

(Programm kontinwu)

(COM(2015) 177 final – 2015/0093 (COD)).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-2 ta’ Settembru 2015.

Matul il-510 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta’ Settembru 2015 (seduta tas-16 ta’ Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’138 vot favur, 6 voti kontra u 7 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

- 1.1. Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tindirizza kwistjoni li qanqlet interess kbir fost is-setturi tal-produzzjoni u l-opinjoni pubblika iġenerali.
- 1.2. Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon ukoll il-fatt li l-Kummissjoni qed tħabrek biex twettaq il-mandat tagħha li tfittex soluzzjonijiet għal sistema ta’ approvazzjoni għall-uċuh tar-raba’ ġenetikament modifikati li r-realtà wriet li hija inadegwata.
- 1.3. Il-KESE jiddispijaċih li fil-proposta ma tingħatax attenzjoni akbar dwar aspetti prinċipali bħat-traċċabilità u l-koerenza leġislattiva fost is-setturi tal-ikel u tal-għalf, kif ukoll ma jingħatax rapport dwar l-impatt soċjoekonomiku tal-proposti.
- 1.4. Il-KESE għandu wkoll ċerti riżervi dwar il-possibbiltà reali li din il-leġislazzjoni tiġi implimentata fis-suq uniku u dwar ċerti aspetti legali; u dan kollu mingħajr ma nqisu l-problemi politiċi u dawk tal-perċezzjoni pubblika li qegħdin fil-marġni ta’ dawn il-kwistjonijiet legali.
- 1.5. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tirtira l-proposta attwali u tiżviluppa oħra mtejba li tindirizza n-nuqqasijiet elenkati f’din l-opinjoni u f’oħrajn simili tal-Parlament Ewropew.

2. Sfond

2.1. L-uċuh bijoteknoloġiċi (organiżmi ġenetikament modifikati jew OĠM) bdew jiżviluppaw fid-dinja fl-1996. Minn dak iż-żmien’ il hawn, iż-żoni fejn jeżistu dawn l-uċuh żdiedu b’rata kostanti ta’ 3 % jew ta’ 4 % kull sena. Bejn l-2013 u l-2014, iż-żoni b’uċuh bijoteknoloġiċi żdiedu b’6,3 miljun ettaru, sa total ta’ 181 miljun ettaru kkultivati minn aktar minn 18-il miljun bidwi fi 28 pajjiż. L-akbar żoni kkultivati jinsabu fl-Istati Uniti, il-Brażil u l-Arġentina; hemm ukoll żoni kbar f’pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp bħall-Burkina Faso, is-Sudan u l-Bangladexx. L-uċuh tar-raba’ ewlenin huma l-qamħirrum, is-sojja u l-qoton, għalkemm hemm ukoll oħrajn bħall-brunġiel, it-tadam u l-bżar.

2.2. Fl-Unjoni Ewropea l-OĠM jiġu kkultivati f'fames pajjiżi (il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja u Spanja), b'kopertura totali ta' madwar 148 000 ettaru (inklużi 137 000 ettaru fi Spanja, 8 000 ettaru fil-Portugall, 2 500 ettaru fir-Repubblika Ċeka, 800 ettaru fir-Rumanija u 100 ettaru fis-Slovakkja (ċifri tal-2013) ⁽¹⁾).

2.3. Il-leġislażzjoni ilha iżjed minn għaxar snin tesiġi li tiġi żvelata informazzjoni regolari fuq it-tikketti tal-prodotti tal-ikel u tal-għalf dwar il-preżenza ta' OĠM. Bħalissa, bejn 85 % u 90 % tal-għalf industrijali prodott fl-UE huma tikkettati bħala OĠM jew li fihom OĠM minħabba li tali għalf fih kwantitajiet sostanzjali ta' materja prima li l-oriġini tagħha hija OĠM, kemm importata kif ukoll prodotta fl-UE, li tirrappreżenta madwar 20-25 % tal-għalf industrijali totali. Jekk din il-proposta tidħol fis-seħħ, tista' taffettwa d-domanda u l-provvista għall-ikel u l-għalf fl-UE b'mod serju. L-effett li dan jista' jkollu fuq l-agrikoltura Ewropea u, għaldaqstant, fuq il-PAK għandu jiġi vvalutat bir-reqqa. Ir-regoli tal-UE li jiżguraw it-traċċabilità korretta tal-preżenza ta' OĠM fl-ikel u fl-għalf tal-annimali għandhom jiġu estiżi biex dawn il-prodotti jkunu tikkettati bħala li mhumiex ġenetikament modifikati meta verament ikunu ħelsin mill-OĠM.

2.4. Madankollu, fil-leġislażzjoni Ewropea għall-konsum mill-bniedem ma sarx sforz simili fil-kuntest tat-traċċabilità, u l-KESE jiddispijaċih dwar dan u jixtieq jenfasizza l-fatt.

3. Qafas regolatorju fis-seħħ

3.1. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ 'l hawn, qatt ma kien hemm maġġoranza kwalifikata fost l-Istati Membri favur jew kontra Proposta għal Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza OĠM jew ikel u għalf li jkun fihom OĠM. Dan wassal b'mod permanenti li ma jkun hemm "l-ebda opinjoni" fl-istadji amministrativi kollha tal-proċedura. Bħala riżultat, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni, b'konformità mal-leġislażzjoni applikabbli, iżda mingħajr l-appoġġ tal-Istati Membri.

3.2. Ir-rinviju tal-fajl lill-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' deċiżjoni finali sar Prattika standard, mentri dan għandu jkun biss eċċezzjoni.

3.3. Fin-nuqqas ta' maġġoranza kkwalifikata fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni, bħala maniġer tar-riskju, għandha tadotta deċiżjoni (li tagħti jew li tiċħad l-awtorizzazzjoni) f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

4. Proposta tal-Kummissjoni

4.1. L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni hu li jżied Artikolu 34a ġdid mar-Regolament (KE) Nru 1829/2003. Skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri sabiex jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-użu ta' OĠM bil-kundizzjoni li dawn il-miżuri:

— ikunu motivati, ibbażati fuq raġunijiet kostrinġenti b'konformità mal-liġi tal-Unjoni u li, fl-ebda każ, ma għandhom joħlqu kunflitt mal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa, u

— ikunu proporzjonali u mhux diskriminatorji.

4.2. Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jadotta miżuri kif previst fir-regolament il-ġdid għandu l-ewwel iressaq l-abbozz ta' dawn il-miżuri quddiem il-Kummissjoni, u l-ġustifikazzjoni korrispondenti.

4.3. Il-miżuri meħuda ma għandhomx jaffettwaw l-użu tal-ikel u l-għalf li fihom preżenza aċċidentali jew teknikament inevitabbli.

4.4. Dawn il-miżuri ma għandhomx jgħoddu għall-OĠM maħsuba għall-kultivazzjoni.

4.4.1. Madankollu, dan l-aħħar ġiet adottata proċedura simili permezz tad-Direttiva (UE) 2015/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, u b'hekk l-Istati Membri għandhom aktar libertà li jiddeċiedu li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-OĠM fit-territorju tagħhom. Din il-proposta tal-Kummissjoni issa qed tfitex li toħloq proċedura simili għall-ikel u l-għalf ġenetikament modifikat, skont is-soluzzjoni li dan l-aħħar intlaħaq ftehim dwarha rigward il-kultivazzjoni tal-OĠM.

⁽¹⁾ http://ec.europa.eu/food/plant/docs/plant_gmo_report_studies_report_2013_mon_810_en.pdf

⁽²⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽³⁾ ĠU L 68, 13.3.2015. p. 1.

5. Twissija bikrija

5.1. L-OĠM jikkostitwixxu kwistjoni kontroversjali ħafna u jqanqlu passjonijiet kemm pożittivi kif ukoll negattivi. Għalhekk, din l-Opinjoni tal-KESE ser tkun strettament limitata għall-“punti favur” u l-“punti kontra” tal-proposta, mingħajr ma ssir valutazzjoni ġenerali dwar jekk l-OĠM humiex “tajbin” jew “ħżiena”, liema ħaġa diġà saret mill-Kumitat fil-passat ⁽⁴⁾.

6. Raġunijiet favur il-proposta tal-Kummissjoni

6.1. *L-irkupru mill-ġdid tal-bilanċ bejn il-kompetenzi nazzjonali tal-Unjoni Ewropea*

6.1.1. Huwa magħruf tajjeb li l-limitazzjonijiet operattivi u baġitarji tal-politika agrikola komuni attwali jfissru li ħafna pajjiżi jixħtu dubju fuq il-kompetenzi previsti fit-Trattati f'dan il-qasam, bil-konsegwenza ta' dannu politiku fl-istituzzjonijiet Ewropej.

6.1.2. Barra minn hekk, ċerti Stati Membri li mhumiex benefiċjarji “naturali” tal-PAK ta' spiss jikkritikaw l-importanza baġitarja ta' din il-politika komuni u politiki komuni oħra taħt it-tielet pilastru. Dawn l-oppożizzjonijiet politiċi qed ikollhom appoġġ dejjem jikber f'ċerti Stati Membri, u dan ma jistax jiġi injorat la mil-leġislatur u lanqas mill-KESE.

6.1.3. Fil-prattika, il-proposta tal-Kummissjoni terġa' taġhti lura s-setgħat, u b'hekk jiġu ssodisfati t-talbiet ta' xi Stati Membri (u l-opinjoni pubblika fi hdnhom) biex jiġu bbilanċjati mill-ġdid il-kompetenzi nazzjonali u dawk tal-Unjoni, b'mod partikolari f'qasam fejn xorta huwa permess li jiġu eżerċitati l-kompetenzi nazzjonali (f'dak li għandu x'jaqsam mal-kultivazzjoni tal-OĠM).

6.2. *L-eżistenza ta' salvagwardji legali u klawżoli ta' salvagwardja fil-proposta biex jiġu evitati abbużi mill-Istati Membri*

6.2.1. Ir-rekwiżit li l-miżuri meħuda mill-Istati Membri jiġu ġġustifikati fuq bażi ta' każ b'każ ifisser li dawn il-miżuri ma jistgħux ikunu arbitrariji u li, barra minn hekk, għandhom ikunu kompatibbli mat-Trattati u, b'mod partikolari u espliċitu, mal-prinċipji tas-suq intern u l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

6.2.2. Dawn is-salvagwardji, flimkien mal-prinċipju tar-responsabbiltà min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika, element essenzjali tal-amministrazzjonijiet nazzjonali moderni, għandhom jiżguraw li t-teħid tad-deċiżjonijiet ta' esklużjoni jsiru fuq bażi eċċezzjonali u b'mod proporzjonali.

6.3. *It-tneħħija ta' anomalija fil-prattika legali tal-Unjoni*

6.3.1. Kif tgħid il-Kummissjoni meta tipprovdi l-isfond tal-proposta, ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 qatt ma ġie implimentat kompletament, kemm minħabba l-pożizzjonijiet nazzjonali mhux ġustifikati xjentifikament u l-anomalija legali tat-teħid ta' deċiżjonijiet direttament mill-Kummissjoni (komitoloġija).

6.3.2. Din is-sitwazzjoni, li hija ġenwinament eċċezzjonali fis-sistema regolatorja Ewropea, se tkun limitata jekk tiġi adottata din il-proposta kif ippreżentata mill-Kummissjoni. B'hekk, dawk l-Istati Membri li s'issa kienu favur li ma jinħarġux deċiżjonijiet jew dawk li sistematikament opponew il-formazzjoni ta' maġġoranzi biżżejjed, jistgħu ma jqisux bħala neċessarju li jagħmlu oppożizzjoni politika fi hdn il-Kunsill jekk, fuq livell nazzjonali, għandhom għodod oħra biex jopponu jew jeskludu fit-territorji tagħhom l-effettività tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

6.4. *Implimentazzjoni tal-mandat*

6.4.1. Permezz tat-tfassil tal-proposta li temenda r-Regolament (KE) Nru 1829/2003, il-Kummissjoni twettaq bis-sħiħ il-mandat biex tressaq proposta li tissupera l-limiti tal-qafas regolatorju eżistenti għall-awtorizzazzjoni tal-ġhalf u l-ikel b'OĠM. F'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni hija kemm neċessarja kif ukoll f'waqtha.

⁽⁴⁾ ĠU C 68, 6.3.2012, p. 56.

7. Raġunijiet kontra l-proposta tal-Kummissjoni

7.1. *Oppożizzjoni universali mis-setturi kollha kkonċernati*

7.1.1. Il-proposta tal-Kummissjoni qajmet oppożizzjoni fuq skala wiesgħa, u dan issemma fil-mezzi tax-xandir, kemm mis-setturi li kienu favur l-użu ta' OĠM fl-ikel u l-għalf kif ukoll minn dawk kollha li normalment jargumentaw kontra l-użu ta' OĠM. B'mod sinifikanti, ta' min jinnota l-kritika pubblika għall-proposta min-naħa tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel tal-Parlament Ewropew, li abbażi tagħha ġie rakkomandat li l-proposta tiġi rtirata; il-votazzjoni formali ser issir f'Ottubru ⁽⁵⁾.

7.1.2. Ir-riżervi qawwija espressi mis-setturi kkonċernati, għalkemm minn perspettivi differenti u anke konfliġġenti, inevitabbilmnt ser iwasslu għal diskussjoni parlamentari diffiċli b'riżultati inċerti li jista' jkun prudenti li tiġi evitata, billi l-proposta tiġi soġġetta għal revizzjoni aktar approfondita.

7.2. *Riskju ta' nuqqas ta' trasparenza fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet nazzjonali*

7.2.1. Il-Kummissjoni tħaddan sistema komuni ta' valutazzjoni tar-riskji relatati mal-OĠM, previsti fid-Direttiva (UE) 2015/412. Madankollu, il-possibbiltà li l-Istati Membri jillimitaw il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-awtorizzazzjonijiet Komunitarji għal finijiet nazzjonali (mingħajr ma tiġi prevista sistema obbligatorja u trasparenti ta' informazzjoni pubblika dwar ir-raġunijiet u l-ġustifikazzjonijiet li jimmotivaw lill-Istati Membri sabiex jagħżlu klawnsoli ta' esklużjoni) tista' tikkontradixxi b'mod gravi l-impenji dwar it-trasparenza fid-deċiżjonijiet pubbliċi li ġew pubbliċizzati u stabbiliti bħala esiġenza prijoritarja fil-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni ta' Juncker. Għalhekk, ikun xieraq li jintalab li l-leġislazzjoni tipprevedi sistemi nazzjonali ta' informazzjoni pubblika u li jiġi żgurat li jkun transparenti u aċċessibbli għal kulħadd.

7.3. *Riskju ta' nuqqas ta' prevedibbiltà*

7.3.1. Jekk tiġi adottata fil-kundizzjonijiet attwali, il-proposta tal-Kummissjoni tista' twassal għal sitwazzjoni anormali fejn id-deċiżjonijiet pubbliċi meħuda skont kriterji xjentifiċi, u fil-livell Ewropew, jista' jkollhom effetti legali u ekonomiċi differenti minn Stat Membru għal ieħor. Dan il-fatt jista' jdgħajef il-prevedibbiltà u l-kredibilità tad-deċiżjonijiet Komunitarji.

7.3.2. Ma hemmx valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku tal-proposta b'deskrizzjoni dettaljata tal-impatt mil-lat tal-ispejjeż għall-katina alimentari, għall-kultivazzjoni, għall-provvista tal-materja prima jew kwalunkwe distorsjoni potenzjali fis-suq.

7.3.3. Ma hemm l-ebda għodda prevista biex tiġi żgurata t-traċċabilità tal-OĠM fit-tikketti tal-ikel għall-konsum tal-bniedem.

7.4. *Ir-riskju ta' distorsjonijiet fil-kummerċ internazzjonali*

7.4.1. Għalkemm il-proposta tal-Kummissjoni tesiġi konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, il-leġislazzjoni ma tipprevedi limiti speċifiċi u definiti għal ċerti azzjonijiet tal-Istati Membri (opt-out) li jistgħu jikkontradixxu dawn l-obbligi u lanqas ma tistabbilixxi mekkaniżmi biex l-istituzzjonijiet tal-UE jkun jistgħu jreġġgħu lura tali deċiżjonijiet nazzjonali jekk dawn jonqsu milli josservaw dan il-prinċipju fir-rigward tal-obbligi internazzjonali. Għandu jiġi nnutat li l-imsieħba kummerċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Istati Uniti, esprimew pubblikament ir-riżervi tagħhom dwar il-proposta legiſlattiva, u anke stipulaw li l-adozzjoni ta' negozjati kummerċjali ta' livell għoli (TTIP) ssir biss jekk jingħelbu dawn ir-riżervi.

7.4.2. Il-ftehimiet internazzjonali li jistgħu jintlaqtu jew jiġu limitati mill-applikazzjoni potenzjali tal-proposta – peress li dan jista' joħloq distorsjonijiet ekwivalenti għal ostakli għall-kummerċ internazzjonali – iħaddnu obbligi ġeneriċi tal-WTO jew ċerti dispożizzjonijiet bħas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, inkluża l-inizjattiva "Kollox ħliet Armi".

(5) http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2014_2019/documents/envi/pr/1065/1065989/1065989mt.pdf

7.5. Dubji dwar il-konformità mal-prinċipji tal-moviment liberu

7.5.1. Il-proposta tal-Kummissjoni tirreferi għall-ħtieġa li jiġu rispettati l-prinċipji tas-suq intern li m'għandux jinbidel bil-miżuri nazzjonali meħuda taħt din il-proposta, b'mod partikolari meta aktarx, fil-prattika, fl-Unjoni japplikaw regoli differenti fir-rigward tal-kultivazzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u t-trasport intra-Komunitarju.

7.5.2. Madankollu, in-nuqqas ta' definizzjoni eżawrjenti tar-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw l-adozzjoni ta' klawnsoli ta' esklużjoni (in-nuqqas ta' lista pożittiva jew negattiva), kif ukoll in-nuqqas li jiġu previsti mekkaniżmi legali għas-sospensjoni tal-miżuri nazzjonali li jistgħu jitqiesu abbużivi, mhux iġġustifikati biżżejjed jew diskriminatorji, joħlqu riskju ċar ta' inċertezza legali.

7.5.3. Dawn l-inċertezzi legali jistgħu jiġu solvuti biss quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li jikkawża ħidma amministrattiv għalhejn min-naħa tal-Istati Membri u li, potenzjalment, jista' jwassal għal dewmien u spejjeż żejda.

7.5.4. Dan l-aħħar argument iqajjem l-akbar għadd ta' dubji dwar il-puntwalità u l-adegwatezza tal-proposta tal-Kummissjoni fil-forma attwali tagħha.

Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT